



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 62

7 ta' Marzu 2019

Werrej

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

RIŻOLUZZJONIJIET

Il-Kumitat tar-Reġjuni

Il-132 Sessjoni Plenarja tal-KtR, 5.12.2018–6.12.2018

2019/C 86/01	Riżoluzzjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar il-Programm ta' Ħidma tal-2019 tal-Kummissjoni Ewropea	1
--------------	--	---

OPINJONIJIET

Il-Kumitat tar-Reġjuni

Il-132 Sessjoni Plenarja tal-KtR, 5.12.2018–6.12.2018

2019/C 86/02	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Il-Pakkett tat-Tkabbir 2018	8
2019/C 86/03	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — It-tassazzjoni tal-ekonomija diġitali	14
2019/C 86/04	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Pjan ta' Azzjoni: Il-Finanzjament tat-Tkabbir Sostenibbli	24
2019/C 86/05	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Mudelli ta' sjieda tal-enerġija lokali u r-rwol tal-komunitajiet tal-enerġija lokali fit-tranżizzjoni enerġetika fl-Ewropa	36

III *Atti preparatorji*

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Il-132 Sessjoni Plenarja tal-KtR, 5.12.2018–6.12.2018

2019/C 86/06	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni	41
2019/C 86/07	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+)	84

2019/C 86/08	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni	115
2019/C 86/09	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Il-kooperazzjoni Territorjali Ewropea	137
2019/C 86/10	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Il-mekkaniżmu transfruntier	165
2019/C 86/11	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Ir-riforma tal-PAK	173
2019/C 86/12	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar il-“Fond Ewropew ta’ Aġġustament għall-Globalizzazzjoni”	239
2019/C 86/13	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Il-Programm tas-Suq Uniku	259
2019/C 86/14	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Il-programm Ewropa Diġitali (2021-2027)	272
2019/C 86/15	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Il-Korp Ewropew ta’ Solidarjetà u l-istrategġija l-għdida tal-UE dwar iż-żgħażaġh	282
2019/C 86/16	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Il-Viċinat u d-Dinja	295
2019/C 86/17	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Il-Programm InvestEU	310
2019/C 86/18	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Il-Programm ta’ Appoġġ għal Riformi u l-Funzjoni Ewropea ta’ Stabbilizzazzjoni tal-Investimenti	335
2019/C 86/19	Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni — Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti minimi għall-użu mill-għdid tal-ilma	353
2019/C 86/20	Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar “Il-programm spazjali tal-Unjoni Ewropea u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali”	365

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RIŻOLUZZJONIJIET

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

IL-132 SESSJONI PLENARJA TAL-KTR, 5.12.2018–6.12.2018

Riżoluzzjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar il-Programm ta' Ħidma tal-2019 tal-Kummissjoni Ewropea

(2019/C 86/01)

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI (KtR)

Wara li kkunsidra:

- il-Programm ta' Ħidma tal-2019 tal-Kummissjoni Ewropea ⁽¹⁾;
- il-Protokoll ta' Kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea ta' Frar 2012;
- Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-prijoritajiet leġiżlattivi tal-UE għall-2018-2019;

1. jenfasizza li l-2019 se tkun sena kruċjali għal futur tal-Unjoni Ewropea, bis-sisien tagħha li qegħdin jiġu kkontestati; itenni, f'dan l-isfond, in-neċessita imperattiva li ssir rabta bejn il-livell lokali u l-livell Ewropew u li jiġu involuti r-rappreżentanti lokali u regionali u ċittadini Ewropej fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE, partikolarment permezz tal-applikazzjoni xierqa tas-sussidarjetà attiva u l-governanza f'diversi livelli.

2. jitlob għal ftehim bikri dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) qabel l-elezzjonijiet Ewropej f'Mejju 2019 sabiex tiġi żgurata t-tnedija fil-ħin tal-programmi tal-UE l-ġodda u tiġi appoġġjata s-sejħa tal-Parlament Ewropew li l-QFP li jmiss għandha tikkorrespondi ma' tal-inqas 1,3 % tal-ING tal-UE-27;

3. jiddispyaċi li l-baġit pluriennali propost mill-Kummissjoni ma jittrattax b'mod ċar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. L-Artikolu 8 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprevedi li l-Unjoni tħaddan l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-oqsma kollha ta' politika u fl-attivitajiet kollha tagħha sabiex titħeġġeġ l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa. Barra minn hekk, jeħtieġ li jissaħħa, u jsir iżjed mifruq u sistematiku l-ibbaġitar skont il-ġeneru;

4. jesprimi x-xewqa li l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit jaslu għal ftehim f'ħin xieraq dwar l-intenzjoni tar-RU li jirtira mill-UE, filwaqt li jippreservaw l-erba' libertajiet ta' moviment. Il-KtR jistenna li l-Kummissjoni tinvolviha fin-negozjati dwar il-kooperazzjoni futura bejn ir-RU u l-UE wara t-30 ta' Marzu 2019, filwaqt li twassal il-kontribuzzjonijiet tal-awtoritajiet lokali u regionali għal relazzjoni futura produttiva u sostenibbli;

⁽¹⁾ COM(2018) 800 final.

Iċ-ċittadinanza, il-governanza u t-tfassil aħjar tal-liġijiet

5. jilqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni għat-tisħiħ tar-rwol tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, li jippromovi l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tat-Task Force dwar is-Sussidjarjetà, il-Proporzjonalità u dwar li "Isir inqas b'mod iktar effiċjenti"; għal dan il-għan jistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kummissjoni sabiex jimplementaw ir-rakkomandazzjonijiet tat-Task Force f'kooperazzjoni mal-KtR, jgħinu jippromovu sussidjarjetà attiva fl-Ewropa u mod ġdid ta' ħidma; jibqa' impenjat fil-kontribuzzjoni ta' din l-implimentazzjoni billi jiġbor l-għarfien espert u l-għarfien tal-bliet u r-reġjuni Ewropej, partikolarment permezz tan-netwerk għall-monitoraġġ tas-sussidjarjetà tiegħu, in-netwerk ta' Ċentri Reġjonali u l-pjattaforma REGPEX;
6. jistaqsi jekk il-proposta għat-tneħħija tat-tibdil fil-ħin darbejn fis-sena jissodisfa r-rekwiżiti ta' koordinazzjoni u valur miżjud Ewropej issuġġeriti mit-Task Force u jwissi kontra r-riperkussjonijiet negattivi għall-awtoritajiet lokali u reġjonali (partikolarment fir-reġjuni tal-fruntiera);
7. jilqa' b'sodisfazzjon il-pjan tal-Kummissjoni biex tagħmel użu tal-klawżola "passerelle" sabiex tapplika votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata b'mod partikolari fil-qasam tat-tassazzjoni, li għandha tiffaċilita l-għieda kontra l-evitar tat-taxxa u tippermetti sistemi tat-tassazzjoni iktar ġusti;

Impjiegi, tkabbir, investment u politika ta' koeżjoni

8. flimkien mal-imsieħba fil-#CohesionAlliance, jitlob għal ftehim malajr dwar il-pakkett leġiżlattiv tal-Politika ta' Koeżjoni għas-sinjura 2021-2027, li għandu jkompli jkun ibbażat fuq il-prinċipji tas-sħubija u l-governanza f'diversi livelli. Il-KtR jiftakar li l-Politika ta' Koeżjoni hija l-politika ta' investment ewlenija tal-Unjoni Ewropea li timmira li ssaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali madwar l-Unjoni Ewropea. Huwa jitlob li, bil-għan li jitnaqqsu d-disparitajiet bejn il-livelli ta' żvilupp tar-reġjuni varji u daww ir-reġjuni li l-aktar għadhom lura u li huma anqas favoriti, għandha tingħata attenzjoni partikolari liż-żoni rurali u lir-reġjuni milquta minn tranżizzjoni industrijali jew li jbatu minn limitazzjonijiet severi, permanenti, ġeografiċi jew demografiċi bħal gżejjer, reġjuni transkonfinali u muntanjużi;
9. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-programm tal-Kummissjoni għall-2019 ma fih l-ebda referenza għar-reġjuni ultraperiferiċi, u li suppost hemm tali referenza, tal-inqas fir-rigward l-implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-2017 dwar Sħubija strateġika msaħħa u mġedda mar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE (mhux disponibbli bil-Malti). Il-KtR jittama li l-Kummissjoni tkompli tiegħu l-passi meħtieġa biex tiżviluppa l-approċċ ġdid lejn ir-reġjuni ultraperiferiċi.
10. jissuġġerixxi li jibbaża fuq l-esperjenza li nkisbet fis-sħubijiet tal-Aġenda Urbana li kisbu riżultati pożittivi f'termini ta' azzjonijiet ta' governanza f'diversi livelli sabiex tittejjeb l-analiżi tas-sussidjarjetà u tissaħħaħ ir-rabta bejn Regolamentazzjoni Aħjar u l-Aġenda Urbana għall-UE; iqis li l-pjan ta' azzjoni tas-Sħubija Urbana dwar l-abitazzjoni adottat f'Novembru 2018 iwitti t-triq għall-Aġenda Ewropea għall-Abitazzjoni;
11. jinnota bi tħassib li l-investment pubbliku għadu baxx wisq u mhux imqassam b'mod ugwali fl-UE, kif rikonoxxut mill-fokus tal-Kummissjoni fiċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew 2019 dwar investment fit-tul; għaldaqstant itenni l-bżonn li jitttrasponu l-ftehim dwar il-marġini ta' flessibilità fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST) fil-liġi primarja; itenni wkoll it-talba tiegħu għal aktar miżuri biex tingħata spinta lill-investment pubbliku, b'mod partikolari billi jiġi eskluż il-kofinanzjament nazzjonali, reġjonali jew lokali taħt il-FSIE mill-kontabilità tal-PST, kif diġà previst għal kofinanzjament taħt l-FEIS;
12. jistieden lill-Kummissjoni tadotta approċċ prammatur fir-rigward tal-aspetti ta' governanza tal-programm InvestEU, wara konsultazzjoni mal-atturi prinċipali rilevanti kollha, bħall-BEI;
13. jenfasizza l-valur miżjud b'saħħtu Ewropew ta' politiki u programmi relatati maż-żgħażaġh bħal Erasmus+, Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u DiscoverEU u jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li tiġi ffaċilita l-aċċessibilità tagħhom u jiġi żgurat l-involvement tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-implimentazzjoni tagħhom. Għandu jkun hemm ukoll premijiet għal proġetti b'valur miżjud għoli f'termini tal-involvement taż-żgħażaġh b'diżabilità u fejn tiġi enfazzzata d-dimensjoni reġjonali u lokali, partikolarment fil-każ ta' żoni rurali, żoni ta' akkoljenza tar-refuġjati, ir-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE u pajjiżi u territorji *extra*-Ewropej. F'konformità mal-Istrateġija għaż-Żgħażaġħ il-ġdida, il-KtR itenni s-sejħa għat-twaqqif ta' kooperazzjoni strutturata bejnha u bejn il-Koordinatur tal-UE għaż-Żgħażaġħ propost;
14. jissottolinja l-fatt, li sabiex l-UE timmassimizza l-potenzjal tagħha fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni (R & I), il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jaġhqu l-"lakuna ta' innovazzjoni" bejn reġjuni u jissuġġerixxi li Orizzont Ewropa għandu jsaħħaħ ir-rabtiet mal-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti reġjonali (S3);

15. jistenna b'interess l-Pjan Koordinat dwar l-Iżvilupp tal-Intelliġenza Artifiċjali fl-Ewropa mħabbar, li għandu jkopri wkoll is-settur pubbliku fil-livell lokali u reġjonali, meta jitqies ir-rwol u l-involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-promozzjoni tal-investiment u l-ekosistema tal-AI fl-oqsma tagħhom;

Il-politika ekonomika u d-dimensjoni soċjali tal-UE

16. jenfasizza li l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli għandhom jiġu implimentati bħala l-qafas ta' referenza globali għall-politika tal-UE u b'mod speċifiku jieħdu post l-istrateġija Ewropa 2020 bħala għanijiet fit-tul tas-Semestru Ewropew;

17. itenni l-appoġġ tiegħu għall-introduzzjoni ta' kapaċità baġitarja mmirata biex iżżid ir-reżiljenza taż-żona tal-euro u biex tħejji t-triq għall-konverġenza ma' membri futuri taż-żona tal-euro. Din il-kapaċità trid tkun finanzjata minn riżorsi proprji distinti minn dawk previsti għall-finanzjament tal-baġit tal-Unjoni Ewropea, sabiex jiġi evitat l-indhul ta' din il-kapaċità fil-programmi tal-UE aċċessibbli għall-UE-27. Barra minn hekk, din il-kapaċità trid tingħadd lil hinn mill-pjattaforma tar-riżorsi tal-baġit tal-UE.

18. jissottolinja l-fatt li r-rati baxxi ta' implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż huma minħabba nuqqas ta' sjieda, finanzjament u kapaċità amministrattiva fil-livelli kollha u għaldaqstant itenni l-proposta tiegħu għal kodiċi ta' kondotta li tinvolvi l-awtoritajiet lokali u reġjonali fis-Semestru Ewropew;

19. huwa mħasseb li l-awtoritajiet lokali u reġjonali ma bbenefikawx biżżejjed mill-miżuri ta' bini tal-kapaċità ffinanzjati mill-UE taħt il-QFP attwali; itenni t-talba tiegħu li l-Kummissjoni toħroġ sett uniku ta' linji gwida sabiex jikkoordinaw il-miżuri kollha ta' bini tal-kapaċità ffinanzjati mill-UE;

20. jilqa' l-proposti tal-Kummissjoni biex jiġu stabbiliti regolamenti li jippermettu t-tassazzjoni tal-profitti ġġenerati minn kumpaniji multinazzjonali permezz tal-ekonomija diġitali; jenfasizza wkoll il-ħtieġa għal definizzjoni legali Ewropea għall-istabbiliment permanenti virtwali għal kumpaniji diġitali;

21. jistieden lill-Kummissjoni sabiex timmonitorja mill-qrib l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u jesprimi it-tħassib tiegħu rigward it-tnaqqis tar-riżorsi baġitarji relatati; jqis li f'dan ir-rigward huwa essenzjali li jiġi rikonoxxut il-komponent territorjali fit-twassil tal-Pilastru; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lil-legislator Ewropew biex iħaffu l-proċess li joħloq l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol u biex jinkludu rappreżentant tal-awtoritajiet reġjonali tal-Istati Membri fuq il-bord ta' amministrazzjoni;

22. jilqa' l-istabbiliment riċenti tal-Grupp ta' Esperti dwar l-Ekonomija Soċjali u l-Intrapriżi Soċjali, fejn il-KtR huwa rappreżentat, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea tippreżenta qafas legali Ewropew li jkopri sensiela ta' definizzjonijiet komuni applikabbli għall-forom differenti tal-ekonomija soċjali, bħal kooperattivi, soċjetajiet reċiproċi, assoċjazzjonijiet u fondazzjonijiet;

23. jipproponi, bħala għodda ta' implimentazzjoni għall-prinċipju 11 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, it-tmedija ta' Garanzija Ewropea għat-tfal li tindirizza r-rata drammatika tal-faqar u l-esklużjoni fost it-tfal fl-UE (26,4 % fl-2017). Din il-Garanzija għandha ssir parti integrali tal-FSE+;

L-istrateġija tas-Suq Uniku, l-SMEs, il-kompetizzjoni, l-industrija u s-Suq Uniku Diġitali

24. jinsisti dwar l-importanza li tiġi żviluppata strateġija industrijali integrata u jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu biex l-awtoritajiet lokali u reġjonali jiġu inkorporati f'din l-istrateġija;

25. jistieden lill-Kummissjoni tippromponi aġġornament tal-Att dwar in-Negozji Żgħar; rigward b'mod partikolari t-test tal-SME, jistieden lill-Kummissjoni biex tqis id-diversi speċifitajiet tal-leġislazzjoni li għalihom għandu japplika t-test, b'referenza partikolari għal proposti legiſlattivi, u biex tintervjeni b'miżuri ta' rimedju fl-ispiritu tar-REFIT;

26. itenni l-impenn tiegħu biex jiġi pprovdut tgħarrif dwar l-implimentazzjoni tad-direttivi tal-2014 dwar l-akkwist pubblika fil-livell lokali u reġjonali, fid-dawl tal-piż tal-awtoritajiet sottonazzjonali fil-qasam tal-akkwist pubbliku u bil-ħsieb li jiġi evalwat l-użu tal-kriterji soċjali u ambjentali;

27. jistieden lill-Kummissjoni biex fl-2019 tnedi reviżjoni tal-qafas legiſlattiv dwar l-għajnuna mill-Istat, partikolarment il-GBER, ir-Regolament de minimis u l-qafas tal-SGEI, bl-għan li fi żmien adatt il-partijiet interessati jkunu involuti f'dialogo kostruttiv dwar is-sustanza tar-riforma;

28. jistieden lill-Kummissjoni biex tiffaċilita l-implimentazzjoni ta' infrastruttura tal-broadband, billi tingħata attenzjoni partikolari għal żoni rurali, li għandhom popolazzjonijiet żgħar u b'densità baxxa, u fejn il-broadband huwa riżors kruċjali sabiex jitwasslu servizzi pubbliċi effettivi, tinġieb lura l-popolazzjoni żagħżugħa u jinfetħu negozji ġodda; dawn huma oqsma fejn l-operaturi ma għandhom l-ebda interess kummerċjali u s-suq jista' jiġi kkunsidrat li jkun falla. Dan jikkontribwixxi biex jingħalaq id-distakk diġitali tal-UE u jiġi stabbilit netwerk konsistenti ta' Ċentri ta' Innovazzjoni Diġitali Ewropej;

29. jistieden lill-Kummissjoni biex toħroġ bi proposti sabiex tindirizza kwistjonijiet regolatorji marbutin mal-ekonomija diġitali u kollaborattiva. Jappella b'mod partikolari għal Direttiva tal-UE dwar xogħol fuq pjattaformi abbażi tal-Artikolu 153(2)(b) tat-TFUE sabiex jiġu stabbiliti standards minimi għal kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti fl-ekonomija diġitali;

L-agrikoltura u l-forestrija, is-saħħa pubblika u l-protezzjoni tal-konsumatur

30. jitlob sabiex il-PAK tiġi żviluppata f'politika agrikola li hija semplifikata, ġusta, sostenibbli u bbażata fuq solidarjeta għall-benefiċċju tal-bdiewa, r-reġjuni, il-konsumaturi u ċ-ċittadini, u jitlob għal aktar konverġenza interna u esterna ta' pagamenti diretti, għodod għall-ġestjoni ta' kriżijiet effettivi biex jiġi stabbilizzat id-dħul tal-bdiewa u governanza f'diversi livelli fl-abbozzar u l-implimentazzjoni tal-Pjani Strateġiċi Nazzjonali;

31. ser jingħaqad mal-Parlament Ewropew ⁽²⁾ biex jitolbu għal Aġenda tal-UE dwar iż-Żoni Rurali, Muntanjużi u Remoti biex tippromovi l-iżvilupp soċjoekonomiku, it-tkabbir ekonomiku u d-diversifikazzjoni, il-benesseri soċjali, il-protezzjoni tan-natura, u l-kooperazzjoni u l-interkonnnessjoni ma' żoni urbani favur it-trawwim tal-koeżjoni u l-prevenzjoni ta' frammentazzjoni territorjali;

32. bl-istess mod jitlob li jkun hemm strateġija Ewropea għal reġjuni li jiffaċċjaw sfidi demografiċi, u biex il-politiki tal-UE kollha — dwar il-koeżjoni, l-innovazzjoni, it-trasport, is-saħħa, il-politiki soċjali u tal-impjieg, l-ICT, l-iżvilupp rurali, l-emigrazzjoni, eċċ. — isiru aktar sensitivi għal dan il-fattur. L-istrateġija għandha tinkludi analiżi tal-ispejjeż u projezzjonijiet fil-livell nazzjonali, reġjonali, u lokali, kif stabbilit fl-Opinjoni tal-KtR dwar "Ir-reazzjoni tal-UE għall-isfida demografika";

33. jenfasizza li l-innovazzjoni u soluzzjonijiet diġitali huma ta' importanza ewlenija għall-iżvilupp ta' rħula intelliġenti, ir-rivitalizzazzjoni taċ-ċentri tal-bliet u ta' żoni rurali; jappella lill-Kummissjoni biex tevalwa u ssegwi l-azzjonijiet implimentati taħt il-pjan ta' azzjoni tal-UE għal irħula intelliġenti;

34. jippjana reazzjoni għar-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-Istrateġija tal-UE għall-Foresti mistennija f'Diċembru 2018 u jinsisti dwar l-importanza tal-prevenzjoni tad-deforestazzjoni, ir-riforestazzjoni u l-konverżjoni tal-foresti;

35. ifaħħar il-kontinwazzjoni tal-FEMS bħala fond speċifiku u semplifikat b'baġit għat-tkabbir blu li jippermetti li jittieħdu azzjonijiet trasversali b'rabta ma' programmi Ewropej oħrajn. Jitlob li l-baġit tal-FEMS u s-sehem ta' ġestjoni kondiviża jibqgħu fil-livell tal-programm preċedenti. Iż-żoni esklużivi tas-sajd u tal-akkwakultura tal-UE, l-iżvilupp tal-ekonomija blu, l-għajnuna għall-portijiet, il-kwistjonijiet ambjentali u l-preservazzjoni tal-bijodiversità marittima qed jaffaċċjaw sfidi kbar għall-perjodu wara l-2020, u għalhekk jeħtieġ jingħataw appoġġ mill-FEMS. Jitlob li jiġi rtirat l-obbligu li jintużaw strumenti finanzjarji taħt il-FEMS biex jappoġġjaw l-akkwakultura u l-ipproċessar tal-prodotti;

36. jiddispjaċih li l-inkorporazzjoni tal-programm tas-saħħa tal-UE fl-ESF+ wasslet għal pakkett finanzjarju mnaqqas għal inizjattivi tas-saħħa ffinanzjati mill-UE u jitlob għal miżuri u finanzjament biex jikkumpensa għal dan it-tnaqqis;

37. jistieden lill-Kummissjoni biex teżamina s-sistemi eżistenti ta' tikkettar tal-ikel, u tipproponi sistema Ewropea unika u mandatorja ta' tikkettar bil-kulur, fuq bażi ta' unitajiet ta' 100 g, fuq il-parti ta' quddiem tal-imballaġġ tal-ikel fl-UE kollha, u b'hekk il-konsumaturi jkunu pprovduti b'informazzjoni ċara u favur l-inkoraġġiment ta' mudelli ta' konsum tal-ikel iktar sani. Kriterji speċifiċi għandhom bl-istess mod jiġu introdotti għal prodotti li juru stqarrijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa;

⁽²⁾ Ara r-Riżoluzzjoni tal-PE fit-3 ta' Ottubru li tindirizza l-ħtiġijiet speċifiċi ta' żoni rurali, muntanjużi u mbiegħda.

38. jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal Rekord tas-Saħħa Elettronika Ewropea sabiex tittejjeb il-kura ta' pazjenti madwar ir-reġjuni u l-Istati Membri; jitlob lill-Kummissjoni biex tikkunsidra b'attenzjoni l-protezzjoni ta' data u kwistjonijiet ta' interoperabbiltà f'din il-proposta;

It-turiżmu u l-kultura

39. itenni t-talba lill-Kummissjoni għal reviżjoni bir-reqqa tal-istrategġja tat-turiżmu tagħha għall-2020 permezz ta' programm ta' ħidma pluriennali ċar;

40. jitlob għal segwitu għas-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali fl-2018 permezz ta' Pjan ta' Azzjoni Ewropew ġdid tal-Wirt Kulturali;

L-Unjoni tal-Energġija, il-politika dwar il-klima u l-ambjent

41. jirrakkomanda l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' governanza f'diversi livelli effettivi biex jiġi implimentat il-pakkett dwar l-Energġija Nadifa għall-Ewropej kollha b'mod effiċjenti, billi jiżgura li l-pjani nazzjonali għall-energġija u l-klima huma abbozzati b' kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet lokali u reġjonali u jipprovdu għall-iżvilupp ta' sistema ta' kontribuzzjonijiet determinati lokalment u reġjonalment biex jikkomplementaw il-Kontributi Determinati fil-Livell Nazzjonali (NDCs) skont il-Ftehim ta' Pariġi;

42. jenfasizza l-importanza, fir-rigward tar-raba' rapport dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Energġija, tal-promozzjoni ta' tranżizzjoni tal-energġija ġusta, li tirrikjedi attenzjoni speċjali għal reġjuni li se jkunu affettwati b'mod partikolari, bħal dawk b'dipendenza speċifika fuq industriji tal-fjuwils fossili, u gżejjer, b'mod partikolari dawk li mhumiex interkonnessi, bħalma huwa l-każ tar-reġjuni ultraperiferiċi. F'dan il-kuntest, il-KtR jirrikonoxxi l-miżuri li diġà għaddejjin relatati mal-faqar enerġetiku u jenfasizza r-rwol kruċjali tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-implimentazzjoni tagħhom;

43. jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja l-konsegwenzi soċjoekonomiċi tad-disinn tas-suq ġdid tal-elettriku fuq l-Istati Membri u r-reġjuni kollha tal-UE;

44. jilqa' bi pjaċir il-pubblikazzjoni reċenti "European strategic long-term vision for a prosperous, modern, competitive and climate neutral economy- a clean planet for all" (Viżjoni strateġika Ewropea fit-tul favur ekonomija prospera, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima — pjaneta nadifa għal kulħadd) li permezz tagħha l-UE tieħu impenn li tkun newtrali għall-klima sal-2050 u tirrikonoxxi r-rwol ċentrali tal-awtoritajiet lokali u reġjonali; jisħaq li l-miżuri biex jimplementaw din l-istrategġja jridu isegwu l-prinċipju tal-governanza f'diversi livelli, jagħtu rwol formali lill-awtoritajiet lokali u reġjonali speċjalment permezz tal-integrazzjoni ta' sistema ta' kontributi determinati fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali għall-pjani nazzjonali tal-klima u l-energġija, u jibnu fuq inizjattivi bħall-Patt tas-Sindki; jenfasizza l-bżonn li dawn l-isforzi jiġu integrati mill-qrib mal-istrategġja tal-ekonomija ċirkolari u mal-unjoni tal-energġija, filwaqt li jkun żgurat li l-konsegwenzi soċjoekonomiċi tat-tranżizzjonijiet meħtieġa jitqassmu b'mod ġust biex tintlaħaq it-tranżizzjoni;

45. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex tfassal, f'kooperazzjoni mal-KtR, it-Tmien Programm ta' Azzjoni Ambjentali strateġiku u integrat, u timpenja ruħha sabiex taqdi rwol attiv fil-Pjattaforma Teknika għall-Kooperazzjoni dwar l-Ambjent. Il-KtR jitlob lill-awtoritajiet sottonazzjonali sabiex ikunu involuti fit-tieni ċiklu tar-Rieżami tal-Implimentazzjoni Ambjentali.

46. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tipproponi pjan komprensiv biex ittejjeb l-implimentazzjoni tal-Istrategġja tal-UE għall-Bijodiversità 2020 billi tipprovdi gwida strateġika għall-Istati Membri tal-UE, u b'mod speċifiku billi tirrikonoxxi formalment ir-rwol kruċjali tal-awtoritajiet lokali u reġjonali; jistenna bil-ħerqa li jissokta bil-ħidma mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea fit-tnejja proattiva tal-qafas politiku għal wara l-2020 fid-dawl tal-COP 15 tal-2020 f'Beijing. Dan se jirrikjedi impenji sodi mhux biss biex jitwaqqaf it-telf ta', iżda anke għar-restawr tal-bijodiversità u l-ekosistemi, kif ukoll qafas politiku għall-bijodiversità ambizzjuż u inklużiv sal-2030 li jkun kapaċi jilħaq il-Viżjoni 2050 tal-KDB fil-kuntest tal-SDGs;

47. jistieden lill-Kummissjoni sabiex tinkorpora b'mod aħjar il-prinċipji ta' reżiljenza għad-diżastri fil-politiki u l-fondi kollha tal-UE sabiex tiżdied il-kapaċità tal-Istati Membri u l-awtoritajiet sottonazzjonali biex jipprevjenu, iħejju, jirrispondu għal u jirkupraw minn diżastri kemm naturali kif ukoll ikkawżati mill-bniedem; dan jista' jsir permezz ta' għarfien aħjar tar-riskji, inkluzja l-introduzzjoni ta' metodu uniformi ta' analiżi tar-riskju u t-twettiq ta' studji mmirati u dejjem aktar preċiżi mhux biss biex ikun hemm għarfien dwar il-vulnerabbiltajiet ta' oqsma partikolari iżda wkoll biex tiġi vvalutata l-ħsara ekonomika — diretta u indiretta — li tista' ssufri minnha żona meta tintlaqat minn avveniment naturali estrem;

48. itenni l-istedina tiegħu għal Pjan Direzzjonali tal-UE għaċ-Ċikliżmu sabiex jindirizza d-domanda dejjem qed tikber għal azzjoni koordinata fil-livell tal-UE;

Il-ġustizzja, is-sigurtà, id-drittijiet fundamentali u l-migrazzjoni

49. itenni s-sejħa tiegħu lill-Kummissjoni biex tappoġġja l-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-indirizzar tal-kwistjoni tar-radikalizzazzjoni billi toħroġ linji gwida għall-gvernijiet lokali u reġjonali għal strateġiji ta' prevenzjoni sabiex tiġi miġġielda r-radikalizzazzjoni;

50. jitlob għal proċeduri u mekkaniżmi msaħħa għal protezzjoni tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u drittijiet fundamentali, li jistgħu jsiru parti minn patt tal-Unjoni;

51. jilqa' bi pjaċir il-Patt Globali għall-Migrazzjoni tan-NU u jħeġġeġ lill-Istati Membri kollha tal-UE biex jiffirmawh fl-10-11 ta' Diċembru f'Marrakesh u jirratifikawh; jisħaq li l-Patt huwa parti essenzjali minn approċċ komprensiv multilaterali u b'diversi livelli għall-migrazzjoni kif irrakkomandat mill-KtR;

52. jinnota l-fatt li ġestjoni effettiva u umanitarja fil-fruntieri esterni tal-UE u l-iżvilupp ta' politika ta' migrazzjoni komprensiva u sistema komuni ta' ażil tal-UE bi standards komuni għoljin huma essenzjali għall-muniċipalitajiet, il-bliet u r-reġjuni kollha, speċjalment dawk li jospitaw refuġjati u dawk li jinsabu fil-fruntieri affettwati mill-ogħla livelli ta' migrazzjoni;

53. jitlob lill-Kummissjoni biex tipproponi mezzi legali sikuri u aċċessibbli għall-migrazzjoni għall-UE, bħalma huma l-viżi umanitarji u programmi ta' sponsor privati, u jistieden lill-Istati Membri biex jaqblu fil-pront u jimplementaw qafas tal-UE ta' risistemazzjoni flessibbli ġdid li huwa ambizzjuż fir-rigward tat-termini tal-protezzjoni u n-numri ta' benefiċjarji; jitlob ukoll lill-Kummissjoni biex tinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex juru solidarjetà lejn l-Istati Membri l-aktar esposti għall-migrazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 80 tat-TFUE u mal-prinċipju stabbilit fih tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà, inklużi l-implikazzjonijiet finanzjarji tiegħu;

54. jistieden lill-Kummissjoni sabiex tkompli tissimplifika u tħaffef il-proċeduri ta' finanzjament u tiffaċilita aċċess dirett għal reġjuni u bliet għar-riżorsi finanzjarji mfasslin biex jindirizzaw kriżijiet umanitarji u l-integrazzjoni tar-refuġjati; l-għajnuna ta' emerġenza tista' tingħata bħala għotjiet diretti lill-awtoritajiet lokali u reġjonali li jiffaċċjaw pressjonijiet migratorji qawwija, partikolarment dawk responsabbli biex jirċievu u jintegraw tfal migranti mhux akkumpanjati. Jistieden lill-Kummissjoni wkoll sabiex iżżid l-isforzi tagħha biex tiffaċilita l-iskambju ta' prattiki tajbin bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali Ewropej fir-rigward tal-integrazzjoni tal-migranti, u b'mod partikolari biex tiffoka fuq bliet żgħar u ta' daqs medju;

55. Bl-istess mod bl-appoġġ tal-UE għall-integrazzjoni tar-refuġjati u għal pajjiżi terzi fl-operazzjonijiet ta' għajnuna umanitarja, iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipprovdi appoġġ għall-integrazzjoni taċ-ċittadini ta' nazzjonalità Ewropea li jkunu mġiegħlin jitolqu mill-pajjiżi ospitanti minħabba kriżijiet politiċi, ekonomiċi jew umanitarji, li nkella jkunu għal kollox mingħajr protezzjoni minkejja li jkunu ċittadini tal-UE;

Politiki esterni

56. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex tqis b'mod sħiħ il-kontribut tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-ħidma tal-Kumitati Konsultattivi Konġunti u l-Gruppi ta' Ħidma tal-KtR, b'mod partikolari r-rapporti ta' progress tiegħu tal-2019 dwar il-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi kandidati potenzjali, u jtenni t-talba tiegħu għal skemi ta' finanzjament eżistenti tal-UE, partikolarment TAIEX u Twinning biex jiġu adatti aktar għall-ħtiġijiet tal-partijiet interessati lokali u reġjonali;

57. jappoġġja programm ġdid ta' kooperazzjoni Territorjali Ewropea li jippermetti kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-Istati Membri u f'pajjiżi kandidati, pajjiżi kandidati potenzjali u pajjiżi ġirien; f'dan ir-rigward, jistieden lill-Kummissjoni biex tappoġġja l-istrateġiji makroreġjonali eżistenti tal-UE u biex tappoġġja l-ħolqien ta' oħrajn ġodda; iħeġġeġ ukoll lill-Kummissjoni biex tappoġġja proċessi ta' kooperazzjoni transkonfinali bejn l-awtoritajiet reġjonali u lokali, inkluż fil-forma ta' raggruppamenti Ewropej ta' koperazzjoni territorjali (REKT);

58. iħabbar l-intenzjoni tiegħu li jikkontribwixxi għad-diskussjonijiet strateġiċi dwar il-futur tal-inizjattiva tas-Sħubija tal-Lvant fl-okkazzjoni tal-10 anniversarju tagħha fl-2019, partikolarment permezz ta' CORLEAP, it-Task Force tal-KtR fl-Ukrajna u sħubijiet bejn il-pari bejn l-UE u l-Ukrajna;

59. jitlob lill-Kummissjoni Ewropea biex tqis il-ħidma li twettqet mill-KtR biex jiġi stabbilizzat il-Viċinat tan-Nofsinhar permezz tal-Assemblea Reġjonali u Lokali Ewro-Mediterranja (ARLEM) u b'mod partikolari, l-inizjattiva ta' Nikosija għal muniċipalitajiet Libjani, li qegħdin itejbu s-servizzi pubbliċi lokali fil-Libja u jgħaqqdu mill-ġdid dawn il-muniċipalitajiet mal-komunità internazzjonali, filwaqt li tibbaża ruħha fuq l-aħjar prattiki li diġà tnedew u tipprevedi finanzjament xieraq għall-appoġġ tal-inizjattivi operattivi;

60. jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni biex tindirizza tixrid deliberat ta' informazzjoni ħażina onlajn kemm fl-UE kif ukoll fil-pajjiżi msieħba u jesprimi d-disponibbiltà tal-KtR biex jappoġġja dawn l-isforzi;
61. jinnota li l-ħidma tal-grupp eżekuttiv fl-implimentazzjoni tal-istqarrija konġunta bejn l-UE u l-Istati Uniti ta' Lulju 2018 tidher li tiffoka prinċipalment fuq kooperazzjoni regolatorja u jitlob biex l-istandards tal-UE, partikolarment l-istandards sanitarji, alimentari u ambjentali għoljin jiġu rispettati; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li l-Kummissjoni għandha tiżgura li l-standards legali u tax-xogħol dwar is-sigurtà tal-prodotti, dwar il-protezzjoni ta' data, tal-konsumatur, tas-saħħa u ambjentali ma jitwarrbux għall-finijiet tal-għieda kontra l-protezzjoniżmu kummerċjali u l-ksib tas-sospensjoni tas-sanzjonijiet tal-Istati Uniti;
62. jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jibgħat din ir-Riżoluzzjoni lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Parlament Ewropew, lill-Presidenza Awstrijaka, Rumena u Finlandiża tal-Kunsill tal-UE u lill-President tal-Kunsill Ewropew.

Brussell, is-6 ta' Diċembru 2018.

Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni
Karl-Heinz LAMBERTZ

OPINJONIJIET

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

IL-132 SESSJONI PLENARJA TAL-KTR, 5.12.2018–6.12.2018

Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Il-Pakkett tat-Tkabbir 2018

(2019/C 86/02)

Relatur	Franco IACOP (IT/PSE), Kunsillier reġjonali tar-Reġjun ta' Friuli Venezia Giulia
Dokument ta' referenza:	Komunikazzjoni tal-2018 dwar il-Politika tat-Tkabbir tal-UE
	COM(2018) 450 final.

RAKKOMANDEZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

Introduzzjoni

1. josserva b'interess l-impenn imġedded tal-Kummissjoni għat-tkabbir tal-UE, kif rifless mhux biss fil-Komunikazzjoni COM(2018) 450 final inkwistjoni, iżda wkoll fl-Istrateġija dwar il-Balkani tal-Punent ta' Frar 2018 (ara l-Opinjoni COR 2018/00065) u fid-deċiżjoni li jinbeda malajr l-iskrinjar leġislattiv mal-Albanija u mal-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja wara r-reazzjoni pożittiva tal-Kunsill fir-rigward tat-teħid tad-deċiżjoni biex jinfetħu n-negozjati f'Ġunju 2019, abbażi tar-rapport ta' valutazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea u bil-kundizzjoni li jkun sar il-progress meħtieġ;
2. jenfasizza li l-proċess ta' tkabbir għandu jibqa' prijorità tal-UE u jaqbel mal-Kummissjoni dwar il-ħtieġa li l-istat tad-dritt, il-ġustizzja, id-drittijiet fundamentali u r-rispett u l-ħarsien tal-minoranzi jibqgħu fiċ-ċentru ta' dan il-proċess;
3. ifakkar li huwa essenzjali li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jiġu involuti fil-proċess u jinkoraġġixxi lill-pajjiżi kandidati (l-Albanija, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Montenegro, is-Serbja u t-Turkija) u l-pajjiżi kandidati potenzjali (il-Bożnija-Herzegovina u l-Kosovo (*)) biex isaħħu l-istrateġiji tagħhom għal deċentralizzazzjoni amministrattiva fid-dawl ta' sussidjarjetà konkreta;
4. jilqa' l-fatt li ż-żewġ presidenzi tal-Kunsill tal-2018 inkludew it-tema tal-Balkani tal-Punent fost il-prijoritajiet tas-Semestru rispettiv tagħhom, jilqa' bi pjaċir l-organizzazzjoni tas-Summit ta' Sofija u jittama li d-dikjarazzjoni ffirmata f'dik l-okkażjoni tissarraf malajr kemm jista' jkun f'inizjattivi konkreti;
5. jinnota b'dispaċir li fil-Balkani tal-Punent kien hemm tnaqqis fil-progress tal-azzjoni riformista mmirata lejn is-sħubija fl-UE u li dan wassal għal dubju u xettiċiżmu fost iċ-ċittadini;
6. jinnota b'dispaċir li l-mod kif żviluppat is-sitwazzjoni fit-Turkija, sal-elezzjonijiet ta' Ġunju u warajhom, wassal għal tnaqqis progressiv tar-rispett tal-valuri u l-prinċipji tal-istat tad-dritt, tant li l-prospetti ta' sħubija mal-UE tal-Balkani tal-Punent u tat-Turkija issa huma differenti minn xulxin;

(*) Din ir-referenza hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus tal-Kosovo, u hija konformi mar-Riżoluzzjoni 1244 (1999) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u l-Opinjoni tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja (QIĠ) dwar id-dikjarazzjoni ta' indipendenza tal-Kosovo.

7. huwa fiduċjuż li l-impetu mgiedded mill-istrategġija l-għdida tal-Kummissjoni għall-Balkani tal-Punent (u b'mod indirett għat-Turkija wkoll) jista' jniedi l-proċess kollu mill-għdid;
8. jittama li d-dinamika l-għdida tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea deskritta fil-proposti leġislattivi reċenti tal-Kummissjoni dwar il-koeżjoni (Interreg) u t-tkabbir (IPA III) tista' tinċentiva l-kollaborazzjoni stretta bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali tal-Istati Membri u tal-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali;
9. itenni li l-konformità mal-kriterji ta' Copenhagen fl-iktar sens wiesa' tagħhom hija u għandha tibqa' l-parametru fundamentali għall-valutazzjoni tal-idoneità tal-pajjiżi kandidati biex isiru Stati Membri tal-UE;
10. jiżgura r-rieda massima li jaħdem flimkien ma' istituzzjonijiet oħra tal-UE sabiex jappoġġja l-perkors ta' thejġija u tas-sħubija futura tal-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali;
11. huwa kunfidenti li l-ftehim il-għdid ta' koperazzjoni bejn il-KtR u l-Kungress tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali tal-Kunsill tal-Ewropa, iffirmat fi Strasburgu fis-27 ta' Marzu 2018, isaħħaħ il-kooperazzjoni bejn iż-żewġ istituzzjonijiet, jippermetti li jiżdiedu s-sinerġiji u li tiġi evitata d-duplikazzjoni;
12. jinnota li fost il-forom l-aktar effikaċi ta' assistenza li jistgħu jingħataw fil-livell tal-amministrazzjonijiet pubbliċi jispikkaw l-inizjattivi ta' skambju bejn il-pari; jinnota wkoll li ħafna awtoritajiet lokali u reġjonali tal-Istati Membri għandhom kompetenzi relatati mal-applikazzjoni tal-acquis li jistgħu jiġu kondiviżi b'mod utli ma' korpi simili tal-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali;
13. ifakkar li, fil-pajjiżi li jaspiraw li jingħaqdu mal-UE, is-soċjetà kollha kemm hi għandu jkollha rwol prinċipali f'riforma profonda tal-valuri u li, f'din il-perspettiva, huwa essenzjali r-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, peress li ċ-ċittadini jirrikorru għalihom fil-ħajja ta' kuljum;
14. itenni li minħabba r-relazzjoni diretta tagħhom mal-popolazzjoni, l-awtoritajiet lokali u reġjonali biss jistgħu jikkomunikaw b'mod effikaċi l-benefiċċji tas-sħubija fl-UE u jgħarrfu dwar il-vantaġġi u l-benefiċċji li l-UE tqiegħed għad-dispożizzjoni taċ-ċittadini kollha Ewropej, anki fil-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali;
15. jinnota b'dispaċir għalhekk li d-dokument li jiġbor fil-qosor il-pakkett tat-tkabbir ma jirreferix b'mod espliċitu għas-sitwazzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, iżda jenfasizza biss ftit għall-bżonn li jintlaħaq bilanċ adatt bejn il-livelli tal-gvern ċentrali u lokali.

Previżjonijiet, suġġerimenti u rakkomandazzjonijiet

16. jittama li fil-Balkani tal-Punent il-gvernijiet jerġgħu jniedu l-proċess ta' tqarrib lejn l-UE u jkunu kapaċi jifhmu s-sinjali pożittivi li jindikaw żviluppi importanti f'perspettiva temporali realistika; jittama wkoll li ċ-ċittadini tar-reġjun juru b'determinazzjoni għdida ċ-ċaħda tagħhom tan-nazzjonaliżmu, ir-radikalizzazzjoni u tar-restrizzjoni tal-identità u s-sostenn tagħhom għall-ideal tal-Ewropa;
17. jittama li t-Turkija tabbanduna l-loġika ta' stat ta' emerġenza u terġa' taqbad it-triq ta' tqarrib lejn l-UE, billi tneħħi l-miżuri li dgħajfu r-rispett tal-istat tad-dritt u tad-drittijiet fundamentali u billi tistabbilixxi mill-għdid il-bilanċ tas-setgħat demokratiċi fil-livelli kollha: ċentrali, reġjonali u lokali;
18. jistieden lill-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali kollha sabiex ikomplu għaddejjin b'determinazzjoni fit-triq tar-riforma amministrattiva u biex isegwu fil-fatt għanijiet ta' deċentralizzazzjoni realistiki u ambizzjużi fl-istess ħin, u jipprovdu allokazzjonijiet baġitarji adegwati għall-awtoritajiet lokali u reġjonali;
19. ifakkar li t-tkabbir ekonomiku u t-titjib fl-istandard tal-għajxien taċ-ċittadini tal-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali għandhom ikunu inkoraġġiti, u jiżguraw impatt fil-livell lokali;
20. josserva li l-kooperazzjoni mal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta hija meħtieġa għall-ġestjoni tal-flussi migratorji; ifakkar li l-għajnuna li l-UE toffri lill-Balkani tal-Punent u lit-Turkija biex tikkontribwixxi għall-immaniġġjar ta' dawn il-flussi migratorji għandha tasal ukoll għand l-awtoritajiet lokali u reġjonali impenjati ta' kuljum fl-attività ta' akkoljenza u appoġġ;
21. jinnota li l-ebda kapitolu ta' negozjar ma għandu bħala għan il-proċess ta' deċentralizzazzjoni jew tar-riforma tal-amministrazzjonijiet pubbliċi u tal-governanza; għaldaqstant jistieden lill-Kummissjoni sabiex tinkludi dawn is-suġġetti fil-laqgħat bilaterali kollha li jiffukaw fuq il-kapitolu tal-acquis li għalihom id-deċentralizzazzjoni amministrattiva hija rilevanti u sabiex tinsisti mal-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali li l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom ikunu involuti fil-proċess tat-thejġija għas-sħubija;

22. jistieden lill-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi proċeduri operattivi ad hoc li jippermettu l-użu tal-istrumenti tat-TAIEX u t-Twinning għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali tal-Istati Membri u tal-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali;
23. jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra r-rilanċ tal-Faċilità ta' Amministrazzjoni Lokali u tal-Programm ta' Taħriġ Reġjonali, li ntużaw fit-tkabbir preċedenti;
24. jistieden lill-Kummissjoni biex tesperimenta l-intervent tal-programm Sigma mal-awtoritajiet lokali u reġjonali tal-pajjiżi kandidati sabiex jiżviluppaw mudelli għar-riforma tal-governanza lokali bil-għan li japplikaw l-acquis;
25. jistieden lill-Kummissjoni sabiex tnedi inizjattivi fil-qasam kulturali u dak sportiv li, speċjalment f'żoni li jinkludu gruppi etniċi differenti, jippermettu l-involvement dirett tal-popolazzjoni lokali kollha u b'mod partikolari taż-żgħażaġh, u b'hekk irawmu l-integrazzjoni u r-rikonoxximent reċiproku tal-identitajiet;
26. jitlob lill-Kummissjoni tissorvelja l-imġiba tar-rappreżentanti pubbliċi tal-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent fir-rigward tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u r-rispett tal-minoranzi etniċi u lingwistiċi u tal-komunità LGBT+. L-Unjoni Ewropea hija xempju ta' tolleranza fid-dinja u jeħtieġ li kwalunkwe tkabbir futur iħaddan appoġġ politiku b'saħħtu għall-valuri demokratiċi marbutin mar-rispett tal-persuni, kemm fir-rigward tal-ħarsien tal-libertà kif ukoll tal-ugwaljanza;
27. jistieden lill-Kummissjoni sabiex tintervjeni u tieħu inizjattivi konġunti – anki fl-ispirtu tal-Proċess ta' Berlin – ma' organizzazzjonijiet li jafu r-realtajiet tal-awtoritajiet lokali u reġjonali tal-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali u li diġà sperimentaw magħhom forum ta' kooperazzjoni, b'mod partikolari NALAS (Netwerk tal-Assoċjazzjonijiet tal-Awtoritajiet Lokali fix-Xlokk tal-Ewropa); ALDA (Assoċjazzjoni Ewropea għad-Demokrazzija Lokali); IEC (Inizjattiva tal-Ewropa Ċentrali); u KKR (Kunsill għall-Kooperazzjoni Reġjonali);
28. itenni, fl-aħħar nett, l-istedina urġenti tiegħu lill-Kummissjoni biex, fir-rapporti futuri dwar l-istat attwali tal-proċess tat-tkabbir, tagħti aktar attenzjoni u analiżi tas-sitwazzjoni fil-livell tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, billi tivvaluta l-progress jew in-nuqqasijiet fir-riforma amministrattiva bħalma għamlet fir-rigward tal-awtoritajiet ċentrali.

Kummenti speċifiċi rigward il-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali

Il-Montenegro

29. jilqa' b'sodisfazzjon ir-riżultati sinifikanti tal-Montenegro fil-perkors Ewro-Atlantiku tiegħu;
30. jinnota li huma meħtieġa sforzi sinifikanti biex jissaħħaħ l-istat tad-dritt u l-istituzzjonijiet demokratiċi, fil-ħidma tagħhom biex terġa' tiddaħħal rappreżentanza sħiħa tal-forzi politiċi kollha fil-Parlament;
31. jesprimi tħassib dwar is-sitwazzjoni tal-libertà tal-espressjoni, b'mod partikolari l-ħafna każijiet ta' intimidazzjoni u vjolenza kontra l-ġurnalisti;
32. jilqa' bi pjaċir l-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet ġodda mmirati lejn l-introduzzjoni ta' kriterji ta' reklutaġġ meritokratiċi kemm fl-amministrazzjonijiet ċentrali kif ukoll f'dawk periferiċi u jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li kważi l-muniċipalitajiet kollha adottaw kodiċijiet etiċi għall-uffiċjali tagħhom stess u għar-rappreżentanti eletti lokali;
33. jitlob li ssir verifika tal-impatt fuq livell lokali tal-applikazzjoni tal-liġi l-ġdida dwar l-ippjanar territorjali u l-konstruzzjoni ċivili, li tibdel it-tqassim tar-responsabbiltajiet għar-regolamentazzjoni tal-użu tal-art.

Is-Serbja

34. jilqa' bi pjaċir il-fatt li, bħal fil-każ tal-Montenegro, il-Kummissjoni indikat l-2025 bħala data possibbli, għalkemm ambizzjuża, għas-sħubija mal-UE;
35. jenfasizza li l-kisba ta' dan l-għan se tkun teħtieġ impenn u sforzi kbar, b'mod partikolari għat-tisħiħ tal-istat tad-dritt u għan-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet mal-Kosovo;
36. jilqa' bi pjaċir il-ħatra ta' mara bħala kap tal-gvern għall-ewwel darba fl-istorja tal-pajjiż, iżda jinnota li l-liġi dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi għadha ma ġietx adottata mill-Parlament u li għad jinħtieġu sforzi sinifikanti biex tittejjeb is-sitwazzjoni tar-Rom, tal-persuni LGBTI, tal-persuni b'diżabilità u tal-gruppi soċjalment vulnerabbli;

37. jagħraf l-impenn tas-Serbja fil-ġestjoni tal-flussi migratorji li jaqsmu t-territorju tagħha;
38. jenfasizza li l-ġlieda kontra l-korruzzjoni għadha waħda mill-aktar ħidmiet l-aktar importanti tal-pajjiż; li jeħtieġ li tiġi adottata mill-aktar fis possibbli l-liġi l-ġdida dwar l-aġenzija ta' kontra l-korruzzjoni, iżda li għandha tingħata attenzjoni wkoll għall-prevenzjoni tal-korruzzjoni fil-livell tal-awtoritajiet lokali u reġjonali;
39. jinnota bi tħassib li l-kapaċitajiet amministrattivi tal-awtoritajiet lokali u reġjonali juru nuqqasijiet u li r-riżorsi umani u finanzjarji disponibbli għal dawn l-entitajiet mhux dejjem ikunu adatti għax-xogħol li jirdu jwettqu; jilqa' b'sodifazzjoni, min-naħa l-oħra, l-adozzjoni tal-liġi dwar il-pagi fl-awtoritajiet lokali u reġjonali lejn l-aħħar tal-2017;
40. iħeġġeġ lis-Serbja sabiex timplimenta r-regoli kostituzzjonali dwar il-finanzjament tal-provinċja awtonoma ta' Voivodina, billi tadotta mill-aktar fis possibbli d-dispożizzjonijiet leġislattivi rilevanti; iħeġġeġ ukoll lill-gvern sabiex jirrispetta l-awtonomija tar-rappreżentanti lokali irrispettivament mill-affiljazzjoni politika tagħhom;
41. ifakkar fir-rwol li jista' jkollhom l-NGOs anki fil-livell lokali u jirrakkomanda li jiġu definiti malajr il-kriterji ta' aċċess għall-finanzjament pubbliku li jiżguraw l-effiċjenza u t-trasparenza tiegħu; jittama li l-libertà tal-espressjoni tkun dejjem żgurata u li t-tthedid u l-intimidazzjonijiet kontra l-ġurnalista jiġu kkundannati u mrażżna mill-awtoritajiet mingħajr dewmien.

It-Turkija

42. jirrikonoxxi li t-Turkija hija msieħeb importanti tal-UE iżda jiddennunza l-mod li bih ir-restrizzjonijiet serji tal-libertà tal-individwi, bl-arrest ta' għexieren ta' eluf ta' persuni u tkeċċijiet ta' gruppi sħaħ ta' uffiċjali pubbliċi, jistunaw mal-prinċipji u mal-valuri li fuqhom hija bbażata l-UE, b'mod partikolari l-Karta Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali;
43. ifakkar li l-emendi kostituzzjonali mmirati li saru dan l-aħħar biex jintroduċu reġim presidenzjali, ġew ikkritikati ħażin mill-Kummissjoni ta' Venezja, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda s-separazzjoni tal-poteri; josserva wkoll li wieħed jistenna li kull pajjiż kandidat jirrispetta l-ogħla standards tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-libertajiet fundamentali, kif ukoll li jiżgura ġudikatura indipendenti u li tiffunzjona;
44. jesprimi tħassib serju dwar it-tneħħija bil-forza u f'ċerti każijiet bl-arrest ta' aktar minn mitt sindku eletti b'mod demokratiku, sostitwiti minn awtoritajiet ta' fiduċja tal-gvern, u dwar il-pressjoni fuq sindki ta' bosta bliet oħra biex jirriżenjaw mill-kariga tagħhom;
45. jittama li l-elezzjonijiet lokali li għandhom isiru sa Marzu 2019 jiġu organizzati fir-rispett sħiħ tal-prinċipji demokratiċi u li jipprovdu l-okkażjoni biex terġa' tiġi stabbilita r-rappreżentanza demokratika tal-awtoritajiet lokali;
46. jirrikonoxxi l-isforzi tat-Turkija għall-appoġġ lir-refuġjati fit-territorju tagħha u jenfasizza l-impenn finanzjarju tal-UE biex dawn l-isforzi jkunu inqas ta' piż; jittama li parti xierqa mill-fondi allokati mill-UE tiġi ddedikata għall-EALR involuti direttament fil-ġestjoni tar-refuġjati;
47. jiddispaċiħ li t-Turkija għadha mhix qed tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-UE u li ma tirrikonoxxix lir-Repubblika ta' Ċipru; iħeġġeġ soluzzjoni ġusta, komprensiva u vijabbli tal-kwistjoni ta' Ċipru abbażi tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti u tal-acquis tal-UE u jistieden lit-Turkija biex timpenja ruħha u tikkontribwixxi għal din is-soluzzjoni; jilqa' b'sodisfazzjon il-progress miksub lejn soluzzjoni aċċettabbli b'mod reċiproku, kif ukoll l-isforzi tan-Nazzjonijiet Uniti għat-tnedija mill-ġdid tan-negozjati;
48. jistieden lit-Turkija timpenja ruħha b'mod inekwivoku għal relazzjonijiet tajba mal-ġirien kollha tagħha; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi rrispettat id-dritt tal-Istati Membri kollha li jidħlu fi ftehimiet bilaterali u li jesploraw u jisfruttaw ir-riżorsi naturali f'konformità mal-acquis tal-UE u mal-liġi internazzjonali; jisħaq ukoll fuq il-ħtieġa li jiġu rrispettati s-sovranità u d-drittijiet sovrani tal-Istati Membri fuq iż-Żoni Ekonomiċi Eklussivi tagħhom, il-baħar territorjali u l-ispazju tal-ajru tagħhom;
49. jistieden lit-Turkija biex tibda tirtira l-qawwiet tagħha minn Ċipru u biex tittrasferixxi ż-żona magħluqa ta' Famagusta lin-NU f'konformità mar-Riżoluzzjoni 550 (1984) tal-KSNU; jenfasizza li dawn il-miżuri li jnislu fiduċja jikkostitwixxu opportunità għat-tkabbir ekonomiku, soċjali u reġjonali għaż-żewġ komunitajiet; jinnota li d-djalogu bejn is-soċjetà ċivili fil-komunitajiet lokali jista' jrawwem il-ftehim;

50. ifakkar li t-Turkija ilha pajjiż kandidat sa mill-1999 u li n-negozjati tas-sħubija bdew fl-2005; jinnota li f'dawn l-aħħar snin il-proċess ta' tqarrib lejn l-UE tilef mill-momentum tiegħu u ġew innutati ostakli serji fir-rigward tar-rispett tal-istat tad-dritt u tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali; jemmen li f'dan il-punt hija t-Turkija li trid tiddeċiedi jekk hijiex se tkompli f'din it-triq li qabdet fl-1987 bit-talba ta' sħubija, u b'liema mod.

L-Albanija

51. jilqa' bi pjaċir il-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Ġunju 2018 u jħeġġeġ lill-Albanija żżid l-isforzi tagħha sabiex tiżgura deċiżjoni pożittiva mill-Kunsill dwar il-ftuħ tan-negozjati ta' sħubija f'Ġunju 2019;

52. itenni l-ħtieġa li l-pajjiż jippersisti fit-tisħiħ tal-istat tad-dritt, b'mod partikolari fil-ħames prijoritajiet ewlenin (ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, il-ġustizzja, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, il-promozzjoni u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi dawk tal-persuni minn minoranzi u d-drittijiet ta' proprjetà);

53. ifaħħar il-proċess ta' rivalutazzjoni tal-maġistrati u tal-prosekuturi li diġà kiseb riżultati tanġibbli;

54. jirrikonoxxi l-kapaċità li wrew il-forzi politiċi tal-maġġoranza u tal-oppożizzjoni biex jiżguraw proċess ordnat tal-elezzjonijiet tal-2017, iżda jenfasizza n-nuqqasijiet li għadhom jinstabu mill-OSKE; jittama li jsiru l-korrezzjonijiet meħtieġa fil-liġi elettorali għall-elezzjonijiet amministrattivi tal-2019;

55. japprezza l-isforzi għar-riforma tal-leġislazzjoni dwar l-awtoritajiet lokali u reġjonali, iżda jiddeplora l-fatt li ħafna drabi dawn ma jadottawx metodi ta' għażla bbażati fuq il-mertu u li, b'mod ġenerali, il-liġi dwar is-servizz taċ-ċivil ma tiġix applikata b'mod adatt fuq livell lokali;

56. jinnota b'dispaċir id-dewmien fil-ħatra tal-kollaboraturi ewlenin tal-ombudsman il-ġdid, fir-rigward tad-drittijiet fundamentali, filwaqt li għadha tippersisti mgħiba relatata ma' tilwim u kodiċijiet konswetudinarji u livelli inaċċettabbli ta' vjolenza domestika;

57. jittama li l-pajjiż ikompli fit-triq tar-riformi fl-oqsma ta' prijorità ewlenin u li jindirizza l-isfidi futuri bl-akbar impenn, billi jibda minn analiżi tal-acquis (skrinjar).

L-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja

58. jilqa' bi pjaċir il-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Ġunju 2018 u jħeġġeġ lill-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja żżid l-isforzi tagħha sabiex tiżgura deċiżjoni pożittiva mill-Kunsill dwar il-ftuħ tan-negozjati ta' sħubija f'Ġunju 2019;

59. ifaħħar il-kuraġġ politika tal-gvern il-ġdid, stabbilit wara l-Ftehim ta' Pržino u l-elezzjonijiet fl-aħħar tal-2016, li għamilha possibbli li jintlaħaq kompromess mal-Greċja rigward l-isem uffiċjali tal-pajjiż; jittama li l-proċess ta' riforma kostituzzjonali meħtieġ jitlesta malajr;

60. jilqa' b'sodifazzjoni ukoll l-ispiritu ta' ftuħ għad-djalogu anki ma' pajjiżi oħrajn tar-reġjun u b'mod partikolari mal-Bulgarija;

61. jilqa' bi pjaċir l-elezzjonijiet amministrattivi li saru f'Ottubru 2017 u l-fatt li l-konsultazzjonijiet saru b'mod ġeneralment ordnat;

62. ifakkar li l-Ftehim Qafas ta' Ohrid tal-2001 kien jipprevedi proċess ta' deċentralizzazzjoni li madankollu ma twettaqx għal kollox fis-snin sussegwenti; jilqa' għalhekk bi pjaċir id-deċiżjoni li jizjeddu l-approprijazzjonijiet għall-awtoritajiet lokali u reġjonali biex jiġi żgurat li jiġu offruti servizzi aħjar liċ-ċittadini;

63. jinnota li, minkejja li jidher li hemm inqas tensjoni fir-relazzjonijiet bejn il-gruppi etniċi milli kien hemm fil-passat reċenti, jeħtieġ li d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Qafas ta' Ohrid jiġu implimentati kollha;

64. jittama li l-pajjiż ikompli fit-triq tar-riformi mmirati lejn il-proċess ta' sħubija mal-UE u li jindirizza l-isfidi futuri bl-akbar impenn, billi jibda minn analiżi tal-acquis (skrinjng).

Il-Bożnija-Ħerzegovina

65. jilqa' bi pjaċir il-fatt li sa fl-aħħar il-pajjiż ippreżenta t-tweġibiet għall-"kwestjonarju" lill-Kummissjoni fi Frar 2018;

66. madankollu, jinnota li b'mod ġenerali ma sar l-ebda progress sinifikanti fl-implimentazzjoni tar-riformi meħtieġa biex jerġa' jitnieda l-iżvilupp tal-pajjiż u l-prospettiva Ewropea tiegħu;

67. jesprimi dispjaċir u tħassib dwar l-inabbiltà tal-mexxejja politiċi li jilħqu ftehim dwar liġi elettorali ġdida qabel ma jsiru l-elezzjonijiet nazzjonali u dwar l-imblokk kontinwu fir-rigward tal-kwistjoni li ilha għaddejja tal-muniċipalità ta' Mostar;
68. ifakkar fil-ħtieġa li jiġi ċċarat it-tqassim tal-kompetenzi bejn l-awtoritajiet, il-cantons u l-muniċipalitajiet, biex jiġu eliminati l-kunflitti u tiżdied il-kooperazzjoni;
69. jirrikonoxxi l-isforzi tal-pajjiż fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u r-radikalizzazzjoni u jstiednu jissokta fl-isforzi ta' prevenzjoni u ġlieda kontrihom; jindika l-importanza li l-awtoritajiet lokali jiġu involuti fil-monitoraġġ tas-sitwazzjoni u tal-iffaċilitar tar-riintegrazzjoni ta' ex-ġellieda radikalizzati.

Il-Kosovo

70. jinnota li minkejja diffikultajiet endoġeni u eżoġeni, id-djalogu mas-Serbja ffaċilitat mill-UE qed ikompli fil-livell tekniku u politiku, iżda jenfasizza l-ħtieġa ta' impenn aktar konvint u determinat;
71. jilqa' bi pjaċir il-fatt li l-Kummissjoni qieset li r-rekwiżiti kollha għal-liberalizzazzjoni tal-viża huma sodisfatti;
72. jilqa' bi pjaċir il-fatt li l-elezzjonijiet amministrattivi ta' tmiem l-2017 saru b'mod regolari u li nħatru aktar minn mitejn sindku madwar it-territorju kollu tal-Kosovo;
73. jinnota li r-relazzjonijiet bejn il-forzi politiċi xi drabi ħadu forum u toni inaċċettabbli u jstieden lill-partijiet kollha sabiex jipproteġu l-prestiġju u jiżguraw il-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi;
74. jstieden lill-awtoritajiet biex jaħdmu sabiex jiġi implimentat il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni b'mod konkret, għall-benefiċċju taċ-ċittadini u tal-proċess ta' tqarrib lejn l-UE.

Brussell, is-6 ta' Diċembru 2018.

Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni
Karl-Heinz LAMBERTZ

Opinjoni tal-Komitati Ewropew tar-Reġjuni — It-tassazzjoni tal-ekonomija diġitali

(2019/C 86/03)

Relatur:	Jean-Luc VANRAES (BE/ALDE), Membru tal-Kunsill Muniċipali ta' Uccle
Dokument ta' referenza:	Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tistabbilixxi r-regoli dwar it-tassazzjoni korporattiva ta' preżenza diġitali sinifikanti
	COM(2018) 147 final
	Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq is-servizzi diġitali fir-rigward tad-dħul li jirriżulta mill-provvista ta' ċerti servizzi diġitali
	COM(2018) 148 final

I. RAKKOMANDEZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU L-EMENDI

Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq is-servizzi diġitali fir-rigward tad-dħul li jirriżulta mill-provvista ta' ċerti servizzi diġitali

Emenda 1

Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Jenħtieġ li t-TSD tiġi applikata fuq id-dħul idderivat mill-provvista ta' ċerti servizzi diġitali biss. Jenħtieġ li s-servizzi diġitali jkunu dawk li jiddependu ħafna fuq il-ħolqien tal-valur mill-utenti, fejn tipikament ikun hemm l-ikbar differenza bejn il-post fejn jiġu intaxxati l-profitti u l-post fejn l-utenti jkunu stabbiliti. Huwa d-dħul miksub mill-ipproċessar tal-input mill-utenti li jenħtieġ li jiġi intaxxat, mhux il-parteċipazzjoni tal-utent innifisha.	Jenħtieġ li t-TSD tiġi applikata fuq id-dħul idderivat mill-provvista ta' servizzi diġitali li jkunu jiddependu ħafna fuq il-ħolqien tal-valur mill-utenti, fuq it-trażmissjoni – li tiġġenera dħul – ta' dejta dwar l-utenti u fuq l-abbiltà tagħhom li jwettqu attivitajiet u jipprovdu servizzi mill-bogħod mingħajr preżenza fiżika. F'dawn il-każijiet , ikun hemm l-ikbar differenza bejn il-post fejn jiġu intaxxati l-profitti u l-post fejn l-utenti jkunu stabbiliti.

Raġuni

Hemm dubji dwar il-legalità tar-restrizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tat-TSD għall-ipproċessar tal-input mill-utenti.

Emenda 2

Premessa 10

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>B'mod partikulari, jenħtieġ li d-dħul taxxabbli jkun dak idderivat mill-provvista tas-servizzi li ġejjin: (i) it-tqegħid fuq interfaċċa diġitali ta' reklamar immirat lejn l-utenti tal-istess interfaċċa; (ii) it-tqegħid ta' interfaċċi diġitali b'diversi naħat għad-dispożizzjoni tal-utenti, li jippermettu lill-utenti jsibu utenti oħra u jinteraġixxu magħhom, u li jistgħu jiffaċilitaw ukoll il-provvista ta' oġġetti jew servizzi sottostanti direttament bejn l-utenti (kultant imsejħa servizzi ta' "intermedjazzjoni"); u (iii) it-trażmissjoni ta' dejta miġbura dwar l-utenti u li għet iġġenerata mill-attivitajiet ta' dawk l-utenti fuq l-interfaċċi diġitali. Jekk ma jkun inkiseb ebda dħul mill-provvista ta' tali servizzi, jenħtieġ li ma jkunx hemm obbligu tat-TSD. Dħul ieħor miksub mill-entità li tipprovdi tali servizzi iżda li ma jkunx idderivat direttament minn tali provvisti jenħtieġ li jaqa' wkoll barra mill-ambitu tat-taxxa.</p>	<p>B'mod partikulari, jenħtieġ li d-dħul taxxabbli jkun dak idderivat mill-provvista tas-servizzi li ġejjin: (i) it-tqegħid fuq interfaċċa diġitali ta' reklamar immirat lejn l-utenti tal-istess interfaċċa; (ii) it-tqegħid ta' interfaċċi diġitali b'diversi naħat għad-dispożizzjoni tal-utenti, li jippermettu lill-utenti jsibu utenti oħra u jinteraġixxu magħhom, u li jistgħu jiffaċilitaw ukoll il-provvista ta' oġġetti jew servizzi sottostanti direttament bejn l-utenti (kultant imsejħa servizzi ta' "intermedjazzjoni"); u (iii) it-trażmissjoni – li tiġġenera dħul – ta' dejta miġbura dwar l-utenti u li għet iġġenerata mill-attivitajiet ta' dawk l-utenti fuq l-interfaċċi diġitali. Jekk ma jkun inkiseb ebda dħul mill-provvista ta' tali servizzi, jenħtieġ li ma jkunx hemm obbligu tat-TSD. Dħul ieħor miksub mill-entità li tipprovdi tali servizzi iżda li ma jkunx idderivat direttament minn tali provvisti jenħtieġ li jaqa' wkoll barra mill-ambitu tat-taxxa.</p>

Raġuni

Hemm dubji dwar il-legalità tar-restrizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tat-TSD għall-ipproċessar tal-input mill-utenti.

Emenda 3

Artikolu 3(1)

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Dħul taxxabbli</p> <p>1. It-tipi ta' dħul minn entità dderivati mill-provvista ta' kull wieħed mis-servizzi li ġejjin għandhom jikkwalifikaw bħala "dħul taxxabbli" għall-finijiet ta' din id-Direttiva:</p> <p>(a) it-tqegħid fuq interfaċċa diġitali ta' reklamar immirat lejn l-utenti tal-istess interfaċċa;</p> <p>(b) it-tqegħid ta' interfaċċa diġitali b'diversi naħat għad-dispożizzjoni tal-utenti, li tippermetti lill-utenti jsibu utenti oħra u jinteraġixxu magħhom, u li tista' wkoll tiffaċilita l-provvista ta' oġġetti jew ta' servizzi sottostanti direttament bejn l-utenti;</p> <p>(c) it-trażmissjoni ta' dejta miġbura dwar l-utenti li għet iġġenerata mill-attivitajiet ta' dawk l-utenti fuq l-interfaċċi diġitali.</p>	<p>Dħul taxxabbli</p> <p>1. It-tipi ta' dħul minn entità dderivati mill-provvista ta' kull wieħed mis-servizzi li ġejjin għandhom jikkwalifikaw bħala "dħul taxxabbli" għall-finijiet ta' din id-Direttiva:</p> <p>(a) it-tqegħid fuq interfaċċa diġitali ta' reklamar immirat lejn l-utenti tal-istess interfaċċa;</p> <p>(b) it-tqegħid ta' interfaċċa diġitali b'diversi naħat għad-dispożizzjoni tal-utenti, li tippermetti lill-utenti jsibu utenti oħra u jinteraġixxu magħhom, u li tista' wkoll tiffaċilita l-provvista ta' oġġetti jew ta' servizzi sottostanti direttament bejn l-utenti;</p> <p>(c) it-trażmissjoni ta' dejta – li tiġġenera d-dħul – miġbura dwar l-utenti li tkun għet iġġenerata mill-attivitajiet ta' dawk l-utenti fuq l-interfaċċi diġitali.</p>

Raġuni

Evidenti.

Emenda 4

Artikolu 10(2)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p><i>Artikolu 10</i></p> <p>Identifikazzjoni</p> <p>[...]</p> <p>2. In-notifika għandha ssir b'mod elettroniku sa <i>mhux iktar tard minn 10 ijiem tax-xogħol</i> wara tmiem l-ewwel perjodu tat-taxxa li għalih il-persuna taxxabli jkollha l-obbligu tat-TSD skont din id-Direttiva ("l-ewwel perjodu imponibbli").</p>	<p><i>Artikolu 10</i></p> <p>Identifikazzjoni</p> <p>[...]</p> <p>2. In-notifika għandha ssir b'mod elettroniku <i>qabel tmiem l-ewwel xahar</i> wara tmiem l-ewwel perjodu tat-taxxa li għalih il-persuna taxxabli jkollha l-obbligu tat-TSD skont din id-Direttiva ("l-ewwel perjodu imponibbli").</p>

Raġuni

Il-limitu ta' żmien ta' għaxart'ijiem huwa qasir wisq.

Emenda 5

Artikolu 11(1)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p><i>Artikolu 11</i></p> <p>In-numru ta' identifikazzjoni</p> <p>1. L-Istat Membru tal-identifikazzjoni għandu jalloka lill-persuna taxxabli numru ta' identifikazzjoni individwali għall-finijiet tat-TSD, u għandu jinnotifika dak in-numru lill-persuna taxxabli b'mezzi elettroniċi sa mhux aktar tard minn 10 ijiem <i>tax-xogħol</i> mill-jum li fih tkun waslet in-notifika skont l-Artikolu 10.</p>	<p><i>Artikolu 11</i></p> <p>In-numru ta' identifikazzjoni</p> <p>1. L-Istat Membru tal-identifikazzjoni għandu jalloka lill-persuna taxxabli numru ta' identifikazzjoni individwali għall-finijiet tat-TSD, u għandu jinnotifika dak in-numru lill-persuna taxxabli b'mezzi elettroniċi sa mhux aktar tard minn 10 ijiem <i>kalendarji</i> mill-jum li fih tkun waslet in-notifika skont l-Artikolu 10.</p>

Raġuni

Minħabba d-differenzi fil-liv annwali ta' Stat Membru wieħed, saħansitra minn reġjun għal ieħor, ikun aħjar li tintuża l-frażi "kalendarji" minflok "tax-xogħol". L-istess japplika għall-Artikolu 12(2), l-Artikolu 14, l-Artikolu 16(2), l-Artikolu 20(1) u (3), l-Artikolu 21(1) u l-Artikolu 22(1).

Emenda 6

Artikolu 12(2)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p><i>Artikolu 12</i></p> <p>Tħassir mir-reġistru tal-identifikazzjoni</p> <p>[...]</p> <p>2. L-Istat Membru tal-identifikazzjoni għandu jħassar il-persuna taxxabbli mir-reġistru tal-identifikazzjoni fi tmiem il-perjodu ta' 60 jum tax-xogħol wara tmiem il-perjodu tat-taxxa li fih tkun ġiet innotifikata l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.</p>	<p><i>Artikolu 12</i></p> <p>Tħassir mir-reġistru tal-identifikazzjoni</p> <p>[...]</p> <p>2. L-Istat Membru tal-identifikazzjoni għandu jinvalida r-reġistrazzjoni tal-persuna taxxabbli fir-reġistru tal-identifikazzjoni fi tmiem il-perjodu ta' 60 jum kalendarju wara tmiem il-perjodu tat-taxxa li fih tkun ġiet innotifikata l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.</p>

Raġuni

Jeħtieġ li ma jitneħħewx il-kontijiet fiskali wara 60 jum tax-xogħol minħabba l-perjodu ta' limitazzjoni attwali u l-ħtieġa li jinżammu l-provi. Fir-rigward ta' jiem tax-xogħol, ara r-raġuni preċedenti.

Emenda 7

Żid it-tieni sottoparagrafu fl-Artikolu 26(2)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	<p><i>Din id-Direttiva għandha titħassar meta d-Direttiva tal-Kunsill li tistabbilixxi r-regoli dwar it-tassazzjoni korporattiva ta' preżenza diġitali sinifikanti tkun adottata u tidħol fis-seħħ fid-data ta' traspożizzjoni ta' din id-Direttiva.</i></p>

Raġuni

It-tassazzjoni tas-servizzi diġitali kienet maħsuba bħala miżura temporanja u ma tistax issir permanenti. Jekk it-tassazzjoni tas-servizzi diġitali tkun għadha applika fil-mument li tidħol fis-seħħ id-Direttiva dwar il-preżenza diġitali sinifikanti hemm ir-riskju li l-intrapriżi jiġu ntaxxati darbtejn.

Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tistabbilixxi r-regoli dwar it-tassazzjoni korporattiva ta' preżenza diġitali sinifikanti

Emenda 8

Artikolu 4(3)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p><i>Artikolu 4</i></p> <p>Preżenza diġitali sinifikanti</p> <p>[...]</p> <p>3. Għandha titqies li teżisti “preżenza diġitali sinifikanti” fi Stat Membru f’perjodu tat-taxxa jekk in-negozju li jitwettaq permezz tagħha jkun jikkonsisti għalkollox jew parzjalment mill-provvista ta’ servizzi diġitali permezz ta’ interfaċċa diġitali, u waħda jew iktar mill-kundizzjonijiet li ġejjin jiġu ssodisfati fir-rigward tal-provvista ta’ dawk is-servizzi mill-entità li twettaq dak in-negozju, flimkien mal-provvista ta’ kwalunkwe servizz bħal dawk permezz ta’ interfaċċa diġitali minn kull waħda mill-impriżi assoċjati ta’ dik l-entità b’mod aggregat:</p> <p>(a) il-proporzjon tad-dħul totali miksub f’dak il-perjodu tat-taxxa u li jirriżulta mill-provvista ta’ dawk is-servizzi diġitali lill-utenti li jkunu jinsabu f’dak l-Istat Membru f’dak il-perjodu tat-taxxa jaqbeż is-EUR 7 000 000;</p> <p>(b) in-numru ta’ utenti ta’ wieħed jew iktar minn dawk is-servizzi diġitali li jkunu jinsabu f’dak l-Istat Membru f’dak il-perjodu tat-taxxa jaqbeż 1-100 000;</p> <p>(c) in-numru ta’ kuntratti ta’ negozju għall-provvista ta’ kwalunkwe servizz diġitali bħal dawk imsemmija, li jiġu konklużi f’dak il-perjodu tat-taxxa minn utenti li jkunu jinsabu f’dak l-Istat Membru, jaqbeż it-3 000.</p> <p>[...]</p>	<p><i>Artikolu 4</i></p> <p>Preżenza diġitali sinifikanti</p> <p>[...]</p> <p>3. Għandha titqies li teżisti “preżenza diġitali sinifikanti” fi Stat Membru f’perjodu tat-taxxa jekk in-negozju li jitwettaq permezz tagħha jkun jikkonsisti għalkollox jew parzjalment mill-provvista ta’ servizzi diġitali permezz ta’ interfaċċa diġitali, u tal-inqas tnejn mill-kundizzjonijiet li ġejjin jiġu ssodisfati fir-rigward tal-provvista ta’ dawk is-servizzi mill-entità li twettaq dak in-negozju, flimkien mal-provvista ta’ kwalunkwe servizz bħal dawk permezz ta’ interfaċċa diġitali minn kull waħda mill-impriżi assoċjati ta’ dik l-entità b’mod aggregat:</p> <p>(a) il-proporzjon tad-dħul totali miksub f’dak il-perjodu tat-taxxa u li jirriżulta mill-provvista ta’ dawk is-servizzi diġitali lill-utenti li jkunu jinsabu f’dak l-Istat Membru f’dak il-perjodu tat-taxxa jaqbeż L-EUR 10 000 000;</p> <p>(b) in-numru ta’ utenti ta’ wieħed jew iktar minn dawk is-servizzi diġitali li jkunu jinsabu f’dak l-Istat Membru f’dak il-perjodu tat-taxxa jaqbeż 1-100 000;</p> <p>(c) in-numru ta’ kuntratti ta’ negozju għall-provvista ta’ kwalunkwe servizz diġitali bħal dawk imsemmija, li jiġu konklużi f’dak il-perjodu tat-taxxa minn utenti li jkunu jinsabu f’dak l-Istat Membru, jaqbeż it-3 000.</p> <p>[...]</p>

Raġuni

Il-livell limitu ta’ EUR 7 000 000 għall-ħolqien ta’ stabbiliment permanenti, li jkun japplika skont ir-regoli l-ġodda, għandu jiżdied. Fil-fatt, livell daqshekk baxx jista’ jxekkel id-diġitalizzazzjoni. Barra minn hekk, il-livell limitu ta’ 3 000 ftehim kummerċjali probabbli jinqabeż malajr f’ċerti setturi, bħal fil-każ tal-kuntratti ta’ manutenzjoni. Huwa għalhekk xieraq li ssir referenza għal preżenza diġitali sinifikanti meta mill-inqas tnejn mill-kundizzjonijiet meħtieġa jiġu sodisfatti.

Emenda 9

Artikolu 5(1)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p><i>Artikolu 5</i></p> <p>Profitti attribwibbli lill-preżenza diġitali sinifikanti jew fir-rigward tagħha</p> <p>1. Il-profitti li jkunu attribwibbli lil preżenza diġitali sinifikanti jew fir-rigward tagħha fi Stat Membru għandhom ikunu taxxabbli fil-qafas tat-taxxa korporattiva ta' dak l-Istat Membru biss.</p>	<p><i>Artikolu 5</i></p> <p>Profitti attribwibbli lill-preżenza diġitali sinifikanti jew fir-rigward tagħha</p> <p>1. Il-profitti li jkunu attribwibbli lil preżenza diġitali sinifikanti jew fir-rigward tagħha fi Stat Membru għandhom ikunu taxxabbli fil-qafas tat-taxxa korporattiva ta' dak l-Istat Membru.</p>

Raġuni

Irid jitħassar it-terminu "biss", inkella dan ikun jimplika l-applikazzjoni ta' sistema ta' kreditu. L-Istati Membri li għandhom sistema ta' imputazzjoni tat-taxxa fuq il-kumpanniji jiġu sfurzati jimplementaw sistema ta' kreditu.

Emenda 10

ANNEX II

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Lista tas-servizzi msemmija fl-Artikolu 3(5)(f):</p> <p>(a) l-ospitar tas-siti web u tal-paġni web,</p> <p>(b) il-manutenzjoni awtomatizzata, onlajn u mill-bogħod tal-programmi,</p> <p>(c) l-amministrazzjoni ta' sistemi mill-bogħod,</p> <p>(d) il-ħżin tad-dejta onlajn fejn id-dejta speċifika tinħażen u tinkiseb b'mod elettroniku,</p> <p>(e) il-forniment onlajn ta' spazju għall-ħżin meta dan jintalab,</p> <p>(f) l-aċċess għal softwer jew it-tniżżil tiegħu (inklużi l-programmi tal-akkwist/tal-kontabbiltà u s-softwer kontra l-vajrusijiet tal-kompjuter), u l-aġġornamenti tiegħu,</p> <p>(g) is-softwer li jintuża biex jimblokka l-wiri tar-reklami, magħruf ukoll bħala Bannerblockers,</p> <p>(h) id-drivers għat-tniżżil tad-dejta, bħal pereżempju softwer li jservi ta' interfaċċa bejn il-kompjuters u t-tagħmir periferali (bħall-printers),</p>	<p>Lista tas-servizzi msemmija fl-Artikolu 3(5)(f):</p> <p>(a) l-ospitar tas-siti web u tal-paġni web,</p> <p>(b) il-manutenzjoni awtomatizzata, onlajn u mill-bogħod tal-programmi,</p> <p>(c) l-amministrazzjoni ta' sistemi mill-bogħod,</p> <p>(d) il-ħżin tad-dejta onlajn fejn id-dejta speċifika tinħażen u tinkiseb b'mod elettroniku,</p> <p>(e) il-forniment onlajn ta' spazju għall-ħżin meta dan jintalab,</p> <p>(f) l-aċċess għal softwer jew it-tniżżil tiegħu (inklużi l-programmi tal-akkwist/tal-kontabbiltà u s-softwer kontra l-vajrusijiet tal-kompjuter), u l-aġġornamenti tiegħu,</p> <p>(g) is-softwer li jintuża biex jimblokka l-wiri tar-reklami, magħruf ukoll bħala Bannerblockers,</p> <p>(h) id-drivers għat-tniżżil tad-dejta, bħal pereżempju softwer li jservi ta' interfaċċa bejn il-kompjuters u t-tagħmir periferali (bħall-printers),</p>

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
(i) l-installazzjoni awtomatizzata onlajn ta' filtri fuq is-siti web,	(i) l-installazzjoni awtomatizzata onlajn ta' filtri fuq is-siti web,
(j) l-installazzjoni awtomatizzata onlajn ta' firewalls,	(j) l-installazzjoni awtomatizzata onlajn ta' firewalls,
(k) l-aċċess għal temi għad-desktop jew it-tniżżil tagħhom,	(k) l-aċċess għal temi għad-desktop jew it-tniżżil tagħhom,
(l) l-aċċess għal immaġnijiet fotografiċi jew bl-istampi jew għal screensavers, jew it-tniżżil tagħhom,	(l) l-aċċess għal immaġnijiet fotografiċi jew bl-istampi jew għal screensavers, jew it-tniżżil tagħhom,
(m) il-kontenut diġitalizzat ta' kotba u ta' pubblikazzjonijiet elettroniċi oħra,	(m) l-istatistika dwar il-weblogs u s-siti web,
(n) L-abbonament għal gazzetti u għal ġurnali onlajn,	(n) l-informazzjoni onlajn iġġenerata b'mod awtomatiku b'softwer minn dejta speċifika mdaħħla mill-klijent, bħal pereżempju d-dejta ġuridika u finanzjarja (b'mod partikolari d-dejta bħal dik dwar is-suq tal-istokks li tiġi aġġornata kontinwament u f'ħin reali),
(o) l-istatistika dwar il-weblogs u s-siti web,	(o) il-provvista ta' spazju għar-reklamar, inklużi strixxuni tar-reklami fuq sit web/paġna web,
(p) L-aħbarijiet, l-informazzjoni dwar it-traffiku u r-rapporti tat-tbassir tat-temp onlajn,	(p) l-użu ta' magni tat-tiftix u ta' direttorji tal-Internet,
(q) l-informazzjoni onlajn iġġenerata b'mod awtomatiku b'softwer minn dejta speċifika mdaħħla mill-klijent, bħal pereżempju d-dejta ġuridika u finanzjarja (b'mod partikolari d-dejta bħal dik dwar is-suq tal-istokks li tiġi aġġornata kontinwament u f'ħin reali),	(q) l-aċċess għal mużika fuq il-kompjuters u l-mowbajls, jew it-tniżżil tagħha,
(r) il-provvista ta' spazju għar-reklamar, inklużi strixxuni tar-reklami fuq sit web/paġna web,	(r) l-aċċess għal jingles, siltiet, ringtones jew ħsejjes oħra, jew it-tniżżil tagħhom,
(s) l-użu ta' magni tat-tiftix u ta' direttorji tal-Internet,	(s) l-aċċess għal films jew it-tniżżil tagħhom,
(t) l-aċċess għal mużika fuq il-kompjuters u l-mowbajls, jew it-tniżżil tagħha,	(t) it-tniżżil ta' loġhob fuq il-kompjuters u l-mowbajls,
(u) l-aċċess għal jingles, siltiet, ringtones jew ħsejjes oħra, jew it-tniżżil tagħhom,	(u) l-aċċess għal loġhbiet awtomatizzati onlajn li jiddependu fuq l-Internet, jew fuq netwerks elettroniċi simili oħra, fejn dawk li jilagħbuhom ikunu ġeografikament 'il bogħod minn xulxin,

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
(v) l-aċċess għal films jew it-tniżżil tagħhom,	(v) it-tagħlim awtomatizzat mill-bogħod li jiddependi fuq l-Internet jew fuq netwerk elettroniku simili biex jiffunzjona u li l-forniment tiegħu ma jkun jirrikjedi l-ebda intervent uman jew intervent limitat, li jinkludi l-klussijiet virtwali, għajr meta l-Internet jew netwerk elettroniku simili jintużaw sempliċiment bħala għodda għall-komunikazzjoni bejn l-għalliem u l-istudent,
(w) it-tniżżil ta' loġhob fuq il-kompjuters u l-mowbajls,	(w) il-workbooks li jitlestew onlajn mill-istudenti u li jiġu mmarkati b'mod awtomatiku, mingħajr intervent uman.
(x) l-aċċess għal loġhbiet awtomatizzati onlajn li jiddependu fuq l-Internet, jew fuq netwerks elettroniċi simili oħra, fejn dawk li jilagħbuhom ikunu ġeografikament 'il bogħod minn xulxin,	
(y) it-tagħlim awtomatizzat mill-bogħod li jiddependi fuq l-Internet jew fuq netwerk elettroniku simili biex jiffunzjona u li l-forniment tiegħu ma jkun jirrikjedi l-ebda intervent uman jew intervent limitat, li jinkludi l-klussijiet virtwali, għajr meta l-Internet jew netwerk elettroniku simili jintużaw sempliċiment bħala għodda għall-komunikazzjoni bejn l-għalliem u l-istudent,	
(z) il-workbooks li jitlestew onlajn mill-istudenti u li jiġu mmarkati b'mod awtomatiku, mingħajr intervent uman.	

Raġuni

Il-kontenut diġitalizzat ta' kotba u pubblikazzjonijiet elettroniċi oħra, mhumiex essenzjalment differenti mill-provvista ta' kontenut stampat.

II. RAKKOMANDEZZJONIJET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

Kummenti ġenerali

- jenfasizza li sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal tas-suq uniku diġitali, jeħtieġ li jiġi implimentat qafas tat-taxxa modern u stabbli li jagħti spinta lill-innovazzjoni, jindirizza l-frammentazzjoni tas-suq, u jippermetti lill-atturi kollha japproffittaw mid-dinamika ġdida tas-suq b'kundizzjonijiet ġusti u bbilanċjati;
- jinnota b'dispaċir li xi intrapriżi, partikolarment dawk li joperaw l-aktar fis-settur tal-ekonomija diġitali, jiġu intaxxati fit wisq. Fir-rigward tat-taxxa korporattiva, huwa importanti li l-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni jkunu ġusti u l-kontribuzzjoni tal-parteċipanti kollha tkun proporzjonata u ġusta;
- jenfasizza li l-kumpaniji tradizzjonali li l-intrapriżi tradizzjonali, li fil-biċċa l-kbira huma intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, qed jiffaċċjaw kompetizzjoni fiskali inġusta. Minħabba din il-kompetizzjoni fiskali dannuża, numru kbir minn dawn l-intrapriżi qed jitħabtu biex ma jgħrqux;

4. iqis li s-sistemi tat-taxxa attwali ma għadhomx adatti għall-kuntest ekonomiku attwali, li huwa kkaratterizzat mill-globalizzazzjoni, il-mobbiltà, it-teknoloġiji diġitali, mudelli ġodda ta' negozju u strutturi tan-negozju kumplessi. Il-prinċipji antiki applikabbli fis-seklu 20 m'għadhomx adegwati. Is-soċjetà tas-seklu 21 teħtieġ mudelli ġodda. Mhuwiex possibbli li kollox jibqa' għaddej kif inhu;
5. jilqa' bi pjaċir il-fatt li l-Kummissjoni qiegħda tieħu inizjattivi dwar it-tassazzjoni għas-servizzi diġitali, u li tagħti impetu ġdid lid-diskussjonijiet internazzjonali billi tagħti eżempju ċar ta' kif il-prinċipji tat-taxxa attwali jistgħu jinbidlu. Inizjattivi individwali mill-Istati Membri u mir-regġuni jistgħu jfixxlu serjament is-suq uniku;
6. jirrikonoxxi li t-taxxi rarament huma popolari, wisq inqas meta dawn ikunu ġodda, iżda huma essenzjali biex jiġu żgurati finanzi pubbliċi b'saħħithom. It-tweessigh tal-bażi tat-taxxa permezz ta' tassazzjoni xierqa tas-servizzi diġitali, li bħalissa mhumiex taxxabli jew ftit li xejn, jippermetti li l-awtoritajiet rispettivi japplikaw rati nominali raġonevoli ta' taxxa fuq l-impjeg u l-attività ekonomika, jew li jagħtu tnaqqis fiskali, b'mod partikolari lill-istart-ups u n-negozji żgħar;
7. jemmen li għandha tinstab soluzzjoni fil-livell globali sabiex jiġu sfruttati l-benefiċċji tal-globalizzazzjoni billi tiġi stabbilita wkoll governanza ta' kwalità u regoli fil-livell internazzjonali. Jeħtieġ li tintlaqa' l-azzjoni li twettqet f'kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-OECD, bil-għan li jsir progress biex tinstab soluzzjoni internazzjonali;
8. jilqa' l-ħidma li saret mill-OECD, li hija s-soġġett ta' rapport intermedju ppubblikat fis-16 ta' Marzu 2018: "L-Isfidi tat-Taxxa li Ġejjin mid-Diġitalizzazzjoni – Rapport Interim tal-2018". Ir-rapport ikopri 110 pajjiżi;
9. jemmen li sakemm tinstab soluzzjoni globali mill-OECD li, probabbilment, sfortunatament ma tistax tiġi approvata jew implimentata fuq medda qasira ta' żmien, il-Kummissjoni għandha ssib soluzzjoni provviżorja. Il-limiti proposti m'għandhomx ikollhom impatt negattiv fuq il-mikrointrapriżi jew l-SMEs;
10. iqis li ma jista' jkun hemm ebda dubju li kull servizz imħallas, ikunx diġitali jew le, għandu jiġi ntaxxat kif xieraq. Ser ikun importanti li jiġi determinat limitu adatt fuq id-dħul, li jekk jinqabeż tista' tiġi imposta taxxa bil-għan li l-mikrointrapriżi u l-SMEs ma jiġux affettwati b'mod negattiv. Fattur fundamentali ieħor ser ikun li jiġi determinat il-post fejn l-intrapriżi li joperaw fl-ekonomija diġitali jiksbu d-dħul mill-bejgħ tagħhom. Għandha tingħata attenzjoni lill-kwistjonijiet li ġejjin: kif jiġu ntaxxati dawn l-ammonti waqt li tiġi evitata t-tassazzjoni doppja, kif jiġi evitat li t-taxxa tkun evitata u kif jitqassam b'mod ġust id-dħul tat-taxxa li jinġabar fil-livell internazzjonali, sabiex l-Istati Membri kollha jkunu jistgħu jibbenefikaw minnhom;

Taxxa fuq is-servizzi diġitali

11. jitlob sabiex il-kamp ta' applikazzjoni ta' taxxa fuq is-servizzi diġitali jiġi definit bir-reqqa. Sabiex ikunu effettivi, id-definizzjonijiet ma jistgħux ikunu soġġetti għal interpretazzjoni. Is-sistemi fiskali sempliċi, trasparenti u mingħajr ambigwià huma l-aktar effettivi;
12. jieħu nota tal-fatt li l-Kummissjoni qiegħda tipproponi taxxa fuq is-servizzi diġitali miġbura mhux fuq il-profitti korporattivi, iżda fuq il-fatturat, li jista' jkollu l-effett konsegwenti li jiġu soġġettati għat-taxxa anke l-intrapriżi bla skop ta' qligħ. Il-KtR jiġbed l-attenzjoni li dan l-approċċ huwa differenti minn dak tas-sistema globali tat-taxxa korporattiva, li hija bbażata fuq it-tassazzjoni tal-profitti. Il-fatt jibqa' li ħafna mudelli ta' negozju ta' intrapriżi diġitali huma bbażati fuq it-telf matul il-fażi tal-bidu;
13. jinsab mħasseb li trasferiment ta' tassazzjoni bħal dan jista' madankollu jkun favorevoli għall-pajjiżi l-kbar, li għandhom ħafna konsumaturi u fejn l-intrapriżi kkonċernati jistgħu jnaqqsu t-telf tagħhom mill-bażi tat-taxxa fuq il-kumpanniji, iżda dan huwa ta' ħsara għall-pajjiżi esportaturi żgħar. Il-KtR jenfasizza li kwalunkwe soluzzjoni għat-tassazzjoni tal-mudelli ta' negozju diġitali għandha twassal għal riżultat ekonomiku ġust u ekwu għall-ekonomiji kollha tal-UE;
14. jiddeplora l-fatt li ma hemm l-ebda klawżola ta' estinzjoni jew mekkaniżmu ieħor li jiżgura li l-miżura tat-taxxa provviżorja se tiġi rtirata meta tinstab soluzzjoni fit-tul;

Preżenza diġitali sinifikanti

15. jirrimarka li l-pajjiż li fih sar il-bejgħ ma jirċivix l-ammont taxxabli korporattiv skont ir-regoli fis-seħħ fil-każ ta' intrapriżi diġitali li mhumiex fiżikament preżenti fit-territorju. Għalhekk jilqa' b'sodisfazzjon l-introduzzjoni ta' "preżenza diġitali sinifikanti" bħala punt tat-tluq għall-kalkolu tal-bażi tat-taxxa;
16. jenfasizza li s-sistemi tat-taxxa korporattiva attwalment fis-seħħ fid-dinja huma bbażati fuq l-evalwazzjoni tal-profit korporattiv attribwibbli lil kull ġurisdizzjoni rilevanti. It-tassazzjoni ssir fil-post fejn jinħoloq il-valur. Il-KtR jirrikonoxxi li minħabba d-diffikultajiet biex ikun stabbilit f'liema punt tal-katina tal-valur jinkiseb il-profit, hemm il-ħtieġa li jinstabu prinċipji universali dwar kif jiġi vvalutat fejn jinħoloq il-valur;

17. jenfasizza li żviluppi oħra fil-qasam tat-tassazzjoni korporattiva jirriflettu r-riżultati diġà miksuba fil-kuntest tal-pjan ta' azzjoni dwar l-erożjoni tal-bażi tat-taxxa u t-trasferiment tal-profitt (BEPS). Wieħed mill-prinċipji fil-BEPS huwa l-allokazzjoni ta' profitti lil pajjiżi f'konformità ma' fejn jinħoloq il-valur;

18. iqis li l-limitu massimu ta' EUR 7 miljun għall-ħolqien ta' stabbiliment permanenti, li jkun japplika skont ir-regoli l-ġodda, għandu jiżdied, għaliex livell daqshekk baxx jista' jxekkel id-diġitalizzazzjoni;

Dimensjoni lokali u reġjonali

19. iqis li għalkemm it-tassazzjoni tas-servizzi diġitali jew tal-kumpaniji relatati ma' preżenza diġitali sinifikanti ma tikkonċernax direttament it-taxxi lokali u reġjonali, l-użu ta' din it-taxxa jista' jkollu impatt fuq id-dħul mit-taxxa tal-awtoritajiet lokali u reġjonali. F'xi Stati Membri, it-taxxi lokali jew reġjonali effettivament jinġabru abbażi tal-bażi nazzjonali tat-taxxa u/jew l-awtoritajiet lokali u reġjonali jirċievu parti mir-rikavat tat-taxxa korporattiva nazzjonali;

20. iħeġġeġ lill-Istati Membri jaqsmu r-rikavat mit-taxxa fuq is-servizzi diġitali mal-awtoritajiet lokali u reġjonali, b'mod proporzjonali skont is-sehem tagħhom fit-taxxa korporattiva fi Stat Membru;

L-impatt tat-tassazzjoni tas-servizzi diġitali u miżuri oħra reċenti

21. Jinnota b'dispaċir li l-valutazzjoni tal-impatt mhijiex komprensiva biżżejjed. Il-Kummissjoni ma analizzatx x'impatt se jkollha l-miżura interim fuq l-investimenti, in-negozji ġodda, l-impjiegi u t-tkabbir. Il-valutazzjoni tal-impatt lanqas ma ssemmi l-effetti li ser ikollhom dawk il-proposti fuq l-intrapriżi żgħar u medji jew fuq l-awtoritajiet lokali u reġjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-baġit;

22. għalhekk jistieden lill-Kummissjoni tikkompleta l-valutazzjoni tal-impatt, billi tinkludi analiżi tal-impatt li jista' jkollha l-miżura provviżorja f'dan ir-rigward. L-effetti fuq id-dħul finanzjarju tal-Istati Membri kbar u żgħar għandhom ukoll jiġu studjati, kif ukoll l-impatt tal-miżuri relatati mal-implimentazzjoni tal-BEPS f'diversi Stati Membri, kif ukoll tar-riforma fiskali tal-Istati Uniti.

Brussell, is-6 ta' Diċembru 2018.

Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni

Karl-Heinz LAMBERTZ

Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Pjan ta' Azzjoni: Il-Finanzjament tat-Tkabbir Sostenibbli

(2019/C 86/04)

Relatur:	Is-Sur GUNDLACK (DE/PSE), Membru tal-Parlament tal-Land ta' Mecklenburg-Vorpommern
Referenza(i):	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Pjan ta' Azzjoni: Il-Finanzjament tat-Tkabbir Sostenibbli COM(2018) 97 final Proposta għal Regolament dwar it-twaqqif ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investment sostenibbli COM(2018) 353 final Proposta għal Regolament dwar divulgazzjonijiet relatati ma' investimenti sostenibbli u riskji għas-sostenibbiltà COM(2018) 354 final Proposta għal Regolament dwar parametri referenzjarji b'livell baxx ta' karbonju u parametri referenzjarji b'livell ta' karbonju b'impatt pożittiv COM(2018) 355 final

I. RAKKOMANDEZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU EMENDI

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-twaqqif ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli

(COM(2018) 353 final)

Emenda 1

Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Jenħtieġ li klassifikazzjoni tal-Unjoni ta' attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli tippermetti l-iżvilupp ta' politiki futuri tal-Unjoni, inklużi standards mal-Unjoni kollha għal prodotti finanzjarji ambjentalment sostenibbli u eventwalment it-twaqqif ta' tikketti li formalment jirrikonoxxu l-konformità ma' dawk l-istandards madwar l-Unjoni. Rekwiżiti legali uniformi sabiex l-investimenti jitqiesu bħala investimenti ambjentalment sostenibbli, ibbażati fuq kriterji uniformi għal attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli, huma meħtieġa bħala referenza għal leġislazzjoni futura tal-Unjoni li għandha l-għan li tippermetti dawk l-investimenti.</p>	<p>Jenħtieġ li klassifikazzjoni tal-Unjoni ta' attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli tippermetti l-iżvilupp ta' politiki futuri tal-Unjoni, inklużi standards mal-Unjoni kollha għal prodotti finanzjarji ambjentalment sostenibbli u eventwalment it-twaqqif ta' tikketti li formalment jirrikonoxxu l-konformità ma' dawk l-istandards madwar l-Unjoni. Rekwiżiti legali uniformi sabiex l-investimenti jitqiesu bħala investimenti ambjentalment sostenibbli, ibbażati fuq kriterji uniformi għal attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli, huma meħtieġa bħala referenza għal leġislazzjoni futura tal-Unjoni li għandha l-għan li tippermetti dawk l-investimenti. <i>Ir-rekwiżiti legali uniformi għandhom, f'termini ta' rekwiżiti ta' diliġenza dovuta għall-investituri u l-kumpaniji fir-rigward tal-konformità mal-kriterji ta' sostenibbiltà, ikopru wkoll l-attivitajiet ekonomiċi transfruntiera u l-ktajjen ta' valur tagħhom, billi jsir sforz ħalli jiġu inkorporati fl-istandards attwali tal-OECD (il-Linji Gwida tal-OECD għal kumpaniji transnazzjonali).</i></p>

Raġuni

L-istandards futuri tas-sostenibbiltà fl-UE kollha jistgħu jiġu estiżi għal attivitajiet ekonomiċi transfruntiera u b'hekk isiru standards tal-OECD. B'dan il-metodu, ikunu jistgħu jiġu rreġistrati wkoll tranżazzjonijiet offshore, li ma jaqgħux b'mod espliċitu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli tal-UE.

Emenda 2

Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Jenħtieġ li dan ir-Regolament jiġi rieżaminat regolarment sabiex jivvaluta l-progress fuq l-iżvilupp ta' kriterji tekniċi ta' skrinjar għal attivitajiet ambjentalment sostenibbli, l-użu tad-definizzjoni ta' investment ambjentalment sostenibbli, u jekk il-konformità mal-obbligi tirrikjedix l-istabiliment ta' mekkaniżmu ta' verifika. Jenħtieġ li r-rieżami jinkludi wkoll valutazzjoni ta' jekk il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġx li jiġi estiż biex ikopri objettivi ta' sostenibbiltà soċjali.</p>	<p>Dan ir-Regolament se jiġi rieżaminat regolarment sabiex jivvaluta l-progress fuq l-iżvilupp ta' kriterji tekniċi ta' skrinjar għal attivitajiet ambjentalment sostenibbli, l-użu tad-definizzjoni ta' investment ambjentalment sostenibbli, u jekk il-konformità mal-obbligi tirrikjedix l-istabiliment ta' mekkaniżmu ta' verifika. L-ewwel rieżami sal-31 ta' Diċembru 2021 se jinkludi wkoll valutazzjoni tal-punt sa liema, u meta, il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jista' jiġi estiż biex ikopri objettivi relatati mal-aspetti soċjali tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli maħsuba li jsiru l-istrateġija l-ġdida tal-UE ta' żvilupp fit-tul.</p>

Raġuni

L-emenda għandha l-għan li tiżgura l-konsistenza mal-Klawsola ta' Rieżami stabbilita fl-Artikolu 17 tal-proposta tal-Kummissjoni

EMENDA 3

Artikolu 13

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Is-salvagwardji minimi msemmija fl-Artikolu 3(c) għandhom ikunu proċeduri implimentati mill-impriża li tkun qed twettaq attività ekonomika biex tiżgura li jiġu osservati l-prinċipji u d-drittijiet stabbiliti fit-tmien konvenzjonijiet fundamentali identifikati fid-dikjarazzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Fundamentali fuq il-Post tax-Xogħol, jiġifieri: id-dritt li ma jkunux soġġetti għal xogħol furzat, il-libertà ta' assoċjazzjoni, id-dritt għall-organizzazzjoni tal-ħaddiema, id-dritt ta' negozjar kollettiv, ir-remunerazzjoni ugwali għal ħaddiema rġiel u nisa għal xogħol ta' valur ugwali, in-nondiskriminazzjoni fl-opportunità u t-trattament fir-rigward tal-impjiegi u tal-professjoni, kif ukoll id-dritt li ma jkunux soġġetti għat-tħaddim tat-tfal.</p>	<p>Is-salvagwardji minimi msemmija fl-Artikolu 3(c) għandhom ikunu proċeduri implimentati mill-impriża li tkun qed twettaq attività ekonomika biex tiżgura li jiġu osservati l-prinċipji u d-drittijiet stabbiliti fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fit-tmien konvenzjonijiet fundamentali identifikati fid-dikjarazzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Fundamentali fuq il-Post tax-Xogħol, jiġifieri: id-dritt li ma jkunux soġġetti għal xogħol furzat, il-libertà ta' assoċjazzjoni, id-dritt għall-organizzazzjoni tal-ħaddiema, id-dritt ta' negozjar kollettiv, ir-remunerazzjoni ugwali għal ħaddiema rġiel u nisa għal xogħol ta' valur ugwali, in-nondiskriminazzjoni fl-opportunità u t-trattament fir-rigward tal-impjiegi u tal-professjoni, kif ukoll id-dritt li ma jkunux soġġetti għat-tħaddim tat-tfal.</p>

Raġuni

Aġġustament skont il-premessa 21 tal-proposta tal-Kummissjoni.

EMENDA 4

Artikolu 14

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p style="text-align: center;"><i>Rekwiżiti għal kriterji tekniċi ta' skrinjar</i></p> <p>(1) Il-kriterji tekniċi ta' skrinjar, adottati f'konformità mal-Artikoli 6(2), 7(2), 8(2), 9(2), 10(2) u 11(2), għandhom:</p> <p>(a) jidentifikaw l-aktar kontribuzzjonijiet potenzjali rilevanti għall-objettiv ambjentali partikolari, u jqisu mhux biss l-impatti fuq terminu qasir iżda anke l-impatti fuq terminu itwal ta' attività ekonomika speċifika;</p> <p>(b) jispeċifikaw ir-rekwiżiti minimi li jenħtieġ li jiġu ssodisfati biex tiġi evitata ħsara sinifikanti għal kwalunkwe waħda mill-objettivi ambjentali rilevanti;</p> <p>(c) ikunu kwalitattivi jew kwantitattivi, jew it-tnejn li huma, u jinkludu livelli limiti meta possibbli;</p> <p>(d) fejn xieraq, jibnu fuq l-iskemi ta' tikkettar u ċertifikazzjoni tal-Unjoni, fuq metodoloġiji tal-Unjoni għall-valutazzjoni tal-impronta ambjentali, u fuq is-sistemi ta' klassifikazzjoni statistika tal-Unjoni, u jqisu kull leġiżlazzjoni tal-Unjoni eżistenti rilevanti;</p> <p>(e) ikunu bbażati fuq evidenza xjentifika konklużiva u jqisu, meta rilevanti, l-prinċipju ta' prekawzjoni stabbilit fl-Artikolu 191 tat-TFUE;</p> <p>(f) iqisu l-impatti ambjentali tal-attività ekonomika nnifisha, kif ukoll il-prodotti u s-servizzi pprovduti minn dik l-attività ekonomika, speċjalment billi jitqiesu l-produttjoni, l-użu u t-tmiem tal-ħajja tagħhom;</p> <p>(g) iqisu n-natura u l-iskala tal-attività ekonomika;</p> <p>(h) iqisu l-impatt potenzjali fuq il-likwidità fis-suq, ir-riskju li ċerti assi ma jiġux irkuprati bħala riżultat li jintilef il-valur minħabba t-tranżizzjoni għal ekonomija aktar sostenibbli, kif ukoll ir-riskju li jinħolqu inċentivi inkonsistenti;</p> <p>(i) ikopru l-attivitajiet ekonomiċi rilevanti kollha f'settur speċifiku u jiżguraw li dawk l-attivitajiet kollha jkunu trattati b'mod ugwali lejn objettiv ambjentali wieħed jew aktar, biex tiġi evitata d-distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq;</p> <p>(j) ikunu stabbiliti biex jiffaċilitaw il-verifika ta' konformità ma' dawk il-kriterji kull fejn possibbli.</p>	<p style="text-align: center;"><i>Rekwiżiti għal kriterji tekniċi ta' skrinjar</i></p> <p>(1) Il-kriterji tekniċi ta' skrinjar, adottati f'konformità mal-Artikoli 6(2), 7(2), 8(2), 9(2), 10(2) u 11(2), għandhom:</p> <p>(a) jidentifikaw l-aktar kontribuzzjonijiet potenzjali rilevanti għall-objettiv ambjentali partikolari, u jqisu mhux biss l-impatti fuq terminu qasir iżda anke l-impatti fuq terminu itwal f'termini ta' sostenibbiltà ta' attività ekonomika speċifika;</p> <p>(b) jispeċifikaw ir-rekwiżiti minimi li jenħtieġ li jiġu ssodisfati biex tiġi evitata ħsara sinifikanti għal kwalunkwe waħda mill-objettivi ambjentali rilevanti;</p> <p>(c) ikunu kwalitattivi jew kwantitattivi, jew it-tnejn li huma, u jinkludu livelli limiti meta possibbli;</p> <p>(d) fejn xieraq, jibnu fuq l-iskemi ta' tikkettar u ċertifikazzjoni tal-Unjoni, fuq metodoloġiji tal-Unjoni għall-valutazzjoni tal-impronta ambjentali, u fuq is-sistemi ta' klassifikazzjoni statistika tal-Unjoni, u jqisu kull leġiżlazzjoni tal-Unjoni eżistenti rilevanti;</p> <p>(e) ikunu bbażati fuq evidenza xjentifika konklużiva u jqisu, meta rilevanti, l-prinċipju ta' prekawzjoni stabbilit fl-Artikolu 191 tat-TFUE;</p> <p>(f) iqisu l-impatti ambjentali tal-attività ekonomika nnifisha, kif ukoll il-prodotti u s-servizzi pprovduti minn dik l-attività ekonomika, speċjalment billi jitqiesu l-produttjoni, l-użu u t-tmiem tal-ħajja tagħhom;</p> <p>(g) iqisu n-natura u l-iskala tal-attività ekonomika;</p> <p>(h) ikopru l-attivitajiet ekonomiċi rilevanti kollha f'settur speċifiku u jiżguraw li dawk l-attivitajiet kollha jkunu trattati b'mod ugwali lejn objettiv ambjentali wieħed jew aktar, biex tiġi evitata d-distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq;</p> <p>(i) ikunu stabbiliti biex jiffaċilitaw il-verifika ta' konformità ma' dawk il-kriterji kull fejn possibbli.</p>

Raġuni

- (i) Il-proposta tal-Kummissjoni ma tispesifikax it-tip ta' impatt li qiegħda tanalizza.
- (ii) L-ittra (h) għandha titħassar, peress li l-kunċett ta' sostenibbiltà ambjentali ma jkoprix il-kunċett tal-likwidità tas-suq.

Emenda 5

Artikolu 15

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<i>Pjattaforma dwar Finanzi Sostenibbli</i>	<i>Pjattaforma dwar Finanzi Sostenibbli</i>
(1) Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi Pjattaforma dwar il-finanzi sostenibbli magħmula minn:	(1) Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi Pjattaforma dwar il-finanzi sostenibbli magħmula minn:
(a) rappreżentanti ta':	(a) rappreżentanti ta':
(i) l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent;	(i) l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent;
(ii) l-Awtorità Superviżorja Ewropea;	(ii) l-Awtorità Superviżorja Ewropea;
(iii) il-Bank Ewropew tal-Investment u l-Fond Ewropew tal-Investment;	(iii) il-Bank Ewropew tal-Investment u l-Fond Ewropew tal-Investment;
	(iv) il-pjattaforma tad-diversi partijiet interessati għall-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tal-UE;
(b) esperti li jirrappreżentaw partijiet ikkonċernati privati rilevanti;	(b) esperti li jirrappreżentaw partijiet ikkonċernati privati rilevanti;
(c) esperti maħtura f'kapaċità personali, b'għarfien u esperjenza ppruvati fl-oqsma koperti minn dan ir-Regolament.	(c) esperti maħtura f'kapaċità personali, b'għarfien u esperjenza ppruvati fl-oqsma koperti minn dan ir-Regolament.

Emenda 6

Artikolu 17(1)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Sal-31 ta' Diċembru 2021 u sussegwentement kull tliet snin wara, il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dak ir-rapport għandu jevalwa:	Sal-31 ta' Diċembru 2021 u sussegwentement kull tliet snin wara, il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dak ir-rapport għandu jevalwa:
(a) il-progress dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-iżvilupp tal-kriterji tekniċi ta' skrinjar għal attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli;	(a) il-progress dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-iżvilupp tal-kriterji tekniċi ta' skrinjar għal attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli;

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>(b) il-ħtieġa possibbli li jiġu riveduti l-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament biex titqies attività ekonomika ambjentalment sostenibbli;</p> <p>(c) <i>l-adeqwatezza li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament biex ikopri objettivi oħrajn dwar is-sostenibbiltà, b'mod partikolari objettivi soċjali;</i></p> <p>(d) l-użu tad-definizzjoni ta' investiment ambjentalment sostenibbli fid-dritt tal-Unjoni, u fil-livell tal-Istat Membru, inkluża l-adeqwatezza tat-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' verifika tal-konformità mal-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament.</p>	<p>(b) il-ħtieġa possibbli li jiġu riveduti l-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament biex titqies attività ekonomika ambjentalment sostenibbli;</p> <p>(c) l-użu tad-definizzjoni ta' investiment ambjentalment sostenibbli fid-dritt tal-Unjoni, u fil-livell tal-Istat Membru, inkluża l-adeqwatezza tat-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' verifika tal-konformità mal-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament;</p> <p>(d) <i>Sal-31 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni għandha tressaq proposta biex testendi l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament biex ikopri l-objettivi soċjali tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.</i></p>

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar divulgazzjonijiet relatati ma' investimenti sostenibbli u riskji għas-sostenibbiltà u li jemenda d-Direttiva (UE) 2016/2341

(COM(2018) 354 final)

Emenda 7

Premessa ġdida wara Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	<p><i>L-inkorporazzjoni ta' fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-investiment, tista' twassal benefiċċji lil hinn mis-swieq finanzjarji. Għalhekk huwa essenzjali li l-parteċipanti fis-swieq finanzjarji jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa biex jippermettu l-komparabbiltà tal-investimenti u deċiżjonijiet ta' investimenti infurmati. Barra minn hekk, sabiex jissodisfaw l-obbligi ta' diliġenza dovuta dwar l-impatt u r-riskji għas-sostenibbiltà u sabiex jipprovdu informazzjoni sinifikanti lill-investituri aħħarin, il-parteċipanti fis-swieq finanzjarji jeħtieġu divulgazzjoni affidabbli, komparabbli u armonizzata ta' informazzjoni mill-kumpaniji li jkun sar investiment fihom. Dan il-proċess jista' jirnexxi biss fejn jiddaħħlu fis-seħħ definizzjonijiet miftiehma legalment.</i></p>

Emenda 8

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Biex tiġi żgurata applikazzjoni koerenti ta' dan ir-Regolament u li l-obbligi ta' divulgazzjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament jiġu applikati b'mod ċar u konsistenti mill-parteċipanti fis-swieq finanzjarji, huwa meħtieġ li tiġi stabbilita definizzjoni armonizzata ta' "investimenti sostenibbli".</p>	<p>Biex tiġi żgurata applikazzjoni koerenti ta' dan ir-Regolament u li l-obbligi ta' divulgazzjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament jiġu applikati b'mod ċar u konsistenti mill-parteċipanti fis-swieq finanzjarji, huwa meħtieġ li tiġi stabbilita definizzjoni ċara u armonizzata ta' "investimenti sostenibbli", u "riskji għas-sostenibbiltà", u b'hekk tiġi evitata kwalunkwe sovrappożizzjoni fir-Regolament fejn ma jkunx f'konformità mal-prinċipji ta' regolamentazzjoni u proporzjonalità aħjar. Id-definizzjoni ta' investimenti sostenibbli tiżgura livell minimu ta' konsistenza fost il-prodotti u s-servizzi finanzjarji u tiżgura wkoll li dawn l-investimenti għandhom impatt nett pożittiv f'termini ta' prestazzjoni tas-sostenibbiltà. Minħabba n-natura multidimensjonali tas-sostenibbiltà – fis-sens tattliet dimensjonijiet ta' sostenibbiltà ambjentali, soċjali u ta' governanza – l-impatti pożittivi f'dimensjoni waħda mhux dejjem jistgħu jkunu akkumpanjati minn impatti pożittivi f'oħra, iżda l-prestazzjoni tas-sostenibbiltà netta, kif imkejla minn indikaturi tas-sostenibbiltà armonizzati, trid dejjem tkun konsiderevolment pożittiva. Id-definizzjoni tar-riskji għas-sostenibbiltà hija meħtieġa biex tiġi żgurata l-konsistenza fl-eżiti regolatorji, iżda hija maħsuba wkoll bħal għodda li qed tevolve u dinamika biex jiġu integrati r-riskji emerġenti. Id-definizzjoni tinkludi l-impatt finanzjarju u mhux finanzjarju tan-nuqqas ta' konsiderazzjoni tar-riskji ambjentali, soċjali u ta' governanza. Il-prestazzjoni tas-sostenibbiltà għandha titkejjel abbażi ta' indikaturi tas-sostenibbiltà armonizzati li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni Ewropea bħala materja ta' urġenza u bl-użu tal-impriżi Ewropej u internazzjonali eżistenti.</p>

Emenda 9

Artikolu 2

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p><i>Definizzjonijiet</i></p> <p>Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:</p> <p>(...)</p> <p>(s) "parir dwar l-assigurazzjoni" tfisser parir kif definit fl-Artikolu 2(1)(15) tad-Direttiva (UE) 2016/97.</p>	<p><i>Definizzjonijiet</i></p> <p>Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:</p> <p>(...)</p> <p>(s) "parir dwar l-assigurazzjoni" tfisser parir kif definit fl-Artikolu 2(1)(15) tad-Direttiva (UE) 2016/97;</p>

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	<p>(t) <i>“riskji għas-sostenibbiltà” tfixx ir-riskji finanzjarji jew mhux finanzjarji, materjali jew li aktarx iseħħu, marbuta ma’ riskji u fatturi ambjentali, soċjali u ta’ governanza, fejn materjali għal approċċ ta’ investiment partikolari; “ir-riskji għas-sostenibbiltà” jinkludu:</i></p> <p>(i) <i>riskji għal żmien qasir u/jew twil għar-ritorn ta’ prodott finanzjarju jew tal-pensjoni li jinħolqu mill-espożizzjoni tiegħu għall-attivitajiet ekonomiċi li jista’ jkollhom impatt ambjentali jew soċjali negattiv, jew mill-espożizzjoni tal-prodott għall-entitajiet li jsir investiment fihom li juru governanza ħażina;</i></p> <p>(ii) <i>ir-riskju għal żmien qasir u/jew twil li l-attivitajiet ekonomiċi li huwa espost għalihom prodott finanzjarju jew ta’ pensjoni għandhom impatti negattivi fuq l-ambjent naturali, fuq il-forzi tax-xogħol u l-komunitajiet, jew fuq il-governanza tal-entitajiet li jsir investiment fihom, inkluż iżda mhux limitat għal meta marbuta ma’ riskju finanzjarju msemmi fil-punt (i).</i></p>

II. RAKKOMANDEZZJONIJIET TA’ POLITIKA

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

1. huwa tal-fehma, li finanzi⁽¹⁾ sostenibbli jikkontribwixxu sabiex jitqiesu l-kunsiderazzjonijiet ambjentali fid-deċizzjonijiet tal-investiment (tibdil fil-klima, id-degradazzjoni ambjentali, it-telf tal-bijodiversità u t-tnaqqis tar-riżorsi) flimkien ma’ konsiderazzjonijiet soċjali (eż. kundizzjonijiet ħżiena tax-xogħol) u kwistjonijiet ta’ governanza korporattiva (l-hekk imsejħa fatturi ta’ governanza);
2. jtenni l-impenn tiegħu fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u favur l-iżvilupp sostenibbli fi ħdan l-Aġenda tan-NU adottata fl-2015 bis-17-il Għan ta’ Żvilupp Sostenibbli tagħha (SDGs);
3. iqis li jkun utli li jiġu kkunsidrati l-indikaturi sintetiċi ta’ żvilupp fl-Ewropa li jinkludu biżżejjed aspetti differenti marbutin ma’ dan l-iżvilupp, bħas-sostenibbiltà. L-Indiċi tal-Progress Soċjali Reġjonali, li d-Direttorat Ġenerali tal-Politika Reġjonali u Urbana tal-Kummissjoni Ewropea diġà qed jiżviluppa għar-reġjuni Ewropej kollha, jista’ jintuża bħala l-punt ta’ tluq;
4. jenfassizza t-twemmin tiegħu li huma meħtieġa investimenti sostanzjali biex jiġu mirbuħa l-isfidi tat-tibdil fil-klima u l-iżvilupp sostenibbli, u li dan ma jstax jitwettaq biss b’fondi pubbliċi⁽²⁾;
5. huwa konxju tal-fatt li t-tibdil fil-klima jkompli jżid mal-kwistjoni ta’ kapitalizzazzjoni tal-banek u l-istabbiltà finanzjarja insuffiċjenti, billi joħloq riskji fiżiċi u tranżitorji ġodda addizzjonali għas-settur finanzjarju;
6. jilqa’ għalhekk b’sodisfazzjon il-“Pjan ta’ Azzjoni: Il-Finanzjament tat-Tkabbir Sostenibbli” tal-Kummissjoni tat-8 ta’ Marzu 2018 u jaqbel mal-għanijiet stabbiliti hemmhekk u max-xewqa li s-settur finanzjarju u investituri privati jkollhom is-setgħa li jagħtu l-kontribut tagħhom fil-kisba tal-għanijiet komuni u ambizzjużi ta’ sostenibbiltà u tal-klima;

⁽¹⁾ Il-kunċett ta’ sostenibbiltà, skont il-Kummissjoni Bruntland, jista’ jiġi definit bħala “żvilupp li jissodisfa l-ħtiġijiet tal-preżent mingħajr ma tiġi compromessa l-kapaċità tal-ġenerazzjonijiet futuri.” Is-sostenibbiltà fil-kuntest tat-tkabbir sostenibbli fl-Unjoni Ewropea hija l-prinċipju gwida ġenerali li jorbot flimkien l-ekoloġija, l-ekonomija u r-responsabbiltà soċjali.

⁽²⁾ Opinjoni tal-KtR, dwar Il-finanzjament tal-azzjoni klimatika: għodda essenzjali għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta’ Pariġi, COR-2017-02108.

7. jistieden lill-Kummissjoni, biex waqt l-eżaminazzjoni ta' jekk ir-riskji marbuta mal-klima u fatturi ambjentali oħra jistgħu jiġu inklużi fl-istrategġi għall-immaniġġjar tar-riskji tal-istituzzjonijiet u fil-kalibrar potenzjali tar-rekwiżiti ta' kapital tal-banek bħala parti mir-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (CRR) u d-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (CRD), tassigura li – taħt kunsiderazzjoni tal-kriterji objettivi għall-eżaminazzjoni – m'għandux ikun hemm rekwiżiti ta' kapital aktar baxxi, meta veru li r-riskju għas-sostenibbiltà ambjentali jew dak marbut mar-responsabbiltà soċjali jkun baxx imma r-riskju ekonomiku mbagħad ikun għoli;
8. jappella lill-Kummissjoni, biex tiċċara kif l-objettivi tal-Pjan ta' Azzjoni jistgħu jiġu bbilanċjati, minkejja li dawn sa ċertu punt jinsabu f'kunflitt, filwaqt li tkun ippreservata l-istabbiltà finanzjarja; jindika li l-appoġġ ta' finanzjament sostenibbli ma jistax iseħħ għad-detriment tal-istabbiltà tas-suq finanzjarju;
9. jemmen li dan il-Pjan ta' Azzjoni u l-implimentazzjoni tiegħu għandhom jitqiesu fil-kuntest tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-NU, li kienu stabbiliti min-Nazzjonijiet Uniti fl-2015 b'ħarsa lejn l-2030, kif ukoll ir-rieda li ddikjarat l-UE, sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet;
10. Jindika, f'dan ir-rigward, li l-KtR huwa attiv fil-pjattaforma tad-diversi partijiet interessati ta' livell għoli, li fiha l-Kummissjoni tingħata pariri u appoġġ dwar il-kwistjoni ta' kif l-aħjar jiġu implimentati l-objettivi ta' sostenibbiltà fl-UE; u jindika li permezz tar-rakkomandazzjonijiet tal-pjattaforma jgħid li biċ-ċar kemm hi importanti l-mobilizzazzjoni ta' mezzi adegwati biex jintlaħqu l-objettivi ta' sostenibbiltà, u li dawn ir-rakkomandazzjonijiet jinkludu suġġerimenti konkreti;
11. jinsab imħasseb dwar il-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima fl-UE u globalment, u jfakkar li l-awtoritajiet lokali u reġjonali ħafna drabi jkunu minn ta' quddiem nett sabiex itaffu l-ħsara kkawżata minn fenomeni naturali li qed isiru dejjem aktar estremi u sabiex jinvestu f'miżuri ta' adattament⁽³⁾;
12. jenfasizza li l-effetti⁽⁴⁾ ta' diżastri naturali kkawżati mill-klima jinwassu direttament fl-awtoritajiet lokali u reġjonali u li dawn igawdu wkoll mis-salvagwardja fuq terminu twil tal-kompetittività tal-ekonomija tal-UE u mill-opportunitajiet ġodda iktar sostenibbli ta' investment u ta' impjieg;
13. jenfasizza li l-awtoritajiet lokali u reġjonali huma responsabbli mill-parti l-kbira tal-investment fl-infrastruttura tat-trasport, t-telekommunikazzjoni, l-enerġija, l-ilma u l-immaniġjar tal-iskart, li huma importanti għal żvilupp sostenibbli usa'; fid-dawl ta' dan jenfasizza li l-LRAs qegħdin jaqdu rwol ewlieni fil-bini ta' reżiljenza għal avvenimenti naturali negattivi komuni relatati mal-klima li dejjem qed jiżdiedu;
14. jappoġġja l-prattika tal-Kummissjoni li qed issaħħa l-appoġġ tekniku u finanzjarju għall-proġetti sostenibbli bħala parti mill-Pjan ta' Investment għall-Ewropa permezz tal-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi (EFSI) u ċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti, u l-Portal tal-UE ta' Konsulenza għall-Investimenti, li mill-kapaċitajiet ta' konsulenza tiegħu se jgawdu l-awtoritajiet lokali u reġjonali; jilqa' wkoll il-promozzjoni parallela ta' investimenti sostenibbli fil-pajjiżi msieħba permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD), li jibda mill-Afrika u l-pajjiżi ġirien tal-UE fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Investment Estern (EIP), li permezz tiegħu jiġu ffinanzjati l-agrikultura sostenibbli, il-konnettività u l-ħolqien ta' impjieg deċenti;
15. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li hemm rabta bejn l-edukazzjoni u l-istandards tal-għajxien taċ-ċittadini tal-UE u l-għarfien tagħhom dwar il-ħtieġa ta' sistema finanzjarja sostenibbli u l-opportunitajiet tagħha, kif ukoll l-abbiltà tagħhom li jipparteċipaw fiha billi jagħmlu l-investimenti tagħhom stess fi prodotti finanzjarji sostenibbli; Fi kwalunkwe każ, l-Ewropej għandhom jiġu pprovduti b'informazzjoni aħjar dwar it-tkabbir sostenibbli biex ikunu aktar konxji dwar l-aspetti varji tiegħu;
16. huwa tal-fehma li l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għandha tippromovi aktar għanijiet fit-tul tal-attivitajiet ekonomiċi, filwaqt li jitqiesu l-konsegwenzi soċjali potenzjali tal-attività ekonomika fl-Ewropa u globalment;

⁽³⁾ Opinjoni tal-KtR, dwar Il-finanzjament tal-azzjoni klimatika: għodda essenzjali għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi, COR-2017-02108.

⁽⁴⁾ Il-pjan ta' azzjoni inkwistjoni juri li bejn l-2007 u l-2016, l-okkorrenza annwali ta' diżastri naturali relatati mat-temp żdiedet b'46 %, u t-telf ekonomiku kkawżat minn dawn l-avvenimenti żdied b'86 % (li ammonta għal EUR 117 biljun fl-2016).

17. jitlob, għaldaqstant, lill-Kummissjoni biex tkompli tfittex li tillimita li s-swieq finanzjarji joperaw bil-ħsieb fuq terminu qasir tipiku tagħhom, u jirrimarka li dan tal-aħħar jidher fil-biċċa l-kbira li jkollu impatt negattiv fuq it-tmexxija u l-istrateġija ta' kemm kumpaniji elenkati kbar kif ukoll dawk iżgħar;

18. huwa favur li dan il-Pjan ta' Azzjoni bl-ewwel tliet proposti leġislattivi, li ġew ippubblikati fl-24 ta' Mejju 2018, tmexxa l-quddiem malajr: il-proposta għal Regolament dwar it-twaqqif ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investment sostenibbli, il-proposta għal Regolament dwar divulgazzjonijiet relatati ma' investimenti sostenibbli u riskji għas-sostenibbiltà, u l-proposta għal Regolament dwar parametri referenzjarji b'livell baxxa' karbonju u parametri referenzjarji b'livell ta' karbonju b'impatt pożittiv; kif ukoll it-tnejdja ta' konsultazzjoni pubblika dwar l-integrazzjoni tas-sostenibbiltà fit-testijiet ta' adegwatezza;

19. jenfasizza li l-SMEs u l-intrapriżi tal-familja għandhom relazzjoni aktar diretta mal-impatt ambjentali u soċjali tan-negozju tagħhom u atteġġjament intrinsikament differenti fejn jidħlu aspetti tas-sostenibbiltà u l-governanza tiegħu; jinnota, madankollu, li sikwit iħabbtu wiċċhom ma' spiża ogħla tal-kapital u aktar diffikultajiet biex jaċċessaw is-swieq finanzjarji;

20. jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta mill-aktar fis possibbli proposti biex jiġu implimentati l-bqija tal-oġettivi tal-Pjan ta' Azzjoni;

21. jiddispjaċih li l-Kummissjoni fil-Pjan ta' Azzjoni tagħha – li fih jingħad li l-unika fond tal-investment previst fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali l-ġdid jista' jipprovdi biss dawn il-fondi – ma segwietx ir-rakkomandazzjoni tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar it-twaqqif ta' "Infrastruttura Sostenibbli għall-Ewropa", li tista' sservi bħala appoġġ għall-iżvilupp ta' proġetti ta' infrastruttura sostenibbli fl-Istati Membri kollha, proġetti li jistgħu jkunu ta' valur speċjalment għall-awtoritajiet reġjonali u lokali;

22. jenfasizza li xi awtoritajiet reġjonali u lokali joħorġu huma stess prodotti finanzjarji sostenibbli bħal bonds ekoloġiċi lokali jew reġjonali kif ukoll bonds soċjali u sostenibbli; Huwa importanti li jkunu appoġġjati dawn l-inizjattivi, kemm billi jiġu żviluppati prattiki komuni għal bonds kif ukoll billi tissaħħa l-istabbiltà finanzjarja tal-emittenti permezz tal-kooperazzjoni, pereżempju bl-użu ta' garanziji konġunti u simili;

23. jirrimarka l-eżempju tal-Pajjiż Bask, li riċentament introduċa "Qafas għal bonds sostenibbli"⁽⁵⁾, fejn il-qligħ mill-bejgħ tal-bonds jista' jintuża biex jiġu ffinanzjati djar bi prezzijiet affordabbli, l-aċċess għall-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa, proġetti li jipromovu l-użu ta' enerġiji rinnovabbli, il-prevenzjoni tat-tniġġis u ħafna investimenti sostenibbli oħrajn f'oqsma varji stabbiliti mill-qafas. Eżempju tajjeb ieħor huwa l-emittenti tas-settur pubbliku Nordiku ta' bonds ekoloġiċi, li fl-2017 ippubblikaw qafas ta' rappurtar konġunt li ntlaga b'mod pożittiv fis-suq⁽⁶⁾;

24. isaħha l-appoġġ tiegħu għall-introduzzjoni ta' Taxxa fuq it-Tranżazzjonijiet Finanzjarji (TTF) fuq bażi wiesgħa fl-UE⁽⁷⁾; jenfasizza li din it-taxxa, jekk imfassla kif suppost, tista' tippromovi l-kultura favur pjaniet fuq terminu twil fis-swieq finanzjarji;

25. jenfasizza, li TTF – fost vantaġġi oħrajn – tkun tista' toffri wkoll il-possibbiltà, li tmexxi flussi kapitali f'investimenti sostenibbli; dan jista' jseħħ billi tranżazzjonijiet dovuti lill-iktar investimenti sostenibbli jiġu eżentati mit-taxxa fuq it-transazzjonijiet jew intaxxati b'inqas skont il-qafas tal-UE biex jiġi ffaċilitat l-investment sostenibbli;

26. jilqa' l-fatt li skont il-Qafas Finanzjarju Pluriennali l-ġdid (QFP) huwa propost ukoll li l-Programm InvestEU tal-Kummissjoni tas-6 ta' Ġunju 2018, jimmira wkoll li jagħti kontribut għall-bini ta' sistema finanzjarja sostenibbli fl-UE, u għall-promozzjoni ta' riorjentazzjoni ta' kapital privat lejn investimenti sostenibbli, fejn madwar 30 % tal-garanzija baġitarja proposta tal-InvestEU ta' EUR 38 biljun, jiġu ddestinati għall-infrastruttura sostenibbli;

⁽⁵⁾ http://www.euskadi.eus/contenidos/informacion/7071/es_2333/Basque%20Government%20Sustainability%20Bond%20Framework_2018.pdf (Mhux disponibbli bil-Malti)

⁽⁶⁾ Nordic Public Sector Issuers: Position Paper on Green Bonds Impact Reporting (Emittenti tas-settur pubbliku Nordiku: Opinjoni dwar l-Impatt tal-Bonds Ekoloġiċi); <https://www.munifin.fi/recents/news/2017/10/24/nordic-issuers-release-guide-on-green-bonds-impact-reporting> (Mhux disponibbli bil-Malti)

⁽⁷⁾ Ara l-Opinjoni tal-KtR ta' Frar 2012 dwar Sistema Komuni għal Taxxa Fuq it-Tranżazzjonijiet Finanzjarji. CdR 332/2011 fin (ĠU C 113, 18.4.2012, p. 7).

27. jilqa' b'sodisfazzjon ukoll il-fatt li l-proposta tal-Kummissjoni tippredvi li l-kontribuzzjoni ta' InvestEU għall-oġġettivi tal-UE dwar il-klima se tkun soġġetta għall-prova tas-sostenibbiltà skont il-linji gwida dwar l-investiment li jenħtieġ li jkunu żviluppati mill-Kummissjoni f'kooperazzjoni mal-imsieħba li jimplementaw taħt il-Programm InvestEU u l-użu tal-kriterji, li għandhom jiġu stabbiliti skont ir-Regolament propost li jistabbilixxi qafas għall-faċilitazzjoni ta' investimenti sostenibbli;

28. peress li l-SMEs huma l-entitajiet li jiffaċċjaw l-aktar diffikultajiet biex ibiddu l-attività ekonomika tagħhom u jagħmluha aktar sostenibbli, iqis li t-tieqa ta' politika tal-SMEs tal-programm InvestEU għandha tinkludi inċentivi b'saħħithom biex tiġi appoġġjata din il-bidla;

29. jenfasizza, li l-iżvilupp sostenibbli fis-swieq finanzjarji u lil hinn jeħtieġ, li fl-ispettru sħiħ tal-attivitàjiet ekonomiċi jkun hemm l-inċentivi adegwati; jsostni li suq effiċjenti regolat tal-permessi ta' emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra fir-rigward tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS) jista' jkollu rwol deċiżiv fil-ħolqien tal-inċentivi adegwati għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, sakemm dawn flimkien ma' politika ambizzjuża jiġu tradotti fl-oqasma tal-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli; jiddispijaċi għalhekk dwar ir-riżultati diżappuntanti tal-ETS fil-forma attwali tiegħu bil-prezzijiet tal-permessi ta' emissjonijiet li qed ikomplu jkunu baxxi wisq; jindika l-appell tiegħu li sehem minimu tal-qligħ mill-irkant tal-ETS għandu jiġi amministrat direttament mill-awtoritajiet lokali u reġjonali u użat għal investimenti fit-tisħiħ tar-reżistenza lokali⁽⁸⁾;

30. jinkoraġġixxi, barra minn hekk, li l-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri u LRAs jindirizzaw bis-sħiħ l-iżvilupp sostenibbli, u biex jiġi żgurat li l-UE tkun attur ewlieni f'dan il-qasam fil-livell internazzjonali, għandhom jiġu sfruttati bis-sħiħ l-oportunitajiet ta' innovazzjoni u żvilupp relatati mat-tranżizzjoni gradwali lejn mudell ekonomiku u finanzjarju ġdid;

Il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar it-twaqqif ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli

31. jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament li jistabbilixxi qafas biex jiffaċilita l-investimenti sostenibbli, li jippermetti l-iżvilupp ta' qafas ikkoordinat fuq il-livell tal-UE sabiex tiġi evalwata s-sostenibbiltà, u li hija prekondizzjoni biex jintlaħqu ħafna mill-miri konkreti tal-Kummissjoni skont il-Pjan ta' Azzjoni tagħha. B'segwitu għar-Regolament propost, il-KtR iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex taħdem fuq l-iżvilupp ta' "Ekotikketta" tal-UE għal prodotti finanzjarji sostenibbli;

32. jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni, espressa fil-Pjan ta' Azzjoni, biex fl-2019 tressaq proposti għal "Bonds Ekoloġiċi tal-UE", abbażi tal-kriterji stabbiliti f'dan ir-"regolament qafas" peress li tali standard iqajjem kuxjenza u jsaħħaħ il-fiduċja tal-investituri u b'hekk jiġi stabbilit suq wiesa' u likwidu għal investimenti sostenibbli;

33. jiddispijaċi, madankollu, li hemm enfasi unilaterali fuq aspetti ambjentali tas-sostenibbiltà fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni, speċjalment fil-"proposta qafas", jisħaq li kwistjonijiet soċjali huma parti mis-sostenibbiltà bħalma huma l-aspetti ambjentali u li l-kwistjonijiet ta' governanza huma relevanti wkoll fuq l-istess livell, speċjalment fir-rigward tal-investimenti;

34. jiffavorixxi implimentazzjoni f'waqtha u għalhekk jistieden lill-Kummissjoni biex tipprovdi, malajr kemm jista' jkun u sa mhux aktar tard mill-ewwel rapport dwar l-applikazzjoni tar-Regolament dwar qafas li jiffaċilita l-investiment sostenibbli, informazzjoni dwar meta u kif qed tipproponi l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-inklużjoni ta' definizzjonijiet u kriterji, li permezz tagħhom l-investituri jkunu jistgħu jaraw jekk attività ekonomika hijiex sostenibbli skont l-oġġettivi kollha tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli;

35. jistieden lill-Kummissjoni biex tirrapporta wkoll dwar x'għamlet biex l-approċċi lejn ġestjoni sostenibbli tas-sistema finanzjarja jsiru standards tal-OECD;

36. jitlob l-introduzzjoni ta' obbligi legalment vinkolanti ta' diliġenza dovuta għall-investituri u l-kumpaniji biex jiġu rrispettati d-drittijiet tal-bniedem, dan għandu jkun validu wkoll għal attivitàjiet ta' kumpaniji kbar f'pajjiż ieħor u l-ktajjen ta' valur tagħhom;

⁽⁸⁾ Opinjoni tal-KtR, dwar Il-finanzjament tal-azzjoni klimatika: għodda essenzjali għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi, COR-2017-02108.

37. jikkondividi (stipulat fil-premessa 36) il-fehma tal-Kummissjoni li hemm il-valur miżjud Ewropew fl-introduzzjoni fuq livell Ewropew ta' sistema komuni ta' klassifikazzjoni fl-UE kollha għall-kriterji tad-definizzjoni li għal skopijiet ta' investiment jidhru sostenibbli, u b'hekk ikunu jaqblu mal-impenji u għanijiet ambjentali u klimatiċi tal-UE filwaqt li tiġi evitata spiża kbira ta' frammentazzjoni tas-suq. Ir-Regolament propost għalhekk huwa konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TUE;

38. jinnota li l-proposta għal Regolament hija kompatibbli mal-prinċipju ta' proporzjonalità;

Proposta dwar divulgazzjonijiet relatati ma' investimenti sostenibbli u riskji għas-sostenibbiltà

39. jagħraf l-importanza tar-rispett għall-prinċipju ta' proporzjonalità u għall-istabbiliment ta' qafas regolatorju – li jiffoka fuq għanijiet sostenibbli – għat-trasparenza u d-divulgazzjoni fil-kuntest tal-kunsiderazzjoni tal-interessi tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, li għandhom importanza partikolari għan-negozji lokali u l-awtoritajiet lokali u reġjonali, u importanti immens għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju bħal banek ta' tfaddil u kooperattivi, u jenfasizza li dan kollu għandu jiġi kkunsidrat;

40. jagħraf li l-proposta tiżgura l-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità;

Parametri referenzjarji b'livell baxx ta' karbonju u b'livell ta' karbonju b'impatt pożittiv

41. huwa tal-opinjoni li l-proposta tikkonforma mal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità.

Brussell, il-5 ta' Diċembru 2018.

Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni
Karl-Heinz LAMBERTZ

Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Mudelli ta' sjieda tal-enerġija lokali u r-rwol tal-komunitajiet tal-enerġija lokali fit-tranżizzjoni enerġetika fl-Ewropa

(2019/C 86/05)

Relatur: Mariana GÂJU (RO/PSE), sindku ta' Cumpăna fil-kontea ta' Constanța

Dokument ta' referenza: Ittra ta' konsultazzjoni mill-Presidenza Awstrijaka

RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

Sejbiet ewlenin

1. jirrikonoxxi li s-settur tal-enerġija jaqdi rwol essenzjali fl-iżvilupp ekonomiku u soċjali u li l-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini, it-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività tal-ekonomija nazzjonali jirrikjedu enerġija bi prezzijiet affordabbli u b'impatt minimu fuq l-ambjent;
2. jafferma mill-ġdid li l-enerġija hija fattur importanti fl-ekonomija tal-komunitajiet lokali, peress li tagħmel parti mill-ispejjeż ta' produzzjoni tal-industrija u tas-servizzi fil-livell lokali, u peress li hija riflessa fil-kapaċità tal-akkwist tal-unitajiet domestiċi billi l-forniment ta' servizz tal-enerġija jfisser li jiġu koperti l-ħtiġijiet bażiċi bħat-tisħin, l-ilma sħun, l-arja kkundizzjonata, it-tħejjija u l-konservazzjoni tal-ikel, l-aċċess għall-informazzjoni;
3. jinnota li l-inizjattivi komunitarji bbażati fuq soluzzjonijiet kollaborattivi lokali jistgħu jinħolqu minn individwi jew gruppi ta' individwi, intrapriżi żgħar, awtoritajiet lokali jew unitajiet domestiċi, li jaġixxu għal rashom jew bħala parti minn grupp ikkoordinat; komunitajiet tal-enerġija lokali jistgħu jaqdu rwol importanti fit-tranżizzjoni tal-enerġija u jħeġġu l-iżvilupp ta' teknoloġiji sostenibbli tal-enerġija, li huma ta' benefiċċju għall-komunitajiet lokali u l-Unjoni Ewropea kollha kemm hi;
4. jinnota li t-tranżizzjoni lejn kustodja (anke parzjali) tas-sistemi tal-enerġija min-naħa ta' entitajiet reġjonali u amministrattivi sseħħ biss permezz tal-muniċipalizzazzjoni mill-ġdid, id-deċentralizzazzjoni tas-servizzi jew il-governanza parteċipattiva fil-forma ta' sħubijiet jew kooperattivi tal-enerġija li jagħtu prova tal-valur tagħhom billi jippromovu inizjattivi pubbliċi fil-qasam tal-enerġija;
5. jinnota li l-istruttura organizzattiva tal-inizjattivi tal-enerġija komunitarji tista' tieħu, fost l-oħrajn, il-forma ta' sħubijiet mal-awtoritajiet lokali (inklużi sħubijiet pubbliċi-privati, jew PPPs), kooperattivi, fondazzjonijiet komunitarji, kumpaniji b'responsabbiltà limitata, kumpaniji mingħajr skop ta' qligħ immexxija mill-utenti tagħhom, assoċjazzjonijiet tas-sidien ta' proprjetà jew proprjetà muniċipali;
6. jirrimarka li komunitajiet tal-enerġija lokali jistgħu jikkostitwixxu mezz effiċjenti ta' ġestjoni tal-enerġija fil-livell komunitarju permezz tal-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-konsum tal-enerġija elettrika, jew it-tisħin u t-tkessiħ ċentralizzati, b'konnessjoni għas-sistemi ta' distribuzzjoni lokali jew mingħajrha;
7. huwa tal-fehma li l-komunitajiet tal-enerġija jistgħu jaġixxu bħala xprun biex iċ-ċittadini jiġu involuti fil-proċess tat-tranżizzjoni tal-enerġija u, għaldaqstant, fl-ekonomija sostenibbli, u jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji tal-enerġija sostenibbli, bil-benefiċċji li dan iġib miegħu għall-komunitajiet lokali u s-sjieda tar-responsabbiltà tal-marka tal-karbonju;
8. ifakkar għal darb' oħra li s-sjieda tal-enerġija fil-livell lokali hija parti minn impenn politiku favur it-tranżizzjoni tal-enerġija, b'sistema ta' politiki speċifiċi għall-iżvilupp ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fil-livelli kollha ta' governanza;

9. jilqa' li qafas regolatorju biex jirregola l-istabbiliment u l-funzjonament ta' komunitajiet tal-enerġija lokali u l-aċċess tagħhom għas-suq tal-enerġija qed jibda jitħaddem fil-livell tal-UE; ifakkar li hu importanti li jiġi żgurat li definizzjonijiet u regoli ċari jiżguraw li l-komunitajiet tal-enerġija lokali jista' jkollhom rwol pożittiv fi tranżazzjoni tal-enerġija ġusta u jfakkar lill-Istati Membri biex jużaw bis-sħiħ il-potenzjal tagħhom. Dan jinkludi li huma jkollhom aċċess għall-istrumenti finanzjarji u/jew skemi ta' sħubija sabiex jitnaqqsu r-riskji marbutin mal-investimenti f'komunitajiet tal-enerġija lokali, kif ukoll biex jitnaqqsu l-ideat negattivi kontrihom;

10. jinnota li l-kooperattivi tal-enerġija (inizjattiva Komunitarja, li hija forma ta' struttura organizzattiva), li huma mudell ta' sjieda uniku mill-perspettiva ekonomika u legali, għandhom l-għan li jgħallu vantaġġi fil-livell lokali. Dawn il-kooperattivi jistgħu jipprovdu servizzi fis-settur tal-enerġija, bħall-produzzjoni tal-enerġija mis-sorsi rinnovabbli tagħhom jew minn sorsi akkwistati, għal skopijiet ta' awtokonsum jew ta' bejgħ, iż-żamma u l-operat ta' sistemi ta' ħażna, mikrogrilji u infrastruttura ta' distribuzzjoni, u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija;

11. huwa tal-fehma li l-kooperattivi tal-enerġija jistgħu jikkontribwixxu għad-deċentralizzazzjoni, il-ftuħ u d-demokratizzazzjoni tas-sistemi tal-enerġija u għalhekk jista' jkollhom impatt pożittiv fuq l-iżvilupp ekonomiku u soċjali lokali sostenibbli, u b'hekk jistgħu jikkontribwixxu wkoll għall-indirizzar tal-faqar enerġetiku u l-ħolqien tal-impjiegi fi ħdan il-komunità;

12. jinnota li l-iżvilupp ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli huwa mħeġġeġ minn skemi ta' appoġġ li jiffukaw fuq il-livell lokali u reġjonali fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Xi pajjiżi jippermettu aċċess prijoritarju għall-enerġija rinnovabbli, filwaqt li oħrajn jiggarrantixxu l-aċċess taħt kundizzjonijiet raġonevoli. Hemm ukoll modi differenti ta' kif jiġu appoġġjati u ssemplifikati l-proċeduri tal-permessi amministrattivi għal impjanti iżgħar tal-enerġija rinnovabbli, filwaqt li jkun fil-qafas ta' programmazzjoni reġjonali u nazzjonali;

13. jirrakkomanda li ssir razzjonalizzazzjoni tad-diversi skemi ta' appoġġ nazzjonali sa fejn hu meħtieġ fil-livell Ewropew sabiex jiġi żgurat li huma jistgħu jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli, l-oġġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi u l-oġġettivi tal-Unjoni tal-Enerġija Ewropea;

14. jirrikonoxxi l-ħtieġa li tiġi żviluppata politika mtejbiasabiex isir l-aqwa użu effiċjenti tal-bijomassa, li jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra; jirrakkomanda li jiġi mħeġġeġ l-użu ottimali ta' skart tal-bijomassa mis-setturi ekonomiċi u setturi kollha għall-fini tal-produzzjoni tal-enerġija fuq medda medja u twila ta' żmien;

15. jirrakkomanda li jiġi żviluppata aktar il-qafas politiku u leġislattiv u li jkun hemm djalogu bejniethom għall-konverżjoni tal-infrastruttura tal-enerġija, sabiex jiġu mwessgħin il-konnessjonijiet fil-livell lokali, reġjonali u transkonfinali, potenzjal akbar ta' ħżin tal-enerġija u grilji intelliġenti għall-ġestjoni tad-domanda għall-provvista tal-enerġija f'sistema b'sehem għoli tal-enerġija rinnovabbli;

Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

16. jappella għal politiki iktar stabbli dwar l-enerġija rinnovabbli u t-tranżizzjoni tal-enerġija, filwaqt li jiġu żgurati mekkaniżmi ta' appoġġ finanzjarju għall-enerġija rinnovabbli, sabiex is-sjieda tal-enerġija fil-livell lokali tkun aktar sikura;

17. jitlob li jkun hemm koordinament eqreb bejn l-UE u l-politiki reġjonali u tal-enerġija tal-Istati Membri sabiex jiġu sfruttati l-benefiċċji sostanzjali għall-iżvilupp reġjonali sostenibbli li jistgħu jinkisbu mit-tranżizzjoni għall-enerġija rinnovabbli inkluż id-deċentralizzazzjoni tas-sistemi ta' enerġija, u t-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili (l-biċċa l-kbira importati);

18. jitlob għall-introduzzjoni ta' regoli mhux diskriminatorji dwar l-aċċess għas-suq għal komunitajiet tal-enerġija lokali, li jiġu promossi permezz ta' politiki u leġislazzjoni li jirrikonoxxu r-rwol tagħhom u l-ħtieġijiet speċifiċi tagħhom, li jiġu promossi politiki u regoli li jħeġġu l-kooperazzjoni lokali u reġjonali, għall-adozzjoni ta' proċeduri regolatorji u amministrattivi semplifikati u proporzjonati, u li jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-informazzjoni teknika u ekonomika, linji gwida u finanzjament;

19. jistieden lill-Istati Membri jipproponu u jimplementaw forom differenti kondiviżi ta' sjieda tal-enerġija fil-livell lokali, peress li l-komunitajiet tal-enerġija lokali f'għadd ta' Stati Membri qed jiffaċċjaw sfidi mil-lat tal-funzjonament u l-kisba ta' vantaġġi fil-livell lokali. Dawn l-isfidi jinkludu regoli mhux koerenti u atipiċi b'relazzjoni mal-iżviluppi tas-suq, strateġiji u programmi nazzjonali mhux kompluti fir-rigward tal-għajnuna favur il-komunitajiet lokali jew reġjonali tal-enerġija, u l-kumplessità tal-qafas amministrattivi u regolatorju għall-parteċipanti ġodda fis-suq tal-enerġija;

A. Rakkomandazzjonijiet għal dawk li jfasslu l-politika fil-livell tal-UE

20. jirrikonoxxi li l-leġislazzjoni Ewropea trid tistabbilixxi kundizzjonijiet ekwi u rekwiżiti minimi sabiex tiġi promossa l-komunità tal-enerġija lokali, bil-għan li l-UE tkun tista' tkun xempju f'dan il-qasam;

21. jirrakkomanda li l-istrumenti tal-politika fil-livell tal-UE u l-leġislazzjoni nazzjonali li tittrasponi jew tikkompleta l-leġislazzjoni tal-UE għandu jkollhom effetti pożittivi fuq l-iżvilupp tal-komunitajiet tal-enerġija lokali, inklużi l-kooperattivi tal-enerġija;

22. jirrakkomanda li d-definizzjonijiet ta' "komunità tal-enerġija rinnovabbli" u ta' "komunità tal-enerġija lokali" jew ta' kunċetti funzjonali oħrajn bħalma huma l-kumpaniji tal-enerġija municiċpali, kooperattivi, assoċjazzjonijiet eċċ. ikunu trasposti b'mod kostruttivi u effettivi fil-livell tal-Istati Membri, biex jiġi żgurat li dawn l-organizzazzjonijiet ikollhom aċċess għas-suq tal-enerġija u li jiġu kkunsidrati l-ħtiġijiet tagħhom (pereżempju wħud minnhom jaf ikollhom bżonn appoġġ u inċentivi addizzjonali);

Iż-żamma ta' ambjent politiku stabbli għall-promozzjoni tal-enerġija rinnovabbli

23. jinnota li l-komunitajiet tal-enerġija lokali ta' spiss huma involuti fil-produzzjoni, il-forniment, id-distribuzzjoni u l-użu tal-enerġija rinnovabbli;

24. jirrikonoxxi li l-komunitajiet tal-enerġija lokali joperaw sistematikament abbażi ta' mekkaniżmi pubbliċi ta' appoġġ għall-enerġija rinnovabbli sabiex jiġu finanzjati l-operazzjonijiet tagħhom u jiġi ġestit ir-riskju, għalkemm dawk li jfasslu l-politika fl-UE ħabbru li se jkun hemm bidla minn mekkaniżmi ta' appoġġ li ma jissejsux fuq primjums u huma indipendenti mis-suq (pereżempju, it-tariffi fissi);

25. huwa konxju li l-bidla għal skemi ta' għajnuna u ta' sejħiet għall-offerti tista' tnaqqas ir-riżorsi finanzjarji disponibbli għall-komunitajiet tal-enerġija lokali, jew saħansitra teskludihom mis-suq, jekk jiġu introdotti rekwiżiti kumplessi fil-proċeduri ta' sejhja għall-offerti;

26. huwa favur li l-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' appoġġ speċifiċi jibqa' r-responsabbiltà ta' kull Stat Membru, u jaħseb li l-leġislazzjoni u l-politiki tal-UE ċertament m'għandhomx jillimitaw l-appoġġ għall-enerġija rinnovabbli fl-Istati Membri permezz ta' mekkaniżmi finanzjarji msejsa fis-suq u indipendenti minnu;

L-istabbiliment ta' regoli tas-suq tal-enerġija biex jappoġġjaw it-tranżizzjoni tal-enerġija matul is-sistema kollha

27. jappella biex is-swieq bl-innut tal-elettriku jsiru aktar dinamiċi u kompetittivi u jenfasizza li sabiex il-konsumaturi tal-enerġija jkunu jistgħu jibbenefikaw mid-deregolamentazzjoni tas-suq tal-enerġija, u li l-komunitajiet tal-enerġija lokali jkunu jistgħu jikkontribwixxu għal suq diversifikat u flessibbli, huwa importanti li jiġu monitorjati l-livelli ta' konċentrazzjoni tas-swieq bl-ingrossa u bl-innut tal-elettriku u jiġi limitat l-poter u l-influenza ekonomika u finanzjarja ta' atturi differenti tas-suq;

28. huwa kument li minħabba titjib tal-qafas leġislattiv attwali tal-UE bis-saħħa tal-proposti tal-pakkett leġislattiv il-ġdid dwar l-enerġija nadifa, inklużi l-proposti dwar id-Direttiva l-ġdida dwar is-suq intern tal-enerġija, jiġu rikonoxxuti r-rwol u l-involvement tal-komunitajiet tal-enerġija lokali fit-tħaddim tas-sistema tal-enerġija, bħala produttori, distributori u konsumaturi tal-enerġija. Barra minn hekk, ir-regoli se jiġu estiżi biex ikopru l-firxa sħiħa ta' servizzi pprovduti mill-komunitajiet tal-enerġija lokali, bħalma huma l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, il-ħżin tal-enerġija, il-ġestjoni tal-grilji lokali tal-enerġija u s-servizzi ta' bbilanċjar tas-sistema tal-enerġija;

29. jirrakkomanda li r-regoli u l-proċeduri amministrattivi applikabbli għall-produttori ż-żgħar tal-enerġija rinnovabbli u għall-komunitajiet tal-enerġija lokali jkunu semplifikati, sabiex jiġi żgurat li l-piżijiet amministrattivi u l-ispejjeż espliċiti jew impliċiti ma jiddiskriminawx dawn il-parteċipanti fis-suq, li huma, bħala regola ġenerali, kumpaniji tal-enerġija differenti;

30. huwa tal-fehma li r-regoli u r-regolamenti ma għandhomx jirrestrinġu, għad-detenturi ta' kapaċità tal-enerġija rinnovabbli u l-komunitajiet tal-enerġija lokali, il-possibbiltajiet li tiġi aggregata l-produzzjoni tagħhom u li jipprovdu l-enerġija, bħal fil-każ ta' kumpaniji speċjalizzati, inkluż permezz ta' inizjattivi innovattivi, bħall-impjanti tal-enerġija virtwali;

L-iżgurar tal-konsistenza u l-koerenza bejn politiki differenti

31. jappella biex id-dispożizzjonijiet tad-diversi atti leġislattivi tal-UE jkunu konsistenti fit-trattament u l-promozzjoni tal-komunitajiet tal-enerġija lokali, sabiex jiġu integrati d-definizzjonijiet ta' "komunità tal-enerġija lokali" u ta' "komunità tal-enerġija rinnovabbli";

B. Rakkomandazzjonijiet għal dawk li jfasslu l-politika fil-livell nazzjonali

32. jirrakkomanda bil-qawwa li ssir traspożizzjoni rapida tal-leġislazzjoni tal-UE u l-implimentazzjoni ta' politika komuni tal-enerġija, u li dawk li jfasslu l-politika fil-livell nazzjonali jistabbilixxu għanijiet nazzjonali u inċentivi speċifiċi għall-komunitajiet tal-enerġija lokali;

Ir-rikonoxximent tar-rwol u l-ħtiġijiet speċifiċi tal-komunitajiet tal-enerġija lokali fil-leġislazzjoni u l-politiki nazzjonali rilevanti

33. jirrikonoxxi li l-proposti tal-pakkett leġislattiv dwar l-enerġija b'mod ġenerali, u l-enerġija nadifa b'mod partikolari, jixħtu dawl fuq miżuri favur ir-rikonoxximent tar-rwol tal-komunitajiet tal-enerġija lokali fit-tranżizzjoni tal-enerġija fil-livell tal-UE u li, f'dan il-kuntest, l-Istati Membri għandhom jadottaw dispożizzjonijiet leġislattivi simili dwar il-komunitajiet tal-enerġija lokali, iżda li jqisu l-ħtiġijiet nazzjonali speċifiċi;

L-istabiliment ta' politiki u regoli għall-promozzjoni tal-komunitajiet tal-enerġija lokali u l-kooperazzjoni lokali

34. jappella biex dawk li jfasslu politika nazzjonali jistabbilixxu politiki/regoli aċċessibbli għall-promozzjoni tal-komunitajiet tal-enerġija lokali; dawn ir-regoli jistgħu:

(a) jiżguraw li produttori tal-enerġija żgħar ikollhom aċċess garantit għas-suq tal-enerġija u l-infrastruttura speċifika;

(b) jippromovu fil-livell lokali proġetti tal-enerġija mmexxija minn produttori żgħar lokali/reġjonali;

35. jenfasizza li regoli jistgħu jiġu definiti dwar il-benefiċċji potenzjali, sabiex ikun żgurat li dawn jibqgħu fil-livell tal-komunità lokali u jiffavorixxu l-iżvilupp soċjali u ekonomiku tal-komunità minflok l-azzjonisti tal-proġetti;

36. jirrikonoxxi li l-politiki nazzjonali jistgħu jħeġġu l-aspetti ta' sostenibbiltà u ambjentali tal-proġetti tal-enerġija komunitarji, billi jkunu pprovduti inċentivi finanzjarji (pereżempju, eżenzjonijiet mit-taxxa, għajnuna għall-investimenti) jew tnaqqis fil-kontijiet tal-enerġija. Jistgħu jiġu pprovduti wkoll inċentivi addizzjonali għal proġetti awtonomi jew li joffru servizzi u benefiċċji multipli;

L-adozzjoni ta' proċeduri regolatorji u amministrattivi ssemplifikati u proporzjonati għall-komunitajiet tal-enerġija lokali

37. huwa favur ir-reqwiziti dwar l-istabiliment ta' punt uniku għall-proċeduri ta' permessi għal proġetti proposti mid-direttiva l-ġdida dwar l-enerġija rinnovabbli; dawn huma bażi xierqa li fuqha l-Istati Membri jistgħu jibnu soluzzjonijiet adattati għall-kuntest nazzjonali u lokali;

L-iżgurar tal-aċċess tal-komunitajiet tal-enerġija lokali għal informazzjoni teknika, linji gwida u finanzjament

38. jirrikonoxxi li l-proġetti tal-komunitajiet tal-enerġija lokali u l-kooperattivi tal-enerġija bbenefikaw minn opportunitajiet ta' finanzjament disponibbli fil-qafas ta' skemi ta' għajnuna mill-Istat, ta' fondi disponibbli taħt l-inizjattivi tal-UE jew mill-banek kummerċjali;

39. jirrakkomanda li jiġu stabbiliti skemi speċifiċi ta' appoġġ finanzjarju għall-komunitajiet tal-enerġija lokali, b'mod partikolari fil-fażi tal-ippjanar u tat-tnedija tal-proġetti (pereżempju, it-trasformazzjoni tal-għotjiet f'self, il-garanziji jew l-opportunitajiet ta' self bi prezz imnaqqas), b'aċċess faċli għal informazzjoni teknika u għal linji gwida dwar it-tnedija, il-finanzjament u l-implimentazzjoni tal-proġetti komunitarji;

C. Rakkomandazzjonijiet lill-awtoritajiet lokali u reġjonali

L-adozzjoni ta' politiki lokali favur l-iżvilupp tal-komunitajiet tal-enerġija lokali

40. jinnota li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jikkompletaw il-politiki tal-UE u nazzjonali billi jadottaw għanijiet supplimentari dwar il-kontribut tal-komunitajiet tal-enerġija lokali għall-għanijiet tal-livell lokali fil-qasam tal-enerġija. Pereżempju, ħafna bliet qed jipparteċipaw fl-inizjattiva tal-Patt tas-Sindki, fejn ġew stabbiliti pjani ta' azzjoni lokali sostenibbli tal-enerġija u l-klima;

41. jistieden lill-awtoritajiet lokali u reġjonali jidentifikaw il-komunitajiet tal-enerġija lokali u reġjonali li jistgħu jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-għanijiet tal-enerġija lokali u fil-qasam tal-politika soċjali, u jidentifikaw mekkaniżmi ta' appoġġ għall-iżvilupp taġġhom u servizzi ta' konsulenza, fejn dan huwa meħtieġ u jista' jinkiseb b'mod mhux diskriminatorju;

L-analiżi tal-possibilitajiet ta' sħubijiet mal-komunitajiet tal-enerġija lokali jew il-ħolqien ta' komunitajiet tal-enerġija lokali

42. jemmen li, sabiex jissaħħaħ il-kontribut tal-komunitajiet tal-enerġija lokali għall-għanijiet lokali fil-qasam tal-politiki lokali, l-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jiżviluppaw sħubijiet mal-komunitajiet eżistenti jew jiżviluppaw oħrajn ġodda bil-kooperazzjoni taċ-ċittadini lokali;

43. jenfasizza li l-komunitajiet tal-enerġija lokali u l-awtoritajiet lokali u reġjonali huma msieħba li jikkompletaw lil xulxin bħala l-awtoritajiet li joffru qafas għall-proġetti maħsuba għall-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, għajjnuna amministrattiva u tariffi preferenzjali, filwaqt li l-komunitajiet tal-enerġija lokali jipprovdu għarfien espert tekniku u l-assistenza ekonomika u finanzjarja matul l-implimentazzjoni tal-proġetti;

44. jemmen li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jaqdu rwol importanti fit-tranżizzjoni tal-enerġija, billi jassumu responsabbiltajiet dwar il-grilji lokali ta' distribuzzjoni tal-enerġija u s-sjieda u l-ġestjoni taġġhom permezz ta' servizzi sussidjarji u kumpaniji speċjalizzati ta' servizzi ta' utilità pubblika; l-awtoritajiet lokali u reġjonali jaqdu rwol ewlieni fis-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini għall-possibilitajiet ta' parteċipazzjoni fis-settur tal-enerġija fil-livell lokali, kif ukoll fit-tixrid ta' informazzjoni rilevanti.

Brussell, is-6 ta' Diċembru 2018.

Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni
Karl-Heinz LAMBERTZ

III

(Atti preparatorji)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

IL-132 SESSJONI PLENARJA TAL-KTR, 5.12.2018–6.12.2018

Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni

(2019/C 86/06)

Korelaturi:	Catuscia MARINI (IT/PSE), President tar-Reġjun tal-Umbria
	Michael SCHNEIDER (DE/PPE), Segretarju tal-Istat, Rappreżentant tal-Land ta' Sachsen-Anhalt fi ħdan l-Istat Federali tal-Ġermanja
Dokument ta' referenza:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Regionali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi
	COM(2018) 375 final

I. RAKKOMANDEZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU EMENDI

Emenda 1

Premessa ġdida wara Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	<i>Fir-rigward tal-Politika Agrikola Komuni (PAK), jeħtieġ jinżammu sinerġiji u rabtiet b'saħħithom bejn il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u t-tieni pilastru (FAEŻR) tal-PAK. Il-FAEŻR ma għandux jiġi irtirat minn dan ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali sabiex tkun preservata r-rabta b'saħħitha bejn il-FAEŻR u l-istrutturi diġà stabbiliti fl-Istati Membri għall-implimentazzjoni tal-fondi strutturali.</i>

Raġuni

Se jkun importanti li jinżammu sinerġiji b'saħħithom bejn il-FAEG u l-FAEŻR sabiex jippermettu l-inklużjoni tal-FAEŻR fis-CPR. Huwa għal din ir-raġuni li l-FAEŻR għandu jibqa' parti mir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni, u dan ikun jirrikjedi l-bidliet rispettivi fil-partijiet segwenti tat-test, b'mod partikolari fil-premessi 2 u 23 u fl-Artikoli 17, 31, 48 u 58.

Emenda 2

Premessa ġdida wara Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	<i>Għandha tingħata attenzjoni partikolari lil żoni rurali, żoni milquta minn tranżizzjoni industrijali, u reġjuni li jbatu minn żvantaġġi naturali jew demografiċi gravi u permanenti.</i>

Raġuni

Hija meħtieġa referenza speċifika għal reġjuni bi żvantaġġi naturali u demografiċi biex jiġu indirizzati l-għanijiet tal-Artikolu 174 tat-TFUE.

EMENDA 3

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Jenħtieġ li l-prinċipji orizzontali kif stabbiliti fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ("TUE") u fl-Artikolu 10 TFUE, inklużi l-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità kif stabbiliti fl-Artikolu 5 TUE, jiġu rispettati fl-implimentazzjoni tal-Fondi, u jqisu l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Jenħtieġ li l-Istati Membri jirrispettaw ukoll l-obbligi tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà tan-NU u jiżguraw l-aċċessibbiltà f'konformità mal-Artikolu 9 tagħha u skont id-dritt tal-Unjoni li jarmonizza r-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u s-servizzi. Jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jimmiraw li jeliminaw l-inugwaljanzi u jip-promwovu l-inugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u jintegraw il-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi, kif ukoll jiġġieldu d-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, l-orijini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twelmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali. Il-Fondi ma għandhomx jappoġġaw azzjonijiet li jikkontribwixxu għal xi forma ta' segregazzjoni. Jenħtieġ li l-oġġettivi tal-Fondi jiġu segwiti fil-qafas tal-iżvilupp sostenibbli u l-promozzjoni tal-Unjoni tal-għan li tippriżerva, tipproteġi u ttejjeb il-kwalità tal-ambjent kif stabbilit fl-Artikolu 11 u fl-Artikolu 191(1) TFUE, u jitqies il-prinċipju li min iniġġes iħallas. Sabiex tiġi protetta l-integrità tas-suq intern, l-operazzjonijiet li jibbenefikaw minnhom l-impriżi għandhom jikkonformaw mar-regoli tal-għajnuna mill-Istat kif stabbilit fl-Artikoli 107 u 108 TFUE.</p>	<p>Jenħtieġ li l-prinċipji orizzontali kif stabbiliti fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ("TUE") u fl-Artikolu 10 TFUE, inklużi l-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità kif stabbiliti fl-Artikolu 5 TUE, jiġu rispettati fl-implimentazzjoni tal-Fondi, u jqisu l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Jenħtieġ li l-Istati Membri jirrispettaw ukoll l-obbligi tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà tan-NU u jiżguraw l-aċċessibbiltà f'konformità mal-Artikolu 9 tagħha u skont id-dritt tal-Unjoni li jarmonizza r-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u s-servizzi. Jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jimmiraw li jeliminaw l-inugwaljanzi u jip-promwovu l-inugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, kif ukoll jiġġieldu d-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, l-orijini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twelmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali. L-ibbaġitjar sensitiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru għandu jiġi inkorporat f'kull stadju tal-implimentazzjoni tal-fondi rilevanti, mill-programmazzjoni sar-rappurtar, anke permezz ta' indikaturi rilevanti għall-ġeneru u ġbir ta' data diżaggregata skont is-sessi. Il-Fondi ma għandhomx jappoġġaw azzjonijiet li jikkontribwixxu għal xi forma ta' segregazzjoni. Jenħtieġ li l-oġġettivi tal-Fondi jiġu segwiti fil-qafas tal-iżvilupp sostenibbli u l-promozzjoni tal-Unjoni tal-għan li tippriżerva, tipproteġi u ttejjeb il-kwalità tal-ambjent kif stabbilit fl-Artikolu 11 u fl-Artikolu 191(1) TFUE, u jitqies il-prinċipju li min iniġġes iħallas. Sabiex tiġi protetta l-integrità tas-suq intern, l-operazzjonijiet li jibbenefikaw minnhom l-impriżi għandhom jikkonformaw mar-regoli tal-għajnuna mill-Istat kif stabbilit fl-Artikoli 107 u 108 TFUE.</p>

Raġuni

Huwa importanti li jkun żgurat li l-fondi jqisu wkoll il-perspettiva tal-ġeneru biex tiġi żgurata l-ugwaljanza fl-oqsma kollha milquta mill-fondi u li jsir kontribut għal soċjetà inklużiva.

Emenda 4

Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Jenħtieġ li parti mill-baġit tal-Unjoni allokata għall-Fondi tiġi implimentata mill-Kummissjoni taħt ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri fis-sens tar-Regolament (UE, Euratom) [numru tar-Regolament Finanzjarju ġdid] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunill (ir-“Regolament Finanzjarju”). Għaldaqstant, meta jimplimentaw il-Fondi taħt ġestjoni kondiviża, jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jirrispettaw il-prinċipji msemmija fir-Regolament Finanzjarju, bħall-ġestjoni finanzjarja tajba, it-trasparenza u n-nondiskriminazzjoni.	Jenħtieġ li parti mill-baġit tal-Unjoni allokata għall-Fondi tiġi implimentata mill-Kummissjoni taħt ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri fis-sens tar-Regolament (UE, Euratom) [numru tar-Regolament Finanzjarju ġdid] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunill (ir-“Regolament Finanzjarju”). Għaldaqstant, meta jimplimentaw il-Fondi taħt ġestjoni kondiviża, jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jirrispettaw il-prinċipji msemmija fir-Regolament Finanzjarju, bħall-ġestjoni finanzjarja tajba, it-trasparenza u n-nondiskriminazzjoni. L-Istati Membri fil-livell territorjali adatt, skont il-qafas istituzzjonali, legali u finanzjarju tagħhom u l-korpi maħtura minnhom għal dawn il-finijiet, għandhom ikunu responsabbli għall-preparazzjoni u l-implimentazzjoni tal-programmi.

Raġuni

Is-CPR jeħtieġ jesprimi b'mod ċar il-ħtieġa li, filwaqt li jirrispetta bis-sħiħ il-prinċipju tas-sussidjarjetà, jinvolvi lil-livell territorjali adatt biex jiżgura l-approċċ ibbażat fuq il-post.

Emenda 5

Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Il-prinċipju tas-sħubija huwa fattur ewlieni fl-implimentazzjoni tal-Fondi, u jibni fuq l-approċċ ta' governanza f'diversi livelli u jiżgura l-involviment tas-soċjetà ċivili u tas-sħab soċjali. Sabiex jipprovdi kontinwità fl-organizzazzjoni tas-sħubija, jenħtieġ li r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 240/2014 [13] ikompli japplika.	Il-prinċipju tas-sħubija huwa fattur ewlieni fl-implimentazzjoni tal-Fondi, u jibni fuq l-approċċ ta' governanza f'diversi livelli u jiżgura l-involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, tas-soċjetà ċivili u tas-sħab soċjali. Huwa strument għall-involviment u s-sjeda tal-partijiet interessati, u jqarreb lill-Ewropa lejn l-Ewropej. Sabiex jipprovdi kontinwità fl-organizzazzjoni tas-sħubija, jenħtieġ li r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 240/2014 [13] ikompli japplika.

Raġuni

L-awtoritajiet lokali u reġjonali jeħtieġ jissemew b'mod espliċitu fil-Premessi u fl-Artikoli kollha tar-Regolament li jistabbilixxu d-dispożizzjonijiet komuni għall-prinċipju tas-sħubija u tal-governanza f'diversi livelli.

Emenda 6

Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Fil-livell tal-Unjoni, is-Semestru Ewropew tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika huwa l-qafas biex jiġu identifikati l-prijoritajiet nazzjonali ta' riforma u tiġi monitorjata l-implimentazzjoni tagħhom. L-Istati Membri jiżviluppaw l-istrategġiji tal-investment pluriennali nazzjonali tagħhom b'appoġġ għal dawn il-prijoritajiet ta' riforma. Jenħtieġ li dawn l-istrategġiji jiġu ppreżentati flimkien mal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma bħala mod kif jiġu enfasizzati u kkoordinati proġetti ta' investimenti ta' prijorità li għandhom jiġu appoġġati minn finanzjament nazzjonali u tal-Unjoni. Jenħtieġ li jservu wkoll biex il-finanzjament tal-Unjoni jintuża b'mod koerenti u biex jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-appoġġ finanzjarju li għandu jiġi riċevut, speċjalment mill-Fondi, mill-Funzjoni ta' Stabbilizzazzjoni tal-Investment Ewropea u mill-InvestUE.</p>	<p>Fil-livell tal-Unjoni, Semestru Ewropew riformat li jintegra l-governanza f'diversi livelli u jkun allinjat ma' strategġija tal-UE ġdida u fit-tul għall-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli huwa l-qafas biex jiġu identifikati l-prijoritajiet nazzjonali ta' riforma u tiġi monitorjata l-implimentazzjoni tagħhom. L-Istati Membri jiżviluppaw l-istrategġiji tal-investment pluriennali nazzjonali tagħhom b'appoġġ għal dawn il-prijoritajiet ta' riforma. Jenħtieġ li dawn l-istrategġiji jiġu żviluppatti f'kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali u ppreżentati fil-bidu u fid-dawl tar-rieżami ta' nofs it-terminu tal-perjodu ta' programmazzjoni flimkien mal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma bħala mod kif jiġu enfasizzati u kkoordinati proġetti ta' investimenti ta' prijorità li għandhom jiġu appoġġati minn finanzjament nazzjonali u tal-Unjoni. Jenħtieġ li jservu wkoll biex il-finanzjament tal-Unjoni jintuża b'mod koerenti u biex jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-appoġġ finanzjarju li għandu jiġi riċevut, speċjalment mill-Fondi, mill-Funzjoni ta' Stabbilizzazzjoni tal-Investment Ewropea u mill-InvestUE.</p>

Raġuni

Ċiklu tas-Semestru Ewropew riformat fil-bidu u fid-dawl tar-rieżami ta' nofs it-terminu jkun jista' jintuża sabiex iċ-ċiklu tas-semestru jiġi allinjat aħjar mal-prijoritajiet ta' investment pluriennali tal-politika ta' koeżjoni.

Emenda 7

Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Jenħtieġ li l-Istati Membri jiddeterminaw kif rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż li huma rilevanti u adottati skont l-Artikolu 121(2) TFUE u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill li huma rilevanti u adottati skont l-Artikolu 148(4) TFUE (CSRs) jitqiesu fit-tħejjija ta' dokumenti ta' programmazzjoni. Matul il-perjodu ta' programmazzjoni bejn l-2021 u l-2027 ("perjodu ta' programmazzjoni"), jenħtieġ li l-Istati Membri jippreżentaw il-progress fl-implimentazzjoni tal-programmi b'appoġġ għas-CSRs lill-kumitat ta' monitoraġġ u lill-Kummissjoni b'mod regolari. Matul rieżami ta' nofs it-terminu, jenħtieġ li l-Istati Membri, fost elementi oħra, iqisu l-ħtieġa għal modifiki fil-programmi biex jakkomodaw CSRs rilevanti adottati jew modifikati sa mill-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni.</p>	<p>Jenħtieġ li l-Istati Membri jiddeterminaw kif rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż li huma rilevanti u adottati skont l-Artikolu 121(2) TFUE, li huma rilevanti għall-kamp ta' applikazzjoni u l-missjonijiet tal-Fondi, ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill li huma rilevanti u adottati skont l-Artikolu 148(4) TFUE (CSRs) u valutazzjoni territorjali sħiħa li tieħu inkunsiderazzjoni d-dimensjoni reġjonali u r-rwol tal-awtoritajiet reġjonali fl-implimentazzjoni tas-CSRs, jitqiesu fit-tħejjija ta' dokumenti ta' programmazzjoni. Matul il-perjodu ta' programmazzjoni bejn l-2021 u l-2027 ("perjodu ta' programmazzjoni"), jenħtieġ li l-Istati Membri jippreżentaw il-progress fl-implimentazzjoni tal-programmi b'appoġġ għas-CSRs li huma rilevanti għall-kamp ta' applikazzjoni u l-missjonijiet tal-Fondi, lill-kumitat ta' monitoraġġ u lill-Kummissjoni b'mod regolari. Matul rieżami ta' nofs it-terminu, jenħtieġ li l-Istati Membri, fost elementi oħra, iqisu l-ħtieġa għal modifiki fil-programmi biex jakkomodaw CSRs rilevanti adottati jew modifikati sa mill-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet lokali u reġjonali.</p>

Raġuni

Għat-tiżhij tad-dimensjoni territorjali tas-Semestru Ewropew, li jeħtieġ jinkludi valutazzjoni territorjali sħiħa, li tiegħu inkunsiderazzjoni d-dimensjoni reġjonali u r-rwol tal-awtoritajiet reġjonali fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi.

Emenda 8

Premessa ġdida wara Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	<p><i>It-taħlita ta' popolazzjoni attiva li s-sehem tagħha qed jonqos flimkien mal-proporzjon dejjem jiżdied tal-persuni rtirati fil-popolazzjoni ġenerali kif ukoll il-problemi assoċjati mat-tibdil tal-popolazzjoni, mistennija tkompli żżid il-pessjoni, fost l-oħrajn, fuq l-istrutturi tal-edukazzjoni u ta' appoġġ soċjali u fuq il-kompetittività ekonomika. L-adattament għal tali tibdil demografiku jikkostitwixxi waħda mill-isfidi ewlenin li se jiffaċċjaw l-awtoritajiet lokali u reġjonali fis-snin li ġejjin, u għandu jingħata livell ta' attenzjoni partikolarment għoli għar-reġjuni l-iktar milqutin mit-tibdil demografiku.</i></p>

Raġuni

Jeħtieġ titqies din is-sitwazzjoni partikolari ta' żoni b'tibdil demografiku.

Emenda 9

Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Sabiex jiġi ottimizzat il-valur miżjud mill-investimenti ffinanzjati kompletament jew parzjalment permezz tal-baġit tal-Unjoni, jenħtieġ li wieħed ifittex sinerġiji b'mod partikolari bejn il-Fondi u l-istrumenti ġestiti direttament inkluża l-Għodda għat-Twettiq ta' Riformi. Jenħtieġ li dawn is-sinerġiji jinkisbu permezz ta' mekkaniżmi ewlenin, jiġifieri r-rikonoxximent ta' rati fissi għal kostijiet eliġibbli mill-Orizzont Ewropa għal operazzjoni simili u l-possibbiltà li jiġi kkombinat finanzjament minn strumenti tal-Unjoni differenti fl-istess operazzjoni sakemm jiġi evitat finanzjament doppju. Għaldaqstant, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli għal finanzjament kompletamentari mill-Fondi.</p>	<p>Sabiex jiġi ottimizzat il-valur miżjud mill-investimenti ffinanzjati kompletament jew parzjalment permezz tal-baġit tal-Unjoni, jenħtieġ li wieħed ifittex sinerġiji b'mod partikolari bejn il-Fondi u l-istrumenti ġestiti direttament permezz tal-iżvilupp ta' mekkaniżmi li faċli jintużaw, il-promozzjoni ta' soluzzjonijiet ta' governanza f'diversi livelli u koordinazzjoni b'saħħitha tal-politiki, li jkunu jikkonformaw mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Jenħtieġ li dawn is-sinerġiji jinkisbu permezz ta' mekkaniżmi ewlenin, jiġifieri r-rikonoxximent ta' rati fissi għal kostijiet eliġibbli mill-Orizzont Ewropa għal operazzjoni simili u l-possibbiltà li jiġi kkombinat finanzjament minn strumenti tal-Unjoni differenti fl-istess operazzjoni sakemm jiġi evitat finanzjament doppju. Għaldaqstant, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli għal finanzjament kompletamentari mill-Fondi.</p>

Raġuni

Il-KtR għandu dubji serji dwar is-siwi u l-ġustifikazzjoni tal-Għodda għat-Twettiq ta' Riformi.

Is-sinerġiji ma' programmi oħrajn tal-UE jeħtieġ ikunu faċli biex jintużaw u jkunu bbażati fuq il-promozzjoni ta' soluzzjonijiet ta' governanza f'diversi livelli u koordinazzjoni politika b'saħħitha.

Emenda 10

Premessa 46

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Sabiex jitħaffef il-bidu tal-implimentazzjoni tal-programmi, jenħtieġ li jiġi ffaċilitat ir-riportament tal-arranġamenti ta' implimentazzjoni mill-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti. Jenħtieġ li jinżamm l-użu ta' sistema kompjuterizzata diġà stabbilita għall-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti, adatta skont kif meħtieġ, sakemm ma tkunx meħtieġa teknoloġija ġdida.</p>	<p>Sabiex jitħaffef il-bidu tal-implimentazzjoni tal-programmi, jenħtieġ li jiġi ffaċilitat ir-riportament tal-arranġamenti ta' implimentazzjoni u ta' partijiet oħrajn tas-sistema amministrattiva u ta' kontroll mill-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti. Jenħtieġ li jinżamm l-użu ta' sistema kompjuterizzata diġà stabbilita għall-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti, adatta skont kif meħtieġ, sakemm ma tkunx meħtieġa teknoloġija ġdida.</p>

Raġuni

L-introduzzjoni tal-arranġamenti ta' implimentazzjoni mill-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti jeħtieġ tiġi estiża għal oqsma oħrajn fis-sistema amministrattiva u ta' kontroll.

Emenda 11

Premessa 49

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Sabiex jiġu ottimizzati s-sinerġiji bejn il-Fondi u l-istrumenti ġestiti direttament, jenħtieġ li tiġi ffaċilitata d-dispożizzjoni tal-appoġġ għal operazzjonijiet li diġà rċevew ċertifikazzjoni ta' Siġill ta' Eċċellenza.</p>	<p>Sabiex jiġu ottimizzati s-sinerġiji bejn il-Fondi u l-istrumenti ġestiti direttament, hija meħtieġa azzjoni apposta biex jiġu kkombinati aħjar l-approċċ ibbażat fuq il-post tal-FEŻR, tal-FAEŻR u dak tal-FSE+. B'mod partikolari ċ- ċertifikazzjoni ta' Siġill ta' Eċċellenza u l-finanzjament ta' proġetti rilevanti mill-FSIE jenħtieġ li jiġu ffaċilitati f'konformità mal-prijoritajiet identifikati mill-awtoritajiet ta' ġestjoni filwaqt li jiġu żviluppati aktar biex jappoġġjaw l-ekosistemi ta' innovazzjoni u jippermettu rabta aħjar bejn il-finanzjament għar-riċerka u l-iżvilupp u l-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti fil-livell nazzjonali u reġjonali.</p>

Raġuni

L-allinjament aħjar tal-istrumenti tal-UE jeħtieġ li ma jkunx proċess f'direzzjoni waħda biss. Is-Siġill ta' Eċċellenza biex jiġu promossi sinerġiji mal-finanzjament tal-Orizzont jeħtieġ jinkludi wkoll rabta aħjar mal-ekosistemi ta' innovazzjoni fl-implimentazzjoni tal-programm Orizzont.

Emenda 12

Premessa 61

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Jenħtieġ li jiġu stabbiliti kriterji oġġettivi sabiex jintgħażlu reġjuni u żoni eliġibbli għal appoġġ mill-Fondi. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-identifikazzjoni tar-reġjuni u ż-żoni fil-livell tal-Unjoni tkun ibbażata fuq is-sistema komuni ta' klassifikazzjoni tar-reġjuni stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1], kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 868/2014[2].</p> <p>[1] Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1).</p> <p>[2] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 868/2014 tat-8 ta' Awwissu 2014 li jemenda l-annessi tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 241, 13.8.2014, p. 1).</p>	<p>Jenħtieġ li jiġu stabbiliti kriterji oġġettivi sabiex jintgħażlu reġjuni u żoni eliġibbli għal appoġġ mill-Fondi. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-identifikazzjoni tar-reġjuni u ż-żoni fil-livell tal-Unjoni tkun ibbażata fuq is-sistema komuni ta' klassifikazzjoni tar-reġjuni stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kif emendat bl-aħħar lista disponibbli tar-reġjuni NUTS II li l-Eurostat jista' jipprova d-dejta neċessarja għalihom[1].</p> <p>[1] Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1).</p>

Raġuni

Huwa meħtieġ li ssir referenza għall-aħħar aġġornament tal-lista rigward il-klassifikazzjoni NUTS li għaliha l-Eurostat jista' jipprova d-data meħtieġa fil-livell NUTS 2 għal tliet snin konsekuttivi.

Emenda 13

Premessa 64

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Jenħtieġ li ċertu ammont tar-riżorsi mill-FEŻR, mill-FSE+ u mill-Fond ta' Koeżjoni jiġu allokati mill-Inizjattiva Urbana Ewropea li jenħtieġ li tiġi implimentata permezz ta' ġestjoni diretta jew indiretta mill-Kummissjoni.</p>	<p>Jenħtieġ li ċertu ammont tar-riżorsi mill-FEŻR, mill-FSE+ u mill-Fond ta' Koeżjoni jiġu allokati mill-Inizjattiva Urbana Ewropea biex jikkontribwixxi għall-iżvilupp ulterjuri tal-Aġenda Urbana għall-UE, li jenħtieġ li tiġi implimentata permezz ta' ġestjoni diretta jew indiretta mill-Kummissjoni jew permezz ta' ġestjoni kondiviża.</p>

Raġuni

L-Inizjattiva Urbana Ewropea l-ġdida għandha wkoll taqdi rwol ewlieni fl-iżvilupp ulterjuri tal-Aġenda Urbana tal-UE. Il-fatt li jkun permess approċċ ta' ġestjoni kondiviża jżid il-flessibilità.

Emenda 14

Artikolu 2(8)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>“benefiċjarju” tfisser:</p> <p>[...]</p> <p>(c) fil-kuntest ta’ skemi ta’ għajjnuna mill-Istat, <i>L-impriża li tirċievi</i> l-għajjnuna;</p>	<p>“benefiċjarju” tfisser:</p> <p>[...]</p> <p>(c) fil-kuntest ta’ skemi ta’ għajjnuna mill-Istat, <i>il-korp li jirċievi</i> l-għajjnuna, <i>ħlief fil-każijiet fejn l-Istat Membru jista’ jiddeċiedi li l-benefiċjarju huwa l-korp li jagħti l-għajjnuna;</i></p>

Raġuni

Id-definizzjoni ta’ benefiċjarju fil-kuntest tal-iskemi ta’ għajjnuna mill-Istat għandha tibbaża fuq id-definizzjoni attwalment fis-seħħ minħabba l-Omnibus. Dan se jkopri l-mudell tal-għoti mill-ġdid fil-PO.

Emenda 15

Artikolu 4(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Il-FEŻR, il-FSE+, il-Fond ta’ Koeżjoni u l-FEMS għandhom jappoġġaw l-oġettivi ta’ politika li ġejjin:</p> <p>(a) Ewropa aktar intelliġenti bis-saħħa tal-promozzjoni ta’ trasformazzjoni ekonomika innovattiva u intelliġenti;</p> <p>(b) Ewropa aktar haċċa, b’livell baxx ta’ emissjonijiet ta’ karbonju bis-saħħa tal-promozzjoni ta’ tranżizzjoni enerġetika nadifa u ġusta, investment aħdar u blu, ekonomija ċirkolari, adattament klimatiku u prevenzjoni u ġestjoni tar-riskji;</p> <p>(c) Ewropa aktar konnessa billi tittejjeb il-mobbiltà u l-konnettività reġjonali tal-ICT;</p> <p>(d) Ewropa aktar soċjali li timplimenta l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali;</p> <p>(e) Ewropa eqreb lejn iċ-ċittadini bis-saħħa tat-trawwim ta’ żvilupp sostenibbli u integrat taż-żoni urbani, rurali u kostali u inizjattivi lokali.</p>	<p>Il-FEŻR, il-FSE+, il-Fond ta’ Koeżjoni u l-FEMS għandhom jappoġġaw l-oġettivi ta’ politika li ġejjin:</p> <p>(a) <i>L-Objettiv ta’ Politika 1 (OP 1)</i> Ewropa aktar intelliġenti bis-saħħa tal-promozzjoni ta’ trasformazzjoni ekonomika innovattiva u intelliġenti, <i>pereżempju permezz ta’ appoġġ għall-SMEs u t-turiżmu;</i></p> <p>(b) <i>L-Objettiv ta’ Politika 2 (OP 2)</i> Ewropa aktar haċċa, b’livell baxx ta’ emissjonijiet ta’ karbonju bis-saħħa tal-promozzjoni ta’ tranżizzjoni enerġetika nadifa u ġusta <i>u mobiltà urbana sostenibbli,</i> investment aħdar u blu, ekonomija ċirkolari, adattament klimatiku u prevenzjoni u ġestjoni tar-riskji;</p> <p>(c) <i>L-Objettiv ta’ Politika 3 (OP 3)</i> Ewropa aktar konnessa billi tittejjeb il-mobbiltà u l-konnettività reġjonali tal-ICT;</p> <p>(d) <i>L-Objettiv ta’ Politika 4 (OP 4)</i> Ewropa aktar soċjali li timplimenta l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali;</p> <p>(e) <i>L-Objettiv Orizzontali ta’ Politika 5 (OP 5)</i> Ewropa eqreb lejn iċ-ċittadini bis-saħħa tat-trawwim ta’ żvilupp sostenibbli u integrat taż-żoni urbani, rurali u kostali u inizjattivi lokali.</p>

Raġuni

Fis-CPR m'hemmx referenza speċifika għall-SMEs u t-turiżmu. Barra minn hekk, l-OP 5 għandu jkun trasversali u għalhekk jintuża biex jintlaħqu l-OP 1-4.

Emenda 16

Artikolu 4(3)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
L-Istati Membri għandhom jipprovdu informazzjoni dwar l-appoġġ għall-oġġettivi ambjentali u klimatiċi bl-użu ta' metodoloġija bbażata fuq it-tipi ta' intervent għal kull wieħed mill-Fondi. Din il-metodoloġija għandha tikkonsisti mill-assenjar ta' ponderazzjoni speċifika għall-appoġġ iprovdut flivell li jirrifletti sa liema punt tali appoġġ jagħti kontribut għall-oġġettivi ambjentali u għall-oġġettivi klimatiċi. Fil-każ tal-FEŻR, tal-FSE+ u tal-Fond ta' Koeżjoni, għandhom ikunu attribwiti ponderazzjonijiet għad-dimensjonijiet u għall-kodiċijiet għat-tipi ta' interventi stabbiliti fl-Anness I.	L-Istati Membri għandhom jipprovdu informazzjoni dwar l-appoġġ għall-oġġettivi ambjentali u klimatiċi bl-użu ta' metodoloġija bbażata fuq it-tipi ta' intervent għal kull wieħed mill-Fondi. Din il-metodoloġija għandha tkun ibbażata fuq il-leġislazzjoni ambjentali tal-UE eżistenti u għandha tikkonsisti mill-assenjar ta' ponderazzjoni speċifika għall-appoġġ iprovdut flivell li jirrifletti sa liema punt tali appoġġ jagħti kontribut għall-oġġettivi ambjentali u għall-oġġettivi klimatiċi. Fil-każ tal-FEŻR, tal-FAEŻR , tal-FSE+ u tal-Fond ta' Koeżjoni, għandhom ikunu attribwiti ponderazzjonijiet għad-dimensjonijiet u għall-kodiċijiet għat-tipi ta' interventi stabbiliti fl-Anness I.

Raġuni

Ir-rekwiżit biex tiġi żviluppata metodoloġija biex jitqiesu kunsiderazzjonijiet ambjentali fit-tnejn u l-implimentazzjoni tal-Ftehimiet ta' Sħubija u tal-programm għandu jkun ibbażat fuq il-leġislazzjoni ambjentali eżistenti tal-UE.

Emenda 17

Artikolu 4(4)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw il-koordinazzjoni, il-komplementarità u l-koerenza bejn il-Fondi u strumenti oħra tal-Unjoni bħall-Programm ta' Appoġġ għar-Riforma, inklużi L-Għodda għat-Twettiq ta' Riformi u l-Istrument għall-Appoġġ Tekniku. Dawn għandhom jottimizzaw il-mekkaniżmi għall-koordinazzjoni bejn daww responsabbli biex tiġi evitata d-duplikazzjoni matul l-ippjanar u l-implimentazzjoni.	Skont il-qafas istituzzjonali, legali u finanzjarju tagħhom, l-Istati Membri kif ukoll l-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-Kummissjoni, fuq il-bażi tal-prinċipji tas-sħubija fl-Artikolu 6, tas-sussidjarjetà u tal-governanza f'diversi livelli , għandhom jiżguraw il-koordinazzjoni, il-komplementarità u l-koerenza bejn il-Fondi, inkluż l-FAEŻR , u strumenti oħra tal-Unjoni bħall-Programm ta' Appoġġ għar-Riforma, inklużi l-Istrument għall-Appoġġ Tekniku. Dawn għandhom jottimizzaw il-mekkaniżmi għall-koordinazzjoni bejn daww responsabbli biex tiġi evitata d-duplikazzjoni matul l-ippjanar u l-implimentazzjoni.

Raġuni

Minħabba n-nuqqas ta' Qafas Strateġiku Komuni fis-CPR il-ġdid huwa essenzjali li tiġi żgurata l-parteċipazzjoni sħiħa tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-koordinament tal-fondi.

Emenda 18

Artikolu 6

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Kull Stat Membru għandu jorganizza sħubija mal-awtoritajiet reġjonali u lokali kompetenti.	Kull Stat Membru għandu, skont il-qafas istituzzjonali u legali tiegħu , jorganizza sħubija mal-awtoritajiet reġjonali u lokali kompetenti.
Dik is-sħubija għandha tinkludi minn tal-anqas lill-imsieħba li ġejjin:	Dik is-sħubija għandha tinkludi minn tal-anqas lill-imsieħba li ġejjin:
(a) l-awtoritajiet urbani u awtoritajiet pubbliċi oħra;	(a) l-awtoritajiet urbani u awtoritajiet pubbliċi oħra;
(b) l-imsieħba ekonomiċi u soċjali;	(b) l-imsieħba ekonomiċi u soċjali;
(c) il-korpi rilevanti li jirrappreżentaw lis-soċjetà ċivili, l-imsieħba ambjentali, u l-korpi responsabbli għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, tad-drittijiet fundamentali, tad-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà, tal-ugwaljanza bejn is-sessi u tan-nondiskriminazzjoni.	(c) il-korpi rilevanti li jirrappreżentaw lis-soċjetà ċivili, l-imsieħba ambjentali, u l-korpi responsabbli għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, tad-drittijiet fundamentali, tad-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà, tal-ugwaljanza bejn is-sessi u tan-nondiskriminazzjoni.
[...]	[...]
4. Minn tal-anqas darba f'sena, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-imsieħba fil-livell tal-Unjoni dwar l-implimentazzjoni tal-programmi.	4. Minn tal-anqas darba f'sena, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-imsieħba fil-livell tal-Unjoni dwar l-implimentazzjoni tal-programmi. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-imsieħba u tal-partijiet interessati jeħtieġ ikunu disponibbli għall-pubbliku.
[...]	[...]

Raġuni

Il-parlamenti u l-assembleji reġjonali għandhom jiġu inklużi wkoll f'konformità ma' sistemi stabbiliti ta' governanza f'diversi livelli.

Emenda 19

Artikolu 6(3)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
L-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni tas-sħubija għandha ssir f'konformità mar -Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 240/2014[1].	L-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni tas-sħubija għandha ssir f'konformità mal-Kodiċi ta' Kondotta dwar is-Sħubija u mal-governanza f'diversi livelli fir -Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 240/2014[1], filwaqt li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jiġu rikonoxxuti bħala msieħba sħaħ.
[1] Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 240/2014 tas-7 ta' Jannar 2014 dwar il-kodiċi tal-kondotta Ewropea dwar sħubija fil-qafas ta' Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej(ĠU L 74, 14.3.2014, p. 1).	[1] Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 240/2014 tas-7 ta' Jannar 2014 dwar il-kodiċi tal-kondotta Ewropea dwar sħubija fil-qafas ta' Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej(ĠU L 74, 14.3.2014, p. 1).

Raġuni

Il-kodiċi ta' Kondotta dwar is-Sħubija bħalissa huwa att iddelegat għas-CPR eżistenti. Biex tiżdied il-viżibbiltà tal-Kodiċi ta' Kondotta, jeħtieġ jiġi miżjud mas-CPR bħala Anness. L-att legali jeħtieġ jiġi aġġornat – irrispettivament mill-forma legali! Dan ikun jirrikjedi bidliet rispettivi fil-partijiet segwenti tat-test tar-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni, b'mod partikolari fil-premessa 11 u fl-Artikoli 11 u 21.

Emenda 20

Artikolu 8

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Il-Ftehim ta' Sħubija għandu jkun fih l-elementi li ġejjin:</p> <p>[...]</p> <p>(iii) komplementaritajiet bejn il-Fondi u strumenti oħra tal-Unjoni, inklużi l-proġetti strateġiċi integrati LIFE u l-proġetti strateġiċi dwar in-natura;</p> <p>[...]</p>	<p>Il-Ftehim ta' Sħubija għandu jkun fih l-elementi li ġejjin:</p> <p>[...]</p> <p>(iii) komplementaritajiet u sinerġiji bejn il-Fondi u strumenti oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari mas-Sħubijiet Ewropej tal-programm Orizzont u l-proġetti strateġiċi integrati LIFE u l-proġetti strateġiċi dwar in-natura;</p> <p>[...]</p> <p>(h) fejn xieraq, approċċ integrat sabiex jiġu indirizzati l-isfidi demografiċi tar-reġjuni jew il-ħtiġijiet speċifiċi taż-żoni ġeografiċi li jbatu minn żvantaġġi naturali jew demografiċi gravi u permanenti kif imsemmi fl-Artikolu 174 tat-TFUE.</p> <p>[...]</p>

Raġuni

Rabta mill-qrib mas-Sħubija Ewropea tal-programm Orizzont hija essenzjali biex tiżgura komplementaritajiet u sinerġiji aħjar mal-Fondi tal-politika ta' koeżjoni. Referenza speċifika għal żoni ġeografiċi li jbatu minn żvantaġġi naturali jew demografiċi gravi u permanenti hija meħtieġa għall-konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 174.

Emenda 21

Artikolu 9(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-Ftehim ta' Sħubija u l-konformità tiegħu ma' dan ir-Regolament u mar-regoli speċifiċi għall-Fondi. Il-Kummissjoni, fil-valutazzjoni tagħha għandha, b'mod partikolari, tqis ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi.</p>	<p>Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-Ftehim ta' Sħubija u l-konformità tiegħu ma' dan ir-Regolament u mar-regoli speċifiċi għall-Fondi. Il-Kummissjoni, fil-valutazzjoni tagħha għandha, b'mod partikolari, tqis ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi meta jkunu ġew inklużi b'mod espliċitu fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma wara negozjati mal-awtoritajiet lokali u reġjonali skont l-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament.</p>

Raġuni

Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż huma ammissibbli meta dawn ikunu ġew żviluppati fuq il-bażi tal-prinċipju tas-sħubija.

Emenda 22

Artikolu 10(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>L-Istati Membri jistgħu jallokaw, fil-Ftehim ta' Sħubija jew fit-talba għal emenda ta' programm, l-ammont tal-FEŻR, tal-FSE+, tal-Fond ta' Koeżjoni u tal-FEMS li jrid jingħata f'kontribuzzjonijiet lil InvestEU u mwettaq bis-saħħa tal-garanziji baġitarji. L-ammont li jrid jingħata f'kontribuzzjonijiet lil InvestEU ma għandux jaqbeż il-5 % tal-allokazzjoni totali ta' kull Fond, ħlief f'każijiet debitament ġustifikati. Tali kontribuzzjonijiet ma għandhomx jikkostitwixxu trasferimenti tar-riżorsi skont l-Artikolu 21.</p>	<p>F'każijiet ġustifikati kif dovut u skont il-qafas istituzzjonali, legali u finanzjarju, l-Istati Membri jistgħu jallokaw, fil-Ftehim ta' Sħubija jew fit-talba għal emenda ta' programm, l-ammont tal-FEŻR, tal-FSE+, tal-Fond ta' Koeżjoni u tal-FEMS li jrid jingħata f'kontribuzzjonijiet lil InvestEU u mwettaq bis-saħħa tal-garanziji baġitarji. L-ammont li jrid jingħata f'kontribuzzjonijiet lil InvestEU ma għandux jaqbeż il-5 % tal-allokazzjoni totali ta' kull Fond, ħlief f'każijiet debitament ġustifikati, mingħajr ma jiddgħajjef l-approċċ ibbażat fuq il-post tal-fondi. Tali kontribuzzjonijiet ma għandhomx jikkostitwixxu trasferimenti tar-riżorsi skont l-Artikolu 21.</p>

Raġuni

It-trasferiment volontarju ta' riżorsi għall-InvestEU m'għandux idgħajjef l-approċċ ibbażat fuq il-post tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni, u sistemi stabbiliti ta' governanza fuq diversi livelli.

Emenda 23

Artikolu 11(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Għal kull objettiv speċifiku, f'dan ir-Regolament huma stipulati prekundizzjonijiet għall-implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tagħhom ("kundizzjonijiet ta' abilitazzjoni").</p> <p>L-Anness III jistipula l-kundizzjonijiet ta' abilitazzjoni orizzontali applikabbli għall-objettivi speċifiċi kollha u l-kriterji meħtieġa għall-valutazzjoni tal-issodisfar tagħhom.</p> <p>L-Anness IV jistipula l-kundizzjonijiet ta' abilitazzjoni tematiċi għall-FEŻR, għall-Fond ta' Koeżjoni u għall-FSE+ U l-kriterji meħtieġa għall-valutazzjoni tal-issodisfar tagħhom.</p>	<p>Għal kull objettiv speċifiku, f'dan ir-Regolament huma stipulati prekundizzjonijiet għall-implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tagħhom ("kundizzjonijiet ta' abilitazzjoni").</p> <p>Kundizzjonijiet abilitanti jeħtieġ ikunu japplikaw biss sal-punt li, u sakemm, jikkontribwixxu għall-objettivi speċifiċi segwiti fil-prijoritajiet tal-programm u jkunu jistgħu jiġu influwenzati minn daww inkarigati għall-programmi.</p> <p>B'kunsiderazzjoni ta' dak li jissemma hawn fuq, l-Anness III jistipula l-kundizzjonijiet ta' abilitazzjoni orizzontali applikabbli għall-objettivi speċifiċi kollha u l-kriterji meħtieġa għall-valutazzjoni tal-issodisfar tagħhom.</p> <p>L-Anness IV jistipula l-kundizzjonijiet ta' abilitazzjoni tematiċi għall-FEŻR, għall-Fond ta' Koeżjoni, għall-FAEŻR u għall-FSE+ u l-kriterji meħtieġa għall-valutazzjoni tal-issodisfar tagħhom.</p>

Raġuni

Minkejja li r-regoli għall-konformità mal-kundizzjonalitajiet ex ante ġew issemplifikati, huwa importanti li jiġi enfasizzat ukoll li l-kundizzjonijiet abilitanti għandhom ikunu marbutin mill-qrib mal-objettivi tat-Trattat fir-rigward tal-Fondi tal-politika ta' koeżjoni.

Emenda 24

Artikolu 11(5)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
In-nefqa relatata mal-operazzjonijiet marbuta mal-objettiv speċifiku ma tistax tkun inkluża fit-talbiet għall-pagament sakemm il-Kummissjoni tkun għarrfet lill-Istat Membru rigward l-issodisfar tal-kundizzjoni ta' abilitazzjoni skont il-paragrafu 4.	n-nefqa relatata mal-operazzjonijiet marbuta mal-objettiv speċifiku tista' wkoll tkun inkluża fit-talbiet għall-pagament qabel il-Kummissjoni tkun għarrfet lill-Istat Membru rigward l-issodisfar tal-kundizzjoni ta' abilitazzjoni skont il-paragrafu 4, mingħajr preġudizzju għas-sospensjoni tar-rimborż sakemm tiġi sodisfatta l-kundizzjoni.
[...]	[...]

Raġuni

Minkejja li regoli għall-konformità ma' kundizzjonalitajiet ex ante ġew issemplifikati, huwa importanti li jiġi evitat id-dewmien fl-implimentazzjoni tal-programmi.

Emenda 25

Artikolu 12(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
L-Istat Membru għandu jstabbilixxi qafas tal-prestazzjoni li għandu jagħti lok għall-monitoraġġ u għall-ewalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-programm kif ukoll għar-rappurtar dwarha matul l-implimentazzjoni tiegħu, u jikkontribwixxi sabiex titkejjel il-prestazzjoni kumplessiva tal-Fondi.	L-Istat Membru f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtorità rilevanti ta' ġestjoni u f'konformità sħiħa mal-Kodiċi ta' Kondotta dwar is-Sħubija u mal-governanza f'diversi livelli għandu jstabbilixxi qafas tal-prestazzjoni li għandu jagħti lok għall-monitoraġġ u għall-ewalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-programm kif ukoll għar-rappurtar dwarha matul l-implimentazzjoni tiegħu, u jikkontribwixxi sabiex titkejjel il-prestazzjoni kumplessiva tal-Fondi.
[...]	[...]

Raġuni

Hija l-awtorità ta' ġestjoni dik responsabbli għat-thejjja tal-programm, u li tistabbilixxi l-qafas ta' prestazzjoni tal-programm.

Emenda 26

Artikolu 14

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
1. Għall-programmi appoġġati mill-FEŻR, mill-FSE+ u mill-Fond ta' Koeżjoni, l-Istat Membru għandu jagħmel rieżami ta' kull programm , filwaqt li jqis l-elementi li ġejjin:	1. Għall-programmi appoġġati mill-FEŻR, mill-FSE+, mill-FAEŻR u mill-Fond ta' Koeżjoni, l-Istat Membru għandu jagħmel rieżami ta' nofs it-terminu. L-Istat Membru u l-livell territorjali responsabbli mill-programm għandhom jagħmlu rieżami ta' kull programm filwaqt li jqisu l-elementi li ġejjin
(a) l-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiżi adottati fl-2024;	(a) l-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiżi adottati fl-2024;

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>(b) il-qagħda soċjoekonomika tal-Istat Membru jew tar-reġjun ikkonċernat;</p> <p>(c) il-progress fl-ilħuq tal-istadji importanti;</p> <p>(d) l-eżitu tal-aġġustament tekniku kif stabbilit fl-Artikolu 104(2), fejn applikabbli.</p>	<p>(b) il-qagħda soċjoekonomika u L-ħtiġijiet tal-Istat Membru u/jew tar-reġjun ikkonċernat;</p> <p>(c) il-progress fl-ilħuq tal-istadji importanti;</p> <p>(d) l-eżitu tal-aġġustament tekniku kif stabbilit fl-Artikolu 104(2), fejn applikabbli.</p>
<p>2. L-Istat Membru għandu jippreżenta lill-Kummissjoni talba għall-emendar ta' kull programm sal-31 ta' Marzu 2025 f'konformità mal-Artikolu 19(1). L-Istat Membru għandu jiġġustifika l-emendar fuq il-bażi tal-elementi stabbiliti fil-paragrafu 1.</p>	<p>2. L-Istat Membru għandu jippreżenta lill-Kummissjoni, talba għall-emendar ta' kull programm, fejn dan ikun adatt, sat-30 ta' Ġunju 2025 f'konformità mal-Artikolu 19(1). L-Istat Membru għandu jiġġustifika l-emendar fuq il-bażi tal-elementi stabbiliti fil-paragrafu 1.</p>
<p>Il-programm rivedut għandu jinkludi:</p>	<p>Il-programm rivedut għandu jinkludi:</p>
<p>(a) l-allokazzjonijiet tar-riżorsi finanzjarji skont il-prijorità inklużi l-ammonti għas-snin 2026 u 2027;</p> <p>(b) miri ġodda jew riveduti;</p>	<p>(a) ir-reviżjoni tal-allokazzjonijiet tar-riżorsi finanzjarji skont il-prijorità, inklużi l-ammonti indikattivi għas-snin 2026 u 2027;</p> <p>(b) miri ġodda jew riveduti;</p>
<p>(c) l-allokazzjonijiet riveduti tar-riżorsi finanzjarji li jirriżultaw mill-aġġustament tekniku kif stabbilit fl-Artikolu 104(2) inklużi l-ammonti għas-snin 2025, 2026 u 2027, fejn applikabbli.</p>	<p>(c) l-allokazzjonijiet riveduti tar-riżorsi finanzjarji li jirriżultaw mill-aġġustament tekniku kif stabbilit fl-Artikolu 104(2) inklużi l-ammonti għas-snin 2025, 2026 u 2027, fejn applikabbli.</p>
<p>3. Meta jiġi ppreżentat programm ġdid b'riżultat tar-riżami, il-pjan ta' finanzjament imsemmi fil-punt (ii) tal-Artikolu 17(3)(f) għandu jkopri l-appropriazzjoni finanzjarja totali għal kull wieħed mill-Fondi mis-sena tal-approvazzjoni tal-programm.</p>	<p>3. Meta jiġi ppreżentat programm ġdid b'riżultat tar-riżami, il-pjan ta' finanzjament imsemmi fil-punt (ii) tal-Artikolu 17(3)(f) għandu jkopri l-appropriazzjoni finanzjarja totali għal kull wieħed mill-Fondi mis-sena tal-approvazzjoni tal-programm.</p>

Raġuni

Ir-riżami ta' nofs it-terminu għandu jkun ibbażat fuq l-impenji li saru għall-fondi għal kull Stat Membru għall-perjodu kollu biex tiġi żgurata l-prevedibbiltà tal-fondi. L-iskadenza għat-tressiq tal-emendi hija bikrija wisq biex ikun żgurat li jitqiesu sew ir-riżultati tal-2024. Barra minn hekk talba għall-emendar tal-programm għandha ssir biss fejn dan ikun jidher meħtieġ.

Emenda 27

Artikolu 15(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru biex jirrieżamina u jipproponi l-emendi għall-programmi rilevanti, meta dan ikun meħtieġ biex tkun appoġġata l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill rilevanti.</p> <p>Talba bħal din tista' ssir għall-finijiet li ġejjin:</p> <p>(a) biex tappoġġa l-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjoni rilevanti speċifika għall-pajjiżi adottata f'konformità mal-Artikolu 121(2) TFUE u ta' rakkomandazzjoni rilevanti tal-Kunsill adottata f'konformità mal-Artikolu 148(4) TFUE, indirizzati lill-Istat Membru kkonċernat.</p> <p>(b) biex tappoġġa l-implimentazzjoni ta' Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill rilevanti indirizzati lill-Istat Membru kkonċernat u adottati f'konformità mal-Artikoli 7(2) jew 8(2) tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011[1] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dment li dawn l-emendi jitqiesu neċessarji biex jgħinu fl-irranġar tal-iżbilanċi makroekonomiċi.</p> <p>[1] <i>Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).</i></p>	<p>Il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru biex jirrieżamina u jipproponi l-emendi għall-programmi rilevanti, meta dan ikun meħtieġ biex tkun appoġġata l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill rilevanti li huma adatti biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' promozzjoni tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali.</p> <p>Talba bħal din tista' ssir bil-għan li tappoġġa l-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjoni rilevanti speċifika għall-pajjiżi adottata f'konformità mal-Artikolu 121(2) TFUE u ta' rakkomandazzjoni rilevanti tal-Kunsill adottata f'konformità mal-Artikolu 148(4) TFUE, indirizzati lill-Istat Membru kkonċernat</p>

Raġuni

Għandu jiġi żgurati li l-emendi ta' programmi bbażati fuq is-CSRs ikunu adattati biex jintlaħqu l-oġġettivi tat-Trattat fir-rigward tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. Il-KtR huwa kontra l-kondizzjonalitajiet makroekonomiċi għall-politika ta' koeżjoni.

Emenda 28

Artikolu 15(2)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Talba mill-Kummissjoni lil Stat Membru f'konformità mal-paragrafu 1 għandha tkun iġġustifikata b'referenza għall-ħtieġa li l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tkun appoġġata u għandha tindika l-programmi jew il-prijoritajiet li skontha huma kkonċernati u n-natura tal-emendi mistennija.</p>	<p>Talba mill-Kummissjoni lil Stat Membru f'konformità mal-paragrafu 1 għandha tkun iġġustifikata b'referenza għall-ħtieġa li l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tkun appoġġata u għandha tindika l-programmi jew il-prijoritajiet li skontha huma kkonċernati u n-natura tal-emendi mistennija. Tali talba m'għandhiex issir qabel l-2022 jew wara l-2026, u lanqas m'għandha ssir b'rabta mal-istess programmi f'sentejn konsekuttivi.</p>

Raġuni

Is-CPR il-ġdid għandu jinkludi wkoll limitu ta' żmien għal bidliet simili għall-formulazzjoni tat-test fis-CPR attwali.

Emenda 29

Artikolu 15(7)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Il-Kummissjoni għandha tagħmel proposta lill-Kunsill biex jissospendi l-impenji jew il-pagamenti kollha jew parti minnhom għal programm wieħed jew aktar ta' Stat Membru fil-każijiet li ġejjin:</p> <p>(a) meta l-Kunsill jiddeċiedi f'konformità mal-Artikolu 126(8) jew mal-Artikolu 126(11) TFUE, li Stat Membru ma jkunx ħa azzjoni effettiva biex jikkoreġi d-defiċit eċċessiv tiegħu;</p> <p>(b) meta l-Kunsill jadotta żewġ rakkomandazzjonijiet suċċessivi fl-istess proċedura ta' żbilanċ, f'konformità mal-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għar-raġunijiet li Stat Membru jkun ippreżenta pjan ta' azzjoni korrettiva insuffiċjenti;</p> <p>(c) meta l-Kunsill jadotta żewġ deċiżjonijiet suċċessivi fl-istess proċedura ta' żbilanċ f'konformità mal-Artikolu 10(4) tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 li permezz tagħhom jistabbilixxi nuqqas ta' konformità minn Stat Membru għar-raġunijiet li ma jkunx ħa l-azzjoni korrettiva rakkomandata;</p> <p>(d) meta l-Kummissjoni tikkonkludi li Stat Membru ma jkunx ħa miżuri kif imsemmi fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002 u b'konsegwenza ta' hekk tiddeċiedi li ma tawtorizzax l-iżborż tal-assistenza finanzjarja mogħtija lil dak l-Istat Membru;</p> <p>(e) meta l-Kunsill jiddeċiedi li Stat Membru ma jikkonformax mal-programm ta' aġġustament makroekonomiku msemmi fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jew mal-miżuri mitluba minn deċiżjoni tal-Kunsill adottata f'konformità mal-Artikolu 136(1) TFUE.</p> <p>Għandha tingħata prijorità lis-sospensjoni tal-impenji; il-pagamenti għandhom ikunu sospiżi biss meta titfittex azzjoni immedjata u fil-każ ta' nuqqas ta' konformità sinifikanti. Is-sospensjoni tal-pagamenti għandha tapplika għat-talbiet għall-pagamenti ppreżentati għall-programmi kkonċernati wara d-data tad-deċiżjoni għas-sospensjoni.</p> <p>Il-Kummissjoni tista', għal raġunijiet ta' ċirkostanzi ekonomiċi eċċezzjonali jew wara talba motivata mill-Istat Membru kkonċernat indirizzata lill-Kummissjoni fi żmien 10 ijiem mill-adozzjoni tad-deċiżjoni jew tar-rakkomandazzjoni msemmija fis-sottoparagrafu preċedenti, tirrakkomanda li l-Kunsill jikkancelła s-sospensjoni msemmija fl-istess sottoparagrafu.</p>	

Raġuni

Il-KtR huwa kontra l-kondizzjonalitajiet makroekonomiċi għall-politika ta' koeżjoni. It-tħassir tal-paragrafu 7 jeħtieġ li jkun akkumpanjat minn bidliet korrispondenti fil-paragrafi sussegwenti ta' dan l-Artikolu (tħassir tal-paragrafi 8 u 10, emenda ta' paragrafi 9 u 11).

Emenda 30

Artikolu 15(12)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Il-Kummissjoni għandha żżomm lill-Parlament Ewropew infurmat bl-implimentazzjoni ta' dan l-artikolu. B'mod partikolari, meta waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 7 tiġi ssodisfata għal Stat Membru, il-Kummissjoni għandha tgħarraf f'qasir żmien lill-Parlament Ewropew u ttipprova dettalji tal-Fondi u tal-programmi li jistgħu jkunu soġġetti għal sospensjoni tal-impenji.</p> <p>Il-Parlament Ewropew jista' jistieden lill-Kummissjoni għal djalogu strutturat dwar l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, wara li titqies it-trażmissjoni tal-informazzjoni msemmija fl-ewwel sottoparagrafu.</p> <p>Il-Kummissjoni għandha tittrażmetti l-proposta għal sospensjoni tal-impenji jew il-proposta biex titneħħa tali sospensjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.</p>	<p>Il-Kummissjoni għandha żżomm lill-Parlament Ewropew infurmat bl-implimentazzjoni ta' dan l-artikolu.</p> <p>Il-Parlament Ewropew jista' jistieden lill-Kummissjoni għal djalogu strutturat dwar l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, wara li titqies it-trażmissjoni tal-informazzjoni msemmija fl-ewwel sottoparagrafu. Il-Parlament Ewropew jista' jistieden lill-Kumitat Ewropew tar-Regġuni biex jagħti l-fehma tiegħu dwar il-kwistjoni.</p> <p>Il-Kummissjoni għandha tittrażmetti l-proposta għal sospensjoni tal-impenji jew il-proposta biex titneħħa tali sospensjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, immedjatament wara l-adozzjoni tagħha. Il-Parlament Ewropew jista' jistieden lill-Kummissjoni biex tispjega r-raġunijiet għall-proposta tagħha.</p>

Raġuni

Id-djalogu strutturat bejn il-Kummissjoni u l-PE jistgħu jintużaw ukoll biex jiġu vvalutati l-implikazzjonijiet reġjonali. F'dan il-proċess, il-PE jista' jistieden lill-KtR biex jieħu sehem f'dan id-dibattitu. Sabiex jiġi evitat kull dewmien bla bżonn il-Kummissjoni għandha tittrażmetti d-deċiżjoni minnufih.

Emenda 31

Artikolu 16(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>L-Istati Membri għandhom iħejju l-programmi biex jimplimentaw il-Fondi għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2027.</p>	<p>L-Istati Membri jew l-awtoritajiet rilevanti ta' ġestjoni, bil-kooperazzjoni tal-imsieħba msemmija fl-Artikolu 16, għandhom iħejju l-programmi biex jimplimentaw il-Fondi għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2027. Il-programmi għandhom jitfasslu skont il-Kodiċi ta' Kondotta dwar is-Sħubija u l-governanza f'diversi livelli.</p>

Raġuni

B'hekk, il-punt ikun iżjed ċar.

Emenda 32

Artikolu 17

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
[...]	[...]
3. Kull programm għandu jistabbilixxi:	3. Kull programm għandu jistabbilixxi:
[...]	[...]
(d) għal kull objettiv speċifiku:	(d) għal kull objettiv speċifiku:
(i) it-tipi ta' azzjonijiet relatati, inkluża lista ta' operazzjonijiet ippjanati ta' importanza strateġika, u l-kontribuzzjoni mistennija tagħhom għal dawk l-objettivi speċifiċi u għall-istrateġiji makroreġjonali u l-istrateġiji tal-baċiri tal-baħar, fejn xieraq;	(i) it-tipi ta' azzjonijiet relatati, inkluża lista indikattiva ta' operazzjonijiet ippjanati ta' importanza strateġika, u l-kontribuzzjoni mistennija tagħhom għal dawk l-objettivi speċifiċi u għall-istrateġiji makroreġjonali u l-istrateġiji tal-baċiri tal-baħar, fejn xieraq;
[...]	[...]
(iv) it-territorji speċifiċi fil-mira, inkluż l-użu ppjanat ta' investiment territorjali integrat, l-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità jew għodod territorjali oħra;	(iv) it-territorji speċifiċi fil-mira fuq il-bażi ta' dokumenti strateġiċi mħejjija fil-livell nazzjonali u reġjonali , inkluż l-użu ppjanat ta' investiment territorjali integrat, l-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità jew għodod territorjali oħra;
[...]	[...]
(g) l-azzjonijiet meħuda sabiex l-imsieħba msemmija fl-Artikolu 6 jiġu involuti fit-tħejjija tal-programm, u r-rwol ta' dawk l-imsieħba fl-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-programm;	(g) l-azzjonijiet meħuda sabiex l-imsieħba msemmija fl-Artikolu 6 jiġu involuti fit-tħejjija tal-programm, u r-rwol ta' dawk l-imsieħba fl-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-programm f'konformità mal-prinċipji tal-governanza f'diversi livelli u l-Kodiċi ta' Kondotta dwar is-Sħubija ;
[...]	[...]
7. L-Istat Membru għandu jikkomunika lill-Kummissjoni kwalunkwe bidla fl-informazzjoni msemmija fil-paragrafu (3)(j) mingħajr il-bżonn ta' emendar tal-programm.	7. L-awtorità ta' ġestjoni rilevanti għandha tikkomunika lill-Kummissjoni kwalunkwe bidla fil-lista indikattiva ta' operazzjonijiet ippjanati ta' importanza strateġika msemmija fil-paragrafu (3)(d)(i), u l-informazzjoni msemmija taħt il-punti (d)(iii), (d)(vii) u (d)(j) tal-paragrafu (3) mingħajr il-bżonn ta' emendar tal-programm.

Raġuni

Sabiex tiżdied il-flessibbiltà, il-listi m'għandhomx jingħalqu fil-bidu tal-programm. Sabiex tissaħħaħ il-governanza fuq diversi livelli u jkun evitat dewmien fl-implimentazzjoni tal-programmi, l-awtoritajiet ta' ġestjoni bil-kompitu tal-implimentazzjoni tal-fondi – wara li jiksbu l-approvazzjoni tal-kumitat ta' monitoraġġ – għandhom ikunu jistgħu jinnotifikaw il-bidliet ta' partijiet tal-programm lill-Kummissjoni Ewropea.

Emenda 33

Artikolu 17(6)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Għall-programmi tal-FEŻR, tal-FSE+ u tal-Fond ta' Koeżjoni ppreżentati f'konformità mal-Artikolu 16, it-tabella msemmija fil-paragrafu (3)(f)(ii) għandha tinkludi l-ammonti għas-snin 2021 sa 2025 biss .	Għall-programmi tal-FEŻR, tal-FSE+ u tal-Fond ta' Koeżjoni ppreżentati f'konformità mal-Artikolu 16, it-tabella msemmija fil-paragrafu (3)(f)(ii) għandha tinkludi l-ammonti għas-snin 2021 sa 2027, fejn l-ammonti għas-snin 2026-2027 jeħtieġ ikunu indikattivi biss, sakemm joħorġu r-riżultati tar-rieżami ta' nofs it-terminu msemmi fl-Artikolu 14.

Raġuni

Sabiex il-possibbiltà għal riallokazzjoni fi ħdan il-programmi wara r-rieżami ta' nofs it-terminu tiġi kkombinata mas-sigurtà tal-allokazzjoni għall-perjodu kollu hu ssuġġerit li jiġi ddikjarat b'mod espliċitu li l-allokazzjoni għas-snin 2026-2027 hija indikattiva.

Emenda 34

Artikolu 18

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
1. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-programm u l-konformità tiegħu ma' dan ir-Regolament u mar-Regolamenti speċifiċi għall-Fondi, kif ukoll il-konsistenza tiegħu mal-Ftehim ta' Sħubija. Il-Kummissjoni, fil-valutazzjoni tagħha għandha, b'mod partikolari, tqis ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi.	1. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-programm u l-konformità tiegħu ma' dan ir-Regolament u mar-Regolamenti speċifiċi għall-Fondi, kif ukoll il-konsistenza tiegħu mal-Ftehim ta' Sħubija. Il-Kummissjoni, fil-valutazzjoni tagħha għandha, b'mod partikolari, tqis ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi, sakemm dawn ikollhom rabta mal-għanijiet tal-Fondi.
2. Il-Kummissjoni tista' tagħmel il-kummenti fi żmien tliet xhur mid-data tal-preżentazzjoni tal-programm mill-Istat Membru.	2. Il-Kummissjoni tista' tagħmel il-kummenti fi żmien tliet xhur mid-data tal-preżentazzjoni tal-programm mill-Istat Membru fuq il-bażi tal-informazzjoni pertinenti kollha.
3. L-Istat Membru għandu jirrieżamina l-programm u jqis il-kummenti li jkunu saru mill-Kummissjoni.	3. L-Istat Membru għandu jirrieżamina l-programm skont il-Kodiċi ta' Kondotta dwar is-Sħubija u l-governanza f'diversi livelli, b'kont meħud tal-kummenti li jkunu saru mill-Kummissjoni.

Raġuni

Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż huma ammissibbli meta dawn ikunu r-riżultat tal-prinċipju tas-sħubija li jkun qed jiġi applikat sabiex jiġu żviluppati.

Emenda 35

Artikolu 19(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
L-Istat Membru li jospita l-awtorità ta' ġestjoni jista' jippreżenta talba motivata għal emenda ta' programm Interreg flimkien mal-programm emendat, li tistabbilixxi l-impatt mistenni ta' dik l-emenda fuq it-twertiq tal-objettivi.	L-Istat Membru li jospita l-awtorità ta' ġestjoni jista' jippreżenta talba motivata għal emenda ta' programm Interreg, wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet lokali u reġjonali u b'konformità mal-Artikolu 6 tas-CPR , flimkien mal-programm emendat, li tistabbilixxi l-impatt mistenni ta' dik l-emenda fuq it-twertiq tal-objettivi.

Raġuni

L-awtoritajiet lokali u reġjonali jeħtieġ jiġu involuti fir-reviżjoni tal-programm.

Emenda 36

Artikolu 19(2)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-emenda u l-konformità tagħha ma' dan ir-Regolament u mar-Regolamenti speċifiċi għall-Fondi, inklużi r-rekwiżiti fil-livell nazzjonali, u tista' tagħmel il-kummenti fi żmien tlit xhur mill-preżentazzjoni tal-programm emendat.	Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-emenda u l-konformità tagħha ma' dan ir-Regolament u mar-Regolamenti speċifiċi għall-Fondi, inklużi r-rekwiżiti fil-livell nazzjonali, u tista' tagħmel il-kummenti fi żmien xahar mill-preżentazzjoni tal-programm emendat. L-Istat Membru għandu jipprovi lill-Kummissjoni bl-informazzjoni addizzjonali meħtieġa kollha.

Raġuni

Il-proċess tal-emendar tal-PO wkoll jeħtieġ li jiġi ssupplementat bil-possibbiltà li l-Istat Membru jipprovi kwalunkwe informazzjoni meħtieġa lill-Kummissjoni.

Emenda 37

Artikolu 19(3)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
L-Istat Membru għandu jirrieżamina l-programm emendat u jqi il-kummenti li jkunu saru mill-Kummissjoni.	L-Istat Membru għandu jirrieżamina l-programm fid-dawl tal-kummenti li jkunu saru mill-Kummissjoni.

Raġuni

Jekk l-osservazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni jiġux ikkunsidrati jew le jiddependi min-negozjati, peress li mhumiex vinkolanti.

Emenda 38

Artikolu 19(4)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Il-Kummissjoni għandha tapprova l-emendar ta' programm mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-preżentazzjoni tiegħu mill-Istat Membru.	Il-Kummissjoni għandha tapprova l-emendar ta' programm mhux aktar tard minn tliet xhur wara l-preżentazzjoni tiegħu mill-Istat Membru.

Raġuni

Iż-żmien għall-approvazzjoni għandu jitqassar biex jitħaffef il-proċess.

Emenda 39

Artikolu 19(5)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Matul il-perjodu ta' programmazzjoni, l-Istat Membru jista' jittrasferixxi ammont sa massimu ta' 5 % tal-allokkazzjoni inizjali ta' prijorità u mhux aktar minn 3 % tal-baġit tal-programm lil prijorità oħra tal-istess Fond tal-istess programm. Għall-programmi appoġġati mill-FEŻR u mill-FSE+, it-trasferiment għandu jikkonċerna biss l-allokkazzjonijiet għall-istess kategorija ta' reġjuni.	Matul il-perjodu ta' programmazzjoni, l-Istat Membru, filwaqt li jirrispetta bis-sħiħ il-Kodiċi ta' Kondotta dwar is-Sħubija u l-governanza f'diversi livelli , jista' jittrasferixxi ammont sa massimu ta' 10 % tal-allokkazzjoni inizjali ta' prijorità u mhux aktar minn 5 % tal-baġit tal-programm lil prijorità oħra tal-istess Fond tal-istess programm.
[...]	[...]

Raġuni

Iż-żieda tal-limitu sa 5 % tkun tappoġġja l-flessibbiltà. Għall-FEŻR u l-FSE +, it-trasferimenti għandhom jikkonċernaw l-istess kategorija ta' reġjuni (bħal fil-proposta inizjali tal-KE).

Emenda 40

Artikolu 20

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
1. Il-FEŻR, il-FSE+ u l-Fond ta' Koeżjoni jistgħu jipprovdu appoġġ b'mod konġunt għall-programmi taħt l-għan ta' Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir.	1. Il-FEŻR, l-FSE+, il-Fond ta' Koeżjoni u, għas-CLLD u l-ITI, l-FAEŻR jistgħu jipprovdu appoġġ b'mod konġunt għall-programmi taħt l-għan ta' Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir.
2. Il-FEŻR u l-FSE+ jistgħu jiffinanzjaw, b'mod komplementari u soġġett għal limitu ta' 10 % ta' appoġġ minn dawk il-Fondi għal kull prijorità ta' programm, l-operazzjoni kollha jew parti minnha li l-kostijiet tagħha jkunu eliġibbli għal appoġġ mill-Fond l-ieħor fuq il-bażi tar-regoli ta' eliġibbiltà applikati għal dak il-Fond, dment li tali kostijiet ikunu meħtieġa għall-implimentazzjoni.	2. Il-FEŻR, l-FSE+ u, għas-CLLD u l-ITI, l-FAEŻR jistgħu jiffinanzjaw, b'mod komplementari u soġġett għal limitu ta' 10 % ta' appoġġ minn dawk il-Fondi għal kull prijorità ta' programm, l-operazzjoni kollha jew parti minnha li l-kostijiet tagħha jkunu eliġibbli għal appoġġ mill-Fond l-ieħor fuq il-bażi tar-regoli ta' eliġibbiltà applikati għal dak il-Fond, dment li tali kostijiet ikunu meħtieġa għall-implimentazzjoni.

Raġuni

Anke wara s-sitwazzjoni spjaċevoli tat-tluq tal-FAEŻR mill-qafas tal-FSIE, l-iżvilupp territorjali integrat li jinkludi l-FAEŻR għandu jkompli mill-inqas għall-ITI u s-CLLD.

Emenda 41

Artikolu 21(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
L-Istati Membri jistgħu jitolbu t-trasferiment sa massimu ta' 5 % tal-allokkazzjonijiet finanzjarji tal-programm minn kwalunkwe wieħed mill-Fondi lejn Fond ieħor taħt ġestjoni kondiviża jew lejn kwalunkwe strument taħt ġestjoni diretta jew indiretta.	Skont il-qafas istituzzjonali, legali u finanzjarju tagħhom, L-Istati Membri – bi qbil mal-awtorità ta' ġestjoni u filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ il-Kodiċi ta' Kondotta dwar is-Sħubija u l-governanza f'diversi livelli – jistgħu jitolbu t-trasferiment sa massimu ta' 5 % tal-allokkazzjonijiet finanzjarji tal-programm minn kwalunkwe wieħed mill-Fondi lejn Fond ieħor taħt ġestjoni kondiviża diretta jew indiretta għal proġetti ta' rilveanza għall-koeżjoni, bl-eċċezzjoni tal-Programm ta' Appoġġ għar-Riformi.

Raġuni

Minħabba t-tnaqqis ġenerali tar-riżorsi tal-politika ta' koeżjoni, l-Istati Membri ma għandhomx jiġu mħeġġa jirtiraw saħansitra aktar riżorsi minn proġetti tal-politika ta' koeżjoni lejn programmi li jistgħu jiġu mmaniġġjati iktar faċilment iżda li huma mingħajr rilevanza għall-koeżjoni.

Emenda 42

Artikolu 22

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
L-Istat Membru għandu jappoġġa l-iżvilupp territorjali integrat permezz ta' strateġiji ta' żvilupp territorjali u lokali fi kwalunkwe forma fost dawn li ġejjin:	L-Istat Membru għandu jappoġġa l-iżvilupp territorjali integrat– li jirrikjedi l-użu tal-Fondi kollha (inkluż il-FAEŻR) – permezz ta' strateġiji ta' żvilupp territorjali u lokali fi kwalunkwe forma fost dawn li ġejjin:
(a) investimenti territorjali integrati;	(a) investimenti territorjali integrati;
(b) żvilupp lokali mmexxi mill-komunità;	(b) żvilupp lokali mmexxi mill-komunità;
(c) għodda territorjali oħra li tappoġġa inizjattivi mfassla mill-Istat Membru għall-investimenti programmati għall-FEŻR skont l-objettiv ta' politika msemmi fl-Artikolu 4(1)(e).	(c) għodda territorjali oħra li tappoġġa inizjattivi mfassla mill- awtoritajiet ta' ġestjoni tal-programmi għall-investimenti programmati għall-FEŻR skont l-objettivi kollha ta' politika msemmija fl-Artikolu 4(1).

Raġuni

L-awtoritajiet ta' ġestjoni qed jiżviluppaw għodod territorjali matul il-perjodu ta' programmazzjoni attwali, anke fil-livell reġjonali. Dawn l-għodod huma bbażati fuq id-dokumenti strateġiċi u aġġustati sew għall-ħtiġijiet reġjonali u lokali.

L-implimentazzjoni effettiva tal-għodod territorjali tirrikjedi l-użu ta' fondi differenti (mhux biss il-FEŻR) biex jiżdiedu s-sinerġiji u l-koordinazzjoni.

Emenda 43

Artikolu 23

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>1. L-istrategġiji territorjali implimentati skont il-punti (a) jew (c) tal-Artikolu 22 għandu jkun fihom l-elementi li ġejjin:</p> <p>(a) iż-żona ġeografika koperta mill-istrategġija;</p> <p>(b) analiżi tal-ħtiġijiet tal-iżvilupp u tal-potenzjal taż-żona;</p> <p>(c) deskrizzjoni ta' approċċ integrat biex il-potenzjal u l-ħtiġijiet tal-iżvilupp identifikati jiġu indirizzati;</p> <p>(d) deskrizzjoni tal-involviment tal-imsieħba f'konformità mal-Artikolu 6 fit-thejġija u fl-implimentazzjoni tal-istrategġija.</p> <p>Dawn jista' jkun fihom ukoll lista tal-operazzjonijiet li jridu jiġu appoġġati.</p> <p>2. L-istrategġiji territorjali għandhom jiffasslu taħt ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet jew korpi rilevanti fil-livell urban, lokali jew flivell territorjali ieħor.</p> <p>3. Fil-każijiet li fihom il-lista tal-operazzjonijiet li jridu jiġu appoġġati ma tkunx ġiet inkluża fl-istrategġija territorjali, l-awtoritajiet jew korpi rilevanti fil-livell urban, lokali jew flivell territorjali ieħor għandhom ikunu involuti fl-għażla tal-operazzjonijiet.</p> <p>L-operazzjonijiet li jintgħażlu għandhom jikkonformaw mal-istrategġija territorjali.</p> <p>4. Fil-każijiet fejn awtorità jew korp fil-livell urban, lokali jew flivell territorjali ieħor iwettqu kompiti li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-awtorità ta' ġestjoni bl-eċċezzjoni tal-għażla tal-operazzjonijiet, l-awtorità għandha tiġi tidentifika bħala korp intermedjarju mill-awtorità ta' ġestjoni.</p> <p>5. Jista' jingħata appoġġ għat-thejġija u għat-tfassil tal-istrategġiji territorjali.</p>	<p>1. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tiżgura li l-istrategġiji territorjali implimentati skont il-punti (a) jew (c) tal-Artikolu 22 għandu jkun fihom l-elementi li ġejjin:</p> <p>(a) iż-żona ġeografika koperta mill-istrategġija;</p> <p>(b) analiżi tal-ħtiġijiet tal-iżvilupp u tal-potenzjal taż-żona;</p> <p>(c) deskrizzjoni ta' approċċ integrat biex il-potenzjal u l-ħtiġijiet tal-iżvilupp identifikati jiġu indirizzati;</p> <p>(d) deskrizzjoni tal-involviment tal-imsieħba f'konformità mal-Artikolu 6 fit-thejġija u fl-implimentazzjoni tal-istrategġija.</p> <p>Dawn jista' jkun fihom ukoll lista tal-operazzjonijiet li jridu jiġu appoġġati.</p> <p>2. L-istrategġiji territorjali għandhom jiffasslu taħt ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet jew korpi rilevanti fil-livell urban, lokali, reġjonali jew flivell territorjali ieħor.</p> <p>3. Fil-każijiet li fihom il-lista tal-operazzjonijiet li jridu jiġu appoġġati ma tkunx ġiet inkluża fl-istrategġija territorjali, l-awtoritajiet jew korpi rilevanti fil-livell urban, lokali, reġjonali jew flivell territorjali ieħor għandhom ikunu involuti fl-għażla tal-operazzjonijiet.</p> <p>L-operazzjonijiet li jintgħażlu għandhom jikkonformaw mal-istrategġija territorjali.</p> <p>4. Meta jkun qed jitħejjew l-istrategġiji territorjali, l-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 23(2) jikkooperaw mal-awtoritajiet rilevanti ta' ġestjoni, f'dak li jirrigwarda l-kamp ta' applikazzjoni tal-operazzjonijiet li għandhom jiġu appoġġati skont il-programm rilevanti.</p> <p>5. Fil-każijiet fejn awtorità jew korp fil-livell urban, lokali, reġjonali jew flivell territorjali ieħor iwettqu kompiti li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-awtorità ta' ġestjoni bl-eċċezzjoni tal-għażla tal-operazzjonijiet, l-awtorità għandha tiġi tidentifika bħala korp intermedjarju mill-awtorità ta' ġestjoni.</p> <p>6. Jista' jingħata appoġġ għat-thejġija u għat-tfassil tal-istrategġiji territorjali.</p>

Raġuni

Jeħtieġ li jiġi indikat u jissaħħaħ ir-rwol tal-awtorità ta' ġestjoni, bħala l-entità responsabbli għall-implimentazzjoni tal-PO, fil-proċess tal-iżvilupp ta' strateġiji territorjali, li huma strument biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-PO.

Fit-test għandu jkun hemm ukoll referenza għall-awtoritajiet reġjonali, f'konformità mal-Opinjoni tal-KtR COTER-VI/031, li tqis il-fatt li "il-kompiti u s-setgħat tal-korpi responsabbli għall-għażla tal-operazzjonijiet mhumiex ikkunsidrati biżżejjed" bħala wieħed mill-ostakli ewlenin fl-implimentazzjoni tal-iżvilupp territorjali integrat.

Jeħtieġ li jiġi indikat u jissaħħaħ ir-rwol tal-awtorità ta' ġestjoni fit-tħejija tal-istrateġiji territorjali. B'mod partikolari, dan għandu jinkludi l-obbligu li jitfasslu strateġiji għall-kooperazzjoni mal-awtorità rilevanti ta' ġestjoni, u l-għoti tal-awtorità lill-awtorità ta' ġestjoni biex dawn l-istrateġiji jiġu rikonċiljati mal-ambitu tal-PO.

Emenda 44

Artikolu 25(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Il-FEŻR, il-FSE+ u l-FEMS jistgħu jappoġġaw żvilupp lokali mmexxi mill-komunità.	Il-FEŻR, il-FSE+, l-FAEŻR, li għandu jiġi deżinjat bħala LEADER , u l-FEMS jistgħu jappoġġaw żvilupp lokali mmexxi mill-komunità.

Raġuni

L-FAEŻR għandu wkoll jiġi inkluż meta jiġu appoġġjati azzjonijiet tas-CLLD u l-LEADER.

Emenda 45

Artikolu 27(2)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
L-awtoritajiet ta' ġestjoni għandhom jiżguraw li l-gruppi ta' azzjoni lokali jew jagħżlu msieħeb wieħed fi ħdan il-grupp bħala msieħeb ewlieni fi kwistjonijiet amministrattivi u finanzjarji, jew jingħaqdu flimkien fi struttura komuni kkostitwita legalment.	L-awtoritajiet ta' ġestjoni għandhom jiżguraw li l-gruppi ta' azzjoni lokali jingħaqdu flimkien fi struttura komuni kkostitwita legalment.

Raġuni

L-esperjenza wriet li huwa diffiċli li l-awtorità ta' ġestjoni tagħżel msieħeb ewlieni jekk il-grupp ta' azzjoni lokali ma jippreżentax entità legali konġunta. Meta jitqies li l-gruppi ta' azzjoni lokali għandhom livell għoli ta' responsabbiltà u għalhekk huma wkoll soġġetti għal żbalji potenzjali, huma għandhom ikunu obbligati jingħaqdu fi struttura kkostitwita legalment.

Emenda 46

Artikolu 31(2)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Il-persentaġġ tal-Fondi rimborżati għall-assistenza teknika għandu jkun dan li ġej:	Il-persentaġġ tal-Fondi rimborżati għall-assistenza teknika għandu jkun dan li ġej:
(a) għall-appoġġ tal-FEŻR taħt l-għan tal-Investment għall-impjiegi u t-tkabbir, u għall-appoġġ tal-Fond ta' Koeżjoni: 2,5 % ;	(a) għall-appoġġ tal-FEŻR taħt l-għan tal-Investment għall-impjiegi u t-tkabbir, u għall-appoġġ tal-Fond ta' Koeżjoni: 5 % ;
(b) għall-appoġġ tal-FSE+: 4 % u għall-programmi skont l-Artikolu 4(1)(c)(vii) tar-Regolament FSE+: 5 %;	(b) għall-appoġġ tal-FSE+: 5 %;
(c) għall-appoġġ tal-FEMS: 6 %;	(c) għall-appoġġ tal-FAEŻR: 5 % ;
(d) għall-appoġġ tal-AMIF, tal-ISF u tal-BMVI: 6 %.	(d) għall-appoġġ tal-FEMS: 6 %;
	(e) għall-appoġġ tal-AMIF, tal-ISF u tal-BMVI: 6 %.

Raġuni

Ir-rata fissa (5 %) għal assistenza teknika għandha tkopri wkoll l-ESF +.

Emenda 47

Artikolu 33(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
L-Istat Membru għandu jwaqqaf kumitat għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-programm ("kumitat ta' monitoraġġ") fi żmien tliet xhur mid-data tan-notifika lill-Istat Membru kkonċernat dwar id-deċiżjoni li tapprova l-programm.	L-Istat Membru – bi qbil mal-awtorità ta' ġestjoni rilevanti – għandu jwaqqaf kumitat, f'konformità mal-Kodiċi ta' Kondotta dwar is-Sħubija u mal-governanza f'diversi livelli u l-qafas istituzzjonali, legali u finanzjarju tiegħu , għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-programm ("kumitat ta' monitoraġġ") fi żmien tliet xhur mid-data tan-notifika lill-Istat Membru kkonċernat dwar id-deċiżjoni li tapprova l-programm.
[...]	[...]

Raġuni

Biex jiġi żgurat l-involviment adatt tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u tal-partijiet interessati hija meħtieġa referenza għall-qafas istituzzjonali, legali u finanzjarju fl-Istati Membri u għall-Kodiċi ta' Kondotta. Peress li l-kumitat ta' monitoraġġ ġie stabbilit biex jimmonitorja programm partikolari, l-awtorità ta' ġestjoni għandha tkun responsabbli għall-istabbiliment tiegħu.

Emenda 48

Artikolu 33(4)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
L-Istat Membru għandu jippubblika r-regoli ta' proċedura tal-kumitat ta' monitoraġġ u d-data u l-informazzjoni kollha kondiviżi mal- kumitat ta' monitoraġġ fuq is-sit web imsemmi fl-Artikolu 44(1).	L-awtorità ta' ġestjoni għandha tippubblika r-regoli ta' proċedura tal-kumitat ta' monitoraġġ u d-data u l-informazzjoni kollha marbuta mal-ħidma tal- kumitat ta' monitoraġġ fuq is-sit web imsemmi fl-Artikolu 44(1) jew tindika l-link għas-sit web rilevanti fejn ikunu disponibbli d-data u l-informazzjoni kollha.

Raġuni

Id-data u l-informazzjoni kollha għall-kumitati ta' monitoraġġ għall-perjodu attwali ta' programmazzjoni jiġu ppubblikati fis-siti web rilevanti stabbiliti speċifikament għal dan il-għan. Din il-prattika tajba għandha tissokta tul il-perjodu 2021-2027.

Emenda 49

Artikolu 35(1)(f)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Il-kumitat ta' monitoraġġ għandu jeżamina: [...] (f) l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ta' komunikazzjoni u viżibilità; [...]	Il-kumitat ta' monitoraġġ għandu jeżamina: [...] (f) l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ta' komunikazzjoni u viżibilità kif stabbiliti fl-istrateġija ta' komunikazzjoni; [...]

Raġuni

Aħna nipproponu li l-istrateġija ta' komunikazzjoni tinżamm u li din tkun approvata u emendata mill-kumitat ta' monitoraġġ għall-programm operattiv.

Emenda 50

Artikolu 35(1), żid punt ġdid wara l-punt (i)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Il-kumitat ta' monitoraġġ għandu jeżamina: [...]	Il-kumitat ta' monitoraġġ għandu jeżamina: [...] (j) il-metodoloġija u l-kriterji użati għall-għażla tal-operazzjonijiet, inkluża kull bidla fihom mingħajr preġudizzju għall-punti (b), (c) u (d) tal-Artikolu 27 (3);

Raġuni

L-approvazzjoni tal-kumitat ta' monitoraġġ ma għandhiex tkun rekwiżit għall-metodoloġija u l-kriterji tal-għażla, għaliex inkella tiġi ostakolata l-ħidma tal-awtorità ta' ġestjoni.

Emenda 51

Artikolu 35(2)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Il-kumitat ta' monitoraġġ għandu japprova:</p> <p>(a) il-metodoloġija u l-kriterji użati għall-għażla tal-operazzjonijiet, inkluża kull bidla fihom, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni skont l-Artikolu 67 (2), mingħajr preġudizzju għall-punti (b), (c) u (d) tal-Artikolu 27(3);</p> <p>(b) ir-rapport annwali dwar il-prestazzjoni għall-programmi appoġġati mill-FEMS, mill-AMF, mill-ISF u mill-BMVI, u r-rapport finali dwar il-prestazzjoni għall-programmi appoġġati mill-FEŻR, mill-FSE+ u mill-Fond ta' Koeżjoni;</p> <p>(c) il-pjan ta' evalwazzjoni u kull emenda li ssir fih;</p> <p>(d) kull proposta mill-awtorità ta' ġestjoni għall-emendat ta' programm inkluż għal trasferimenti f'konformità mal-Artikolu 19(5) u mal-Artikolu 21.</p>	<p>Il-kumitat ta' monitoraġġ għandu japprova:</p> <p>(a) ir-rapport annwali dwar il-prestazzjoni għall-programmi appoġġati mill-FEMS, mill-AMF, mill-ISF u mill-BMVI, u r-rapport finali dwar il-prestazzjoni għall-programmi appoġġati mill-FEŻR, mill-FSE+ u mill-Fond ta' Koeżjoni;</p> <p>(b) il-pjan ta' evalwazzjoni u kull emenda li ssir fih;</p> <p>(c) kull proposta mill-awtorità ta' ġestjoni għall-emendat ta' programm eskluż għal trasferimenti f'konformità mal-Artikolu 19(5) u mal-Artikolu 21.</p> <p>(d) kwalunkwe bidla fil-lista ta' operazzjonijiet ippjanati ta' importanza strateġika msemmija fl-Artikolu 17 (3)(d)(i), u l-informazzjoni msemmija taħt il-punti (d)(iii), (d)(vii) u (d)(j) tal-Artikolu 17 (3).</p> <p>(e) l-istrateġija tal-komunikazzjoni għall-programm operattiv u kwalunkwe emenda għal dik l-istrateġija.</p>

Raġuni

L-approvazzjoni tal-kumitat ta' monitoraġġ ma għandhiex tkun rekwiżit għal bidliet fil-programm fil-forma ta' bdil bejn l-assi prijoritarji taħt il-flessibilità ta' 5 % (jew 10 %), għaliex inkella l-awtorità ta' ġestjoni se tiġi mċaħħda mill-possibbiltà ta' aġġustamenti fil-ħin. L-iskema tal-flessibilità titlef l-effettività.

Emenda 52

Artikolu 37(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>L-awtorità ta' ġestjoni għandha tittrażmetti elettronikament lill-Kummissjoni data kumulattiva għal kull programm sal-31 ta' Jannar, il-31 ta' Marzu, il-31 ta' Mejju, il-31 ta' Lulju, it-30 ta' Settembru u t-30 ta' Novembru ta' kull sena f'konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness VII.</p> <p>L-ewwel trażmissjoni għandha tkun dovuta sal-31 ta' Jannar 2022 u l-aħħar waħda sal-31 ta' Jannar 2030.</p> <p>Għall-programmi taħt l-Artikolu 4(1)(c)(vii) tar-Regolament FSE+, id-data għandha tkun trażmessa annwalment sat-30 ta' Novembru.</p>	<p>L-awtorità ta' ġestjoni għandha tittrażmetti elettronikament lill-Kummissjoni data kumulattiva għal kull programm sal-31 ta' Jannar, il-31 ta' Lulju u l-31 ta' Ottubru ta' kull sena f'konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness VII.</p> <p>L-ewwel trażmissjoni għandha tkun dovuta sal-31 ta' Jannar 2022 u l-aħħar waħda sal-31 ta' Jannar 2030.</p> <p>Għall-programmi taħt l-Artikolu 4(1)(c)(vii) tar-Regolament FSE+, id-data għandha tkun trażmessa annwalment sat-30 ta' Novembru.</p>

Raġuni

It-trasferiment ta' data 6 darbiet fis-sena jikkawża piż amministrattiv sinifikanti u għandu jitnaqqas għal 3 darbiet fis-sena, kif kien il-każ taħt is-CPR attwali.

Emenda 53

Artikolu 43(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
[...]	[...]
Il-koordinatur għall-komunikazzjoni għandu jinvolti lill-korpi segwenti fl-attivitajiet ta' viżibilità, trasparenza u komunikazzjoni:	Il-koordinatur għall-komunikazzjoni għandu jinvolti lill-korpi segwenti fl-attivitajiet ta' viżibilità, trasparenza u komunikazzjoni:
(a) ir-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni Ewropea u l-Uffiċċji ta' Kollegament tal-Parlament Ewropew fl-Istati Membri; kif ukoll lil Ċentri ta' Informazzjoni tal-Europe Direct u netwerks oħra, istituzzjonijiet edukattivi u ta' riċerka;	(a) ir-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni Ewropea u l-Uffiċċji ta' Kollegament tal-Parlament Ewropew fl-Istati Membri; kif ukoll lil Ċentri ta' Informazzjoni tal-Europe Direct u netwerks oħra, istituzzjonijiet edukattivi u ta' riċerka;
(b) imsieħba u korpi rilevanti oħra.	(b) l-awtoritajiet lokali u reġjonali involuti fl-implimentazzjoni tal-programmi;
	(c) imsieħba u korpi rilevanti oħra.

Raġuni

Is-CPR għandu jinkoraġġixxi l-kooperazzjoni bejn il-livelli kollha tal-gvern involuti fl-implimentazzjoni u l-komunikazzjoni tal-programmi.

Emenda 54

Artikolu 43(2)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Kull awtorità ta' ġestjoni għandha tidentifika uffiċjal għall-komunikazzjoni għal kull programm (" uffiċjal għall-komunikazzjoni tal-programm")	Kull awtorità ta' ġestjoni għandha tidentifika uffiċjal għall-komunikazzjoni għal programm wieħed jew aktar (" uffiċjali għall-komunikazzjoni tal-programm")

Raġuni

Sabiex tiġi appoġġjata l-integrazzjoni tal-fondi bil-għan li jinkiseb approċċ aktar olistiku bbażat fuq sinerġiji akbar, għandu jkun possibbli li jkun hemm uffiċjal wieħed għal diversi programmi. Dan jista' jiżgura wkoll komunikazzjoni aktar koerenti bejn il-fondi.

Emenda 55

Artikolu 43(3)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Il-Kummissjoni għandha topera netwerk li tinkludi lill-koordinaturi għall-komunikazzjoni, lill-uffiċjali għall-komunikazzjoni tal-programm u rappreżentanti tal-Kummissjoni biex jiskambjaw informazzjoni dwar attivitajiet ta' viżibbiltà, trasparenza u komunikazzjoni.</p>	<p>Il-Kummissjoni għandha topera netwerk li tinkludi lill-koordinaturi għall-komunikazzjoni, lill-uffiċjali għall-komunikazzjoni tal-programm, lil rappreżentanti tal-Kumitat Ewropew tar-Regżjoni u lil rappreżentanti tal-Kummissjoni biex jiskambjaw informazzjoni dwar attivitajiet ta' viżibbiltà, trasparenza u komunikazzjoni.</p>

Raġuni

Il-Kummissjoni tingħata l-kompitu li topera netwerk ta' komunikaturi li jeħtieġ jinvolvi wkoll lill-KtR sabiex jiġu żgurati sinerġiji u kooperazzjoni.

Emenda 56

Artikolu 44, paragrafu ġdid wara paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	<p><i>L-awtoritajiet ta' ġestjoni għandhom ifasslu strateġija ta' komunikazzjoni għal kull programm operazzjonali. Strateġija ta' komunikazzjoni komuni tista' titfassal għal diversi programmi operazzjonali. L-istrateġija ta' komunikazzjoni għandha tiegħu kont tad-daqs tal-programm jew programmi operazzjonali kkonċernati, f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità.</i></p> <p><i>L-istrateġija ta' komunikazzjoni għandha tinkludi l-elementi stabbiliti fl-Anness VIII.</i></p> <p><i>L-Istat Membru u l-awtorità ta' ġestjoni għandhom jiżguraw li l-miżuri ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni jiġu applikati skont l-istrateġija ta' komunikazzjoni, sabiex jittejbu l-viżibbiltà u l-interazzjoni maċ-ċittadini, u li tali miżuri jirċievu l-aktar kopertura wiesgħa possibbli mill-midja.</i></p>

Raġuni

L-istrateġija ta' komunikazzjoni hija fattur ewlieni fit-tfassil u l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti ta' viżibbiltà u ta' komunikazzjoni li bħalissa ninsabu ħerqana li nnefasizzaw. It-tneħħija għal kollox tagħhom tkun iġġib ċertu livell ta' inċertezza fl-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri, u riskju li ma jiġix żgurati livell minimu ta' uniformità bejn id-diversi korpi u organizzazzjonijiet involuti biex dan seħħ.

Emenda 57

Artikolu 44(2)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
L-awtorità ta' ġestjoni għandha tippubblika fuq is-sit web imsemmi fil-paragrafu 1, mill-inqas xahar qabel il-ftuħ ta' sejħa għall-proposti , sommarju qasir tas-sejħiet għall-proposti ippjanati u ppubblikati bid-data segwenti:	L-awtorità ta' ġestjoni għandha tippubblika fuq is-sit web imsemmi fil-paragrafu 1 sommarju qasir tas-sejħiet għall-proposti ippjanati u ppubblikati bid-data segwenti:
[...]	[...]

Raġuni

Id-dispożizzjonijiet skont l-Artikolu 44(2) jistgħu jwasslu għal dewmien fl-implimentazzjoni, u fl-istess ħin jillimitaw il-flessibbiltà tal-awtoritajiet ta' ġestjoni.

Qed tiġi għalhekk proposta t-tneħħija tad-dispożizzjoni, filwaqt li l-amministrazzjonijiet individwali jagħmlu l-evalwazzjoni għall-għażla tal-aktar strumenti adatti biex tiġi żgurata l-akbar viżibbiltà tal-opportunitajiet ta' finanzjament.

Alternattivament, jekk jitqies neċċessarju li tinżamm id-dispożizzjoni msemmija hawn fuq, ikun meħtieġ li ż-żmien li fih issir il-pubblikazzjoni ma jkunx predefinit iżda jitħalla f'idejn l-awtoritajiet ta' ġestjoni, sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mal-ippjanar tal-implimentazzjoni.

Emenda 58

Artikolu ġdid wara l-Artikolu 44

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	<p>1. L-istrateġija ta' komunikazzjoni mfassla mill-awtorità ta' ġestjoni jeħtieġ tiġi ppreżentata lill-kumitat ta' monitoraġġ għall-approvazzjoni f'konformità mal-Artikolu 35(2)(e), mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-adozzjoni tal-programm jew tal-programmi operazzjonali kkonċernati.</p> <p>Meta strateġija ta' komunikazzjoni komuni titfassal għal diversi programmi operazzjonali u tinvolvi diversi kumitati ta' monitoraġġ, l-Istat Membru jista' jinnomina kumitat ta' monitoraġġ wieħed li jkollu r-responsabbiltà, f'konsultazzjoni mal-kumitati ta' monitoraġġ rilevanti l-oħra, li japprova l-istrateġija ta' komunikazzjoni komuni u kwalunkwe emenda sussegwenti ta' dik l-istrateġija.</p> <p>Fejn meħtieġ, l-Istat Membru jew l-awtoritajiet ta' ġestjoni jistgħu jemendaw l-istrateġija ta' komunikazzjoni matul il-perjodu ta' programmazzjoni. L-istrateġija ta' komunikazzjoni emendata jeħtieġ tiġi ppreżentata mill-awtorità ta' ġestjoni lill-kumitat ta' monitoraġġ għall-approvazzjoni f'konformità mal-Artikolu 35(2)(e).</p>

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	<p>2. <i>B'eċċezzjoni għad-deroga mit-tielet sottoparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-awtorità ta' ġestjoni jehriegg tinforma lill-kumitat jew kumitati ta' monitoraġġ responsabbli tal-anqas darba f'sena dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-istrategġija ta' komunikazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 35(1)(f) u dwar l-analiżi tagħha tar-riżultati ta' din l-implimentazzjoni, kif ukoll dwar l-attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni pplanati li ser isaħħu l-viżibilità tal-Fondi li għandhom jitwettqu s-sena ta' wara. Il-kumitat ta' monitoraġġ jehriegg jagħti opinjoni dwar l-attivitajiet u l-miżuri pplanati għas-sena ta' wara, inkluż dwar modi kif tiżdied l-effettività ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni mmirati lejn il-pubbliku.</i></p>

Raġuni

Huwa ssuġġerit li tinżamm il-proċedura għall-approvazzjoni, l-emendar u s-segwitu tal-istrategġija ta' komunikazzjoni, minħabba r-riżultati tajbin tagħha matul il-perjodu 2014-2020, u peress li tippermetti li l-kontroll tal-Kummissjoni jkun ibbażat fuq dokument organizzat u aċċessibbli, u b'hekk tiġi ffaċilitata s-supervizzjoni.

Emenda 59

Artikolu 50(2)(b)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>billi niddividu l-kostijiet mensili gross tal-impjegji dokumentati riċentament bil-ħin tax-xogħol tal-persuna kkonċernata għal dak ix-xahar skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli msemmija fil-kuntratt ta' impjeg.</p>	<p>billi niddividu l-kostijiet mensili gross tal-impjegji dokumentati riċentament bil-ħin tax-xogħol tal-persuna kkonċernata għal dak ix-xahar skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli jew il-ftehimiet kollettivi msemmija fil-kuntratt ta' impjeg.</p>

Raġuni

Referenza għall-bażi għall-kuntratt ta' impjeg.

Emenda 60

Artikolu 52(2)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>L-istrumenti finanzjarji għandhom jipprovdu appoġġ lir-riċevituri finali għall-investimenti għodda biss li huma mistennija li jkunu finanzjarjament vijabbli, bħal pereżempju fil-ġenerazzjoni ta' dħul jew iffrankar, u li ma jsibux finanzjament suffiċjenti mis-sorsi tas-suq.</p>	<p>L-istrumenti finanzjarji għandhom jipprovdu appoġġ lir-riċevituri finali għall-investimenti biss li huma mistennija li jkunu finanzjarjament vijabbli, bħal pereżempju fil-ġenerazzjoni ta' dħul jew iffrankar, u li ma jsibux finanzjament suffiċjenti mis-sorsi tas-suq disponibbli.</p>

Raġuni

L-istrumenti finanzjarji għandhom jintużaw mhux biss għall-investimenti għodda iżda għall-investimenti b'mod ġenerali li huma finanzjarjament vijabbli u f'każ li s-sorsi tas-suq disponibbli ma jstgħux jiprovdu l-finanzjament.

Emenda 61

Artikolu 52, paragrafu ġdid wara paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	<p><i>Fejn l-istrumenti finanzjarji jappoġġaw il-finanzjament għall-imprezi, inklużi l-SMEs, dan l-appoġġ għandu jkun immirat lejn it-twaqqif ta' imprezi ġodda, kapital fi stadju bikri, jiġifieri l-kapital inizjali u l-kapital biex tibda negozju, kapital għall-espansjoni, kapital għat-tisħiħ tal-attivitajiet ġenerali ta' impreza, jew it-twettiq ta' proġetti ġodda, il-penetrazzjoni ta' swieq ġodda jew żviluppi ġodda minn imprezi eżistenti, mingħajr preġudizzju għar-regoli tal-Unjoni applikabbli dwar l-għajjnuna mill-Istat u f'konformità mar-regoli speċifiċi għall-Fondi. Tali appoġġ jista' jinkludi investiment fl-assi kemm tanġibbli u intanġibbli kif ukoll kapital operattiv fil-limiti tar-regoli tal-Unjoni applikabbli dwar l-għajjnuna mill-Istat u bil-ħsieb li jiġi stimulat is-settur privat bħala fornitur tal-finanzjament għall-imprezi. Jista' jinkludi wkoll spejjeż tat-trasferiment tad-drittijiet ta' proprjetà fl-imprezi sakemm tali trasferimenti jsiru bejn investituri indipendenti.</i></p>

Raġuni

Is-CPR il-ġdid għandu jirreferi wkoll għad-definizzjoni wiesgħa ta' investiment bħalma hemm fis-CPR attwali.

Emenda 62

Artikolu 53(2)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Strumenti finanzjarji ġestiti taħt ir-responsabbiltà tal-awtorità ta' ġestjoni jistgħu jitwaqqfu bħala wieħed mis-segwenti:</p> <p>(a) investiment ta' riżorsi tal-programm fil-kapital ta' entità legali;</p> <p>(b) blokki separati ta' kontijiet fiduċjarji jew finanzjarji fl-istituzzjoni.</p> <p>L-awtorità ta' ġestjoni għandha tagħżel il-korp li jimplimenta l-istrument finanzjarju.</p> <p>Jekk il-korp magħżul mill-awtorità ta' ġestjoni jimplimenta fond ta' parteċipazzjoni, dan il-korp jista' ulterjorment jagħżel korpi oħra biex jimplimenta fond speċifiku.</p>	<p>Strumenti finanzjarji ġestiti taħt ir-responsabbiltà tal-awtorità ta' ġestjoni jistgħu jitwaqqfu bħala wieħed mis-segwenti:</p> <p>(a) investiment ta' riżorsi tal-programm fil-kapital ta' entità legali;</p> <p>(b) blokki separati ta' kontijiet fiduċjarji jew finanzjarji fl-istituzzjoni.</p> <p>L-awtorità ta' ġestjoni għandha tagħżel il-korp li jimplimenta l-istrument finanzjarju b'konformità mal-Artikolu 67.</p> <p>Jekk il-korp magħżul mill-awtorità ta' ġestjoni jimplimenta fond ta' parteċipazzjoni, dan il-korp jista' ulterjorment jagħżel korpi oħra biex jimplimenta fond speċifiku.</p>

Raġuni

Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni mmexxija mis-suq tal-istrumenti finanzjarji u sabiex jittaffew ir-riskji tal-awditjar għall-għażla tal-korp li jimplimenta strument finanzjarju, hija kruċjali l-konformità mal-Artikolu 67. B'konformità mal-emenda, għandhom jiġu emendati wkoll il-premessa (44) u l-Artikoli 62(3) u 67(4).

Emenda 63

Artikolu 53(6)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Il-kofinanzjament nazzjonali ta' programm jista' jingħata fil-livell tal- awtorità ta' ġestjoni jew fil-livell tal-fondi ta' parteċipazzjoni, jew fil-livell ta' fondi speċifiċi, jew fil-livell tal-investimenti friċevituri finali, skont ir-regoli speċifiċi għall-Fondi. Jekk il-kofinanzjament nazzjonali jiġi pprovdut fil-livell ta' investment fir-riċevituri finali, il-korp li jimplementa l-istrument finanzjarju għandu jżomm evidenza dokumentata li turi l-eliġibbiltà tan-nefqa sottostanti.	Il-kofinanzjament nazzjonali ta' programm jista' jingħata mill- awtorità ta' ġestjoni jew mill- fondi ta' parteċipazzjoni, jew ta' fondi speċifiċi, jew minn investituri privati jew riċevituri finali, skont ir-regoli speċifiċi għall-Fondi. Jekk il-kofinanzjament nazzjonali jiġi pprovdut minn jew fil-livell ta' investment fir-riċevituri finali, il-korp li jimplementa l-istrument finanzjarju għandu jżomm evidenza dokumentata li turi l-eliġibbiltà tan-nefqa sottostanti.

Raġuni

M'hemm l-ebda raġuni għala għandha tiġi eskluża l-kontribuzzjoni proprja tar-riċevitur finali bħala kofinanzjament nazzjonali eliġibbli jekk hija maħsuba biex tiffinanzja l-istess investment. Esklużjoni bħal din tikkostitwixxi l-issikkar mhux ġustifikat tal-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà meta mqabbla mal-għotjiet finanzjarji.

Emenda 64

Artikolu 59(3)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għal ebda operazzjoni li tgħaddi minn waqfien ta' attività produttiva minħabba falliment mhux frawdolenti.	Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-kontribuzzjonijiet lil strumenti finanzjarji jew minnhom u għal ebda operazzjoni li tgħaddi minn waqfien ta' attività produttiva minħabba falliment mhux doluż.

Raġuni

L-operazzjonijiet tal-istrumenti finanzjarji għandhom jiġu espliċitament eżenti mid-dispożizzjonijiet dwar id-durabilità. Din id-deroga ġiet introdotta b'suċċess kemm għall-perjodu 2007-2013 kif ukoll għall-perjodu 2014-2020.

Emenda 65

Artikolu 63(7)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iskambji ta' informazzjoni bejn il-benefiċjarji u l-awtoritajiet tal-programm jitwettqu permezz ta' sistemi ta' skambju elettroniku ta' data skont l-Anness XII. [...]	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fejn adatt , l-iskambji ta' informazzjoni bejn il-benefiċjarji u l-awtoritajiet tal-programm ikunu jistgħu jitwettqu permezz ta' sistemi ta' skambju elettroniku ta' data skont l-Anness XII. [...]

Raġuni

Dan ikun jimponi piż bla bżonn biex l-iskambji kollha ta' data jsiru b'mod elettroniku.

Emenda 66

Artikolu 64(4)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
[...]	[...]
(c) il-Kummissjoni għandha tittrażmetti l-konklużjonijiet preliminari tal-awditu, f'mill-inqas f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni , mhux aktar tard minn tliet xhur wara l-aħħar jum tal-awditu, lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru.	(c) il-Kummissjoni għandha tittrażmetti l-konklużjonijiet preliminari tal-awditu, f'mill-inqas f'waħda mil-lingwi tal-Istat Membru kkonċernat , mhux aktar tard minn tliet xhur wara l-aħħar jum tal-awditu, lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru.
il-Kummissjoni għandha tittrażmetti r-rapport tal-awditur, f'mill-inqas f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni , mhux aktar tard minn tliet xhur mid-data li fiha tirċievi risposta komplta mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru dwar il-konklużjonijiet preliminari tal-awditu.	il-Kummissjoni għandha tittrażmetti r-rapport tal-awditur, f'mill-inqas f'waħda mil-lingwi tal-Istat Membru kkonċernat , mhux aktar tard minn tliet xhur mid-data li fiha tirċievi risposta komplta mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru dwar il-konklużjonijiet preliminari tal-awditu.
[...]	[...]

Raġuni

Dan għandu jgħin biex tithaffet l-implimentazzjoni peress li l-awtoritajiet ikkonċernati ma jkollhomx jistennew għal traduzzjoni addizzjonali, jekk ikun meħtieġ.

Emenda 67

Artikolu 67(2)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
B'talba tal-Kummissjoni, l-awtorità ta' ġestjoni għandha tikkonsulta mal-Kummissjoni u tikkunsidra l-kummenti tagħha qabel il-preżentazzjoni inizjali tal-kriterji tal-għażla lill-kumitat ta' monitoraġġ u qabel kwalunkwe bidla sussegwenti għal dawn il-kriterji.	

Raġuni

Il-kondizzjonijiet li fihom il-Kummissjoni tista' titlob li tiġi kkonsultata dwar il-kriterji tal-għażla mhumiex ċari. Dan ikun jostakola l-awtonomija u l-proċess tat-teħid tad-deċizzjonijiet tal-awtorità ta' ġestjoni.

Emenda 68

Artikolu 84(2)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Il-prefinanzjament għal kull Fond għandu jitħallas b'pagamenti parzjali annwali qabel l-1 ta' Lulju ta' kull sena, soġġett għad-disponibbiltà ta' fondi, kif ġej:</p> <p>(a) 2021: 0,5 %;</p> <p>(b) 2022: 0,5 %;</p> <p>(c) 2023: 0,5 %;</p> <p>(d) 2024: 0,5 %;</p> <p>(e) 2025: 0,5 %;</p> <p>(f) 2026: 0,5 %</p> <p>Jekk programm jiġi adottat wara l-1 ta' Lulju 2021, il-pagamenti parzjali preċedenti għandhom jitħallsu fis-sena tal-adozzjoni.</p>	<p>Il-prefinanzjament għal kull Fond għandu jitħallas b'pagamenti parzjali annwali qabel l-1 ta' Lulju ta' kull sena, soġġett għad-disponibbiltà ta' fondi, kif ġej:</p> <p>(a) 2021: 2 %;</p> <p>(b) 2022: 2 %;</p> <p>(c) 2023: 2 %;</p> <p>(d) 2024: 2 %;</p> <p>(e) 2025: 2 %;</p> <p>(f) 2026: 2 %</p> <p>Jekk programm jiġi adottat wara l-1 ta' Lulju 2021, il-pagamenti parzjali preċedenti għandhom jitħallsu fis-sena tal-adozzjoni.</p>

Raġuni

Meta mqabbel mas-CPR attwali, l-ammont ta' prefinanzjament annwali huwa imnaqqas wisq drastikament fis-CPR il-ġdid.

Emenda 69

Artikolu 85(4)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Permezz ta' deroga mill-punt (d) tal-paragrafu 3, għandu japplika dan li ġej:</p> <p>(a) fejn il-kontribuzzjoni tal-Unjoni hija magħmula skont il-punt (a) tal-Artikolu 46, l-ammonti inklużi fl-applikazzjoni għal pagment għandhom ikunu l-ammonti ġustifikati mill-progress li sar fl-issodisfar tal-kundizzjonijiet jew il-kisba tar-riżultati, skont id-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 89(2);</p> <p>(b) fejn il-kontribuzzjoni tal-Unjoni hija magħmula skont il-punti (c), (d) u (e) tal-Artikolu 46, l-ammonti inklużi fl-applikazzjoni għal pagment għandhom ikunu l-ammonti determinati skont id-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 88(3);</p>	<p>Permezz ta' deroga mill-punt (d) tal-paragrafu 3, għandu japplika dan li ġej:</p> <p>(a) fejn il-kontribuzzjoni tal-Unjoni hija magħmula skont il-punt (a) tal-Artikolu 46, l-ammonti inklużi fl-applikazzjoni għal pagment għandhom ikunu l-ammonti ġustifikati mill-progress li sar fl-issodisfar tal-kundizzjonijiet jew il-kisba tar-riżultati, skont id-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 89(2);</p> <p>(b) fejn il-kontribuzzjoni tal-Unjoni hija magħmula skont il-punti (c), (d) u (e) tal-Artikolu 46, l-ammonti inklużi fl-applikazzjoni għal pagment għandhom ikunu l-ammonti determinati skont id-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 88(3);</p>

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
(c) għall-forom ta' għotjiet imsemmija fil-punti (b), (c) u (d) tal-Artikolu 48(1), l-ammonti inklużi fl-applikazzjoni għal pagament għandhom ikunu l-kostijiet ikkalkolati fuq il-bażi applikabbli.	(c) għall-forom ta' għotjiet imsemmija fil-punti (b), (c) u (d) tal-Artikolu 48(1), l-ammonti inklużi fl-applikazzjoni għal pagament għandhom ikunu l-kostijiet ikkalkolati fuq il-bażi applikabbli. (d) <i>fil-każ ta' għajjuna mill-Istat, l-applikazzjoni għal pagament tista' tinkludi pagamenti bil-quddiem imħallsa lill-benefiċjarju mill-korp li jagħti l-għajjuna bil-kondizzjoni li daww il-pagamenti bil-quddiem ma jaqbżux l-40 % tal-ammont totali tal-għajjuna li għandha tingħata lil benefiċjarju għal operazzjoni partikolari.</i>

Raġuni

Is-CPR attwali jipprovdi, fl-Artikolu 131(4)(b), il-possibbiltà li jitħallsu pagamenti bil-quddiem sa 40 %. Din l-għażla għandha tinżamm fis-CPR il-ġdid.

Emenda 70

Artikolu 86

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
[...]	[...]
<p>2. Fejn l-istrumenti finanzjarji jkunu implementati f'konformità mal-Artikolu 53(3), l-applikazzjonijiet għal pagament li tinkludi nefqa għall-istrumenti finanzjarji għandhom jiġu sottomessi skont il-kundizzjonijiet li ġejjin:</p> <p>(a) <i>l-ammont inkluż fl-ewwel applikazzjoni għal pagament irid ikun tħallas lill-istrumenti finanzjarji u jista' jkun sa 25 % tal-ammont totali tal-kontribuzzjonijiet tal-programm impenjati għall-istrument finanzjarju skont il-ftehim ta' finanzjament rilevanti, skont il-prijorità u l-kategorija ta' reġjun, jekk applikabbli;</i></p> <p>(b) <i>l-ammont inkluż f'applikazzjonijiet għal pagament sussegwenti ppreżentati waqt il-perjodu ta' eliġibbiltà għandhom jinkludu n-nefqa eliġibbli kif imsemmi fl-Artikolu 62(1).</i></p> <p>3. <i>L-ammont inkluż fl-ewwel applikazzjoni għal pagament, imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 2, għandu jitħallas mill-kontijiet tal-Kummissjoni mhux aktar tard mis-sena finali tal-kontabbiltà.</i></p> <p><i>Dan għandu jiġi żvelat separatament fl-applikazzjonijiet għal pagament.</i></p>	<p>2. Fejn l-istrumenti finanzjarji jkunu implementati f'konformità mal-Artikolu 53(2), l-applikazzjonijiet għal pagament jinkludu nefqa għall-istabbiliment ta' strumenti finanzjarji jew kontribuzzjoni għalihom.</p>

Raġuni

Fil-perjodu 2014-2020, il-kontribuzzjoni tal-programm għall-istrumenti finanzjarji tillimita l-flessibbiltà tal-istrumenti stabbiliti u l-possibbiltà tal-ftuħ simultanju ta' diversi prodotti finanzjarji. L-emenda hija bbażata fuq l-aqwa Prattika għall-perjodu 2007-2013.

Emenda 71

Artikolu 88(2)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
[...]	[...]
(c) ir-regoli dwar il-kostijiet unitarji u s -somom f'daqqa korrispondent applikabbli f'politiki tal-Unjoni għal tip simili ta' operazzjoni;	(c) ir-regoli dwar il-kostijiet unitarji, is -somom f'daqqa u r-rati fissi korrispondent applikabbli f'politiki tal-Unjoni għal tip simili ta' operazzjoni;
(d) f'konformità mar-regoli għall-applikazzjoni ta' kostijiet unitarji korrispondenti, somom f'daqqa applikati skont skemi għall-għotjiet iffinanzjati għal kollox mill-Istat Membru għal tip simili ta' operazzjoni.	(d) f'konformità mar-regoli għall-applikazzjoni ta' kostijiet unitarji korrispondenti, somom f'daqqa u rati fissi applikati skont skemi għall-għotjiet iffinanzjati għal kollox mill-Istat Membru għal tip simili ta' operazzjoni.

Raġuni

Għall-koerenza tal-Artikolu.

Emenda 72

Artikolu 99(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Il-Kummissjoni għandha tiddiżimpenja kwalunkwe ammont fi programm li ma kienx intuża għal prefinanzjament f'konformità mal-Artikolu 84 jew li għalih ma ġietx ippreżentata applikazzjoni għall-pagament skont l-Artikoli 85 u 86 sas-26 ta' Diċembru tat-tieni sena kalendarja wara dik tal-impenji tal-baġit għas-snin 2021 sa 2026.	Il-Kummissjoni għandha tiddiżimpenja kwalunkwe ammont fi programm li ma kienx intuża għal prefinanzjament f'konformità mal-Artikolu 84 jew li għalih ma ġietx ippreżentata applikazzjoni għall-pagament skont l-Artikoli 85 u 86 sal-31 ta' Diċembru tat-tielet sena kalendarja wara dik tal-impenji tal-baġit għas-snin 2021 sa 2026. F'każ li pagament jitwaqqaf fuq bażi legali jew prekawzjonarja, l-estensjoni jeħtieġ tkun applikata wkoll.

Raġuni

Ir-regoli ta' diżimpenn ma għandhomx jitqassru, iżda jibqgħu f_{n+3}, minħabba d-diffikultajiet attwali ta' ħafna awtoritajiet lokali u reġionali biex jipprovdu biżżejjed kofinanzjament. L-iskadenza għandha wkoll tkun l-aħħar tas-sena.

Emenda 73

Artikolu 103(2)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, li tistabbilixxi t-tqassim annwali tar-riżorsi globali skont l-Istat Membru fil-qafas tal-Investment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi, għal kull kategorija ta' reġjuni, flimkien mal-lista ta' reġjuni eliġibbli skont il-metodoloġija stabbilita fl-Anness XXII.	Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, li tistabbilixxi t-tqassim annwali tar-riżorsi globali skont l-Istat Membru fil-qafas tal-Investment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi, għal kull kategorija ta' reġjuni, flimkien mal-lista ta' reġjuni eliġibbli skont il-metodoloġija stabbilita fl-Anness XXII.

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Din id-deċiżjoni tistipula wkoll it-tqassim annwali tar-riżorsi globali għal kull Stat Membru taħt il-għan tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg).	Din id-deċiżjoni tistipula wkoll it-tqassim annwali tar-riżorsi globali għal kull Stat Membru taħt il-għan tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg). B'hekk l-allokkazzjoni ġenerali minima mill-Fondi, kemm f'livell nazzjonali kif ukoll reġjonali, jeħtieġ tkun ugwali għal 76 % tal-baġit allokat lil kull Stat Membru jew reġjun matul il-perjodu 2014-2020.

Raġuni

Ix-xibka ta' sikurezza pprovduta mill-Kummissjoni fil-livell nazzjonali ma tipprevenix tnaqqis sproporzjonat f'żoni assistiti partikolari, li ma jkunx iġġustifikat mill-politika ta' koeżjoni.

Emenda 74

Artikolu 104(7)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Ir-riżorsi għall-għan tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) għandhom jammontaw għal 2,5 % tar-riżorsi globali disponibbli għall-impenji tal-baġit mill-Fondi għall-perjodu 2021-2027 (jiġifieri total ta' EUR 8 430 000 000).	Ir-riżorsi għall-għan tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) għandhom jammontaw għal 3,3 % tar-riżorsi globali disponibbli għall-impenji tal-baġit mill-Fondi għall-perjodu 2021-2027 (jiġifieri total ta' EUR XX XXX XXX XXX).

Raġuni

Il-proposta tal-Kummissjoni tkun twassal għal tnaqqis baġitarju sinifikanti għal azzjonijiet ta' kooperazzjoni territorjali, minkejja l-inklużjoni ta' azzjonijiet ġodda fl-abbozz ta' Regolament dwar il-kooperazzjoni territorjali Ewropea. Il-KtR għalhekk jissuġġerixxi li r-riżorsi għall-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea jiżdiedu għal 3,3 % tar-riżorsi globali għall-politika ta' koeżjoni, li jagħmilha possibbli jiġu salvagwardjati l-programmi ta' kooperazzjoni transkonfinali eżistenti, il-kooperazzjoni interreġjonali kif ukoll il-kooperazzjoni għar-reġjuni ultraperiferiċi. Il-metodu ta' allokkazzjoni attwali għall-mira ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea kif stabbilita fl-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 għandu jinżamm, peress li l-metodu ta' allokkazzjoni ġdid propost għall-mira ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea jkun jiddiskrimina kontra Stati Membri u reġjuni b'densità ta' popolazzjoni baxxa tul il-fruntieri tagħhom (b'mod partikolari l-kriterju ġdid tal-25 kilometru).

Emenda 75

Artikolu 105(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Il-Kummissjoni tista' taċċetta proposta minn Stat Membru fil-preżentazzjoni tagħha tal-Ftehim ta' Sħubija jew fil-kuntest tar-reviżjoni ta' nofs it-terminu, għal trasferiment: (a) ta' mhux aktar minn 15 % tal-allokkazzjonijiet totali għar-reġjuni inqas żviluppatti u r-reġjuni ta' tranżizzjoni jew reġjuni aktar żviluppatti u reġjuni ta' tranżizzjoni għal reġjuni aktar żviluppatti; (b) mill-allokkazzjonijiet għar-reġjuni aktar żviluppatti jew reġjuni ta' tranżizzjoni għal reġjuni inqas żviluppatti.	Il-Kummissjoni tista' taċċetta proposta minn Stat Membru fil-preżentazzjoni tagħha tal-Ftehim ta' Sħubija jew fil-kuntest tar-reviżjoni ta' nofs it-terminu, għal trasferiment ta' mhux aktar minn 15 % tal-allokkazzjonijiet totali.

Raġuni

Għandu jkun hemm possibbiltajiet għal trasferimenti bejn il-kategoriji kollha ta' reġjuni.

Emenda 76

Artikolu 106(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova programm għandha tiffissa r-rata ta' kofinanzjament u l-ammont massimu ta' sostenn mill-Fondi għal kull prijorità.	Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova programm għandha tiffissa l-ammont massimu ta' sostenn mill-Fondi għal kull prijorità u r-rata ta' kofinanzjament għall-programm .

Raġuni

L-iffissar tar-rata massima ta' kofinanzjament fil-livell tal-PO (minflok ir-rati massimi għal kull prijorità) jippermetti aktar flessibbiltà fil-proċess tal-implimentazzjoni. Dawn jippermettu li l-kofinanzjament jiġi diversifikat fil-prijoritajiet skont it-tipi ta' interventi.

Emenda 77

Artikolu 106(3)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Ir-rata ta' kofinanzjament għall-għan ta' Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir fil-livell ta' kull prijorità ma għandhiex tkun ogħla minn: (a) 70 % għal reġjuni aktar żviluppati; (b) 55 % għar-reġjuni ta' tranżizzjoni; (c) 40 % għal reġjuni aktar żviluppati;	Ir-rata ta' kofinanzjament għall-għan ta' Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir fil-livell ta' kull prijorità ma għandhiex tkun ogħla minn: (a) 85 % għal reġjuni aktar żviluppati; (b) 70 % għar-reġjuni ta' tranżizzjoni; (c) 50 % għal reġjuni aktar żviluppati;
Ir-rati ta' kofinanzjament stabbiliti skont il-punt (a), għandhom japplikaw ukoll għal reġjuni l-aktar imbiegħda.	Ir-rati ta' kofinanzjament stabbiliti skont il-punt (a), għandhom japplikaw ukoll għal reġjuni l-aktar imbiegħda.
Ir-rata ta' kofinanzjament għall-Fond ta' Koeżjoni fil-livell ta' kull prijorità ma għandhiex tkun ogħla minn 70 % .	Ir-rata ta' kofinanzjament għall-Fond ta' Koeżjoni fil-livell ta' kull prijorità ma għandhiex tkun ogħla minn 85 % .
Ir-Regolament ESF+ jista' jistabbilixxi rati ta' kofinanzjament ogħla għal azzjonijiet innovattivi li jappoġġaw skont l-Artikolu [14] ta' dak ir-Regolament.	Ir-Regolament ESF+ jista' jistabbilixxi rati ta' kofinanzjament ogħla għal azzjonijiet innovattivi li jappoġġaw skont l-Artikolu [14] ta' dak ir-Regolament.

Raġuni

Ir-rati ta' kofinanzjament għandhom jinżammu fil-livell attwali.

Emenda 78

Artikolu 106(4)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Ir-rata ta' kofinanzjament għal programmi Interreg ma għandhiex tkun ogħla minn 70 % .	Ir-rata ta' kofinanzjament għal programmi Interreg ma għandhiex tkun ogħla minn 85 % .
[...]	[...]

Raġuni

Il-kofinanzjament għall-kooperazzjoni territorjali Ewropea għandu jinżamm għal 85 %.

II. RAKKOMANDEZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

Kummenti ġenerali

1. japprova l-għanijiet ewlenin li l-Kummissjoni ssegwi permezz tar-Regolament il-ġdid dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni (CPR), b'mod partikolari biex timmodernizza l-politika ta' koeżjoni billi tagħmilha iktar sempliċi, aktar flessibbli u aktar effettiva, u biex tnaqqas sostanzjalment il-piż amministrattiv bla bżonn għall-benefiċjarji u l-awtoritajiet ta' ġestjoni;
2. jilqa' bi pjaċir il-fatt li l-politika ta' koeżjoni tibqa' disponibbli għar-reġjuni kollha fl-Unjoni Ewropea, li kienet waħda mill-preokkupazzjonijiet ewlenin għall-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni fl-Opinjoni preċedenti tiegħu dwar il-kwistjoni, u kienet ukoll messaġġ ewlieni minn #CohesionAlliance;
3. jilqa' bi pjaċir il-fatt li l-approċċ ta' ġestjoni kondiviża huwa kkonfermat iżda jirrimarka li l-azzjonijiet jeħtieġ ikomplu jittieħdu "fil-livell territorjali l-aktar adatt" billi jissaħħu r-rwoli tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fi tmexxija tal-programmi b'mod l-aktar qrib possibbli għaċ-ċittadini f'konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-governanza f'diversi livelli u tas-sħubija;
4. jappella għal aktar semplifikazzjoni, pereżempju billi jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi li jirriżultaw mir-regolamenti tal-ġhajjnuna statali;

Objettivi u regoli ġenerali dwar l-appoġġ

5. japprova l-ħames għanijiet politiċi ġodda, peress li, minn naħa, jikkorrispondu b'mod ġenerali mal-objettivi tematiċi preċedenti, u min-naħa l-oħra jippermettu aktar flessibbiltà minħabba d-definizzjonijiet usa' tagħhom;
6. iqis li t-tneħħija tal-FAEŻR mis-CPR hija tabilħaqq raġuni għal tħassib, għax dan jirriskja li jdgħajjef l-approċċ integrat tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej fiż-żoni rurali, peress li l-iżvilupp rurali huwa komponent bażiku tal-objettivi tal-politika ta' koeżjoni. Sabiex jiżiedu s-sinerġiji mal-iżvilupp rurali, il-Kumitat jitlob li l-FAEŻR jiġi introdott mill-ġdid fis-CPR (ara l-Opinjoni tal-KtR NAT-VI/034 dwar il-PAK); madankollu, japprezza l-fatt li fil-proposta għal Regolament dwar il-pjani strateġiċi tal-PAK (Artikolu 2), għal ċerti temi, hemm referenza għas-CPR il-ġdid, partikolarment għal kwistjonijiet ta' iżvilupp territorjali integrat;
7. itenni li l-Fond Soċjali Ewropew għandu jibqa' ankrat fi ħdan il-politika ta' koeżjoni għax huwa l-istrument ewlieni tal-UE li jinvesti fil-persuni u fil-kapital uman, biex jippromovi l-inklużjoni soċjali u l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u jtejjeb il-ħajja ta' miljuni ta' ċittadini Ewropej;
8. jenfasizza l-importanza tal-prinċipji tas-sħubija u tal-governanza f'diversi livelli, u jitlob l-inklużjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta eżistenti bħala Anness għall-abbozz ta' Regolament; jitlob l-implimentazzjoni sħiħa tal-Kodiċi ta' Kondotta biex jiġi żgurati li l-involvement tal-awtoritajiet lokali u reġjonali jkun jirrappreżenta sħubija sħiħa;

Approċċ strateġiku

9. jinnota b'dispaċir li l-proposta tal-Kummissjoni ma torbotx ma' strateġija fit-tul imġedda bħala suċċessur tal-Istrateġija Ewropa 2020; jistenna li l-Kummissjoni tippreżenta strateġija tal-UE fit-tul ta' dan it-tip għall-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u bbażata fuq governanza riformata li tinkorpora bis-sħiħ il-governanza f'diversi livelli;

10. jilqa' b'sodisfazzjon il-Ftehim ta' Sħubija l-ġdid bħala dokument aktar sempliċi u iqsar;
11. jinsisti li kwalunkwe trasferiment bejn il-Fondi jew mill-Fondi lejn il-Programm InvestEU jew strumenti oħrajn tal-Unjoni taħt ġestjoni diretta jew indiretta jeħtieġ jikkonforma bis-sħiħ mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-governanza f'diversi livelli u m'għandux idgħajef l-approċċ ibbażat fuq il-post tal-fondi;
12. jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li tnaqqsu għadd ta' kundizzjonijiet abilitanti u li, b'mod partikolari, il-kundizzjonijiet abilitanti tematiċi issa huma marbuta b'mod aktar ċar mal-oqfsa ta' politika strateġiċi foqhma speċifiċi;
13. jesprimi tħassib, madankollu, dwar il-fatt li l-pagamenti mhumiex possibbli sakemm il-Kummissjoni ma tkunx infurmat lill-Istat Membru dwar l-issodisfar tal-kundizzjonijiet abilitanti, peress li dan jista' jkun fattur ta' dewmien fl-implimentazzjoni tal-programmi;
14. jitlob li s-sistema ġdida ta' programmazzjoni jeħtieġ li tistabbilixxi minn issa l-allokkazzjonijiet għas-snin kollha tal-perjodu ta' programmazzjoni, inklużi l-allokkazzjonijiet indikattivi għall-2026 u l-2027, sabiex jinstab il-bilanċ ġust bejn, fuq naħa, il-flessibilità addizzjonali u l-kapaċità tal-politika ta' koeżjoni biex taġixxi u, min-naħa l-oħra, l-importanza li jinżamm l-approċċ ta' investment strateġiku fit-tul għall-politika ta' koeżjoni li hija bbażata fuq il-perjodu sħiħ ta' finanzjament ta' 7 snin;
15. itenni l-oppożizzjoni qawwija tiegħu għall-idea negattiva tal-kundizzjonalità makroekonomika li b'riżultat tar-rabta bejn il-FSIE u l-governanza ekonomika tisser li l-bliet u r-reġjuni jispiċċaw ostaġġi minħabba l-fallimenti tal-gvernijiet nazzjonali. Il-politika ta' koeżjoni, li ssegwi għanijiet li ftit li xejn għandhom x'jaqsmu mal-governanza makroekonomika, m'għandhiex tkun soġġetta għal kundizzjonalitajiet li ma jistgħux jiġu influwenzati mill-awtoritajiet lokali u reġjonali u mill-benefiċjarji oħra. Għaldaqstant, il-pagamenti lir-riċevituri jew il-benefiċjarji finali ma għandhomx jiġu affettwati mill-impożizzjoni mhux xierqa tal-kundizzjonalitajiet makroekonomiċi mill-Istat Membru;
16. jinnota, min-naħa l-oħra, analiżi insuffiċjenti tal-proċeduri operattivi għall-konnessjoni tas-Semestru Ewropew mal-politika ta' koeżjoni, u nuqqas ta' ċarezza dwar il-modalitajiet ta' koordinazzjoni bejn l-interventi tal-politika ta' koeżjoni u l-miżuri tal-Programm ta' Appoġġ għar-Riformi, u jinsisti li l-oġġettivi speċifiċi tal-politika ta' koeżjoni jkunu dejjem rispettati b'mod li tissaħħaħ id-dimensjoni reġjonali tas-Semestru Ewropew;
17. jemmen li l-mekkaniżmu ta' kundizzjonijiet abilitanti diġà jintervjeni b'mod effettiv foqhma ta' riforma rilevanti għall-politika ta' koeżjoni;
18. jilqa' bi pjaċir it-tisħiħ tal-istatus tal-istrumenti territorjali integrati, li jikkostitwixxu għodda unika biex jappoġġjaw approċċ "minn isfel għal fuq"; jisħaq, madankollu, dwar il-bżonn ta' rispett akbar għall-mandat u l-kompetenzi tal-awtoritajiet responsabbli fl-għażla tal-operazzjonijiet;

Programmazzjoni

19. jitlob semplifikazzjoni tal-istruttura tal-programmi, li ma jidhrux li huma ssemplifikati meta mqabbla mal-perjodu attwali. Iqis li ż-żmien previst biex jiġu approvati l-bidliet huwa twil wisq għalix huwa l-istess bħal dak previst għall-approvazzjoni tal-programmi;
20. iqis li r-rata fissa suġġerita ta' 2,5 % għal assistenza teknika għall-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni għadha insuffiċjenti u, f'dan ir-rigward, jipproponi rata fissa ta' 5 % għal assistenza teknika, b'kunsiderazzjoni wkoll tal-fatt li r-Regolament il-ġdid ma fihx oġġettiv speċifiku fir-rigward tal-bini tal-kapaċitajiet;

Monitoraġġ, evalwazzjoni, komunikazzjoni u viżibilità

21. jilqa' b'sodisfazzjon l-intenzjoni tas-CPR il-ġdid li jsaħħaħ it-trasparenza u l-viżibilità tal-implimentazzjoni tal-fondi, filwaqt li jfakkar fit-talba tal-KtR għal miżuri aktar preċiżi biex isaħħu r-responsabbiltà lokali u reġjonali u l-viżibilità tal-fondi SIE fil-livell lokali, u biex il-viżibilità tal-miżuri tal-politika ta' koeżjoni tiżdied b'mod sostanzjali permezz ta' azzjonijiet ta' komunikazzjoni adatti, peress li dawn huma wieħed mill-vantaġġi distinti tal-integrazzjoni fl-UE għaċ-ċittadini fil-livell lokali;

22. jissuġġerixxi, madankollu, li l-awtoritajiet ta' ġestjoni jeħtieġ jitħallew jidentifikaw l-uffiċjal ta' komunikazzjoni uniku għal aktar programmi bil-għan li tiżdied il-koerenza;

Appoġġ finanzjarju

23. japprova d-dispożizzjonijiet ġodda maħsuba biex jiżdied l-użu ta' alternattivi ta' spejjeż semplifikati, kif ukoll d-dispożizzjonijiet ġodda li għandhom l-għan li jissimplifikaw l-użu ta' strumenti finanzjarji u jintegrawhom aħjar fil-proċess ta' programmazzjoni u implimentazzjoni;

Ġestjoni u kontroll

24. iqis li l-eliminazzjoni tal-proċeduri għal awtoritajiet li jaħtru u awtoritajiet ta' ċertifikazzjoni li jidentifikaw, u d-dipendenza dejjem akbar fuq is-sistemi ta' ġestjoni nazzjonali, jikkostitwixxu tnaqqis tal-piż amministrattiv fuq l-awtoritajiet responsabbli għall-implimentazzjoni tal-FSIE;

25. japprezza s-semplifikazzjoni tar-regoli tal-verifika fis-CPR propost u b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet il-ġodda li jsaħħu l-prinċipju tal-awditu uniku, li mhux biss inaqqas b'mod sinifikanti l-piż amministrattiv għall-awtoritajiet u l-benefiċjarji tal-programm, iżda jikkontribwixxi wkoll għall-proporzjonalità;

26. jilqa' bi pjaċir ukoll il-possibbiltà ta' arranġamenti proporzjonati mtjeba għal programmi b'sistema ta' ġestjoni u kontroll li taħdem sew u li għandhom rekord tajjeb;

Ġestjoni finanzjarja

27. jesprimi t-tħassib tiegħu li l-livell ta' prefinanzjament tnaqqas drastikament għal pagament annwali ta' 0,5 % tal-appoġġ totali ta' kull Fond u jitlob rata oġhla ta' prefinanzjament ta' mill-inqas 2 % bħala medja;

28. jirrimarka li l-introduzzjoni mill-ġdid tar-regola "n+2" se tikkawża sovrappożizzjoni tal-perjodu ta' programmazzjoni attwali mal-ewwel mira n+2 tal-perjodu l-ġdid, li jimponi piż amministrattiv qawwi fuq l-implimentazzjoni tal-programmi. F'dan ir-rigward, jitlob li tinżamm ir-regola attwali "n+3";

Qafas finanzjarju

29. jilqa' bi pjaċir il-fatt li s-CPR il-ġdid iżomm l-arkitettura eżistenti bi tliet kategoriji ta' reġjuni (reġjuni inqas żviluppatti, reġjuni fi tranżizzjoni, reġjuni aktar żviluppatti) fil-livell NUTS 2, u japprova l-bidla tal-livell limitu bejn reġjuni ta' tranżizzjoni u reġjuni aktar żviluppatti minn 90 % tal-medja tal-PDG per capita għal 100 %, peress li dan jirrifletti l-osservazzjonijiet tas-7 Rapport ta' Koeżjoni dwar reġjuni b'PDG per capita qrib il-medja tal-UE, li jidhru qishom maqbudin f'"nassa ta' dħul medju" b'rati ta' tkabbir sinifikament aktar baxxi mill-medja tal-UE;

30. jitlob li jinżamm il-livell attwali tar-rati ta' kofinanzjament ta' 85 % għar-reġjuni inqas żviluppatti, għar-reġjuni ultraperiferiċi, kif ukoll għall-Fond ta' Koeżjoni u l-għan tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea, ta' 70 % għar-reġjuni ta' tranżizzjoni u ta' 50 % għar-reġjuni aktar żviluppatti fid-dawl tal-fatt li tnaqqis kumplessiv jista' joħloq riskju ta' diżimpenn ta' fondi, b'mod partikolari f'reġjuni inqas żviluppatti u jkun inaqqas ukoll l-attrazzjoni tal-politika ta' koeżjoni, b'mod partikolari f'reġjuni aktar żviluppatti;

31. iqis li bl-istabbiliment ta' livell limitu massimu għall-VAT bħala spiża eliġibbli (EUR 5 000 000) il-programmi jistgħu jsiru inqas attraenti għall-applikanti, partikolarment fil-każ ta' proġetti infrastrutturali importanti;

32. jappella lill-Kummissjoni sabiex taġġorna l-Annessi tar-Regolament skont l-emendi f'din l-Opinjoni, filwaqt li tiffoka fuq:

— il-valorizzazzjoni tal-għarfien u l-miżuri għall-involviment tan-negozji ġodda u l-SMEs f'inizjattivi ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti,

-
- deskrizzjoni dettaljata tar-rekwiżiti għal strateġiji ta' komunikazzjoni,
 - rivalutazzjoni ta' somma ponderata tas-sehem tal-popolazzjoni ta' reġjuni tal-fruntiera NUTS 3 u NUTS 2 u s-sehem tal-popolazzjoni totali ta' kull Stat Membru għall-programmi ta' kooperazzjoni transkonfinali u transnazzjonali,
 - kunsiderazzjoni tal-effetti reġjonali tal-allokazzjoni totali massima mill-Fondi għal Stat Membru.

Brussell, il-5 ta' Diċembru 2018.

Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni
Karl-Heinz LAMBERTZ

Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+)

(2019/C 86/07)

Relatur:	is-Sinjura DÍAZ PACHECO (ES/PSE), President tar-Reġjun ta' Andalusia
Dokument ta' referenza:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+)
	COM(2018) 382 final

I. RAKKOMANDEZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU L-EMENDI

Emenda 1

Preambolu, l-ewwel ħarsa

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 46(d), l-Artikolu 149, l-Artikolu 153(2)(a), l-Artikolu 164, l-Artikolu 168(5), l-Artikolu 175(3) u l-Artikolu 349 tiegħu,	Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 9 , l-Artikolu 46(d), l-Artikolu 149, l-Artikolu 153(2)(a), l-Artikolu 164, l-Artikolu 168(5), l-Artikolu 174 , l-Artikolu 175(3) u l-Artikolu 349 tiegħu,

Raġuni

Minħabba l-ambitu tal-FSE+, jidher xieraq li jissema l-Artikolu 9 tat-TFUE. Min-naħa l-oħra, huwa meħtieġ li tingħata aktar rilevanza lill-obiettiv tal-politika reġjonali, fkonformità mal-Artikolu 4(2) tal-proposta tar-Regolament ta' Dispożizzjonijiet Komuni li jgħid b'mod veru li l-FSE+ se jikkontribwixxi għall-azzjonijiet tal-Unjoni mmirati biex isaħħu l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tagħha.

Emenda 2

Preambolu, Żid premessa ġdida wara l-aħħar premessa

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	wara li kkunsidra l-Proklamazzjoni Interistituzzjonali dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (2017/C 428/09),

Emenda 3

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>(1) Fis-17 ta' Novembru 2017, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ġie pproklamat mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni bħala risposta għall-isfidi soċjali fl-Ewropa. L-għoxrin prinċipju ewlenin tal-pilastru huma strutturati fi tliet kategoriji: opportunitajiet indaqs u aċċess għas-suq tax-xogħol; kondizzjonijiet tax-xogħol ġusti, protezzjoni u inklużjoni soċjali. L-għoxrin prinċipju tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jenħtieġ jiggwidaw l-azzjonijiet permezz tal-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+). Biex jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, l-FSE+ jenħtieġ jappoġġa l-investimenti fin-nies u s-sistemi fl-oqsma ta' politika tal-impjegi, l-educazzjoni u l-inklużjoni soċjali, u b'hekk jappoġġa l-koeżjoni ekonomika, territorjali u soċjali skont l-Artikolu 174 tat-TFUE.</p>	<p>(1) Fis-17 ta' Novembru 2017, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ġie pproklamat mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni bħala risposta għall-isfidi soċjali fl-Ewropa. L-għoxrin prinċipju ewlenin tal-pilastru huma strutturati fi tliet kategoriji: opportunitajiet indaqs u aċċess għas-suq tax-xogħol; kondizzjonijiet tax-xogħol ġusti, protezzjoni u inklużjoni soċjali. L-għoxrin prinċipju tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jenħtieġ jiggwidaw l-azzjonijiet permezz tal-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+). Biex jikkontribwixxi u jappoġġa l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali skont l-Artikolu 174 tat-TFUE, u l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, l-FSE+ għandu jappoġġa investimenti fin-nies u s-sistemi ta' politika settorjali tal-impjegi, l-educazzjoni u l-inklużjoni soċjali.</p>

Raġuni

Mingħajr ma jiddgħajjef il-kontribut għall-konformità mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, huwa meħtieġ li tingħata aktar rilevanza lill-għan tal-politika reġjonali.

Emenda 4

Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>(2) Fil-livell tal-Unjoni, is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika hu l-qafas li jidentifika l-prijoritajiet nazzjonali ta' riforma u jimmonitorja l-implimentazzjoni tagħhom. L-Istati Membri jiżviluppaw l-istrateġiji ta' investiment nazzjonali pluriennali tagħhom b'appoġġ għal dawn il-prijoritajiet ta' riforma. Dawk l-istrateġiji jenħtieġ jiġu ppreżentati flimkien mal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma annwali bħala mod li jippreżenta u jikkoordina l-proġetti ta' investiment ta' prijorità li jridu s-sostenn tal-finanzjament nazzjonali u/jew tal-Unjoni. Jenħtieġ li dawn iservu wkoll biex il-finanzjament tal-Unjoni jintuża b'mod koerenti u biex jimmassimizza l-valur miżjud tal-appoġġ finanzjarju li jasal b'mod partikolari mill-programmi appoġġati mill-Unjoni permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond Ewropew għall-Affarjiet Marittimi u s-Sajd u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, iċ-Ċentru Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Funzjoni u InvestEU, meta rilevanti.</p>	<p>(2) Fil-livell tal-Unjoni, <u>strateġija għall-iżvilupp fit-tul sussegwenti għall-Istrateġija Ewropa 2020 u li timplimenta l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli għandha tipprovd i qafas strateġiku għall-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid li jibda fl-2021.</u> Is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika hu l-qafas li jidentifika l-prijoritajiet nazzjonali ta' riforma u jimmonitorja l-implimentazzjoni tagħhom. L-Istati Membri jiżviluppaw l-istrateġiji tal-investimenti multiannwali nazzjonali tagħhom stess ħalli jappoġġaw dawn il-prijoritajiet ta' riforma. Dawn l-istrateġiji jenħtieġ <u>jiġu żviluppati f'kollaborazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali</u> u jiġu ppreżentati flimkien mal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma annwali bħala mod li jippreżenta u jikkoordina l-proġetti ta' investiment ta' prijorità li jridu s-sostenn tal-finanzjament nazzjonali u/jew tal-Unjoni. Jenħtieġ li dawn iservu wkoll biex il-finanzjament tal-Unjoni jintuża b'mod koerenti u biex jimmassimizza l-valur miżjud tal-appoġġ finanzjarju li jasal b'mod partikolari mill-programmi appoġġati mill-Unjoni permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond Ewropew għall-Affarjiet Marittimi u s-Sajd u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, iċ-Ċentru Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Funzjoni u InvestEU, meta rilevanti.</p>

Emenda 5

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>(5) L-Unjoni qed tiffaċċja sfidi strutturali minħabba l-globalizzazzjoni ekonomika, il-ġestjoni tal-flussi migratorji, iż-żieda fit-theddid tas-sigurtà, it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, il-bidla teknoloġika, u t-tixjijh dejjem iżjed tal-forza tax-xogħol u n-nuqqas dejjem aktar ta' ħiliet u tal-forza tax-xogħol f'xi setturi u reġjuni, imġarrba l-iżjed mill-SMEs. Filwaqt li tikkunsidra r-realtajiet li qed jinbidlu fid-dinja tax-xogħol, jenħtieġ li l-Unjoni tkun ippreparata għall-isfidi attwali u futuri billi tinvesti fil-ħiliet rilevanti, tagħmel it-tkabbir aktar inklużiv u ttejjeb il-politiki dwar l-impjiegi u dawk soċjali, inkluż fid-dawl tal-mobbiltà tal-ħaddiema.</p>	<p>(5) L-Unjoni qed tiffaċċja sfidi strutturali minħabba l-globalizzazzjoni ekonomika, il-ġestjoni tal-flussi migratorji, iż-żieda fit-theddid tas-sigurtà, it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u ġusta, il-bidla teknoloġika, inkluża t-trasformazzjoni diġitali, it-tixjijh dejjem iżjed tal-popolazzjoni Ewropea u n-nuqqas dejjem aktar ta' ħiliet u tal-forza tax-xogħol f'xi setturi u reġjuni, imġarrba l-iżjed mill-SMEs. Filwaqt li tikkunsidra r-realtajiet li qed jinbidlu fid-dinja tax-xogħol, jenħtieġ li l-Unjoni tkun ippreparata għall-isfidi attwali u futuri billi tinvesti fil-ħiliet rilevanti, tagħmel it-tkabbir aktar inklużiv, b'mod partikolari flivell reġjonali u lokali, u ttejjeb il-politiki dwar l-edukazzjoni, t-taħriġ, l-impjiegi u dawk soċjali, inkluż fid-dawl tal-mobbiltà tal-ħaddiema.</p>

Raġuni

Huwa importanti li tintuża terminoloġija newtrali fir-rigward tat-teknoloġija li hija diġa attwali.

Emenda 6

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>(6) Ir-Regolament (UE) Nru [...] jistabbilixxi l-qafas għall-azzjoni tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+), il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS), il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF), il-Fond għas-Sigurtà Interna (ISF) u l-Istrument ta' Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi (BMVI) bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri (IBMF), u jistabbilixxi b'mod partikolari l-għanijiet ta' politika u r-regoli dwar il-programmazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni, il-ġestjoni u l-kontroll għall-fondi tal-Unjoni implimentati b'ġestjoni kondi-viża. Għalhekk hemm bżonn jiġu speċifikati l-għanijiet ġenerali tal-FSE+, u jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet speċifiċi dwar it-tip ta' attivitajiet li jistgħu jiġu ffinanzjati mill-FSE+.</p>	<p>(6) Ir-Regolament (UE) Nru [...] jistabbilixxi l-qafas għall-azzjoni tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+), il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS), il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF), il-Fond għas-Sigurtà Interna (ISF) u l-Istrument ta' Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi (BMVI) bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri (IBMF), u jistabbilixxi b'mod partikolari l-għanijiet ta' politika u r-regoli dwar il-programmazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni, il-ġestjoni u l-kontroll għall-fondi tal-Unjoni implimentati b'ġestjoni kondi-viża. Għalhekk hemm bżonn jiġu speċifikati l-għanijiet ġenerali tal-FSE+ u l-koordinazzjoni tiegħu mal-Fondi l-oħrajn, u jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet speċifiċi dwar it-tip ta' attivitajiet li jistgħu jiġu ffinanzjati mill-FSE+.</p>

Emenda 7

Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>(8) It-tipi ta' finanzjament u l-metodi ta' implimentazzjoni permezz tar-Regolament jenħtieġ jintgħażlu abbażi tal-abbiltà tagħhom li jilħqu l-għanijiet speċifiċi tal-azzjonijiet u li jagħtu r-riżultati, filwaqt li b'mod partikolari jitqiesu l-ispejjeż tal-kontrolli, il-piż amministrattiv u r-riskju mistenni ta' nuqqas ta' konformità. Fil-każ tal-għotjiet, dan jenħtieġ iqis l-użu ta' somom f'daqqa, rati fissi u spejjeż unitarji, kif ukoll finanzjament mhux marbut mal-ispejjeż kif previst fl-Artikolu 125(1) tar-Regolament Finanzjarju. Biex jiġu implimentati miżuri marbuta mal-integrazzjoni soċjoekonomika taċ-ċittadini minn pajjiżi terzi, u skont l-Artikolu 88 tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni, il-Kummissjoni tista' tirrimborża lill-Istati Membri li jużaw alternattivi ssimplifikati tal-ispejjeż, inkluż l-użu ta' somom f'daqqa.</p>	<p>(8) It-tipi ta' finanzjament u l-metodi ta' implimentazzjoni permezz tar-Regolament jenħtieġ li jintgħażlu abbażi tal-abbiltà tagħhom li jilħqu l-għanijiet speċifiċi tal-azzjonijiet u li jagħtu r-riżultati, filwaqt li b'mod partikolari jitqiesu l-ispejjeż tal-kontrolli, il-piż amministrattiv, il-karatteristiċi tal-azzjonijiet u r-riskju mistenni ta' nuqqas ta' konformità. Fil-każ tal-għotjiet, dan jenħtieġ iqis l-użu ta' somom f'daqqa, rati fissi u spejjeż unitarji, kif ukoll finanzjament mhux marbut mal-ispejjeż kif previst fl-Artikolu 125 (1) tar-Regolament Finanzjarju. Biex jiġu implimentati miżuri marbuta mal-integrazzjoni soċjoekonomika taċ-ċittadini minn pajjiżi terzi, u skont l-Artikolu 88 tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni, il-Kummissjoni tista' tirrimborża lill-Istati Membri li jużaw alternattivi ssimplifikati tal-ispejjeż, inkluż l-użu ta' somom f'daqqa.</p> <p>Għal dan kollu, huwa importanti li jitkomplew il-miżuri ta' semplifikazzjoni bil-għan li jitnaqqas il-piż amministrattiv tal-fondi u b'hekk jiżded il-valur miżjud, il-viżibilità u l-effettività tal-fondi li jiffukaw primarjament fuq l-isforz u r-riżorsi umani fil-kisba ta' objettivi politiċi.</p>

Raġuni

Ir-referenza għal “karatteristiċi tal-azzjonijiet” hija introdotta biex iżżid ir-rekwiżiti tas-simplifikazzjoni fil-każ ta' azzjonijiet li jaffettwaw lin-nies l-aktar żvantaġġati. Is-simplifikazzjoni tal-ispejjeż u l-proċeduri ssaħħaħ il-kisba tal-oġġettivi politiċi peress li tiffoka l-enerġiji kollha fuq l-effettività tal-azzjonijiet, biex b'hekk tiffaċilita l-aċċess għall-fondi ta' benefiċjarji żgħar.

Emenda 8

Premessa ġdida wara l-premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	<p>(8bis) Appoġġ taħt il-prijorità ta' investiment “żvilupp lokali parteċipattiv” jista' jikkontribwixxi għall-oġġettivi tematiċi kollha stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-istrateġiji “ta' żvilupp lokali parteċipatorju” (CLLD) appoġġati mill-FSE+ jenħtieġ li jkunu inklużivi fir-rigward tal-popolazzjonijiet żvantaġġati preżenti fit-territorju, kemm f'termini ta' governanza tal-gruppi ta' żvilupp lokali u kemm f'termini tal-kontenut tal-istrateġija.</p>

Raġuni

Minħabba l-ħtieġa li jkun viżibbli approċċ/approssimazzjoni reġjonali u lokali tal-FSE+ akbar, lil hinn mill-2020, hija meħtieġa referenza ċara għall-iżvilupp lokali parteċipattiv.

Emenda 9

Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>(14) Jenħtieġ li l-FSE+ jipprovdi appoġġ biex jitjiebu l-kwalità, l-effikaċja u r-rilevanza fis-suq tax-xogħol tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ biex tiġi ffaċilitata l-kisba ta' kompetenzi ewlenin, l-aktar b'rabta mal-ħiliet diġitali li kull individwu jeħtieġ għas-sodisfazzjon u l-iżvilupp personali, l-impjieġ, l-inklużjoni soċjali u ċ-ċittadinanza attiva. L-FSE+ jenħtieġ jgħin fil-progressjoni tal-edukazzjoni u t-taħriġ u fit-tranżizzjoni għax-xogħol, jappoġġa t-tagħlim tul il-ħajja u l-impjegabbiltà, u jikkontribwixxi għall-kompetittività u l-innovazzjoni ekonomika u soċjetali billi jappoġġa inizjattivi skalabbli u sostenibbli f'dawn l-oqsma. Dan jista' jinkiseb pereżempju permezz ta' tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol u apprendistati, iggwidar tul il-ħajja, antiċipazzjoni tal-ħiliet b'koperazzjoni mal-industrija, materjali aġġornati tat-taħriġ, previżjonijiet u monitoraġġ dwar is-sitwazzjoni tal-gradwati, taħriġ tal-edukaturi, validazzjoni tal-eżiti tat-tagħlim, u rikonnoxximent tal-kwalifiki.</p>	<p>(14) Bħala l-istrument prinċipali tal-UE għall-investiment fil-kapital uman u fil-ħiliet, l-FSE jaqdi rwol ewlieni fil-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali. Jenħtieġ li l-FSE+ jipprovdi appoġġ biex jitjiebu l-kwalità, l-effikaċja u r-rilevanza fis-suq tax-xogħol tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ biex tiġi ffaċilitata l-kisba ta' kompetenzi ewlenin, l-aktar b'rabta mal-ħiliet diġitali li kull individwu jeħtieġ għas-sodisfazzjon u l-iżvilupp personali, l-impjieġ, l-inklużjoni soċjali u ċ-ċittadinanza attiva. L-FSE+ jenħtieġ jgħin fil-progressjoni tal-edukazzjoni u t-taħriġ u fit-tranżizzjoni għax-xogħol, jappoġġa t-tagħlim tul il-ħajja u l-impjegabbiltà, u jikkontribwixxi għall-kompetittività u l-innovazzjoni ekonomika u soċjetali billi jappoġġa inizjattivi skalabbli u sostenibbli f'dawn l-oqsma. Dan jista' jinkiseb pereżempju permezz ta' tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol u apprendistati, iggwidar tul il-ħajja, antiċipazzjoni tal-ħiliet b'koperazzjoni mal-industrija, materjali aġġornati tat-taħriġ, previżjonijiet u monitoraġġ dwar is-sitwazzjoni tal-gradwati, taħriġ tal-edukaturi, validazzjoni tal-eżiti tat-tagħlim, u rikonnoxximent tal-kwalifiki.</p>

Raġuni

Id-dimensjoni territorjali tal-FSE għandha tiġi mħarsa.

Emenda 10

Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>(15) L-appoġġ permezz tal-FSE+ jenħtieġ jintuża biex jippromwovi l-aċċess indaqs għal kulħadd, b'mod partikolari għall-gruppi żvantaġġati, għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità, inklużivi u mhux segregati, mill-edukazzjoni u l-kura bikrija sal-edukazzjoni u t-taħriġ ġenerali u vokazzjonali u li jibqa' sejjer sal-livell terzjarju u l-edukazzjoni u t-tagħlim għall-adulti, biex titrawwem il-permeabbiltà bejn is-setturi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, ikun evitat it-tluq bikri mill-iskola, jitjieb il-litteriżmu dwar is-saħħa, jissaħħu r-rabtiet mat-tagħlim mhux formali u informali, u tiġi ffaċilitata l-mobbiltà tat-tagħlim għal kulħadd. F'dan il-kuntest jenħtieġ jiġu appoġġjati s-sinerġiji mal-programm Erasmus, l-aktar biex jiffaċilitaw il-parteciġazzjoni ta' studenti żvantaġġati fil-mobbiltà għat-tagħlim.</p>	<p>(15) L-appoġġ permezz tal-FSE+ jenħtieġ jintuża biex jippromwovi l-aċċess indaqs għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità mhux segregati li, fost l-oħrajn, jippromwovi l-inklużjoni soċjali u jqis il-gruppi żvantaġġati, mill-edukazzjoni u l-kura tat-tfal bikrija, billi tingħata attenzjoni speċjali lit-tfal li ġejjin minn sfond soċjali żvantaġġat, bħal tfal f'kustodja istituzzjonali u tfal li jesperjenzaw il-problema ta' persuni mingħajr dar, sal-edukazzjoni u t-taħriġ ġenerali u vokazzjonali u li jibqa' sejjer sal-livell terzjarju u r-riintegrazzjoni tagħhom fis-sistema edukattiva, kif ukoll l-edukazzjoni u t-tagħlim għall-adulti, biex jiġi evitat li l-faqar jiġi trażmess minn ġenerazzjoni għall-oħra, titrawwem il-permeabbiltà bejn is-setturi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, ikun evitat it-tluq bikri mill-iskola u l-esklużjoni soċjali, jitjieb il-litteriżmu dwar is-saħħa, jissaħħu r-rabtiet mat-tagħlim mhux formali u informali, u tiġi ffaċilitata l-mobbiltà tat-tagħlim għal kulħadd. F'dan il-kuntest jenħtieġ jiġu stabbiliti s-sinerġiji mal-programm Erasmus biex jilhqqu b'mod sew u attiv u jippreparaw studenti żvantaġġati għall-esperjenzi ta' mobbiltà f'pajjiżi barrani u jżidu l-parteciġazzjoni tagħhom fil-mobbiltà għat-tagħlim transkonfinali.</p>

Raġuni

Skont il-Premessa 1, l-FSE+ għandu jappoġġja investimenti fin-nies u s-sistemi fl-oqsma tal-politika tal-impjiegi, l-edukazzjoni u l-inklużjoni soċjali – mhuwiex neċessarju li l-appoġġ fil-qasam tal-edukazzjoni jsir dipendenti fuq il-kwistjoni tal-inklużjoni soċjali.

Emenda 11

Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>(18) Jenħtieġ li l-FSE+ jappoġġa <i>l-isforzi</i> tal-Istati Membri biex jindirizzaw il-faqar ħalli jkissru ċ-ċiklu ta' żvantaġġi minn ġenerazzjoni għal oħra, u jippromwovu l-inklużjoni soċjali billi jiżguraw opportunitajiet indaqs għal kulħadd, jiġġieldu d-diskriminazzjoni u jindirizzaw l-inugwaljanzi tas-saħħa. Dan ifisser li tiġi mobilizzata firxa ta' politiki mmirati għall-aktar persuni fil-bżonn tkun xi tkun l-età tagħhom, fosthom it-tfal, il-komunitajiet marġinalizzati bħar-Roma, u l-ħaddiema foqra. Jenħtieġ li l-FSE+ jippromwovi l-inklużjoni attiva tal-persuni li mhumiex fis-suq tax-xogħol ħalli tkun żgurata l-integrazzjoni <i>soċjoekonomika</i> tagħhom. Jenħtieġ li l-FSE+ jintuża wkoll biex jitjeb l-aċċess fil-ħin u indaqs għal servizzi affordabbli, sostenibbli u ta' kwalità għolja bħall-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul, b'mod partikolari s-servizzi tal-kura tal-familja u bbażata fuq il-komunità. Jenħtieġ li l-FSE+ jikkontribwixxi għall-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali b'mod partikolari biex tiġi promossa l-aċċessibilità tagħhom.</p>	<p>(18) Jenħtieġ li l-FSE+ jappoġġa <i>L-isforzi tal-Istati Membri fil-livelli kollha tal-gvern inklużi fil-livell reġjonali u lokali</i> biex jindirizzaw <i>il-faqar, inklużi l-faqar enerġetiku kif previst fir-regolamenti miftiehma ġodda dwar il-Governanza fl-Unjoni Ewropea</i>, ħalli jkissru ċ-ċiklu ta' żvantaġġi minn ġenerazzjoni għal oħra, u jippromwovu l-inklużjoni soċjali billi jiżguraw opportunitajiet indaqs għal kulħadd, <i>jiġġieldu</i> d-diskriminazzjoni u jindirizzaw l-inugwaljanzi <i>soċjali u</i> tas-saħħa. Dan ifisser li tiġi mobilizzata firxa ta' politiki <i>proattivi u reattivi</i> mmirati għall-aktar persuni fil-bżonn tkun xi tkun l-età tagħhom, fosthom it-tfal, <i>f'konformità mal-Prinċipju 11 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali</i>, il-komunitajiet marġinalizzati bħar-Roma, <i>il-persuni b'diżabbiltà, il-persuni bla dar, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi</i>, u l-ħaddiema foqra. Jenħtieġ li l-FSE+ jippromwovi l-inklużjoni attiva tal-persuni li mhumiex fis-suq tax-xogħol, ħalli tkun żgurata l-integrazzjoni <i>soċjali u ekonomika</i> tagħhom, <i>inkluż permezz ta' appoġġ immirat lejn l-ekonomija soċjali u bbażata fuq is-solidarjetà</i>. Jenħtieġ li l-FSE+ jintuża wkoll biex jitjeb l-aċċess fil-ħin u indaqs għal servizzi <i>bla ħlas jew</i> affordabbli, sostenibbli u ta' kwalità għolja bħall-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul, b'mod partikolari s-servizzi tal-kura tal-familja u bbażati fuq il-komunità u <i>servizzi li jiggwidaw l-aċċess għal akkomodazzjoni soċjali jew affordabbli</i>. Jenħtieġ li l-FSE+ jikkontribwixxi għall-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali b'mod partikolari biex tiġi promossa l-aċċessibilità tagħhom.</p>

Raġuni

Jenħtieġ li ssir enfasi fuq ir-rwol ewlieni tal-entitajiet reġjonali u lokali fil-kontribut tagħhom għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali.

Emenda 12

Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>(19) Jenħtieġ li l-FSE+ jikkontribwixxi biex jonqos il-faqar billi jappoġġa l-iskemi nazzjonali ta' appoġġ li għandhom l-għan li jtaffu l-privazzjoni alimentari u materjali u jippromwovu l-integrazzjoni soċjali tal-persuni fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali u dawk l-aktar fil-bżonn. Bil-ħsieb li mill-inqas 4 % tar-riżorsi tal-fergħa b'ġestjoni kondiviża tal-FSE+ fil-livell tal-Unjoni jappoġġaw lill-aktar persuni fil-bżonn, l-Istati Membri jenħtieġ jallokaw għall-inqas 2 % tar-riżorsi nazzjonali tagħhom tal-fergħa b'ġestjoni kondiviża tal-FSE+ biex jindirizzaw il-forom tal-faqar estrem bl-akbar impatt tal-esklużjoni soċjali, bħan-nuqqas ta' akkomodazzjoni, il-faqar tat-tfal u l-privazzjoni alimentari. Minħabba n-natura tal-operazzjonijiet u t-tip ta' riċevituri finali, jenħtieġ jiġu applikat regoli aktar sempliċi għall-appoġġ li jindirizzata l-privazzjoni materjali tal-aktar persuni fil-bżonn.</p>	<p>(19) Jenħtieġ li l-FSE+ jikkontribwixxi biex jonqos il-faqar billi jappoġġa l-iskemi nazzjonali u reġjonali ta' appoġġ li għandhom l-għan li jtaffu l-privazzjoni alimentari u materjali u jippromwovu l-integrazzjoni soċjali tal-persuni fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali u dawk l-aktar fil-bżonn. Bil-ħsieb li mill-inqas 4 % tar-riżorsi tal-fergħa b'ġestjoni kondiviża tal-FSE+ fil-livell tal-Unjoni jappoġġaw lill-aktar persuni fil-bżonn, l-Istati Membri jenħtieġ jallokaw għall-inqas 2 % tar-riżorsi nazzjonali tagħhom tal-fergħa b'ġestjoni kondiviża tal-FSE+ biex jindirizzaw il-forom tal-faqar estrem bl-akbar impatt tal-esklużjoni soċjali, bħan-nuqqas ta' akkomodazzjoni, il-faqar tat-tfal u l-privazzjoni alimentari. Minħabba n-natura tal-operazzjonijiet u t-tip ta' riċevituri finali, jenħtieġ jiġu applikat regoli aktar sempliċi għall-appoġġ li jindirizzata l-privazzjoni materjali tal-aktar persuni fil-bżonn.</p>

Raġuni

Jenħtieġ li ssir enfasi fuq ir-rwol ewlieni tal-entitajiet reġjonali u lokali fil-kontribut tagħhom għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali.

Emenda 13

Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>(20) Fid-dawl tal-ħtieġa persistenti li jiżdienu l-isforzi li jindirizzaw il-ġestjoni tal-flussi migratorji fl-Unjoni kollha kemm hi u biex ikun żgurat appoġġ koerenti, b'saħħtu u konsistenti għall-isforzi ta' solidarjetà u ta' qsim tar-responsabbiltà, l-FSE+ jenħtieġ jipprovdi appoġġ li jippromwovi l-integrazzjoni soċjoekonomika taċ-ċittadini minn pajjiżi terzi b'mod kumplimentarju għall-azzjonijiet iffinażjati mill-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil.</p>	<p>(20) Fid-dawl tal-ħtieġa persistenti li jiżdienu l-isforzi li jindirizzaw il-ġestjoni tal-flussi migratorji fl-Unjoni kollha kemm hi u biex ikun żgurat appoġġ koerenti, b'saħħtu u konsistenti għall-isforzi ta' solidarjetà u ta' qsim tar-responsabbiltà ġust, l-FSE+ jenħtieġ jipprovdi appoġġ li jippromwovi l-integrazzjoni soċjali u ekonomika taċ-ċittadini minn pajjiżi terzi b'mod li huwa kemm kumplimentarju kif ukoll koordinat mal-azzjonijiet iffinażjati mill-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil, l-FEŻR, u dawk il-fondi li jista' jkollhom effett pożittiv fuq l-inklużjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. L-Istati Membri għandhom jallokaw ammont xieraq ta' riżorsi tal-FSE + għall-awtoritajiet lokali u reġjonali sabiex jintlaħqu l-ħtiġijiet tal-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-livell lokali.</p>

Raġuni

Huwa meħtieġ li tiġi evitata kwalunkwe sovrappożizzjoni bejn l-FSE+ u l-Fond għall-Immigrazzjoni u l-Ażil sabiex l-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati minnhom mhumiex biss kumplimentari iżda kkoordinati.

Emenda 14

Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>(21) Jenħtieġ li l-FSE+ jappoġġa riformi tal-politiki u tas-sistemi fl-oqsma tal-impjiegi, l-inklużjoni soċjali, il-kura tas-saħħa u fit-tul, u l-edukazzjoni u t-taħriġ. Biex jissaħħa l-allinjament mas-Semestru Ewropew, l-Istati Membri jenħtieġ li jallokaw ammont xieraq mir-riżorsi tagħhom tal-fergħa b'ġestjoni kondiviża tal-FSE+ biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiżi relatati mal-isfidi strutturali li jixra q j iġu indirizzati b'investimenti pluriennali jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-FSE+. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jenħtieġ jiżguraw koerenza, koordinazzjoni u kumplimentarjetà bejn il-fergħat b'ġestjoni kondiviża u tas-Saħħa tal-FSE+ u l-Programm ta' Appoġġ għal Riformi, inkluż l-Ghodka għat-Twettiq ta' Riformi u l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku. B'mod partikolari, il-Kummissjoni u l-Istat Membru jenħtieġ jiżguraw li f'kull stadju tal-proċess issir koordinazzjoni effettiva ħalli jkunu żgurati l-konsistenza, il-koerenza, il-kumplimentarjetà u s-sinerġija fost is-sorsi tal-finanzjament, inkluż l-assistenza teknika tagħha.</p>	<p>(21) Jenħtieġ li l-FSE+ jappoġġa riformi tal-politiki u tas-sistemi fl-oqsma tal-impjiegi, l-inklużjoni soċjali, il-kura tas-saħħa u fit-tul, u l-edukazzjoni u t-taħriġ marbuta mal-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u mal-isfidi identifikati mit-tabella ta' valutazzjoni soċjali fis-Semestru Ewropew u fir-rapporti nazzjonali. Dawn ir-rapporti se jitħejjew b'konsultazzjoni mill-qrib mal-entitajiet reġjonali u lokali. L-Istati Membri għandhom jallokaw, skont l-ispeċifitajiet ta' kull reġjun ammont xieraq mir-riżorsi tagħhom tal-fergħa b'ġestjoni kondiviża tal-FSE+ biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiżi li huma rilevanti mill-perspettiva tal-ambitu u l-missjoni tal-FSE+ f'koordinazzjoni mal-entitajiet reġjonali u lokali, u billi jqisu l-ġestjoni tal-kompetenzi tal-politiki differenti u l-fondi meħtieġa għal dan. Il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali u reġjonali jenħtieġ li jiżguraw koerenza, koordinazzjoni u komplementarjetà bejn il-fergħat b'ġestjoni kondiviża u tas-Saħħa tal-FSE+ u l-Programm ta' Appoġġ għal Riformi, filwaqt li jiġu ppreservati wkoll l-awtonomija tal-FSE + li tista' tiffinanzja biss l-isfidi identifikati mis-Semestru Ewropew meta l-għanijiet jikkoinċidu ma' dawk tal-FSE +, biex ikun evitat l-użu mhux xieraq ta' FSE + lil hinn mill-għanijiet tagħha. B'mod partikolari, il-Kummissjoni u l-Istat Membru jenħtieġ jiżguraw li f'kull stadju tal-proċess issir koordinazzjoni effettiva ħalli jkunu żgurati l-konsistenza, il-koerenza, il-kumplimentarjetà u s-sinerġija fost is-sorsi tal-finanzjament, inkluż l-assistenza teknika tagħha.</p>

Raġuni

Ir-rabta bejn il-finanzjament tal-FSE+ u s-Semestru Ewropew se jenħtieġ li tqis it-tabella ta' valutazzjoni soċjali, iżda wkoll ir-rapporti nazzjonali mħejjija b'konsultazzjoni mill-qrib bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, li se jenħtieġ li jitħejjew wara konsultazzjoni mal-entitajiet reġjonali u lokali. Minħabba r-rabta mill-qrib bejn il-FSE+ u l-mudelli tal-impjieġ inklużi fis-Semestru Ewropew, l-FSE+ jista' jkun strument ta' finanzjament għas-Semestru Ewropew f'dawk l-azzjonijiet li jaqgħu taħt wieħed mill-għanijiet tal-Fond.

Emenda 15

Żid Premessa ġdida wara Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	<p>(22bis) <i>Fid-dawl tal-livelli għolja persistenti tal-faqar fost it-tfal u l-esklużjoni soċjali fl-UE (26,4 % fl-2017), u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali li jiddikjara li t-tfal għandhom id-dritt għall-protezzjoni mill-faqar, u tfal minn sfondi żvantaġġati jkollhom id-drittijiet għal miżuri speċifiċi biex jissaħħu l-opportunitajiet indaqs, l-Istati Membri għandhom jallokaw ammont adegwat ta' riżorsi tal-FSE + taħt ġestjoni kondiviża għal skema ta' Garanzija Ewropea għat-Tfal għall-gerda tal-faqar tat-tfal u l-esklużjoni soċjali. L-investment bikri fit-tfal iwassal għal riżultati sinifikanti għat-tfal u s-soċjetà kollha kemm hi. L-ġhoti ta' appoġġ lit-tfal biex jiżviluppaw il-ħiliet u l-kapaċitajiet jippermettilhom jiżviluppaw il-potenzjal sħiħ tagħhom, isiru membri attivi tas-soċjetà u jżidu l-opportunitajiet tagħhom fis-suq tax-xogħol bħala żgħażaġh.</i></p>

Emenda 16

Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>(23) Fid-dawl tal-livelli persistentement għoljin tal-qgħad u l-inattività fost iż-żgħażaġh f'għadd ta' Stati Membri u reġjuni, b'mod partikolari li jolqtu liż-żgħażaġh barra mill-edukazzjoni, impjeg jew taħriġ, hemm bżonn li l-Istati Membri jkomplu jinvestu biżżejjed riżorsi tal-fergħa b'ġestjoni kondiviża tal-FSE+ f'azzjonijiet li jippromwovu l-impjiegi taż-żgħażaġh, inkluż bl-implimentazzjoni ta' skemi tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ. Filwaqt li jsejsu fuq l-azzjonijiet appoġġati mill-Inizjattiva favur l-Impjeg taż-Żgħażaġħ tul il-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 immirati għal persuni individwali, jenħtieġ li l-Istati Membri jippromwovu aktar il-perkorsi tar-riintegrazzjoni fid-dinja tax-xogħol u tal-edukazzjoni u miżuri ta' kuntatt maż-żgħażaġh billi meta rilevanti jagħtu prijorità liż-żgħażaġh qiegħda, inattivi u żvantaġġati fit-tul, inkluż b'bidma fil-qasam taż-żgħażaġh. L-Istati Membri jenħtieġ jinvestu wkoll f'miżuri mmirati li jiffaċilitaw it-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol kif ukoll li jirrifirmaw u jadattaw is-servizzi tal-impjiegi ħalli jipprovdu appoġġ personalizzat liż-żgħażaġh. Għalhekk l-Istati Membri kkonċernati jenħtieġ jallokaw mill-inqas 10 % tar-riżorsi nazzjonali tagħhom tal-fergħa b'ġestjoni kondiviża tal-FSE+ biex jappoġġaw l-impjegabbiltà taż-żgħażaġh.</p>	<p>(23) Fid-dawl tal-livelli persistentement għoljin tal-qgħad u l-inattività fost iż-żgħażaġh f'għadd ta' Stati Membri u reġjuni, b'mod partikolari li jolqtu liż-żgħażaġh barra mill-edukazzjoni, impjeg jew taħriġ, hemm bżonn li l-Istati Membri u r-reġjuni jkomplu jinvestu biżżejjed riżorsi tal-fergħa b'ġestjoni kondiviża tal-FSE+ f'azzjonijiet li jippromwovu l-impjiegi taż-żgħażaġh, inkluż bl-implimentazzjoni ta' skemi tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ. Filwaqt li jsejsu fuq l-azzjonijiet appoġġati mill-Inizjattiva favur l-Impjeg taż-Żgħażaġħ tul il-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 immirati għal persuni individwali, jenħtieġ li l-Istati Membri u r-reġjuni jippromwovu aktar il-perkorsi tar-riintegrazzjoni fid-dinja tax-xogħol u tal-edukazzjoni u miżuri ta' kuntatt maż-żgħażaġh billi meta rilevanti jagħtu prijorità liż-żgħażaġh qiegħda, inattivi u żvantaġġati fit-tul, inkluż b'bidma fil-qasam tal-impjeg taż-żgħażaġh. L-Istati Membri u r-reġjuni jenħtieġ jinvestu wkoll f'miżuri mmirati li jiffaċilitaw it-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol kif ukoll li jirrifirmaw u jadattaw is-servizzi tal-impjiegi ħalli jipprovdu appoġġ personalizzat liż-żgħażaġh. Għalhekk l-Istati Membri li għandhom reġjuni b'rati għolja ta' qgħad u inattività fost iż-żgħażaġh jenħtieġ li jallokaw mill-inqas 15 % tar-riżorsi nazzjonali tagħhom tal-fergħa b'ġestjoni kondiviża tal-FSE+ biex jappoġġaw l-impjegabbiltà taż-żgħażaġh ta' dawn ir-reġjuni.</p>

Raġuni

Jenħtieġ li ssir enfasi fuq ir-rwol ewlieni tal-entitajiet reġjonali u lokali fil-kontribut tagħhom għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. Min-naħa l-oħra, rati għoljin ta' qgħad u inattività fost iż-żgħażaġh jaffettwaw Stati Membri differenti, għalkemm ir-rati fil-livell reġjonali jistgħu jkunu differenti ħafna fl-istess Stat. Għalhekk il-ħtieġa li jsiru kalkoli bbażati fuq ir-realtajiet reġjonali differenti u l-allokazzjoni u l-eżekuzzjoni tar-riżorsi titwettaq f'żoni sensitivi misjuba.

Emenda 17

Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
(24) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw il-koordinazzjoni u l-kumplimentarjetà bejn l-azzjonijiet appoġġati minn dawn il-Fondi.	(24) Jenħtieġ li l-Istati Membri, billi jirrispettaw bis-sħiħ il-prinċipji ta' sħubija, sussidjarjetà u governanza f'diversi livelli skont l-Artikolu 6 tas-CPR , jiżguraw il-koordinazzjoni u l-kumplimentarjetà bejn l-azzjonijiet appoġġati minn dawn il-Fondi.

Raġuni

L-approċċ territorjali li fuqu huwa bbażat l-FSE+ jenħtieġ li jirrikjedi wkoll interazzjoni mill-qrib bejn il-livelli kollha tal-gvern u entitajiet oħra previsti fl-Artikolu 6 tar-Regolament tad-Dispożizzjonijiet Komuni (CPR) biex jiżguraw koordinazzjoni u komplementarjetà.

Emenda 18

Żid Premessa ġdida wara Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	(25bis) Għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni wkoll id-dispożizzjonijiet tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 174 tat-TFUE, li jgħid li għandha tingħata attenzjoni partikolari lir-reġjuni li jsofru minn żvantaġġi naturali jew demografiċi serji u permanenti, bħar-reġjuni insulari, transfruntieri u muntanjużi.

Emenda 19

Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
(26) Għal implimentazzjoni effiċjenti u effettiva tal-azzjonijiet appoġġati mill-FSE+ hemm bżonn governanza tajba u sħubija bejn l-atturi kollha fil-livelli territorjali rilevanti u l-atturi soċjoekonomiċi, b'mod partikolari s-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili. Għalhekk hu essenzjali li l-Istati Membri jħeġġu l-parteċipazzjoni tas-sħab soċjali u tas-soċjetà ċivili fl-implimentazzjoni tal-ferhga b'ġestjoni kondiviża tal-FSE+.	(26) Għal implimentazzjoni effiċjenti u effettiva tal-azzjonijiet appoġġati mill-FSE+ hemm bżonn governanza tajba u sħubija bejn l-atturi kollha fil-livelli territorjali rilevanti, speċjalment, u b'mod partikolari, fil-livell reġjonali, lokali u l-atturi soċjoekonomiċi, speċjalment s-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili u organizzazzjonijiet mhux governattivi . Għalhekk hu essenzjali li l-Istati Membri u l-entitajiet reġjonali u lokali jħeġġu l-parteċipazzjoni tas-sħab soċjali u tas-soċjetà ċivili fl-implimentazzjoni tal-ferhga b'ġestjoni kondiviża tal-FSE+.

Raġuni

Jenħtieġ li ssir enfasi fuq ir-rwol ewlieni tal-entitajiet reġionali u lokali fil-kontribut tagħhom għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali.

Emenda 20

Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>(28) L-Istati Membri u l-Kummissjoni jenħtieġ jiżguraw li l-FSE+ jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa b'konformità mal-Artikolu 8 tat-TFUE biex titrawwem l-ugwaljanza fit-trattament u fl-opportunitajiet bejn in-nisa u l-irġiel fl-oqsma kollha, inkluż fejn jidħlu l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, it-termini u l-kundizzjonijiet tal-impjegi u l-progressjoni tal-karriera. Jenħtieġ jiżguraw ukoll li l-FSE+ jippromwovi opportunitajiet indaqs għal kulħadd, mingħajr diskriminazzjoni b'konformità mal-Artikolu 10 tat-TFUE u jippromwovi l-inklużjoni tal-persuni b'diżabbiltà fis-soċjetà b'mod ugwali bħall-oħrajn u jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà. Jenħtieġ li dawn il-prinċipji jitqiesu fid-dimensjonijiet kollha u fl-istadi kollha tat-tħejjija, il-monitoraġġ, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-programmi, fil-ħin u b'mod konsistenti filwaqt li jkun żgurat li jittieħdu azzjonijiet speċifiċi li jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-opportunitajiet indaqs. L-FSE+ jenħtieġ ukoll jippromwovi t-tranżizzjoni mill-kura residenzjali/istituzzjonali għal kura tal-familja u bbażata fuq il-komunità, b'mod partikolari għal dawk li jġarrbu diskriminazzjoni multipla. L-FSE+ jenħtieġ li ma jappoġġax l-ebda azzjoni li tikkontribwixxi għas-segregazzjoni jew għall-esklużjoni soċjali. Skont ir-Regolament (UE) Nru [CPR futur] li jstipula li r-regoli dwar l-eliġibbiltà tan-nefqa jenħtieġ li jiġu stabbiliti fil-livell nazzjonali, b'ċerti eċċezzjonijiet li għalihom jenħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet speċifiċi fir-rigward tal-fergħa b'għestjoni kondiviża tal-FSE+.</p>	<p>(28) L-awtoritajiet ta' għestjoni tal-Istati Membri, flivell nazzjonali u reġionali, u l-Kummissjoni jenħtieġ li jiżguraw li l-FSE+ jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa b'konformità mal-Artikolu 8 tat-TFUE biex titrawwem l-ugwaljanza fit-trattament u fl-opportunitajiet bejn in-nisa u l-irġiel fl-oqsma kollha, inkluż fejn jidħlu l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, it-termini u l-kundizzjonijiet tal-impjegi u l-progressjoni tal-karriera. Jenħtieġ jiżguraw ukoll li l-FSE+ jippromwovi opportunitajiet indaqs għal kulħadd, mingħajr diskriminazzjoni b'konformità mal-Artikolu 10 tat-TFUE u jippromwovi l-inklużjoni tal-persuni b'diżabbiltà fis-soċjetà b'mod ugwali bħall-oħrajn u jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà. Jenħtieġ li dawn il-prinċipji jitqiesu fid-dimensjonijiet kollha u fl-istadi kollha tat-tħejjija, il-monitoraġġ, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-programmi, fil-ħin u b'mod konsistenti filwaqt li jkun żgurat li jittieħdu azzjonijiet speċifiċi li jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-opportunitajiet indaqs. L-FSE+ jenħtieġ ukoll jippromwovi t-tranżizzjoni mill-kura residenzjali/istituzzjonali għal kura tal-familja u bbażata fuq il-komunità, b'mod partikolari għal dawk li jġarrbu diskriminazzjoni multipla. L-FSE+ jenħtieġ li ma jappoġġax l-ebda azzjoni li tikkontribwixxi għas-segregazzjoni jew għall-esklużjoni soċjali. Skont ir-Regolament (UE) Nru [CPR futur] li jstipula li r-regoli dwar l-eliġibbiltà tan-nefqa jenħtieġ li jiġu stabbiliti fil-livell nazzjonali, b'ċerti eċċezzjonijiet li għalihom jenħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet speċifiċi fir-rigward tal-fergħa b'għestjoni kondiviża tal-FSE+.</p>

Raġuni

Jenħtieġ li ssir enfasi fuq ir-rwol ewlieni tal-entitajiet reġionali u lokali fil-kontribut tagħhom għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali.

Emenda 21

Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
(30) Fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali fil-qafas ta' dan ir-Regolament, il-kontrolluri nazzjonali tad-data jenħtieġ iwettqu l-kompiti tagħhom għall-finijiet ta' dan ir-Regolament b'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.	(30) Fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali fil-qafas ta' dan ir-Regolament, il-kontrolluri nazzjonali u reġjonali tad-data jenħtieġ iwettqu l-kompiti tagħhom għall-finijiet ta' dan ir-Regolament b'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Barra minn hekk, l-Istati Membri u r-reġjuni għandhom jigarantixxu aċċess għal din id-data permezz ta' mezzi li jippermettu konformità mal-iskadenzi tat-trażmissjoni tal-indikaturi stabbiliti.

Emenda 22

Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
(31) L-esperimentazzjoni soċjali hi ttestjar ta' proġett fuq skala żgħira li jippermetti l-ġbir ta' evidenza dwar il-fattibbiltà tal-innovazzjonijiet soċjali. Jenħtieġ li jkun possibbli li l-ideat fattibbli jittwettqu fuq skala usa' jew f'kuntesti oħra b'appoġġ finanzjarju mill-FSE+, kif ukoll minn sorsi oħrajn.	(31) L-esperimentazzjoni soċjali hi ttestjar ta' proġett fuq skala żgħira li jippermetti l-ġbir ta' evidenza dwar il-fattibbiltà tal-innovazzjonijiet soċjali. Jenħtieġ ikun possibbli li tiġi evalwata l-kwalità u jiġi inkoraġġit it-twettiq ta' ideat fattibbli tagħhom fuq skala usa' jew f'kuntesti oħra f'reġjuni jew Stati Membri differenti b'appoġġ finanzjarju mill-FSE+ jew flimkien ma' sorsi oħrajn.

Raġuni

Għall-ghajjnuna tat-trasferiment ta' ideat fattibbli, jenħtieġ li l-kooperazzjoni transnazzjonali ma tkunx limitata għall-innovazzjonijiet imtejba mill-Istati Membri, iżda għandha tiġi estiża għat-test pilota minn belt għal belt ta' innovazzjonijiet ippruvati.

Emenda 23

Żid premessa ġdida wara l-premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	(31bis) L-FSE+ ikopri sħubijiet transfruntiera bejn is-servizzi pubbliċi reġjonali tal-impjiegi u l-imsieħba soċjali u l-attivitajiet tagħhom biex jipromovu l-mobilità volontarja u ġusta, kif ukoll it-trasparenza u l-integrazzjoni tas-swieq tax-xogħol transkonfinali permezz ta' informazzjoni, pariri u kollokament. F'bosta reġjuni mal-fruntieri, huma għandhom rwol importanti fl-iżvilupp ta' suq tax-xogħol Ewropew ġenwin.

Emenda 24

Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>(32) L-FSE+ jistabbilixxi dispożizzjonijiet maħsuba biex jiksbu l-libertà tal-moviment tal-ħaddiema b'mod nondiskriminatorja billi jiżguraw il-koperazzjoni mill-qrib bejn is-servizzi ċentrali tal-impjiegi tal-Istati Membri u mal-Kummissjoni. In-netwerk Ewropew tas-servizzi tal-impjiegi jenħtieġ jippromwovi funzjonament aħjar tas-swieq tax-xogħol billi jiffaċilita l-mobbiltà transfruntiera tal-ħaddiema u aktar trasparenza tal-informazzjoni fis-swieq tax-xogħol. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-FSE+ jinkludi wkoll l-iżvilupp ta' skemi mmirati tal-mobbiltà, u l-appoġġ għalihom, ħalli jimtlew il-postijiet battala meta jiġu identifikati skarsezzi fis-suq tax-xogħol.</p>	<p>(32) L-FSE+ jistabbilixxi dispożizzjonijiet maħsuba biex jiksbu l-libertà tal-moviment tal-ħaddiema b'mod nondiskriminatorja billi jiżguraw il-koperazzjoni mill-qrib bejn is-servizzi ċentrali u reġjonali tal-impjiegi tal-Istati Membri u mal-Kummissjoni. In-netwerk Ewropew tas-servizzi tal-impjiegi jenħtieġ jippromwovi funzjonament aħjar tas-swieq tax-xogħol billi jiffaċilita l-mobbiltà transfruntiera tal-ħaddiema u aktar trasparenza tal-informazzjoni fis-swieq tax-xogħol. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-FSE+ jinkludi wkoll l-iżvilupp ta' skemi mmirati tal-mobbiltà, u l-appoġġ għalihom, ħalli jimtlew il-postijiet battala meta jiġu identifikati skarsezzi fis-suq tax-xogħol.</p>

Raġuni

Jenħtieġ li ssir enfasi fuq ir-rwol ewlieni tal-entitajiet regionali u lokali fil-kontribut tagħhom għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali.

Emenda 25

Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>(36) Jekk in-nies jinżammu f'saħħithom u attivi aktar fit-tul u jitħeġġu biex jieħdu rwol attiv fit-tmexxija ta' saħħithom, dan iħalli effetti pożittivi fuq is-saħħa, l-inugwaljanzi fis-saħħa, il-kwalità tal-ħajja, il-produttività, il-kompetittività u l-inklużività, filwaqt li jonqsu l-pressjonijiet fuq il-baġits nazzjonali. Il-Kummissjoni ilha impenjata li tgħin lill-Istati Membri biex jilhqqu l-miri tagħhom tal-iżvilupp sostenibbli (SDG), b'mod partikolari l-SDG 3 "Jiġu żgurati ħajjiet f'saħħithom u jiġi promoss il-benesseri għal kulħadd f'kull età".</p>	<p>(36) Jekk in-nies jinżammu f'saħħithom u attivi aktar fit-tul u jitħeġġu biex jieħdu rwol attiv fit-tmexxija ta' saħħithom, dan iħalli effetti pożittivi fuq is-saħħa, partikolarment fir-rigward tat-tnaqqis tal-inugwaljanzi, f'termini ta' aċċess għall-kura tas-saħħa inkluża l-kura preventiva, il-kwalità tal-ħajja, il-produttività, il-kompetittività u l-inklużività, filwaqt li jonqsu l-pressjonijiet fuq il-baġits nazzjonali. Il-Kummissjoni ilha impenjata li tgħin lill-Istati Membri u lir-reġjuni biex jilhqqu l-miri tagħhom tal-iżvilupp sostenibbli (SDG), b'mod partikolari l-SDG 3 "Jiġu żgurati ħajjiet f'saħħithom u jiġi promoss il-benesseri għal kulħadd f'kull età".</p>

Emenda 26

Premessa 46

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
(46) Filwaqt li jirrifletti l-importanza li jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima skont l-impenji tal-Unjoni li jimplimentaw il-Ftehim ta' Pariġi u l-Miri tal-Iżvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, dan ir-Regolament se jikkontribwixxi biex l-azzjoni klimatika tiġi integrata fil-politiki tal-UE u biex tintlaħaq il-mira ġenerali ta' 25 % tal-infiq tal-baġit tal-UE li jappoġġa l-għanijiet tal-klima. Waqt it-tħejjija u l-implimentazzjoni se jiġu identifikati azzjonijiet rilevanti, u jiġu vvalutati mill-ġdid fil-kuntest tal-evalwazzjoni nofsana.	(46) Filwaqt li jirrifletti l-importanza li jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima skont l-impenji tal-Unjoni li jimplimentaw il-Ftehim ta' Pariġi u l-Miri tal-Iżvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, dan ir-Regolament se jikkontribwixxi biex l-azzjoni klimatika tiġi integrata sabiex tkun żgurata tranżizzjoni aċċettabbli soċjalment u ġusta lejn ekonomija b'livell baxx ta' karbonju fil-politiki tal-UE u biex tintlaħaq il-mira ġenerali li tista' taqbeż 30 % tal-infiq tal-baġit tal-UE li jappoġġa l-għanijiet tal-klima. Waqt it-tħejjija u l-implimentazzjoni se jiġu identifikati azzjonijiet rilevanti, u jiġu vvalutati mill-ġdid fil-kuntest tal-evalwazzjoni nofsana.

Raġuni

Konsistenza mal-opinjoni 2389/2018 dwar il-pakkett tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali għas-snin 2021–2027.

Emenda 27

Artikolu 2(1) punt (3)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
(3) “assistenza materjali bażika” tfisser oġġetti li jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi ta' persuna għal ħajja dinjituża, bħal ħwejjeġ, prodotti iġjeniċi u materjal tal-iskola;	(3) “assistenza materjali bażika” tfisser oġġetti li jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi ta' persuna għal ħajja dinjituża, bħal ħwejjeġ, prodotti iġjeniċi u materjal tal-iskola, nutrizzjoni adegwata, akkomodazzjoni u kura tas-saħħa diċenti;

Emenda 28

Artikolu 2(1)

Żid punt ġdid wara l-punt (7)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	“sħubijiet transfruntiera” fil-qasam tal-impjiegi u tal-innovazzjoni soċjali, tfisser strutturi ta' kooperazzjoni bejn is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi u l-imsieħba soċjali f'żoni tal-fruntiera ta' mill-inqas żewġ pajjiżi;

Emenda 29

Artikolu 2(1)(10)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
(10) “entità ġuridika” tfisser kwalunkwe persuna fiżika, jew kwalunkwe persuna ġuridika maħluqa u rikonoxxuta bħala tali mil-liġi nazzjonali, mil-liġi tal-Unjoni jew mil-liġi internazzjonali, li għandha personalità ġuridika u li, meta taġixxi f'isimha stess, tista' teżerċita drittijiet u tkun soġġetta għal obbligi;	(10) “entità ġuridika” tfisser kwalunkwe persuna fiżika, jew kwalunkwe persuna ġuridika maħluqa u rikonoxxuta bħala tali mil-liġi nazzjonali, mil-liġi tal-Unjoni jew mil-liġi internazzjonali, li għandha personalità ġuridika u li, meta taġixxi f'isimha stess, tista' teżerċita drittijiet u tkun soġġetta għal obbligi;

Raġuni

L-emenda tat-traduzzjoni tapplika biss għall-verżjoni Spanjola tat-test. Huwa meqjus iktar xieraq fil-verżjoni Spanjola li jiġi sostitwit it-terminu “*entidad jurídica*” b’“*sujeto de derecho*”, peress li mill-perspettiva ġuridika, jidher kontradittorju li wieħed jirreferi għal persuna fiżika bħala entità ġuridika.

Emenda 30

Artikolu 2(1)(16)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
(16) “innovazzjonijiet soċjali” tfisser attivitajiet li huma soċjali kemm għall-finijiet tagħhom kif ukoll għall-mezzi tagħhom, b'mod partikolari dawk li għandhom x'jaqsmu mal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' ideat ġodda (dwar prodotti, servizzi u mudelli) li fl-istess ħin jissodisfaw il-ħtiġijiet soċjali u joħlqu relazzjonijiet jew kollaborazzjonijiet soċjali ġodda, biex b'hekk jagħmlu l-ġid fis-soċjetà u jixprunaw il-kapaċità tagħha li taġixxi;	(16) “innovazzjonijiet soċjali” tfisser attivitajiet kollettivi li huma soċjali kemm għall-finijiet tagħhom kif ukoll għall-mezzi tagħhom, b'mod partikolari dawk li għandhom x'jaqsmu mal-iżvilupp, l-ittestjar, il-validazzjoni , l-implimentazzjoni u l-iskalar ta' (kombinazzjonijiet ta')prodotti, servizzi, mudelli u Prattiki ġodda li jissodisfaw il-ħtiġijiet soċjali u jindirizzaw l-isfidi soċjetali u fl-istess ħin joħlqu relazzjonijiet jew kollaborazzjonijiet soċjali ġodda bejn il-pubbliku, il-privat u l-organizzazzjonijiet tat-tielet settur , biex b'hekk jagħtu s-setgħa lill-atturi tas-soċjetà ċivili u jixprunaw il-kapaċità tagħhom li jaġixxu;

Emenda 31

Artikolu 2(1)(17)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
(17) “esperimentazzjonijiet soċjali” tfisser interventi politiċi li jagħtu rispons innovattiv għall -ħtiġijiet soċjali, implimentati fuq skala żgħira u f'kundizzjonijiet li jippermettu li l-impatt tagħhom jitkejjel, qabel ma jiġu implimentati f'kundestri oħra jew fuq skala akbar, jekk ir-riżultati jkunu konvinċenti ;	(17) “esperimentazzjonijiet soċjali” tfisser l-ittestjar u l-evalwazzjoni komparattiva ta' risponsi innovattivi ddisinjati tajjeb biex jindirizzaw il-ħtiġijiet soċjali, implimentati fuq skala żgħira u f'kundizzjonijiet li jippermettu li l-impatt tagħhom jitkejjel, qabel ma jiġu implimentati f'kundestri ġeografiċi jew settorjali oħra jew fuq skala akbar, jekk ir-riżultati jagħtu prova ta' vantaġġi meta mqabbel mal-prattika attwali ;

Emenda 32

Artikolu 3, l-ewwel paragrafu

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
L-FSE+ għandu l-għan li tappoġġa lill-Istati Membri biex jiksbu livelli għoljin ta' impjegi, protezzjoni soċjali ġusta, u forza tax-xogħol tas-sengħa u reżiljenti li tkun lesta għad-dinja futura tax-xogħol, b'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali li pproklamaw il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017.	L-FSE+ għandu l-għan li jappoġġa lill-Istati Membri, fil-livelli differenti tagħhom, reġjonali, u lokali , sabiex jintlaħqu livelli għoljin ta' impjieg, protezzjoni soċjali ġusta u forza tax-xogħol mħarrġa u reżiljenti, imħejjija għad-dinja tax-xogħol fil-ġejjieni, f'konformità mal-prinċipji tal-Politika ta' Koeżjoni tat-tnaqqis tad-differenzi u ż-żieda tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, skont l-Artikolu 174 tat-TFUE , bil-prinċipji stabbiliti fil-pilastru Ewropew tad-drittijiet soċjali pproklamati mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017, u bit-tliq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli filwaqt li titqies il-ħtieġa li jiġu żviluppati miżuri integrati li jirriflettu s-sitwazzjonijiet sottonazzjonali speċifiċi.

Raġuni

Jenħtieġ li ssir enfasi fuq ir-rwol ewlieni tal-entitajiet reġjonali u lokali fil-kontribut tagħhom għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali.

Emenda 33

Artikolu 3(2)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
L-FSE+ għandu jappoġġa, jikkumplimenta u jżid il-valur tal-politiki tal-Istati Membri li jiżguraw opportunitajiet indaqs, aċċess għas-suq tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, protezzjoni u inklużjoni soċjali, u livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem.	L-FSE+ għandu jappoġġa, jikkumplimenta u jżid il-valur tal-politiki tal-Istati Membri u l-entitajiet subnazzjonali tagħhom sabiex jiżguraw opportunitajiet indaqs, aċċess għas-suq tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, protezzjoni u inklużjoni soċjali, u livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem.

Raġuni

Jenħtieġ li ssir enfasi fuq ir-rwol ewlieni tal-entitajiet reġjonali u lokali fil-kontribut tagħhom għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali.

Emenda 34

Artikolu 4(1), punt (i)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
(i) jitjieb l-aċċess għall-impjegi għall-persuni kollha li qed ifittxu impjieg, b'mod partikolari ż-żgħażaġh u l-persuni qiegħda fit-tul, u l-persuni inattivi, u jiġu promossi l-impjegi indipendenti u l-ekonomija soċjali;	(i) jitjieb l-aċċess għall-impjegi għall-persuni kollha li qed ifittxu impjieg, b'mod partikolari ż-żgħażaġh u l-persuni qiegħda fit-tul, u l-persuni inattivi u nies b'diżabilitajiet , jiġu promossi l-impjegi indipendenti u jiżiedu l-impjegi fin-negozji u l-entitajiet tal-ekonomija soċjali u tiġi appoġġata l-mobbiltà transkonfinali tax-xogħol ;

Raġuni

Issem mew b'mod speċjali l-persuni b'diżabilitajiet u l-promozzjoni ta' mobbiltà tax-xogħol transkonfinali minħabba l-importanza ta' dawn għal Ewropa aktar koeżiva ekonomikament, soċjalment u territorjalment. L-għoti ta' spinta lill-impjeggi għandu japplika għall-operaturi ekonomiċi kollha.

Emenda 35

Artikolu 4(1), punt (iii)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
(ii) jiġu modernizzati l-istituzzjonijiet u s-servizzi tas-suq tax-xogħol biex jiġu vvalutati u antiċipati l-ħtiġijiet fil-ħiliet u jkunu żgurati assistenza u appoġġ fil-ħin u personalizzati għal tqabbil, tranżizzjonijiet u mobbiltà fis-suq tax-xogħol;	(ii) jiġu modernizzati l-istituzzjonijiet u s-servizzi tas-suq tax-xogħol biex jiġu vvalutati u antiċipati l-ħtiġijiet fil-ħiliet u jkunu żgurati assistenza u appoġġ fil-ħin u personalizzati għal tqabbil, tranżizzjonijiet u mobbiltà fis-suq tax-xogħol u tiġi mtejba il-kwalità tax-xogħol fl-aspetti kollha tiegħu;

Raġuni

Issemma b'mod speċjali t-titjib tal-kwalità tax-xogħol fl-aspetti kollha tiegħu minħabba l-importanza ta' dan fil-kisba ta' Ewropa aktar inklussiva u koeżiva ekonomikament, soċjalment u territorjalment.

Emenda 36

Artikolu 4(1), punt (iv)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
(iv) jitjiebu l-kwalità, l-aċċessibilità, l-effikaċja u r-rilevanza fis-suq tax-xogħol tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, ħalli jappoġġaw il-kisba tal-kompetenzi ewlenin, inkluż il-ħiliet diġitali;	(iv) jitjiebu l-kwalità, l-aċċessibilità, l-effikaċja u r-rilevanza fis-suq tax-xogħol tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż is-sistemi ta' edukazzjoni għolja, ħalli jappoġġaw il-kisba tal-kompetenzi ewlenin, inkluż il-ħiliet diġitali;

Raġuni

Il-possibbiltà li jkunu promossi l-opportunitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ għandha tibqa' possibbli sabiex jiżjed il-potenzjal innovattiv ta' reġjun u biex jitjiebu l-opportunitajiet ta' impjeg fix-xjenza u l-industrija. Il-finanzjament għall-edukazzjoni għolja huwa partikolarment importanti biex jinkiseb dan.

Emenda 37

Artikolu 4(1), punt (v)

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
(v) jiġu promossi l-aċċess ugwali għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità u inklużivi, u t-tlestija tagħhom, b'mod partikolari għall-gruppi żvantaġġati, mill-edukazzjoni u l-kura bikrija tul l-edukazzjoni u t-taħriġ ġenerali u vokazzjonali sal-livell terzjarju, kif ukoll l-edukazzjoni u t-tagħlim għall-adulti, inkluż li tiġi faċilitata l-mobbiltà tat-tagħlim għal kulħadd;	(v) jiġu promossi l-aċċess ugwali għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità u inklużivi, u t-tlestija tagħhom, b'mod partikolari għall-gruppi żvantaġġati, mill-edukazzjoni u l-kura bikrija tul l-edukazzjoni u t-taħriġ ġenerali u vokazzjonali sal-livell terzjarju, kif ukoll l-edukazzjoni u t-tagħlim għall-adulti u l-edukazzjoni għolja , inkluż li tiġi faċilitata l-mobbiltà tat-tagħlim għal kulħadd;

Raġuni

Il-possibbiltà li jkun promossi l-oppportunitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ għandha tibqa' possibbli sabiex jiżied il-potenzjal innovattiv ta' reġjun u biex jitjiebu l-oppportunitajiet ta' impjieg fix-xjenza u l-industrija. Il-finanzjament għall-edukazzjoni għolja huwa partikolarment importanti biex jinkiseb dan.

Emenda 38

Żid punt ġdid wara l-Artikolu 4(1) punt (xi)

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	(xii) It-tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali tal-awtoritajiet u tal-partijiet interessati u l-kontribut għal amministrazzjoni pubblika effiċjenti.

Raġuni

L-għan hu li jiġi estiż l-oġettiv tematiku 11 tal-perjodu kurrenti ta' programmar tal-FESI għall-perjodu ta' wara l-2020 fidawl tad-dewmien fit-tisħiħ tal-kapaċitajiet istituzzjonali u l-amministrazzjonijiet lokali.

Emenda 39

Artikolu 4(2)(1)

Test proposit mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
1. Ewropa aktar intelliġenti bl-iżvilupp ta' ħilet għal speċjalizzazzjoni intelliġenti, ħilet għal teknoloġiji abilitanti essenzjali, tranżizzjoni industrijali, koperazzjoni settorjali b'rabta mal-ħilet u l-intraprenditorjali, it-taħriġ tar-riċerkaturi, l-attivitajiet ta' netwerking u sħubijiet bejn istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla, l-istituzzjonijiet tat-taħriġ vokazzjonali u edukattiv (VET), iċ-ċentri tar-riċerka u t-teknoloġija, u l-intrapriżi u l-gruppi, l-appoġġ għall-mikrointrapriżi, l-intrapriżi żgħar u medji u l-ekonomija soċjali;	1. Ewropa aktar intelliġenti bl-iżvilupp ta' ħilet għal speċjalizzazzjoni intelliġenti, ħilet għal teknoloġiji abilitanti essenzjali, tranżizzjoni industrijali, koperazzjoni settorjali b'rabta mal-ħilet u l-intraprenditorjali, it-taħriġ tar-riċerkaturi u ta' min iħarreġ , l-attivitajiet ta' netwerking u sħubijiet bejn istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla, l-istituzzjonijiet tat-taħriġ vokazzjonali u edukattiv (VET), iċ-ċentri tar-riċerka u t-teknoloġija, u l-intrapriżi u l-gruppi, l-appoġġ għall-mikrointrapriżi, l-intrapriżi żgħar u medji u l-ekonomija soċjali;

Raġuni

It-taħriġ għall-persuni qiegħda huwa essenzjali għall-kisba ta' impjieg u dawk li jħarrġu għandhom għalhekk ikunu speċjalizzati jekk iridu jkissbu suċċess.

Emenda 40

Artikolu 5(2)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>2. Il-parti tal-pakkett finanzjarju għall-fergħa b'ġestjoni kondiviża tal-FSE+ skont il-mira tal-Investment għall-Impjegi u t-Tkabbir għandha tkun EUR 100 000 000 000 bi prezzijiet attwali jew EUR 88 646 194 590 bi prezzijiet tal-2018 li EUR 200 000 000 minnhom bi prezzijiet attwali jew EUR 175 000 000 minnhom bi prezzijiet tal-2018 għandhom jiġu allokati għall-koperazzjoni transnazzjonali li tappoġġa s-soluzzjonijiet innovattivi kif imsemmi fl-Artikolu 23(i) u EUR 400 000 000 bi prezzijiet attwali jew EUR 376 928 934 bi prezzijiet tal-2018 bħala finanzjament addizzjonali għar-reġjuni ultraperiferiċi identifikati fl-Artikolu 349 tat-TFUE u r-reġjuni tal-livell 2 tan-NUTS li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 6 għall-Att ta' Adeżjoni tal-1994.</p>	<p>2. Il-parti tal-pakkett finanzjarju għall-fergħa b'ġestjoni kondiviża tal-FSE+ skont il-mira tal-Investment għall-Impjegi u t-Tkabbir għandha tkun EUR 100 000 000 000 bi prezzijiet attwali jew EUR 88 646 194 590 bi prezzijiet tal-2018 li EUR 200 000 000 minnhom bi prezzijiet attwali jew EUR 175 000 000 minnhom bi prezzijiet tal-2018 għandhom jiġu allokati għall-koperazzjoni transnazzjonali li tappoġġa s-soluzzjonijiet innovattivi kif imsemmi fl-Artikolu 23(i). Għandha tingħata attenzjoni partikolari lil reġjuni inqas żviluppati meta jiġu allokati l-fondi, kif ukoll lir-reġjuni indikati fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 174 tat-TFUE, bl-għan li jikkontribwixxu għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. Barra minn hekk, EUR 400 000 000 bi prezzijiet attwali jew EUR 376 928 934 bi prezzijiet tal-2018 se jiġu allokati għal finanzjament addizzjonali għar-reġjuni ultraperiferiċi identifikati fl-Artikolu 349 tat-TFUE u r-reġjuni tal-livell 2 tan-NUTS li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 6 għall-Att ta' Adeżjoni tal-1994.</p>

Raġuni

Sakemm l-FSE+ jikkontribwixxi għall-azzjonijiet tal-Unjoni mmirati biex isaħħu l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali skont l-Artikolu 174 tat-TFUE, huwa meħtieġ li fid-distribuzzjoni tal-pakkett finanzjarju tingħata attenzjoni speċjali lir-reġjuni anqas żviluppati, kif ukoll lir-reġjuni indikati fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 174 tat-TFUE, bl-għan li jikkontribwixxu għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali.

Emenda 41

Artikolu 5(5)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>5. L-ammonti msemmija fil-paragrafu 3 u 4 jistgħu jintużaw ukoll għal assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-programmi, bħall-attivitajiet ta' tħejjija, monitoraġġ, kontroll, awditjar u evalwazzjoni, inkluż sistemi korporattivi tat-teknoloġija tal-informazzjoni.</p>	<p>5. L-ammonti msemmija fil-paragrafu 2, 3 u 4 jistgħu jintużaw ukoll għal assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-programmi, bħall-attivitajiet ta' tħejjija, monitoraġġ, kontroll, awditjar u evalwazzjoni, inkluż sistemi korporattivi tat-teknoloġija tal-informazzjoni.</p>

Raġuni

Huwa kkunsidrat neċessarju li tingħata assistenza teknika lill-paragrafu 2, li huma fondi ta' ġestjoni maqsuma.

Emenda 42

Artikolu 7(1), l-ewwel sotto-paragrafu

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>1. L-Istati Membri għandhom jikkonċentraw ir-riżorsi b'ġestjoni kondiviża tal-FSE+ fuq interventi li jindirizzaw l-isfidi identifikati fil-programmi nazzjonali ta' riforma taġġhom, fis-Semestru Ewropew kif ukoll fir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiżi adottati b'konformità mal-Artikolu 121(2) tat-TFUE u mal-Artikolu 148(4) tat-TFUE, u jqisu l-prinċipji u d-drittijiet stabbiliti fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.</p>	<p>1. L-awtoritajiet tal-ġestjoni tal-Istati Membri, f'livell nazzjonali u reġjonali, għandhom jallokaw, skont l-ispeċifiċitajiet ta' kull reġjun, ammont adegwat tar-riżorsi b'ġestjoni kondiviża tal-FSE+ taġġhom fuq interventi li jippromovu l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u d-drittijiet stabbiliti fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u li jindirizzaw l-isfidi identifikati fil-programmi nazzjonali ta' riforma taġġhom, fis-Semestru Ewropew kif ukoll fir-rapporti tal-pajjiżi u fir-rakkomandazzjonijiet soċjali speċifiċi għall-pajjiżi adottati b'konformità mal-Artikolu 121(2) tat-TFUE u mal-Artikolu 148(4) tat-TFUE, kif ukoll b'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU. L-Istati Membri jistgħu biss joħlqu obbligi addizzjonali fuq il-benefiċjarji fejn dawn huma ġġustifikati biex jaħdmu favur l-oġġettivi tal-FSE + u l-implimentazzjoni taġġhom.</p>

Raġuni

Jenħtieġ li ssir enfasi fuq ir-rwol ewlieni tal-entitajiet reġjonali u lokali fil-kontribut taġġhom għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali.

Emenda 43

Artikolu 7(1), it-tieni sotto-paragrafu

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>L-Istati Membri u, meta xieraq, il-Kummissjoni għandhom irawmu sinerġiji u jiżguraw koordinazzjoni, kumplimentarjetà u koerenza bejn l-FSE+ u fondi, programmi u strumenti oħra tal-Unjoni bħal Erasmus, il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil u l-Programm ta' Appoġġ għal Riformi, inkluż l-Għodda għat-Twettiq ta' Riformi u l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku, kemm fil-fażi tal-ippjanar kif ukoll waqt l-implimentazzjoni. L-Istati Membri u, meta xieraq, il-Kummissjoni, għandhom itejbu l-mekkaniżmi għall-koordinazzjoni biex tkun evitata d-duplikazzjoni tal-isforzi u tkun żgurata l-koperazzjoni mill-qrib bejn daww responsabbli għall-implimentazzjoni, biex jagħmu azzjonijiet ta' appoġġ koerenti u ssimplifikati.</p>	<p>L-awtoritajiet tal-ġestjoni tal-Istati Membri, f'livell nazzjonali u reġjonali u, meta xieraq, il-Kummissjoni għandhom irawmu sinerġiji u jiżguraw koordinazzjoni, kumplimentarjetà u koerenza bejn l-FSE+ u fondi, partikolarment, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, kif ukoll programmi u strumenti oħra tal-Unjoni bħal Erasmus, il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil u l-Programm ta' Appoġġ għar-Riformi kemm fil-fażi tal-ippjanar kif ukoll waqt l-implimentazzjoni, mingħajr preġudizzju għall-għanijiet stabbiliti fl-Artikoli 3 u 4 u tal-Istrateġija għall-Żvilupp Sostenibbli. L-Istati Membri u, meta xieraq, il-Kummissjoni, għandhom itejbu l-mekkaniżmi għall-koordinazzjoni biex tkun evitata d-duplikazzjoni tal-isforzi u tkun żgurata l-koperazzjoni mill-qrib bejn daww responsabbli għall-implimentazzjoni, biex jagħmu azzjonijiet ta' appoġġ koerenti u ssimplifikati.</p>

Raġuni

Jenħtieġ li ssir enfasi fuq ir-rwol ewlieni tal-entitajiet reġjonali u lokali fil-kontribut tagħhom għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. Min-naħa l-oħra, l-inklużjoni ta' referenza għal koordinazzjoni ma' dawn iż-żewġ Strumenti ġodda: Strument Operattiv tar-Riforma u l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku, mhix meqjusa bħala neċessarja. Koordinazzjoni mal-FEIS hija meħtieġa u għandha tkun inkluża fit-test, b'kont meħud tal-oġettiv prinċipali ta' FSE+. Barra minn hekk, referenza ċara għall-Istrateġija għall-Iżvilupp Sostenibbli hija meħtieġa.

Emenda 44

Artikolu 7(2)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>2. L-Istati Membri għandhom jallokaw ammont xieraq mir-riżorsi tagħhom b'ġestjoni kondiviża tal-FSE+ biex jindirizzaw l-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiżi adottati b'konformità mal-Artikolu 121(2) tat-TFUE u l-Artikolu 148(4) tat-TFUE u fis-Semestru Ewropew li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-FSE+ kif stabbilit fl-Artikolu 4.</p>	<p>2. L-Istati Membri, f'koordinazzjoni mar-reġjuni, u fil-waqt li titqies id-distribuzzjoni tal-kompetenzi għall-ġestjoni tal-politiki differenti u l-fondi meħtieġa għal dan, għandhom jallokaw ammont xieraq mir-riżorsi tagħhom b'ġestjoni kondiviża tal-FSE+ biex jindirizzaw l-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiżi – u billi jitqiesu l-ispeċifikazzjonijiet reġjonali – li ġew adottati b'konformità mal-Artikolu 121(2) tat-TFUE u l-Artikolu 148(4) tat-TFUE u fis-Semestru Ewropew li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-FSE+ kif stabbilit fl-Artikolu 4. Il-prinċipji u d-drittijiet stabbiliti fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-oġettiv ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali għandhom jiġu kkunsidrati wkoll.</p>

Raġuni

It-tweġġiq ta' dawn ir-reqwiżiti jista' jwassal biss għal aktar koeżjoni ekonomika u soċjali għall-Unjoni Ewropea. Għalhekk, fit-tqassim tal-ammonti li għandhom jiġu allokati, għandha tiġi rrispettata l-kapaċità amministrattiva u l-kompetenzi tal-**awtoritajiet** reġjonali u lokali fir-rigward tal-isfidi li jikkompetu kontrihom.

Emenda 45

Artikolu 7(5)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>5. L-Istati Membri li għandhom rata taż-żgħażaġh ta' bejn il-15 u d-29 sena barra mill-impjeg, l-educazzjoni, jew it-taħriġ li taqbeż il-medja tal-Unjoni fl-2019, abbażi tad-data tal-Eurostat, għandhom jallokaw mill-inqas 10 % tar-riżorsi tagħhom b'ġestjoni kondiviża tal-FSE+ għas-snin 2021 sa 2025 għal azzjonijiet immirati u riformi strutturali li jappoġġaw l-impjeg taż-żgħażaġh u t-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol, il-perkorsi tar-riintegrazzjoni fl-educazzjoni jew fit-taħriġ, u l-educazzjoni kumpensatorja, b'mod partikolari fil-kuntest tal-implimentazzjoni ta' skemi tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ.</p>	<p>5. L-Istati Membri li għandhom reġjuni b'rata taż-żgħażaġh ta' bejn il-15 u d-29 sena barra mill-impjeg, l-educazzjoni, jew it-taħriġ li taqbeż il-medja tal-Unjoni fl-2019, abbażi tad-data tal-Eurostat, għandhom jallokaw mill-inqas 15 % tar-riżorsi tagħhom b'ġestjoni kondiviża tal-FSE+ għas-snin 2021 sa 2025 għal azzjonijiet immirati u riformi strutturali li jappoġġaw l-impjeg taż-żgħażaġh u t-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol, il-perkorsi tar-riintegrazzjoni fl-educazzjoni jew fit-taħriġ, u l-educazzjoni kumpensatorja, b'mod partikolari fil-kuntest tal-implimentazzjoni ta' skemi tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ f'livell reġjonali u lokali.</p>

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Meta jipprograww ir-riżorsi b'ġestjoni kondiviża tal-FSE + għall-2026 u l-2027 f'nofs it-terminu skont l-Artikolu [14] tas-[CPR futur], l-Istati Membri li għandhom rata taż-żgħażaġh ta' bejn il-15 u d-29 sena barra mill-impjeg, l-educazzjoni jew it-taħriġ li taqbeż il-medja tal-Unjoni fl-2024, abbażi tad-data tal-Eurostat, għandhom jallokaw mill-inqas 10 % tar-riżorsi tagħhom b'ġestjoni kondiviża tal-FSE+ għas-snin 2026 sa 2027 għal dawn l-azzjonijiet.</p> <p>Ir-reġjuni ultraperiferiċi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-ewwel u fit-tieni subparagrafi għandhom jallokaw mill-inqas 15 % tar-riżorsi b'ġestjoni kondiviża tal-FSE+ fil-programmi tagħhom għall-azzjonijiet immirati stabbiliti fl-ewwel subparagrafu. Din l-allokazzjoni għandha titqies fil-verifika tal-konformità mal-persentaġġ minimu fil-livell nazzjonali stabbilit fl-ewwel u fit-tieni subparagrafi.</p> <p>Meta jimplementaw dawn l-azzjonijiet, l-Istati Membri għandhom jagħtu prijorità liż-żgħażaġh inattivi u qiegħda fit-tul u jistabbilixxu miżuri mmirati ta' kuntatt.</p>	<p>Meta jipprograww ir-riżorsi b'ġestjoni kondiviża tal-FSE + għall-2026 u l-2027 f'nofs it-terminu skont l-Artikolu [14] tas-[CPR futur], l-Istati Membri li għandhom rata taż-żgħażaġh ta' bejn il-15 u d-29 sena barra mill-impjeg, l-educazzjoni jew it-taħriġ li taqbeż il-medja tal-Unjoni fl-2024, abbażi tad-data tal-Eurostat, għandhom jallokaw mill-inqas 10 % tar-riżorsi tagħhom b'ġestjoni kondiviża tal-FSE+ għas-snin 2026 sa 2027 għal dawn l-azzjonijiet.</p> <p>Ir-reġjuni ultraperiferiċi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-ewwel u fit-tieni subparagrafi għandhom jallokaw mill-inqas 15 % tar-riżorsi b'ġestjoni kondiviża tal-FSE+ fil-programmi tagħhom għall-azzjonijiet immirati stabbiliti fl-ewwel subparagrafu. Din l-allokazzjoni għandha titqies fil-verifika tal-konformità mal-persentaġġ minimu fil-livell nazzjonali stabbilit fl-ewwel u fit-tieni subparagrafi.</p> <p>Meta jimplementaw dawn l-azzjonijiet, l-Istati Membri għandhom jagħtu prijorità liż-żgħażaġh inattivi u qiegħda fit-tul u jistabbilixxu miżuri mmirati ta' kuntatt. L-Istati Membri għandhom jallokaw ammont adegwat tar-riżorsi FSE + tagħhom taħt ġestjoni kondiviża biex jimplementaw il-Garanzija Ewropea tat-Tfal sabiex jiġi żgurat aċċess ugwali tat-tfal għal kura tas-saħħa mingħajr ħlas, edukazzjoni mingħajr ħlas, kura tat-tfal mingħajr ħlas, djar diċenti u nutrizzjoni adegwata.</p>

Raġuni

Ir-rati għoljin ta' qgħad u inattività fost iż-żgħażaġh jaffettwaw Stati Membri differenti, għalkemm ir-rati fil-livell reġjonali jistgħu jkunu differenti ħafna fl-istess Stat. Għalhekk il-ħtieġa li jsiru kalkoli bbażati fuq ir-realtajiet reġjonali differenti u l-allokazzjoni u l-eżekuzzjoni tar-riżorsi titwettaq f'żoni sensitivi misjuba. L-appoġġ għall-impjeg taż-żgħażaġh għandu jkun waħda mill-isfidi ewlenin li trid tiffaċċja l-FSE+ speċjalment f'dawk l-Istati b'reġjuni b'rata oġhla mill-medja u għandu jiġi żgurat li dan l-appoġġ huwa suffiċjenti permezz ta' allokazzjoni ta' mill-inqas 15 %.

Emenda 46

Artikolu 8(1)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>1. Kull Stat Membru għandu jiżgura parteċipazzjoni xierqa ta' sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fit-twettiq tal-politiki tal-impjeg, l-educazzjoni u l-inklużjoni soċjali appoġġati mill-fergħa b'ġestjoni kondiviża tal-FSE+.</p>	<p>1. L-awtoritajiet tal-ġestjoni tal-Istati Membri, f'livell nazzjonali u reġjonali, għandhom jiżguraw parteċipazzjoni xierqa ta' sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fit-twettiq tal-politiki tal-impjeg, l-educazzjoni u l-inklużjoni soċjali appoġġati mill-fergħa b'ġestjoni kondiviża tal-FSE+ f'konformità mal-Kodiċi ta' kondotta għal sħubijiet u governanza f'diversi livelli.</p>

Raġuni

Jenħtieġ li ssir enfasi fuq ir-rwol ewlieni tal-entitajiet reġjonali u lokali fil-kontribut tagħhom għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali.

Emenda 47

Artikolu 11

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
L-azzjonijiet li jindirizzaw l-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiżi u fis-Semestru Ewropew imsemmija fl-Artikolu 7(2) għandhom jiġu pprogrammati fi prijorità apposta waħda jew bosta.	L-azzjonijiet li jindirizzaw l-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiżi u fis-Semestru Ewropew imsemmija fl-Artikolu 7(2) għandhom jiġu pprogrammati fi prijorità apposta waħda jew bosta. Flessibbiltà suffiċjenti se tkun żgurata fil-livell tal-awtorità tal-ġestjoni biex tidentifika l-prijoritajiet u l-oqsma għall-investimenti tal-FSE+ skont sfidi speċifiċi lokali jew reġjonali.

Raġuni

L-azzjonijiet b'rabta mar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż (li jikkonċernaw diversi oqsma tematiċi u inklużi taħt diversi objettivi speċifiċi) ma għandhomx jiġu inkorporati fi prijorità dedikata waħda jew aktar. L-azzjonijiet b'rabta mar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż għandhom ikunu parti minn prijorità waħda jew aktar skont il-qasam tematiku rilevanti.

Emenda 48

Artikolu 13(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
1. L-Istati Membri għandhom jappoġġaw azzjonijiet ta' innovazzjoni soċjali u esperimentazzjonijiet soċjali, jew isaħħu approċċi minn isfel għal fuq ibbażati fuq sħubijiet li jinvolvu awtoritajiet pubbliċi, is-settur privat u s-soċjetà ċivili bħall-Gruppi ta' Azzjoni Lokali li jfasslu u jimplementaw strateġiji tal-iżvilupp lokali mmexxija mill-komunità.	1. L-Istati Membri għandhom jappoġġaw azzjonijiet ta' innovazzjoni soċjali u esperimentazzjonijiet soċjali u /jew isaħħu approċċi minn isfel għal fuq ibbażati fuq sħubijiet li jinvolvu awtoritajiet pubbliċi, f'livell nazzjonali, reġjonali u lokali , is-settur privat, l-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili bħall-Gruppi ta' Azzjoni Lokali li jiddisinnaw u jimplementaw strateġiji ta' "żvilupp lokali parteċipattiv" (CLLD).

Raġuni

Il-Gruppi ta' Żvilupp Rurali u strateġiji ta' żvilupp lokali parteċipattiv jenħtieġ li jidhru fl-FSE+ bħala strument ġenerali biex jissaħħa l-approċċ ibbażat fuq it-territorju tal-FSE+. Għalhekk, ir-rwol tagħhom jenħtieġ li jmur lil hinn u jsir għodda għal azzjonijiet innovattivi.

Emenda 49

Artikolu 13(4)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>4. Kull Stat Membru għandu jiddedika mill-inqas prijorità waħda għall-implimentazzjoni tal-paragrafi 1 jew 2 jew tat-tnejn. Ir-rata ta' kofinanzjament massima għal dawn il-prijoritajiet tista' tiġi miżjuda għall-95 % għall-allokazzjoni ta' massimu ta' 5 % tal-allokazzjoni nazzjonali b'ġestjoni kondiviża tal-FSE+ għal dawn il-prijoritajiet.</p>	<p>4. Kull Stat Membru għandu jiddedika mill-inqas prijorità waħda għall-implimentazzjoni tal-paragrafi 1 jew 2 jew tat-tnejn. Ir-rata ta' kofinanzjament massima għal dawn il-prijoritajiet tista' tiġi miżjuda għall-95 % għall-allokazzjoni ta' massimu ta' 5 % tal-allokazzjoni nazzjonali b'ġestjoni kondiviża tal-FSE+ għal dawn il-prijoritajiet. Jenħtieġ li jiġi allokati proporzjon minimu tal-allokazzjoni nazzjonali taħt ġestjoni kondiviża tal-FSE+ biex jappoġġa azzjonijiet ta' sperimentazzjoni soċjali u innovazzjoni soċjali. Ir-regoli tal-verifika għal dawn l-azzjonijiet għandhom ikunu flessibbli biżżejjed biex jippermettu t-teħid tar-riskji u l-kreattività. Se jkun hemm appoġġ għall-kooperazzjoni transnazzjonali sabiex jiġu ttrasferiti innovazzjonijiet ippruvati għal kuntesti oħra f'livell lokali, reġjonali jew nazzjonali.</p>

Raġuni

L-evidenza mill-2014-2017 turi li l-FSE jista' jkun katalizzatur għall-innovazzjoni soċjali f'livell lokali, iżda reġim ta' verifika strett wisq jostakola l-potenzjal tiegħu. Huwa importanti wkoll li r-regoli jkun flessibbli biżżejjed biex jippermettu li jittieħdu r-riskji u l-ħsieb immedjat. Għall-ghajjnuna tat-trasferiment ta' innovazzjonijiet soċjali li jirnexxu, jenħtieġ li l-kooperazzjoni transnazzjonali ma tkunx limitata għall-innovazzjonijiet imtejba mill-Istati Membri, iżda għandha tiġi estiża għat-test pilota minn belt għal belt ta' innovazzjonijiet ippruvati.

Emenda 50

Artikolu 14(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>1. Minbarra l-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu [58] tas-[CPR futur], l-ispejjeż li ġejjin mhumiex eliġibbli għall-appoġġ ġenerali tal-fergħa b'ġestjoni kondiviża tal-FSE+:</p> <p>(a) ix-xiri ta' art u proprjetà immobbli, u l-forniment ta' infrastruttura, u</p> <p>(b) <i>ix-xiri ta' għamara, tagħmir u vetturi għajr meta x-xiri jkun meħtieġ biex jintlaħaq l-għan tal-operazzjoni, jew dawn l-oġġetti jiġu deprezzati għalkollox, jew ix-xiri ta' dawn l-oġġetti jkun l-aktar alternattiva ekonomika.</i></p>	<p>1. Minbarra l-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu [58] tas-[CPR futur], l-ispejjeż li ġejjin mhumiex eliġibbli għall-appoġġ ġenerali tal-fergħa b'ġestjoni kondiviża tal-FSE+:</p> <p>(a) ix-xiri ta' art u proprjetà immobbli, u l-forniment ta' infrastruttura, u</p>

Raġuni

Is-sottoparagrafu (b) jillimita l-infiq bla bżonn u għaldaqstant għandu jitħassar.

Emenda 51

Artikolu 15(5)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>5. Meta d-data tkun disponibbli fir-reġistri jew f'sorsi ekwivalenti, l-Istati Membri għandhom jippermettu li l-Awtoritajiet ta' Ġestjoni u korpi oħra fdati bil-għbir tad-data meħtieġa għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-appoġġ ġenerali tal-fergħa b'ġestjoni kondiviża tal-FSE+, jiksbu din id-data mir-reġistri tad-data jew minn sorsi ekwivalenti, b'konformità mal-punti (c) u (e) tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2016/679,</p>	<p>5. Meta d-data tkun disponibbli fir-reġistri jew f'sorsi ekwivalenti, l-Istati Membri għandhom jippermettu li l-Awtoritajiet ta' Ġestjoni u korpi oħra fdati bil-għbir tad-data meħtieġa għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-appoġġ ġenerali tal-fergħa b'ġestjoni kondiviża tal-FSE+, jiksbu din id-data mir-reġistri tad-data jew minn sorsi ekwivalenti, b'konformità mal-punti (c) u (e) tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2016/679, Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jiggarrantixxu aċċess għal din id-data permezz ta' mezzi li jippermettu konformità mal-iskadenzi tat-trażmissjoni tal-indikaturi stabbiliti.</p>

Raġuni

Is-sempliċi awtorizzazzjoni biex tinkiseb data minn reġistri amministrattivi ma tiggarantix konformità mal-għan tal-Artikolu 15, li għandu jkollu d-data individwali tal-parteċipanti mingħajr ma jkollu jiġborha direttament minnhom, u wara jitrażmetti l-valuri tal-indikaturi kkalkulati minnhom fl-iskadenzi li huma stabbiliti. Għal dan huwa essenzjali li jkun hemm kanali permanenti u ħfief għall-kontroverifiki tal-informazzjoni.

Emenda 52

Artikolu 21(4)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>4. Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-mudell li għandu jintuża għall-istħarriġ strutturat dwar ir-riċevituri finali skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 39(2) biex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu.</p>	<p>4. Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-mudell li għandu jintuża għall-istħarriġ strutturat dwar ir-riċevituri finali skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 39(2) biex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu. L-informazzjoni mitluba fl-istħarriġ se tkun limitata għall-varjabbli essenzjali għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-progress tal-appoġġ tal-FSE+ għall-għlieda kontra l-privazzjoni materjali.</p>

Raġuni

It-tħejjija ta' stħarriġ immirat lejn il-familji hija għalja u tista' tkun ta' piż fastidjuż fuq iċ-ċittadini, kontra dak li huwa inkluż fir-Regolament (KE) Nru 223/2009, relatat mal-istatistiċi Ewropej, fejn jiġi stabbilit il-prinċipju ta' "kosteffettività". L-informazzjoni li għandha tintalab fl-istħarriġ jenħtieġ li tkun limitata, u b'hekk tiġi evitata l-inklużjoni ta' fatturi varjabbli li mhumiex verament meħtieġa jew li d-diffikultà ta' ksib tagħhom hija sproporzjonata, fir-rigward tal-benefiċċji li d-disponibbiltà tagħhom għandha ġġib magħha.

Emenda 53

Artikolu 23 punt (h)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
(h) tipprovdi gwida għall-iżvilupp ta' infrastruttura soċjali (inkluż djar, indukrar tat-tfal, edukazzjoni u taħriġ, kura tas-saħħa u kura fit-tul) li hemm bżonn għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali;	(h) tipprovdi gwida għall-iżvilupp ta' infrastruttura soċjali (inkluż djar, indukrar tat-tfal, edukazzjoni u taħriġ, kura tas-saħħa u kura fit-tul u strateġiji ta' żvilupp immexxi mill-komunità) li hemm bżonn għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti ;

Emenda 54

Anness II, punt 2 – Indikaturi komuni ta' riżultati

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
L-għadd tar-riċevituri aħħarja li jirċievu l-għajnuna alimenterari — L-għadd ta' tfal taħt it-18-il sena	L-għadd tar-riċevituri aħħarja li jirċievu l-għajnuna alimenterari — L-għadd ta' tfal taħt it-18-il sena,

Raġuni

L-isem Spanjol tal-indikatur tirreferi għal grupp ta' età (0 sa 18-il sena) li l-limitu massimu tiegħu jinsab ukoll fil-grupp imsemmi fl-indikatur li ġej fil-lista: "Numru ta' żgħażagħ bejn 18 u 29 sena". [Nota tat-traduttur: Din l-emenda ma tapplikax għall-verzjoni Maltija] Dan il-fatt jiġġenera konfużjoni billi l-persuni ta' 18-il sena jiġu inklużi fiż-żewġ gruppi.

II. RAKKOMANDEZZJONIJET TA' POLITIKA**IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI****Ir-rwol tal-Fond Soċjali Ewropew**

1. juri li l-Fond Soċjali Ewropew sar l-istrument ewlieni għall-investiment fin-nies, jippromovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u jtejjeb il-ħajjiet ta' miljuni ta' ċittadini Ewropej, u japprezza l-effetti pożittivi tal-Fond Soċjali Ewropew fuq il-perjodu 2007/2013;

2. japprova li l-għanijiet tradizzjonali tal-Fond Soċjali Ewropew biex tittejjeb l-effiċjenza tal-operazzjoni tas-swieq tax-xogħol u jiġi promoss l-aċċess għal impjiegi ta' kwalità, u biex jittejjeb l-aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ huma miksuba minn għanijiet ġodda bħall-impjeg taż-żgħażagħ, l-inklużjoni soċjali u s-saħħa u t-tnaqqis tal-faqar;

3. Iqis li huwa neċessarju li l-Fond Soċjali Ewropew ikun jista' jsir strument li jippermetti tkabbir akbar tal-PDG u l-produttività u jindirizza l-isfidi tal-aċċess għal impjiegi deċenti u ta' kwalità, billi jgħin biex jitħaffef il-proċess ta' konverġenza ekonomika u soċjali fl-UE, li kellhom riperkussjonijiet ħżiena tal-kriżi u l-irkupru ekonomiku u soċjali. Dan se jiżgura li jibqa' pilastru essenzjali tal-politika ta' koeżjoni u tkabbir fit-tul, li jiffoka l-isforzi tiegħu fuq it-titjib tal-kapital uman tal-UE, it-titjib tal-kundizzjonijiet ta' aċċess u l-progress lejn aktar impjiegi u impjiegi aħjar u jiproteġi lill-persuni u tas-setturi produttivi li ntaqtu b'mod partikolari mill-kriżi ekonomika u għadhom ma rkuprawx għal kollox;

4. jsostni li tfassil u implimentazzjoni tajba tal-FSE+ jistgħu jikkontribwixxu biex tiżdied il-perċezzjoni pożittiva tal-Unjoni Ewropea fost iċ-ċittadini, li tiffaċilita l-viżibilità tal-isforzi tal-Unjoni Ewropea fl-għajnuna għal dawk l-aktar fil-bżonn;

Politika ta' koeżjoni

5. jilqa' r-rabta mal-pilastru Ewropew tad-drittijiet soċjali li tħejji l-proposta tar-Regolament FSE+, għalkemm m'għandhiex rabta aktar ċara mal-oġġettiv tal-Koeżjoni Ekonomika, Soċjali u Territorjali safejn iż-żewġ elementi huma kumplimentari u interrelatati;
6. iqis li huwa neċessarju li l-FSE+ jiġi rikonossut bħala komponent fundamentali tal-politika ta' koeżjoni fil-proposta għal Regolament u li tiġi evitata t-trasformazzjoni tagħha fi strument ta' politika Ewropea settorjali;
7. ifakkar li l-valur miżjud tal-FSE+ meta mqabbel mal-azzjoni tal-Istati Membri, huwa marbut mal-ħtiġijiet territorjali u mal-integrazzjoni ma' fondi oħra tal-politika ta' koeżjoni sabiex jitwettqu inizjattivi koerenti u globali fl-livell lokali. Għalhekk, jinnota b'dispijaċir li l-FSE+ għie mifrud finanzjarjament mill-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni safejn dan jista' jimplika diżintegrazzjoni possibbli tal-politika ta' koeżjoni fil-qafas finanzjarju pluriennali wara l-2027, kif seħħ dan l-aħħar mal-FAEŻR;

Id-deċentralizzazzjoni, il-ġestjoni kondiwiża u l-kofinanzjament

8. jirrifjuta l-viżibilità baxxa disponibbli għall-awtoritajiet reġjonali u lokali fil-proposta tar-Regolament u tfakkar lill-Kummissjoni dwar l-importanza ta' dawn l-Amministrazzjonijiet fil-ġestjoni tal-Fond, appoġġata minn esperjenza estensiva;
9. jirrifjuta r-rwol ewlieni mogħti lill-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri għad-detriment tal-awtoritajiet reġjonali u lokali, sakemm iqis li din iċ-ċentralizzazzjoni tista' biss tkun derivata neċessarjament mill-ordni istituzzjonali tal-Istat Membru kkonċernat;
10. ifakkar li huwa ppruvat li d-deċentralizzazzjoni wasslet għal implimentazzjoni aħjar tal-approċċ ibbażat fuq il-post u għal distribuzzjoni aktar effettiva tal-fondi, għalhekk, tfakkar li r-regolament propost espressament jinkludi piż akbar fil-ġestjoni tal-Fond, kif ukoll fit-tqassim tiegħu, lill-awtoritajiet reġjonali u lokali f'dawk l-Istati Membri b'livell għoli ta' deċentralizzazzjoni politika u amministrattiva sabiex l-istruttura tal-ġestjoni tal-Fond tkun konformi mal-istruttura organizzattiva tal-Istati, speċjalment f'dawk aktar deċentralizzati;
11. iqis li l-impenn li jippreżenta l-proposta tar-Regolament biex jiġi inkorporat mudell ta' ġestjoni diretta, waqt li tkun limitata, tikkostitwixxi preċedent għal oqfsa futuri li, fi kwalunkwe każ, jenħtieġ li jkunu limitati biss għal daww l-azzjonijiet li huma xierqa fil-kamp ta' applikazzjoni u Missjoni tal-FSE+;
12. jivvaluta b'mod negattiv ir-ritorn ta' n+2 u tat-tnaqqis tar-rata ta' kofinanzjament u l-ammonti ta' prefinanzjament magħmula mill-proposta RDC, li flimkien ma' tnaqqis possibbli tar-riżorsi għall-kontroparti nazzjonali meħtieġa bħala riżultat ta' politiki tal-konsolidament baġitarju, se jkollu impatt negattiv ħafna fuq il-ġestjoni tal-fond li jagħmilha impossibbli li jintlaħqu l-għanijiet ipplanati. Għalhekk, jitlob li r-rati ta' kofinanzjament tal-perjodi ta' programmazzjoni 2007/2013 u 2014/2020 jiżdienu jew jinżammu mill-inqas sabiex l-isfida għall-inklużjoni soċjali u l-pilastru tad-drittijiet soċjali ma tkunx imdgħajfa minn anqas appoġġ finanzjarju mill-Unjoni Ewropea. jiftakar li hemm ċerti kundizzjonalitajiet li l-konformità magħhom ma taqax taħt il-kompetenza tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, għalhekk qed jiġi propost li jkun hemm penali biss jekk l-awtoritajiet reġjonali jew lokali jkunu pparteċipaw fin-negozjati tagħhom u, b'dan jassumu b'xi mod ir-responsabbiltà;

Baġit

13. jivvaluta b'mod pożittiv ħafna l-eżerċizzju ta' trasparenza li twettaq għall-ewwel darba mill-Kummissjoni Ewropea fl-allokazzjoni ta' pakkett finanzjarju eżatt lill-FSE+ għall-perjodu 2021-2027 peress li l-proposta tal-Kummissjoni qieset l-opinjoni preċedenti tal-Kumitat tar-Reġjuni u ppropriet ukoll l-użu ta' indikaturi minbarra l-PDG għall-allokazzjoni ta' riżorsi bejn l-Istati Membri; Fl-istess ħin, il-Kumitat iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tikkunsidra fil-futur indikatur relatat mal-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jmur lil hinn minn sempliċi kalkolu tal-bilanċ ta' migrazzjoni netta;
14. jiddispijaċih dwar it-tħassir ta' sehem minimu ta' 23.1 % tal-politika ta' koeżjoni li għandhom jiġu allokati lill-FSE +, kif ukoll it-tnaqqis li jirriżulta mill-proposta tal-Kummissjoni dwar il-politika ta' koeżjoni fir-rigward tal-FSE. Dan it-tnaqqis se jwassal mhux biss għal tnaqqis fir-riżorsi totali allokati għall-impjeggi u l-inklużjoni soċjali iżda wkoll għal rwol iżgħar għall-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-iprogrammar u l-ġestjoni tal-FSE +;
15. jesprimi t-tħassib tiegħu dwar it-tnaqqis tal-pakkett finanzjarju fi proposta li tintegra oġġettivi ġodda addizzjonali għall-FSE+ sakemm dan jimplika l-ħtieġa li jiġu allokati anqas riżorsi biex jintlaħqu aktar oġġettivi;

16. jenfasizza li r-rwol speċifiku tal-FSE huwa li jappoġġja dawk il-proġetti li jagħmluha aktar faċli biex jadattaw il-potenzjal lokali u reġjoni abbażi tal-kapital uman għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. Dan huwa l-uniku mod biex ikunu limitati l-ispejjeż assoċjati mal-migrazzjoni tal-kapital uman u għaldaqstant it-telf tal-valur tiegħu (inkluż bħala riżultat ta' "eżodu ta' mħuħ"). Għalhekk huwa importanti li jiġu appoġġjati miżuri li jorbtu l-forniment tal-edukazzjoni mat-tendenzi tas-suq tax-xogħol sabiex ikun jista' jiġi attratt u miżmum it-talent fit-territorju u, fl-istess ħin, jinħolqu l-impjiegi;

17. ihegġegħ lill-Kummissjoni Ewropea, fl-allokazzjoni tar-riżorsi bejn l-Istati Membri, biex tikkunsidra l-karatteristiċi uniċi tar-reġjuni, speċjalment dawk ir-reġjuni anqas żviluppati. Bl-istess mod, għandha titqies is-sitwazzjoni partikolari tar-reġjuni l-aktar imbiegħda u r-reġjuni tal-livell NUTS 2 li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 6 tal-Att tal-Adeżjoni tal-1994, iżda wkoll dawk ir-reġjuni anqas żviluppati u dawk ir-reġjuni li jbatu minn żvantaġġi naturali jew demografiċi serji u permanenti, konformi mal-mandat espliċitu tal-Artikolu 174 tat-TFUE;

Semplifikazzjoni

18. jilqa' l-impenn għal aktar semplifikazzjoni, li jirriżulta mill-proposta. Il-KtR ihegġegħ lill-Kummissjoni Ewropea biex tadotta miżuri addizzjonali ta' semplifikazzjoni kemm għall-awtoritajiet tal-ġestjoni kif ukoll għall-benefiċjarji fl-istrumenti li għandhom jiġu adottati fl-iżvilupp tar-Regolament, safejn l-eliminazzjoni ta' rekwiżiti onerużi u ostakoli amministrattivi mill-bidu tal-proċess ta' għażla ta' operazzjonijiet hija essenzjali;

19. jilqa' b'sodisfazzjon l-estensjoni tal-għodod "ta' ħlas bħala riżultat", kif ukoll pjanijiet ta' azzjoni konġunta u għażliet ta' spejjeż semplifikati fir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni, u jistenna li l-Istati Membri ma jżidux regoli addizzjonali ma' dawk stabbiliti mill-Kummissjoni Ewropea;

20. Jinnota li l-proċess tal-iżvilupp tal-indikaturi li jkejlu l-implimentazzjoni u r-riżultati jirrikjedi sforz u ħin, u għalhekk jikkunsidra li, sabiex jiġi evitat ammont eċċessiv ta' xogħol u li jitqiegħed fil-periklu l-vijabbiltà tas-sistema tal-indikaturi, kif ukoll il-kwalità tiegħu, it-trażmissjoni tad-data jenħtieġ li tkun kull sentejn, inklużi l-preparazzjonijiet għad-diskussjoni annwali tal-awtoritajiet amministrattivi mal-Kummissjoni, u mhux kull xahrejn kif tindika l-proposta;

Koordinazzjoni ma' strateġiji oħra

21. jilqa' b'sodisfazzjon dawk id-dispożizzjonijiet tal-proposta tar-regolament li jikkontribwixxu biex jiġu kkonsolidati l-prinċipji ta' ugwaljanza u opportunitajiet bejn is-sessi billi jsaħħu n-natura trasversali tagħhom li jenħtieġ li titqies fil-fażijiet kollha tal-programmi;

22. jesprimi l-fehma pożittiva tiegħu dwar il-kontinwazzjoni, ir-ristrutturar u t-twessigħ tal-oġġettivi fundamentali tal-interventi tal-FSE+, iżda jirrimarka li huwa essenzjali li, sabiex jiġu permessi l-inklużjoni soċjali u l-ġhajjnuna għal dawk l-aktar żvantaġġati, huma permessi azzjonijiet aktar ġeneriċi, flessibbli u miftuħin minn dawk li jistgħu jiġu applikati matul il-perjodu ta' programmazzjoni attwali;

23. jivvaluta b'mod pożittiv il-ftuħ tal-FSE+ għall-qasam tal-innovazzjoni soċjali, iżda jqis li huwa neċessarju li jiġu stabbiliti l-għodod u l-mekkaniżmi biex jissaħħu il-kapaċitajiet tal-aġenti meta jiġi mfassal, eżegwit u evalwat dan it-tip ta' programmi. jenħtieġ li l-Kummissjoni tiddedika parti mill-isforzi tagħha biex jissaħħaħ netwerk ta' appoġġ għall-ġharfien, it-taħriġ u l-assistenza fl-ippjanar u l-eżekuzzjoni ta' inizjattivi ta' innovazzjoni soċjali, f'koordinazzjoni mal-inizjattiva InvestEU;

24. jirrimarka li l-FSE jista' u jenħtieġ li jikkontribwixxi b'mod attiv għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, peress li jħalli impatt dirett fuq ħafna minnhom u impatt indirett fuq kważi kollha;

25. isostni li jenħtieġ li l-FSE+ jtejjeb il-koordinazzjoni u jippromovi sinerġiji ma' inizjattivi ta' adattament u jtejjeb it-tweġibiet għall-isfidi tar-rivoluzzjoni diġitali;

26. isostni li l-FSE+ jenħtieġ li jtejjeb il-koordinazzjoni u l-promozzjoni ta' sinerġiji ma' inizjattivi marbuta ma' aspetti ta' saħħa, kemm mill-perspettiva ta' prevenzjoni kif ukoll ta' kura;

27. iqis li l-FSE+ għandu jgħin fil-ħolqien ta' soċjetà iktar ugwali, billi jadotta approċċ ċċentrat fuq il-persuni. Il-Kumitat għalhekk jilqa' r-rabta bejn l-oġġettivi tal-FSE + u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Madankollu, jesprimi kawtela dwar ir-rabta bejn l-FSE+ u r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. F'dan ir-rigward, iqis li l-FSE+ jenħtieġ li jkun ikkoordinat sew mal-proċess ta' governanza ekonomika Ewropea, filwaqt li jħares l-awtonomija tiegħu u jiżgura li ma jkunx sussidjarju tiegħu. Barra minn hekk, il-KtR jenfasizza l-bżonn li l-prijoritajiet ta' investiment tal-FSE + jiġu integrati fi strateġija ġdida tal-UE fit-tul għall-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, filwaqt li jirrikonoxxi li l-proposta tal-Kummissjoni tirrispetta l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità;

28. jemma li mhix soluzzjoni xierqa għal miżuri b'rabta mal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi, li normalment jikkonċernaw oqsma tematiċi differenti ħafna (l-edukazzjoni, l-attivazzjoni, il-ħolqien ta' postijiet għall-indukrar tat-tfal u ħafna oħrajn) u fl-istess ħin huma inklużi taħt diversi objettivi speċifiċi fir-regolament tal-FSE, sabiex jiġu inkorporati b'mod artifiċjali fi prijorità ddedikata waħda jew aktar. L-aktar kors ta' azzjoni xieraq huwa li jkun żgurat li l-miżuri b'rabta mal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi jiffurmaw parti minn prijorità waħda jew aktar skont l-oqsma tematiċi rilevanti (l-impjiegi, l-edukazzjoni, l-inklużjoni soċjali). Għandha tingħata attenzjoni wkoll għall-fatt li r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi għandhom ikollhom rabta mal-prijoritajiet ipplanati għall-perspettiva finanzjarja fuq perjodu twil;

29. jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' preċiżjoni fir-rigward fil-perċentwal ta' riżorsi li l-Istati Membri għandhom jallokaw biex jitrattaw l-isfidi identifikati fis-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika, il-programmi ta' riforma nazzjonali u rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż. Il-KtR iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet Ewropej biex jiddefinixxu r-rabtiet mas-Semestru Ewropew b'ċarezza ikbar mingħajr ma jbiddu l-governanza tal-fond u l-mudell ta' ġestjoni. B'mod partikolari, dan ma għandux ifisser tnaqqis fir-riżorsi ġestiti mill-awtoritajiet reġjonali fi Stati Membri deċentralizzati ħafna;

30. jilqa' l-fatt li l-integrazzjoni soċjoekonomika ta' immigrant ġiet inklużi taħt il-qasam strateġiku tal-inklużjoni soċjali, bħala parti mir-risposta Ewropea għal din il-kwistjoni. Dan ir-rispons għandu jkun b'mod ordnat, komprensiv, responsabbli, li jirrispetta d-dinjità il-persuni u sod f'wiċċ id-diskriminazzjoni;

31. jiftakar li l-evidenza empirika turi li l-integrazzjoni gradwali tal-popolazzjoni ta' immigranti li taħdem tista' tirrappreżenta opportunità importanti f'termini ta' dinamiżmu ekonomiku u żieda fl-impjiegi. Dan l-effett huwa wkoll immassimizzat meta l-ħaddiema immigranti jkunu kwalifikati;

32. jitlob għal rikonoxximent tal-ħidma importanti mwettqa mill-awtoritajiet lokali u reġjonali fir-rigward tal-integrazzjoni soċjoekonomika ta' immigranti, b'mod partikolari minorenni mhux akkumpanjati u ż-żgħażaġh, u partikolarment dawk l-awtoritajiet lokali u reġjonali f'żoni bi fruntieri esterni. Huwa jisħaq dwar il-ħtieġa li tfittex aktar komplementarjetà mal-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil, b'hekk jiġu evitati duplikazzjonijiet bejn iż-żewġ strumenti u li tittejjeb il-koerenza bejn il-politiki għall-appoġġ u l-integrazzjoni tal-migranti u għall-promozzjoni tal-integrazzjoni soċjali u tas-suq tax-xogħol, catering għal reġjuni bi bżonnijiet akbar permezz ta' finanzjament addizzjonali speċifiku;

33. jitlob li l-mekkaniżmi neċessarji jkunu adottati biex jiġi żgurat li mill-inqas 10% tar-riżorsi waslet mill-FSE + jintużaw għal miżuri li jappoġġjaw l-impjeg taż-żgħażaġh sabiex jiżguraw l-effikaċja u l-effiċjenza tagħhom u biex jipprevjenu l-marġinalizzazzjoni ta' skemi ta' garanzija għall-impjeg taż-żgħażaġh + il-ġdid tal-FSE. Il-KtR japella wkoll għal dawn il-miżuri sabiex jieħdu inkunsiderazzjoni id-disparitajiet reġjonali u lokali li jistgħu jeżistu fi ħdan l-istess Stat Membru. Għalhekk, iqis li huwa essenzjali li l-kalkolu tar-rata taż-żgħażaġh bejn 15 u 29 sena li la jaħdmu, jistudjaw u lanqas jirċievu taħriġ oġhla mill-medja tal-Unjoni fl-2019 isir fuq data tal-Eurostat flivell reġjonali u mhux nazzjonali.

Brussell, il-5 ta' Diċembru 2018.

Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni

Karl-Heinz LAMBERTZ

Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġionali u l-Fond ta' Koeżjoni

(2019/C 86/08)

Relatur:	Michiel RIJSBERMAN (NL/ALDE), Ministru Reġionali tal-Provinċja ta' Flevoland
Dokument ta' referenza:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġionali u l-Fond ta' Koeżjoni
	COM(2018) 372 final

I. RAKKOMANDAZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU EMENDI

Emenda 1

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Il-prinċipji orizzontali stabbiliti fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ("TUE") u fl-Artikolu 10 TFUE, inkluż il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità kif stabbilit fl-Artikolu 5 TUE, jenħtieġ li jiġu rispettati fl-implimentazzjoni tal-FEŻR u tal-Fond ta' Koeżjoni, filwaqt li titqies il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Jenħtieġ li l-Istati Membri jirrispettaw ukoll l-obbligi tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà u jiżguraw l-aċċessibbiltà f'konformità mal-Artikolu 9 tiegħu u f'konformità mal-liġi tal-Unjoni jarmonizzaw ir-rekwiżiti tal-aċċessibbiltà għall-prodotti u s-servizzi. Jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jimmiraw biex jeliminaw l-inugwaljanzi u jippromwovu l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u tintegra l-perspettiva tal-ġeneru, kif ukoll jikkumbattu d-diskriminazzjoni msejsa fuq is-sess, ir-razza jew l-orijini etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali. Jenħtieġ li l-Fondi ma jappoġġawx azzjonijiet li jikkontribwixxu għal xi forma ta' segregazzjoni. Jenħtieġ li l-objettivi tal-FERŻ u l-Fond ta' Koeżjoni jiġu segwiti fil-qafas tal-iżvilupp sostenibbli u l-promozzjoni mill-Unjoni tal-għan li l-kwalità tal-ambjent tiġi ppreżervata, imħarsa u mtejba kif stabbilit fl-Artikoli 11 u 191(1) TFUE, filwaqt li jitqies il-prinċipju li min iniġġes iħallas. Sabiex tiġi protetta l-integrità tas-suq intern, l-operazzjonijiet li jibbenefikaw l-impriżi għandhom jikkonformaw mar-regoli dwar l-għaj-nuna mill-Istat kif stabbiliti fl-Artikoli 107 u 108 TFUE.</p>	<p>Il-prinċipji orizzontali stabbiliti fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ("TUE") u fl-Artikolu 10 TFUE, inkluż il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità kif stabbilit fl-Artikolu 5 TUE, jenħtieġ li jiġu rispettati fl-implimentazzjoni tal-FEŻR u tal-Fond ta' Koeżjoni, filwaqt li titqies il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Jenħtieġ li l-Istati Membri jirrispettaw ukoll l-obbligi tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà u jiżguraw l-aċċessibbiltà f'konformità mal-Artikolu 9 tiegħu u f'konformità mal-liġi tal-Unjoni jarmonizzaw ir-rekwiżiti tal-aċċessibbiltà għall-prodotti u s-servizzi. Jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jimmiraw biex jeliminaw l-inugwaljanzi u jippromwovu l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u tintegra l-perspettiva tal-ġeneru, kif ukoll jikkumbattu d-diskriminazzjoni msejsa fuq is-sess, ir-razza jew l-orijini etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali. Jenħtieġ li l-Fondi ma jappoġġawx azzjonijiet li jikkontribwixxu għal xi forma ta' segregazzjoni. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jirrikonoxxu r-rwol importanti li taqdi l-kultura fil-koeżjoni soċjali tal-Ewropa, f'konformità mad-Dikjarazzjoni Universali tal-Unesco dwar id-Diversità Kulturali u r-rwol li l-kultura u s-settur kreattiv jistgħu jaqdu fir-rikonċiljazzjoni ta' tensjonijiet ċivili.</p>

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	<p>Jenħtieġ li l-oġġettivi tal-FERŻ u l-Fond ta' Koeżjoni jiġu segwiti fil-qafas tal-iżvilupp sostenibbli, partikolarment f'konformità mal-impenji tal-Unjoni biex jiġu implimentati il-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, kif ukoll il-promozzjoni mill-Unjoni tal-għan li l-kwalità tal-ambjent tiġi ppreżervata, imħarsa u mtejba kif stabbilit fl-Artikoli 11 u 191(1) TFUE, filwaqt li jitqies il-prinċipju li min iniġġes iħallas. Sabiex tiġi protetta l-integrità tas-suq intern, l-operazzjonijiet li jibbenefikaw l-impriżi għandhom jikkonformaw mar-regoli dwar l-ġhajna mill-Istat kif stabbiliti fl-Artikoli 107 u 108 TFUE.</p>

Raġuni

Mhux applikabbli

Emenda 2

Żid Premessa ġdida wara Premessa 5:

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	<p>L-Istati Membri jenħtieġ li jżommu lura milli jżidu regoli li jikkomplikaw l-użu tal-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni għall-benefiċjarju</p>

Emenda 3

Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Filwaqt li jirriflettu l-importanza tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima skont l-impenji tal-Unjoni biex timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Fondi se jikkontribwixxu biex jintegraw azzjonijiet klimatiċi u għall-kisba ta' mira ġenerali ta' 25 % tan-nefqa tal-baġit tal-UE li jappoġġaw l-oġġettivi tal-klima. L-operazzjonijiet taħt il-FEŻR huma mistennija li jikkontribwixxu għal 30 % tal-pakkett finanzjarju ġenerali tal-FEŻR għall-oġġettivi tal-klima. L-operazzjonijiet taħt il-Fond ta' Koeżjoni huma mistennija li jikkontribwixxu għal 37 % tal-pakkett finanzjarju ġenerali tal-Fond ta' Koeżjoni għall-oġġettivi tal-klima.</p>	<p>Filwaqt li jirriflettu l-importanza tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima skont l-impenji tal-Unjoni biex timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Fondi se jikkontribwixxu biex jintegraw azzjonijiet klimatiċi u għall-kisba ta' mira ġenerali ta' 25 % tan-nefqa tal-baġit tal-UE li jappoġġaw l-oġġettivi tal-klima. L-operazzjonijiet taħt il-FEŻR huma mistennija li jikkontribwixxu għal 30 % tal-pakkett finanzjarju ġenerali tal-FEŻR għall-oġġettivi tal-klima. L-operazzjonijiet taħt il-Fond ta' Koeżjoni huma mistennija li jikkontribwixxu għal 37 % tal-pakkett finanzjarju ġenerali tal-Fond ta' Koeżjoni għall-oġġettivi tal-klima.</p>

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	<p><i>Dawn il-perċentwali jehntieg jiġu rispettati tul il-perjodu ta' programmazzjoni kollu.</i></p> <p><i>Għaldaqstant, l-azzjonijiet rilevanti se jiġu identifikati matul it-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' dawn il-fondi, u se jiġu vvalutati mill-ġdid fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet u tal-proċessi ta' rieżami rilevanti. Dawn l-azzjonijiet u l-allokazzjoni finanzjarja riżervata għall-implimentazzjoni tagħhom iridu jiġu inklużi fil-pjani nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima skont l-Anness IV tar-Regolament (UE) 2018/xxxx [CPR il-ġdid] u mehmuża mal-programmi operazzjonali.</i></p>

Raġuni

L-ilħuq tal-għanijiet ta' Pariġi se jirrappreżenta sfida ewlenija għall-Ewropa. Il-KtR stabbilixxa objettivi ambizzjużi ħafna għall-klima f'Opinjoni preċedenti u jinnota li l-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni huma l-istrumenti finanzjarji ewlenin fil-baġit tal-UE mmirati biex jikkontribwixxu għall-objettivi tal-klima. L-UE impenjat ruħha għall-miri ta' Pariġi. Minħabba l-imprevedibbiltà kkawżata min-natura flessibbli tal-allokazzjonijiet għad-diversi objettivi ta' politika, il-“kundizzjonijiet ta' abilitazzjoni orizzontali” tal-Politika ta' Koeżjoni għandhom jinkludu r-reqwiżit li l-Istati Membri jwettqu l-obbligi li joriġinaw mill-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, fil-pjani nazzjonali integrati tagħhom għall-enerġija u l-klima; dawn għandhom tal-inqas jiġu mmonitorjati mill-qrib tul il-perjodu ta' programmazzjoni kollu sabiex ikun żgurat li l-kontribuzzjonijiet għall-objettivi dwar il-klima għadhom mixjin sew.

Emenda 4

Premessa ġdida wara l-premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	<p><i>L-FEŻR għandu jsaħħaħ l-appoġġ dirett tiegħu lill-gvernijiet sottonazzjonali billi jiżgura finanzjament imtejjeb u strumenti mfassla apposta għall-iżvilupp territorjali li jagħtu spinta lill-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti fil-prattika.</i></p>

Raġuni

Huma biss l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti għall-indirizzar tat-tibdil fil-klima li jissemmew fil-premessi. Din l-emenda tiżgura koerenza ikbar mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-UE bit-titolu “A sustainable European future: The EU response to the 2030 Aġenda for Sustainable Development” (Futur Ewropew sostenibbli: Ir-rispons tal-UE għall-Aġenda 2030 għall-iżvilupp Sostenibbli) rigward il-promozzjoni tal-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli **kollha** fil-prattika.

Emenda 5

Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Jenħtieġ li l-FEŻR jgħin sabiex jitnaqqsu l-iskwilibriji reġjonali prinċipali fl-Unjoni u biex jitnaqqsu d-disparitajiet bejn il-livelli ta' żvilupp tar-reġjuni varji u dawk ir-reġjuni li l-aktar għadhom lura u li huma anqas favoriti, inklużi dawk li qed jaffaċċjaw sfidi minħabba l-impenji ta' dekarbonizzazzjoni. Jenħtieġ li l-appoġġ tal-FEŻR taħt il-mira tal-Investment għat-ktabbir u l-impjiegi għalhekk jiġi kkonċentrat fuq il-prijoritajiet ewlenin tal-Unjoni f'konformità mal-oġġettivi tal-politika stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/xxx [CPR il-ġdid]. Jenħtieġ li għalhekk l-appoġġ mill-FEŻR jikkonċentra fuq l-oġġettivi ta' politika ta' "Ewropa intelliġenti billi jippromwovi t-trasformazzjoni ekonomika, intelliġenti u innovattiva" u "Ewropa ekoloġika, b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju permezz tal-promozzjoni tat-tranżizzjoni tal-enerġija nadifa u ġusta, investment ekoloġiku u blu, l-ekonomija ċirkolari, l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskju". Jenħtieġ li din il-konċentrazzjoni tematika tintlaħaq fuq livell nazzjonali filwaqt li tippermetti flessibilità fil-livell tal-programmi individwali u bejn tliet gruppi ta' Stati Membri ffurmati skont id-dħul nazzjonali gross rispettiv. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-metodoloġija biex tikklassifika lill-Istati Membri tiġi stabbilita bir-reqqa b'kont meħud tas-sitwazzjoni speċifika tar-reġjuni l-aktar imbiegħda.</p>	<p>Jenħtieġ li l-FEŻR jgħin sabiex jitnaqqsu l-iskwilibriji reġjonali prinċipali fl-Unjoni u biex jitnaqqsu d-disparitajiet bejn il-livelli ta' żvilupp tar-reġjuni varji u dawk ir-reġjuni li l-aktar għadhom lura u li huma anqas favoriti, inklużi dawk li qed jaffaċċjaw sfidi minħabba l-impenji ta' dekarbonizzazzjoni. Jenħtieġ li l-appoġġ tal-FEŻR taħt il-mira tal-Investment għat-ktabbir u l-impjiegi għalhekk jiġi kkonċentrat fuq il-prijoritajiet ewlenin tal-Unjoni f'konformità mal-oġġettivi tal-politika stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/xxx [CPR il-ġdid]. Jenħtieġ li għalhekk l-appoġġ mill-FEŻR jikkonċentra fuq l-oġġettivi ta' politika ta' "Ewropa intelliġenti billi jippromwovi t-trasformazzjoni ekonomika, intelliġenti u innovattiva" u "Ewropa ekoloġika, b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju permezz tal-promozzjoni tat-tranżizzjoni tal-enerġija nadifa u ġusta, investment ekoloġiku u blu, l-ekonomija ċirkolari, l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskju". Jenħtieġ li din il-konċentrazzjoni tematika tintlaħaq fuq livell reġjonali filwaqt li tippermetti flessibilità fil-livell tal-programmi individwali u bejn tliet kategoriji ta' reġjuni ffurmati skont il-prodott domestiku gross reġjonali. Biex jiffaċilitaw il-flessibilità bejn ir-reġjuni, l-Istati Membri jistgħu jitolbu, fuq talba mir-reġjuni kkonċernati, li l-konċentrazzjoni tematika tiġi kkalkulata għal taħlita ta' reġjuni. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-metodoloġija biex tikklassifika lir-reġjuni tiġi stabbilita bir-reqqa b'kont meħud tas-sitwazzjoni speċifika tar-reġjuni l-aktar imbiegħda.</p>

Raġuni

L-emenda għandha l-għan li ġġib il-Premessa 17 f'konformità mal-Emenda 7 **għall-Artikolu 3** b'rabta mal-konċentrazzjoni tematika.

Il-mekkaniżmu propost ta' allokkazzjoni ċentralizzata kien punt ta' tħassib li tqajjem mill-parti l-kbira tal-partijiet interessati reġjonali (KtR, AER, CPMR, CEMR). Biex nagħtu eżempju, taħt ir-regoli ta' konċentrazzjoni tematika nazzjonali, ir-reġjuni "fi tranżizzjoni" (reġjuni bi proporzjon ta' dħul nazzjonali gross ta' 75 % jew aktar u inqas minn 100 % tal-medja tal-UE – "grupp 2") jista' jkun li bi żball jaqgħu taħt regoli aktar stretti jekk jinsabu fi Stat Membru b'rata ta' dħul nazzjonali gross ta' 100 % jew aktar tal-medja tal-UE ("grupp 1").

Dan imur kontra l-approċċ ibbażat fuq il-post tal-Politika ta' Koeżjoni u l-flessibilità intiża tagħha u b'hekk jagħmel il-proposta kontroproduktiva. Għalhekk, il-KtR jipproponi li jerġa' lura għas-sistema ta' allokkazzjoni reġjonali attwali, **filwaqt li tingħata flessibilità sabiex il-konċentrazzjoni tematika tiġi rregolata skont il-kapaċitajiet u l-ħtiġijiet tar-reġjuni**.

Emenda 6

Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Sabiex jikkonċentra l-appoġġ fuq il-prijoritajiet ewlenin tal-Unjoni, huwa wkoll xieraq li rekwiżiti ta' konċentrazzjoni tematika jenħtieġ li jiġu rispettati matul il-perjodu ta' programmar, inkluż fil-każ ta' trasferiment bejn il-prijoritajiet fi programm jew bejn il-programmi.	Sabiex jikkonċentra l-appoġġ fuq il-prijoritajiet ewlenin tal-Unjoni u b'konformità mal-oġġettivi ta' koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali stipulati fl-Artikolu 174 , huwa wkoll xieraq li rekwiżiti ta' konċentrazzjoni tematika jenħtieġ li jiġu rispettati matul il-perjodu ta' programmar, inkluż fil-każ ta' trasferiment bejn il-prijoritajiet fi programm jew bejn il-programmi.

Emenda 7

Artikolu 2

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>1. F'konformità mal-oġġettivi ta' politika stabbiliti fl-Artikolu [4(1)] tar-Regolament (UE) 2018/xxxx [is-CPR il-ġdid], il-FEŻR għandu jappoġġa l-oġġettivi speċifiċi li ġejjin:</p> <p>(a) "Ewropa iktar intelliġenti permezz tal-promozzjoni ta' trasformazzjoni ekonomika innovattiva u intelliġenti" ("PO 1") permezz:</p> <p>(i) tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet fir-riċerka u l-innovazzjoni u l-użu ta' teknoloġiji avvanzati;</p> <p>(ii) tat-teħid tal-benefiċċji tad-diġitalizzazzjoni għaċ-ċittadini, il-kumpaniji u l-gvernijiet;</p> <p>(iii) tat-tijib tat-tkabbir u l-kompetittività tal-SMEs;</p> <p>(iv) l-iżvilupp ta' ħiliet għal speċjalizzazzjoni intelliġenti, tranżizzjoni industrijali u l-intraprenditorija;</p> <p>(b) "ekonomija aktar ekoloġika, Ewropa li ffit li xejn tipproduċi karbonju billi tippromwovi t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u ġusta, investiment ekoloġiċi u blu, l-ekonomija ċirkolari, l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-prevenzjoni tar-riskju ("PO 2") permezz</p> <p>(i) tal-promozzjoni ta' miżuri ta' effiċjenza enerġetika;</p>	<p>1. F'konformità mal-oġġettivi ta' politika stabbiliti fl-Artikolu [4(1)] tar-Regolament (UE) 2018/xxxx [is-CPR il-ġdid], il-FEŻR għandu jappoġġa l-oġġettivi speċifiċi li ġejjin:</p> <p>(a) "Ewropa iktar intelliġenti permezz tal-promozzjoni ta' trasformazzjoni ekonomika innovattiva u intelliġenti" ("PO 1") permezz:</p> <p>(i) tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet fir-riċerka u l-innovazzjoni u l-użu ta' teknoloġiji avvanzati;</p> <p>(ii) tat-teħid tal-benefiċċji tad-diġitalizzazzjoni għaċ-ċittadini, il-kumpaniji u l-gvernijiet;</p> <p>(iii) tat-tijib tat-tkabbir u l-kompetittività tal-SMEs;</p> <p>(iv) l-iżvilupp ta' ħiliet u l-appoġġ għall-attivitajiet għal speċjalizzazzjoni intelliġenti, tranżizzjoni industrijali u l-intraprenditorija;</p> <p>(b) "ekonomija aktar ekoloġika, Ewropa li ffit li xejn tipproduċi karbonju billi tippromwovi t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u ġusta u mobilità urbana sostenibbli, investiment ekoloġiċi u blu, l-ekonomija ċirkolari, l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-prevenzjoni tar-riskju ("PO 2") permezz:</p> <p>(i) tal-promozzjoni ta' miżuri ta' effiċjenza enerġetika, b'kont meħud li l-faqar enerġetiku ma għandux jiżdid;</p>

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
(ii) tal-promozzjoni tal-enerġija rinnovabbli;	(ii) tal-promozzjoni tal-enerġija rinnovabbli;
(iii) tal-iżvilupp ta' sistemi tal-enerġija intelliġenti, grids u ħażna fil-livell lokali;	(iii) tal-iżvilupp ta' sistemi tal-enerġija intelliġenti, grids u ħażna fil-livell lokali;
(iv) tal-promozzjoni tal-adattament għat-tibdil fil-klima, il-prevenzjoni tar-riskji u r-reżiljenza għad-diżastri;	(iv) tal-promozzjoni tal-adattament għat-tibdil fil-klima, il-prevenzjoni tar-riskji, inkluż il-prevenzjoni ta' dawk siżmiċi , u l-promozzjoni tar-reżiljenza għad-diżastri u l-avvenimenti ta' temp estrem ;
(v) tal-promozzjoni tal-ġestjoni sostenibbli tal-ilma;	(v) tal-promozzjoni tal-ġestjoni sostenibbli tal-ilma;
(vi) tal-promozzjoni tat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari;	(vi) tal-promozzjoni tat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari;
(vii) tat-tiżiħ tal-bijodiversità, l-infrastruttura ekoloġika fl-ambjent urban u t-tnaqqis tat-tniġġis;	(vii) tat-tiżiħ tal-bijodiversità, l-infrastruttura ekoloġika fl-ambjent urban u rurali u t-tnaqqis tat-tniġġis;
	(viii) il-promozzjoni ta' mobilità urbana sostenibbli;
(c) "Ewropa iktar konnessa permezz tat-titjib tal-mobilità u l-konnettività tal-ICT reġjonali" ("PO 3") permezz:	(c) "Ewropa iktar konnessa permezz tat-titjib tal-mobilità u l-konnettività tal-ICT reġjonali" ("PO 3") permezz:
(i) tat-titjib tal-konnettività diġitali;	(i) tat-titjib tal-konnettività diġitali;
(ii) tal-iżvilupp sostenibbli, reżiljenti għat-tibdil fil-klima, sigur, intelliġenti u intermodali tat-TEN-T;	(ii) tal-iżvilupp sostenibbli, reżiljenti għat-tibdil fil-klima, sigur, intelliġenti u intermodali tat-TEN-T;
(iii) tal-iżvilupp ta' mobbiltà nazzjonali, reġjonali u lokali, sostenibbli, reżiljenti għall-klima, intelliġenti u intermodali, inkluż aċċess imtejjeb għat-TEN-T u l-mobilità transfruntiera;	(iii) tal-iżvilupp ta' mobbiltà nazzjonali, reġjonali u lokali, sostenibbli, reżiljenti għall-klima, intelliġenti u intermodali, inkluż iċ-ċikliżmu u inkluż aċċess imtejjeb għat-TEN-T u l-mobilità transfruntiera;
(iv) tal-promozzjoni tal-mobbiltà urbana multimodali sostenibbli;	

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>(d) “Ewropa aktar soċjali bl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali” (“PO 4”) billi:</p> <p>(i) jissaħħu l-effettività tas-swieq tax-xogħol u l-aċċess għal impjiegi ta’ kwalità permezz tal-iżvilupp tal-innovazzjoni soċjali u l-infrastruttura;</p> <p>(ii) jittejeb l-aċċess għal servizzi ta’ kwalità u inklużivi fl-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja permezz tal-iżvilupp fl-infrastruttura;</p> <p>(iii) tiżdied l-integrazzjoni soċjoekonomika ta’ komunitajiet marġinalizzati, migranti u gruppi żvantaġġati, permezz ta’ miżuri integrati li jinkludu akkomodazzjoni u servizzi soċjali;</p> <p>(iv) jiġi żgurat aċċess ugwali għall-kura tas-saħħa permezz tal-iżvilupp tal-infrastruttura, inkluża kura primarja;</p>	<p>(d) “Ewropa aktar soċjali bl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali” (“PO 4”) billi:</p> <p>(i) jissaħħu l-effettività tas-swieq tax-xogħol u l-aċċess għal impjiegi ta’ kwalità permezz tal-iżvilupp tal-innovazzjoni soċjali u l-infrastruttura;</p> <p>(ii) jittejeb l-aċċess għal servizzi ta’ kwalità u inklużivi fl-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja permezz tal-iżvilupp fl-infrastruttura;</p> <p>(iii) tiżdied l-integrazzjoni soċjoekonomika ta’ komunitajiet marġinalizzati, migranti u gruppi żvantaġġati, permezz ta’ miżuri integrati li jinkludu akkomodazzjoni u servizzi soċjali;</p> <p>(iv) jiġi żgurat aċċess ugwali għall-kura tas-saħħa permezz tal-iżvilupp tal-infrastruttura ta’ assi tal-kura tas-saħħa, inkluża kura primarja;</p> <p>(v) jingħata appoġġ għar-riġenerazzjoni fiżika, ekonomika u soċjali ta’ komunitajiet demografikament u ġeografikament imċaħħda li jinsabu f’żoni urbani u rurali.</p>
<p>(e) “Ewropa eqreb taċ-ċittadini billi trawwem l-iżvilupp sostenibbli u l-iżvilupp integrat ta’ żoni urbani, rurali u kostali permezz ta’ inizjattivi lokali” (“PO 5”) permezz:</p> <p>(i) tat-trawwim tal-iżvilupp integrat soċjali, ekonomika u ambjentali, il-wirt kulturali u s-sigurtà fiż-żoni urbani;</p> <p>(ii) trawwim soċjali, ekonomiku u ambjentali integrat ta’ żvilupp lokali, il-wirt kulturali u s-sigurtà, inkluż għal żoni rurali u kostali kif ukoll permezz ta’ żvilupp lokali mmexxi mill-komunità.</p>	<p>(e) “Ewropa eqreb taċ-ċittadini billi trawwem l-iżvilupp sostenibbli u l-iżvilupp integrat ta’ żoni urbani, rurali u kostali permezz ta’ inizjattivi lokali” (“PO 5”) permezz:</p> <p>(i) tat-trawwim tal-iżvilupp integrat soċjali, ekonomika u ambjentali, il-kultura inkluż il-wirt kulturali u s-sigurtà fiż-żoni urbani, inklużi ż-żoni urbani funzjonali;</p> <p>(ii) trawwim soċjali, ekonomiku u ambjentali integrat ta’ żvilupp lokali, il-wirt kulturali u s-sigurtà, inkluż għal żoni rurali, reġjuni muntanjużi, żoni skarsament popolati, gżejjer u żoni kostali kif ukoll tipi oħra ta’ territorji wkoll immirati permezz ta’ żvilupp lokali mmexxi mill-komunità.</p>

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>2. Il-Fond ta' Koeżjoni għandu jsostni PO 2 u għanijiet speċifiċi taħt PO 3 stabbiliti fil-punti (ii), (iii) u (iv) tal-paragrafu 1 (c).</p> <p>3 Fir-rigward tal-oġġettivi speċifiċi stabbiliti fil-paragrafu 1, il-FEŻR jew il-Fond ta' Koeżjoni, kif xieraq, jista' wkoll jappoġġa l-attivitajiet taħt l-għan ta' Investiment għat- tkabbir u l-impjiegi, fejn jew:</p> <p>(a) itejbu l-kapaċità tal-awtoritajiet tal-programm, u korpi marbuta mal-implimentazzjoni tal-Fondi;</p> <p>(b) isaħħu l-kooperazzjoni mal-imsieħba ġewwa u barra minn Stat Membru speċifiku.</p> <p>Il-kooperazzjoni msemmija fil-punt (b) għandha tinkludi l-kooperazzjoni ma' msieħba minn reġjuni transkonfinali, minn reġjuni mhux kontigwi jew minn reġjuni li jinsabu fit-territorju kopert minn strateġija makroreġjonali jew tal-baċini tal-baħar jew kombinazzjoni tagħhom.</p>	<p>(iii) <i>ta' appoġġ għall-bini ta' kapaċità tal-amministrazzjonijiet lokali u reġjonali għal-lokalizzazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli permezz tal-iżgurar ta' strumenti mfassla apposta għall-iżvilupp territorjali u l-promozzjoni tal-implimentazzjoni fil-prattika.</i></p> <p>(iv) <i>ta' appoġġ għal żvilupp territorjali integrat fiż-żoni b'indiċijiet għolja ta' tixjiħ, karattru rurali u d-depopolazzjoni, għat-titjib tal-infrastruttura tagħhom tat-trasport u tat-telekomunikazzjoni, l-eliminazzjoni tad-distakk diġitali (inkluż bejn il-ġenerazzjonijiet) u t-titjib tas-servizzi pubbliċi, inklużi t-tagħlim elettroniku u s-servizzi tas-saħħa elettroniċi;</i></p> <p>2. Il-Fond ta' Koeżjoni għandu jsostni PO 2 u għanijiet speċifiċi taħt PO 3 stabbiliti fil-punti (ii), (iii) u (iv) tal-paragrafu 1 (c).</p> <p>3 Fir-rigward tal-oġġettivi speċifiċi stabbiliti fil-paragrafu 1, il-FEŻR jew il-Fond ta' Koeżjoni, kif xieraq, jista' wkoll jappoġġa l-attivitajiet taħt l-għan ta' Investiment għat- tkabbir u l-impjiegi, fejn jew:</p> <p>(a) itejbu l-kapaċità tal-awtoritajiet tal-programm, u korpi marbuta mal-implimentazzjoni tal-Fondi;</p> <p>(i) <i>azzjonijiet ta' bini ta' kapaċità maħsuba għall-modernizzazzjoni tal-amministrazzjonijiet pubbliċi jistgħu jirċievu fondi addizzjonali mill-Programm ta' Appoġġ għal Riformi kif stipulat fir-Regolament (UE) 2018/xxx [Programm ta' Appoġġ għal Riformi];</i></p> <p>(ii) <i>il-bini ta' kapaċità jista' jingħata kofinanzjament addizzjonali permezz tar-Regolament (UE) 2018/xxx [FAEŻR] u jista' jsir b'mod konġunt man-Netzwerk Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (ENRD), b'mod partikolari rigward rabtiet bejn l-ispazju urban u dak rurali u proġetti li jappoġġaw l-iżvilupp ta' żoni urbani u żoni urbani funzjonali.</i></p> <p>(b) isaħħu l-kooperazzjoni mal-imsieħba ġewwa u barra minn Stat Membru speċifiku.</p> <p>Il-kooperazzjoni msemmija fil-punt (b) għandha tinkludi l-kooperazzjoni ma' msieħba minn reġjuni transkonfinali, minn reġjuni mhux kontigwi jew minn reġjuni li jinsabu fit-territorju kopert minn strateġija makroreġjonali jew tal-baċini tal-baħar jew kombinazzjoni tagħhom.</p>

Raġuni

Fis-snin reċenti, il-fondi tal-Inizjattiva Ewropea ta' Stabbiltà (ESI) ġew indirizzati lejn il-kostruzzjoni ta' infrastruttura fuq skala żgħira li tipprowdi "servizzi ta' rekreazzjoni" bil-għan li tippromovi l-inklużjoni soċjali u tikkumbatti l-faqar fiż-żoni rurali u dawk urbani. Barra minn hekk, ir-Regolament futur dwar il-FEŻR jenħtieġ li jibqa' jagħmel referenza espliċita għall-ħtieġa ta' investimenti fl-infrastruttura fiżika għar-riġenerazzjoni ta' komunitajiet imċaħħda, bħal infrastrutturi sportivi.

Ukoll, l-Objettiv ta' Politika 5 jenħtieġ li jestendi l-enfasi territorjali lejn it-tipi kollha ta' territorju (inklużi l-livell sottoreġjonali u ż-żoni funzjonali) kif ukoll lejn kwalunkwe territorju bi speċifitàtiet ġeografiċi.

Min-naħa l-oħra, jenħtieġ li l-FEŻR isaħħaħ l-appoġġ dirett tiegħu lill-gvernijiet sottonazzjonali billi jiżgura finanzjar imtejjeb u strumenti apposta għall-iżvilupp territorjali li jmxexxu 'l quddiem l-implimentazzjoni tal-Ġħanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fuq il-post. F'dan ir-rigward, wieħed irid iqis il-fatt li l-lokalizzazzjoni tal-SDGs hija proċess politiku li jinkludi responsabbilizzazzjoni tal-gvernijiet sottonazzjonali biex jieħdu azzjoni. B'hekk, il-bini ta' kapaċità tal-amministrazzjoni lokali għall-SDGs jenħtieġ li jiġi appoġġat permezz tal-baġit għall-assistenza teknika tal-FEŻR li jiġi allokat lil PO 5.

Emenda 8

Artikolu ġdid wara l-Artikolu 2

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	<i>B'konformità mal-Artikolu [6] tar-Regolament (UE) 2018/xxxx [CPR il-ġdid], kull Stat Membru għandu jiżgura l-parteċipazzjoni adegwata tal-awtoritajiet lokali u reġjonali kompetenti fit-tħejjija tal-ftehimiet ta' sħubija u fit-tħejjija, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-programmi appoġġati mill-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni.</i>

Raġuni

Huwa importanti li l-prinċipju tas-sħubija u tal-governanza f'diversi livelli jkunu koperti u ggarantiti fl-oqsma ta' politika kollha tal-Politika ta' Koeżjoni, b'mod partikolari minħabba t-tħassib rigward iċ-ċentralizzazzjoni tal-politika ta' koeżjoni fost il-partijiet interessati lokali u reġjonali.

Din l-emenda għandha l-għan li ssaħħaħ il-prinċipju tas-sħubija billi tinkludih fir-Regolament dwar il-FEŻR u l-FK filwaqt li ġġibu f'konformità mal-Artikolu [8] tar-Regolament (UE) 2018/xxx [FSE+] u l-Artikolu [6] tar-Regolament (UE) 2018/xxxx [CPR il-ġdid].

Emenda 9

Artikolu 3

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
1. Fir-rigward ta' programmi implimentati taħt il-mira tal-Investment għat-tkabbir u l-impjegi, it-total tar-riżorsi tal-FEŻR f'kull Stat Membru għandhom ikunu kkonċentrati fuq livell nazzjonali skont il-paragrafi 3 u 4 .	1. Fir-rigward ta' programmi implimentati taħt il-mira tal-Investment għat-tkabbir u l-impjegi, it-total tar-riżorsi tal-FEŻR f'kull Stat Membru għandhom ikunu kkonċentrati fuq livell reġjonali skont l-Artikolu 102(2) tar-Regolament (UE) 2018/xxxx [is-CPR il-ġdid] kif ġej: (a) fir-reġjuni aktar żviluppati, mill-inqas 85 % tat-total tal-FEŻR fil-livell nazzjonali għandhom jiġu allokati għal prijoritajiet differenti mill-assistenza teknika għal PO 1 u PO 2, u mill-inqas 30 % għal PO 2;

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>2. Fir-rigward tal-konċentrazzjoni tematika ta' appoġġ għall-Istati Membri li jinkludu reġjuni ultraperiferiċi, ir-riżorsi tal-FEŻR allokatu speċifikament għal programmi għar-reġjuni ultraperiferiċi u daww allokatu għar-reġjuni l-oħra kollha għandhom jiġu ttrattati b'mod separat.</p> <p>3 L-Istati Membri għandhom ikunu klassifikati, f'termini ta' proporzjon tad-dħul nazzjonali gross tagħhom, kif ġej:</p> <p>(a) daww b'introjtu nazzjonali gross ugwali għal jew ogħla minn 100 % tal-medja tal-UE ("grupp 1");</p> <p>(b) daww b'introjtu nazzjonali gross ugwali għal jew ogħla minn 75 % u anqas 100 % tal-medja tal-UE ("grupp 2");</p> <p>(c) daww b'introjtu nazzjonali gross anqas minn 75 % tal-medja tal-UE ("grupp 3");</p> <p>Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, il-proporzjon tad-dħul gross nazzjonali tfisser il-proporzjon bejn id-dħul gross nazzjonali per capita tal-Istat Membru, imkejje permezz tal-istandards tal-poter tal-akkwist u kkalkolat fuq il-bażi taċ-ċifri tal-Unjoni għall-perjodu mill-2016 sal-2016, u l-medja tad-dħul nazzjonali gross per capita skont l-istandards tal-poter tal-akkwist ta' 27 Stati Membri għal dak l-istess perjodu ta' referenza.</p> <p>Fir-rigward tal-programmi taħt il-mira tal-Investment għat-Tkabbir u l-Impjiegi għar-reġjuni l-aktar imbiegħda, huma għandhom jiġu kklassifikati bħala li jaqgħu taħt il-grupp 3.</p> <p>4. L-Istati Membri għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' konċentrazzjoni tematika li ġejjin:</p>	<p>(b) fir-reġjuni fi tranżizzjoni, mill-inqas 45 % tat-total tar-riżorsi tagħhom tal-FEŻR fil-livell nazzjonali għandhom jiġu allokatu għal prijoritajiet differenti mill-assistenza teknika għal PO 1, u mill-inqas 30 % għal PO 2;</p> <p>(c) fir-reġjuni inqas żviluppati, mill-inqas 35 % tat-total tar-riżorsi tagħhom tal-FEŻR fil-livell nazzjonali għandhom jiġu allokatu lil prijoritajiet differenti mill-assistenza teknika għal PO 1, u mill-inqas 30 % għal PO 2;</p> <p>2. Fir-rigward tal-programmi taħt il-mira tal-Investment għat-Tkabbir u l-Impjiegi għar-reġjuni l-aktar imbiegħda, huma għandhom jitqiesu reġjuni inqas żviluppati.</p> <p>3. Ir-rekwiżiti ta' konċentrazzjoni tematika stipulati fil-paragrafu 1 għandhom jiġu segwiti matul il-perjodu kollu ta' programmar, inkluż meta jiġu trasferiti bejn l-allokkazzjonijiet tal-FEŻR tal-prijoritajiet ta' programm jew bejn il-programmi u fir-reviżjoni ta' nofs it-terminu f'konformità mal-Artikolu [14] tar-Regolament (UE) 2018/xxxx [is-CPR il-ġdid].</p> <p>4. Fejn l-allokkazzjoni tal-FEŻR fir-rigward ta' PO 1 jew PO 2, jew it-tnejn, ta' programm partikolari hija mnaqqsa wara diżimpenn skont l-Artikolu [99] tar-Regolament (UE) 2018/xxxx [is-CPR il-ġdid], jew minħabba korrezzjonijiet finanzjarji mill-Kummissjoni skont l-Artikolu [98] ta' dan ir-Regolament, il-konformità mar-rekwiżiti ta' konċentrazzjoni tematika stabbiliti fil-paragrafu 2 ma għandhomx jiġu vvalutati mill-ġdid.</p>

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>(a) L-Istati Membri tal-grupp 1 għandhom jallokaw mill-inqas 85 % mit-total tar-riżorsi tal-FEŻR tagħhom taħt prijoritajiet għajr għal assistenża teknika għal PO 1 u PO 2 u mill-inqas 60 % għal PO 1;</p> <p>(b) L-Istati Membri tal-grupp 2 għandhom jallokaw mill-inqas 45 % mit-total tar-riżorsi tal-FEŻR tagħhom taħt prijoritajiet għajr għal assistenża teknika għal PO 1 u mill-inqas 30 % għal PO 2;</p> <p>(c) L-Istati Membri tal-grupp 3 għandhom jallokaw mill-inqas 35 % mit-total tar-riżorsi tal-FEŻR tagħhom taħt prijoritajiet għajr għal assistenża teknika għal PO 1 u mill-inqas 30 % għal PO 2.</p> <p>5. Ir-rekwiżiti ta' konċentrazzjoni tematika stipulati fil-paragrafu 4 għandhom jiġu segwiti matul il-perjodu kollu ta' programmar, inkluż meta jiġu trasferiti bejn l-allokaz-zjonijiet tal-FEŻR tal-prijoritajiet ta' programm jew bejn il-programmi u fir-reviżjoni ta' nofs it-terminu f'konformità mal-Artikolu [14] tar-Regolament (UE) 2018/xxxx [is-CPR il-ġdid].</p> <p>6. Fejn l-allokazzjoni tal-FEŻR fir-rigward ta' PO 1 jew PO 2, jew it-tnejn, ta' programm partikolari hija mnaqqsa wara diżimpenn skont l-Artikolu [99] tar-Regolament (UE) 2018/xxxx [is-CPR il-ġdid], jew minħabba korrezzjonijiet finanzjarji mill-Kummissjoni skont l-Artikolu [98] ta' dan ir-Regolament, il-konformità mar-rekwiżit ta' konċentrazzjoni tematika stabbiliti fil-paragrafu 4 ma għandhomx jiġu vvalutati mill-ġdid.</p>	<p>4.a. F'każijiet debitament iġġustifikati l-Istati Membri f'konsultazzjoni mar-reġjuni kkonċernati jistgħu jitolbu għal tnaqqis tar-rata ta' konċentrazzjoni tematika fil-livell tal-kategoriji ta' reġjuni, sa massimu ta' 10 %.</p>

Raġuni

- (1) Il-mekkaniżmu ta' allokazzjoni ċentralizzata kien punt ta' tħassib li tqajjem mill-parti l-kbira tal-partijiet interessati reġionali (KtR, AER, CPMR, CEMR). Dan imur kontra l-approċċ ibbażat fuq il-post tal-Politika ta' Koeżjoni.
- (2) Ir-reġjuni ultraperiferiċi għandhom jitqiesu bħala reġjuni inqas żviluppatti, minħabba l-problemi speċifiċi li huma għandhom b'zonn jindirizzaw.
- (3) Is-sistema tal-konċentrazzjoni tematika għandha tinkludi marġni ta' flessibilità għall-partikolaritajiet nazzjonali u reġionali sabiex jiġi evitat li kategoriji simili tar-reġjuni Ewropej ikollhom jikkonċentraw il-Fondi b'mod differenti minħabba l-ING tal-Istati Membri tagħhom.

Emenda 10

Artikolu 4

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>1. Il-FEŻR għandu jappoġġa dawn li ġejjin:</p> <p>(a) investimenti fl-infrastruttura;</p> <p>(b) investimenti fl-aċċess għas-servizzi;</p>	<p>1. Il-FEŻR għandu jappoġġa dawn li ġejjin:</p> <p>(a) investimenti fl-infrastruttura;</p> <p>(b) investimenti fl-aċċess għas-servizzi;</p>

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>(c) investimenti produttivi fl-SMEs;</p> <p>(d) tagħmir, softwer u assi intanġibbli;</p> <p>(e) informazzjoni, komunikazzjoni, studji, netwerking, kooperazzjoni, skambju ta' esperjenza u attivitajiet li jinvolvu gruppi;</p> <p>(f) assistenza teknika.</p> <p>Barra minn hekk, l-investimenti produttivi fintrapriži li mhumiex SMEs jistgħu jiġu appoġġati meta dawn ikunu jinvolvu kooperazzjoni ma' SMEs f'attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni appoġġati taħt il-punt (a)(i) tal-Artikolu 2(1).</p> <p>Sabiex jikkontribwixxi għall-objettiv speċifiku taħt PO 1 stabbilit fil-punt (a) (iv) tal-Artikolu 2(1), il-FEŻR għandu jappoġġa wkoll it-taħriġ, it-tagħlim tul il-ħajja u attivitajiet edukattivi.</p> <p>2. Taħt l-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg), il-FEŻR jista' jappoġġa wkoll:</p> <p>(a) kondivizzjoni tal-faċilitajiet u tar-riżorsi umani;</p> <p>(b) investimenti moderati ta' akkumpanjament u attivitajiet oħra marbuta ma' OP 4 taħt il-Fond Soċjali Ewropew Plus kif stipulat fir-Regolament (UE) 2018/xxxx [ESF+ il-ġdid].</p>	<p>(c) investimenti produttivi fl-SMEs;</p> <p>(d) tagħmir, softwer u assi intanġibbli;</p> <p>(e) informazzjoni, komunikazzjoni, studji, netwerking, kooperazzjoni, skambju ta' esperjenza u attivitajiet li jinvolvu gruppi;</p> <p>(f) assistenza teknika.</p> <p>L-investimenti produttivi fintrapriži li mhumiex SMEs jistgħu jiġu appoġġati f'attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni appoġġati taħt il-punt (a)(i) tal-Artikolu 2(1) jew f'infrastruttura ta' negozju li hija ta' benefiċċju għall-SMEs.</p> <p>Sabiex jikkontribwixxi għall-objettiv speċifiku taħt PO 1 stabbilit fil-punt (a) (iv) tal-Artikolu 2(1), il-FEŻR għandu jappoġġa wkoll it-taħriġ, it-tagħlim tul il-ħajja u attivitajiet edukattivi.</p> <p>2. Taħt l-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg), il-FEŻR jista' jappoġġa wkoll:</p> <p>(a) kondivizzjoni tal-faċilitajiet u tar-riżorsi umani u ta' kull tip ta' infrastruttura minn naħa għall-oħra tal-fruntieri fir-reġjuni kollha;</p> <p>(b) investimenti moderati ta' akkumpanjament u attivitajiet oħra marbuta ma' OP 4 taħt il-Fond Soċjali Ewropew Plus kif stipulat fir-Regolament (UE) 2018/xxxx [ESF+ il-ġdid].</p>

Raġuni

Għandu jiġi nnutat li l-ammissjoni f'PO 1 tal-investimenti ta' produzzjoni u l-appoġġ ta' infrastruttura tan-negozju biss fis-settur tal-SMEs (jew b'kooperazzjoni mal-SMEs) huma restrittivi wisq. B'mod partikolari, mhumiex iġġustifikati fid-dawl ta' konċentrazzjoni għolja tal-prijoritajiet tal-politika ta' koeżjoni fuq l-appoġġ għar-riċerka u l-innovazzjoni u l-użu ta' teknoloġiji avvanzati, fejn il-preżenza ta' entitajiet bl-istatus ta' impriża kbira fil-katalogu ta' riċevituri/benefiċjarji hija neċessità (inkluż kumpanji spin-off).

Emenda 11

Artikolu 6

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>1. Il-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni ma għandhomx jappoġġaw:</p> <p>(a) id-dekummissjonar jew il-kostruzzjoni tal-impjanti tal-enerġija nukleari;</p> <p>(b) l-investment għall-kisba ta' tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra minn attivitajiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;</p>	<p>1. Il-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni ma għandhomx jappoġġaw:</p> <p>(a) id-dekummissjonar jew il-kostruzzjoni tal-impjanti tal-enerġija nukleari;</p> <p>(b) l-investment għall-kisba ta' tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra minn attivitajiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;</p>

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
(c) il-manifattura, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' tabakk u prodotti tat-tabakk;	(c) il-manifattura, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' tabakk u prodotti tat-tabakk;
(d) awtoritajiet kompetenti kif definiti fil-punt 18 tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 651/2014;	(d) awtoritajiet kompetenti kif definiti fil-punt 18 tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 651/2014;
(e) investiment fl-infrastruttura tal-ajruporti minbarra għar-reġjuni l-iktar imbiegħda;	(e) investiment fl-infrastruttura tal-ajruporti ħlief b'rabta mal-ħarsien tal-ambjent jew jekk ikun ikkumpanjat minn investiment meħtieġ biex jittaffa jew jitnaqqas l-impatt ambjentali negattiv tiegħu u minbarra għar-reġjuni l-iktar imbiegħda;
(f) l-investiment f'rimi ta' skart f'landfill;	(f) l-investiment f'rimi ta' skart f'landfill;
(g) l-investimenti f'faċilitajiet għat-trattament tal-iskart residwali;	(g) l-investimenti f'faċilitajiet għat-trattament finali tal-iskart residwali (mhux miġbur separatament, imħallat li ma jikkonformax mal-ġerarkija tal-iskart skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva (UE) 2018/851, u minbarra r-reġjuni l-iktar imbiegħda f'ċerti każijiet debitament sostanzjati ;
(h) l-investimenti marbuta mal-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni, il-ħażna jew il-kombustjoni tal-fjuwils fossili, bl-eċċezzjoni ta' investiment relatat ma' vetturi nodfa kif iddefiniti fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2009/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;	(h) l-investimenti marbuta mal-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni, il-ħażna jew il-kombustjoni tal-fjuwils fossili, bl-eċċezzjoni ta' investiment relatat ma' vetturi nodfa kif iddefiniti fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2009/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
(i) l-investiment fl-infrastruttura tal-broadband f'żoni fejn hemm mill-inqas żewġ netwerks tal-broadband ta' kategorija ekwivalenti;	(i) l-investiment fl-infrastruttura tal-broadband f'żoni fejn hemm mill-inqas żewġ netwerks tal-broadband ta' kategorija ekwivalenti;
(j) finanzjament għax-xiri tal-vetturi ferrovjarji għall-użu fit-trasport ferrovjarju, ħlief jekk dan huwa marbut:	(j) finanzjament għax-xiri tal-vetturi ferrovjarji għall-użu fit-trasport ferrovjarju, ħlief jekk dan huwa marbut:
(i) rilaxx tal-obbligu tas-servizz pubbliku maħruġ għall-offerti pubbliċi taħt ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 kif emendat;	(i) rilaxx tal-obbligu tas-servizz pubbliku maħruġ għall-offerti pubbliċi taħt ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 kif emendat;
(ii) il-provvista ta' servizzi tat-trasport bil-ferrovija fuq linji li nfetħu għall-kompetizzjoni, u l-benefiċjarju jkun membru ġdid eliġibbli għal finanzjament skont ir-Regolament (UE) 2018/xxxx [Ir-Regolament Investi tal-UE].	(ii) il-provvista ta' servizzi tat-trasport bil-ferrovija fuq linji li nfetħu għall-kompetizzjoni, u l-benefiċjarju jkun membru ġdid eliġibbli għal finanzjament skont ir-Regolament (UE) 2018/xxxx [Ir-Regolament Investi tal-UE].

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>2. Barra dan, il-Fond ta' Koeżjoni ma għandux jappoġġa investiment f'akkomodazzjoni sakemm dan ma jkunx relatat mal-promozzjoni tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija jew l-użu ta' enerġija rinnovabbli.</p> <p>3. Pajjiżi u territorji barranin ma għandhomx ikunu eliġibbli għal appoġġ mill-FEŻR jew mill-Fond ta' Koeżjoni, iżda jistgħu jieħdu sehem fil-programmi Interreg f'konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fir-Regolament (UE) 2018/xxxx [ETC (Interreg)].</p>	<p>(k) azzjonijiet li jikkontribwixxu għal kwalunkwe forma ta' esklużjoni soċjali jew diskriminazzjoni.</p> <p>2. Barra dan, il-Fond ta' Koeżjoni ma għandux jappoġġa investiment f'akkomodazzjoni sakemm dan ma jkunx relatat mal-promozzjoni tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija jew l-użu ta' enerġija rinnovabbli.</p> <p>3. Pajjiżi u territorji barranin ma għandhomx ikunu eliġibbli għal appoġġ mill-FEŻR jew mill-Fond ta' Koeżjoni, iżda jistgħu jieħdu sehem fil-programmi Interreg f'konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fir-Regolament (UE) 2018/xxxx [ETC (Interreg)].</p>

Raġuni

Rigward 1. (e) Il-KtR jissuġġerixxi li jitqiesu l-aspetti klimatiċi u ambjentali tal-infrastruttura tal-ajruporti kif stipulati fir-Regolament attwali (UE) Nru 1301/2013 [FEŻR].

Rigward 1. (g) Kjarifika rigward l-iskart "residwali".

Rigward 1. (k) Il-Premessa (5) tar-Regolament dwar l-FEŻR stipula l-prinċipji, inklużi dawk tal-ugwaljanza u tan-nondiskriminazzjoni, li għandhom jiġu rispettati fl-implimentazzjoni tal-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni. Il-Fondi ma għandhomx jappoġġaw azzjonijiet li jikkontribwixxu għal xi forma ta' segregazzjoni. Madankollu, dan il-prinċipju ma jibqax inkluż fl-Artikoli tar-Regolament, b'differenza mill-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti. Il-KtR jixtieq jiżgura li l-Istati Membri jirrispettaw dawn l-obbligi.

Emenda 12

Artikolu 8

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>1. Il-FEŻR jista' jappoġġa l-iżvilupp territorjali integrat fi programmi taħt iż-żewġ għanijiet imsemmija fl-Artikolu 4 (2) tar-Regolament (UE) 2018/xxxx [is-CPR il-ġdid] skont il-Kapitolu II tat-Titolu III ta' dan ir-Regolament [is-CPR il-ġdid].</p> <p>2. L-Istati Membri għandhom jimplementaw l-iżvilupp territorjali integrat, appoġġat mill-FEŻR, esklussivament permezz tal-formoli msemmija fl-Artikolu [22] tar-Regolament (UE) 2018/xxxx [is-CPR il-ġdid].</p>	<p>1. Il-FEŻR jista' jappoġġa l-iżvilupp territorjali integrat fi programmi taħt iż-żewġ għanijiet imsemmija fl-Artikolu 4 (2) tar-Regolament (UE) 2018/xxxx [is-CPR il-ġdid] skont il-Kapitolu II tat-Titolu III ta' dan ir-Regolament [is-CPR il-ġdid].</p> <p>2. L-Istati Membri għandhom jimplementaw l-iżvilupp territorjali integrat, appoġġat mill-FEŻR, inkluż permezz tal-formoli msemmija fl-Artikolu [22] tar-Regolament (UE) 2018/xxxx [is-CPR il-ġdid]. Dan jista' jieħu l-forma ta' approċċ b'fondi multipli mal-ESF+ u jiġi artikulat, fejn xieraq, mal-FAEŻR u l-FEMS.</p>

Raġuni

Fxi Stati Membri, forom oħrajn ta' żvilupp territorjali integrat kienu implimentati b'suċċess fil-passat. Mhux iktar kar għaliex l-użu futur ta' dawn il-forom għandu jkun eskluż fil-futur.

Emenda 13

Artikolu 9

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>1. Il-FEŻR għandu jappoġġa l-iżvilupp territorjali integrat ibbażat fuq strateġiji territorjali f'konformità mal-Artikolu [23] tar-Regolament (UE) 2018/xxxx [is-CPR il-ġdid] iffokat fuq żoni urbani ("żvilupp urban sostenibbli") fi programmi taħt iż-żewġ għanijiet imsemmija fl-Artikolu 4 (2) ta' dak ir-Regolament.</p> <p>2. Mill-inqas 6 % tar-riżorsi tal-FEŻR fuq livell nazzjonali taħt il-mira tal-Investment għat-tekabbir u l-impjiegi, ħlief għall-assistenza teknika, għandhom jiġu allokati għal żvilupp urban sostenibbli permezz ta' żvilupp lokali mmexxi mill-komunità, investimenti territorjali integrati jew għodda territorjali oħra taħt l-għażla PO5.</p> <p>Il-programm jew il-programmi kkonċernati għandhom jistabbilixxu l-ammonti ppjanati għal dan il-għan taħt il-punt (d) (vii) tal-Artikolu [17(3)] tar-Regolament (UE) 2018/xxxx [is-CPR il-ġdid].</p> <p>3. Il-perċentwal allokati għall-iżvilupp urban sostenibbli taħt il-paragrafu 2 għandu jiġi segwit matul il-perjodu kollu ta' programmar, meta jiġu trasferiti bejn l-allokazzjonijiet tal-FEŻR tal-prijoritajiet ta' programm jew bejn il-programmi u fir-reviżjoni ta' nofs it-terminu f'konformità mal-Artikolu [14] tar-Regolament (UE) 2018/xxxx [is-CPR il-ġdid].</p> <p>4. Fejn l-allokazzjoni tal-FEŻR hija mnaqqa wara diżimpenn skont l-Artikolu [99] tar-Regolament (UE) Nru [is-CPR il-ġdid], jew minħabba korrezzjonijiet finanzjarji mill-Kummissjoni skont l-Artikolu [98] ta' dak ir-Regolament, il-konformità mal-paragrafu 2 ma għandhiex tiġi vvalutata mill-ġdid.</p>	<p>1. Il-FEŻR għandu jappoġġa l-iżvilupp territorjali integrat ibbażat fuq strateġiji territorjali f'konformità mal-Artikolu [23] tar-Regolament (UE) 2018/xxxx [is-CPR il-ġdid] iffokat fuq żoni urbani ("żvilupp urban sostenibbli") fi programmi taħt iż-żewġ għanijiet imsemmija fl-Artikolu 4 (2) ta' dak ir-Regolament.</p> <p>2. Mill-inqas 6 % tar-riżorsi tal-FEŻR fuq livell nazzjonali taħt il-mira tal-Investment għat-tekabbir u l-impjiegi, ħlief għall-assistenza teknika, għandhom jiġu allokati għal żvilupp urban sostenibbli permezz ta' żvilupp lokali mmexxi mill-komunità, investimenti territorjali integrati jew għodda territorjali oħra taħt l-għażla PO5.</p> <p><i>Dan il-minimu ta' 6 % allokati għall-iżvilupp urban sostenibbli għandu jiġi ddeterminat permezz ta' operazzjonijiet abbażi ta' PO5 kif ukoll mill-objettivi ta' politika speċifiċi 1-4 kif elenkati fl-Anness 1.</i></p> <p>Il-programm jew il-programmi kkonċernati għandhom jistabbilixxu l-ammonti ppjanati għal dan il-għan taħt il-punt (d) (vii) tal-Artikolu [17(3)] tar-Regolament (UE) 2018/xxxx [is-CPR il-ġdid].</p> <p>3. Il-perċentwal allokati għall-iżvilupp urban sostenibbli taħt il-paragrafu 2 għandu jiġi segwit matul il-perjodu kollu ta' programmar, meta jiġu trasferiti bejn l-allokazzjonijiet tal-FEŻR tal-prijoritajiet ta' programm jew bejn il-programmi u fir-reviżjoni ta' nofs it-terminu f'konformità mal-Artikolu [14] tar-Regolament (UE) 2018/xxxx [is-CPR il-ġdid].</p> <p>4. Fejn l-allokazzjoni tal-FEŻR hija mnaqqa wara diżimpenn skont l-Artikolu [99] tar-Regolament (UE) 2018/xxx [is-CPR il-ġdid], jew minħabba korrezzjonijiet finanzjarji mill-Kummissjoni skont l-Artikolu [98] ta' dak ir-Regolament, il-konformità mal-paragrafu 2 ma għandhiex tiġi vvalutata mill-ġdid.</p>

Raġuni

Kjarifika. Dan il-punt huwa diġà msemmi fir-Regolament f'nota f'qiegħ il-paġna għall-Anness 1, iżda jkun aktar ċar jekk jissemma fl-Artikoli.

Emenda 14

Artikolu 10

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>1. Il-FEŻR għandu jappoġġa wkoll l-Inizjattiva Urbana Ewropea, implimentata mill-Kummissjoni f'għestjoni diretta u indiretta.</p> <p>Din l-inizjattiva għandha tkopri ż-żoni urbani kollha u għandha l-appoġġ tal-Aġenda Urbana tal-Unjoni.</p> <p>2. L-Inizjattiva Urbana Ewropea għandha tikkonsisti f'dawn it-tliet oqsma li ġejjin, il-koll fir-rigward tal-iżvilupp urban sostenibbli:</p> <p>(a) appoġġ għall-bini ta' kapaċità;</p> <p>(b) appoġġ għal azzjonijiet innovattivi;</p> <p>(c) appoġġ għall-għarfien, l-iżvilupp ta' politika u l-komunikazzjoni.</p> <p>Meta ssir talba minn Stat Membru wieħed jew iktar minn wieħed, l-Inizjattiva Urbana Ewropea tista' tappoġġa wkoll il-kooperazzjoni intergovernattiva fuq kwistjonijiet urbani.</p>	<p>1. Il-FEŻR għandu jappoġġa wkoll l-Inizjattiva Urbana Ewropea, implimentata mill-Kummissjoni f'għestjoni diretta u kondiviża.</p> <p>Din l-inizjattiva għandha tkopri ż-żoni urbani kollha u għandha l-appoġġ tas-sħubijiet u l-infiq organizzattiv tal-Aġenda Urbana tal-Unjoni.</p> <p>2. L-Inizjattiva Urbana Ewropea għandha tikkonsisti f'dawn it-tliet oqsma li ġejjin, il-koll fir-rigward tal-iżvilupp urban sostenibbli:</p> <p>(a) appoġġ għall-bini ta' kapaċità, inkluż programm ta' skambju għar-rappreżentanti lokali (Erasmus għar-rappreżentanti lokali u reġjonali);</p> <p>(b) appoġġ għal azzjonijiet innovattivi;</p> <p>(c) appoġġ għall-għarfien, il-valutazzjonijiet tal-impatt territorjali, l-iżvilupp ta' politika u l-komunikazzjoni.</p> <p>Meta ssir talba minn Stat Membru wieħed jew iktar minn wieħed, l-Inizjattiva Urbana Ewropea tista' tappoġġa wkoll il-kooperazzjoni intergovernattiva fuq kwistjonijiet urbani, bħall-Qafas ta' Referenza għal Bliet Sostenibbli u l-Aġenda Territorjali tal-Unjoni Ewropea, u l-lokalizzazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU.</p>

Raġuni

Hemm proliferazzjoni ta' skemi lokali, urbani u sottoreġjonali, ta' żvilupp, innovazzjoni u bini ta' kapaċità li ta' spiss ikunu maqtugħin għalihom jew mhux iffinanzjati biżżejjed. Jekk daww jingħabru taħt l-istess kappu u jingħaqdu ma' inizjattivi relatati barra mill-qafas regolatorju tal-FSIE, dan se jggarantixxi aktar konsistenza, se jevita duplikazzjoni bejniethom u se jiżgura l-influwenza reċiproka ta' xulxin. Barra minn hekk, huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-benefiċjarji finali, l-awtoritajiet lokali, jirċievu fil-fatt il-parti l-kbira tal-fondi għall-bini ta' kapaċità, ħaġa li mhijiex il-każ tas-sitwazzjoni attwali rigward TO 9 u l-Assistenza Teknika.

Emenda 15

Artikolu 11

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>1. L-allokazzjoni addizzjonali speċifika għar-reġjuni l-aktar imbiegħda għandha tintuża sabiex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż addizzjonali mġarrba f'dawn ir-reġjuni bħala riżultat tar-restrizzjoni/jiet permanenti għall-iżvilupp tagħhom elenkati fl-Artikolu 349 TFUE.</p>	<p>1. L-allokazzjoni addizzjonali speċifika għar-reġjuni l-aktar imbiegħda għandha tintuża sabiex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż addizzjonali mġarrba f'dawn ir-reġjuni bħala riżultat tar-restrizzjoni/jiet permanenti għall-iżvilupp tagħhom elenkati fl-Artikolu 349 TFUE. L-allokazzjoni addizzjonali speċifika għar-reġjuni l-aktar imbiegħda għandha tiġi eskluża mill-konċentrazzjoni tematika.</p>

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>2. L-allokazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tappoġġa:</p> <p>(a) l-attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni kif imniżżel fl-Artikolu 4;</p> <p>(b) permezz ta' deroga mill-Artikolu 4, miżuri li jkopru l-ispejjeż operattivi bil-għan li jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż addizzjonali mġarrba fir-reġjuni ultraperiferiċi bħala riżultat tar-restrizzjoni/jiet permanenti għall-iżvilupp tagħhom elenkati fl-Artikolu 349 TFUE.</p> <p>L-allokazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tista' tappoġġa wkoll in-nefqa li tkopri kumpens mogħti għall-provvediment ta' obbligu ta' servizz pubbliku u kuntratti fir-reġjuni ultraperiferiċi.</p>	<p>2. L-allokazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tappoġġa:</p> <p>(a) l-attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni kif imniżżel fl-Artikolu 4;</p> <p>(b) permezz ta' deroga mill-Artikolu 4, miżuri li jkopru l-ispejjeż operattivi bil-għan li jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż addizzjonali mġarrba fir-reġjuni ultraperiferiċi bħala riżultat tar-restrizzjoni/jiet permanenti għall-iżvilupp tagħhom elenkati fl-Artikolu 349 TFUE.</p> <p>L-allokazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tista' tappoġġa wkoll in-nefqa li tkopri kumpens mogħti għall-provvediment ta' obbligu ta' servizz pubbliku u kuntratti fir-reġjuni ultraperiferiċi.</p>
<p>3. L-allokazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ma għandhiex tappoġġa:</p> <p>(a) operazzjonijiet li jinvolvu l-prodotti elenkati fl-Anness I għat-TFUE;</p> <p>(b) għajjnuna għat-trasport ta' persuni awtorizzati taħt il-punt (a) tal-Artikolu 107(2) TFUE;</p> <p>(c) eżenzjonijiet mit-taxxa u eżenzjonijiet minn ħlasijiet soċjali.</p> <p>(d) obbligi ta' servizz pubbliku mhux rilaxxati minn impriżi u fejn l-Istat jaġixxi billi jeżerċita setgħa pubblika.</p>	<p>3. L-allokazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ma għandhiex tappoġġa:</p> <p>(a) operazzjonijiet li jinvolvu l-prodotti elenkati fl-Anness I għat-TFUE;</p> <p>(b) għajjnuna għat-trasport ta' persuni awtorizzati taħt il-punt (a) tal-Artikolu 107(2) TFUE;</p> <p>(c) eżenzjonijiet mit-taxxa u eżenzjonijiet minn ħlasijiet soċjali.</p> <p>(d) obbligi ta' servizz pubbliku mhux rilaxxati minn impriżi u fejn l-Istat jaġixxi billi jeżerċita setgħa pubblika.</p>
	<p>4. B'deroga mill-Artikolu 4, l-FEŻR jista' jappoġġa investiment produttiv fl-impriżi fir-reġjuni ultraperiferiċi, irrispettivament mid-daqs ta' dawk l-intrapriżi.</p>

Raġuni

Minħabba n-natura speċifika tar-reġjuni ultraperiferiċi, appoġġ li jiffavorixxi biss lill-SMEs jista' jkun li jħalli effett ta' ingranaġġ limitat biss.

Emenda 16

Artikolu ġdid wara l-Artikolu 11

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	<p>Żoni bi żvantaġġi naturali jew demografiċi</p> <p><i>Fil-programmi kkofinanzjati mill-FEŻR li jkopru żoni li jbatu minn żvantaġġi naturali jew demografiċi gravi u permanenti, kif hemm imsemmi fl-Artikolu 174 tat-TFUE, għandha tingħata attenzjoni partikolari biex jiġu indirizzati d-diffikultajiet speċifiċi ta' dawn iż-żoni.</i></p> <p><i>B'mod partikolari, iż-żoni NUTS III b'popolazzjoni ta' inqas minn 12,5 abitant/km² jew b'medja ta' tnaqqis annwali tal-popolazzjoni li taqbeż il-1 % mill-2007 'il quddiem għandhom ikunu soġġetti għal pjani reġjonali u nazzjonali speċifiċi biex jiġu attirati aktar nies lejn ir-reġjun u jiġu inkoraġġiti jibqgħu joqogħdu hemm kif ukoll biex jiżdiedu l-investimenti kummerċjali u l-aċċessibilità tas-servizzi diġitali u pubbliċi, inkluż finanzjament apposta bħala parti mill-ftehim ta' sħubija.</i></p>

Raġuni

Dan l-Artikolu l-ġdid ikopri kemm iż-żoni skarsament popolati kif ukoll, f'sens usa', iż-żoni sottoreġjonali kollha koperti mill-Artikolu 174 tal-bqija tal-EU27. Madankollu, jeħtieġ li jiġu identifikati allokkazzjonijiet tal-FEŻR finanzjarjament maniġġabbli, mingħajr dupplikazzjoni ma' dawk li xi reġjuni diġà qed jirċievu.

Għalhekk, il-formula proposta tikkonsisti fl-istabbiliment ta' kriterji ta' eliġibbiltà rigward

- NUTS III (peress li din ta' spiss tkun problema sottoreġjonali aktar milli waħda reġjonali fil-livell NUTS II, u l-mapep attwali jaħbuha).
- jew 12,5 abitant/km² (bħaż-żoni tal-periferija tat-Tramuntana)
- jew tnaqqis nett tal-popolazzjoni (jiġifieri kemm depopolazzjoni kif ukoll sempliċement imwiet tal-popolazzjoni nattiv) mill-2007, peress li bejn wiehded u ieħor, dan huwa l-punt meta bdew il-kriżi finanzjarja kif ukoll il-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti).

Din il-proposta toħloq obbligu biex il-Kummissjoni tinkludiha bħala waħda mill-proposti tagħha lill-Istat Membru rilevanti fid-dokumenti ta' pożizzjoni tagħhom, li jniedu n-negozjati tal-ftehim ta' sħubija ma' kull Stat Membru.

Data u mappa mill-Uffiċċju Federali għall-Kostruzzjoni u l-Ippjanar tat-Territorju (BBR) tal-Ġermanja

Emenda 17

ANNEX I

Indikaturi komuni ta' output u ta' riżultati għall-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni – l-Artikolu 7(1)

Tabella 1: Indikaturi komuni ta' output u ta' riżultati għall-FEŻR (Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir u Interreg) u l-Fond ta' Koeżjoni**

Jiżiedu indikaturi komuni ġodda ta' riżultati (RCR)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
RCR 26 – Konsum finali annwali tal-enerġija (li minnu: residenzjali, privat mhux residenzjali, pubbliku mhux residenzjali)	RCR 26 – % tal-iffrankar annwali tal-enerġija għall-istokk kollu tal-bini (meta mqabbel ma' linja bażi) b'konformità mal-obiettiv li tintlaħaq sitwazzjoni ta' stokk tal-bini effiċjenti ħafna u dekarbonizzat kif stipulat fl-istrateġija ta' rinnovazzjoni nazzjonali għal terminu twil biex jingħata appoġġ lir-rinnovazzjoni tal-istokk nazzjonali tal-bini residenzjali u mhux residenzjali;
RCR 27 – Unitajiet domestiċi bi prestazzjoni mtejba fl-użu tal-enerġija ta' fejn joqogħdu	RCR 27 – Unitajiet domestiċi bi prestazzjoni mtejba fl-użu tal-enerġija ta' fejn joqogħdu, li jilhqgħu ffrankar tal-enerġija ta' mill-inqas 60 % meta mqabbel mal-livelli ta' qabel ir-rinnovazzjoni (definizzjoni tal-KE ta' rinnovazzjoni profonda);
RCR 28 – Bini bi klassifikazzjoni tal-enerġija mtejba (li minnu: residenzjali, privat mhux residenzjali, pubbliku mhux residenzjali)	RCR 28 – Bini bi klassifikazzjoni tal-enerġija mtejba (li minnu: residenzjali, privat mhux residenzjali, pubbliku mhux residenzjali) li jilhqgħu EPC tal-livell B wara r-rinnovazzjoni; RCR [...] – Unitajiet domestiċi bi prestazzjoni mtejba fl-użu tal-enerġija ta' fejn joqogħdu li jilhqgħu l-livell tal-istandard ta' bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero (nZEB) wara r-rinnovazzjoni
RCR 29 – Stima tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra *	RCR 29 – Stima tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra *
RCR 30 – Impriżi bi prestazzjoni mtejba fl-użu tal-enerġija	RCR 30 – Impriżi bi prestazzjoni mtejba fl-użu tal-enerġija
RCR 31 – Produzzjoni totali tal-enerġija rinnovabbli (li minnha: elettrika, termali)	RCR [...] – Għadd ta' konsumaturi foqra/vulnerabbli rigward l-enerġija appoġġati sabiex itejbu l-prestazzjoni fl-użu tal-enerġija ta' fejn joqogħdu.
RCR 32 – Enerġija rinnovabbli: Il-kapaċità konnessa mal-grilja (operazzjonali)*	RCR [...] – Konsum finali totali tal-enerġija rinnovabbli u konsum skont is-settur (tisħin u tkessiħ, trasport, elettriku); RCR [...] – Sehem mill-produzzjoni totali tal-enerġija rinnovabbli; RCR [...] – Tnaqqis fl-importazzjoni annwali tal-enerġija mhux rinnovabbli. RCR[...] – Enerġija rinnovabbli: Il-kapaċità konnessa mal-grilja (operazzjonali)*

Raġuni

Il-ġabra ta' indikaturi rispettivi dwar l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u l-enerġija rinnovabbli trid tiġi estiża.

Il-perjodu ta' finanzjament attwali fih taġhlma ċara: mira kwantitattiva mingħajr impenji a priori, kontroll tal-kwalità jew metodoloġija soda ta' insewiment u monitoraġġ tiffisser sogr u li jintilfu l-kredenzjali relatati mal-klima.

L-indikaturi relatati mal-klima proposti mill-Kummissjoni Ewropea huma inkompleti u kultant simplistiċi: mingħajr valutazzjoni tal-valur fil-mira rispettiv mill-perspettiva ta' x'inhu teknikament fattibbli u finanzjarjament opportun, xi indikaturi se jirrappreżentaw sempliċi għadd ta' benefiċjarji. Pereżempju, ċertu indikatur ta' output għall-FEŻR "RCO 18 – Unitajiet domestiċi appoġġati biex itejbu l-prestazzjoni fl-użu tal-enerġija ta' fejn joqogħdu" qed jitqabbel mal-indikatur ta' riżultati "RCR 27 – Unitajiet domestiċi bi prestazzjoni mtejba fl-użu tal-enerġija ta' fejn joqogħdu". Filwaqt li dan il-par indikaturi jindika l-għadd totali ta' unitajiet domestiċi li qed jibbenefikaw mill-miżura, ma jurix il-livell ta' titjib fil-prestazzjoni fl-użu tal-enerġija – li, wara kollox, jista' jkun għoli jew inkella marġinali. Dan jimplika l-possibbiltà li l-miri jkun f'livell baxx mingħajr il-qafas tal-prestazzjoni ma jkun f'pożizzjoni jivvaluta kemm hi ambizzjuża l-miżura rispettiva.

Emenda 18

ANNEX I

Indikaturi komuni ta' output u ta' riżultati għall-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni – l-Artikolu 7(1)

Tabella 1: Indikaturi komuni ta' output u ta' riżultati għall-FEŻR (Investiment għall-impjegi u t-kabbir u Interreg) u l-Fond ta' Koeżjoni **

Jiżdiedu indikaturi komuni ġodda ta' riżultati (RCR) wara RCR 65

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	RCR [...] Postijiet tax-xogħol battala għal aktar minn 6 xhur

Raġuni

L-indikatur komuni ta' output (RCO) 61 – Persuni qiegħda fis-sena servuti minn faċilitajiet imtejba għal servizzi tal-impjegi (kapaċità) għandu indikatur komuni ta' riżultati għall-ewwel parti (RCR 65 – Għadd fis-sena ta' persuni li qegħdin ifittxu x-xogħol li jużaw is-servizzi ta' servizzi tal-impjeg appoġġati). Donnu hemm nieqes indikatur għat-tieni parti.

Emenda 19

ANNEX II

Ġabra ċentrali ta' indikaturi tal-prestazzjoni għall-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 7(3)

Objettiv ta' politika 2 Ewropa aktar ekoloġika, bl-użu ta' anqas karbonju, permezz tal-promozzjoni ta' tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u ġusta, investimenti ekoloġiċi u blu, l-ekonomija ċirkolari, l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskju

Jiżdied indikatur komuni ġdid ta' output (CCO) wara CCO 09

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	CCO [...] – Żieda fl-adattament għat-tibdil fil-klima, żieda fil-prevenzjoni tar-riskji, inklużi dawk siżmiċi, u reżiljenza aħjar għad-diżastri u l-avvenimenti ta' temp estrem.

Raġuni

Rigward l-objettiv speċifiku PO 2, tal-promozzjoni ta' adattament għat-tibdil fil-klima, il-prevenzjoni tar-riskji, inkluż il-prevenzjoni ta' dawk siżmiċi, u r-reżiljenza għad-diżastri u l-avvenimenti ta' temp estrem huwa miżjud indikatur komuni ġdid ta' output (CCO) li donnu kien nieqes.

II. RAKKOMANDEZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

1. jilqa' bi pjaċir l-ambizzjoni tal-Kummissjoni li tissempjifika r-regoli għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027 u jinnota li l-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni għew magħqudin flimkien f'Regolament uniku li jstabbilixxi r-regoli applikabbli li se jkopru ż-żewġ fondi. Il-proposta l-għdida għal Regolament hija iqsar billi r-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (CPR) ikopri ħafna partijiet komuni;
2. jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Politika ta' Koeżjoni tibqa' tapplika għar-reġjuni kollha tal-UE, bil-parti l-kbira tar-riżorsi tagħha ffukati fuq l-aktar żoni vulnerabbli; jinnota b'approvazzjoni li l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal dan l-att leġislativ li f'qasam li jaqa' f'kompetenza kondiviża, tikkonforma mal-prinċipji tas-sussidarjetà u tal-proporzjonalità.
3. jinnota bi tħassib li l-proposta tal-Kummissjoni għal qafas finanzjarju pluriennali tipprevedi tnaqqis drammatiku ta' 46 % fil-baġit tal-Fond ta' Koeżjoni u baġit stabbli għall-FEŻR (+ 1 %). Jinnota b'dispaċir it-tnaqqis, ta' 12 %, mill-baġit għall-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea minkejja li din hija rikonoxxuta bħala waħda mill-politiki li jippreżentaw l-aktar valur miżjud tanġibbli tal-UE;
4. ifakkar li l-Fond ta' Koeżjoni dejjem wera li għandu valur miżjud Ewropew għoli u li huwa jtejjeb l-immagna tal-UE f'għajnejn iċ-ċittadini tagħha. Il-Fond ta' Koeżjoni jirrappreżenta s-solidarjetà espressa tal-Istati Membri aktar "għonja" lejn oħrajn "ifqar" f'termini ta' bini ta' infrastruttura importanti u benefiċċji ċari u ppruvati għal dawk l-Istati Membri li jikkontribwixxu l-aktar lejn il-baġit tal-UE. It-tnaqqis propost huwa probabbli ħafna li se jxekkel l-ilħuq tal-oġġettivi ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tat-Trattati;
5. jinnota li l-Kummissjoni Ewropea tipproponi li tiġi stabbilita mira ta' infiq ta' 25 % mill-QFP kollu 2021-2027 b'rabta mal-klima. Madankollu il-mira kwantitattiva hija ħafna aktar baxxa mil-livell possibbli u meħtieġ għall-implimentazzjoni sħiħa tal-impenji tal-UE fil-qafas tal-Ftehim ta' Pariġi Il-Politika ta' Koeżjoni tapplika sistema pjuttost elaborata ta' insewiment b'rabta mal-klima meta mqabbla ma' fondi oħrajn: l-FEŻR iwassal 30 % tal-azzjoni klimatika, il-Fond ta' Koeżjoni 37 %;
6. jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-ilħuq tal-għanijiet ta' Pariġi se jirrappreżenta sfida ewlenija għall-Ewropa. Il-KtR ilu jiddefendi l-oġġettivi ambizzjużi dwar il-klima, u peress li l-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni huma l-istrumenti finanzjarji ewlenin fil-baġit tal-UE li jikkontribwixxu lejn l-oġġettivi dwar il-klima, il-kundizzjonijiet ta' abilitazzjoni orizzontali tal-Politika ta' Koeżjoni għandhom jinkludu r-rekwiżit li l-Istati Membri jwettqu l-obbligi li joriġinaw mill-oġġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi; barra minn hekk, dawn għandhom jiġu mmonitorjati mill-qrib tul il-perjodu ta' programmazzjoni kollu sabiex ikun żgurat li l-kontributi għall-oġġettivi dwar il-klima jkunu għadhom mixjin sew;
7. jilqa' b'sodisfazzjoni il-fatt li l-FEŻR u l-FK saru aktar "ekoloġiċi" u li l-attivitajiet li jniġġsu se jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament;
8. jilqa' b'sodisfazzjon il-komponent speċifiku għdid ta' Interreg għall-investimenti interreġjonali innovattivi bil-għan li jiġi appoġġat ir-raggruppar ta' atturi involuti fl-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti madwar l-Ewropa u l-komponent il-għdid għar-reġjuni l-aktar imbiegħda. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea żżid il-baġit ġenerali tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea bil-għan li jinżamm baġit kredibbli għal Interreg Europe u għall-kooperazzjoni transkonfinali filwaqt li jkun hemm investimenti f'forom għodda ta' kooperazzjoni;
9. jitlob li jiġi promoss il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni mill-programmazzjoni sar-rappurtar, u li f'kull stadju tal-implimentazzjoni jiġi inkorporat l-ibbaġitjar sensitiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru;
10. joġġezzjona għall-proposta li l-konċentrazzjoni tematika tal-FEŻR tkun tiffoka fuq il-livell nazzjonali; dan il-mekkaniżmu ta' allokkazzjoni ċentralizzat imur kontra l-approċċ ibbażat fuq il-post u l-prinċipju tal-governanza f'diversi livelli tal-Politika ta' Koeżjoni;
11. jiġbed l-attenzjoni lejn is-separazzjoni dejjem tikber tal-fondi u, b'mod partikolari, juri d-dispaċir tiegħu li l-FAEŻR tneħħa mir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni li jstipula regoli komuni applikabbli għad-diversi fondi;
12. jissottolinja l-ħtieġa ta' komplementarità bejn il-FEŻR u l-FSE+ sabiex jitwettqu inizjattivi integrati u komprensivi fil-livell lokali;

13. jinnota li l-Istati Membri huma inkoraġġiti jittrasferixxu 5 % tar-riżorsi tal-FEŻR jew tal-FK lejn l-istrument il-ġdid tal-InvestEU u jittrasferixxu wkoll 5 % tal-allokkazzjoni tagħhom tal-FEŻR għal programmi tal-UE mmaniġġjati mill-KE. Madankollu, l-approċċ ta' ġestjoni kondiviża ħalla impatt ċar fuq il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-Ewropa. Kull trasferiment mill-Istat Membru għandu jiġi deċiż bl-involviment tal-imsieħba lokali u reġjonali, b'konformità mal-prinċipju tas-sħubija u tal-governanza f'diversi livelli;

14. jappoġġja ż-żieda fl-enfasi fuq l-iżvilupp urban sostenibbli billi fil-livell nazzjonali 6 % tar-riżorsi tal-FEŻR jiġu ddedikati għal dan il-qasam;

15. jinnota lil-indikaturi tal-prodott u tar-riżultat għall-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni għandhom jkunu definiti u mingħajr ambigwiżà fl-interpretazzjoni, li jinkludu, fuq kollox, l-unitajiet tal-kejl assenjati fl-Annessi I u II u jkunu jistgħu jaggregaw mil-livell ta' proġetti sal-livell tal-programmi operattivi u l-oġettivi tal-politika ta' koeżjoni, u l-kejl tagħhom m'għandux jikkostitwixxi piż eċċessiv għall-benefiċjarji.

Brussell, il-5 ta' Diċembru 2018.

*Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni*

Karl-Heinz LAMBERTZ

Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Il-kooperazzjoni Territorjali Ewropea

(2019/C 86/09)

Relatur:	Is-Sinjura MAUPERTUIS (FR/AE) Membru eżekuttiv tal-Awtorità Reġjonali ta' Korsika
Dokument ta' referenza:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) appoġġata mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u mill-istrumenti ta' finanzjament estern
	COM(2018) 374 – final

I. RAKKOMANDEZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU EMENDI

Emenda 1

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
(1) L-Artikolu 176 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") jipprevedi li l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali ("FEŻR") huwa intiż sabiex jgħin sabiex jitnaqqsu l-iskwilibriji reġjonali prinċipali fl-Unjoni. Skont dak l-Artikolu u t-tieni u t-tielet paragrafi tal-Artikolu 174 TFUE, il-FEŻR għandu jikkontribwixxi għat-tnaqqis fid-diverġenzi bejn il-livelli ta' żvilupp tar-reġjuni varji u r-ritard ta' dawk ir-reġjuni li huma anqas favoriti, li fosthom għandha tingħata attenzjoni partikolari għal ċerti kategoriji ta' reġjuni, fosthom ir-reġjuni transkonfinali elenkati b'mod espliċitu.	(1) L-Artikolu 176 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") jipprevedi li l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali ("FEŻR") huwa intiż sabiex jgħin sabiex jitnaqqsu l-iskwilibriji reġjonali prinċipali fl-Unjoni. Skont dak l-Artikolu u t-tieni u t-tielet paragrafi tal-Artikolu 174 TFUE, il-FEŻR għandu jikkontribwixxi għat-tnaqqis fid-diverġenzi bejn il-livelli ta' żvilupp tar-reġjuni varji u għat-tnaqqis fir-ritard tar-reġjuni li huma l-inqas favoriti, li fosthom għandha tingħata attenzjoni partikolari liż-żoni rurali, liż-żoni milquta mit-tranżizzjoni industrijali, u lir-reġjuni li jsofru minn żvantaġġi naturali jew demografiċi serji u permanenti bħalma huma r-reġjuni tat-Tramuntana l-aktar imbiegħda li għandhom densità tal-popolazzjoni baxxa ħafna u r-reġjuni tal-gżejjer, dawk transkonfinali u tal-muntanji.

Raġuni

L-għan ewlieni tal-FEŻR fir-rigward tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea huwa li jsolvi l-problemi tar-reġjuni li huma inqas favoriti: il-proposta ma tispesifikax il-karatteristiċi ta' dawn iż-żoni b'ċarezza suffiċjenti.

Emenda 2

Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>(3) Sabiex ikun appoġġat l-iżvilupp armonjuż tat-territorju tal-Unjoni f'livelli differenti, il-FEŻR jenħtieġ li jappoġġa l-kooperazzjoni transfruntiera, il-kooperazzjoni transnazzjonali il-kooperazzjoni marittima, il-kooperazzjoni mar-reġjuni ultraperiferiċi u l-kooperazzjoni interreġjonali fil-qafas tal-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg).</p>	<p>(3) Sabiex ikun appoġġat l-iżvilupp armonjuż tat-territorju tal-Unjoni f'livelli differenti, il-FEŻR jenħtieġ li jappoġġa l-kooperazzjoni transfruntiera fuq l-art u marittima, il-kooperazzjoni transnazzjonali il-kooperazzjoni marittima, il-kooperazzjoni mar-reġjuni ultraperiferiċi u l-kooperazzjoni interreġjonali fil-qafas tal-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg). Huwa meħtieġ ukoll li jissaħħu l-prinċipji ta' sħubija u tal-governanza f'diversi livelli.</p>

Raġuni

Dawn iż-żewġ prinċipji tħassru fil-proposta għal Regolament.

Emenda 3

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>(4) Il-komponent tal-kooperazzjoni transfruntiera jenħtieġ li jkollu l-għan li jittratta l-isfidi komuni identifikati b'mod konġunt fir-reġjuni tal-fruntieri, u li jisfrutta l-potenzjal ta' tkabbir mhux sfruttat f'żoni tal-fruntieri kif jidher fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Spinta lit-tkabbir u l-koeżjoni fir-reġjuni tal-fruntieri tal-UE"[1] ("Komunikazzjoni dwar ir-Reġjuni tal-Fruntieri"). Konsegwentement, il-komponent transfruntier għandu jkun limitat għal kooperazzjoni fil-fruntieri fuq l-art u l-kooperazzjoni transfruntiera fil-fruntieri marittimi għandha tkun integrata fil-komponent transnazzjonali.</p>	<p>(4) Il-komponent tal-kooperazzjoni transfruntiera, li jkopri kemm il-fruntieri fuq l-art kif ukoll daww marittimi, jenħtieġ li jkollu l-għan li jittratta l-isfidi komuni identifikati b'mod konġunt fir-reġjuni tal-fruntieri, u li jisfrutta l-potenzjal ta' tkabbir mhux sfruttat f'żoni tal-fruntieri kif jidher fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Spinta lit-tkabbir u l-koeżjoni fir-reġjuni tal-fruntieri tal-UE"[1] ("Komunikazzjoni dwar ir-Reġjuni tal-Fruntieri").</p> <p>[1] Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew "Spinta lit-tkabbir u l-koeżjoni fir-reġjuni tal-fruntieri tal-UE" (COM(2017) 534 final tal-20.9.2017).</p>

[1] Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew "Spinta lit-tkabbir u l-koeżjoni fir-reġjuni tal-fruntieri tal-UE" (COM(2017) 534 final tal-20.9.2017).

Raġuni

Il-Kumitat tar-Reġjuni ma jaqbilx li l-kooperazzjoni transfruntiera marittima tgħaddi mill-komponent 1 “transfruntiera” għall-komponent 2 “transnazzjonali”. Għalkemm dan huwa akkumpanjat minn żieda fil-baġit transnazzjonali, hemm riskju għoli li l-kooperazzjoni transfruntiera marittima tonqos fil-kuntest usa’ tal-kooperazzjoni transnazzjonali. Jeħtieġ li jiġi propost li l-kooperazzjoni transfruntiera marittima u parti mill-baġit tagħha jergħu jiġu inklużi fil-komponent 1.

Emenda 4

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>(6) Il-komponent tal-kooperazzjoni transnazzjonali u l-kooperazzjoni marittima jenħtieġ li jkollu l-għan li jsaħħaħ il-kooperazzjoni permezz ta’ azzjonijiet li jwasslu għal żvilupp territorjali integrat konness mal-prijoritajiet tal-politika ta’ koeżjoni tal-Unjoni, u jenħtieġ li jinkludi wkoll il-kooperazzjoni transfruntiera marittima. Il-kooperazzjoni transnazzjonali jenħtieġ li tkopri territorji akbar fuq l-art kontinentali tal-Unjoni, filwaqt li l-kooperazzjoni marittima jenħtieġ li tkopri territorji madwar il-baċini tal-baħar u tintegra l-kooperazzjoni transfruntiera fuq il-fruntieri marittimi matul il-perjodu ta’ programmazzjoni 2014-2020. Jenħtieġ li tingħata flessibbiltà massima biex titkompla l-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni transfruntiera marittima preċedenti f’qafas ta’ kooperazzjoni marittima akbar, b’mod partikolari billi jkunu definiti t-territorju kopert, l-oġettivi speċifiċi għal tali kooperazzjoni, ir-reqwiziti għal proġett ta’ sħubija u t-twaqqif ta’ sottoprogrammi u kumitati ta’ tmexxija speċifiċi.</p>	<p>(6) Il-kooperazzjoni fil-qasam transnazzjonali kif ukoll il-kooperazzjoni marittima jenħtieġ li jkollhom l-għan li jsaħħu l-kooperazzjoni permezz ta’ azzjonijiet li jwasslu għal żvilupp territorjali integrat konness mal-prijoritajiet tal-politika ta’ koeżjoni tal-Unjoni. Il-kooperazzjoni transnazzjonali jenħtieġ li tkopri territorji akbar fuq l-art kontinentali tal-Unjoni, filwaqt li l-kooperazzjoni marittima jenħtieġ li tkopri territorji madwar il-baċini tal-baħar. Jenħtieġ li tingħata flessibbiltà massima biex titkompla l-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni transfruntiera marittima ppjanata matul il-perjodu ta’ programmazzjoni 2014-2020 f’qafas ta’ kooperazzjoni marittima akbar, b’mod partikolari billi jkunu definiti t-territorju kopert, l-oġettivi speċifiċi għal tali kooperazzjoni, ir-reqwiziti għal proġett ta’ sħubija u t-twaqqif ta’ sottoprogrammi u kumitati ta’ tmexxija speċifiċi.</p>

Raġuni

Il-Kumitat tar-Reġjuni ma jaqbilx li l-kooperazzjoni transfruntiera marittima tgħaddi mill-komponent 1 “transfruntiera” għall-komponent 2 “transnazzjonali”. Għalkemm dan huwa akkumpanjat minn żieda fil-baġit transnazzjonali, hemm riskju għoli li l-kooperazzjoni transfruntiera marittima tonqos fil-kuntest usa’ tal-kooperazzjoni transnazzjonali. Jeħtieġ li jiġi propost li l-kooperazzjoni transfruntiera marittima u parti mill-baġit tagħha jergħu jiġu inklużi fil-komponent 1.

Emenda 5

Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>(8) Fuq il-bażi tal-esperjenza bil-programmi ta' kooperazzjoni interreġjonali fil-qafas ta' Interreg u n-nuqqas ta' tali kooperazzjoni fi programmi fil-qafas tal-mira tal-Investment għall-impjiegi u t-tkabbir matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, il-komponent tal-kooperazzjoni interreġjonali jenħtieġ li jiffoka b'mod aktar speċifiku fuq it-tisħiħ tal-effettività tal-politika ta' koeżjoni. Dan il-komponent għalhekk jenħtieġ li jkun limitat għal żewġ programmi, wieħed li jippermetti kull tip ta' esperjenza, approċċi innovattivi u bini tal-kapaċità għal programmi fil-qafas taż-żewġ miri u għall-promozzjoni ta' raggruppamenti Ewropej ta' kooperazzjoni territorjali ("REKT") stabbiliti jew li għad iridu jiġu stabbiliti skont ir-Regolament (KE) Nru 1082/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [24], u ieħor li jtejjeb l-analiżi tax-xejriet ta' żvilupp.</p> <p>Il-kooperazzjoni bbażata fuq il-proġett fl-Unjoni kollha jenħtieġ li tiġi integrata fil-komponent il-ġdid dwar l-investimenti interreġjonali fl-innovazzjoni u marbuta mill-qrib mal-implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Insaħħu l-Innovazzjoni fir-Reġjuni tal-Ewropa: Strateġiji għal tkabbir reżiljenti, inklużiv u sostenibbli"[25], b'mod partikolari biex jiġu appoġġati l-pjattaformi ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti tematiċi dwar oqsma bħall-enerġija, l-immodernizzar tal-industrija jew il-qasam agroalimentari. Fl-aħħar nett, l-iżvilupp territorjali integrat li jiffoka fuq żoni urbani funzjonali jew żoni urbani jenħtieġ li jkun ikkonċentrat fil-programmi taħt il-mira tal-Investment għall-impjiegi u t-tkabbir u fi strument wieħed li jakkumpanja, l-"Inizjattiva Urbana Ewropea". Iż-żewġ programmi fil-qafas tal-komponent tal-kooperazzjoni interreġjonali jenħtieġ li jkopru l-Unjoni kollha u jenħtieġ li jkunu miftuħa wkoll għall-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi.</p>	<p>(8) Fuq il-bażi tal-esperjenza bil-programmi ta' kooperazzjoni interreġjonali fil-qafas ta' Interreg u n-nuqqas ta' tali kooperazzjoni fi programmi fil-qafas tal-mira tal-Investment għall-impjiegi u t-tkabbir matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, il-komponent tal-kooperazzjoni interreġjonali jenħtieġ li jiffoka b'mod aktar speċifiku fuq it-tisħiħ tal-effettività tal-politika ta' koeżjoni. Dan il-komponent għandu jkompli jiffinanzja kull tip ta' esperjenza, approċċi innovattivi u bini tal-kapaċità għal programmi fil-qafas taż-żewġ miri u għall-promozzjoni ta' raggruppamenti Ewropej ta' kooperazzjoni territorjali ("REKT") stabbiliti jew li għad iridu jiġu stabbiliti skont ir-Regolament (KE) Nru 1082/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [24] u jkompli jappoġġja u jippromovi l-analiżi tax-xejriet ta' żvilupp.</p> <p>Il-kooperazzjoni bbażata fuq il-proġett fl-Unjoni kollha għandha tkompli tiffaċilita l-kooperazzjoni interreġjonali bejn l-awtoritajiet reġjonali u lokali sabiex jinstabu soluzzjonijiet komuni li jippromovu l-politika ta' koeżjoni u l-bini ta' sħubijiet sostenibbli. Għaldaqstant għandhom jinżammu l-programmi eżistenti, b'mod partikolari l-promozzjoni tal-kooperazzjoni għal kull proġett.</p> <p>L-investimenti interreġjonali l-ġodda fl-innovazzjoni ser jintrabtu mill-qrib mal-implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Insaħħu l-Innovazzjoni fir-Reġjuni tal-Ewropa: Strateġiji għal tkabbir reżiljenti, inklużiv u sostenibbli"[25], b'mod partikolari biex jiġu appoġġati l-pjattaformi ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti tematiċi.</p> <p>Il-kooperazzjoni territorjali Ewropea għandha tkompli tappoġġja l-iżvilupp territorjali integrat fi ħdan il-komponent 4. Il-programmi fil-qafas tal-komponent tal-kooperazzjoni interreġjonali jenħtieġ li jkopru l-Unjoni kollha u jenħtieġ li jkunu miftuħa wkoll għall-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi.</p>

Raġuni

Il-Kumitat tar-Reġjuni huwa favur li l-attivitajiet kollha ta' kooperazzjoni interreġjonali attwali jinżammu fil-komponent 4, billi tizzied il-kooperazzjoni dwar proġetti ta' żvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi, l-iskalar u t-trasferibbiltà għal diversi reġjuni milqutin mill-istess żvantaġġ strutturali.

Il-KTE permezz tal-komponent 4 tagħha għandha tkompli tappoġġja l-iżvilupp territorjali integrat inkluż fil-komponent 4, għall-kuntrarju tal-proposta tal-Kummissjoni li tħalli din l-oportunità biss għall-“Inizjattiva Urbana Ewropea” prevista fir-Regolament dwar il-FEŻR.

Il-Kumitat jilqa' b'sodisfazzjon il-ħolqien tal-inizjattiva ġdida għall-investimenti fl-innovazzjoni interreġjonali, li tkompli fuq l-inizjattiva Vanguard, li primarjament ser tindirizza reġjuni akbar, b'potenzjal akbar għall-iżvilupp u kapaċitajiet tekniċi u ekonomiċi akbar minn ħafna reġjuni Ewropej.

Emenda 6

Premessa ġdida wara Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	(25) <i>Bil-għan li jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi, il-Kummissjoni, l-Istati Membri u r-reġjuni għandhom jikkollaboraw mill-qrib biex jiġu ssemplifikati l-ġestjoni u n-notifika tal-ghajjnuna mill-Istat. Għandu jiġi eżaminat ukoll jekk il-miżuri fil-qasam tal-kooperazzjoni interreġjonali jistgħu għall-inqas, b'mod ġenerali, jiġu eżentati mill-leġislazzjoni Ewropea dwar l-ghajjnuna mill-Istat.</i>

Raġuni

Il-proċess ta' semplifikazzjoni tal-ġestjoni tal-fondi li nbeda f'dawn l-aħħar snin u li laħaq il-quċċata tiegħu fil-proposti għal regolamenti ġodda għandu jintuża fil-fażi ta' programmazzjoni u ta' ġestjoni biex tinkiseb ġestjoni aktar sempliċi tal-fondi.

Emenda 7

Premessa ġdida wara Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	(36) <i>Il-promozzjoni tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (KTE) kienet waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-politika ta' koeżjoni tal-UE għal ħafna snin. Dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-ghajjnuna reġjonali għall-investimenti minn intrapriżi ta' kull daqs huma wkoll inklużi fil-linji gwida 2014-2020 dwar l-ghajjnuna reġjonali u fit-taqsima dwar l-ghajjnuna reġjonali tar-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa. Minħabba li l-ghajjnuna għall-KTE tkun kompatibbli mas-suq uniku, din għandha tiġi eskluża mir-rekwiżit ta' notifika skont l-Artikolu 108(3) tat-TFUE.</i>

Raġuni

Il-kooperazzjoni territorjali ssaħħaħ is-suq uniku. Li jitneħħew kompletament ir-rekwiżiti ta' rappurtar li għandhom jintalbu għal ċerti tipi ta' għajjnuna mill-Istat għandu jgħin is-simplifikazzjoni.

Emenda 8

Artikolu 1(1)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p><i>Artikolu 1</i></p> <p>Suġġett u kamp ta' applikazzjoni</p> <p>1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli għall-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) bl-għan li titrawwem il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fl-Unjoni u bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi kontigwi, pajjiżi sħab, territorji oħra jew pajjiżi u territorji <i>extra</i>-Ewropej ("PTEE") rispettivament.</p>	<p><i>Artikolu 1</i></p> <p>Suġġett u kamp ta' applikazzjoni</p> <p>1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli għall-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) bl-għan li titrawwem il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fl-Unjoni u bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi kontigwi, pajjiżi sħab, territorji oħra jew pajjiżi u territorji <i>extra</i>-Ewropej ("PTEE") rispettivament, u grupp ta' pajjiżi terzi maqgħudin fi ħdan organizzazzjoni reġjonali.</p>

Raġuni

Ir-reġjuni l-aktar imbiegħda, li jinsabu 'l bogħod mill-Ewropa kontinentali, iżommu rabtiet ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet reġjonali; il-kooperazzjoni mhijiex biss ma' pajjiżi ġirien.

Emenda 9

Artikolu 2

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p><i>Artikolu 2</i></p> <p>Definizzjonijiet</p> <p>1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjonijiet fl-Artikolu [2] tar-Regolament (UE) [CPR ġdid]. Id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw ukoll:</p> <p>1. "benefiċjarju IPA" tfisser pajjiż jew territorju elenkat fl-Anness I tar-Regolament (UE) [IPA III];</p> <p>2. "pajjiż terz" tfisser pajjiż li mhux Stat Membru tal-Unjoni u li ma jirċevix appoġġ minn fondi Interreg;</p> <p>3. "pajjiż sieħeb" tfisser benefiċjarju tal-IPA jew pajjiż jew territorju kopert miż-"żona ġeografika tal-Viċinat" elenkat fl-Anness I tar-Regolament (UE) [NDICI] u l-Federazzjoni Russa, u li jirċievi appoġġ minn strumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni;</p>	<p><i>Artikolu 2</i></p> <p>Definizzjonijiet</p> <p>1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjonijiet fl-Artikolu [2] tar-Regolament (UE) [CPR ġdid]. Id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw ukoll:</p> <p>1. "benefiċjarju IPA" tfisser pajjiż jew territorju elenkat fl-Anness I tar-Regolament (UE) [IPA III];</p> <p>2. "pajjiż terz" tfisser pajjiż li mhux Stat Membru tal-Unjoni u li ma jirċevix appoġġ minn fondi Interreg;</p> <p>3. "pajjiż sieħeb" tfisser benefiċjarju tal-IPA jew pajjiż jew territorju kopert miż-"żona ġeografika tal-Viċinat" elenkat fl-Anness I tar-Regolament (UE) [NDICI] u l-Federazzjoni Russa, u li jirċievi appoġġ minn strumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni;</p>

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>4. “entità legali transfruntiera” tfisser entità legali stabbilita skont il-liġijiet ta’ wieħed mill-pajjiżi parteċipanti fi programm Interreg bil-kundizzjoni li din titwaqqaf minn awtoritajiet territorjali jew korpi oħra minn tal-anqas żewġ pajjiżi parteċipanti.</p> <p>2. Għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament, fejn id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) [CPR ġdid] jirreferu għal “Stat Membru”, din għandha tiġi interpretata li tfisser “l-Istat Membru li jospita l-awtorità ta’ ġestjoni” u meta d-dispożizzjonijiet jirreferu għal “Kull Stat Membru” jew “Stati Membri”, din għandha tiġi interpretata li tfisser “l-Istati Membri u, fejn applikabbli, il-pajjiżi terzi, il-pajjiżi sħab u l-PTEE li jipparteċipaw fi programm Interreg partikolari”.</p> <p>Għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament, meta d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) [CPR ġdid] jirreferu għal “il-Fondi” kif elenkati fil-punt (a) tal-Artikolu 1(1) ta’ dan ir-Regolament, jew il-“FEŻR”, din għandha tiġi interpretata li tfisser li jkopru wkoll l-istrument ta’ finanzjament estern tal-Unjoni rispettiv.</p>	<p>4. “entità legali transfruntiera” tfisser entità legali, inkluż Ewroreġjun jew assoċjazzjoni oħra ta’ diversi awtoritajiet reġjonali jew lokali, stabbilita skont il-liġijiet ta’ wieħed mill-pajjiżi parteċipanti fi programm Interreg bil-kundizzjoni li din titwaqqaf minn awtoritajiet territorjali jew korpi oħra minn tal-anqas żewġ pajjiżi parteċipanti.</p> <p>2. Għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament, fejn id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) [CPR ġdid] jirreferu għal “Stat Membru”, din għandha tiġi interpretata li tfisser “l-Istat Membru li jospita l-awtorità ta’ ġestjoni” u meta d-dispożizzjonijiet jirreferu għal “Kull Stat Membru” jew “Stati Membri”, din għandha tiġi interpretata li tfisser “l-Istati Membri u, fejn applikabbli, il-pajjiżi terzi, il-pajjiżi sħab u l-PTEE li jipparteċipaw fi programm Interreg partikolari”.</p> <p>Għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament, meta d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) [CPR ġdid] jirreferu għal “il-Fondi” kif elenkati fil-punt (a) tal-Artikolu 1(1) ta’ dan ir-Regolament, jew il-“FEŻR”, din għandha tiġi interpretata li tfisser li jkopru wkoll l-istrument ta’ finanzjament estern tal-Unjoni rispettiv.</p>

Raġuni

Hemm bżonn li jiġu inklużi l-Ewroreġjuni, flimkien ma assoċjazzjonijiet ta’ awtoritajiet diversi reġjonali jew lokali.

Emenda 10

Artikolu 3

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<i>Artikolu 3</i>	<i>Artikolu 3</i>
Komponenti tal-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg)	Komponenti tal-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg)
Skont il-mira tal-kooperazzjoni Territorjali Ewropea (Interreg), il-FEŻR u, fejn applikabbli, l-istrumenti ta’ finanzjament estern tal-Unjoni għandhom jappoġġaw il-komponenti li ġejjin:	Skont il-mira tal-kooperazzjoni Territorjali Ewropea (Interreg), il-FEŻR u, fejn applikabbli, l-istrumenti ta’ finanzjament estern tal-Unjoni għandhom jappoġġaw il-komponenti li ġejjin:
1. il-kooperazzjoni transfruntiera bejn reġjuni kontigwi għall-promozzjoni tal-iżvilupp reġjonali integrat (il-komponent 1):	1. il-kooperazzjoni transfruntiera fuq l-art u marittima bejn reġjuni tal-fruntieri għall-promozzjoni tal-iżvilupp reġjonali integrat (il-komponent 1):
(a) il-kooperazzjoni transfruntiera interna bejn reġjuni tal-fruntieri fuq l-art li jmissu ma’ żewġ Stati Membri jew aktar jew bejn reġjuni tal-fruntieri fuq l-art li jmissu ma’ tal-anqas Stat Membru wieħed u pajjiż terz wieħed jew aktar elenkati fl-Artikolu 4 (3); jew	(a) il-kooperazzjoni transfruntiera interna bejn reġjuni tal-fruntieri ta’ żewġ Stati Membri jew aktar jew bejn reġjuni tal-fruntieri ta’ tal-anqas Stat Membru wieħed u pajjiż terz wieħed jew aktar elenkati fl-Artikolu 4(3); jew

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>(b) il-kooperazzjoni transfruntiera esterna, bejn reġjuni tal-fruntieri fuq l-art li jmissu ma' tal-anqas Stat Membru wieħed u ma' wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:</p> <p>(i) benefiċjarji tal-IPA; jew</p> <p>(ii) pajjiżi sħab appoġġati mill-NDICI;</p> <p>(iii) il-Federazzjoni Russa, biex tkun permessa l-parteċipazzjoni tagħha f'kooperazzjoni transfruntiera appoġġata wkoll mill-NDICI;</p> <p>2. il-kooperazzjoni transnazzjonali u l-kooperazzjoni marittima fuq territorji transnazzjonali akbar jew madwar il-baċini tal-baħar, li tinvolvi sħab tal-programm nazzjonali, reġjonali u lokali fi Stati Membri, pajjiżi terzi u pajjiżi sħab u fi Greenland, bil-għan li jintlaħaq livell ogħla ta' integrazzjoni territorjali ("il-komponent 2"; meta ssir referenza biss għall-kooperazzjoni transnazzjonali: "il-komponent 2 A"; meta ssir referenza biss għall-kooperazzjoni marittima: "il-komponent 2B");</p> <p>3. il-kooperazzjoni tar-reġjuni ultraperiferiċi bejniethom u ma' pajjiżi terzi jew pajjiżi sħab jew PTEE tal-viċinat, jew diversi minnhom, biex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni reġjonali tagħhom fil-viċinat tagħhom ("il-komponent 3");</p> <p>4. il-kooperazzjoni interreġjonali sabiex tissaħħaħ l-effettività tal-politika ta' koeżjoni ("il-komponent 4") bil-promozzjoni ta':</p> <p>(a) l-iskambju ta' esperjenzi, approċċi innovattivi u l-bini tal-kapaċità fir-rigward ta':</p> <p>(i) l-implimentazzjoni ta' programmi Interreg;</p> <p>(ii) l-implimentazzjoni ta' programmi għall-mira tal-Investment għall-impjiegi u t-tkabbir, b'mod partikolari fir-rigward ta' azzjonijiet interreġjonali u transnazzjonali ma' benefiċjarji li jinsabu minn tal-anqas fi Stat Membru wieħed ieħor;</p>	<p>(b) il-kooperazzjoni transfruntiera esterna, bejn reġjuni tal-fruntieri ta' tal-anqas Stat Membru wieħed u ma' wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:</p> <p>(i) benefiċjarji tal-IPA; jew</p> <p>(ii) pajjiżi sħab appoġġati mill-NDICI;</p> <p>(iii) il-Federazzjoni Russa, biex tkun permessa l-parteċipazzjoni tagħha f'kooperazzjoni transfruntiera appoġġata wkoll mill-NDICI;</p> <p>2. il-kooperazzjoni transnazzjonali fuq territorji transnazzjonali akbar jew madwar il-baċiri tal-baħar, li tinvolvi sħab tal-programm nazzjonali, reġjonali u lokali fi Stati Membri, pajjiżi terzi u pajjiżi sħab u fi Greenland, bil-għan li jintlaħaq livell ogħla ta' integrazzjoni territorjali ("il-komponent 2");</p> <p>3. il-kooperazzjoni tar-reġjuni ultraperiferiċi bejniethom u ma' pajjiżi terzi jew pajjiżi sħab jew PTEE tal-viċinat, jew grupp ta' pajjiżi terzi fi ħdan organizzazzjoni reġjonali, jew diversi minnhom, biex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni reġjonali tagħhom fil-viċinat tagħhom ("il-komponent 3");</p> <p>4. il-kooperazzjoni interreġjonali sabiex tissaħħaħ l-effettività tal-politika ta' koeżjoni ("il-komponent 4") bil-promozzjoni ta':</p> <p>(a) l-iskambju ta' esperjenzi, approċċi innovattivi u l-bini tal-kapaċità fir-rigward ta':</p> <p>(i) l-implimentazzjoni ta' programmi Interreg;</p> <p>(ii) <i>L-iżvilupp tal-kapaċità fost l-imsieħba madwar l-Unjoni kollha b'rabta ma':</i></p> <p>— l-implimentazzjoni ta' programmi għall-mira tal-Investment għall-impjiegi u t-tkabbir, b'mod partikolari fir-rigward ta' azzjonijiet interreġjonali u transnazzjonali ma' benefiċjarji li jinsabu minn tal-anqas fi Stat Membru wieħed ieħor;</p> <p>— <i>l-identifikazzjoni, it-tixrid u t-trasferiment ta' Prattika tajba fil-politiki ta' żvilupp reġjonali u b'mod partikolari fil-programmi operazzjonali taħt l-għan tal-"Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi"</i>;</p> <p>— <i>l-identifikazzjoni, it-tixrid u t-trasferiment ta' Prattika tajba b'rabta mal-iżvilupp urban sostenibbli, inkluż konnessjonijiet bejn żoni urbani u rurali;</i></p>

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>(iii) l-istabbiliment, il-funzjonament u l-użu ta' raggruppamenti Ewropej ta' kooperazzjoni territorjali (REKT);</p> <p>(b) l-analiżi tax-xejriet tal-iżvilupp relatati mal-għanijiet tal-koeżjoni territorjali.</p> <p>5. l-investimenti fl-innovazzjoni interreġjonali permezz tal-kummerċjalizzazzjoni u ż-żieda fi proġetti ta' innovazzjoni interreġjonali bil-potenzjal li jħeġġu l-iżvilupp tal-katini ta' valur Ewropej ("il-komponent 5").</p>	<p>(iii) l-istabbiliment, il-funzjonament u l-użu ta' raggruppamenti Ewropej ta' kooperazzjoni territorjali (REKT);</p> <p>(b) l-analiżi tax-xejriet tal-iżvilupp relatati mal-għanijiet tal-koeżjoni territorjali.</p>

Raġuni

Il-KtR jaqbel li l-kooperazzjoni transfruntiera marittima tgħaddi lura għall-komponent 1 u li jissaħħu l-komponenti l-oħra. Huwa propost li jitħassru l-kliem "kontingwi" u "li jmissu ma" fil-punt 1. Jekk jitqies li l-kooperazzjoni transkonfinali ser tkopri r-reġjuni tan-NUTS 3, dan jista' jinterferixxi mal-ġeografija attwali ta' xi programmi transkonfinali u ż-żoni tagħhom jitnaqqsu għar-reġjuni NUTS 3 li jmissu magħhom biss.

Emenda 11

Artikolu 4

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Artikolu 4</p> <p>Kopertura ġeografika għall-kooperazzjoni transfruntiera</p> <p>1. Għall-kooperazzjoni transfruntiera, ir-reġjuni li għandhom jiġu appoġġati mill-FEŻR għandhom ikunu r-reġjuni tal-livell NUTS 3 tal-Unjoni fuq il-fruntieri fuq l-art kollha interni u esterni ma' pajjiżi terzi jew pajjiżi sħab.</p> <p>2. Ir-reġjuni fuq il-fruntieri marittimi li huma konnessi fuq il-baħar b'kollegament fiss għandhom ikunu appoġġati wkoll fil-qafas tal-kooperazzjoni transfruntiera.</p> <p>3. Il-kooperazzjoni transfruntiera interna tal-programmi Interreg tista' tkopri reġjuni fin-Norveġja, l-Iżvizzera u r-Renju Unit li huma ekwivalenti għal reġjuni tal-livell NUTS 3 kif ukoll il-Liechtenstein, Andorra u Monaco.</p>	<p>Artikolu 4</p> <p>Kopertura ġeografika għall-kooperazzjoni transfruntiera u marittima</p> <p>1. Għall-kooperazzjoni transfruntiera fuq l-art u marittima, ir-reġjuni li għandhom jiġu appoġġati mill-FEŻR għandhom ikunu r-reġjuni tal-livell NUTS 3 tal-Unjoni fuq il-fruntieri kollha interni u esterni ma' pajjiżi terzi jew pajjiżi sħab, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe aġġustament meħtieġ biex jiġu żgurati l-koerenza u l-kontinwità tal-oqsma ta' programmazzjoni ta' kooperazzjoni stabbiliti għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020.</p> <p>2. Ir-reġjuni fuq il-fruntieri marittimi li huma konnessi b'rotot marittimi, ferrovjarji, bl-ajru u bit-triq għandhom ikunu appoġġati wkoll fil-qafas tal-kooperazzjoni transfruntiera.</p> <p>3. Il-kooperazzjoni transfruntiera interna tal-programmi Interreg tista' tkopri reġjuni fin-Norveġja, l-Iżvizzera u r-Renju Unit li huma ekwivalenti għal reġjuni tal-livell NUTS 3 kif ukoll il-Liechtenstein, Andorra, San Marino u Monaco.</p>

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>4. Għall-kooperazzjoni transfruntiera esterna, ir-reġjuni li għandhom jiġu appoġġati mill-IPA III jew l-NDICI għandhom ikunu reġjuni tal-livell NUTS 3 tal-pajjiż sieħeb rispettiv jew, fin-nuqqas ta' klassifikazzjoni NUTS, żoni ekwivalenti tal-fruntieri fuq l-art bejn l-Istati Membri kollha u pajjiżi sħab eliġibbli skont l-IPA III jew l-NDICI.</p>	<p>4. Fir-rigward tal-kooperazzjoni transfruntiera marittima għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, l-aġġustamenti għat-18-il programm ta' kooperazzjoni transfruntiera li jeżistu għal dak il-perjodu ta' programmazzjoni (Two Seas, Botnia-Atlantica, Baltiku Ċentrali, Estonja-Latvja, il-Kanal Inġliż, Guadeloupe-Martinique-OECE, Mayotte/Comores/Madagaskar, Ġermanja-Danimarka, Greċja-Ċipru, Greċja-Italja, Irlanda-Wales, Italja-Kroazja, Franza-Italja-Marittimo, Italja-Malta, Madeira-Azores-Kanarji, Irlanda ta' Fuq-Irlanda-Skozja, Öresund-Kattegat-Skagerrak, Baltiku tan-Nofsinhar) ser isiru bi qbil mal-Istati, ir-reġjuni u l-awtoritajiet territorjali l-oħrajn ikkonċernati.</p> <p>5. Għall-kooperazzjoni transfruntiera esterna, ir-reġjuni li għandhom jiġu appoġġati mill-IPA III jew l-NDICI għandhom ikunu reġjuni tal-livell NUTS 3 tal-pajjiż sieħeb rispettiv jew, fin-nuqqas ta' klassifikazzjoni NUTS, żoni ekwivalenti tal-fruntieri fuq l-art bejn l-Istati Membri kollha u pajjiżi sħab eliġibbli skont l-IPA III jew l-NDICI.</p>

Raġuni

Il-KtR jaqbel li l-kooperazzjoni transfruntiera marittima tgħaddi lura għall-komponent 1. Il-KtR jipproponi wkoll li jitħassar il-kriterju arbitrarju tal-eżistenza ta' pont sabiex tiġi implimentata l-kooperazzjoni transfruntiera marittima. Skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà, id-definizzjoni ta' żoni ta' kooperazzjoni transkonfinali għandha ssir b'konsultazzjoni mal-Istati Membri, ir-reġjuni u l-awtoritajiet kollettivi territorjali li huma kkonċernati biex jiġu żgurati l-kontinwità u l-koerenza mal-programmi eżistenti.

Emenda 12

Artikolu 7

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p><i>Artikolu 7</i></p> <p>Kopertura ġeografika għall-kooperazzjoni interreġjonali u l-investimenti interreġjonali fl-innovazzjoni</p> <p>1. Għal kwalunkwe programm Interreg tal-komponent 4 jew għal investimenti interreġjonali fl-innovazzjoni skont il-komponent 5, it-territorju kollu tal-Unjoni għandu jiġi appoġġat mill-FEŻR.</p> <p>2. Il-programmi Interreg tal-komponent 4 jistgħu jkopru kompletament jew parti mill-pajjiżi terzi, il-pajjiżi sħab, territorji jew PTEE oħra msemmija fl-Artikoli 4, 5 u 6, kemm jekk dawn ikunu jew ma jkunux appoġġati mill-istrumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni.</p>	<p><i>Artikolu 7</i></p> <p>Kopertura ġeografika għall-kooperazzjoni interreġjonali</p> <p>1. Għal kwalunkwe programm Interreg tal-komponent 4, it-territorju kollu tal-Unjoni għandu jiġi appoġġat mill-FEŻR.</p> <p>2. Il-programmi Interreg tal-komponent 4 jistgħu jkopru kompletament jew parti mill-pajjiżi terzi, il-pajjiżi sħab, territorji jew PTEE oħra msemmija fl-Artikoli 4, 5 u 6, kemm jekk dawn ikunu jew ma jkunux appoġġati mill-istrumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni.</p> <p>Il-pajjiżi terzi jistgħu jikkontribwixxu għall-iffinanzjar tiegħu permezz ta' dħul assenjat estern.</p>

Raġuni

L-aspetti kollha ta' investimenti fl-innovazzjoni interreġjonali ser ikunu s-suġġett ta' kapitolu speċifiku f'dan ir-Regolament. Din l-emenda tiċċara aktar il-fatt li l-pajjiżi terzi jistgħu jieħdu sehem fil-komponent 4 billi jikkontribwixxu għall-finanzjament tiegħu permezz ta' dħul assenjat estern. Il-KtR huwa favur li tiġi inkluzja l-kontribuzzjoni finanzjarja tar-Renju Unit permezz ta' dħul assenjat estern fil-komponent 4 "interreġjonali" u l-komponent 5 "investimenti fl-innovazzjoni interreġjonali" u t-tkomplija tal-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali tal-pajjiżi terzi bl-istess mod.

Emenda 13

Artikolu 9

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<i>Artikolu 9</i>	<i>Artikolu 9</i>
Riżorsi tal-FEŻR għall-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg)	Riżorsi tal-FEŻR għall-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg)
<p>1. Ir-riżorsi tal-FEŻR għall-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea għandhom jammontaw għal EUR 8 430 000 000 tar-riżorsi globali disponibbli għall-impenn baġitarju mill-FEŻR, il-FSE+ u l-Fond ta' Koeżjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021- 2027 u stabbiliti fl-Artikolu [102(1)] tar-Regolament (UE) [CPR ġdid].</p> <p>2. Ir-riżorsi msemija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu allokati kif ġej:</p> <p>(a) 52,7% (jiġifieri, total ta' EUR 4 440 000 000) għall-kooperazzjoni transfruntiera;</p> <p>(b) 31,4% (jiġifieri, total ta' EUR 2 649 900 000) għall-kooperazzjoni transnazzjonali u l-kooperazzjoni marittima (il-komponent 2);</p> <p>(c) 3,2% (jiġifieri, total ta' EUR 270 100 000) għall-kooperazzjoni mar-reġjuni ultraperiferiċi (il-komponent 3);</p> <p>(d) 1,2% (jiġifieri, total ta' EUR 100 000 000) għall-kooperazzjoni interreġjonali (il-komponent 4);</p> <p>(e) 11,5% (jiġifieri, total ta' EUR 970 000 000) għall-investimenti interreġjonali fl-innovazzjoni (il-komponent 5);</p> <p>3. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika lil kull Stat Membru s-sehem tiegħu tal-ammonti globali għall-komponenti 1, 2 u 3, maqsumin skont is-sena.</p> <p>Id-daqs tal-popolazzjoni fir-reġjuni li ġejjin għandu jintuża bħala l-kriterju għat-tqassim skont l-Istat Membru:</p> <p>(a) ir-reġjuni tal-livell NUTS 3 għall-komponent 1 u dawk ir-reġjuni tal-livell NUTS 3 għall-komponent 2B elenkati fl-att ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 8(2);</p>	<p>1. 3% tar-riżorsi globali disponibbli għall-impenn baġitarju tal-Fondi għall-perjodu 2021-2027 (jiġifieri total ta' EUR 10 000 000 000) ser jitnaqqsu mir-riżorsi globali disponibbli għall-impenn baġitarju mill-FEŻR, il-FSE+ u l-Fond ta' Koeżjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021- 2027 u stabbiliti fl-Artikolu [104(7)] tar-Regolament (UE) [CPR ġdid] sabiex jiġu ffinanzjati l-komponenti 1 sa 4.</p> <p>2. Ir-riżorsi msemija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu allokati kif ġej:</p> <p>(a) 72,3% (jiġifieri, total ta' EUR 7 236 000 000) għall-kooperazzjoni transfruntiera fuq l-art u marittima;</p> <p>(b) 19,2% (jiġifieri, total ta' EUR 1 929 000 000) għall-kooperazzjoni transnazzjonali (il-komponent 2);</p> <p>(c) 2,9% (jiġifieri, total ta' EUR 272 000 000) għall-kooperazzjoni mar-reġjuni ultraperiferiċi (il-komponent 3);</p> <p>(d) 5,6% (jiġifieri, total ta' EUR 563 000 000) għall-kooperazzjoni interreġjonali (il-komponent 4).</p> <p>3. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika lil kull Stat Membru s-sehem tiegħu tal-ammonti globali għall-komponenti 1, 2 u 3, maqsumin skont is-sena.</p> <p>Id-daqs tal-popolazzjoni fir-reġjuni li ġejjin għandu jintuża bħala l-kriterju għat-tqassim skont l-Istat Membru:</p> <p>(a) ir-reġjuni tal-livell NUTS 3 għall-komponent 1 elenkati fl-att ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 8(2);</p>

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>(b) ir-reġjuni tal-livell NUTS 2 għall-komponenti 2 A u 3.</p> <p>4. Kull Stat Membru jista' jittrasferixxi sa 15 % tal-allokkazzjoni finanzjarja tiegħu lil kull wieħed mill-komponenti 1, 2 u 3 minn wieħed minn dawn il-komponenti għal wieħed jew aktar mill-oħrajn.</p> <p>5. Fuq il-bażi tal-ammonti kkomunikati skont il-paragrafu 3, kull Stat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni jekk u kif huwa uża l-opzjoni ta' trasferiment prevista fil-paragrafu 4 u d-distribuzzjoni riżultanti tas-sehem tiegħu fost il-programmi Interreg li l-Istat Membru jipparteċipa fihom.</p>	<p>(b) ir-reġjuni tal-livell NUTS 2 għall-komponenti 2 u 3.</p> <p>4. Kull Stat Membru jista' jittrasferixxi sa 15 % tal-allokkazzjoni finanzjarja tiegħu lil kull wieħed mill-komponenti 1, 2 u 3 minn wieħed minn dawn il-komponenti għal wieħed jew aktar mill-oħrajn.</p> <p>Għall-programmi ta' kooperazzjoni tranfruntiera u marittima li esperjenzaw tnaqqis tal-fondi allokatati għall-perjodu 2021-2027, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jallokaw fondi tal-FEŻR mill-pakkett nazzjonali tagħhom sabiex jiżguraw li dawn il-programmi jkomplu jirċievu mill-inqas 2/3 tal-fondi allokatati għall-perjodu 2014-2020.</p> <p>5. Fuq il-bażi tal-ammonti kkomunikati skont il-paragrafu 3, kull Stat Membru għandu, wara li jikkonsulta l-awtoritajiet lokali u reġjonali, jinforma lill-Kummissjoni jekk u kif huwa uża l-opzjoni ta' trasferiment prevista fil-paragrafu 4 u d-distribuzzjoni riżultanti tas-sehem tiegħu fost il-programmi Interreg li l-Istat Membru jipparteċipa fihom.</p>

Raġuni

Wara ż-żieda baġitarja proposta mir-rapporteurs CPR fl-Artikolu 104(7) tar-Regolament CPR (UE) il-ġdid, biex it-2,5 % tar-riżorsi globali disponibbli għall-impenji tal-baġit mill-Fondi jiżdedu għal 3,3 % biex jiġu ffinanzjati l-attivitajiet ta' kooperazzjoni previsti f'dan ir-Regolament. Minn dawn it-3,3 % aħna nipproponu li jiġu allokatati 3 % għall-attivitajiet tradizzjonali tal-KTE (jiġifieri l-komponenti 1, 2 u 4) u għall-komponent il-ġdid 3. Aħna nipproponu li nużaw it-tqassim eżistenti fil-perjodu ta' programmazzjoni attwali, jiġifieri madwar 75 % għall-kooperazzjoni transfruntiera inkluża l-kooperazzjoni transfruntiera marittima, 20 % għall-kooperazzjoni transnazzjonali u madwar 5 % għal kooperazzjoni interreġjonali estiża.

Iż-0,3 % li jifdal jiġu allokatati għall-investimenti fl-innovazzjoni interreġjonali waqt li titqies in-natura speċifika ta' din l-inizjattiva ġdida li fil-fehma tagħna jisthoqqlha kapitolu separat f'dan ir-Regolament.

Emenda 14

Artikolu 11

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p><i>Artikolu 11</i></p> <p>Lista ta' riżorsi tal-programm Interreg</p> <p>1. Fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri skont l-Artikolu 9(5), il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi lista tal-programmi Interreg kollha u tindika għal kull programm l-ammont globali tal-appoġġ totali tal-FEŻR u, fejn applikabbli, l-appoġġ totali minn strumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni. Dan l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' konsulenza msemmija fl-Artikolu 63(2).</p>	<p><i>Artikolu 11</i></p> <p>Lista ta' riżorsi tal-programm Interreg</p> <p>1. Fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri skont l-Artikolu 9(5), il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi lista tal-programmi Interreg kollha u tindika għal kull programm l-ammont globali tal-appoġġ totali tal-FEŻR u, fejn applikabbli, l-appoġġ totali minn strumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni. Dan l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' konsulenza msemmija fl-Artikolu 63(2).</p>

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>2. Dan l-att ta' implimentazzjoni għandu jinkludi wkoll lista tal-ammonti trasferiti skont l-Artikolu 9(5) mqassmin skont l-Istat Membru u minn strument finanzjarju estern tal-Unjoni.</p>	<p>2. Dan l-att ta' implimentazzjoni għandu jinkludi wkoll lista tal-ammonti trasferiti skont l-Artikolu 9(5) mqassmin skont l-Istat Membru u minn strument finanzjarju estern tal-Unjoni.</p> <p>3. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw dwar kif l-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-partijiet interessati l-oħrajn kienu involuti fl-iżvilupp tal-programm, b'referenza għall-Artikolu 6 tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni dwar is-sħubija u l-governanza f'diversi livelli.</p>

Emenda 15

Artikolu 13

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p><i>Artikolu 13</i></p> <p>Rati ta' kofinanzjament</p> <p>Ir-rata ta' kofinanzjament fil-livell ta' kull programm Interreg ma għandhiex tkun ogħla minn 70 %, sakemm, fir-rigward tal-programm Interreg transfruntier estern jew tal-komponent 3, perċentwali ogħla huwa ffissat fir-Regolamenti (UE) [IPA III], [NDICI] jew [OCTP] rispettivament jew fi kwalunkwe att adottat skontu.</p>	<p><i>Artikolu 13</i></p> <p>Rati ta' kofinanzjament</p> <p>Ir-rata ta' kofinanzjament fil-livell ta' kull programm Interreg ma għandhiex tkun ogħla minn 85 %, b'mod partikolari fir-rigward tal-programm Interreg transfruntier estern jew tal-komponent 3, il-proġetti żgħar previsti fl-Artikoli 16 sa 26, ir-Regolamenti (UE) [IPA III], [NDICI] jew [OCTP] rispettivament jew fi kwalunkwe att adottat skontu.</p>

Raġuni

Il-KtR jappella li tinżamm rata ta' kofinanzjament ta' 85 % għall-proġetti kollha, u mill-inqas għall-iżgħar proġetti interreġjonali u b'mod partikolari l-proġetti żgħar imniżżla fl-Artikoli 16 sa 26.

Emenda 16

Artikolu 14(4)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>4. Skont il-komponenti 1, 2 u 3, il-FEŻR u, fejn applikabbli, l-istrumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni jistgħu jappoġġaw ukoll l-oġettiv speċifiku ta' Interreg "governanza aħjar ta' Interreg", b'mod partikolari permezz tal-azzjonijiet li ġejjin:</p>	<p>4. Skont il-komponenti 1, 2 u 3, il-FEŻR u, fejn applikabbli, l-istrumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni jistgħu jappoġġaw ukoll l-oġettiv speċifiku ta' Interreg "governanza aħjar ta' Interreg", b'mod partikolari permezz tal-azzjonijiet li ġejjin:</p>

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>(a) fil-qafas tal-programmi Interreg tal-komponenti 1 u 2B:</p> <p>(i) it-tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali tal-awtoritajiet pubbliċi, b'mod partikolari dawk inkarigati li jiġġestixxu territorju speċifiku, u tal-partijiet ikkonċernati;</p> <p>(ii) it-tisħiħ ta' amministrazzjoni pubblika effiċjenti permezz tal-promozzjoni tal-kooperazzjoni legali u amministrattiva u l-kooperazzjoni bejn iċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet, b'mod partikolari, bil-ħsieb li jiġu solvuti ostakli legali u ostakli oħrajn f'reġjuni tal-fruntieri;</p> <p>(b) it-tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali tal-awtoritajiet pubbliċi u l-partijiet ikkonċernati biex jiġu implimentati strateġiji makroreġjonali u strateġiji tal-baċini tal-baħar;</p> <p>(c) fil-qafas tal-programmi Interreg transfruntieri esterni u l-komponenti 2 u 3 appoġġati mill-fondi Interreg, minbarra l-punti (a) u (b): il-bini ta' fiduċja reċiproka, b'mod partikolari billi jiġu inkoraġġiti azzjonijiet interpersonali, bit-tisħiħ ta' demokrazija sostenibbli u bl-appoġġ tal-atturi tas-soċjetà ċivili u r-rwol tagħhom fil-proċessi ta' riforma u ta' tranżizzjonijiet demokratiċi;</p>	<p>(a) fil-qafas tal-programmi Interreg tal-komponenti 1:</p> <p>(i) it-tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali tal-awtoritajiet pubbliċi, b'mod partikolari dawk inkarigati li jiġġestixxu territorju speċifiku, u tal-partijiet ikkonċernati;</p> <p>(ii) it-tisħiħ ta' amministrazzjoni pubblika effiċjenti permezz tal-promozzjoni tal-kooperazzjoni legali u amministrattiva u l-kooperazzjoni bejn iċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet, b'mod partikolari, bil-ħsieb li jiġu solvuti ostakli legali u ostakli oħrajn f'reġjuni tal-fruntieri u tinbena l-fiduċja reċiproka, b'mod partikolari billi jiġu inkoraġġiti azzjonijiet interpersonali;</p> <p>(b) it-tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali tal-awtoritajiet pubbliċi u l-partijiet ikkonċernati biex jiġu implimentati strateġiji makroreġjonali u strateġiji tal-baċini tal-baħar;</p> <p>(c) fil-qafas tal-programmi Interreg transfruntieri esterni u l-komponenti 2 u 3 appoġġati mill-fondi Interreg, minbarra l-punti (a) u (b): il-bini ta' fiduċja reċiproka, b'mod partikolari bit-tisħiħ ta' demokrazija sostenibbli u bl-appoġġ tal-atturi tas-soċjetà ċivili u r-rwol tagħhom fil-proċessi ta' riforma u ta' tranżizzjonijiet demokratiċi;</p>

Raġuni

Il-bini ta' fiduċja reċiproka u t-tħeġġiġ ta' proġetti interpersonali huma rilevanti mhux biss għall-kooperazzjoni transfruntiera esterna iżda wkoll għal dik interna u għandhom jiġu appoġġati b'mod espliċitu.

Emenda 17

Artikolu 15

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p><i>Artikolu 15</i></p> <p>Konċentrazzjoni tematika</p> <p>1. Tal-anqas 60 % tal-FEŻR u, fejn applikabbli, tal-istrumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni allokati fil-qafas ta' prijoritajiet oħra minbarra l-assistenza teknika għal kull programm Interreg fil-qafas tal-komponenti 1, 2 u 3, għandhom ikunu allokati lil massimu ta' tlieta mill-oġġettivi ta' politika stabbiliti fl-Artikolu 4(1)] tar-Regolament (UE) [CPR ġdid].</p>	<p><i>Artikolu 15</i></p> <p>Konċentrazzjoni tematika</p> <p>1. Mhux aktar minn 60 % tal-FEŻR fil-livell nazzjonali u reġjonali u, fejn applikabbli, tal-istrumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni allokati fil-qafas ta' prijoritajiet oħra minbarra l-assistenza teknika għal kull programm Interreg fil-qafas tal-komponenti 1, 2 u 3, għandhom ikunu allokati lil massimu ta' tlieta mill-oġġettivi ta' politika stabbiliti fl-Artikolu 4(1)] tar-Regolament (UE) [CPR ġdid].</p>

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>2. Ħmistax fil-mija (15 %) addizzjonali tal-FEŻR u, fejn applikabbli, tal-allokazzjonijiet lill-istrumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni fil-qafas ta' prijoritajiet oħra minbarra l-assistenza teknika għal kull programm Interreg fil-qafas tal-komponenti 1, 2 u 3, għandhom ikunu allokati lill-objettiv speċifiku għal Interreg "governanza aħjar ta' Interreg" jew għall-objettiv speċifiku għal Interreg estern "Ewropa b'inqas periklu u aktar sigurtà".</p> <p>3. Jekk programm Interreg tal-komponent 2 A jappoġġa strateġija makroreġjonali, it-total tal-FEŻR u, fejn applikabbli, it-total tal-allokazzjonijiet lill-istrumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni fil-qafas ta' prijoritajiet oħra minbarra l-assistenza teknika għandu jkun programmat fuq l-objettivi ta' dik l-istrateġija.</p> <p>4. Jekk programm Interreg tal-komponent 2B jappoġġa strateġija makroreġjonali jew strateġija tal-baċini tal-baħar, tal-anqas 70 % tal-FEŻR u, fejn applikabbli, tal-allokazzjonijiet lill-istrumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni fil-qafas ta' prijoritajiet oħra minbarra l-assistenza teknika għandhom ikunu allokati lill-objettivi ta' dik l-istrateġija.</p> <p>5. Għall-programmi Interreg tal-komponent 4, it-total tal-FEŻR u, fejn applikabbli, tal-allokazzjonijiet lill-istrumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni fil-qafas ta' prijoritajiet oħra minbarra l-assistenza teknika għandu jkun allokati lill-objettiv speċifiku għal Interreg "governanza aħjar ta' Interreg".</p>	<p>2. Mhux aktar minn ħmistax fil-mija (15 %) addizzjonali tal-FEŻR u, fejn applikabbli, tal-allokazzjonijiet lill-istrumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni fil-qafas ta' prijoritajiet oħra minbarra l-assistenza teknika għal kull programm Interreg fil-qafas tal-komponenti 1, 2 u 3, jistgħu jkunu allokati lill-objettiv speċifiku għal Interreg "governanza aħjar ta' Interreg" u/jew għall-objettiv speċifiku għal Interreg estern "Ewropa b'inqas periklu u aktar sigurtà". Dan il-persentaġġ jista' jkun ogħla mil-livell massimu ta' 15 % fejn il-partijiet interessati għan-negozjar tal-programm jiddeċiedu li dan huwa meħtieġ.</p> <p>Il-proġetti taħt "governanza aħjar ta' Interreg" jistgħu jkunu wkoll jibbenefikaw mill-finanzjament skont ir-Regolament (UE) 2018/XXX [li jistabbilixxi l-programm ta' appoġġ għal riformi]. F'dak il-każ, ir-Regolament (UE) 2018/XXX ikun ir-regolament ewlieni.</p> <p>3. Jekk programm Interreg tal-komponent 2 jappoġġa strateġija makroreġjonali, it-total tal-FEŻR u, fejn applikabbli, it-total tal-allokazzjonijiet lill-istrumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni fil-qafas ta' prijoritajiet oħra minbarra l-assistenza teknika għandu jkun programmat fuq l-objettivi ta' dik l-istrateġija.</p> <p>4. Jekk programm Interreg tal-komponent I jappoġġa strateġija makroreġjonali jew strateġija tal-baċini tal-baħar, tal-anqas 70 % tal-FEŻR u, fejn applikabbli, tal-allokazzjonijiet lill-istrumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni fil-qafas ta' prijoritajiet oħra minbarra l-assistenza teknika għandhom, bħala regola ġenerali, ikunu allokati lill-objettivi ta' dik l-istrateġija. Perċentwali differenti jistgħu jiġu stabbiliti bi ftehim mal-Kummissjoni.</p> <p>5. Għall-programmi Interreg tal-komponent 4, it-total tal-FEŻR u, fejn applikabbli, tal-allokazzjonijiet lill-istrumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni fil-qafas ta' prijoritajiet oħra minbarra l-assistenza teknika għandu jkun allokati lill-objettiv speċifiku għal Interreg "governanza aħjar ta' Interreg".</p>

Raġuni

Ma jkunx ġust li r-reġjuni Ewropej kollha jintalbu jallokaw l-istess perċentwal fiss għall-"governanza aħjar ta' Interreg" apparti l-għajnuna teknika.

Madankollu, għandu jibqa' possibbli f'dawk ir-reġjuni li jixtiequ jużaw il-KTE bħala strument biex jiġu promossi l-governanza tajba u r-riformi strutturali li jibbenefikaw minn appoġġ addizzjonali tal-programm il-ġdid ta' appoġġ għal riformi.

Il-KtR jappoġġa l-fatt li l-istrateġiji makroreġjonali jkunu appoġġati mill-komponenti 1 u 2.

Emenda 18

Jizzied kapitolu ġdid wara l-Kapitolu II

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	<p style="text-align: center;">KAPITOLU III</p> <p style="text-align: center;">Investimenti fl-innovazzjoni interreġjonali</p> <p style="text-align: center;">Artikolu 16</p> <p>Investimenti fl-innovazzjoni interreġjonali</p> <p>1. 0,3 % tar-riżorsi globali disponibbli għall-impenji tal-baġit tal-Fondi għall-perjodu 2021-2027 (jiġifieri total ta' EUR 970 000 000) huma allokatu għall-investimenti fl-innovazzjoni interreġjonali u ser jintużaw għall-kummerċjalizzazzjoni u l-intensifikazzjoni ta' proġetti ta' innovazzjoni interreġjonali li għandhom il-potenzjal meħtieġ biex iħeġġu l-iżvilupp ta' ktajjen tal-valur Ewropej. Fondi addizzjonali li ġejjin minn Orizzont Ewropa [Proposta għal Regolament (UE) 2018/XXX] jistgħu jiġu trasferiti għall-baġit jew direttament jew permezz tal-metodu tal-Fond Ewlieni.</p> <p>2. L-investimenti fl-innovazzjoni interreġjonali huma maħsuba għall-attivitajiet li ġejjin:</p> <p>(a) il-kummerċjalizzazzjoni u l-iskalar tal-proġetti ta' innovazzjoni komuni li jistgħu jħeġġu l-iżvilupp ta' ktajjen tal-valur Ewropej;</p> <p>(b) it-tlaqqiġ flimkien tar-riċerkaturi, l-intrapriżi, is-soċjetà ċivili u l-amministrazzjonijiet pubbliċi involuti fi strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti stabbiliti fil-livell nazzjonali jew reġjonali;</p> <p>(c) proġetti pilota biex jiġu identifikati jew ittestjati soluzzjonijiet ġodda ta' żvilupp reġjonali u lokali bbażati fuq strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti;</p> <p>(d) l-iskambji ta' esperjenza fil-qasam tal-innovazzjoni sabiex nibnu fuq l-esperjenza miksuba fil-qasam tal-iżvilupp reġjonali jew lokali.</p> <p>3. Fir-rigward tal-investimenti fl-innovazzjoni interreġjonali, it-territorju kollu tal-Unjoni għandu jiġi appoġġjat mill-FEŻR.</p> <p>4. L-investimenti fl-innovazzjoni interreġjonali għandhom jitħejjew u jiġu ppreżentati fil-kuntest ta' ġestjoni diretta.</p> <p>5. Skont il-prinċipju tal-koeżjoni territorjali Ewropea, ir-reġjuni li jinsabu taħt il-medja tal-Indiċi Reġjonali Ewropew għall-Kompetittività (European Regional Competitiveness Index) 2013-2016, ir-reġjuni koperti mill-Artikolu 174 u r-reġjuni ultraperiferiċi jistgħu jibbenefikaw taħt l-iskema tal-investimenti fl-innovazzjoni interreġjonali minn rata ta' kofinanzjament tal-FEŻR miżjuda minn 85 % għal 100 %. Dan l-inċentiv għall-promozzjoni tal-investimenti fl-innovazzjoni interreġjonali fir-reġjuni bi żvantaġġi strutturali għandu:</p>

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	<p>(a) jippermetti li dawn ir-reġjuni jiżviluppaw proġetti ta' investiment innovattivi konġunti li għandhom il-potenzjal li jkunu trasferiti u replikati f'reġjuni orajn li għandhom l-istess żvantaġġi strutturali;</p> <p>(b) tkun orjentata lejn li tistimula l-proċessi ta' innovazzjoni fl-ekonomija reġjonali li jbatu minn żvantaġġi ġeografiċi u demografiċi strutturali, lejn il-valutazzjoni tar-riżorsi lokali, l-appoġġ għall-użu tal-enerġiji rinnovabbli, it-trattament tal-iskart, il-ġestjoni tal-ilma, il-promozzjoni tal-wirt kulturali u naturali u l-iżvilupp ta' ekonomija ċirkolari; hawnhekk, it-terminu "innovazzjoni" jkopri l-innovazzjoni teknoloġika, organizzattiva, soċjali u ambjentali;</p> <p>(c) jippermetti lil dawn ir-reġjuni biex jagħmlu użu minn pjattaformi teknoloġiċi pprovduti minn reġjuni aktar kompetittivi, u b'hekk jippermetti trasferiment interreġjonali ta' teknoloġija u ta' għarfien u jikkontribwixxi għal integrazzjoni interreġjonali aktar b'saħħiha.</p> <p>6. Il-pajjiżi terzi jistgħu jieħdu sehem bil-kundizzjoni li jikkontribwixxu għall-iffinanzjar permezz ta' dħul assenjat estern.</p>

Raġuni

Minkejja l-ħolqien ta' investimenti fl-innovazzjoni interreġjonali huwa wieħed mill-aktar innovazzjonijiet pożittivi għall-perjodu l-ġdid ta' programmazzjoni, madankollu dan jibqa' strument differenti ħafna tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea. Għal din ir-raġuni u biex tkun enfasizzata l-importanza speċifika tiegħu, nipponu li għall-investimenti fl-innovazzjoni interreġjonali jitħejjew kapitoli u artikoli speċifiku li jgħaqqdu dispożizzjonijiet diversi mifruxa fil-proposta għal Regolament.

Aħna nipponu wkoll li l-baġit jidded b'riżerva speċifika ta' 0,3 % tal-baġit tal-koeżjoni u billi jkunu permessi t-trasferimenti addizzjonali. Fl-aħħar nett, sabiex jiġi rrispettat il-prinċipju tal-koeżjoni territorjali Ewropea, parti mir-riżorsi trid tkun maħsuba għal reġjuni li għadhom mhumiex l-aktar innovattivi tal-UE.

Barra minn hekk, sabiex jiġu evitati d-disparitajiet fl-innovazzjoni u fil-kompetittività bejn ir-reġjuni, jeħtieġ li tiġi promossa l-innovazzjoni fit-territorji soġġetti għal restrizzjonijiet kbar u/jewli għandhom kompetittività aktar baxxa mill-medja tal-UE.

Din il-proposta hija t-traduzzjoni fir-Regolament KTE tar-rakkomandazzjonijiet tal-Opinjonijiet Maupertuis (2017), Herrera Campo (2016), Osvald (2012), Karácsony (2018), fost oħrajn.

Emenda 19

Artikolu 16

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p style="text-align: center;"><i>Artikolu 16</i></p> <p style="text-align: center;">Tħejjija u preżentazzjoni tal-programmi Interreg</p> <p>1. Il-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) għandha tiġi implimentata permezz tal-programmi Interreg b'ġestjoni kondiviża bl-eċċezzjoni tal-komponent 3, li jista' jiġi implimentat fl-intier tiegħu jew parzjalment b'ġestjoni indiretta u tal-komponent 5 li għandu jiġi implimentat b'ġestjoni diretta jew indiretta.</p> <p>2. L-Istati Membri, fejn applikabbli, pajjiżi terzi, pajjiżi sħab jew PTEE parteċipanti, għandhom iħejju programm Interreg skont il-mudell stabbilit fl-Anness għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2027.</p> <p>3. L-Istati Membri parteċipanti għandhom iħejju programm Interreg f'kooperazzjoni mas-sħab tal-programm imsemmija fl-Artikolu [6] tar-Regolament (UE) [CPR ġdid].</p> <p>Il-pajjiżi terzi jew pajjiżi sħab jew PTEE parteċipanti, fejn applikabbli, għandhom jinvolvu wkoll is-sħab tal-programm ekwivalenti għal dawk imsemmija f'dak l-Artikolu.</p> <p>4. L-Istat Membru li jospita l-awtorità ta' ġestjoni prospettiva, għandu jippreżenta programm Interreg lill-Kummissjoni sa [data tad-dħul fis-seħħ plus disa' xhur:] f'isem l-Istati Membri kollha u, fejn applikabbli, pajjiżi terzi, pajjiżi sħab u PTEE parteċipanti.</p> <p>Madankollu, programm Interreg li jkopri appoġġ minn strument ta' finanzjament estern tal-Unjoni għandu jiġi ppreżentat mill-Istat Membru li jospita l-awtorità ta' ġestjoni prospettiva mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-adozzjoni mill-Kummissjoni tad-dokument tal-programmazzjoni strateġika rilevanti skont l-Artikolu 10(1) jew fejn meħtieġ skont l-att bażiku rispettiv ta' strument ta' finanzjament estern tal-Unjoni wieħed jew aktar.</p>	<p style="text-align: center;"><i>Artikolu 16</i></p> <p style="text-align: center;">Tħejjija u preżentazzjoni tal-programmi Interreg</p> <p>1. Il-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) għandha tiġi implimentata permezz tal-programmi Interreg b'ġestjoni kondiviża bl-eċċezzjoni tal-komponent 3, li jista' jiġi implimentat fl-intier tiegħu jew parzjalment b'ġestjoni indiretta.</p> <p>2. L-Istati Membri, fejn applikabbli, pajjiżi terzi, pajjiżi sħab jew PTEE parteċipanti, għandhom iħejju programm Interreg skont il-mudell stabbilit fl-Anness għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2027.</p> <p>3. L-Istati Membri parteċipanti għandhom iħejju programm Interreg f'kooperazzjoni mas-sħab tal-programm imsemmija fl-Artikolu [6] tar-Regolament (UE) [CPR ġdid].</p> <p>Il-pajjiżi terzi jew pajjiżi sħab jew PTEE parteċipanti, fejn applikabbli, għandhom jinvolvu wkoll is-sħab tal-programm ekwivalenti għal dawk imsemmija f'dak l-Artikolu.</p> <p><i>Waqt it-tħejjija tal-programmi Interreg immirati lejn l-istrateġiji makroreġjonali jew il-baċini tal-baħar, l-Istati Membri u l-imsieħba tal-programm għandhom iqisu l-prijoritajiet tematiċi tal-istrateġiji makroreġjonali u l-istrateġiji relatati mal-baċini tal-baħar u jikkonsultaw lill-partijiet interessati rilevanti.</i></p> <p>4. L-Istat Membru li jospita l-awtorità ta' ġestjoni prospettiva, għandu jippreżenta programm Interreg <i>wieħed jew aktar tul il-fruntiera rilevanti fuq l-art jew marittima</i> lill-Kummissjoni sa [data tad-dħul fis-seħħ plus disa' xhur:] f'isem l-Istati Membri kollha u, fejn applikabbli, pajjiżi terzi, pajjiżi sħab u PTEE parteċipanti.</p> <p>Madankollu, programm Interreg li jkopri appoġġ minn strument ta' finanzjament estern tal-Unjoni għandu jiġi ppreżentat mill-Istat Membru li jospita l-awtorità ta' ġestjoni prospettiva mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-adozzjoni mill-Kummissjoni tad-dokument tal-programmazzjoni strateġika rilevanti skont l-Artikolu 10(1) jew fejn meħtieġ skont l-att bażiku rispettiv ta' strument ta' finanzjament estern tal-Unjoni wieħed jew aktar.</p>

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>5. L-Istati Membri, u fejn applikabbli, pajjiżi terzi, pajjiżi sħab jew PTEE parteċipanti, għandhom jikkonfermaw bil-miktub il-ftehim tagħhom dwar il-kontenut ta' programm Interreg qabel il-preżentazzjoni tiegħu lill-Kummissjoni. Dan il-qbil għandu jinkludi wkoll impenn mill-Istati Membri kollha u, fejn applikabbli, minn pajjiżi terzi, pajjiżi sħab jew PTEE parteċipanti, sabiex jipprovdu l-kofinanzjament meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-programm Interreg u, fejn applikabbli, l-impenn għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-pajjiżi terzi, pajjiżi sħab jew PTEE.</p> <p>B'deroga mill-ewwel subparagrafu, fil-każ tal-programmi Interreg li jinvolvu reġjuni ultraperiferiċi u pajjiżi terzi, pajjiżi sħab jew PTEE, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkonsultaw lill-pajjiżi terzi, pajjiżi sħab u PTEE rispettivi qabel ma jippreżentaw il-programmi Interreg lill-Kummissjoni. F'dan il-każ, il-ftehimiet dwar il-kontenut tal-programmi Interreg u l-kontribuzzjoni possibbli tal-pajjiżi terzi, pajjiżi sħab jew PTEE jistgħu minflok jiġu espressi fil-minuti formalment approvati tal-laqgħat ta' konsultazzjoni mal-pajjiżi terzi, pajjiżi sħab jew PTEE jew <i>tad-deliberazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet ta' kooperazzjoni reġjonali</i>.</p> <p>6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 62 biex temenda l-Anness sabiex tadatta għal bidliet li jseħħu matul il-perjodu ta' programmazzjoni għal elementi mhux essenzjali tiegħu.</p>	<p>5. L-Istati Membri, u fejn applikabbli, pajjiżi terzi, pajjiżi sħab jew PTEE parteċipanti, għandhom jikkonfermaw bil-miktub il-ftehim tagħhom dwar il-kontenut ta' programm Interreg qabel il-preżentazzjoni tiegħu lill-Kummissjoni. Dan il-qbil għandu jinkludi wkoll impenn mill-Istati Membri kollha u, fejn applikabbli, minn pajjiżi terzi, pajjiżi sħab jew PTEE parteċipanti, sabiex jipprovdu l-kofinanzjament meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-programm Interreg u, fejn applikabbli, l-impenn għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-pajjiżi terzi, pajjiżi sħab jew PTEE.</p> <p>B'deroga mill-ewwel subparagrafu, fil-każ tal-programmi Interreg li jinvolvu reġjuni ultraperiferiċi u pajjiżi terzi, pajjiżi sħab jew PTEE, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkonsultaw lill-pajjiżi terzi, pajjiżi sħab u PTEE rispettivi qabel ma jippreżentaw il-programmi Interreg lill-Kummissjoni. F'dan il-każ, il-ftehimiet dwar il-kontenut tal-programmi Interreg u l-kontribuzzjoni possibbli tal-pajjiżi terzi, pajjiżi sħab jew PTEE jistgħu minflok jiġu espressi fil-minuti formalment approvati tal-laqgħat ta' konsultazzjoni mal-pajjiżi terzi, pajjiżi sħab jew PTEE jew <i>diversi programmi Interreg tul il-fruntiera kkonċernata fuq l-art jew marittima</i>.</p> <p>6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 62 biex temenda l-Anness sabiex tadatta għal bidliet li jseħħu matul il-perjodu ta' programmazzjoni għal elementi mhux essenzjali tiegħu.</p>

Raġuni

Il-prinċipju ta' sħubija għandu jiġi implimentat biex tiġi żgurata koerenza bejn l-attivitajiet differenti ta' kooperazzjoni transfruntiera. Il-KtR jaqbel li l-kooperazzjoni transfruntiera marittima tgħaddi lura għall-komponent 1.

Emenda 20

Artikolu 19

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p><i>Artikolu 19</i></p> <p>Emenda tal-programmi Interreg</p> <p>1. L-Istat Membru li jospita l-awtorità ta' ġestjoni jista' jippreżenta talba motivata għal emenda ta' programm Interreg flimkien mal-programm emendat, li tistabbilixxi l-impatt mistenni ta' dik l-emenda fuq it-tweġiq tal-objettivi.</p>	<p><i>Artikolu 19</i></p> <p>Emenda tal-programmi Interreg</p> <p>1. L-Istat Membru li jospita l-awtorità ta' ġestjoni jista', <i>wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet lokali u reġjonali u b'konformità mal-Artikolu 6 tas-CPR</i>, jippreżenta talba motivata għal emenda ta' programm Interreg flimkien mal-programm emendat, li tistabbilixxi l-impatt mistenni ta' dik l-emenda fuq it-tweġiq tal-objettivi.</p>

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>2. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-konformità tal-emenda mar-Regolament (UE) [CPR ġdid], ir-Regolament (UE) [FEŻR ġdid] u dan ir-Regolament u tista' tagħmel kummenti fi żmien tliet xhur mid-data tal-preżentazzjoni tal-programm li jemenda.</p> <p>3. L-Istati Membri u, fejn applikabbli, pajjiżi terzi, pajjiżi sħab jew l-PTEE parteċipanti għandhom jeżaminaw mill-ġdid il-programm Interreg billi jikkunsidraw il-kummenti magħmulin mill-Kummissjoni.</p> <p>4. Il-Kummissjoni għandha tapprova l-emenda ta' programm Interreg sa mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-preżentazzjoni tiegħu mill-Istat Membru.</p> <p>5. L-Istat Membru jista' jittrasferixxi matul il-perjodu ta' programmazzjoni ammont sa 5 % tal-allokkazzjoni inizjali ta' prijorità u mhux aktar minn 3 % tal-baġit tal-programm għal prijorità oħra tal-istess programm Interreg.</p> <p>Tali trasferimenti ma għandhomx jaffettwaw snin preċedenti.</p> <p>Dawn għandhom ikunu kkunsidrati bħala mhux sostanzjali u ma għandhomx jeħtieġu deċiżjoni tal-Kummissjoni li temenda l-programm Interreg. Iżda, huma għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti regolatorji kollha. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tippreżenta lill-Kummissjoni t-tabella riveduta msemmija fil-punt (g)(ii) tal-Artikolu 17(4).</p> <p>6. L-approvazzjoni tal-Kummissjoni ma għandhiex tkun meħtieġa għal korrezzjonijiet ta' natura purament klerikali jew editorjali li ma jaffettwawx l-implimentazzjoni tal-programm Interreg. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tinforma lill-Kummissjoni dwar tali korrezzjonijiet.</p>	<p>2. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-konformità tal-emenda mar-Regolament (UE) [CPR ġdid], ir-Regolament (UE) [FEŻR ġdid] u dan ir-Regolament u tista' tagħmel kummenti fi żmien tliet xhur mid-data tal-preżentazzjoni tal-programm li jemenda.</p> <p>3. L-Istati Membri u, fejn applikabbli, pajjiżi terzi, pajjiżi sħab jew l-PTEE parteċipanti għandhom jeżaminaw mill-ġdid il-programm Interreg billi jikkunsidraw il-kummenti magħmulin mill-Kummissjoni.</p> <p>4. Il-Kummissjoni għandha tapprova l-emenda ta' programm Interreg sa mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-preżentazzjoni tiegħu mill-Istat Membru.</p> <p>5. L-Istat Membru jista' jittrasferixxi matul il-perjodu ta' programmazzjoni ammont sa 5 % tal-allokkazzjoni inizjali ta' prijorità u mhux aktar minn 3 % tal-baġit tal-programm għal prijorità oħra tal-istess programm Interreg, wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet lokali u reġjonali u b'konformità mal-Artikolu 6 tas-CPR.</p> <p>Tali trasferimenti ma għandhomx jaffettwaw snin preċedenti.</p> <p>Dawn għandhom ikunu kkunsidrati bħala mhux sostanzjali u ma għandhomx jeħtieġu deċiżjoni tal-Kummissjoni li temenda l-programm Interreg. Iżda, huma għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti regolatorji kollha. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tippreżenta lill-Kummissjoni t-tabella riveduta msemmija fil-punt (g)(ii) tal-Artikolu 17(4).</p> <p>6. L-approvazzjoni tal-Kummissjoni ma għandhiex tkun meħtieġa għal korrezzjonijiet ta' natura purament klerikali jew editorjali li ma jaffettwawx l-implimentazzjoni tal-programm Interreg. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tinforma lill-Kummissjoni dwar tali korrezzjonijiet.</p>

Raġuni

Għandu jkun żgurat li l-prinċipju ta' sħubija jiġi rispettat fl-emendi għall-programmi.

Emenda 21

Artikolu 24

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p><i>Artikolu 24</i></p> <p>Fondi ta' proġett żgħir</p> <p>1. Il-kontribuzzjoni mill-FEŻR jew, fejn applikabbli, strument ta' finanzjament estern tal-Unjoni, għal fond ta' proġett żgħir fi programm Interreg ma għandhiex taqbeż EUR 20 000 000 jew 15 % tal-allokkazzjoni totali għall-programm Interreg, tkun liema tkun l-anqas minnhom.</p>	<p><i>Artikolu 24</i></p> <p>Fondi ta' proġett żgħir</p> <p>1. Il-kontribuzzjoni mill-FEŻR jew, fejn applikabbli, strument ta' finanzjament estern tal-Unjoni, għal fond ta' proġett żgħir fi programm Interreg ma għandhiex taqbeż EUR 20 000 000 jew 15 % tal-allokkazzjoni totali għall-programm Interreg, tkun liema tkun l-anqas minnhom. Jistgħu jiġu stabbiliti diversi fondi għal proġetti żgħar fi ħdan il-programm Interreg.</p>

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Ir-riċevituri finali f'fond ta' proġett żgħir għandhom jirċievu l-appoġġ mill-FEŻR jew, fejn applikabbli mill-istrumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni permezz tal-benefiċjarju u jimplimentaw proġetti żgħar f'dak il-fond ta' proġett żgħir ("proġett żgħir").</p> <p>2. Il-benefiċjarju ta' fond ta' proġett żgħir għandu jkun entità legali jew REKT transfruntier.</p> <p>3. Id-dokument li jstabbilixxi l-kundizzjonijiet ta' appoġġ għal fond ta' proġett żgħir għandu, minbarra l-elementi stabbiliti fl-Artikolu 22(6) jstabbilixxi l-elementi meħtieġa sabiex jiżgura li l-benefiċjarju:</p> <p>(a) jstabbilixxi proċedura ta' selezzjoni mhux diskriminatorja u trasparenti;</p> <p>(b) japplika kriterji oġġettivi għall-għażla ta' proġetti żgħar, li jevitaw il-kunflitti ta' interess;</p> <p>(c) jivvaluta l-applikazzjonijiet għal appoġġ;</p> <p>(d) jagħżel il-proġetti u jiffissa l-ammont ta' appoġġ għal kull proġett żgħir;</p> <p>(e) huwa responsabbli għall-implimentazzjoni tal-operazzjoni u jżomm fil-livell tiegħu d-dokumenti ta' appoġġ kollha meħtieġa għal rekord tal-awditjar f'konformità mal-Anness [IX] tar-Regolament (UE) [CPR ġdid];</p> <p>(f) ipoġġi għad-dispożizzjoni tal-pubbliku l-lista tar-riċevituri finali li jibbenefikaw mill-operazzjoni.</p> <p>Il-benefiċjarju għandu jiżgura li r-riċevituri finali jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 35.</p> <p>4. L-għażla ta' proġetti żgħar ma għandhiex tikkostitwixxi delegazzjoni ta' kompiti mill-awtorità ta' ġestjoni lil korp intermedju kif imsemmi fl-Artikolu [65(3)] tar-Regolament (UE) [CPR ġdid].</p>	<p>Ir-riċevituri finali f'fond ta' proġett żgħir għandhom jirċievu l-appoġġ mill-FEŻR jew, fejn applikabbli mill-istrumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni permezz tal-benefiċjarju u jimplimentaw proġetti żgħar f'dak il-fond ta' proġett żgħir ("proġett żgħir").</p> <p>2. Il-benefiċjarju ta' fond ta' proġett żgħir għandu jkun entità legali transfruntiera, REKT, Ewroreġjun, korpi legali f'reġjuni ultraperiferiċi jew xi assoċjazzjoni oħra ta' diversi awtoritajiet reġjonali jew lokali.</p> <p>3. Id-dokument li jstabbilixxi l-kundizzjonijiet ta' appoġġ għal fond ta' proġett żgħir għandu, minbarra l-elementi stabbiliti fl-Artikolu 22(6) jstabbilixxi l-elementi meħtieġa sabiex jiżgura li l-benefiċjarju:</p> <p>(a) jstabbilixxi proċedura ta' selezzjoni mhux diskriminatorja u trasparenti;</p> <p>(b) japplika kriterji oġġettivi għall-għażla ta' proġetti żgħar, li jevitaw il-kunflitti ta' interess;</p> <p>(c) jivvaluta l-applikazzjonijiet għal appoġġ;</p> <p>(d) jagħżel il-proġetti u jiffissa l-ammont ta' appoġġ għal kull proġett żgħir;</p> <p>(e) huwa responsabbli għall-implimentazzjoni tal-operazzjoni u jżomm fil-livell tiegħu d-dokumenti ta' appoġġ kollha meħtieġa għal rekord tal-awditjar f'konformità mal-Anness [IX] tar-Regolament (UE) [CPR ġdid];</p> <p>(f) ipoġġi għad-dispożizzjoni tal-pubbliku l-lista tar-riċevituri finali li jibbenefikaw mill-operazzjoni.</p> <p>Il-benefiċjarju għandu jiżgura li r-riċevituri finali jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 35.</p> <p>4. L-għażla ta' proġetti żgħar ma għandhiex tikkostitwixxi delegazzjoni ta' kompiti mill-awtorità ta' ġestjoni lil korp intermedju kif imsemmi fl-Artikolu [65(3)] tar-Regolament (UE) [CPR ġdid].</p>

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>5. Spejjeż tal-persunal u indiretti ġġenerati fil-livell tal-benefiċjarju għall-ġestjoni ta' fond għal proġett żgħir ma għandhomx jaqbużu 20 % tal-ispiża totali eliġibbli tal-fond għal proġett żgħir rispettiv.</p> <p>6. Jekk il-kontribuzzjoni pubblika għal proġett żgħir li ma taqbiżx EUR 100 000, il-kontribuzzjoni mill-FEŻR jew, fejn applikabbli, strument ta' finanzjament estern tal-Unjoni għandu jieħu l-forma ta' kost unitarju jew somom f'daqqa jew jinkludi rati fissi, minbarra proġetti li għalihom l-appoġġ jikkostitwixx għajna mill-Istat.</p> <p>Jekk jintuża finanzjament b'rata fissa, il-kategoriji tal-ispejjeż li għalihom tapplika r-rata fissa jistgħu jiġu rimborżati f'konformità mal-[punt (a) tal-Artikolu 48(1)] tar-Regolament (UE) [CPR ġdid].</p>	<p>5. Spejjeż tal-persunal u indiretti ġġenerati fil-livell tal-benefiċjarju għall-ġestjoni ta' fond għal proġett żgħir ma għandhomx jaqbużu 20 % tal-ispiża totali eliġibbli tal-fond għal proġett żgħir rispettiv.</p> <p>6. Jekk il-kontribuzzjoni pubblika għal proġett żgħir ma taqbiżx EUR 100 000, il-kontribuzzjoni mill-FEŻR jew, fejn applikabbli, strument ta' finanzjament estern tal-Unjoni għandha tiegħu l-forma ta' kost unitarju jew somom f'daqqa jew tinkludi rati fissi. Kontrolli nazzjonali u awditi addizzjonali għandhom jirrispettaw dan il-prinċipju ta' spejjeż semplifikati u ma jtejjegux lill-benefiċjarju jipprovdi dokumenti ta' appoġġ li jikkonċernaw l-ispejjeż kollha tal-proġett.</p> <p>Jekk jintuża finanzjament b'rata fissa, il-kategoriji tal-ispejjeż li għalihom tapplika r-rata fissa jistgħu jiġu rimborżati f'konformità mal-[punt (a) tal-Artikolu 48(1)] tar-Regolament (UE) [CPR ġdid].</p>

Emenda 22

Artikolu 26

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p style="text-align: center;"><i>Artikolu 26</i></p> <p style="text-align: center;">Assistenza teknika</p> <p>1. Assistenza teknika għal kull programm Interreg għandha tiġi rimborżata bħala rata fissa bl-applikazzjoni tal-perċentwali stabbilit fil-paragrafu 2 għal nefqa eliġibbli inkluża f'kull applikazzjoni għal pagament skont il-[punti (a) jew (c) tal-Artikolu 85(3)] tar-Regolament (UE) [CPR ġdid] kif xieraq.</p> <p>2. Il-perċentwali tal-FEŻR u l-istrumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni li għandhom jiġu rimborżati għal assistenza teknika għandu jkun kif ġej:</p> <p>(a) għal programmi Interreg ta' kooperazzjoni tranfruntiera interna appoġġati mill-FEŻR: 6 %;</p> <p>(b) għal programmi Interreg transfruntiera esterni appoġġati mill-IPA III CBC jew mill-NDICI CBC: 10 %;</p>	<p style="text-align: center;"><i>Artikolu 26</i></p> <p style="text-align: center;">Assistenza teknika</p> <p>1. Assistenza teknika għal kull programm Interreg għandha tiġi rimborżata bħala rata fissa bl-applikazzjoni tal-perċentwali stabbilit fil-paragrafu 2 għal nefqa eliġibbli inkluża f'kull applikazzjoni għal pagament skont il-[punti (a) jew (c) tal-Artikolu 85(3)] tar-Regolament (UE) [CPR ġdid] kif xieraq.</p> <p>2. Il-perċentwali tal-FEŻR u l-istrumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni li għandhom jiġu rimborżati għal assistenza teknika għandu jkun kif ġej:</p> <p>(a) għal programmi Interreg ta' kooperazzjoni tranfruntiera interna appoġġati mill-FEŻR: 8 %;</p> <p>(b) għal programmi Interreg transfruntiera esterni appoġġati mill-IPA III CBC jew mill-NDICI CBC: 10 %;</p>

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>(c) għall-programmi Interreg tal-komponenti 2, 3 u 4, kemm għall-FEŻR u, fejn applikabbli, għal strumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni: 7%.</p> <p>3. Għal programmi Interreg b'allokazzjoni totali bejn EUR 30 000 000 u EUR 50 000 000, l-ammont li jirriżulta mill-perċentwali għal assistenza teknika għandu jżied b'ammont addizzjonali ta' EUR 500 000. Il-Kummissjoni għandha żżid dak l-ammont għall-ewwel pagament interim.</p> <p>4. Għal programmi Interreg b'allokazzjoni totali anqas minn EUR 30 000 000, l-ammont meħtieġ għall-għajnuna teknika espress f'EUR u tal-perċentwali li jirriżulta għandu jiġi stabbilit fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-programm Interreg ikkonċernat.</p>	<p>(c) għall-programmi Interreg tal-komponenti 2, 3 u 4, kemm għall-FEŻR u, fejn applikabbli, għal strumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni: 8%;</p> <p>(d) għall-programmi Interreg tal-komponent 3, għall-FEŻR: 10%.</p> <p>3. Għal programmi Interreg b'allokazzjoni totali bejn EUR 30 000 000 u EUR 50 000 000, l-ammont li jirriżulta mill-perċentwali għal assistenza teknika għandu jżied b'ammont addizzjonali ta' EUR 500 000. Il-Kummissjoni għandha żżid dak l-ammont għall-ewwel pagament interim.</p> <p>4. Għal programmi Interreg b'allokazzjoni totali anqas minn EUR 30 000 000, l-ammont meħtieġ għall-għajnuna teknika espress f'EUR u tal-perċentwali li jirriżulta għandu jiġi stabbilit fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-programm Interreg ikkonċernat.</p>

Emenda 23

Artikolu 45

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p><i>Artikolu 45</i></p> <p>Funzjonijiet tal-awtorità ta' ġestjoni</p> <p>1. L-awtorità ta' ġestjoni ta' programm Interreg għandha twettaq il-funzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli [66], [68] u [69] tar-Regolament (UE) [CPR ġdid] bl-eċċezzjoni tal-kompitu li tagħżel l-operazzjonijiet imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 66(1), u l-Artikolu 67 u ta' pagamenti lil benefiċjarji msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 68(1). Dawn il-funzjonijiet għandhom jitwettqu madwar it-territorju kollu kopert minn dak il-programm, suġġett għad-derogi stabbiliti fil-Kapitolu VIII ta' dan ir-Regolament.</p> <p>2. L-awtorità ta' ġestjoni, wara konsultazzjoni mal-Istati Membri u, fejn applikabbli, kwalunkwe pajjiżi terzi, pajjiżi sħab jew PTEE parteċipanti fil-programm Interreg, għandha twaqqaf segretarjat konġunt, b'persunal billi titqies is-sħubija tal-programm.</p> <p>Is-segretarjat konġunt għandu jassisti lill-awtorità ta' ġestjoni u lill-kumitat ta' monitoraġġ fit-tweqqif tal-funzjonijiet rispettivi tagħhom. Is-segretarjat konġunt għandu jipprovdi wkoll informazzjoni lill-benefiċjarji potenzjali dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament taħt programmi Interreg u għandu jassisti lill-benefiċjarji u s-sħab fl-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet.</p>	<p><i>Artikolu 45</i></p> <p>Funzjonijiet tal-awtorità ta' ġestjoni</p> <p>1. L-awtorità ta' ġestjoni ta' programm Interreg għandha twettaq il-funzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli [66], [68] u [69] tar-Regolament (UE) [CPR ġdid] bl-eċċezzjoni tal-kompitu li tagħżel l-operazzjonijiet imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 66(1), u l-Artikolu 67 u ta' pagamenti lil benefiċjarji msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 68(1). Dawn il-funzjonijiet għandhom jitwettqu madwar it-territorju kollu kopert minn dak il-programm, suġġett għad-derogi stabbiliti fil-Kapitolu VIII ta' dan ir-Regolament.</p> <p>2. L-awtorità ta' ġestjoni, wara konsultazzjoni mal-Istati Membri u, fejn applikabbli, kwalunkwe pajjiżi terzi, pajjiżi sħab jew PTEE parteċipanti fil-programm Interreg, għandha twaqqaf segretarjat konġunt, b'persunal billi titqies is-sħubija tal-programm.</p> <p>Is-segretarjat konġunt għandu jassisti lill-awtorità ta' ġestjoni u lill-kumitat ta' monitoraġġ fit-tweqqif tal-funzjonijiet rispettivi tagħhom. Is-segretarjat konġunt għandu jipprovdi wkoll informazzjoni lill-benefiċjarji potenzjali dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament taħt programmi Interreg u għandu jassisti lill-benefiċjarji u s-sħab fl-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet.</p>

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>3. B'deroga minn [punt (c) tal-Artikolu 70(1)] tar-Regolament (UE) [CPR ġdid], nefqa mħallsa f'munita oħra għandha tkun konvertita f'euro minn kull sieħeb bl-użu tar-rata ta' kambju tal-kontabbiltà ta' kull xahar tal-Kummissjoni fix-xahar li matulu dik in-nefqa tkun ġiet ippreżentata għall-verifika lill-awtorità ta' ġestjoni f'konformità mal-[punt (a) tal-Artikolu 68(1)] ta' dak ir-Regolament.</p>	<p>3. <i>Fejn l-awtorità ta' ġestjoni ma twettaqx verifiki ta' ġestjoni taħt [il-punt (a) tal-Artikolu 68(1)] tar-Regolament (UE) [CPR ġdid] madwar iż-żona kollha tal-programm, kull Stat Membru u, fejn ikun applikabbli, għal kull pajjiż terz, il-pajjiż imsieħeb jew l-OCTs jipparteċipaw fi program Interreg, għandu jiddeżinja l-korp jew il-persuna responsabbli għat-twettiq ta' verifiki bħal dawn fir-rigward tal-benefiċjarji fuq it-territorju tiegħu (il-“kontrolluri”).</i></p> <p>4. B'deroga minn [punt (c) tal-Artikolu 70(1)] tar-Regolament (UE) [CPR ġdid], nefqa mħallsa f'munita oħra għandha tkun konvertita f'euro minn kull sieħeb bl-użu tar-rata ta' kambju tal-kontabbiltà ta' kull xahar tal-Kummissjoni fix-xahar li matulu dik in-nefqa tkun ġiet ippreżentata għall-verifika lill-awtorità ta' ġestjoni f'konformità mal-[punt (a) tal-Artikolu 68(1)] ta' dak ir-Regolament.</p>

Raġuni

F'każ it-tħassir tal-paragrafu 6 tal-Artikolu 44 ma jiġix aċċettat, din hija soluzzjoni alternattiva għall-ħruġ ta' kontrolluri biex jiżguraw li s-sistemi attwali ta' verifiki ta' ġestjoni li jkunu ilhom joperaw f'xi programmi għal tliet perjodi ta' programmazzjoni mhux se jkollhom għalfejn jitneħħew.

Emenda 24

Artikolu 49

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p style="text-align: center;"><i>Artikolu 49</i></p> <p style="text-align: center;">Pagamenti u prefinanzjament</p> <p>1. L-appoġġ tal-FEŻR u, fejn applikabbli, l-appoġġ minn strumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni għal kull programm Interreg għandu jitħallas, f'konformità mal-Artikolu 46(2), f'kont uniku mingħajr ebda subkontijiet nazzjonali.</p> <p>2. Il-Kummissjoni għandha tħallas prefinanzjament ib-bażat fuq l-appoġġ totali minn kull fond Interreg, kif stabbilit fid-deċiżjoni li tapprova programm Interreg skont l-Artikolu 18, suġġett għad-disponibbiltà ta' fondi, f'pagamenti annwali kif ġej u qabel l-1 ta' Lulju tas-snin 2022 sa 2026, jew, is-sena tad-deċiżjoni ta' approvazzjoni, sa mhux aktar tard minn 60 jum wara li dik id-deċiżjoni hija adottata:</p>	<p style="text-align: center;"><i>Artikolu 49</i></p> <p style="text-align: center;">Pagamenti u prefinanzjament</p> <p>1. L-appoġġ tal-FEŻR u, fejn applikabbli, l-appoġġ minn strumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni għal kull programm Interreg għandu jitħallas, f'konformità mal-Artikolu 46(2), f'kont uniku mingħajr ebda subkontijiet nazzjonali.</p> <p>2. Il-Kummissjoni għandha tħallas prefinanzjament ib-bażat fuq l-appoġġ totali minn kull fond Interreg, kif stabbilit fid-deċiżjoni li tapprova programm Interreg skont l-Artikolu 18, suġġett għad-disponibbiltà ta' fondi, f'pagamenti annwali kif ġej u qabel l-1 ta' Lulju tas-snin 2022 sa 2026, jew, is-sena tad-deċiżjoni ta' approvazzjoni, sa mhux aktar tard minn 60 jum wara li dik id-deċiżjoni hija adottata:</p>

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
(a) 2021: 1 % ;	(a) 2021: 2 % ;
(b) 2022: 1 % ;	(b) 2022: 0,8 % ;
(c) 2023: 1 % ;	(c) 2023: 0,8 % ;
(d) 2024: 1 % ;	(d) 2024: 0,8 % ;
(e) 2025: 1 % ;	(e) 2025: 0,8 % ;
(f) 2026: 1 % .	(f) 2026: 0,8 % ;
<p>3. Jekk programmi Interreg transfuntieri esterni jkunu appoġġati mill-FEŻR u l-IPA III CBC jew l-NDICI CBC, il-prefinanzjament għal kull fond li jappoġġa tali programm Interreg għandu jsir f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) [IPA III] jew [NDICI] jew ta' xi att adottat taħtu.</p> <p>L-ammont ta' prefinanzjament jista' jitħallas f'żewġ pagamenti, fejn xieraq, skont il-ħtiġijiet baġitarji.</p> <p>L-ammont totali mħallas bħala prefinanzjament jiġi rimborsat lill-Kummissjoni jekk ma tintbagħat ebda applikazzjoni għal pagament permezz tal-programm Interreg transfuntier fi żmien 24 xahar mid-data li fiha l-Kummissjoni tħallas l-ewwel pagament tal-ammont tal-prefinanzjament. Tali rimborż għandu jikkostitwixxi dħul assenjat intern u ma għandux inaqqas l-appoġġ mill-FEŻR, l-IPA III CBC jew l-NDICI CBC għall-programm.</p>	<p>3. Jekk programmi Interreg transfuntieri esterni jkunu appoġġati mill-FEŻR u l-IPA III CBC jew l-NDICI CBC, il-prefinanzjament għal kull fond li jappoġġa tali programm Interreg għandu jsir f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) [IPA III] jew [NDICI] jew ta' xi att adottat taħtu.</p> <p>L-ammont ta' prefinanzjament jista' jitħallas f'żewġ pagamenti, fejn xieraq, skont il-ħtiġijiet baġitarji.</p> <p>L-ammont totali mħallas bħala prefinanzjament jiġi rimborsat lill-Kummissjoni jekk ma tintbagħat ebda applikazzjoni għal pagament permezz tal-programm Interreg transfuntier fi żmien 24 xahar mid-data li fiha l-Kummissjoni tħallas l-ewwel pagament tal-ammont tal-prefinanzjament. Tali rimborż għandu jikkostitwixxi dħul assenjat intern u ma għandux inaqqas l-appoġġ mill-FEŻR, l-IPA III CBC jew l-NDICI CBC għall-programm.</p>

Raġuni

Il-KtR jipproponi li jiġi rdoppjat il-perċentwal ta' prefinanzjament matul l-ewwel sena tal-perjodu ta' programmazzjoni sabiex tingħata għajjnuna lit-tnedija tal-programmi. Dan jiġi kkompensat bi tnaqqis ekwivalenti fis-snin ta' wara.

Emenda 25

Artikolu 61

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p style="text-align: center;">Artikolu 61</p> <p style="text-align: center;">Investimenti fl-innovazzjoni interreġjonali</p> <p>B'inizjattiva tal-Kummissjoni, il-FEŻR jista' jappoġġa investimenti fl-innovazzjoni interreġjonali, kif stabbilit fil-punt 5 tal-Artikolu 3, li jlaqgħu flimkien ir-riċerkaturi, in-negozji, is-soċjetà ċivili u l-amministrazzjonijiet pubbliċi involuti fi strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti, stabbiliti fil-livell nazzjonali jew reġjonali.</p>	

Raġuni

Minħabba l-importanza u l-ispeċifità tal-investimenti fl-innovazzjoni reġjonali, huwa propost li jiġi ddedikat kapitolu speċifiku.

Emenda 26

Żid artikolu ġdid wara l-Artikolu 62

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	<p>Artikolu 62a</p> <p>Eżenzjoni mill-obbligu ta' notifika previst fl-Artikolu 108 (3) tat-TFUE</p> <p>L-ghajjnuna għal proġetti ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea hija eskluża mill-iskrutinju tal-ghajjnuna mill-Istat u mhix soġġetta għall-obbligu ta' notifika previst fl-Artikolu 108(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.</p>

Raġuni

Il-kooperazzjoni territorjali ssaħħa is-suq uniku. Li jitneħħew kompletament ir-rekwiżiti ta' rappurtar li għandhom jintalbu għal ċerti tipi ta' għajjnuna mill-Istat għandu jgħin is-simplifikazzjoni.

II. RAKKOMANDEZZJONIJIET TA' POLITIKA**IL-KUMMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI**

1. jilqa' b'sodisfazzjon li ser jiġi ppreżentat ir-Regolament il-ġdid tal-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea (KTE) għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027 u jinsab kument li din il-politika fundatriċi tal-UE hija aktar viżibbli permezz ta' regolament speċifiku, minkejja li għadha tiġi ffinanzjata mill-FEŻR;
2. jilqa' wkoll li fir-Regolament dwar il-KTE, fi sforz kbir biex tiġi ssemplifikata u massimizzata s-sinerġija bejniethom, ġew inklużi r-Regolamenti li jirregolaw l-istrumenti finanzjarji esterni futuri tal-UE;
3. jappoġġja l-mekkaniżmu ġdid li għandu l-għan li jneħħi l-ostakli legali u amministrattivi f'kuntest transfruntier. Il-KTE għandu jappoġġja ⁽¹⁾ dan l-istrument il-ġdid;
4. jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li ġew rikonoxxuti l-ħtiġijiet speċifiċi tar-reġjuni ultraperiferiċi permezz tal-komponent il-ġdid 3;
5. jappoġġja bis-sħiħ il-ħolqien tal-investimenti fl-innovazzjoni interreġjonali, speċifikati fil-komponent 5;
6. jiddeplora t-tnaqqis propost mill-Kummissjoni tal-baġit għall-KTE ta' EUR 1,847 biljun (fi prezzijiet kostanti tal-2018), jiġifieri – 18 %. Dan it-tnaqqis huwa kważi d-doppju tat-tnaqqis fil-baġit minħabba l-Brexit u jnaqqas is-sehem tal-KTE fil-baġit ta' koeżjoni minn 2,75 % għal 2,5 %;
7. jiddispaċi li l-komponent 1 "Kooperazzjoni transfruntiera" (mingħajr il-kooperazzjoni marittima) tnaqqas b'EUR 3,171 biljun (-42 %), u li l-komponent 4 "Kooperazzjoni interreġjonali" tradizzjonali (Interreg Europe, URBACT, ESPON, INTERACT) tilef EUR 474 miljun (-83 %);
8. jenfasisza l-importanza tal-programm Interreg, li kien indispensabbli għal ħafna awtoritajiet reġjonali kemm għall-iskambju tal-għarfien espert u l-aħjar Prattika dwar sfidi prinċipali, iżda wkoll sabiex jinbnew rabtiet personali bejn l-awtoritajiet reġjonali u b'hekk tiġi promossa l-identità Ewropea; jinnota li dan ma ġiex rifless biżżejjed fil-proposti attwali;
9. ma jaqbilx li l-kooperazzjoni transfruntiera marittima tgħaddi mill-komponent 1 "transfruntiera" għall-komponent 2 "transnazzjonali". Dan it-trasferiment iwassal għal żieda fil-baġit tal-komponent 2 "transnazzjonali" ta' EUR 558 miljun (27 %), iżda hemm riskju konsiderevoli li l-kooperazzjoni transfruntiera marittima tonqos fil-kuntest usa' tal-kooperazzjoni transnazzjonali;

⁽¹⁾ COM (2018) 373 final, Abbozz ta' opinjoni Arends (COTER-VI/048).

10. iqis arbitrara l-proposta tal-Kummissjoni, kif tidher fl-Anness XXII tas-CPR, fil-prijoritizzazzjoni tal-allokazzjoni baġitarja għar-reġjuni mal-fruntieri li nofs il-popolazzjoni tagħhom tgħix inqas minn 25 km mill-fruntiera u jirrifjutaha għalkollox għal dik ir-raġuni;
11. japprova bis-sħiħ il-proposta tar-rapporteurs tas-CPR ⁽²⁾ li jinbidlu l-allokazzjonijiet previsti fl-Artikolu 104(7) tas-CPR sabiex jiżdied il-baġit għall-kooperazzjoni territorjali tradizzjonali (komponenti 1 u 4) sa 3 % tal-baġit tal-koeżjoni u biex tkun stabbilita riserva speċifika addizzjonali ta' 0,3 % tal-baġit tal-koeżjoni għall-investimenti fl-innovazzjoni interreġjonali. Dan l-approċċ huwa simili għal dak tal-Parlament ⁽³⁾; Il-Kumitat jemmen li ż-żieda fl-allokazzjonijiet għandha tiġi riflessa wkoll f'komponent 3;
12. iqis li din l-inizjattiva ġdida għall-investimenti fl-innovazzjoni interreġjonali, li ssegwi fuq l-azzjonijiet innovattivi tal-FEŻR u fuq l-inizjattiva "Vanguard" għandha valur miżjud kbir u jistħoqqilha, minħabba n-natura speċifika tagħha meta mqabbla mal-KTE tradizzjonali (komponenti 1 u 4), trattament privileġġjat fir-Regolament b'allokazzjoni baġitarja speċifika;
13. iqis li jeħtieġ li jissaħħu s-sinerġiji bejn l-investimenti fl-innovazzjoni interreġjonali u l-Orizzont Ewropa ⁽⁴⁾;
14. jenfasizza li filwaqt li l-investimenti fl-innovazzjoni interreġjonali għandhom jagħtu prijorità lill-eċċellenza, għandhom isaħħu wkoll il-koeżjoni territorjali billi jiffaċilitaw ukoll il-parteċipazzjoni ta' reġjuni inqas innovattivi biex tinkiseb l-innovazzjoni interreġjonali Ewropea;
15. jipproponi, wara t-talbiet li saru f'għadd ta' opinjonijiet ⁽⁵⁾ tal-KtR, li tinħoloq inizjattiva sabiex ir-reġjuni l-aktar vulnerabbli stipulati fl-Artikolu 174 tat-TFUE jkunu jistgħu jiżviluppaw b'mod kooperattiv proġetti innovattivi ta' investiment b'potenzjal kbir ta' espansjoni, trasferiment u replikar għal żoni oħra milqutin mill-istess restrizzjonijiet strutturali;
16. jitlob li jkun hemm aktar koerenza bejn id-diversi programmi ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea. Fejn meħtieġ, il-programmi ta' kooperazzjoni transnazzjonali mmirati lejn strateġija makroreġjonali jew tal-baċini tal-baħar għandhom jadottaw prijoritajiet koerenti u konverġenti mal-istrateġiji makroreġjonali jew tal-baċini tal-baħar li jkopruhom;
17. jilqa' l-miżuri ta' semplifikazzjoni tal-ġestjoni tal-fondi, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Livell Għoli u diversi opinjonijiet ⁽⁶⁾ tal-KtR;
18. jilqa' l-introduzzjoni tal-arranġamenti ta' ġestjoni adattati għall-proġetti żgħar stabbiliti fl-Artikoli 16 sa 26 u, b'mod partikolari, jilqa' l-inklużjoni ta' artikolu speċifiku (Artikolu 24) dwar fondi għal proġetti żgħar, kif ġie propost fl-opinjoni ⁽⁷⁾ tal-Kumitat dwar dan is-suġġett. Dawn il-proġetti żgħar jew "bejn il-persuni" (people-to-people) huma essenzjali għall-integrazzjoni Ewropea u għat-tneħħija tal-ostakli viżibbli u inviżibbli fil-fruntieri u jsaħħu l-valur miżjud Ewropew ta' dan l-approċċ. Barra minn hekk, japprova l-fatt li benefiċjarju ta' proġett żgħir għandu jkun entità legali transfruntiera, REKT, Ewroreġjun, korpi legali f'reġjuni ultraperiferiċi jew xi assoċjazzjoni oħra ta' diversi awtoritajiet lokali u reġjonali;
19. jopponi t-tnaqqis tar-rati ta' kofinanzjament tal-UE minn 85 % għal 70 %: dan se jagħmilha iktar diffiċli għall-partijiet interessati lokali u reġjonali b'kapaċità finanzjarja limitata sabiex jipparteċipaw;
20. jipproponi li jiġi rdoppjat l-perċentwal ta' prefinanzjament fl-ewwel sena sabiex tingħata għajnuna lit-tnejja tal-programmi;
21. jipproponi li jiżdied il-perċentwal iddedikat għall-assistenza teknika sa mhux aktar mir-rata ta' 8 %;
22. jipproponi li tiġi emendata r-rata ta' konċentrazzjoni tematika, fl-Artikolu 15, sa rata massima ta' 60 % tal-allokazzjonijiet tal-FEŻR fil-livell nazzjonali u reġjonali;

⁽²⁾ Abbozz ta' opinjoni Schneider/Marini (COTER-VI/045).

⁽³⁾ Abbozz ta' rapport Arimont, 2018/0199 (COD).

⁽⁴⁾ COM(2018)435 final.

⁽⁵⁾ Din il-proposta tinkorpora r-rakkomandazzjonijiet tal-Opinjoni imfassla mis-Sinjura Maupertuis (COTER-VI/22), is-Sur Herrera Campo (SEDEC-VI/8), is-Sur Osvald (COTER-V/21) u s-Sur Karácsony (COTER-VI/36), fost oħrajn.

⁽⁶⁾ Opinjoni tas-Sur Osvald (COTER-VI/012) u tas-Sur Vlasák (COTER-VI/035).

⁽⁷⁾ Opinjoni mis-Sur Pavel Branda dwar "Proġetti bejn il-persuni u proġetti fuq skala żgħira fil-programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera" (COTER-VI/023).

23. jemmen li riżerva uniformi ta' 15 % għall-governanza tajba mhux bilfors tkun ġusta. Mhux kull reġjun għandu l-istess ħtiġijiet ta' riforma strutturali. Il-KTE għandha tkun tista' tirċievi trasferimenti mill-programmi ġodda ta' appoġġ għal riformi ⁽⁸⁾;
24. jilqa' b'sodisfazzjon li l-awtoritajiet lokali u reġjonali tar-Renju Unit ġew inklużi fil-komponenti 1 u 2 bħan-Norveġja jew l-Iżlanda, kif mitlub mill-KtR ⁽⁹⁾. Il-KtR jappoġġja l-appoġġ kontinwu tal-UE għall-proċess ta' paċi fl-Irlanda ta' Fuq permezz tal-programm PEACE PLUS;
25. jipproponi li tkun possibbli wkoll il-parteċipazzjoni ta' stati terzi fil-komponent 4 "interreġjonali" u fl-investimenti fl-innovazzjoni interreġjonali permezz tad-dħul assenjat estern trasferit għall-baġit tal-UE;
26. jinnota li l-promozzjoni tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) kienet waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE għal ħafna snin. Il-proġetti għall-SMEs huma diġà fl-obbligu ta' notifika fil-kuntest tal-għajnuna mill-Istat taħt ir-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa. Dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-għajnuna reġjonali għall-investimenti minn intrapriżi ta' kull daqs huma wkoll inklużi fil-linji gwida 2014-2020 dwar l-għajnuna reġjonali u fit-taqsima dwar l-għajnuna reġjonali tar-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa. Minħabba li l-għajnuna għall-KTE għandha tkun ikkunsidrata kompatibbli mas-suq uniku, din għandha tiġi eskluża mir-reqwizit ta' notifika taħt l-Artikolu 108(3)TFUE;
27. jipproponi li, bil-għan li jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-awtoritajiet tal-programm u l-benefiċjarji, ir-reqwiziti ta' rappurtar tal-għajnuna mill-Istat għandhom jiġu ssemplifikati aktar. Il-Kumitat tar-Reġjuni jieħu nota tal-proposta tal-Kummissjoni sabiex jiġi emendat ir-Regolament (UE) 2015/1588 li jippermetti dan. Għandu jittieħdu passi biex jaraw jekk il-miżuri fil-qasam tal-kooperazzjoni interreġjonali jistgħu għall-inqas, b'mod ġenerali, jiġu eżentati mil-leġislazzjoni Ewropea dwar l-għajnuna mill-Istat.

Brussell, il-5 ta' Diċembru 2018.

Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni

Karl-Heinz LAMBERTZ

⁽⁸⁾ Proposta għal Regolament (UE) 2018/XXX dwar l-istabbiliment ta' Programm ta' Appoġġ għal Riformi, COM(2018) 391 final.
⁽⁹⁾ Riżoluzzjoni dwar l-implicazzjonijiet tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea għall-awtoritajiet lokali u reġjonali tal-UE, il-129 sessjoni plenarja, 17 ta' Mejju 2018, RESOL-VI/031, punt 23.

Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Il-mekkaniżmu transfruntier

(2019/C 86/10)

Relatur:	Is-Sur Bouke ARENDS (NL/PSE), Membru tal-Kunsill Muniċipali ta' Emmen
Dokument ta' referenza:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar mekkaniżmu sabiex jiġu solvuti ostakli legali u amministrattivi f'kuntest transfruntier
	COM(2018) 373 final

I. RAKKOMANDAZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU EMENDI

Emenda 1

Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>L-ostakli legali jinħassu l-aktar minn persuni li jintera- gixxu fuq il-fruntiera tal-art, minħabba li n-nies jaqsmu l-fruntieri kuljum jew kull ġingħa. Sabiex l-effett ta' dan ir-Regolament jiġi kkonċentrat fir-reġjuni l-aktar qrib il- fruntiera u bl-ogħla livell ta' integrazzjoni u interazzjoni bejn Stati Membri ġirien, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għal reġjuni transfruntiera fi ħdan it-tifsira tat- territorju kopert minn reġjuni territorjali ġirien fuq l-art f'żewġ Stati Membri jew aktar f'reġjuni tal-livell 3 NUTS[1]. Jenħtieġ li dan ma jżommx lill-Istati Membri milli japplikaw il-Mekkaniżmu wkoll għal fruntieri marittimi u esterni għajr dawk ta' mal-pajjiżi tal-EFTA.</p> <p>[1] Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatisti- ka (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1).</p>	<p>Sabiex l-effett ta' dan ir-Regolament jiġi kkonċentrat fir- reġjuni l-aktar qrib il-fruntiera u bl-ogħla livell ta' integraz- zjoni u interazzjoni bejn Stati Membri ġirien, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għal reġjuni tal-fruntiera ġirien fuq l- art u marittimi f'żewġ Stati Membri jew aktar f'reġjuni tal- livell 2 NUTS u l-livell 3 NUTS[1]. Jenħtieġ li dan ma jżommx lill-Istati Membri milli japplikaw il-Mekkaniżmu wkoll għal fruntieri marittimi u esterni għajr dawk ta' mal- pajjiżi tal-EFTA.</p> <p>[1] Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatisti- ka (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1).</p>

Raġuni

Hemm il-ħtieġa li tkun definita l-applikazzjoni tar-Regolament anki għall-fruntieri marittimi. Jiżiedu wkoll ir-reġjuni 2 NUTS sabiex jingħata lok għall-valutazzjoni tal-aktar livell adegwat tar-reġjuni NUTS biex jinstab il-mekkaniżmu ħalli jiġu eliminati l-ostakli legali jew amministrattivi fil-qasam transfruntier.

Emenda 2

Artikolu 3 Definizzjonijiet

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:	Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
1. "reġjun transfruntier" tfisser it-territorju kopert minn reġjuni tal-fruntiera ġirien f'żewġ Stati Membri jew aktar reġjuni tal-livell 3 NUTS;	1. "reġjun transfruntier" tfisser it-territorju kopert minn reġjuni tal-fruntiera ġirien jew reġjuni transfruntieri fuq fruntieri marittimi f'żewġ Stati Membri jew aktar jew bejn Stat Membru wieħed jew aktar jew f'pajjiż terz wieħed jew aktar , reġjuni tal-livell 3 NUTS u l-livell 2 NUTS ;
2. "proġett konġunt" tfisser kwalunkwe oġġett ta' infrastruttura b'impatt freġjun transfruntier partikolari jew kwalunkwe servizz ta' interess ekonomiku ġenerali pprovdut freġjun transfruntier partikolari;	2. "proġett konġunt" tfisser kwalunkwe oġġett ta' infrastruttura b'impatt freġjun transfruntier partikolari jew kwalunkwe servizz ta' interess ekonomiku ġenerali pprovdut freġjun transfruntier partikolari, irrispettivament jekk dan l-impatt jinħassx fuq naħa waħda jew fuq iż-żewġ naħat tal-fruntiera ;
3. "dispożizzjoni legali" tfisser kwalunkwe dispożizzjoni, regola jew Prattika amministrattiva legali jew amministrattiva applikabbli għal proġett konġunt, irrispettivament minn jekk ikunux adottati jew implimentati minn korp leġiżlattiv jew eżekuttiv;	3. "dispożizzjoni legali" tfisser kwalunkwe dispożizzjoni, regola jew Prattika amministrattiva legali jew amministrattiva applikabbli għal proġett konġunt, irrispettivament minn jekk ikunux adottati jew implimentati minn korp leġiżlattiv jew eżekuttiv;
4. "ostaklu legali" tfisser kwalunkwe dispożizzjoni legali fir-rigward tal-ippjanar, l-iżvilupp, il-persunal, il-finanzjament jew il-funzjonament ta' proġett konġunt li jostakola l-potenzjal inerenti ta' reġjun tal-fruntiera meta jkun hemm interazzjoni minn naħa għal oħra tal-fruntiera;	4. "ostaklu legali" tfisser kwalunkwe dispożizzjoni legali fir-rigward tal-ippjanar, l-iżvilupp, il-persunal, il-finanzjament jew il-funzjonament ta' proġett konġunt li jostakola l-potenzjal inerenti ta' reġjun tal-fruntiera meta jkun hemm interazzjoni minn naħa għal oħra tal-fruntiera;
5. "inizjatur" tfisser l-attur li jidentifika l-ostaklu legali u jiskatta l-Mekkaniżmu billi jippreżenta dokument ta' inizjattiva;	5. "inizjatur" tfisser l-attur li jidentifika l-ostaklu legali u jiskatta l-Mekkaniżmu billi jippreżenta dokument ta' inizjattiva;
6. "dokument ta' inizjattiva" tfisser id-dokument ippreparat minn inizjatur wieħed jew aktar sabiex jinbeda l-Mekkaniżmu;	6. "dokument ta' inizjattiva" tfisser id-dokument ippreparat minn inizjatur wieħed jew aktar sabiex jinbeda l-Mekkaniżmu;
7. "Stat Membru li jagħmel impenn" tfisser l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jkunu se jiġu applikati dispożizzjonijiet legali waħda jew aktar minn Stat Membru li jittrasferixxi taħt xi Impenn Ewropew Transfruntier ("Impenn") jew Dikjarazzjoni Ewropea Transfruntiera ("Dikjarazzjoni") jew fejn, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni legali xierqa fil-qafas legal, tkun se tiġi stabbilita soluzzjoni legali ad hoc;	7. "Stat Membru li jagħmel impenn" tfisser l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jkunu se jiġu applikati dispożizzjonijiet legali waħda jew aktar minn Stat Membru li jittrasferixxi taħt xi Impenn Ewropew Transfruntier ("Impenn") jew Dikjarazzjoni Ewropea Transfruntiera ("Dikjarazzjoni") jew fejn, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni legali xierqa fil-qafas legal, tkun se tiġi stabbilita soluzzjoni legali ad hoc;
8. "Stat Membru li jittrasferixxi" tfisser l-Istat Membru li d-dispożizzjonijiet legali tiegħu jkunu se japplikaw fl-Istat Membru li jagħmel impenn taħt xi Impenn jew Dikjarazzjoni;	8. "Stat Membru li jittrasferixxi" tfisser l-Istat Membru li d-dispożizzjonijiet legali tiegħu jkunu se japplikaw fl-Istat Membru li jagħmel impenn taħt xi Impenn jew Dikjarazzjoni;
9. "awtorità kompetenti li tagħmel impenn" tfisser l-awtorità fl-Istat Membru li jagħmel impenn li tkun kompetenti sabiex taċċetta l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet legali tal-Istat Membru li jittrasferixxi fit-territorju tiegħu taħt xi Impenn partikolari jew, fil-każ ta' Dikjarazzjoni, sabiex timpenja ruħha li tibda l-proċedura meħtieġa għal deroga mid-dispożizzjonijiet legali domestiċi tagħha;	9. "awtorità kompetenti li tagħmel impenn" tfisser l-awtorità fl-Istat Membru li jagħmel impenn li tkun kompetenti sabiex taċċetta l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet legali tal-Istat Membru li jittrasferixxi fit-territorju tiegħu taħt xi Impenn partikolari jew, fil-każ ta' Dikjarazzjoni, sabiex timpenja ruħha li tibda l-proċedura meħtieġa għal deroga mid-dispożizzjonijiet legali domestiċi tagħha;

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
10. "awtorità kompetenti li tittrasferixxi" tfisser l-awtorità fl-Istat Membru li jittrasferixxi, kompetenti għall-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet legali li jkunu se jiġu applikati fl-Istati Membru li jagħmel impenn u għall-applikazzjoni tagħhom fit-territorju tagħha stess, jew għat-tnejn li huma;	10. "awtorità kompetenti li tittrasferixxi" tfisser l-awtorità fl-Istat Membru li jittrasferixxi, kompetenti għall-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet legali li jkunu se jiġu applikati fl-Istati Membru li jagħmel impenn u għall-applikazzjoni tagħhom fit-territorju tagħha stess, jew għat-tnejn li huma;
11. "żona ta' applikazzjoni" tfisser iż-żona fl-Istat Membru li jagħmel impenn fejn għandha tapplika d-dispożizzjoni legali tal-Istat Membru li jittrasferixxi jew soluzzjoni legali ad hoc.	11. "żona ta' applikazzjoni" tfisser iż-żona fl-Istat Membru li jagħmel impenn fejn għandha tapplika d-dispożizzjoni legali tal-Istat Membru li jittrasferixxi jew soluzzjoni legali ad hoc.

Raġuni

Qegħdin jiżdiedu l-fruntieri marittimi skont l-Artikolu 4 tar-Regolament sabiex jiġi ċċarat l-ambitu ġeografiku.

"Proġett konġunt" jissuġġerixxi proġett li effettivament iseħħ fit-territorju tar-reġjuni NUTS 3 kkonċernati, iżda proġett konġunt jista' jiġi żviluppat ukoll fuq it-territorju ta' reġjun wieħed jew ta' municipalitá waħda biss.

Emenda 3

Artikolu 4 – L-opzjonijiet tal-Istati Membri biex isolvu ostakli legali

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
1. Kull Stat Membru għandu jew jagħżel il-Mekkaniżmu jew inkella jagħżel modi eżistenti sabiex isolvi ostakli legali li jfixklu l-implimentazzjoni ta' xi proġett konġunt f'reġjuni transfruntiera fuq frontiera partikolari ma' Stat Membru ġar wieħed, jew aktar.	1. L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru għandha jew tagħżel il-Mekkaniżmu jew inkella tagħżel modi eżistenti sabiex isolvu ostakli legali li jfixklu l-implimentazzjoni ta' xi proġett konġunt f'reġjuni transfruntiera ma' Stat Membru ġar wieħed, jew aktar.
2. Stat Membru jista' jiddeċiedi wkoll, fir-rigward ta' frontiera speċifika ma' Stat Membru ġar wieħed jew aktar, li jingħaqad ma' mod effettiv eżistenti stabbilit b'mod formali jew b'mod informali minn Stat Membru ġar wieħed, jew aktar.	2. L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tista' tiddeċiedi wkoll, fir-rigward ta' proġett konġunt fir-reġjuni tal-fruntiera ma' Stat Membru ġar wieħed jew aktar, li jingħaqad ma' mod effettiv eżistenti stabbilit b'mod formali jew b'mod informali minn Stat Membru ġar wieħed, jew aktar.
3. L-Istati Membri jistgħu wkoll jużaw il-Mekkaniżmu f'reġjuni transfruntiera fuq fruntieri marittimi jew fir-reġjuni transfruntiera bejn Stat Membru wieħed jew aktar u pajjiż terz wieħed jew aktar jew pajjiż u territorju barrani wieħed jew aktar .	3. L-awtoritajiet kompetenti tal- Istati Membri jistgħu wkoll jużaw il-Mekkaniżmu f'reġjuni transfruntiera fuq fruntieri marittimi interni jew esterni. L-Istati Membri jistgħu wkoll jużaw il-Mekkaniżmu fir-reġjuni transfruntiera bejn Stat Membru wieħed jew aktar għal proġett konġunt ma' pajjiż terz jew territorju barrani wieħed jew aktar.
4. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bi kwalunkwe deċizzjoni meħuda skont dan l-Artikolu.	4. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bi kwalunkwe deċizzjoni meħuda skont dan l-Artikolu.

Raġuni

L-Artikolu 4 jidher li huwa miktub b'mod ambigwu f'diversi verżjonijiet lingwistiċi. It-test legali jista' jiġi interpretat, f'ċerti verżjonijiet lingwistiċi, bħala li jfisser li Stat Membru jeħtieġ Stat Membru ieħor sabiex jimplementa l-Mekkaniżmu frontier ma' pajjiż terz. Għalkemm il-verżjoni Ingliża hija l-bażi, ikun aħjar li jkun hemm test li jiddeskrivi b'mod ċar fil-lingwi kollha li Stat Membru tal-UE jista' jimplementa l-Mekkaniżmu frontier direttament ma' pajjiż terz ġar għall-finijiet ta' proġett konġunt, mingħajr l-involvement tat-tieni Stat Membru tal-UE.

Għandu jiġi kkunsidrat li r-reġjuni b'setgħat leġislattivi jistgħu jistabbilixxu u japplikaw il-Mekkaniżmu, mingħajr ma jiddependu fuq ir-rieda tal-Istat Membru, meta jkun hemm ostakli legali li jaffettwaw kwistjonijiet ta' kompetenza leġislattiva fil-livell reġjonali.

Fil-kuntest tal-użu tal-Mekkaniżmu għandha ssir referenza espliċita għall-fruntieri marittimi esterni u interni.

Emenda 4

Artikolu 5 – Punti ta' Koordinazzjoni Transfruntiera

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>1. Jekk Stat Membru jagħżel il-Mekkaniżmu, huwa għandu jistabbilixxi Punti ta' Koordinazzjoni Transfruntiera, wieħed jew aktar, b'wieħed mill-modi li ġejjin:</p> <p>(a) jinnomina, fil-livell nazzjonali jew reġjonali jew fiż-żewġ livelli, Punt ta' Koordinazzjoni Transfruntiera bħala korp separat;</p> <p>(b) jistabbilixxi Punt ta' Koordinazzjoni Transfruntiera fi ħdan awtorità jew korp eżistenti, fil-livell nazzjonali jew reġjonali;</p> <p>(c) jafda awtorità jew korp xierqa bil-kompiti addizzjonali bħala Punt ta' Koordinazzjoni Transfruntiera nazzjonali jew reġjonali.</p> <p>2. L-Istati Membri li jikkommettu u l-Istati Membri li jittrasferixxu għandhom jiddeterminaw ukoll:</p> <p>(a) jekk ikunx il-Punt ta' Koordinazzjoni Transfruntiera jew xi awtorità kompetenti li tagħmel impenn/tittrasferixxi li jistgħu jikkonkludu u jiffirmaw Impenn, u jiddeċiedu d-dritt nazzjonali applikabbli li minnu tkun se ssir deroga mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dak l-Impenn; jew</p> <p>(b) jekk ikunx il-Punt ta' Koordinazzjoni Transfruntiera jew xi awtorità kompetenti li tagħmel impenn/tittrasferixxi li jistgħu jiffirmaw Dikjarazzjojn u jiddikjaraw formalment fiha li l-awtorità kompetenti li tagħmel impenn tkun se tagħmel dak li hu meħtieġ sabiex atti leġislattivi jew atti oħra jittieħdu mill-korpi leġislattivi kompetenti f'dak l-Istat Membru sa skadenza partikolari.</p> <p>3. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-punti ta' Koordinazzjoni Transfruntiera maħtura sad-data tal-bidu tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.</p>	<p>1. Jekk L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tagħżel il-Mekkaniżmu, hija għandha tistabbilixxi Punti ta' Koordinazzjoni Transfruntiera, wieħed jew aktar, b'wieħed mill-modi li ġejjin:</p> <p>(a) jinnomina, fil-livell nazzjonali jew reġjonali jew fiż-żewġ livelli, Punt ta' Koordinazzjoni Transfruntiera bħala korp separat;</p> <p>(b) jistabbilixxi Punt ta' Koordinazzjoni Transfruntiera fi ħdan awtorità jew korp eżistenti, fil-livell nazzjonali jew reġjonali;</p> <p>(c) jafda awtorità jew korp xierqa bil-kompiti addizzjonali bħala Punt ta' Koordinazzjoni Transfruntiera nazzjonali jew reġjonali.</p> <p>2. L-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri li jikkommettu u l-Istati Membri li jittrasferixxu għandhom jiddeterminaw ukoll:</p> <p>(a) jekk ikunx il-Punt ta' Koordinazzjoni Transfruntiera jew xi awtorità kompetenti li tagħmel impenn/tittrasferixxi li jistgħu jikkonkludu u jiffirmaw Impenn, u jiddeċiedu d-dritt nazzjonali applikabbli li minnu tkun se ssir deroga mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dak l-Impenn; jew</p> <p>(b) jekk ikunx il-Punt ta' Koordinazzjoni Transfruntiera jew xi awtorità kompetenti li tagħmel impenn/tittrasferixxi li jistgħu jiffirmaw Dikjarazzjojn u jiddikjaraw formalment fiha li l-awtorità kompetenti li tagħmel impenn tkun se tagħmel dak li hu meħtieġ sabiex atti leġislattivi jew atti oħra jittieħdu mill-korpi leġislattivi kompetenti f'dak l-Istat Membru sa skadenza partikolari.</p> <p>3. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-punti ta' Koordinazzjoni Transfruntiera maħtura sad-data tal-bidu tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.</p>

Raġuni

Għandu jiġi kkunsidrat li r-reġjuni b'setgħat leġislattivi jistgħu jistabbilixxu u japplikaw il-Mekkaniżmu: konsegwentement, ir-reġjuni nfušhom għandhom iwaqqfu l-Punti ta' Koordinazzjoni Transfruntiera tagħhom.

Emenda 5

Artikolu 7 – Ir-rwol ta' koordinazzjoni tal-Kummissjoni

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>1. Il-Kummissjoni għandha twettaq il-kompiti ta' koordinazzjoni li ġejjin:</p> <p>(a) tikkoordina mal-Punti ta' Koordinazzjoni Transfruntiera;</p> <p>(b) tippubblika u żżomm lista aġġornata tal-Punti ta' Koordinazzjoni Transfruntiera nazzjonali u reġjonali kollha;</p> <p>(c) tistabbilixxi u żżomm database tal-Impenji u d-Dikjarazzjonijiet kollha.</p> <p>2. Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-funzjonament tad-database li ssir referenza għaliha fil-punt (c) tal-paragrafu 1 u l-formoli li għandhom jintużaw meta tiġi ppreżentata informazzjoni dwar l-implimentazzjoni u dwar l-użu tal-Mekkaniżmu minn xi Punti ta' Koordinazzjoni Transfruntiera. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' konsulenza msemmija fl-Artikolu 23(2).</p>	<p>1. Il-Kummissjoni għandha twettaq il-kompiti ta' koordinazzjoni li ġejjin:</p> <p>(a) tikkoordina mal-Punti ta' Koordinazzjoni Transfruntiera;</p> <p>(b) tippubblika u żżomm lista aġġornata tal-Punti ta' Koordinazzjoni Transfruntiera nazzjonali u reġjonali kollha;</p> <p>(c) tistabbilixxi u żżomm database tal-Impenji u d-Dikjarazzjonijiet kollha.</p> <p>(d) tistabbilixxi strateġija ta' komunikazzjoni: i) biex tappoġġja l-iskambju tal-aħjar prattiki, ii) tipprovi dettalji prattiċi dwar l-ambitu tematiku tar-Regolament, u iii) tiċċara l-proċedura biex jitwettqu Impenn jew Dikjarazzjoni.</p> <p>2. Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-funzjonament tad-database li ssir referenza għaliha fil-punt (c) tal-paragrafu 1 u l-formoli li għandhom jintużaw meta tiġi ppreżentata informazzjoni dwar l-implimentazzjoni u dwar l-użu tal-Mekkaniżmu minn xi Punti ta' Koordinazzjoni Transfruntiera. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' konsulenza msemmija fl-Artikolu 23(2).</p>

Raġuni

L-implimentazzjoni tar-Regolament għandha tkun akkumpanjata minn kampanja ta' informazzjoni ċara u prattika biex tiġi faċilitata l-applikazzjoni għall-partijiet interessati.

Emenda 6

Artikolu 25 – Rappurtar

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p><i>Artikolu 25</i></p> <p>Rappurtar</p> <p>Sa jx xx ssss [jiġifieri l-ewwel (1) jum tax-xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament + ħames snin; għandha timtela mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjoni], il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat tar-Reġjuni li jivvaluta l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fuq il-bażi ta' indikaturi dwar l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-valur miżjud Ewropew u l-kamp ta' applikazzjoni għas-simplifikazzjoni tiegħu.</p>	<p><i>Artikolu 25</i></p> <p>Evalwazzjoni</p> <p>1. Sa jx xx ssss [jiġifieri l-ewwel (1) jum tax-xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament + ħames snin; għandha timtela mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjoni], il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat tar-Reġjuni li jivvaluta l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fuq il-bażi ta' indikaturi dwar l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-valur miżjud Ewropew u l-kamp ta' applikazzjoni għas-simplifikazzjoni tiegħu. Ir-rapport għandu jindirizza speċifikament l-ambitu ġeografiku u tematiku tar-Regolament.</p> <p>2. Ir-rapport għandu jifassal wara konsultazzjoni pubblika tad-diversi partijiet interessati, inklużi l-awtoritajiet lokali u reġjonali.</p>

Raġuni

Il-Kummissjoni għażlet NUTS 3 bħala ż-żona ġeografika biex jiġi applikat ir-Regolament. L-effettività tar-Regolament tista' tiżdied billi jitwessa' l-ambitu ġeografiku tiegħu. Ir-rapport għandu johlq aktar ċarezza hawnhekk.

Fir-rigward tal-applikazzjoni tematika, fil-proposta tagħha l-Kummissjoni għażlet l-infrastruttura u s-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali. Ir-rapport għandu jivvaluta jekk ir-Regolament għandux ikopri aktar oqsma ta' politika.

II. RAKKOMANDEZZJONIJIET TA' POLITIKA**IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI****Kummenti ġenerali**

1. japprezza l-isforzi attwali tal-Kummissjoni Ewropea biex isir progress lejn użu aħjar tal-potenzjal tar-reġjuni tal-fruntiera, u biex tgħin tippermetti t-tkabbir u l-iżvilupp sostenibbli;
2. jinnota li bħalissa ma hemm l-ebda dispożizzjoni legali Ewropea uniformi biex jiġu solvuti l-ostakli legali u amministrattivi tul il-fruntieri, ħlief f'tit mekkaniżmi reġjonali bħalma huma l-Benelux u l-Kunsill Nordiku; għalhekk japprova l-proposta għal Regolament, peress li tistabbilixxi strument legali komplementari ċar għall-fruntieri interni u esterni kollha, b'tali mod li l-ostakli jistgħu jiġu indirizzati madwar l-UE billi tintuża l-istess proċedura;
3. jirringrazzja lill-Kummissjoni talli qieset ir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti f'opinjonijiet preċedenti tal-KtR dwar l-ostakli transfruntiera, b'mod partikulari l-Opinjoni dwar il-Komunikazzjoni dwar Spinta lit-tkabbir u l-koeżjoni fir-reġjuni tal-fruntieri tal-UE;
4. jirrimarka li l-UE għandha 40 reġjun mal-fruntieri interni fuq l-art, li jammontaw għal 40 % tat-territorju tal-Unjoni u 30 % tal-popolazzjoni tagħha, u jenfasizza li l-ostakli legali u amministrattivi jridu jitneħħew u, li jridu jittejjbu l-konnessjonijiet tat-toroq kemm bit-triq kif ukoll bil-ferrovija, b'tali mod li jistgħu jissaħħu l-kooperazzjoni fir-reġjuni tal-fruntiera tal-UE u l-integrazzjoni Ewropea u jiġi promoss it-tkabbir reġjonali;
5. jenfasizza li t-tibdil li qed iseħħ bħalissa f'oqsma ta' politika nazzjonali importanti qed ixekklu milli l-libertajiet tas-suq uniku jintużaw bis-sħiħ; li kieku 20 % biss tal-ostakli eżistenti kellhom jitneħħew, dan iwassal għal żieda ta' 2 % fil-PDG u jinholq iktar minn miljun impjeg;
6. iqis li huwa essenzjali li jiġu inklużi l-fruntieri marittimi fir-regolament sabiex ikun ċar li l-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku mhuwiex limitat biss għall-fruntieri fuq l-art;
7. jenfasizza li dan ir-Regolament għandu japplika wkoll għar-reġjuni 2 NUTS sabiex jippermetti l-valutazzjoni, taħt kundizzjonijiet differenti, tal-aktar livell adegwat tar-reġjuni NUTS ħalli jiġi identifikat il-mekkaniżmu għat-tneħħija tal-ostakli legali u amministrattivi f'qasam transfruntier;
8. jinnota li huma ħafna r-reġjuni bi fruntieri esterni fuq l-art jew fuq il-baħar fejn il-mekkaniżmu transfruntier jista' jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati l-isfidi li jiffaċċjaw dawn ir-reġjuni;
9. iqis l-istrument bħala importanti ħafna għall-promozzjoni tal-kooperazzjoni tal-prossimità fir-reġjuni tal-fruntiera, l-iżviluppi soċjali u kulturali ta' dawn ir-reġjuni tal-fruntieri, għaċ-ċittadinanza Ewropea u għall-appoġġ pubbliku għall-UE. Huma dawn ir-reġjuni li juru l-aħjar il-viżjoni Ewropea u l-valuri komuni tal-Ewropa. Il-Mekkaniżmu transfruntier jista' jsaħħaħ dan;

Inizjattiva minn isfel għal fuq u n-natura volontarja

10. jilqa' l-fatt li l-mekkaniżmu joffri mezz għar-reġjuni mal-fruntieri biex jieħdu l-inizjattiva, iniedu djalogu u proċedura biex jiġu indirizzati l-ostakli legali u amministrattivi identifikati b'rabta ma' kwistjonijiet bħall-kostruzzjoni ta' infrastruttura transfruntiera, l-applikazzjoni ta' oqfsa legali għall-forniment ta' servizzi u l-operazzjoni tas-servizzi ta' emerġenza;

11. bi pjaċir jinnota li l-proposta, bħala strument legali minn isfel għal fuq, tista' effettivament tappoġġja proġetti ta' kooperazzjoni transfruntiera billi tippermetti lill-awtoritajiet deċentralizzati japplikaw il-liġijiet ta' Stat Membru fuq it-territorju ta' Stat Membru ġar ieħor, f'żona predefinita u għal proġett speċifiku;
12. jaqbel mal-Kummissjoni li diġà jeżistu diversi mekkaniżmi effettivi, bħalma huma l-Kunsill Nordiku u l-Benelux, u jqis il-mekkaniżmu transfruntier bħala komplement adattat għall-mekkaniżmi eżistenti u għal soluzzjonijiet adottati minn u bejn l-Istati Membri. Il-Kumitat jappella għal aktar dettalji dwar il-modi li bih il-mekkaniżmu transfruntier jista' prattikkament jiġi applikat flimkien ma' mekkaniżmi eżistenti;
13. jirrikonoxxi l-valur miżjud tal-applikazzjoni volontarja tal-istrument għal proġett speċifiku, li jagħmilha possibbli li jintgħażel l-aktar strument adattat: jew il-mekkaniżmu tal-UE jew strument bilaterali eżistenti ieħor sabiex jitneħħew l-ostakli legali li jimpedixxu l-implimentazzjoni ta' proġett konġunt f'sitwazzjonijiet transfruntiera;
14. jitlob lill-Kummissjoni li tippermetti li r-reġjuni b'setgħat legiſlattivi jistgħu jagħżlu li jstabbilixxu u japplikaw il-Mekkaniżmu biex jirċievu t-trasferimenti ta' dispożizzjonijiet legali mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor meta jkun hemm ostakli legali li jaffettwaw kwistjonijiet ta' kompetenza legiſlattiva fil-livell reġjonali. Jitlob ukoll li fil-każijiet kollha r-reġjuni nfushom jstabbilixxu l-Punti ta' Koordinazzjoni Transfruntiera reġjonali tagħhom.
15. fl-istess ħin iħeġġeġ l-użu ta' regoli armonizzati, li jistgħu jintużaw meta jiġu stabbiliti mekkaniżmi ġodda ta' finanzjament tal-UE biex tiġi appoġġjata l-kooperazzjoni bejn ir-reġjuni transfruntiera;

Ambitu

16. jirrikonoxxi l-ħtieġa għal restrizzjonijiet fuq iż-żoni li fuqhom ser japplika r-Regolament tal-Kummissjoni, iżda huwa mħasseb dwar il-limitazzjoni tal-applikazzjoni tar-Regolament għar-reġjuni tal-livell NUTS 3, u għalhekk jitlob li ssir evalwazzjoni ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-ambitu ġeografiku u tematiku tiegħu;
17. jitlob lill-Kummissjoni għal kjarifika tal-proġetti konġunti li se jkunu eliġibbli u għal definizzjoni ta' proġetti ta' infrastruttura u servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali; jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni f'dan il-kuntest għan-nuqqas ta' ċarezza li kultant teżisti fil-livell lokali u reġjonali rigward il-kontenut tas-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali; joffri li jesplora, flimkien mal-Kummissjoni u l-Istati Membri, l-applikazzjoni tematika tar-Regolament, fuq il-bażi ta' każijiet individwali u eżempji;
18. wara li analizza t-test, jinnota li mhuwiex tradott dejjem b'mod konsistenti, li jwassal għal nuqqas ta' ċarezza rigward l-applikazzjoni ta' ċerti Artikoli, b'mod partikolari l-Artikolu 4(3), li jikkonċerna l-applikazzjoni f'pajjiżi terzi. Il-Kumitat iqis bħala impediment ir-restrizzjoni fuq il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi implikata mir-referenza apparenti għal żewġ Stati Membri tal-UE. Iqis ukoll li hija rakkomandabbli formulazzjoni aktar ċara tal-Artikoli tal-proposta għal Regolament li jirreferu għall-preparazzjoni u l-preżentazzjoni tad-dokument ta' inizjattiva u kwistjonijiet relatati rregolati fl-Artikoli 8 sa 12;

Implimentazzjoni u operazzjoni

19. iqis il-proċedura proposta bħala komprensiva. In-natura innovattiva tal-mekkaniżmu tfisser li ser ikun hemm bżonn ta' ċarezza dwar il-passi li għandhom jittieħdu fit-thejjja għal Impenn jew Dikjarazzjoni, u hemm ir-riskju li jiġi impost piż amministrattiv fuq ir-reġjuni u l-Istati Membri. Il-KtR jappoġġja bis-sħiħ ir-rapport previst fl-Artikolu 25, li ser jinkludi wkoll semplifikazzjoni tal-applikazzjoni tar-Regolament. Barra minn hekk, jappella għal aktar attenzjoni lil din il-kwistjoni, sabiex l-awtoritajiet nazzjonali jibdew il-ħidma fuq is-semplifikazzjoni tar-regoli nazzjonali tagħhom;
20. jenfasizza l-ħtieġa li r-Regolament jiġi implimentat b'mod rapidu u ċar u jistieden lill-Kummissjoni f'dan il-kuntest sabiex tqis it-tagħlimiet meħuda u l-esperjenza miksuba matul il-fażi tal-implimentazzjoni tar-Regolament dwar ir-REKT, u biex tħeġġeġ lill-Istati Membri jimplementaw il-Mekkaniżmu malajr kemm jista' jkun għall-proġetti transfruntieri; iqis li f'dan il-kuntest ir-rwol tal-Punti ta' Koordinazzjoni Transfruntiera jeħtieġ li jiġi spjegat aktar. Jixtieq ukoll li l-KtR, kif diġà huwa l-każ għar-REKT, jirreġistra l-ftehimiet u d-dikjarazzjonijiet transfruntiera Ewropej bil-għan li jissaħħaħ il-feedback dwar l-esperjenza u dwar il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki;

21. iquis li għandu jiġi mfakkar ukoll li strutturi oħra ta' kooperazzjoni territorjali, bħall-Komunitajiet tax-Xogħol, jistgħu jkunu utli u komplementari għall-Mekkaniżmu;
22. jistieden lill-membri tiegħu biex jaqsmu eżempji, fost affarijiet oħra dwar il-konnessjonijiet tat-trasport transfruntier u l-iskjerament konġunt tas-servizzi ta' emerġenza, l-iżvilupp ta' ċentri tan-negozju eċċ.
23. jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri biex jakkumpanjaw l-implimentazzjoni tar-Regolament bi strateġija ta' komunikazzjoni ċara, b'enfasi partikolari fuq l-iskambju ta' eżempji tal-aħjar prattiki u fuq l-ambitu tematiku ta' dan ir-Regolament;
24. jenfasizza l-komplementarjetà tal-mekkaniżmu transfruntier u tal-istrument REKT u l-fatt li r-REKT, bħala entità sopranazzjonali u sottonazzjonali, ikun għodda prattika għat-tnedija u l-implimentazzjoni ta' proġetti taħt il-mekkaniżmu l-għdid. Ser tkun meħtieġa aktar ħidma biex jiġi stabbilit kif il-mekkaniżmu u r-REKT jikkomplementaw lil xulxin;
25. jara l-mekkaniżmu bħala komplement utli għall-programmi Interreg, minħabba li f'ċerti sitwazzjonijiet, il-mekkaniżmu jista' joffri approċċi interessanti li jistgħu jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-proġetti transfruntieri.

Brussell, il-5 ta' Diċembru 2018.

Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni

Karl-Heinz LAMBERTZ

Opinjoni tal-Komitat Ewropew tar-Reġjuni — Ir-riforma tal-PAK

(2019/C 86/11)

Relatur Ġenerali: is-Sur Guillaume CROS (FR/PSE), Viċi President tal-Kunsill Reġjonali ta' Occitanie

Dokument ta' referenza: Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li jridu jitfasslu mill-Istati Membri taħt il-Politika Agrikola Komuni (il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill –

COM(2018) 392 final

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 –

COM(2018) 392 final

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli, (UE) Nru 1151/2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, (UE) Nru 251/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzati, (UE) Nru 228/2013 li jstabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u (UE) Nru 229/2013 li jstabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura favur il-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew –

COM(2018) 394 final

I. RAKKOMANDEZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU EMENDI

COM(2018) 392 final

Emenda 1

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Sabiex jinżammu l-elementi essenzjali fl-Unjoni kollha biex tiġi żgurata l-komparabbiltà bejn id-deċiżjonijiet tal-Istati Membri, iżda mingħajr ma jiġu limitati l-Istati Membri fl-ilħuq tal-oġġettivi tal-Unjoni, jenħtieġ li tiġi stipulata definizzjoni qafas għal “żona agrikola”. Jenħtieġ li d-definizzjonijiet qafas relatati għal “raba’ li jinħadem”, “għelejjel permanenti” u “bur permanenti” jiġu stipulati b’mod wiesa’ biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jispeċifikaw aktar id-definizzjonijiet skont il-kundizzjonijiet lokali tagħhom. Id-definizzjoni qafas għal “raba’ li jinħadem” jenħtieġ li tiġi stipulata b’mod li tippermetti lill-Istati Membri jkopru forum differenti ta’ produzzjoni, inkluż sistemi bħal pereżempju l-agroforestrija u r-raba’ b’arbuxelli u siġar u li teħtieġ l-inklużjoni ta’ żoni ta’ art mistrieħa sabiex tiġi żgurata n-natura diżakkoppjata tal-interventi. Jenħtieġ li d-definizzjoni qafas ta’ “għelejjel permanenti” tinkludi ż-żoni li realment jintużaw għall-produzzjoni u dawk li ma jintużawx għall-produzzjoni, kif ukoll il-mixtliet u l-imsajġar b’newba qasira li jridu jiġu definiti mill-Istati Membri. Id-definizzjoni qafas ta’ “bur permanenti” jenħtieġ li tiġi stipulata b’mod li tippermetti lill-Istati Membri jispeċifikaw aktar kriterji u tippermettihom jinkludu speċijiet għajr il-ħxejjex jew foraġġ’ erbaċew ieħor li jistgħu jintużaw għar-ragħa jew li jistgħu jipproduċu għalf għall-annimali, kemm jekk jintuża għall-produzzjoni reali u kemm jekk le.</p>	<p>Sabiex jinżammu l-elementi essenzjali fl-Unjoni kollha biex tiġi żgurata l-komparabbiltà bejn id-deċiżjonijiet tal-Istati Membri, iżda mingħajr ma jiġu limitati l-Istati Membri fl-ilħuq tal-oġġettivi tal-Unjoni, jenħtieġ li tiġi stipulata definizzjoni qafas għal “żona agrikola”. Jenħtieġ li d-definizzjonijiet qafas relatati għal “raba’ li jinħadem”, “għelejjel permanenti” u “bur permanenti” jiġu stipulati b’mod wiesa’ biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jispeċifikaw aktar id-definizzjonijiet skont il-kundizzjonijiet lokali tagħhom. Id-definizzjoni qafas għal “raba’ li jinħadem” jenħtieġ li tiġi stipulata b’mod li tippermetti lill-Istati Membri jkopru forum differenti ta’ produzzjoni, inkluż sistemi bħal pereżempju l-agroforestrija u r-raba’ b’arbuxelli u siġar u li teħtieġ l-inklużjoni ta’ żoni ta’ art mistrieħa sabiex tiġi żgurata n-natura diżakkoppjata tal-interventi. Jenħtieġ li d-definizzjoni qafas ta’ “għelejjel permanenti” tinkludi ż-żoni li realment jintużaw għall-produzzjoni u dawk li ma jintużawx għall-produzzjoni, kif ukoll il-mixtliet u l-imsajġar b’newba qasira bil-kundizzjoni li jiġu inklużi fil-plottijiet ta’ wċuħ tar-raba’, li jridu jiġu definiti mill-Istati Membri. Id-definizzjoni qafas ta’ “bur permanenti” jenħtieġ li tiġi stipulata b’mod li tippermetti lill-Istati Membri jispeċifikaw aktar kriterji u tippermettihom jinkludu speċijiet għajr il-ħxejjex jew foraġġ’ erbaċew ieħor li jistgħu jintużaw għar-ragħa jew li jistgħu jipproduċu għalf għall-annimali, kemm jekk jintuża għall-produzzjoni reali u kemm jekk le.</p>

Raġuni

Din l-emenda tappoġġja prattiki agroforestali, ta’ benefiċċju għall-klima u għall-ambjent, u mhux plottijiet sħaħ ta’ msajġar, li huma effettivament forestali mhux agrikoli.

Emenda 2

Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Fid-dawl tat-titjib ulterjuri tal-prestazzjoni tal-PAK, jenħtieġ li l-appoġġ għall-introjtu jiġi mmirat għall-bdiewa ġenwini. Sabiex jiġi żgurat approċċ komuni fil-livell tal-Unjoni għat-tali mmirar tal-appoġġ, jenħtieġ li tiġi stipulata definizzjoni qafas għal “bidwi ġenwin” li turi l-elementi essenzjali. Fuq il-bażi ta’ dan il-qafas, jenħtieġ li fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom l-Istati Membri jiddefinixxu liema bdiewa mhumiex ikkunsidrati ġenwini fuq il-bażi ta’ kundizzjonijiet bħal pereżempju t-testijiet tal-introjtu, l-inputs lavorattivi fuq l-azjenda agrikola, l-għanijiet tal-kumpanija u l-inklużjoni fir-reġistri. Jenħtieġ ukoll li din ma tirriżultax f’li ma jkunx jista’ jingħata appoġġ lill-bdiewa pluriattivi, li huma attivi fil-biedja iżda li huma impenjati wkoll f’attivitajiet mhux agrikoli barra mill-azjenda agrikola tagħhom, minħabba li l-attivitajiet multipli tagħhom spiss isaħħu lin-nisġa soċjoekonomika taż-żoni rurali.</p>	<p>Fid-dawl tat-titjib ulterjuri tal-prestazzjoni tal-PAK, jenħtieġ li l-appoġġ għall-introjtu jiġi mmirat għall-bdiewa ġenwini. Sabiex jiġi żgurat approċċ komuni fil-livell tal-Unjoni għat-tali mmirar tal-appoġġ, jenħtieġ li tiġi stipulata definizzjoni qafas għal “bidwi ġenwin” li turi l-elementi essenzjali. Fuq il-bażi ta’ dan il-qafas, jenħtieġ li fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom l-Istati Membri jiddefinixxu liema bdiewa mhumiex ikkunsidrati ġenwini fuq il-bażi ta’ kundizzjonijiet bħal pereżempju il-parti tal-introjtu agrikolu, l-inputs lavorattivi fuq l-azjenda agrikola, l-għanijiet tal-kumpanija u l-inklużjoni fir-reġistri. Jenħtieġ ukoll li din ma tirriżultax f’li ma jkunx jista’ jingħata appoġġ lill-bdiewa pluriattivi, li huma attivi fil-biedja iżda li huma impenjati wkoll f’attivitajiet mhux agrikoli barra mill-azjenda agrikola tagħhom, minħabba li l-attivitajiet multipli tagħhom spiss isaħħu lin-nisġa soċjoekonomika taż-żoni rurali.</p>

Raġuni

Ikun aħjar li jitqies is-sehem tal-introjtu agrikolu kif ukoll il-kriterju ta’ dħul, li jista’ jeskludi l-azjendi agrikoli żgħar.

Emenda 3

Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda
<p>Sabiex tingħata sustanza lill-objettivi tal-PAK kif stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), kif ukoll biex jiġi żgurat li l-Unjoni tindirizza b'mod xieraq l-aktar sfidi reċenti tagħha, huwa xieraq li jiġi previst sett ta' objettivi ġenerali li jirriflettu l-orjentazzjonijiet mogħtija fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja". Jenħtieġ li jiġi definit aktar sett ta' objettivi speċifiċi fil-livell tal-Unjoni u jiġi applikat mill-Istati membri fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. Filwaqt li jinstab bilanċ bejn id-dimensjonijiet tal-iżvilupp sostenibbli, f'konformità mal-valutazzjoni tal-impatt, dawn l-objettivi speċifiċi jenħtieġ li jittraduċu l-objettivi ġenerali tal-PAK f'prioritajiet aktar konkreti u jqisu l-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-klima, l-enerġija u l-ambjent.</p>	<p>Sabiex tingħata sustanza lill-objettivi tal-PAK kif stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), kif ukoll biex jiġi żgurat li l-Unjoni tindirizza b'mod xieraq l-aktar sfidi reċenti tagħha, huwa xieraq li jiġi previst sett ta' objettivi ġenerali li jirriflettu l-orjentazzjonijiet mogħtija fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja". Jenħtieġ li jiġi definit aktar sett ta' objettivi speċifiċi fil-livell tal-Unjoni u jiġi applikat mill-Istati membri fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. Filwaqt li jinstab bilanċ bejn id-dimensjonijiet tal-iżvilupp sostenibbli, f'konformità mal-valutazzjoni tal-impatt, dawn l-objettivi speċifiċi jenħtieġ li jittraduċu l-objettivi ġenerali tal-PAK f'prioritajiet aktar konkreti u jqisu l-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-klima, l-enerġija u l-ambjent.</p> <p><i>Jenħtieġ li l-PAK tqis b'mod espliċitu l-politika ta' ugwaljanza tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lill-ħtieġa li tiġi promossa l-parteċipazzjoni tan-nisa biex tiġi żviluppata n-nisġa soċjoekonomika taż-żoni rurali. Dan ir-Regolament għandu jikkontribwixxi biex il-ħidma tan-nisa ssir aktar viżibbli, u għalhekk għandha tkun parti mill-għanijiet speċifiċi li ser jindirizzaw l-Istati Membri fil-pjani strateġiċi tagħhom.</i></p>

Raġuni

L-emanċipazzjoni tan-nisa fiż-żoni rurali huwa element essenzjali.

Emenda 4

Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>PAK aktar intelliġenti, modernizzata u aktar sostenibbli trid tħaddan ir-riċerka u l-innovazzjoni, sabiex isservi lill-multifunzjonalità tas-sistemi tal-agrikoltura, tal-forestrija u tal-ikel tal-Unjoni, filwaqt li tinvesti fl-iżvilupp teknoloġiku u fid-diġitalizzazzjoni, kif ukoll ittejjeb l-aċċess għal għarfien sod, rilevanti u ġdid.</p>	<p>PAK aktar intelliġenti, modernizzata u aktar sostenibbli trid tħaddan ir-riċerka u l-innovazzjoni, sabiex isservi lill-multifunzjonalità tas-sistemi tal-agrikoltura, tal-forestrija u tal-ikel tal-Unjoni, filwaqt li tinvesti fl-iżvilupp teknoloġiku, fid-diġitalizzazzjoni, u fil-prattiki agroekoloġiċi, kif ukoll ittejjeb l-aċċess għal għarfien sod, rilevanti u ġdid, billi jitqies l-għarfien tal-bdiewa u l-iskambju bejn il-bdiewa.</p>

Raġuni

L-iżvilupp teknoloġiku, id-diġitalizzazzjoni, il-prattiki agroekoloġiċi, kif ukoll l-iskambju tal-għarfien bejn il-bdiewa jikkontribwixxu għal PAK aktar intelliġenti, moderna u sostenibbli.

Emenda 5

Premessa ġdida wara l-premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	<p><i>It-tnaqqis tad-distakk diġitali f'żoni rurali huwa sfida essenzjali għaż-żamma tal-popolazzjoni u l-iżvilupp ekonomiku tiegħu, b'mod partikolari għall-provvista ta' servizzi.</i></p> <p><i>Id-diġitalizzazzjoni agrikola toffri possibilitajiet sinifikanti fil-qasam tal-produzzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni, il-protezzjoni tal-konsumatur, kif ukoll il-ħarsien tal-wirt naturali u kulturali taż-żoni rurali. Madankollu, għandu jiġi żgurat li l-azjendi agrikoli żgħar, li l-aċċess tagħhom għal teknoloġiji ġodda jista' jkun limitat, ikunu jistgħu jgawdu minnhom u li l-iżvilupp teknoloġiku ma jdgħajjifx l-awtonomija tal-bidwi, li għandu jkollu kontroll tad-data diġitali miġbura fl-impriża tiegħu.</i></p>

Raġuni

L-azjendi agrikoli kollha għandhom japprofitaw mill-benefiċċji tad-diġitalizzazzjoni.

Emenda 6

Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Sabiex jitrawwem settur agrikolu <i>intelliġenti</i> u reżiljenti, il-pagamenti diretti jibqgħu jikkostitwixxu parti essenzjali biex jiġi garantit appoġġ ġust għall-introjtu tal-bdiewa. B'mod simili, l-investimenti <i>fir-ristrutturar</i>, il-modernizzazzjoni, l-innovazzjoni, id-diversifikazzjoni u l-użu ta' teknoloġiji ġodda fl-azjendi agrikoli huma neċessarji biex <i>il-bdiewa jmorru aħjar fis-suq</i>.</p>	<p>Sabiex jitrawwem settur agrikolu intelliġenti, <i>sostenibbli</i> u reżiljenti <i>fir-reġjuni kollha</i>, il-pagamenti diretti jibqgħu jikkostitwixxu parti essenzjali biex jiġi garantit appoġġ ġust għall-introjtu tal-bdiewa. B'mod simili, l-investimenti fil-modernizzazzjoni, l-innovazzjoni, id-diversifikazzjoni u l-użu ta' teknoloġiji ġodda fl-azjendi agrikoli huma neċessarji biex <i>titjeb ir-reżiljenza tal-azjendi u biex ikun hemm redditu mis-suq</i>.</p>

Raġuni

Il-pagamenti diretti għandhom jipromwovu t-trasformazzjoni tal-azjendi għal reżiljenza aħjar u dħul aħjar mis-suq fir-reġjuni kollha.

Emenda 7

Premessa 15

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Fil-kuntest ta' PAK aktar orjentata lejn is-suq, kif deskritt fil-Komunikazzjoni dwar "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja", l-espożizzjoni tas-suq, it-tibdil fil-klima u l-frekwenza u s-severità ta' avvenimenti estremi tat-temp assoċjati ma' dan it-tibdil, kif ukoll il-kriżijiet sanitarji u fitosanitarji, jistgħu jwasslu għal riskji ta' volatilità tal-prezzijiet u pressjonijiet dejjem akbar fuq l-introjt. Għalhekk, għalkemm il-bdiewa huma finalment responsabbli għat-tfassil tal-istrategġiji tagħhom fl-azjenda agrikola, jenħtieġ li jiġi stabbilit qafas sod biex tiġi żgurata ġestjoni xierqa tar-riskju. Għal dan l-għan, l-Istati Membri u l-bdiewa jkunu jistgħu jibbażaw ruħhom fuq pjattaforma fil-livell tal-Unjoni għall-ġestjoni tar-riskju biex jibnu l-kapaċitajiet tagħhom sabiex jipprovdu lill-bdiewa strumenti finanzjarji xierqa għall-investimenti u aċċess għall-kapital operatorju, it-taħriġ, it-trasferiment tal-għarfien u l-pariri.</p>	<p>Fil-kuntest ta' PAK aktar orjentata lejn is-suq, kif deskritt fil-Komunikazzjoni dwar "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja", l-espożizzjoni tas-suq, it-tibdil fil-klima u l-frekwenza u s-severità ta' avvenimenti estremi tat-temp assoċjati ma' dan it-tibdil, kif ukoll il-kriżijiet sanitarji u fitosanitarji, jistgħu jwasslu għal riskji ta' volatilità tal-prezzijiet u pressjonijiet dejjem akbar fuq l-introjt. Għalhekk, għalkemm il-bdiewa huma finalment responsabbli għat-tfassil tal-istrategġiji tagħhom fl-azjenda agrikola, jenħtieġ li jiġi stabbilit qafas sod biex tiġi żgurata regolazzjoni tas-swieq u għal previżjoni xierqa tar-riskji. Għal dan l-għan, l-Istati Membri u l-bdiewa jkunu jistgħu jibbażaw ruħhom fuq pjattaforma fil-livell tal-Unjoni għall-ġestjoni tar-riskju biex jibnu l-kapaċitajiet tagħhom sabiex jipprovdu lill-bdiewa strumenti finanzjarji xierqa għall-investimenti u aċċess għall-kapital operatorju, it-taħriġ, it-trasferiment tal-għarfien u l-pariri.</p>

Raġuni

Fid-dawl taż-żieda tar-riskji li wħud mill-azjendi agrikoli l-irziezet jiffaċċjaw, qafas robust għall-prevenzjoni huwa meħtieġ.

Emenda 8

Premessa 17

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Jenħtieġ li l-PAK tkompli tiżgura s-sigurtà tal-ikel, li jenħtieġ li tinftiehem bħala aċċess għal ikel biżżejjed, sikur u nutrittiv f'kull ħin. Barra minn hekk, jenħtieġ li tkompli tgħin biex tittejjeb ir-reazzjoni tal-agrikoltura tal-Unjoni għal talbiet soċjetali ġodda fl-ikel u s-saħħa, inkluż il-produzzjoni agrikola sostenibbli, nutrizzjoni aktar tajba għas-saħħa, il-ħela tal-ikel u l-benessri tal-animali. Jenħtieġ li l-PAK tkompli tippromwovi l-produzzjoni b'karatteristiċi speċifiċi u ta' valur, filwaqt li fl-istess ħin tgħin lill-bdiewa biex jaġġustaw b'mod proattiv il-produzzjoni tagħhom skont is-sinjali tas-suq u l-ħtiġijiet tal-konsumaturi.</p>	<p>Jenħtieġ li l-PAK tkompli tiżgura s-sigurtà tal-ikel, li jenħtieġ li tinftiehem bħala aċċess għal ikel biżżejjed, sikur u nutrittiv f'kull ħin. Barra minn hekk, jenħtieġ li tkompli tgħin biex tittejjeb ir-reazzjoni tal-agrikoltura tal-Unjoni għal talbiet soċjetali ġodda fl-ikel u s-saħħa, inkluż il-produzzjoni agrikola sostenibbli, nutrizzjoni aktar tajba għas-saħħa, il-ħela tal-ikel u l-benessri tal-animali, u l-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi agrikoli. Jenħtieġ li l-PAK tkompli tippromwovi l-produzzjoni b'karatteristiċi speċifiċi u ta' valur, bħal prodotti tradizzjonali tipiċi reġjonali, filwaqt li fl-istess ħin tgħin lill-bdiewa biex jaġġustaw b'mod proattiv il-produzzjoni tagħhom skont is-sinjali tas-suq u l-ħtiġijiet tal-konsumaturi. Barra minn hekk, il-PAK għandha tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) fir-rigward tal-aċċess għall-ikel.</p>

Raġuni

L-Unjoni Ewropea għandha l-opportunità tikkonserva ħafna prodotti tradizzjonali tipiċi u ta' riżorsi ġenetiċi agrikoli, u dan għandu jiġi promoss.

Emenda 9

Premessa 20

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p><i>Sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni tista' tirrispetta l-obbligi internazzjonali tagħha dwar l-appoġġ domestiku kif stabbiliti fil-Ftehim tad-WTO dwar l-Agricoltura, ċerti tipi ta' interventi previsti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jkomplu jiġu notifikati bħala appoġġ tal-“Green Box” li ma għandu l-ebda effett ta' distorsjoni tal-kummerċ jew effett fuq il-produzzjoni, jew l-aktar l-aktar effett minimu, jew inkella notifikat bħala appoġġ tal-“Blue Box” taħt programmi li jillimitaw il-produzzjoni u għalhekk huwa eżentat mill-impenji ta' tnaqqis. Filwaqt li d-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament għat-tali tipi ta' interventi diġà huma konformi mar-rekwiżiti tal-“Green Box” kif stipulat fl-Anness 2 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Agricoltura jew ir-rekwiżiti tal-“Blue Box” stipulati fl-Artikolu 6.5 tiegħu, jenħtieġ li jiġi żgurat li l-interventi pplanati mill-Istati Membri fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom għal dawn it-tipi ta' interventi jkomplu jirrispettaw daww ir-rekwiżiti.</i></p>	

Emenda 10

Premessa ġdida wara l-premessa 20

Test proposit mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	<p><i>Sabiex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), adottati min-NU, b'mod partikolari l-għanijiet 1 u 2, u bi qbil mal-Koerenza Politika għall-Iżvilupp (PCD) tal-UE, il-PAK għandha tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' agrikultura tal-familja sostenibbli u għal prosperità f'pajjiżi li qed jiżviluppaw, biex tippromovi ż-żamma tal-popolazzjoni rurali u tiżgura s-sigurtà tal-ikel tagħhom. Għal dan il-għan, jeħtieġ li l-esportazzjonijiet agrikoli u tal-ikel tal-UE jkunu jistgħu jitwettqu bi prezzijiet inqas mill-ispejjeż tal-produzzjoni Ewropej.</i></p>

Raġuni

Bi qbil mal-Artikolu 54 tal-Opinjoni ta' prospettiva tal-KtR dwar il-PAK, il-PAK għandha tiġi emendata sabiex jintlaħaq dan l-iskop, li għandu jkun irreġistrat bħala l-għan 10 tal-PAK.

Emenda 11

Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Il-qafas tal-istandards tal-KAAT għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, l-indirizzar tal-isfidi tal-ilma, il-protezzjoni u l-kwalità tal-ħamrija u l-protezzjoni u l-kwalità tal-biodiversità. Il-qafas irid jissaħħaħ sabiex iqis b'mod partikolari l-prattiki stabbiliti sal-2020 taħt l-ekoloġizzazzjoni tal-pagamenti diretti, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-ħtieġa li tittejjeb is-sostenibbiltà tal-azjendi agrikoli, u b'mod partikolari l-ġestjoni tan-nutrijenti. Huwa rikonoxxut li kull KAAT tikkontribwixxi għal objettivi multipli. Sabiex jiġi implimentat il-qafas, jenħtieġ li l-Istati Membri jiddefinixxu standard nazzjonali għal kull wieħed mill-istandards stabbiliti fil-livell tal-Unjoni filwaqt li iqisu l-karatteristiċi speċifiċi taż-żona kkonċernata, inkluż il-kundizzjonijiet tal-ħamrija u tal-klima, il-kundizzjonijiet eżistenti tal-biedja, l-użu tal-art, in-newba, il-prattiki tal-biedja u l-istrutturi tal-azjendi agrikoli. Barra minn hekk l-Istati Membri jistgħu wkoll jiddefinixxu standards nazzjonali oħra relatati mal-objettivi ewlenin stipulati fl-Anness III sabiex itejbu r-risultati ambjentali u klimatiċi tal-qafas KAAT. Bħala parti mill-qafas KAAT, sabiex tiġi appoġġata l-prestazzjoni agronomika u ambjentali tal-azjendi agrikoli, se jiġu stabbiliti pjanijiet ta' ġestjoni tan-nutrijenti bl-għajjn ta' Għodda għas-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli elettronika apposta magħmula disponibbli mill-Istati Membri lill-bdiewa individwali. L-għodda jenħtieġ li ttiprovdi appoġġ għad-deċiżjonijiet meħuda fl-azjendi agrikoli li jibda minn funzjonalitajiet minimi għall-ġestjoni tan-nutrijenti. Jenħtieġ li interoperabbiltà u modularità mifruxa jiżguraw il-possibbiltà li jiżdiedu applikazzjonijiet elettroniċi oħra fl-azjendi agrikoli u għall-governanza elettronika. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi bejn il-bdiewa u fl-Unjoni kollha, il-Kummissjoni tista' ttiprovdi appoġġ lill-Istati Membri fit-tfassil tal-Għodda kif ukoll fil-ħażna tad-data u fis-servizzi tal-ipproċessar meħtieġa.</p>	<p>Il-qafas tal-istandards tal-KAAT għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, l-indirizzar tal-isfidi tal-ilma, il-protezzjoni u l-kwalità tal-ħamrija u l-protezzjoni u l-kwalità tal-biodiversità, inklużi r-riżorsi ġenetiċi agrikoli. Il-qafas irid jissaħħaħ sabiex iqis b'mod partikolari l-prattiki stabbiliti sal-2020 taħt l-ekoloġizzazzjoni tal-pagamenti diretti, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-ħtieġa li tittejjeb is-sostenibbiltà tal-azjendi agrikoli, u b'mod partikolari l-ġestjoni tan-nutrijenti. Huwa rikonoxxut li kull KAAT tikkontribwixxi għal objettivi multipli. Sabiex jiġi implimentat il-qafas, jenħtieġ li l-Istati Membri jiddefinixxu standard nazzjonali għal kull wieħed mill-istandards stabbiliti fil-livell tal-Unjoni filwaqt li iqisu l-karatteristiċi speċifiċi taż-żona kkonċernata, inkluż il-kundizzjonijiet tal-ħamrija u tal-klima, il-kundizzjonijiet eżistenti tal-biedja, l-użu tal-art, in-newba annwali, il-prattiki tal-biedja u l-istrutturi tal-azjendi agrikoli. Barra minn hekk l-Istati Membri jistgħu wkoll jiddefinixxu standards nazzjonali oħra relatati mal-objettivi ewlenin stipulati fl-Anness III sabiex itejbu r-risultati ambjentali u klimatiċi tal-qafas KAAT. Bħala parti mill-qafas KAAT, sabiex tiġi appoġġata l-prestazzjoni agronomika u ambjentali tal-azjendi agrikoli, se jiġu stabbiliti pjanijiet ta' ġestjoni tan-nutrijenti bl-għajjn ta' Għodda għas-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli elettronika apposta magħmula disponibbli mill-Istati Membri lill-bdiewa individwali. L-għodda jenħtieġ li ttiprovdi appoġġ għad-deċiżjonijiet meħuda fl-azjendi agrikoli li jibda minn funzjonalitajiet minimi għall-ġestjoni tan-nutrijenti. Jenħtieġ li interoperabbiltà u modularità mifruxa jiżguraw il-possibbiltà li jiżdiedu applikazzjonijiet elettroniċi oħra fl-azjendi agrikoli u għall-governanza elettronika. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi bejn il-bdiewa u fl-Unjoni kollha, il-Kummissjoni tista' ttiprovdi appoġġ lill-Istati Membri fit-tfassil tal-Għodda kif ukoll fil-ħażna tad-data u fis-servizzi tal-ipproċessar meħtieġa.</p>

Raġuni

Sabiex tkun effettiva, in-newba trid tkun annwali, bi flessibbiltà (ara Kondizzjonijiet Agrikoli u Ambjentali Tajba 8; Anness III). Hemm bżonn ta' azzjoni kontra l-erożjoni tar-riżorsi ġenetiċi agrikoli.

Emenda 12

Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu sistemi konsultattivi għall-azjendi agrikoli bl-iskop li jittejbu l-ġestjoni sostenibbli u l-prestazzjoni ġenerali tal-azjendi agrikoli u tan-negozji rurali, filwaqt li jkopru d-dimensjonijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali u biex jiġi identifikat it-titjib meħtieġ fir-rigward tal-miżuri kollha fil-livell tal-azjendi agrikoli previsti fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK. Jenħtieġ li dawn is-sistemi konsultattivi għall-azjendi agrikoli jgħinu lill-bdiewa u lil benefiċjarji oħra tal-appoġġ tal-PAK biex isiru aktar konxji tar-relazzjoni bejn il-ġestjoni tal-azjenda agrikola u l-ġestjoni tal-art minn naħa, u ċerti standards, rekwiżiti u informazzjoni inkluż dawk ambjentali u klimatiċi, min-naħa l-oħra. Il-lista ta' dawn tal-aħħar tinkludi standards li japplikaw għall-bdiewa u għal benefiċjarji oħra tal-PAK jew li huma neċessarji għalihom u li huma stabbiliti fil-Pjan Strateġiku tal-PAK, kif ukoll dawk li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni dwar l-ilma, dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi, kif ukoll l-inizjattivi għall-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi u l-ġestjoni tar-riskji. Sabiex tissaħħaħ il-kwalità u l-effettività tal-pariri, jenħtieġ li l-Istati Membri jintegraw il-konsulenti fis-Sistemi tal-Għarfien u tal-Innovazzjoni Agrikoli (AKIS), sabiex ikunu jistgħu jagħtu informazzjoni teknoloġika u xjentifika aġġornata żviluppata mir-riċerka u l-innovazzjoni.</p>	<p>Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu sistemi konsultattivi għall-azjendi agrikoli bl-iskop li jittejbu l-produttività tal-fatturi, il-ġestjoni sostenibbli u l-prestazzjoni ġenerali tal-azjendi agrikoli u tan-negozji rurali, filwaqt li jkopru d-dimensjonijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali u biex jiġi identifikat it-titjib meħtieġ fir-rigward tal-miżuri kollha fil-livell tal-azjendi agrikoli previsti fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK. Jenħtieġ li dawn is-sistemi konsultattivi għall-azjendi agrikoli jgħinu lill-bdiewa u lil benefiċjarji oħra tal-appoġġ tal-PAK biex isiru aktar konxji tar-relazzjoni bejn il-ġestjoni tal-azjenda agrikola u l-ġestjoni tal-art minn naħa, u ċerti standards, rekwiżiti u informazzjoni inkluż dawk ambjentali u klimatiċi, min-naħa l-oħra. Il-lista ta' dawn tal-aħħar tinkludi standards li japplikaw għall-bdiewa u għal benefiċjarji oħra tal-PAK jew li huma neċessarji għalihom u li huma stabbiliti fil-Pjan Strateġiku tal-PAK, kif ukoll dawk li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni dwar l-ilma, dwar l-użu sostenibbli tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, kif ukoll l-inizjattivi għall-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi u l-ġestjoni tar-riskji. Sabiex tissaħħaħ il-kwalità u l-effettività tal-pariri, jenħtieġ li l-Istati Membri jintegraw il-konsulenti fis-Sistemi tal-Għarfien u tal-Innovazzjoni Agrikoli (AKIS), sabiex ikunu jistgħu jagħtu informazzjoni teknoloġika u xjentifika aġġornata żviluppata mir-riċerka u l-innovazzjoni.</p>

Emenda 13

Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Meta jiġi provdut l-appoġġ dirett diżakkoppjat ibbażat fuq is-sistema tal-intitolamenti għal pagament, jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jamministraw riżerva jew riżervi nazzjonali għal kull grupp ta' territorji. It-tali riżervi jenħtieġ li jintużaw, bħala kwistjoni ta' prijorità, għall-bdiewa żgħażaġh u l-bdiewa li għadhom jibdew l-attività agrikola tagħhom. Huma meħtieġa wkoll regoli dwar l-użu u t-trasferimenti tal-intitolamenti għal pagament biex jiġi garantit funzjonament bla xkiel tas-sistema.</p>	<p>Meta jiġi provdut l-appoġġ dirett diżakkoppjat ibbażat fuq is-sistema tal-intitolamenti għal pagament, jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jamministraw riżerva jew riżervi nazzjonali għal kull grupp ta' territorji. It-tali riżervi jenħtieġ li jintużaw, bħala kwistjoni ta' prijorità, għall-bdiewa żgħażaġh u l-bdiewa li għadhom jibdew l-attività agrikola tagħhom. Huma meħtieġa wkoll regoli dwar l-użu u t-trasferimenti tal-intitolamenti għal pagament biex jiġi garantit funzjonament bla xkiel tas-sistema, bl-esklużjoni ta' suq ta' intitolamenti.</p>

Raġuni

Huwa inaċċettabbli li wieħed jista' jagħmel kummerċ ta' għotjiet pubbliċi

Emenda 14

Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>L-azjendi agrikoli zġhar jibqgħu l-qofol tal-agrikoltura tal-Unjoni minħabba li għandhom rwol vitali fl-appoġġ tal-impjegji rurali u jikkontribwixxu għall-iżvilupp territorjali. Sabiex tiġi promossa distribuzzjoni aktar ibbilanċjata tal-appoġġ u sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-benefiċjarji ta' ammonti zġhar, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom l-għażla li joffru lill-bdiewa zġhar il-possibbiltà li jissostitwixxu l-pagamenti diretti l-oħra billi jipprovdur pagament ta' somma f'daqqa għall-eqreb numru sħiħ għall-bdiewa zġhar.</p>	<p>L-azjendi agrikoli zġhar jibqgħu l-qofol tal-agrikoltura tal-Unjoni minħabba li għandhom rwol vitali fl-appoġġ tal-impjegji rurali u jikkontribwixxu għall-iżvilupp territorjali. Sabiex tiġi promossa distribuzzjoni aktar ibbilanċjata tal-appoġġ u sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-benefiċjarji ta' ammonti zġhar li huma ta' sostenn għall-impjegj, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom l-għażla li joffru lill-bdiewa zġhar il-possibbiltà li jissostitwixxu l-pagamenti diretti l-oħra billi jipprovdur pagament ta' somma f'daqqa għall-eqreb numru sħiħ għall-bdiewa zġhar.</p>

Raġuni

L-azjendi agrikoli zġhar għandhom rwol kruċjali għaż-żamma ta' dinamiżmu u l-manutenzjoni ta' territorji.

Emenda 15

Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>L-appoġġ għall-impjenji tal-ġestjoni jistgħu jinkludu primjums tal-biedja organika għall-manutenzjoni tal-art organika u l-konverżjoni tagħha; il-pagamenti għal tipi oħra ta' interventi li jappoġġaw sistemi ta' produzzjoni li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent bħall-agroekoloġija, l-agrikoltura ta' konservazzjoni u l-produzzjoni integrata; is-servizzi forestali ambjentali u klimatiki u l-konservazzjoni tal-foresti; il-primjums għall-foresti u l-istabiliment tas-sistemi tal-agroforestrija; il-benessri tal-annimali; il-konservazzjoni, l-użu sostenibbli u l-iżvilupp tar-riżorsi ġenetiċi. L-Istati Membri jistgħu jiżviluppaw skemi oħrajn taħt dan it-tip ta' interventi fuq il-bażi tal-ħtiġijiet tagħhom. Jenħtieġ li dan it-tip ta' pagamenti jkopri biss l-ispejjeż addizzjonali u l-introjtu mitluf li jirriżultaw mill-impjenji li jmorru lil hinn mil-linja bażi tal-istandards u r-rekwiżiti obbligatorji stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni u fil-liġi nazzjonali, kif ukoll il-kundizzjonalità, kif stabbilit fil-Pjan Strateġiku tal-PAK. L-impjenji relatati ma' dan it-tip ta' interventi jistgħu jittieħdu għal perjodu annwali jew pluriennali prestabbilit u jistgħu jmorru lil hinn minn seba' snin fejn dan ikun debitament ġustifikat.</p>	<p>L-appoġġ għall-impjenji tal-ġestjoni jistgħu jinkludu primjums tal-biedja organika għall-manutenzjoni tal-art organika u l-konverżjoni tagħha; il-pagamenti għal tipi oħra ta' interventi li jappoġġaw sistemi ta' produzzjoni li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent bħall-agroekoloġija, u l-produzzjoni integrata; is-servizzi forestali ambjentali u klimatiki u l-konservazzjoni tal-foresti; il-primjums għall-foresti u l-istabiliment tas-sistemi tal-agroforestrija; il-benessri tal-annimali; il-konservazzjoni, l-użu sostenibbli u l-iżvilupp tar-riżorsi ġenetiċi. L-Istati Membri jistgħu jiżviluppaw skemi oħrajn taħt dan it-tip ta' interventi fuq il-bażi tal-ħtiġijiet tagħhom. Sabiex ikun ta' inċentiv, jenħtieġ li dan it-tip ta' pagamenti jkopri mhux biss l-ispejjeż addizzjonali u l-introjtu mitluf li jirriżultaw mill-impjenji li jmorru lil hinn mil-linja bażi tal-istandards u r-rekwiżiti obbligatorji stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni u fil-liġi nazzjonali, kif ukoll il-kundizzjonalità, kif stabbilit fil-Pjan Strateġiku tal-PAK. L-impjenji relatati ma' dan it-tip ta' interventi jistgħu jittieħdu għal perjodu pluriennali prestabbilit u jistgħu jmorru lil hinn minn seba' snin fejn dan ikun debitament ġustifikat.</p>

Raġuni

Bħala inċentiv favur Prattiki li huma ta' benefiċċju għall-ambjent, huwa propost li l-pagament ma jkunx limitat għall-kopertura tan-nuqqasijiet. Perjodu pluriennali huwa aktar adattat għall-effetti ambjentali.

Emenda 16

Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Sabiex jiġi żgurat introjtu ġust u settur agrikolu reżiljenti fit-territorju kollu tal-Unjoni, l-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ lill-bdiewa f'żoni li qed jiffaċċjaw restrizzjonijiet naturali u restrizzjonijiet oħra speċifiċi għaż-żona. Fir-rigward tal-pagamenti għall-ANC, id-deżinjazzjoni tal-politika ta' Żvilupp Rurali 2014–2020 jenħtieġ li tkompli tapplika. Biex il-PAK tagħti valur miżjud imsaħħaħ tal-Unjoni fuq l-ambjent u tinforza s-sinerġiji tagħha mal-finanzjament tal-investimenti fin-natura u l-bijodiversità, huwa meħtieġ li jkun hemm miżura separata li l-mira tagħha tkun li l-benefiċjarji jiġu kkompensati għall-iżvantaġġi relatati mal-implimentazzjoni tan-Natura 2000 u tad-Direttivi Qafas dwar l-Ilma. Għalhekk jenħtieġ li jibqa' jingħata l-appoġġ lill-bdiewa u lid-detenturi tal-foresti biex ikunu jistgħu jiġu indirizzati l-iżvantaġġi speċifiċi li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/147/KE u d-Direttiva 92/43/KEE u sabiex jikkontribwixxi għall-ġestjoni effettiva tas-siti tan-Natura 2000. Jenħtieġ li l-appoġġ ikun disponibbli wkoll għall-bdiewa biex jgħinjom jindirizzaw l-iżvantaġġi fiż-żoni tal-baċiri idrografiċi li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma. L-appoġġ jenħtieġ li jkun marbut ma' rekwiżiti speċifiċi deskritti fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK li jmorru lil hinn mill-istandards u r-rekwiżiti obbligatorji rilevanti. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw ukoll li l-pagamenti lill-bdiewa ma jwasslux għal finanzjament doppju mal-ekoskemi. Barra minn hekk, jenħtieġ li jitqiesu l-ħtiġijiet speċjali taż-żoni tan-Natura 2000 mill-Istati Membri fit-tfassil kumplessiv tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom.</p>	<p>Sabiex jiġi żgurat introjtu ġust u settur agrikolu reżiljenti fit-territorju kollu tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jagħtu appoġġ lill-bdiewa f'żoni li qed jiffaċċjaw restrizzjonijiet naturali u restrizzjonijiet oħra speċifiċi għaż-żona. Fir-rigward tal-pagamenti għall-ANC, id-deżinjazzjoni tal-politika ta' Żvilupp Rurali 2014–2020 jenħtieġ li tkompli tapplika. Biex il-PAK tagħti valur miżjud imsaħħaħ tal-Unjoni fuq l-ambjent u tinforza s-sinerġiji tagħha mal-finanzjament tal-investimenti fin-natura u l-bijodiversità, huwa meħtieġ li jkun hemm miżura separata li l-mira tagħha tkun li l-benefiċjarji jiġu rimborżati għall-implimentazzjoni tan-Natura 2000 u tad-Direttivi Qafas dwar l-Ilma. Għalhekk jenħtieġ li jibqa' jingħata l-appoġġ lill-bdiewa u lid-detenturi tal-foresti biex ikunu jistgħu jiġu indirizzati l-iżvantaġġi speċifiċi li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/147/KE u d-Direttiva 92/43/KEE u sabiex jikkontribwixxi għall-ġestjoni effettiva tas-siti tan-Natura 2000. Jenħtieġ li l-appoġġ ikun disponibbli wkoll għall-bdiewa biex jgħinjom jindirizzaw l-iżvantaġġi fiż-żoni tal-baċiri idrografiċi li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma. L-appoġġ jenħtieġ li jkun marbut ma' rekwiżiti speċifiċi deskritti fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK li jmorru lil hinn mill-istandards u r-rekwiżiti obbligatorji rilevanti. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw ukoll li l-pagamenti lill-bdiewa ma jwasslux għal finanzjament doppju mal-ekoskemi. Barra minn hekk, jenħtieġ li jitqiesu l-ħtiġijiet speċjali taż-żoni tan-Natura 2000 mill-Istati Membri fit-tfassil kumplessiv tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom.</p>

Raġuni

Jenħtieġ li l-agrikoltura tinżamm fil-livell Ewropew fit-territorji kollha, inklużi dawk diffiċli. Bħala inċentiv favur Prattiki li huma ta' benefiċċju għall-ambjent, huwa propost li l-pagament ma jkunx limitat għall-kopertura tan-nuqqasijiet.

Emenda 17

Premessa 41

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Jenħtieġ li l-objettivi tal-PAK jiġu segwiti permezz ta' appoġġ għall-investimenti, produttivi kif ukoll mhux produttivi, fuq l-azjenda agrikola u barra minnha. Investimenti bħal dawn jistgħu jikkonċernaw, inter alia, l-infrastrutturi relatati mal-iżvilupp, il-modernizzazzjoni jew l-adattament għat-tibdil fil-klima tal-agrikoltura u tal-forestrija, inkluż l-aċċess għall-art tal-azjendi agrikoli u l-art tal-foresti, il-konsolidazzjoni u t-titjib tal-art, il-prattiki agroforestali u l-provvista u l-iffrankar tal-enerġija u tal-ilma. Sabiex tiġi żgurata aħjar il-konsistenza tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK mal-objettivi tal-Unjoni, kif ukoll kundizzjonijiet ekwi bejn l-Istati Membri, lista negattiva ta' suġġetti ta' investiment hija inkluża f'dan ir-Regolament.</p>	<p>Jenħtieġ li l-objettivi tal-PAK jiġu segwiti permezz ta' appoġġ għall-investimenti, produttivi kif ukoll mhux produttivi, fuq l-azjenda agrikola u barra minnha. Investimenti bħal dawn jistgħu jikkonċernaw, inter alia, l-infrastrutturi relatati mal-iżvilupp, il-modernizzazzjoni jew l-adattament għat-tibdil fil-klima tal-agrikoltura u tal-forestrija, inkluż l-aċċess għall-art tal-azjendi agrikoli u l-art tal-foresti, it-titjib tal-art, il-prattiki agroforestali, il-provvista u l-iffrankar tal-enerġija u tal-ilma, kif ukoll il-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi agrikoli. Sabiex tiġi żgurata aħjar il-konsistenza tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK mal-objettivi tal-Unjoni, kif ukoll kundizzjonijiet ekwi bejn l-Istati Membri, lista negattiva ta' suġġetti ta' investiment hija inkluża f'dan ir-Regolament. Dawn l-investimenti huma limitati għal kull azjenda. Il-finanzjament għal dan l-istrument huwa limitat għal 10 % tal-fondi tal-FAEŻR tal-Istat Membru.</p>

Raġuni

Limitu fuq l-għajjnuna għall-investiment jippermetti li jiġu appoġġati aktar proġetti. **Limitu fuq il-finanzjament ta' dan l-istrument jippermetti li jiġu allokat i aktar fondi għal prijoritajiet oħrajn tal-FAEŻR.**

Emenda 18

Premessa 44

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Fid-dawl tal-ħtieġa li jiġu żgurati għodod xierqa għall-ġestjoni tar-riskju, jenħtieġ li jinżammu l-primjums tal-assigurazzjoni u l-fondi mutwi, iffinanzjati mill-FAEŻR. Il-kategorija tal-fondi mutwi tinkludi kemm dawk marbutin mat-telf tal-produzzjoni, kif ukoll l-għodod ta' stabbilizzazzjoni tal-introjtu speċifiċi għal kull settur, marbuta mat-telf fl-introjtu.</p>	<p>Fid-dawl tal-ħtieġa li jiġu żgurati għodod xierqa għall-ġestjoni tar-riskju, jenħtieġ li jinżammu l-primjums tal-assigurazzjoni u l-fondi mutwi. Il-kategorija tal-fondi mutwi tinkludi kemm dawk marbutin mat-telf tal-produzzjoni, kif ukoll l-għodod ta' stabbilizzazzjoni tal-introjtu speċifiċi għal kull settur, marbuta mat-telf fl-introjtu.</p>

Raġuni

Finanzjament permezz tal-FAEŻR ikun jeħtieġ żieda finanzjarja analoga tal-FAEŻR.

Emenda 19

Premessa 56

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Fil-proċess ta' żvilupp tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, jenħtieġ li l-Istati Membri janalizzaw is-sitwazzjoni u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom, jistabbilixxu miri marbuta mal-kisba tal-objettivi tal-PAK u jfasslu l-interventi li se jippermettu li jintlaħqu dawn il-miri, filwaqt li jiġu adattati għall-kuntesti nazzjonali u reġjonali speċifiċi, inkluż ir-reġjuni ultraperiferiċi skont l-Artikolu 349 tat-TFUE. It-tali proċess jenħtieġ li jippromwovi aktar sussidjarjetà fqafas komuni tal-Unjoni, filwaqt li l-konformità mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni u l-objettivi tal-PAK jenħtieġ li jiġu żgurati. Għalhekk huwa xieraq li jiġu stabbiliti regoli dwar l-istruttura u l-kontenut tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK.</p>	<p>Fil-proċess ta' żvilupp tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, jenħtieġ li l-Istati Membri, filwaqt li jipprevedu l-<i>ħolqien ta' pjani ta' żvilupp rurali fl-iżjed livell ġeografiku adatt</i>, janalizzaw is-sitwazzjoni u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom, jistabbilixxu miri marbuta mal-kisba tal-objettivi tal-PAK u jfasslu l-interventi li se jippermettu li jintlaħqu dawn il-miri, filwaqt li jiġu adattati għall-kuntesti nazzjonali u reġjonali speċifiċi, inkluż ir-reġjuni ultraperiferiċi skont l-Artikolu 349 tat-TFUE jew ir-reġjuni anqas vantaġġjati kif indikat fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 174 tat-TFUE. It-tali proċess jenħtieġ li jippromwovi aktar sussidjarjetà fqafas komuni tal-Unjoni, filwaqt li l-konformità mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni u l-objettivi tal-PAK jenħtieġ li jiġu żgurati. Għalhekk huwa xieraq li jiġu stabbiliti regoli dwar l-istruttura u l-kontenut tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK.</p>

Raġuni

Għalkemm teżisti l-possibbiltà li ċerti elementi tal-pjanijiet strateġiċi jiġu stabbiliti fl-livell reġjonali, ma nafux l-iskala ta' din ir-reġjonalizzazzjoni ipotetika. Ir-Regolament għandu jipprevedi l-istabbiliment ta' programmi ta' żvilupp rurali fil-livell adatt, tal-anqas fir-reġjuni ultraperiferiċi. Fit-tħejjija tal-pjani strateġiċi tal-PAK, u fit-tfassil ta' interventi f'kuntesti nazzjonali u reġjonali speċifiċi, l-Istati Membri jeħtieġ iqisu b'mod partikolari ir-reġjuni żvantaġġjati indikati fl-Artikolu 174 tat-TFUE, bħal reġjuni insulari, transkonfinali u muntanjużi.

Emenda 20

Artikolu 4(1)(a) u (b)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Definizzjonijiet li jridu jiġu formulati fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK</p> <p>1. Fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħhom l-Istati Membri għandhom jipprovdu d-definizzjonijiet tal-attività agrikola, iż-żona agrikola, l-ettaru eliġibbli, bidwi ġenwin u bidwi zaġhżuġh:</p> <p>(a) "attività agrikola" għandha tiġi definita b'mod li tinkludi kemm il-produzzjoni tal-prodotti agrikoli elenkati fl-Anness I tat-TFUE, inkluż il-qoton u <i>l-imsajġar b'newba qasira</i>, u ż-żamma taż-żona agrikola fi stat li jagħmilha tajba għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni, mingħajr azzjoni ta' tħejjija li tmur lil hinn mill-metodi u l-makkinarji agrikoli tas-soltu;</p>	<p>Definizzjonijiet li jridu jiġu formulati fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK</p> <p>1. Fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħhom l-Istati Membri għandhom jipprovdu d-definizzjonijiet tal-attività agrikola, iż-żona agrikola, l-ettaru eliġibbli, bidwi ġenwin u bidwi zaġhżuġh:</p> <p>(a) "attività agrikola" għandha tiġi definita b'mod li tinkludi kemm il-produzzjoni tal-prodotti agrikoli elenkati fl-Anness I tat-TFUE, inkluż il-qoton u <i>l-agroforestrija</i>, u ż-żamma taż-żona agrikola fi stat li jagħmilha tajba għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni, mingħajr azzjoni ta' tħejjija li tmur lil hinn mill-metodi u l-makkinarji agrikoli tas-soltu;</p>

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>(b) “żona agrikola” għandha tiġi definita b’mod li tkun magħmula mir-raba’ li jinħadem, l-għelejjel permanenti u l-bur permanenti. It-termini “raba’ li jinħadem”, “għelejjel permanenti” u “bur permanenti” għandhom jiġu speċifikati aktar mill-Istati Membri fil-qafas li ġej:</p> <p>(i) “raba’ li jinħadem” għandha tkun l-art ikkultivata għall-produzzjoni tal-għelejjel jew iż-żoni disponibbli għall-produzzjoni tal-għelejjel iżda li tkun art mistrieħa, u għandha tinkludi ż-żoni mwarrba skont l-Artikoli 22, 23 u 24 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999⁽¹⁾, l-Artikolu 39 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005⁽²⁾, l-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 jew l-Artikolu 65 ta’ dan ir-Regolament;</p> <p>(ii) “għelejjel permanenti” għandha tkun għelejjel li ma jtnewbux ħliet bur permanenti u merġhat permanenti li jokkupaw l-art għal ħames snin jew iżjed, u jagħtu hsaad ripetut, inklużi l-mixtliet u l-imsajġar b’newba qasira;</p> <p>(iii) “bur permanenti u merġha permanenti” (li flimkien jissejġu “bur permanenti”) għandha tiġi definita bħala art li ma tkunx inkluża fin-newba tal-azjenda għal ħames snin jew aktar, li tintuża biex jtkabbar il-ħaxix jew foraġġ erbaċeju ieħor b’mod naturali (li jinżerġu waħedhom) jew permezz tal-kultivazzjoni (jinżerġu bl-idejn). Tista’ tinkludi speċijiet oħra bħal pereżempju l-arbuxelli u/jew is-siġar li jistgħu jintużaw għar-ragħa jew għall-produzzjoni tal-għalf tal-annimali;</p> <p>⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 tas-17 ta’ Mejju 1999 dwar is-sostenn għal żvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida u Garanzija (FAEGG) u jemenda u jħassar ċerti Regolamenti (ĠU L 160, 26.6.1999, p. 80).</p> <p>⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 tal-20 ta’ Settembru 2005 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1).</p>	<p>(b) “żona agrikola” għandha tiġi definita b’mod li tkun magħmula mir-raba’ li jinħadem, l-għelejjel permanenti u l-bur permanenti. It-termini “raba’ li jinħadem”, “għelejjel permanenti” u “bur permanenti” għandhom jiġu speċifikati aktar mill-Istati Membri fil-qafas li ġej:</p> <p>(i) “raba’ li jinħadem” għandha tkun l-art ikkultivata għall-produzzjoni tal-għelejjel jew iż-żoni disponibbli għall-produzzjoni tal-għelejjel iżda li tkun art mistrieħa, u għandha tinkludi ż-żoni mwarrba skont l-Artikoli 22, 23 u 24 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999⁽¹⁾, l-Artikolu 39 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005⁽²⁾, l-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 jew l-Artikolu 65 ta’ dan ir-Regolament;</p> <p>(ii) “għelejjel permanenti” għandha tkun għelejjel li ma jtnewbux ħliet bur permanenti u merġhat permanenti li jokkupaw l-art għal ħames snin jew iżjed, u jagħtu hsaad ripetut, inklużi l-mixtliet u l-imsajġar b’newba qasira li jiddaħħlu fl-uċuħ tar-raba’;</p> <p>(iii) “bur permanenti u merġha permanenti” (li flimkien jissejġu “bur permanenti”) għandha tiġi definita bħala art li ma tkunx inkluża fin-newba tal-azjenda għal ħames snin jew aktar, li tintuża biex jtkabbar il-ħaxix jew foraġġ erbaċeju ieħor b’mod naturali (li jinżerġu waħedhom) jew permezz tal-kultivazzjoni (jinżerġu bl-idejn). Tista’ tinkludi speċijiet oħra bħal pereżempju l-arbuxelli u/jew is-siġar li jistgħu jintużaw għar-ragħa jew għall-produzzjoni tal-għalf tal-annimali dment li l-ħaxix u l-foraġġ erbaċeju ieħor ikunu predominanti; Tista’ tkun ukoll arti li tintuża għar-ragħa u li tifforma parti mill-prattiki lokali stabbiliti, fejn il-ħaxix u foraġġ erbaċeju ieħor tradizzjonalment mhumieq predominanti fiż-żoni tar-ragħa, jew art li tista’ tintuża għar-ragħa fejn il-ħaxix u foraġġ erbaċeju ieħor mhumieq predominanti, jew huma nieqsa, fiż-żoni tar-ragħa.</p> <p>Din tqis ukoll is-sistemi tas-silvopastorali fejn il-foraġġ erbaċeju mhuwieg predominanti iżda huma sfruttati minn bhejjem bħalma huwa l-każ tas-sistemi li jirgħu u arbuxelli tal-injam sistemi jew merġhat f’żoni muntanjużi.</p> <p>⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 tas-17 ta’ Mejju 1999 dwar is-sostenn għal żvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida u Garanzija (FAEGG) u jemenda u jħassar ċerti Regolamenti (ĠU L 160, 26.6.1999, p. 80).</p> <p>⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 tal-20 ta’ Settembru 2005 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1).</p>

Raġuni

Huwa propost li tinżamm il-formulazzjoni attwali tar-Regolament “Omnibus”, li qies il-karatteristiċi partikolari tal-bwar tal-Mediterran, bħall-art għall-mergħat u l-mergħat imsaġġra f’żoni muntanjużi.

Emenda 21

Artikolu 4(1)(d)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>“bdiewa ġenwini” għandha tkun definita b’mod li jiġi żgurati li l-ebda appoġġ ma jingħata lil dawki li l-attività agrikola tagħhom tiffirma parti insinifikanti biss tal-attivitàjiet ekonomiċi tagħhom jew li l-attività ta’ negozju ewlenija tagħhom mhijiex agrikola, filwaqt li ma jiġux esklużi mill-appoġġ il-bdiewa pluriattivi. Id-definizzjoni għandha tippermetti li jiġi determinat liema bdiewa mhumiex ikkunsidrati bdiewa ġenwini fuq il-bażi ta’ kundizzjonijiet bħal pereżempju t-testijiet tal-introjtu, l-inputs lavorattivi fuq l-azzjenda agrikola, l-għanijiet tal-kumpanija u/jew l-inklużjoni fir-reġistri.</p>	<p>“bdiewa ġenwini” għandha tkun definita b’mod li jiġi żgurati li l-ebda appoġġ ma jingħata lil dawki li l-attività agrikola tagħhom tiffirma parti insinifikanti biss tal-attivitàjiet ekonomiċi tagħhom jew li l-attività ta’ negozju ewlenija tagħhom mhijiex agrikola, filwaqt li ma jiġux esklużi mill-appoġġ il-bdiewa pluriattivi. Id-definizzjoni għandha tippermetti li jiġi determinat liema bdiewa mhumiex ikkunsidrati bdiewa ġenwini fuq il-bażi ta’ kundizzjonijiet bħal pereżempju l-parti tal-introjtu li toriġina mill-produzzjoni agrikola, l-għanijiet tal-kumpanija u/jew l-inklużjoni fir-reġistri. Fi kwalunkwe każ, id-definizzjoni trid tippreserva l-mudell tal-agrikoltura tal-familja tal-Unjoni Ewropea, dik individwali jew assoċjattiva, li fi ħdanu l-bidwi jaħdem u jgħix direttament il-ħajja agrikola, u tista’ tikkunsidra: fil-każ xieraq, il-karatteristiċi speċifiċi tar-reġjuni kif definiti fl-Artikolu 349 tat-TFUE.</p>

Raġuni

Li jitqies l-introjtu jista’ jeskludi bdiewa żgħar. Li titqies parti mill-introjtu agrikolu tippermetti li ssir distinzjoni aħjar bejn bdiewa ġenwini u oħrajn. Għandu jiġi affermat mill-ġdid il-mudell Ewropew ta’ agrikoltura tal-familja.

Emenda 22

Artikolu 5

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>L-appoġġ mill-FAEG u mill-FAEŻR għandu jkollu l-għan li jtejjeb aktar l-iżvilupp sostenibbli tal-biedja, tal-ikel u taż-żoni rurali u għandu jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-oġġettivi ġenerali li ġejjin:</p> <p>(a) li jitrawwem settur agrikolu intelliġenti, reżiljenti u diversifikat li jiżgura s-sigurtà tal-ikel;</p> <p>(b) li jissaħħu l-ħarsien ambjentali u l-azzjoni klimatika u jingħata kontribut lill-oġġettivi tal-Unjoni relatati mal-ambjent u mal-klima;</p> <p>(c) li tissaħħaħ in-nisġa soċjoekonomika taż-żoni rurali.</p>	<p>L-appoġġ mill-FAEG u mill-FAEŻR għandu jkollu l-għan li jtejjeb aktar l-iżvilupp sostenibbli tal-biedja, tal-ikel u taż-żoni rurali u għandu jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-oġġettivi ġenerali li ġejjin:</p> <p>(a) li jitrawwem settur agrikolu <i>intelliġenti</i>, reżiljenti u diversifikat li jiżgura s-sigurtà tal-ikel;</p> <p>(b) li jissaħħu l-ħarsien ambjentali u l-azzjoni klimatika u jingħata kontribut lill-oġġettivi tal-Unjoni relatati mal-ambjent u mal-klima;</p> <p>(c) li tissaħħaħ in-nisġa soċjoekonomika taż-żoni rurali, b’enfasi fuq ir-riċerka ta’ livell ta’ għajxien ġust għall-komunità agrikola, skont l-Artikolu 39(b) tat-TFUE, b’attenzjoni speċjali għaż-żoni rurali bi problemi serji ta’ depopolazzjoni.</p>

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Dawk l-oġġettivi għandhom jiġu kkomplementati mill-oġġettiv trasversali tal-modernizzazzjoni tas-settur billi jitrawmu u jiġu kondiviżi l-għarfien, l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni fl-agrikoltura u fiż-żoni rurali, u jitħeġġeġ l-użu tagħhom.	Dawk l-oġġettivi għandhom jiġu kkomplementati mill-oġġettiv trasversali tal-modernizzazzjoni tas-settur billi jitrawmu u jiġu kondiviżi l-għarfien, l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni fl-agrikoltura u fiż-żoni rurali, u jitħeġġeġ l-użu tagħhom. <i>Din hija wkoll għajnuna għall-ħolqiet differenti fil-katina tal-valur tal-ikel sabiex jitrawwmu konnessjonijiet, billi jissaħħu r-relazzjonijiet kuntrattwali tagħhom u jagħmilhom aktar trasparenti, kif ukoll permezz tal-użu ta' għodod bħall-osservatorji standardizzati tal-prezzijiet u l-ispejjeż ta' produzzjoni.</i>

Raġuni

Il-PAK għandha tiżgura konformità mal-Artikolu 39 TFUE, għandha tagħti attenzjoni partikolari lit-territorji rurali affettwati mid-depopolazzjoni, u ttejjeb il-funzjonament tal-katini tal-provvista tal-ikel.

Emenda 23

Artikolu 6(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Objettivi speċifiċi</p> <p>1. Il-kisba tal-oġġettivi ġenerali għandha tiġi segwita permezz tal-oġġettivi speċifiċi li ġejjin:</p> <p>(a) jiġu appoġġati l-introjtu vijabbli tal-azjendi agrikoli u r-reżiljenza tagħhom fl-Unjoni kollha biex tissaħħa is-sigurtà tal-ikel;</p> <p>(b) tissaħħa l-orjentazzjoni lejn is-suq u tiżdied il-kompetittività inkluż permezz ta' aktar enfasi fuq ir-riċerka, it-teknoloġija u d-diġitalizzazzjoni;</p> <p>(c) tittejjeb il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-valur;</p> <p>(d) jingħata kontribut lill-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, kif ukoll lill-enerġija sostenibbli;</p> <p>(e) <i>jitrawwem l-iżvilupp sostenibbli u l-ġestjoni effiċjenti tar-riżorsi naturali bħall-ilma, il-ħamrija u l-arja;</i></p>	<p>Objettivi speċifiċi</p> <p>1. Il-kisba tal-oġġettivi ġenerali għandha tiġi segwita permezz tal-oġġettivi speċifiċi li ġejjin:</p> <p>(a) jiġu appoġġati l-introjtu vijabbli tal-azjendi agrikoli, <i>li jitqabbel ma' dak li jinkiseb fl-ekonomija kollha</i>, u r-reżiljenza tagħhom fl-Unjoni kollha biex tissaħħa is-sigurtà tal-ikel;</p> <p>(b) tissaħħa l-orjentazzjoni lejn is-suq u tiżdied il-kompetittività <i>ekonomika, soċjali, ambjentali u territorjali</i>, inkluż permezz ta' aktar enfasi fuq ir-riċerka, it-teknoloġija u d-diġitalizzazzjoni, <i>kif ukoll l-agroekoloġija, u fuq it-tixrid ta' metodi ta' produzzjoni sostenibbli;</i></p> <p>(c) <i>tissaħħa il-produttività tal-fatturi ta' produzzjoni, anke sabiex jitnaqqsu il-prezzijiet tal-beni u s-servizzi prodotti mis-settur agrikolu;</i></p> <p>(d) tittejjeb il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-valur;</p> <p>(e) jingħata kontribut lill-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, kif ukoll lill-enerġija sostenibbli;</p>

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
(f) jingħata kontribut lill-protezzjoni tal-bijodiversità, jissaħħu s-servizzi tal-ekosistema u jiġu preservati l-habitats u l-pajsaġġi;	(f) titrawwem il-ġestjoni sostenibbli effiċjenti tar-riżorsi naturali kif ukoll tar-riżorsi ġenetiċi agrikoli , bħall-ilma, il-ħamrija u l-arja;
(g) jiġu attirati bdiewa żgħażaġh u jiġi ffaċilitat l-iżvilupp tan-negozju fiż-żoni rurali;	(g) jingħata kontribut lill-protezzjoni tal-bijodiversità, jissaħħu s-servizzi tal-ekosistema u jiġu preservati l-habitats u l-pajsaġġi;
(h) jiġu promossi l-impjiegi, it-tkabbir, l-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp lokali fiż-żoni rurali, inkluż il-bijoeconomija u l-forestrija sostenibbli;	(h) jiġu attirati bdiewa żgħażaġh u bdiewa ġodda, speċjalment fir-reġjuni l-inqas popolati , u jiġi ffaċilitat l-iżvilupp tan-negozju fiż-żoni rurali;
(i) tittejjeb ir-reazzjoni tal-agrikoltura tal-UE għad-domandi soċjetali għall-ikel u għas-saħħa, inkluż ikel sikur, nutrittiv u sostenibbli, il-ħela tal-ikel, kif ukoll il-benessri tal-annimali.	(i) jiġu promossi l-impjiegi, it-tkabbir, il-parteċipazzjoni tal-mara fl-ekonomija rurali , l-inklużjoni soċjali, u l-iżvilupp lokali fiż-żoni rurali, inkluż il-bijoeconomija u l-forestrija sostenibbli;
	(j) tittejjeb ir-reazzjoni tal-agrikoltura tal-UE għad-domandi soċjetali għall-ikel u għas-saħħa, inkluż ikel sikur, nutrittiv u sostenibbli, il-ħela tal-ikel, kif ukoll il-benessri tal-annimali.
	(k) jiġi promoss l-iżvilupp ta' biedja tal-familja sostenibbli fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, f'konformità mal-oġġettivi 1 u 2 tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), adottati min-NU, kif ukoll mal-koerenza politika għall-iżvilupp tal-UE.

Emenda 24

Artikolu 8

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
L-Istati Membri għandhom isegwu l-oġġettivi stabbiliti fit-Titolu II billi jispesifikaw l-interventi bbażati fuq it-tipi ta' interventi stabbiliti fil-Kapitoli II, III u IV ta' dan it-Titolu skont ir-rekwiżiti komuni stabbiliti f'dan il-Kapitolu.	L-Istati Membri u r-reġjuni meta dawn huma l-awtoritajiet ta' ġestjoni għandhom isegwu l-oġġettivi stabbiliti fit-Titolu II billi jispesifikaw l-interventi bbażati fuq it-tipi ta' interventi stabbiliti fil-Kapitoli II, III u IV ta' dan it-Titolu skont ir-rekwiżiti komuni stabbiliti f'dan il-Kapitolu.

Raġuni

Jeħtieġ li jinżamm u jissaħħaħ ir-rwol tar-reġjuni Ewropej fil-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-PAK sabiex jiġu adatti l-għażliet politiċi skont karatteristiċi territorjali u settorjali speċifiċi.

Emenda 25

Artikolu 9

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>L-Istati Membri għandhom ifasslu l-interventi tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom f'konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni.</p> <p>L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-interventi jkunu stabbiliti fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji, li jkunu kompatibbli mas-suq intern u li ma jgħolqux distorsjoni tal-kompetizzjoni.</p> <p>L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-qafas legali li jirregola l-għoti tal-appoġġ mill-Unjoni lill-benefiċjarji fuq il-bażi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK u skont il-prinċipji u r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u fir-Regolament (UE) [ir-Regolament Orizzontali].</p>	<p>Waqt li jitqies li l-Politika Agrikola Komuni hija l-pedament li fuq tibbaża l-ekonomija tas-settur agroalimentari u n-nisġa ekonomika u soċjali tal-ambjent rurali fl-Unjoni, l-Istati Membri u r-reġjuni meta dawn huma l-awtoritajiet ta' ġestjoni għandhom ifasslu l-interventi tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom f'konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni u notevolment il-prinċipju tas-sussidjarjetà.</p> <p>L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-interventi jkunu stabbiliti fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji, li jkunu kompatibbli mas-suq intern u li ma jgħolqux distorsjoni tal-kompetizzjoni.</p> <p>L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-qafas legali li jirregola l-għoti tal-appoġġ mill-Unjoni lill-benefiċjarji fuq il-bażi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK u skont il-prinċipji u r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u fir-Regolament (UE) [ir-Regolament Orizzontali].</p>

Raġuni

Huwa meħtieġ li ssir referenza għall-bażi tal-Politika Agrikola Komuni u l-hteġa li l-Istati Membri jimplimentawha waqt li tiġi rispettata l-kompatibbiltà mas-suq intern u mingħajr ma tiġi mfixkla l-kompetizzjoni.

Emenda 26

Artikolu 11

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, l-Istati Membri għandhom jinkludu sistema ta' kundizzjonalità, li taħtha għandha tiġi imposta penali amministrattiva fuq il-benefiċjarji li jirċievu pagamenti diretti skont il-Kapitolu II ta' dan it-Titolu jew il-primjums annwali skont l-Artikoli 65, 66 u 67, u li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni skont id-dritt tal-Unjoni u l-istandards għall-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba tal-art stabbiliti fil-Pjan Strateġiku tal-PAK kif elenkati fl-Anness III, relatati mal-oqsma speċifiċi li ġejjin:</p> <ol style="list-style-type: none"> il-klima u l-ambjent; is-saħħa pubblika, is-saħħa tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti; il-benessri tal-annimali. 	<p>Fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, l-Istati Membri għandhom jinkludu sistema ta' kundizzjonalità, li taħtha għandha tiġi imposta penali amministrattiva fuq il-benefiċjarji li jirċievu pagamenti diretti skont il-Kapitolu II ta' dan it-Titolu jew il-primjums annwali skont l-Artikoli 65, 66 u 67, u li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni skont id-dritt tal-Unjoni u l-istandards għall-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba tal-art stabbiliti fil-Pjan Strateġiku tal-PAK kif elenkati fl-Anness III, relatati mal-oqsma speċifiċi li ġejjin:</p> <ol style="list-style-type: none"> il-klima u l-ambjent; is-saħħa pubblika, is-saħħa tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti; il-benessri tal-annimali; soċjali: rispett tad-drittijiet tal-ħaddiema agrikoli.

Raġuni

Huwa importanti li l-azjendi jibbenefikaw minn fondi pubbliċi tal-PAK fir-rispett tad-drittijiet soċjali tal-impjegati tagħhom.

Emenda 27

Artikolu 12(3)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema li tippovdi l-Għodda għas-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli għan-Nutrijenti msemmija fl-Anness III, bil-kontenut u l-funzjonalitajiet minimi kif definit hemmhekk, lill-benefiċjarji li se jużaw l-Għodda.</p> <p>Il-Kummissjoni tista' tappoġġa lill-Istati Membri fit-tfassil ta' dik l-Għodda kif ukoll fir-rekwiżiti tas-servizzi ta' ħżin tad-data u tal-ipproċessar tad-data.</p>	<p>L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema li tippovdi l-Għodda għas-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli għan-Nutrijenti msemmija fl-Anness III, bil-kontenut u l-funzjonalitajiet minimi kif definit hemmhekk, lill-benefiċjarji li se jużaw l-Għodda.</p> <p>Il-Kummissjoni tista' tappoġġa lill-Istati Membri fit-tfassil ta' dik l-Għodda. Ir-rekwiżiti tas-servizzi ta' ħżin tad-data, tal-ipproċessar u tal-protezzjoni tad-data għandhom jiżguraw il-kontroll mill-bidwi tal-ġestjoni tan-nutrijenti.</p>

Raġuni

Il-fertilità tal-ħamrija tiddependi inqas minn reġistrazzjoni diġitali ta' nutrijenti milli mir-rispett tal-aħjar prattiki agronomiċi li jiddeterminaw l-istat tajjeb organiku tal-ħamrija. Il-bidwi għandu jibqa' fil-kontroll tal-ġestjoni tan-nutrijenti fl-azjenda tiegħu, skont il-liġi.

Emenda 28

Artikolu 12(4)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 138 li jissupplimentaw dan ir-Regolament b'regoli għall-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba, inkluż l-istabbiliment tal-elementi tas-sistema tal-proporzjon ta' bur permanenti, is-sena ta' referenza u r-rata ta' konverżjoni skont il-KAAT 1 kif imsemmi fl-Anness III, il-format u l-elementi u l-funzjonalitajiet minimi addizzjonali tal-Għodda għas-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli għan-Nutrijenti.</p>	

Raġuni

Kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajbin għandhom jaqgħu fl-ambitu tar-regolamenti u mhux ta' atti delegati.

Emenda 29

Artikolu 13(4) (d)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>il-ġestjoni tar-riskju kif imsemmi fl-Artikolu 70;</p>	<p>il-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskju kif imsemmi fl-Artikolu 70;</p>

Raġuni

Il-prevenzjoni tar-riskju, permezz ta' prattiki agroekoloġiċi, id-despeċjalizzazzjoni tal-azjendi u tat-territorji, se twassal għal azjendi aktar reżiljenti għal riskji klimatiċi u sanitarji. Il-ġestjoni tar-riskju li hija ta' spiża għolja mhux se tkun biżżejjed biex tagħmel azjendi sikuri.

Emenda 30

Artikolu 15(4)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<i>Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 138 li jissupplementaw dan ir-Regolament b'regoli li jstabbilixxu bażi armonizzata għall-kalkolu tat-tnaqqis tal-pagamenti stabbilit fil-paragrafu 1 sabiex tiġi żgurata distribuzzjoni korretta tal-fondi lill-benefiċjarji intitolati.</i>	

Raġuni

Id-distribuzzjoni ta' pagamenti diretti għandha taqa' fil-kamp tar-regolamenti u mhux permezz ta' atti delegati.

Emenda 31

Artikolu 24(1)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Ħlief fil-każ ta' trasferiment permezz ta' wirt proprju jew antiċipat, l-intitolamenti għal pagament għandhom jiġu trasferiti lil-bidwi ġenwin biss.	Ħlief fil-każ ta' trasferiment permezz ta' wirt proprju jew antiċipat, l-intitolamenti għal pagament għandhom jiġu trasferiti lil-bidwi ġenwin biss u jibqgħu marbutin mal-art.

Raġuni

Mhuwiex ġustifikabbli li tkun tista' tagħmel kummerċ ta' sussidji pubbliċi mingħajr rabta mal-akkwist jew il-kiri ta' art agrikola.

Emenda 32

Artikolu 25

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
L-Istati Membri jistgħu jagħtu pagamenti lill-bdiewa żgħar kif definit mill-Istati Membri permezz ta' somma f'daqqa għall-eqreb numru sħiħ, li tissostitwixxi l-pagamenti diretti taħt din it-Taqsima u t-Taqsima 3 ta' dan il-Kapitolu. L-Istati Membri għandhom ifasslu l-intervent korrispondenti fil-Pjan Strateġiku tal-PAK bħala wieħed fakultattiv għall-bdiewa.	L-Istati Membri għandhom jagħtu pagamenti lill-bdiewa żgħar kif definit mill-Istati Membri permezz ta' somma f'daqqa għall-eqreb numru sħiħ, li tissostitwixxi l-pagamenti diretti taħt din it-Taqsima u t-Taqsima 3 ta' dan il-Kapitolu. L-ammont ta' din is-somma f'daqqa huwa ffissat f'livell suffiċjenti biex tipprovdri sostenibbiltà fit-tul f'dawn l-azjendi. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kriterji għad-definizzjoni ta' bdiewa żgħar u jfasslu l-intervent korrispondenti fil-Pjan Strateġiku tal-PAK bħala wieħed fakultattiv għall-bdiewa.

Raġuni

L-“azjendi agrikoli żgħar” jaqdu rwol tassew importanti għaż-żamma ta' impjiegi, ta' dinamiżmu u l-manutenzjoni ta' territorji. Din id-dispożizzjoni għandha tkun obbligatorja għall-Istati Membri.

Emenda 33

Artikolu 28(6)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>L-appoġġ għall-ekoskemi għandu jieħu l-forma ta' pagament annwali għal kull ettaru eliġibbli u għandu jingħata jew:</p> <p>(a) bħala pagamenti addizzjonali għall-appoġġ għall-introjtu bażiku kif stabbilit fis-Subtaqsima 2 ta' din it-Taqsima; jew</p> <p>(b) bħala pagamenti li jikkumpensaw lill-benefiċjarji għall-ispejjeż addizzjonali mġarrba kollha jew parti minnhom u l-introjtu mitluf bħala riżultat tal-impenji, kif stabbilit skont l-Artikolu 65.</p>	<p>L-appoġġ għall-ekoskemi għandu jieħu l-forma ta' pagament annwali għal kull ettaru eliġibbli u għandu jingħata jew:</p> <p>(a) bħala pagamenti addizzjonali għall-appoġġ għall-introjtu bażiku kif stabbilit fis-Subtaqsima 2 ta' din it-Taqsima; jew</p> <p>(b) bħala pagamenti li jikkumpensaw lill-benefiċjarji lil hinn mill-ispejjeż addizzjonali mġarrba kollha jew parti minnhom u l-introjtu mitluf bħala riżultat tal-impenji, kif stabbilit skont l-Artikolu 65.</p>

Raġuni

Sabiex il-bdiewa jitħeġġu jżommu jew jiżviluppaw prattiki favur l-ambjent, l-appoġġ għandu jmur lil hinn mill-ispejjeż tal-produzzjoni addizzjonali marbuta mal-aħjar prattiki.

Emenda 34

Artikolu 29

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>1. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu appoġġ għall-introjtu akkoppjat lill-bdiewa ġenwini bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'din is-Subtaqsima u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom.</p> <p>2. L-interventi tal-Istati Membri għandhom jgħinu lis-setturi u lill-produzzjonijiet appoġġati jew it-tipi speċifiċi ta' biedja tagħhom elenkati fl-Artikolu 30 li jindirizzaw id-diffikultà jew id-diffikultajiet li jkollhom minħabba li jtejbu l-kompetittività tagħhom, is-sostenibbiltà tagħhom jew il-kwalità tagħhom.</p>	<p>1. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu appoġġ għall-introjtu akkoppjat lill-bdiewa ġenwini bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'din is-Subtaqsima u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom.</p> <p>2. L-interventi tal-Istati Membri għandhom jgħinu lis-setturi u lill-produzzjonijiet appoġġati jew it-tipi speċifiċi ta' biedja tagħhom elenkati fl-Artikolu 30, bl-għanijiet li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> — il-prevenzjoni tal-abbandun tal-attività agrikola fit-territorji rurali u t-tisħiħ tal-awtosuffiċjenza alimentari tal-UE, jew — l-indirizzar tad-diffikultà jew id-diffikultajiet li jkollhom minħabba li jtejbu l-kompetittività tagħhom, is-sostenibbiltà tagħhom jew il-kwalità tagħhom.

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
3. L-appoġġ għall-introjt akkoppjat għandu jieħu l-forma ta' pagament annwali għal kull ettaru jew għal kull animal.	3. L-appoġġ għall-introjt akkoppjat għandu jieħu l-forma ta' pagament annwali b'limitu massimu għal kull ettaru jew għal kull animal.

Raġuni

L-appoġġ akkoppjat għandu jkopri t-territorji f'diffikultà kif ukoll il-produzzjoni f'diffikultà, u jimmira li jżomm produzzjoni li qed tiżviluppa, u dan jiġġustifika l-istabbiliment ta' limitu massimu għal kull azjenda.

Emenda 35

Artikolu 30

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
L-appoġġ għall-introjt akkoppjat jista' biss jingħata lis-setturi u lill-produzzjonijiet li ġejjin jew tipi speċifiċi ta' biedja fihom fejn dawn ikunu importanti għal raġunijiet ekonomiċi, soċjali jew ambjentali: ċereali, żrieragħ taż-żjut, għelejjel li fihom il-proteini, legumi tal-qamħ, kittien, qanneb, ross, ġewż, patata tal-lamtu , ħalib u prodotti tal-ħalib, żrieragħ, laħam tan-nagħaġ u laħam tal-mogħoż, ċanga u vitella, żejt taż-żebbuġa, dud tal-ħarir, foraġġ niexef, ħops, pitravi , kannamiela u ċikwejra, frott u ħxejjex, msajġar b'newba qasira u għelejjel oħra mhux tal-ikel, esklużi s-siġar, li jintużaw għall-produzzjoni tal-prodotti li għandhom il-potenzjal li jissosstitwixxu l-materjali fossili.	L-appoġġ għall-introjt akkoppjat jista' biss jingħata lis-setturi u lill-produzzjonijiet li ġejjin jew tipi speċifiċi ta' biedja fihom fejn dawn ikunu importanti għal raġunijiet ekonomiċi, soċjali jew ambjentali: ċereali, żrieragħ taż-żjut bl-eċċezzjoni ta' uċuh tar-raba maħsuba għall-agrokarburant , għelejjel li fihom il-proteini, legumi tal-qamħ, legumi tal-għalf puri jew f'taħlita mal-ħaxix, bwar , kittien, qanneb, ross, ġewż, ħalib u prodotti tal-ħalib, żrieragħ, laħam tan-nagħaġ u laħam tal-mogħoż, ċanga u vitella, majjal u tjur , żejt taż-żebbuġa, dud tal-ħarir, foraġġ niexef, ħops, pitravi, kannamiela u ċikwejra, frott u ħxejjex, msajġar b'newba qasira inkluż fil-plottijiet tal-uċuh tar-raba.

Raġuni

L-appoġġ akkoppjat għandu jiffavorixxi l-legumi. M'għandux jipprekludi l-majjal u t-tjur, kuntrarjament għal uċuh tar-raba għall-agrokarburanti.

Emenda 36

Artikolu 40

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Tipi ta' interventi settorjali obligatorji u fakoltattivi	Tipi ta' interventi settorjali obligatorji u fakoltattivi
1. It-tip ta' interventi settorjali fis-settur tal-frott u l-ħaxix imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 39 u fis-settur tal-apikultura imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 39 għandu jkun obligatorju għal kull Stat Membru.	1. It-tip ta' interventi settorjali fis-settur tal-frott u l-ħaxix imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 39 u fis-settur tal-apikultura imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 39 għandu jkun obligatorju għal kull Stat Membru.
2. It-tip ta' intervent settorjali fis-settur tal-inbid imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 39 għandu jkun obligatorju għall-Istati Membri elenkati fl-Anness V.	2. It-tip ta' intervent settorjali fis-settur tal-inbid imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 39 għandu jkun obligatorju għall-Istati Membri elenkati fl-Anness V.

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>3. Fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħhom l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jimplementaw it-tipi ta' interventi settorjali msemmija fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 39.</p> <p>4. L-Istat Membru msemmi fl-Artikolu 82(3) jista' jimplementa t-tip ta' intervent settorjali msemmi fil-punt (f) tal-Artikolu 39 lis-settur tal-ħops biss jekk dak l-Istat Membru jiddeċiedi fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tiegħu li ma jimplementax it-tip ta' intervent settorjali msemmi fil-punt (d) tal-Artikolu 39.</p> <p>5. L-Istati Membri msemmijin fl-Artikolu 82(4) jistgħu jimplimentaw it-tip ta' intervent settorjali msemmi fil-punt (f) tal-Artikolu 39 lis-settur taż-żejt taż-żebuga u ż-żebug tal-mejda biss jekk dawk l-Istati Membri jiddeċiedu fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom li ma jimplementawx it-tip ta' intervent settorjali msemmi fil-punt (e) tal-Artikolu 39.</p>	<p>3. Fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħhom l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jimplementaw it-tipi ta' interventi settorjali msemmija fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 39.</p> <p>4. L-Istat Membru msemmi fl-Artikolu 82(3) jista' jimplementa t-tip ta' intervent settorjali msemmi fil-punt (f) tal-Artikolu 39 lis-settur tal-ħops biss jekk dak l-Istat Membru jiddeċiedi fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tiegħu li ma jimplementax it-tip ta' intervent settorjali msemmi fil-punt (d) tal-Artikolu 39.</p> <p>5. L-Istati Membri msemmijin fl-Artikolu 82(4) jistgħu jimplimentaw it-tip ta' intervent settorjali msemmi fil-punt (f) tal-Artikolu 39 lis-settur taż-żejt taż-żebuga u ż-żebug tal-mejda biss jekk dawk l-Istati Membri jiddeċiedu fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom li ma jimplementawx it-tip ta' intervent settorjali msemmi fil-punt (e) tal-Artikolu 39.</p> <p>6. L-Istati Membri jistgħu jinkludu fil-pjani tagħhom azzjonijiet ta' prevenzjoni tal-kriżi u ta' ġestjoni tar-riskju f'kull settur, sabiex tiġi evitata u indirizzata l-kriżi fis-settur; dawn l-oġettivi huma relatati mal-oġettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 6 (1); F'dawn l-azzjonijiet ser tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni fis-sistema tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi, organizzazzjonijiet interprofessjonali u kooperattivi.</p> <p>7. Permezz ta' linja gwida applikabbli għall-Unjoni Ewropea kollha, l-Istati Membri għandhom jinkludu fil-pjani strateġiċi tagħhom għodod bħal osservatorji standardizzati tal-prezzijiet u tal-ispejjeż tal-produzzjoni li jippermettu li tinkiseb informazzjoni dwar l-iżviluppi tas-swieq.</p>

Raġuni

Il-possibbiltà ta' azzjonijiet li jipprevjenu u jiġġestixxu r-riskji għandha tiġi estiża għas-setturi kollha. Il-ħolqien ta' għodod bħal osservatorji standardizzati tal-prezzijiet u tal-ispejjeż tal-produzzjoni ser jippermetti li jinkiseb sinjali ta' twissija dwar l-evoluzzjoni tas-swieq agricoli.

Emenda 37

Artikolu 43(1)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Fir-rigward tal-oġettivi msemmijin fil-punti (a) sa (h) tal-Artikolu 42, l-Istati Membri għandhom jagħżlu fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom tip ta' intervent wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:</p> <p>(a) investimenti f'assi tanġibbli u intanġibbli, b'mod partikolari ffokati fuq l-iffrankar tal-ilma, l-iffrankar tal-enerġija, l-imbellaġġ ekoloġiku u t-tnaqqis tal-iskart;</p>	<p>Fir-rigward tal-oġettivi msemmijin fil-punti (a) sa (h) tal-Artikolu 42, l-Istati Membri għandhom jagħżlu fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom tip ta' intervent wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:</p> <p>(a) investimenti f'assi tanġibbli u intanġibbli, b'mod partikolari ffokati fuq l-iffrankar tal-ilma, l-iffrankar tal-enerġija, l-imbellaġġ ekoloġiku u t-tnaqqis tal-iskart;</p>

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
(b) ir-riċerka u l-produzzjoni sperimentali, b'mod partikolari ffokati fuq l-iffrankar tal-ilma, l-iffrankar tal-enerġija, l-imballaġġ ekoloġiku, it-tnaqqis tal-iskart, ir-reżiljenza għall-organiżmi ta' ħsara, it-tnaqqis tar-riskji u l-impatti tal-użu tal-pestiċidi, il-prevenzjoni ta' ħsara kkawżata minn avvenimenti klimatiċi avversi u t-tisħiħ tal-użu tal-varjetajiet ta' frott u ħaxix adattati għall-kundizzjonijiet klimatiċi li jinbidlu;	(b) ir-riċerka u l-produzzjoni sperimentali, b'mod partikolari ffokati fuq l-iffrankar tal-ilma, l-iffrankar tal-enerġija, l-imballaġġ ekoloġiku, it-tnaqqis tal-iskart, ir-reżiljenza għall-organiżmi ta' ħsara, it-tnaqqis tar-riskji u l-impatti tal-użu tal-pestiċidi, il-prevenzjoni ta' ħsara kkawżata minn avvenimenti klimatiċi avversi u t-tisħiħ tal-użu tal-varjetajiet ta' frott u ħaxix adattati għall-kundizzjonijiet klimatiċi li jinbidlu;
(c) il-produzzjoni organika;	(c) il-produzzjoni organika;
(d) il-produzzjoni integrata;	(d) il-produzzjoni integrata;
(e) l-azzjonijiet biex tiġi konservata l-ħamrija u biex jissaħħaħ l-karbonju fil-ħamrija;	(e) l-azzjonijiet biex tiġi konservata l-ħamrija u biex jissaħħaħ l-karbonju fil-ħamrija;
(f) l-azzjonijiet għall-ħolqien u għaż-żamma tal-ħabitats favorevoli għall-bijodiversità jew għaż-żamma tal-pajsaġġ f'kundizzjoni tajba, inkluża l-konservazzjoni tal-karatteristiċi storiċi;	(f) l-azzjonijiet għall-ħolqien u għaż-żamma tal-ħabitats favorevoli għall-bijodiversità jew għaż-żamma tal-pajsaġġ f'kundizzjoni tajba, inkluża l-konservazzjoni tal-karatteristiċi storiċi;
(g) l-azzjonijiet għall-iffrankar tal-enerġija, għat-titjib tal-effiċjenza fl-enerġija u għaż-żieda tal-użu tal-enerġija rinnovabbli;	(g) l-azzjonijiet għall-iffrankar tal-enerġija, għat-titjib tal-effiċjenza fl-enerġija u għaż-żieda tal-użu tal-enerġija rinnovabbli;
(h) l-azzjonijiet li jtejbu r-reżiljenza għall-organiżmi ta' ħsara;	(h) l-azzjonijiet li jtejbu r-reżiljenza għall-organiżmi ta' ħsara;
(i) l-azzjonijiet li jtejbu l-użu u l-ġestjoni tal-ilma, inkluż l-iffrankar u l-iskular tal-ilma;	(i) l-azzjonijiet li jtejbu l-użu u l-ġestjoni tal-ilma, inkluż l-iffrankar u l-iskular tal-ilma;
(j) l-azzjonijiet u l-miżuri biex titnaqqas il-produzzjoni tal-iskart u titjeb il-ġestjoni tal-iskart;	(j) l-azzjonijiet u l-miżuri biex titnaqqas il-produzzjoni tal-iskart u titjeb il-ġestjoni tal-iskart;
(k) l-azzjonijiet biex tiżdied is-sostenibbiltà u l-effiċjenza tat-trasport u tal-ħżin tal-prodotti tas-settur tal-frott u l-ħaxix;	(k) l-azzjonijiet biex tiżdied is-sostenibbiltà u l-effiċjenza tat-trasport u tal-ħżin tal-prodotti tas-settur tal-frott u l-ħaxix;
(l) l-azzjonijiet għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, għall-adattament għat-tibdil fil-klima u biex jiżdied l-użu tal-enerġija rinnovabbli;	(l) l-azzjonijiet għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, għall-adattament għat-tibdil fil-klima u biex jiżdied l-użu tal-enerġija rinnovabbli;
(m) l-implimentazzjoni ta' skemi ta' kwalità tal-Unjoni u nazzjonali;	(m) l-implimentazzjoni ta' skemi ta' kwalità tal-Unjoni u nazzjonali;
(n) il-promozzjoni u l-komunikazzjoni, inklużi azzjonijiet u attivajiet li jimmiraw għad-diversifikazzjoni u l-konsolidazzjoni tas-swieq tal-frott u l-ħaxix u għall-informazzjoni dwar il-vantaġġi tal-konsum tal-frott u l-ħaxix għas-saħħa;	(n) il-promozzjoni u l-komunikazzjoni, inklużi azzjonijiet u attivajiet li jimmiraw għad-diversifikazzjoni u l-konsolidazzjoni tas-swieq tal-frott u l-ħaxix u għall-informazzjoni dwar il-vantaġġi tal-konsum tal-frott u l-ħaxix għas-saħħa;

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>(o) is-servizzi konsultattivi u l-assistenza teknika, b'mod partikolari dwar it-tekniki sostenibbli għall-kontroll tal-organiżmi ta' ħsara, l-użu sostenibbli tal-pestiċidi l-adattament u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima;</p> <p>(p) it-taħriġ u l-iskambju tal-aħjar prattiki b'mod partikolari dwar it-tekniki sostenibbli għall-kontroll tal-organiżmi ta' ħsara, l-użu sostenibbli tal-pestiċidi u l-kontribuzzjoni għall-adattament u għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.</p>	<p>(o) is-servizzi konsultattivi u l-assistenza teknika, b'mod partikolari dwar it-tekniki sostenibbli għall-kontroll tal-organiżmi ta' ħsara, it-tnaqqis tal-użu tal-pestiċidi l-adattament u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima;</p> <p>(p) it-taħriġ u l-iskambju tal-aħjar prattiki b'mod partikolari dwar it-tekniki sostenibbli għall-kontroll tal-organiżmi ta' ħsara, it-tnaqqis tal-użu tal-pestiċidi u l-kontribuzzjoni għall-adattament u għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima;</p> <p>(q) <i>l-azzjonijiet intiżi biex jippreżervaw id-diversità tar-riżorsi ġenetiċi tal-frott u l-ħxejjex.</i></p>

Raġuni

Għas-saħħa tal-bdiewa u tal-popolazzjoni, wasal iż-żmien li jitnaqqas b'mod sinifikanti l-użu tal-pestiċidi. Id-diversità tar-riżorsi ġenetiċi hija garanzija ta' reżiljenza.

Emenda 38

Artikolu 49

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Tipi ta' intervent fis-settur tal-apikultura u l-assistenza finanzjarja mill-Unjoni</p> <p>[...]</p> <p>2. Fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom l-Istati Membri għandhom jissostanzjaw l-għażla tal-oġġettivi speċifiċi u t-tipi ta' intervent. Fi ħdan it-tipi ta' intervent magħżula l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu l-interventi.</p> <p>[...]</p> <p>4. L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għall-interventi imsemmijin fil-paragrafu 2 għandha tkun massimu ta' 50 % tan-nefqa. Il-parti li jifdal tan-nefqa għandha tiġġarrab mill-Istati Membri.</p> <p>[...]</p>	<p>Tipi ta' intervent fis-settur tal-apikultura u l-assistenza finanzjarja mill-Unjoni</p> <p>[...]</p> <p>2. Fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom l-Istati Membri għandhom jissostanzjaw l-għażla tal-oġġettivi speċifiċi u t-tipi ta' intervent. Fi ħdan it-tipi ta' intervent magħżula l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu l-interventi.</p> <p>[...]</p> <p>4. L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għall-interventi imsemmijin fil-paragrafu 2 għandha tkun massimu ta' 50 % tan-nefqa, <i>bl-eċċezzjoni tar-reġjuni ultraperiferiċia fejn għandha tkun massimu ta' 85 %</i>. Il-parti li jifdal tan-nefqa għandha tiġġarrab mill-Istati Membri.</p> <p>[...]</p>

Raġuni

It-tnaqqis fir-rati ta' kofinanzjament fil-livell tal-UE, meta mqabbel mal-perjodi preċedenti ta' programmazzjoni, jipperikola l-implimentazzjoni tal-programmi ta' żvilupp rurali fir-reġjuni ultraperiferiċi u jirdoppja l-isforzi ta' kofinanzjament tagħhom għall-proġetti tal-UE.

Emenda 39

Artikolu 52(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p><i>Tipi ta' intervent fis-settur tal-inbid</i></p> <p>Għal kull objettiv magħżul minn fost dawk stabbiliti fl-Artikolu 51, l-Istati Membri għandhom jagħżlu fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom tip ta' intervent wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:</p> <p>(a) ir-ristrutturar u l-konverżjoni tal-vinji, inkluż it-tħawwil mill-ġdid ta' vinji fejn meħtieġ wara l-qluġ obbligatorju tad-dwieli għal raġunijiet ta' saħħa jew fitosanitarji fuq istruzzjoni tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru, iżda eskluż it-tiġdid normali tal-vinji li jikkonsisti mit-tħawwil mill-ġdid tal-istess roqgħa art bl-istess varjetà ta' għeneb u bl-istess sistema ta' kultivazzjoni tad-dwieli, meta d-dwieli jkunu waslu fi tmiem il-ħajja naturali tagħhom;</p>	<p><i>Tipi ta' intervent fis-settur tal-inbid</i></p> <p>Għal kull objettiv magħżul minn fost dawk stabbiliti fl-Artikolu 51, l-Istati Membri għandhom jagħżlu fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom tip ta' intervent wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:</p> <p>(a) ir-ristrutturar u l-konverżjoni tal-vinji, inkluż it-tħawwil mill-ġdid ta' vinji fejn meħtieġ wara l-qluġ obbligatorju tad-dwieli għal raġunijiet ta' saħħa jew fitosanitarji fuq istruzzjoni tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru, iżda eskluż it-tiġdid normali tal-vinji li jikkonsisti mit-tħawwil mill-ġdid tal-istess roqgħa art bl-istess varjetà ta' għeneb u bl-istess sistema ta' kultivazzjoni tad-dwieli, meta d-dwieli jkunu waslu fi tmiem il-ħajja naturali tagħhom;</p> <p>(b) <i>it-tnaqqis tal-użu tal-pestiċidi.</i></p>

Raġuni

Il-vitikultura hija waħda mill-oqsma li tikkonsma l-akbar ammont ta' pestiċidi, u huwa urġenti li dan jitnaqqas.

Emenda 40

Artikolu 64

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p><i>Tipi ta' interventi għall-iżvilupp rurali</i></p> <p>It-tipi ta' interventi taħt dan il-Kapitolu għandhom ikunu dawn li ġejjin:</p> <p>(a) impenji għall-ġestjoni ambjentali, klimatika u oħrajn;</p> <p>(b) restrizzjonijiet naturali u restrizzjonijiet speċifiċi oħrajn tar-reġjun;</p> <p>(c) żvantaġġi speċifiċi għaż-żona li jirriżultaw minn ċerti rekwiżiti obbligatorji;</p> <p>(d) investimenti;</p> <p>(e) l-installazzjoni tal-bdiewa zgħażaġh u l-bidu tan-negozji rurali;</p>	<p><i>Tipi ta' interventi għall-iżvilupp rurali</i></p> <p>It-tipi ta' interventi taħt dan il-Kapitolu għandhom ikunu dawn li ġejjin:</p> <p>(a) impenji għall-ġestjoni ambjentali, klimatika u oħrajn;</p> <p>(b) restrizzjonijiet naturali u restrizzjonijiet speċifiċi oħrajn tar-reġjun;</p> <p>(c) żvantaġġi speċifiċi għaż-żona li jirriżultaw minn ċerti rekwiżiti obbligatorji;</p> <p>(d) investimenti <i>sabiex titjieb il-kwalità tal-ħajja u l-kwalità tas-servizzi pubbliċi fiż-żoni rurali;</i></p> <p>(e) l-installazzjoni tal-bdiewa zgħażaġh u l-bidu tan-negozji rurali;</p>

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
(f) l-għodod għall-ġestjoni tar-riskju;	(f) l-għodod għall-ġestjoni tar-riskju;
(g) il-kooperazzjoni,	(g) il-kooperazzjoni,
(h) l-iskambju tal-għarfien u l-informazzjoni.	(h) l-iskambju tal-għarfien u l-informazzjoni.

Emenda 41

Artikolu 65(6)

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
L-Istati Membri għandhom jikkumpensaw lill-benefiċjarji għall-ispejjeż imġarrba u l-introjtu mitluf minħabba l-impenji meħuda. Fejn meħtieġ, dawn jistgħu jkopru ukoll l-ispejjeż tat-tranżazzjoni. Fil-każijiet debitament ġustifikati, l-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ bħala rata fissa jew bħala pagament ta' darba għal kull unità. Il-pagamenti għandhom jingħataw darba fis-sena.	L-Istati Membri għandhom jikkumpensaw lill-benefiċjarji lil hinn mill-ispejjeż imġarrba u l-introjtu mitluf minħabba l-impenji meħuda. Fejn meħtieġ, dawn jistgħu jkopru ukoll l-ispejjeż tat-tranżazzjoni. Fil-każijiet debitament ġustifikati, l-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ bħala rata fissa jew bħala pagament ta' darba għal kull unità. Il-pagamenti għandhom jingħataw darba fis-sena.

Raġuni

Sabiex tiġi promossa tranżizzjoni estensiva tas-sistemi tal-produzzjoni lejn metodi ta' produzzjoni iktar reżiljenti, appoġġ ta' inċentivi huwa meħtieġ, mingħajr ma l-pagament ta' Prattika tajba jiġi limitat għall-kopertura tan-nuqqasijiet.

Emenda 42

Artikolu 68(2)

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
L-Istati Membri jistgħu biss jagħtu appoġġ taħt dan it-tip ta' interventi għall-investimenti tanġibbli u/jew intanġibbli, li jikkontribwixxu għall-kisba tal-oġġettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6. L-appoġġ lis-settur tal-forestrija għandu jkun ibbażat fuq pjan ta' ġestjoni tal-foresti jew strument ekwivalenti.	L-Istati Membri jistgħu biss jagħtu appoġġ taħt dan it-tip ta' interventi għall-investimenti tanġibbli u/jew intanġibbli, li jikkontribwixxu għall-kisba tal-oġġettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6. L-appoġġ lis-settur tal-forestrija għandu jkun ibbażat fuq pjan ta' ġestjoni tal-foresti jew strument ekwivalenti. L-għoti tal-għajnuna huwa soġġett għall-effetti ambjentali mbassra (ex-ante) derivati minn impatt ambjentali.

Raġuni

Wieħed ma jistax juża fondi pubbliċi għal investimenti li jkollhom impatt ambjentali negattiv. Sabiex il-benefiċjarji jitwaqqfu milli jkollhom iħallsu fondi lura minħabba li l-impatt ambjentali jirriżulta jkunu agħar minn dak inizjalment ikkalkolat (ex-post), il-kundizzjonalità għandha tkun ex-ante.

Emenda 43

Artikolu 68(3)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu lista ta' investimenti u kategoriji ta' nefqa mhux eliġibbli, inkluż mill-inqas dawn li ġejjin:</p> <p>(a) ix-xiri ta' drittijiet għall-produzzjoni agrikola;</p> <p>(b) ix-xiri ta' intitolamenti għal pagament;</p> <p>(c) ix-xiri ta' art għajr ix-xiri tal-art għall-konservazzjoni ambjentali jew l-art mixtrija minn bdiewa żgħażaġħ permezz tal-użu ta' strumenti finanzjarji;</p> <p>(d) ix-xiri ta' annimali, pjanti annwali u t-tħawwil tagħhom għajr għall-iskop ta' restawr tal-potenzjal agrikolu jew forestali wara diżastru naturali u avvenimenti katastrofiċi;</p> <p>(e) ir-rata tal-imgħax fuq id-dejn, ħlief fir-rigward ta' għotjiet mogħtija fil-forma ta' sussidju għar-rata tal-imgħax jew sussidju għat-tariffa ta' garanzija;</p> <p>(f) l-investimenti fl-irrigazzjoni li ma jkunux konsistenti mal-kisba ta' status tajjeb tal-korpi tal-ilma, kif stabbilit fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2000/60/KE, inkluż l-espansjoni tal-irrigazzjoni li taffettwa l-korpi tal-ilma li l-istatus tagħhom ikun ġie definiti bħala inqas minn tajjeb fil-pjan ta' ġestjoni tal-baċiri idrografiċi rilevanti.</p> <p>(g) l-investimenti f'infrastrutturi kbar li ma jkunux parti mill-istrategġija ta' żvilupp lokali;</p> <p>(h) l-investimenti fl-afforestazzjoni li ma jkunux konsistenti mal-objettivi klimatiċi u ambjentali f'konformità mal-prinċipji tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, kif żviluppatti fil-Linji Gwida Pan-Ewropej għall-Afforestazzjoni u għar-Riforestazzjoni.</p>	<p>L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu lista ta' investimenti u kategoriji ta' nefqa mhux eliġibbli, inkluż mill-inqas dawn li ġejjin:</p> <p>(a) ix-xiri ta' drittijiet għall-produzzjoni agrikola;</p> <p>(b) ix-xiri ta' intitolamenti għal pagament;</p> <p>(c) ix-xiri ta' art għajr ix-xiri tal-art għall-konservazzjoni ambjentali jew l-art mixtrija minn bdiewa żgħażaġħ permezz tal-użu ta' strumenti finanzjarji;</p> <p>(d) ix-xiri ta' annimali, pjanti annwali u t-tħawwil tagħhom għajr għall-iskop ta' restawr tal-potenzjal agrikolu jew forestali wara diżastru naturali u avvenimenti katastrofiċi;</p> <p>(e) ir-rata tal-imgħax fuq id-dejn, ħlief fir-rigward ta' għotjiet mogħtija fil-forma ta' sussidju għar-rata tal-imgħax jew sussidju għat-tariffa ta' garanzija;</p> <p>(f) l-investimenti fl-irrigazzjoni li ma jkunux konsistenti mal-kisba ta' status tajjeb tal-korpi tal-ilma, kif stabbilit fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2000/60/KE, inkluż l-espansjoni tal-irrigazzjoni li taffettwa l-korpi tal-ilma li l-istatus tagħhom ikun ġie definiti bħala inqas minn tajjeb fil-pjan ta' ġestjoni tal-baċiri idrografiċi rilevanti.</p> <p>(g) l-investimenti f'infrastrutturi kbar li ma jkunux parti mill-istrategġija ta' żvilupp lokali u reġjonali;</p> <p>(h) l-investimenti fl-afforestazzjoni li ma jkunux konsistenti mal-objettivi klimatiċi u ambjentali f'konformità mal-prinċipji tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, kif żviluppatti fil-Linji Gwida Pan-Ewropej għall-Afforestazzjoni u għar-Riforestazzjoni.</p>

Raġuni

Importanti wkoll li jkunu eliġibbli l-investimenti kbar fl-infrastruttura li huma parti minn strategġija ta' żvilupp reġjonali.

Emenda 44

Artikolu 71

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	<p>LEADER</p> <p>1. L-Istati Membri għandhom jappoġġaw l-inizjattiva LEADER, li ssir referenza għaliha bħala żvilupp lokali mmexxi mill-komunità fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) [CPR]. L-Istati Membri, permezz tal-FAEŻR jistgħu jipprovdu appoġġ lil azzjonijiet li jikkontribwixxu għal wieħed jew aktar mill-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 6 anke lil hinn mill-għażliet previsti fil-Kapitolu IV, Taqsima 1. Id-deċiżjoni li tapprova strateġija tal-iżvilupp lokali tapprova wkoll l-azzjonijiet tagħha.</p>

Raġuni

Il-LEADER, bl-allokkazzjoni finanzjarja tiegħu ta' 5 % tal-fondi tal-FAEŻR, jista' jiġi implimentat b'mod aktar effikaċi permezz ta' regoli aktar flessibbli u awtonomi, b'mod indipendenti mill-Pjan Strateġiku Nazzjonali (Pjani Operattivi Reġjonali)

Emenda 45

Artikolu 71(1) u (5)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ għall-kooperazzjoni bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom biex iħeġġu u jimplimentaw il-proġetti tal-Grupp Operattiv tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni għall-produktività u sostenibbiltà fil-qasam agrikolu kif imsemmi fl-Artikolu 114 u l-LEADER, imsejjaħ żvilupp lokali mmexxi mill-komunità fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni] u biex jipromwovu l-iskemi ta' kwalità, l-organizzazzjonijiet tal-produtturi jew il-gruppi tal-produtturi jew forom oħra ta' kooperazzjoni.</p> <p>(...)</p> <p>5. Meta l-appoġġ jitħallas bħala ammont ġenerali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu rispettati r-regoli u r-rekwiżiti tal-Unjoni li jikkonċernaw azzjonijiet simili koperti taħt tipi oħra ta' interventi. Dan il-paragrafu ma japplikax għal-LEADER, imsejjaħ bħala żvilupp lokali mmexxi mill-komunità fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni].</p>	<p>1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ għall-kooperazzjoni bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom biex iħeġġu u jimplimentaw il-proġetti tal-Grupp Operattiv tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni għall-produktività u sostenibbiltà fil-qasam agrikolu kif imsemmi fl-Artikolu 114 u l-LEADER, imsejjaħ żvilupp lokali, u biex jipromwovu l-iskemi ta' kwalità, l-organizzazzjonijiet tal-produtturi jew il-gruppi tal-produtturi jew forom oħra ta' kooperazzjoni.</p> <p>(...)</p> <p>5. Meta l-appoġġ jitħallas bħala ammont ġenerali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu rispettati r-regoli u r-rekwiżiti tal-Unjoni li jikkonċernaw azzjonijiet simili koperti taħt tipi oħra ta' interventi.</p>

Raġuni

Il-LEADER, bl-allokkazzjoni finanzjarja tiegħu ta' 5 % tal-fondi tal-FAEŻR, jista' jiġi implimentat b'mod aktar effikaċi permezz ta' regoli aktar flessibbli u awtonomi, b'mod indipendenti mill-Pjan Strateġiku Nazzjonali (Pjani Operattivi Reġjonali)

Emenda 46

Artikolu 74(5)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>In-nefqa eliġibbli ta' strument finanzjarju għandha tkun l-ammont totali tal-kontribuzzjonijiet imħallas tal-Pjan Strateġiku tal-PAK, jew, fil-każ ta' garanziji, imwarrab kif maqbul fil-kuntratti ta' garanzija, mill-istrument finanzjarju fil-perjodu ta' eliġibbiltà, meta dak l-ammont jikkorrispondi għal:</p> <p>(a) il-pagamenti lir-riċevituri finali jew għall-benefiċċju tagħhom fil-każ ta' self, investimenti ta' ekwità u ta' kważi ekwità;</p> <p>(b) ir-riżorsi mwarrba kif maqbul fil-kuntratti ta' garanzija, kemm jekk pendenti kif ukoll jekk ikunu diġà mmaturaw, bl-għan li jiġu onorati sejħiet possibbli ta' garanzija għat-telf, ikkalkulat fuq il-bażi ta' proporzjon multiplikatur li jkopri ammont multiplu ta' self ġdid żburżat sottostanti jew investimenti ta' ekwità fir-riċevituri finali;</p> <p>(c) il-pagamenti lir-riċevituri finali jew għall-benefiċċju tagħhom meta l-istrumenti finanzjarji jiġu kombinati ma' kwalunkwe kontribuzzjoni oħra tal-Unjoni f'operazzjoni ta' strumenti finanzjarju uniku skont l-Artikolu 52(5) tar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni];</p> <p>(d) il-pagamenti tat-tariffi ta' ġestjoni u r-rimborż tal-ispejjeż ta' ġestjoni mġarrba mill-korpi li jimplementaw l-istrument finanzjarju.</p> <p>Għall-finijiet tal-punt (b) ta' dan il-paragrafu, il-proporzjon multiplikatur għandu jiġi stabbilit f'valutazzjoni tar-riskju ex ante prudenti u miftiehma fil-ftehim ta' finanzjament rilevanti. Il-proporzjon multiplikatur jista' jiġi rieżaminat, jekk dan ikun ġustifikat minn bidliet sussegwenti fil-kundizzjonijiet tas-suq. Tali rieżami ma għandux ikollu effett retroattiv.</p>	<p>In-nefqa eliġibbli ta' strument finanzjarju għandha tkun l-ammont totali tal-kontribuzzjonijiet imħallas tal-Pjan Strateġiku tal-PAK, jew, fil-każ ta' garanziji, imwarrab kif maqbul fil-kuntratti ta' garanzija, mill-istrument finanzjarju fil-perjodu ta' eliġibbiltà, meta dak l-ammont jikkorrispondi għal:</p> <p>(a) il-pagamenti lir-riċevituri finali jew għall-benefiċċju tagħhom fil-każ ta' self, investimenti ta' ekwità u ta' kważi ekwità. Barra minn hekk, il-pagamenti li jingħataw lir-riċevituri finali jistgħu jsiru biss għall-kapital operatorju fil-każ ta' bdiewa milqutin minn fenomeni klimatiċi severi u/jew minn kriżi tal-prezzijiet tas-suq;</p> <p>(b) ir-riżorsi mwarrba kif maqbul fil-kuntratti ta' garanzija, kemm jekk pendenti kif ukoll jekk ikunu diġà mmaturaw, bl-għan li jiġu onorati sejħiet possibbli ta' garanzija għat-telf, ikkalkulat fuq il-bażi ta' proporzjon multiplikatur li jkopri ammont multiplu ta' self ġdid żburżat sottostanti jew investimenti ta' ekwità fir-riċevituri finali;</p> <p>(c) il-pagamenti lir-riċevituri finali jew għall-benefiċċju tagħhom meta l-istrumenti finanzjarji jiġu kombinati ma' kwalunkwe kontribuzzjoni oħra tal-Unjoni f'operazzjoni ta' strumenti finanzjarju uniku skont l-Artikolu 52(5) tar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni];</p> <p>(d) il-pagamenti tat-tariffi ta' ġestjoni u r-rimborż tal-ispejjeż ta' ġestjoni mġarrba mill-korpi li jimplementaw l-istrument finanzjarju.</p> <p>Għall-finijiet tal-punt (b) ta' dan il-paragrafu, il-proporzjon multiplikatur għandu jiġi stabbilit f'valutazzjoni tar-riskju ex ante prudenti u miftiehma fil-ftehim ta' finanzjament rilevanti. Il-proporzjon multiplikatur jista' jiġi rieżaminat, jekk dan ikun ġustifikat minn bidliet sussegwenti fil-kundizzjonijiet tas-suq. Tali rieżami ma għandux ikollu effett retroattiv.</p>

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Għall-finijiet tal-punt (d) ta' dan il-paragrafu, it-tariffi ta' ġestjoni għandhom ikunu bbażati fuq il-prestazzjoni. Meta l-korpi li jimplementaw fond ta' parteċipazzjoni u/jew fondi speċifiċi, skont l-Artikolu 53(3) tar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni] jintgħażlu permezz ta' għotja diretta ta' kuntratt, l-ammont tal-ispiża tal-ġestjoni u t-tariffi mħallsa lil dawn il-korpi li jistgħu jiġu ddikjarati bħala nefqa eliġibbli għandu jiġi soġġett għal livell limitu massimu ta' [5 %] tal-ammont totali tal-kontribuzzjonijiet tal-Pjan Strateġiku tal-PAK żburżati lir-riċevituri finali f'self, f'investimenti ta' ekwità jew kważi ekwità jew imwarrba kif miftiehma fil-kuntratti ta' garanzija.</p> <p>Dan il-livell limitu ma għandux japplika meta l-għażla tal-korpi li jimplementaw l-istrumenti finanzjarji ssir permezz ta' offerta kompetittiva skont il-liġi applikabbli u l-offerta kompetittiva tistabbilixxi l-ħtieġa għal livell oġhla ta' spejjeż u tariffi tal-ġestjoni.</p> <p>Meta t-tariffi ta' arranġamenti, jew kwalunkwe parti minnhom, ikunu imposti fuq ir-riċevituri finali, ma għandhomx jiġu ddikjarati bħala nefqa eliġibbli.</p>	<p>Għall-finijiet tal-punt (d) ta' dan il-paragrafu, it-tariffi ta' ġestjoni għandhom ikunu bbażati fuq il-prestazzjoni. Meta l-korpi li jimplementaw fond ta' parteċipazzjoni u/jew fondi speċifiċi, skont l-Artikolu 53(3) tar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni] jintgħażlu permezz ta' għotja diretta ta' kuntratt, l-ammont tal-ispiża tal-ġestjoni u t-tariffi mħallsa lil dawn il-korpi li jistgħu jiġu ddikjarati bħala nefqa eliġibbli għandu jiġi soġġett għal livell limitu massimu ta' [5 %] tal-ammont totali tal-kontribuzzjonijiet tal-Pjan Strateġiku tal-PAK żburżati lir-riċevituri finali f'self, f'investimenti ta' ekwità jew kważi ekwità jew imwarrba kif miftiehma fil-kuntratti ta' garanzija.</p> <p>Dan il-livell limitu ma għandux japplika meta l-għażla tal-korpi li jimplementaw l-istrumenti finanzjarji ssir permezz ta' offerta kompetittiva skont il-liġi applikabbli u l-offerta kompetittiva tistabbilixxi l-ħtieġa għal livell oġhla ta' spejjeż u tariffi tal-ġestjoni.</p> <p>Meta t-tariffi ta' arranġamenti, jew kwalunkwe parti minnhom, ikunu imposti fuq ir-riċevituri finali, ma għandhomx jiġu ddikjarati bħala nefqa eliġibbli.</p>

Raġuni

Jeħtieġ li titqies il-possibbiltà li l-istrumenti finanzjarji jintużaw sabiex jinkiseb kapital operatorju f'sitwazzjonijiet severi tat-temp jew kriżijiet tas-suq.

Emenda 47

Artikolu 85(2)

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Ir-rata ta' kontribuzzjoni massima mill-FAEŻR għandha tkun:</p> <p>(a) 70 % tan-nefqa pubblika eliġibbli fir-reġjuni ultraperiferiċi u fil-Gżejjer Minuri tal-Eġew skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 229/2013;</p> <p>(b) 70 % tan-nefqa pubblika eliġibbli fir-reġjuni inqas żviluppati;</p>	<p>Ir-rata ta' kontribuzzjoni massima mill-FAEŻR għandha tkun:</p> <p>(a) 85 % tan-nefqa pubblika eliġibbli fir-reġjuni ultraperiferiċi u fil-Gżejjer Minuri tal-Eġew skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 229/2013;</p> <p>(b) 75 % tan-nefqa pubblika eliġibbli fir-reġjuni inqas żviluppati;</p>

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
(c) 65 % tan-nefqa eliġibbli għall-pagamenti taħt l-Artikolu 66;	(c) 75 % tan-nefqa eliġibbli għall-pagamenti taħt l-Artikolu 66;
(d) 43 % tan-nefqa pubblika eliġibbli fir-reġjuni l-oħra.	(d) 53 % tan-nefqa pubblika eliġibbli fir-reġjuni l-oħra.
<i>Ir-rata ta' kontribuzzjoni minima mill-FAEŻR għandha tkun 20 %.</i>	(e) <i>ir-rati preċedenti ser jiżdienu b'mill-inqas għaxar punti perċentwali aktar fir-reġjuni bi problemi serji ta' depopolazzjoni.</i>

Raġuni

Huwa meħtieġ li jinżammu r-rati ta' kofinanzjament tal-FAEŻR attwali. Barra minn hekk huwa neċessarju li tiġi prevista kontribuzzjoni ogħla tal-FAEŻR fiż-żoni b'rati ta' depopolazzjoni ogħla mill-medja Ewropea.

Emenda 48

Artikolu 86(2)

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Mill-inqas 30 % tal-kontribuzzjoni totali tal-FAEŻR lill-Pjan Strateġiku tal-PAK kif stabbilit fl-Anness IX għandu jkun riżervat għall-interventi li jindirizzaw l-oġġettivi speċifiċi relatati mal-ambjent u mal-klima stabbiliti fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 6(1) ta' dan ir-Regolament, bl-eċċezzjoni tal-interventi bbażati fuq l-Artikolu 66.	Mill-inqas 30 % tal-kontribuzzjoni totali tal-FAEŻR lill-Pjan Strateġiku tal-PAK kif stabbilit fl-Anness IX għandu jkun riżervat għall-interventi li jindirizzaw l-oġġettivi speċifiċi relatati mal-ambjent u mal-klima stabbiliti fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 6(1) ta' dan ir-Regolament, bl-eċċezzjoni tal-interventi bbażati fuq l-Artikolu 66, u l-għodod ta' ġestjoni tar-riskji (Artikolu 70) u l-ghajjnuna għall-investment (Artikolu 68).

Raġuni

Dan huwa konformi mal-oġġettivi dwar il-klima u l-ambjent.

Emenda 49

Artikolu 86(5)

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
L-allokazzjonijiet finanzjarji indikattivi għall-interventi tal-appoġġ għall-introjtu akkoppjat imsemmija fis-Subtaqsima 1 tat-Taqsima 2 tal-Kapitolu II tat-Titolu III, għandha tkun limitata għal massimu ta' 10 % tal-ammont stabbilit fl-Anness VII.	L-allokazzjonijiet finanzjarji indikattivi għall-interventi tal-appoġġ għall-introjtu akkoppjat imsemmija fis-Subtaqsima 1 tat-Taqsima 2 tal-Kapitolu II tat-Titolu III, għandha tkun limitata għal massimu ta' 13 % tal-ammont stabbilit fl-Anness VII.

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri li skont l-Artikolu 53(4) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 użaw aktar minn 13 % tal-limitu massimu nazzjonali annwali tagħhom stabbilit fl-Anness II ta' dak ir-Regolament għall-iskop ta' appoġġ akkoppjat volontarju, jistgħu jiddeċiedu li jużaw aktar minn 10 % tal-ammont stabbilit fl-Anness VII għall-iskop tal-appoġġ għall-introjtu akkoppjat. Il-perċentwali li jirriżulta ma għandux jaqbeż il-perċentwal approvat mill-Kummissjoni għall-appoġġ akkoppjat volontarju fir-rigward tas-sena tat-talba 2018.</p> <p>Il-perċentwal imseemi fl-ewwel subparagrafu jista' jiġi miżjud b'massimu ta' 2 %, sakemm l-ammont li jikkorrispondi għall-perċentwali li jaqbeż l-10 % jiġi allokati għall-appoġġ għall-għelejjel tal-proteini taħt is-Subtaqsima 1 tat-Taqsima 2 tal-Kapitolu II tat-Titolu III.</p> <p>L-ammont inkluż fil-Pjan Strateġiku tal-PAK approvat li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-ewwel u t-tieni subparagrafi għandu jkun vinkolanti.</p>	<p>B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri li skont l-Artikolu 53(4) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 użaw aktar minn 13 % tal-limitu massimu nazzjonali annwali tagħhom stabbilit fl-Anness II ta' dak ir-Regolament għall-iskop ta' appoġġ akkoppjat volontarju, jistgħu jiddeċiedu li jużaw aktar minn 13 % tal-ammont stabbilit fl-Anness VII għall-iskop tal-appoġġ akkoppjat. Il-perċentwali li jirriżulta ma għandux jaqbeż il-perċentwal approvat mill-Kummissjoni għall-appoġġ akkoppjat volontarju fir-rigward tas-sena tat-talba 2018.</p> <p>Il-perċentwal imseemi fl-ewwel subparagrafu jista' jiġi miżjud b'massimu ta' 2 %, sakemm l-ammont li jikkorrispondi għall-perċentwali li jaqbeż it-13 % jiġi allokati għall-appoġġ għall-għelejjel tal-proteini, b'mod partikolari għal-legumi, taħt is-Subtaqsima 1 tat-Taqsima 2 tal-Kapitolu II tat-Titolu III.</p> <p>L-ammont inkluż fil-Pjan Strateġiku tal-PAK approvat li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-ewwel u t-tieni subparagrafi għandu jkun vinkolanti.</p>

Emenda 50

Artikolu 86

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	<p>(...)</p> <p>8. L-allokazzjonijiet finanzjarji indikattivi għall-interventi tal-appoġġ ridistributtivi għall-impjiegi imsemmija fit-Titolu III, Kapitolu II, Taqsima 3, Artikolu 26, għandhom ikunu mill-inqas 30 % tal-ammonti stabbiliti fl-Anness VII.</p> <p>9. L-allokazzjonijiet finanzjarji indikattivi għall-interventi fil-forma ta' programmi għall-klima u l-ambjent imsemmija fit-Titolu III, Kapitolu II, Taqsima 3, Artikolu 28, għandhom ikunu mill-inqas 30 % tal-ammonti stabbiliti fl-Anness VII.</p> <p>10. Massimu ta' 10 % tal-kontribuzzjoni totali tal-FAEŻR fil-pjan strateġiku rilevanti tal-PAK kif iddefinita fl-Anness IX huwa riżervat għall-għodod ta' ġestjoni tar-riskji stabbiliti fl-Artikolu 70 ta' dan ir-Regolament.</p> <p>11. Massimu ta' 10 % tal-fondi tal-FAEŻR għall-Pjan Strateġiku huma riżervati għall-investimenti (Artikolu 68).</p> <p>12. L-allokazzjoni finanzjarja tal-FAEŻR ser tkopri supplement speċifiku f'dawk iż-żoni rurali b'popolazzjoni baxxa.</p>

Raġuni

Apparti l-kwistjonijiet relatati mal-isfidi marbuta mat-tibdil fil-klima, għandu jitqies ukoll wieħed mill-iżvantaġġi prinċipali li jaffrontaw iż-żoni rurali, bħad-depopolazzjoni.

Emenda 51

Artikolu 90(1)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>1. Bħala parti mill-proposta tagħhom għall-Pjan Strateġiku tal-PAK imsemmija fl-Artikolu 106(1), l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jittrasferixxu:</p> <p>(a) sa 15 % tal-allokkazzjoni tal-pagamenti diretti tal-Istati Membri stabbilita fl-Anness IV wara tnaqqis tal-allokkazzjoni għall-qoton stabbilita fl-Anness VI għas-snin kalendarji 2021 sa 2026 lill-allokkazzjoni tal-Istat Membru għall-FAEŻR fis-snin finanzjarji 2022 – 2027; jew</p> <p>(b) sa 15 % tal-allokkazzjoni għall-FAEŻR tal-Istat Membru fis-snin finanzjarji 2022 – 2027 lill-allokkazzjoni tal-pagamenti diretti tal-Istat Membru stabbilita fl-Anness IV għas-snin kalendarji 2021 sa 2026.</p>	<p>1. Bħala parti mill-proposta tagħhom għall-Pjan Strateġiku tal-PAK imsemmija fl-Artikolu 106(1), l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jittrasferixxu:</p> <p>(a) sa 15 % tal-allokkazzjoni tal-pagamenti diretti tal-Istati Membri stabbilita fl-Anness IV wara tnaqqis tal-allokkazzjoni għall-qoton stabbilita fl-Anness VI għas-snin kalendarji 2021 sa 2026 lill-allokkazzjoni tal-Istat Membru għall-FAEŻR fis-snin finanzjarji 2022 – 2027;</p>

Raġuni

Kif espress f'Opinjonijiet preċedenti tiegħu, il-Kumitat jopponi din il-possibbiltà ta' trasferiment mit-Tieni Pilastru għall-Ewwel Pilastru, li jmur kontra l-interessi ta' territorji rurali.

Emenda 52

Artikolu 91

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK</p> <p>L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK skont dan ir-Regolament biex jimplementaw l-appoġġ mill-Unjoni ffinanzjat mill-FAEG u mill-FAEŻR għall-kisba tal-oġġettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6.</p> <p>Fuq il-bażi tal-analiżi SWOT imsemmija fl-Artikolu 103(2) u valutazzjoni tal-ħtiġijiet imsemmija fl-Artikolu 96, fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu strateġija tal-intervent kif imsemmi fl-Artikolu 97 li fiha għandhom jiġu stabbiliti miri kwantitattivi u stadji importanti għall-kisba tal-oġġettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6. Il-miri għandhom jiġu definiti bl-użu ta' sett komuni ta' indikaturi tar-riżultati stabbiliti fl-Anness I.</p>	<p>Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK</p> <p>L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK skont dan ir-Regolament biex jimplementaw l-appoġġ mill-Unjoni ffinanzjat mill-FAEG u mill-FAEŻR għall-kisba tal-oġġettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6.</p> <p>Fuq il-bażi tal-analiżi SWOT imsemmija fl-Artikolu 103(2) u valutazzjoni tal-ħtiġijiet imsemmija fl-Artikolu 96, fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu strateġija tal-intervent kif imsemmi fl-Artikolu 97 li fiha għandhom jiġu stabbiliti miri kwantitattivi u stadji importanti għall-kisba tal-oġġettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6. Il-miri għandhom jiġu definiti bl-użu ta' sett komuni ta' indikaturi tar-riżultati stabbiliti fl-Anness I.</p>

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Sabiex jilhqqu dawn il-miri, l-Istati Membri għandhom jiffissaw l-interventi bbażati fuq it-tipi ta' interventi stipulati fit-Titolu III.</p> <p>Kull Pjan Strateġiku tal-PAK għandu jkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2027.</p>	<p>Sabiex jilhqqu dawn il-miri, l-Istati Membri għandhom jistabilixxu programmi ta' żvilupp rurali mfassla fl-iżjed livell ġeografiku adatt, tal-inqas fir-reġjuni ultraperiferiċi, ibbażati fuq it-tipi ta' interventi stipulati fit-Titolu III.</p> <p>Kull Pjan Strateġiku tal-PAK għandu jkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2027.</p>

Raġuni

Jeħtieġ li jiġi kkonsolidat approċċ reġionali għad-definizzjoni u l-ġestjoni tal-programmi ta' żvilupp rurali, b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Il-Pjan Strateġiku għandu jiġi implimentat permezz ta' pjanijiet ta' żvilupp rurali fl-iżjed livell ġeografiku adatt.

Emenda 53

Artikolu 102

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Modernizzazzjoni</p> <p>Id-deskrizzjoni tal-elementi li jiżguraw il-modernizzazzjoni tal-PAK imsemmija fil-punt (g) tal-Artikolu 95(1) għandha tenfasizza l-elementi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK li jappoġġaw il-modernizzazzjoni tas-settur agrikolu u tal-PAK u għandha tinkludi b'mod partikolari:</p> <p>(a) ħarsa ġenerali ta' kif il-Pjan Strateġiku tal-PAK se jikkontribwixxi għall-oġġettiv ġenerali trasversali relatat mat-trawwim u l-kondiviżjoni tal-ġharfien, l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni u t-tħeġġiġ tal-użu tagħhom imsemmi fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 5, b'mod partikolari permezz ta':</p> <p>i. deskrizzjoni tal-istruttura organizzattiva tal-AKIS imfassla bħala l-flussi tal-organizzazzjoni u tal-ġharfien flimkien bejn il-persuni, l-organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet li jużaw u li jipproduċu l-ġharfien għall-agrikoltura u l-oqsma interrelatati;</p> <p>ii. deskrizzjoni ta' kif is-servizzi konsultattivi kif imsemmija fl-Artikolu 13, ir-riċerka u n-netwerks tal-PAK se jaħdmu flimkien fil-qafas tal-AKIS, u kif is-servizzi konsultattivi u tal-appoġġ għall-innovazzjoni huma provduti;</p> <p>(b) deskrizzjoni tal-istrateġija għall-iżvilupp tat-teknoloġiji diġitali fl-agrikoltura u fiż-żoni rurali u għall-użu ta' dawn it-teknoloġiji għat-titjib tal-effettività u l-effiċjenza tal-interventi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK.</p>	<p>Modernizzazzjoni</p> <p>Id-deskrizzjoni tal-elementi li jiżguraw il-modernizzazzjoni tal-PAK imsemmija fil-punt (g) tal-Artikolu 95(1) kif ukoll it-tranżizzjoni agroekoloġika għandha tenfasizza l-elementi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK li jappoġġaw il-modernizzazzjoni tas-settur agrikolu u tal-PAK u għandha tinkludi b'mod partikolari:</p> <p>(a) ħarsa ġenerali ta' kif il-Pjan Strateġiku tal-PAK se jikkontribwixxi għall-oġġettiv ġenerali trasversali relatat mat-trawwim u l-kondiviżjoni tal-ġharfien, l-ġharfien espert agrikolu, l-innovazzjoni teknika u soċjali u d-diġitalizzazzjoni u t-tħeġġiġ tal-użu tagħhom imsemmi fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 5, b'mod partikolari permezz ta':</p> <p>(i) deskrizzjoni tal-istruttura organizzattiva tal-AKIS imfassla bħala l-flussi tal-organizzazzjoni u tal-ġharfien flimkien bejn il-persuni, l-organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet li jużaw u li jipproduċu l-ġharfien għall-agrikoltura u l-oqsma interrelatati;</p> <p>(ii) deskrizzjoni ta' kif is-servizzi konsultattivi kif imsemmija fl-Artikolu 13, ir-riċerka u n-netwerks tal-PAK se jaħdmu flimkien fil-qafas tal-AKIS, u kif is-servizzi konsultattivi u tal-appoġġ għall-innovazzjoni huma provduti;</p> <p>(b) deskrizzjoni tal-istrateġija għall-iżvilupp tat-teknoloġiji diġitali fl-agrikoltura u fiż-żoni rurali u għall-użu ta' dawn it-teknoloġiji għat-titjib tal-effettività u l-effiċjenza tal-interventi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK.</p>

Raġuni

Il-modernizzazzjoni tal-azjendi agricoli għandha ssir fil-kuntest tat-tranżizzjoni agroekoloġika, permezz ta' innovazzjonijiet tekniċi u soċjali.

Emenda 54

Artikolu 93

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Kull Stat Membru għandu jstabbilixxi Pjan Strateġiku tal-PAK uniku għat-territorju kollu tiegħu.</p> <p>Meta l-elementi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK jiġu stabbiliti fil-livell reġjonali, l-Istat Membru għandu jiżgura l-koerenza u l-konsistenza mal-elementi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK stabbilit fil-livell nazzjonali.</p>	<p>Kull Stat Membru għandu jstabbilixxi Pjan Strateġiku tal-PAK uniku għat-territorju kollu tiegħu.</p> <p>Meta l-elementi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK jiġu stabbiliti fil-livell reġjonali jew implimentati permezz ta' programmi reġjonali ta' żvilupp rurali, l-Istat Membru għandu jiżgura l-koerenza u l-konsistenza mal-elementi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK stabbilit fil-livell nazzjonali.</p>

Raġuni

Ara l-emenda 24

Emenda 55

Artikolu 95(1)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Kull Pjan Strateġiku tal-PAK għandu jinkludi t-taqsimiet li ġejjin:</p> <p>(a) valutazzjoni tal-ħtiġijiet;</p> <p>(b) strateġija tal-interventi;</p> <p>(c) deskrizzjoni tal-elementi komuni f'bosta interventi;</p> <p>(d) deskrizzjoni tal-interventi tal-pagamenti diretti, settorjali u tal-iżvilupp rurali speċifikati fl-istrateġija;</p> <p>(e) mira u pjanijiet finanzjarji;</p> <p>(f) deskrizzjoni tas-sistema ta' governanza u ta' koordinazzjoni;</p> <p>(g) deskrizzjoni tal-elementi li jiżguraw il-modernizzazzjoni tal-PAK;</p>	<p>Kull Pjan Strateġiku tal-PAK għandu jinkludi t-taqsimiet li ġejjin:</p> <p>(a) valutazzjoni tal-ħtiġijiet;</p> <p>(b) strateġija tal-interventi;</p> <p>(c) deskrizzjoni tal-elementi komuni f'bosta interventi;</p> <p>(d) deskrizzjoni tal-interventi tal-pagamenti diretti, settorjali u tal-iżvilupp rurali speċifikati fl-istrateġija;</p> <p>(e) mira u pjanijiet finanzjarji;</p> <p>(f) deskrizzjoni tas-sistema ta' governanza u ta' koordinazzjoni;</p> <p>(g) deskrizzjoni tal-elementi li jiżguraw il-modernizzazzjoni tal-PAK;</p>

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
(h) deskrizzjoni tal-elementi relatati mas-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv għall-benefiċjarji finali.	(h) deskrizzjoni tal-elementi relatati mas-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv għall-benefiċjarji finali; (i) fejn xieraq il-lista ta' programmi reġjonali ta' żvilupp rurali.

Raġuni

Ara l-emenda 24

Emenda 56

Artikolu 106

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Approvazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK</p> <p>1. Kull Stat Membru għandu jippreżenta lill-Kummissjoni proposta għal Pjan Strateġiku tal-PAK, li jkun fiha l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 95 l-aktar tard fl-1 ta' Jannar 2020.</p> <p>2. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK proposti fuq il-bażi tal-kompletezza tal-pjanijiet, il-konsistenza u l-koerenza mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, ma' dan ir-Regolament u mad-dispożizzjonijiet adottati skont u skont ir-Regolament Orizzontali, il-kontribut effettiv tagħhom għall-oġġettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1), l-impatt fuq il-funzjonament xieraq tas-suq intern u d-distorsjoni tal-kompetizzjoni, il-livell ta' piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji u l-amministrazzjoni. Il-valutazzjoni għandha tindirizza, b'mod partikolari, l-adegwatezza tal-istrateġija tal-Pjan Strateġiku tal-PAK, l-oġġettivi speċifiċi korrispondenti, il-miri, l-interventi u l-allokazzjoni tar-riżorsi baġitarji biex jiġu ssodisfati l-oġġettivi speċifiċi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK permezz tas-sett ta' interventi propost fuq il-bażi tal-analiżi SWOT u l-evalwazzjoni ex ante.</p>	<p>Approvazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK u li jinkludi fejn xieraq il-programmi reġjonali ta' żvilupp rurali.</p> <p>1. Kull Stat Membru għandu jippreżenta lill-Kummissjoni proposta għal Pjan Strateġiku tal-PAK, li jkun fiha l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 95 l-aktar tard fl-1 ta' Jannar 2020.</p> <p>2. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK – li jinkludu fejn xieraq il-programmi reġjonali ta' żvilupp rurali – proposti fuq il-bażi tal-kompletezza tal-pjanijiet, il-konsistenza u l-koerenza mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, ma' dan ir-Regolament u mad-dispożizzjonijiet adottati skont u skont ir-Regolament Orizzontali, il-kontribut effettiv tagħhom għall-oġġettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1), l-impatt fuq il-funzjonament xieraq tas-suq intern u d-distorsjoni tal-kompetizzjoni, il-livell ta' piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji u l-amministrazzjoni. Il-valutazzjoni għandha tindirizza, b'mod partikolari, l-adegwatezza tal-istrateġija tal-Pjan Strateġiku tal-PAK, l-oġġettivi speċifiċi korrispondenti, il-miri, l-interventi u l-allokazzjoni tar-riżorsi baġitarji biex jiġu ssodisfati l-oġġettivi speċifiċi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK permezz tas-sett ta' interventi propost fuq il-bażi tal-analiżi SWOT u l-evalwazzjoni ex ante.</p>

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>3. Skont ir-riżultati tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni tista' tindirizza osservazzjonijiet lill-Istati Membri fi żmien tliet xhur mid-data tal-preżentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK.</p> <p>L-Istat Membru għandu jipprovdi lill-Kummissjoni bl-informazzjoni addizzjonali kollha meħtieġa u, fejn xieraq, jirrevedi l-pjan propost.</p> <p>4. Il-Kummissjoni għandha tapprova l-Pjan Strateġiku tal-PAK propost sakemm l-informazzjoni meħtieġa tkun għet sottomessa u sakemm il-Kummissjoni tkun sodisfatta li l-Pjan huwa kompatibbli mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, ir-reqwiziti stabbiliti f'dan ir-Regolament, id-dispożizzjonijiet adottati skontu u fir-Regolament (UE) [ir-Regolament Orizzontali].</p> <p>5. L-approvazzjoni ta' kull Pjan Strateġiku tal-PAK għandha ssir l-aktar tard tmien xhur wara l-preżentazzjoni tiegħu mill-Istat Membru kkonċernat.</p> <p>L-approvazzjoni ma għandhiex tkopri l-informazzjoni msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 101 u fl-Annessi I sa IV tal-Pjan Strateġiku tal-PAK imsemmija fil-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 95(2).</p> <p>F'każijiet debitament ġustifikati, l-Istat Membru jista' jitlob lill-Kummissjoni biex tapprova Pjan Strateġiku tal-PAK li ma fihx l-elementi kollha. F'dak il-każ, l-Istat Membru kkonċernat għandu jindika l-partijiet tal-Pjan Strateġiku tal-PAK li huma nieqsa u jipprovdi miri indikattivi u pjanijiet finanzjarji kif imsemmi fl-Artikolu 100 għall-Pjan Strateġiku tal-PAK sħiħ sabiex juri l-konsistenza u l-koerenza ġenerali tal-Pjan. L-elementi nieqsa tal-Pjan Strateġiku tal-PAK għandhom jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni f'emenda tal-pjan skont l-Artikolu 107.</p> <p>6. Kull Pjan Strateġiku tal-PAK għandu jiġi approvat mill-Kummissjoni permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni mingħajr ma tiġi applikata l-proċedura ta' Kunitat imsemmija fl-Artikolu 139.</p> <p>7. Il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK għandu jkollhom effetti legali biss wara l-approvazzjoni tagħhom mill-Kummissjoni.</p>	<p>3. Skont ir-riżultati tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni tista' tindirizza osservazzjonijiet lill-Istati Membri fi żmien tliet xhur mid-data tal-preżentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK, li jinkludi fejn xieraq il-programmi reġjonali ta' żvilupp rurali.</p> <p>L-Istat Membru u r-reġjuni għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni addizzjonali kollha meħtieġa u, fejn xieraq, jirrevedu l-pjan propost.</p> <p>4. Il-Kummissjoni għandha tapprova l-Pjan Strateġiku tal-PAK – li jinkludi fejn xieraq il-programmi reġjonali ta' żvilupp rurali – propost sakemm l-informazzjoni meħtieġa tkun għet sottomessa u sakemm il-Kummissjoni tkun sodisfatta li l-Pjan huwa kompatibbli mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, ir-reqwiziti stabbiliti f'dan ir-Regolament, id-dispożizzjonijiet adottati skontu u fir-Regolament (UE) [ir-Regolament Orizzontali].</p> <p>5. L-approvazzjoni ta' kull Pjan Strateġiku tal-PAK – li jinkludi fejn xieraq il-programmi reġjonali ta' żvilupp rurali – għandha ssir l-aktar tard tmien xhur wara l-preżentazzjoni tiegħu mill-Istat Membru kkonċernat.</p> <p>L-approvazzjoni ma għandhiex tkopri l-informazzjoni msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 101 u fl-Annessi I sa IV tal-Pjan Strateġiku tal-PAK imsemmija fil-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 95(2).</p> <p>F'każijiet debitament ġustifikati, l-Istat Membru jista' jitlob lill-Kummissjoni biex tapprova Pjan Strateġiku tal-PAK li ma fihx l-elementi kollha. F'dak il-każ, l-Istat Membru kkonċernat għandu jindika l-partijiet tal-Pjan Strateġiku tal-PAK li huma nieqsa u jipprovdi miri indikattivi u pjanijiet finanzjarji kif imsemmi fl-Artikolu 100 għall-Pjan Strateġiku tal-PAK sħiħ sabiex juri l-konsistenza u l-koerenza ġenerali tal-Pjan. L-elementi nieqsa tal-Pjan Strateġiku tal-PAK għandhom jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni f'emenda tal-pjan skont l-Artikolu 107.</p> <p>6. Kull Pjan Strateġiku tal-PAK – li jinkludi fejn xieraq il-programmi reġjonali ta' żvilupp rurali – għandu jiġi approvat mill-Kummissjoni permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni mingħajr ma tiġi applikata l-proċedura ta' Kunitat imsemmija fl-Artikolu 139.</p> <p>7. Il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK – li jinkludu fejn xieraq il-programmi reġjonali ta' żvilupp rurali – għandu jkollhom effetti legali biss wara l-approvazzjoni tagħhom mill-Kummissjoni.</p>

Raġuni

Ara l-emenda 24

Emenda 57

Artikolu 107

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p><i>Emenda tal-Pjan Strateġiku tal-PAK</i></p> <p>1. L-Istati Membri jistgħu jippreżentaw lill-Kummissjoni talbiet biex jemendaw il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom.</p> <p>2. It-talbiet għall-emendi tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK għandhom ikunu debitament iġġustifikati u għandhom b'mod partikolari jistabbilixxu l-impatt mistenni tal-bidliet fil-pjan fuq il-kisba tal-oġġettivi speċifiċi, imsemmija fl-Artikolu 6(1). Għandhom ikunu akkumpanjati bil-pjan emendat inkluż l-annessi aġġornati kif xieraq.</p> <p>3. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-konsistenza tal-emenda ma' dan ir-Regolament u d-dispożizzjonijiet adottati skontu kif ukoll mar-Regolament (UE) [ir-Regolament Orizzontali] u l-kontribut effettiv tiegħu għall-oġġettivi speċifiċi.</p> <p>4. Il-Kummissjoni għandha tapprova l-emenda rikjesta għal Pjan Strateġiku tal-PAK sakemm l-informazzjoni meħtieġa tkun ġiet sottomessa u sakemm il-Kummissjoni tkun sodisfatta li l-Pjan emendat huwa kompatibbli mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, ir-reqwiziti stabbiliti f'dan ir-Regolament, id-dispożizzjonijiet adottati skontu u fir-Regolament (UE) [ir-Regolament Orizzontali].</p> <p>5. Il-Kummissjoni tista' tagħmel osservazzjonijiet fi żmien 30 jum ta' xogħol mis-sottomissjoni tat-talba għall-emenda tal-Pjan Strateġiku tal-PAK. L-Istat Membru għandu jipprovdi lill-Kummissjoni bl-informazzjoni addizzjonali meħtieġa kollha.</p> <p>6. L-approvazzjoni ta' talba għal emenda ta' Pjan Strateġiku tal-PAK għandha ssir l-aktar tard tliet xhur wara l-preżentazzjoni tagħha mill-Istat Membru sakemm kwalunkwe osservazzjoni magħmula mill-Kummissjoni tkun tqieset kif xieraq.</p>	<p><i>Emenda tal-Pjan Strateġiku tal-PAK li jinkludi fejn xieraq il-programmi reġjonali ta' żvilupp rurali</i></p> <p>1. L-Istati Membri u r-reġjuni jistgħu jippreżentaw lill-Kummissjoni talbiet biex jemendaw il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK – li jinkludu fejn xieraq il-programmi reġjonali ta' żvilupp rurali – tagħhom.</p> <p>2. It-talbiet għall-emendi tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK – li jinkludu fejn xieraq il-programmi reġjonali ta' żvilupp rurali – għandhom ikunu debitament iġġustifikati u għandhom b'mod partikolari jistabbilixxu l-impatt mistenni tal-bidliet fil-pjan fuq il-kisba tal-oġġettivi speċifiċi, imsemmija fl-Artikolu 6(1). Għandhom ikunu akkumpanjati bil-pjan emendat inkluż l-annessi aġġornati kif xieraq.</p> <p>3. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-konsistenza tal-emenda ma' dan ir-Regolament u d-dispożizzjonijiet adottati skontu kif ukoll mar-Regolament (UE) [ir-Regolament Orizzontali] u l-kontribut effettiv tiegħu għall-oġġettivi speċifiċi.</p> <p>4. Il-Kummissjoni għandha tapprova l-emenda rikjesta għal Pjan Strateġiku tal-PAK – li jinkludi fejn xieraq il-programmi reġjonali ta' żvilupp rurali – sakemm l-informazzjoni meħtieġa tkun ġiet sottomessa u sakemm il-Kummissjoni tkun sodisfatta li l-Pjan emendat huwa kompatibbli mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, ir-reqwiziti stabbiliti f'dan ir-Regolament, id-dispożizzjonijiet adottati skontu u fir-Regolament (UE) [ir-Regolament Orizzontali].</p> <p>5. Il-Kummissjoni tista' tagħmel osservazzjonijiet fi żmien 30 jum ta' xogħol mis-sottomissjoni tat-talba għall-emenda tal-Pjan Strateġiku tal-PAK, li jinkludi fejn xieraq il-programmi reġjonali ta' żvilupp rurali. L-Istat Membru għandu jipprovdi lill-Kummissjoni bl-informazzjoni addizzjonali meħtieġa kollha.</p> <p>6. L-approvazzjoni ta' talba għal emenda ta' Pjan Strateġiku tal-PAK – li jinkludi fejn xieraq il-programmi reġjonali ta' żvilupp rurali – għandha ssir l-aktar tard tliet xhur wara l-preżentazzjoni tagħha mill-Istat Membru sakemm kwalunkwe osservazzjoni magħmula mill-Kummissjoni tkun tqieset kif xieraq.</p>

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>7. Talba għal emenda tal-Pjan Strateġiku tal-PAK tista' titressaq mhux aktar minn darba fis-sena kalendarja soġġett għal eċċezzjonijiet possibbli li jridu jiġu determinati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 109.</p>	<p>7. Talba għal emenda tal-Pjan Strateġiku tal-PAK – li jinkludi fejn xieraq il-programmi reġjonali ta' żvilupp rurali – tista' titressaq mhux aktar minn darba fis-sena kalendarja soġġett għal eċċezzjonijiet possibbli li jridu jiġu determinati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 109.</p>
<p>8. Kull emenda tal-Pjan Strateġiku tal-PAK għandha tiġi approvata mill-Kummissjoni permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni mingħajr ma tiġi applikata l-proċedura ta' kumitat imseemija fl-Artikolu 139.</p>	<p>8. Kull emenda tal-Pjan Strateġiku tal-PAK – li jinkludi fejn xieraq il-programmi reġjonali ta' żvilupp rurali – għandha tiġi approvata mill-Kummissjoni permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni mingħajr ma tiġi applikata l-proċedura ta' kumitat imseemija fl-Artikolu 139.</p>
<p>9. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 80, il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK għandu jkollhom effetti legali biss wara l-approvazzjoni tagħhom mill-Kummissjoni.</p>	<p>9. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 80, il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK għandu jkollhom effetti legali biss wara l-approvazzjoni tagħhom mill-Kummissjoni.</p>
<p>10. Il-korrezzjonijiet ta' natura purament klerikali jew editorjali jew ta' żbalji ovvjji li ma jaffettwawx l-implimentazzjoni tal-politika u l-intervent ma għandhomx jitqiesu bħala talba għal emenda. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'tali korrezzjonijiet.</p>	<p>10. Il-korrezzjonijiet ta' natura purament klerikali jew editorjali jew ta' żbalji ovvjji li ma jaffettwawx l-implimentazzjoni tal-politika u l-intervent ma għandhomx jitqiesu bħala talba għal emenda. L-Istati Membri u r-reġjuni għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'tali korrezzjonijiet.</p>

Raġuni

Ara l-emenda 24

Emenda 58

Artikolu 110

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>1. L-Istati Membri għandhom jaħtru Awtorità ta' Ġestjoni għall-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom.</p> <p>L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll rilevanti tkun għet stabbilita b'tali mod li tiżgura allokazżjoni u separazzjoni ċari tal-funzjonijiet bejn l-Awtorità ta' Ġestjoni u korpi oħra. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli mill-iżguraw li s-sistema taħdem b'mod effettiv matul il-perjodu tal-Pjan Strateġiku tal-PAK.</p>	<p>1. L-Istati Membri għandhom jaħtru Awtorità ta' Ġestjoni waħda jew aktar għall-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK, li jinkludi fejn xieraq il-programmi reġjonali ta' żvilupp rurali.</p> <p>L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll rilevanti tkun għet stabbilita b'tali mod li tiżgura allokazżjoni u separazzjoni ċari tal-funzjonijiet bejn l-Awtorità ta' Ġestjoni u korpi oħra. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli mill-iżguraw li s-sistema taħdem b'mod effettiv matul il-perjodu tal-Pjan Strateġiku tal-PAK.</p>
<p>2. L-Awtorità ta' Ġestjoni għandha tkun responsabbli għall-ġestjoni u għall-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK b'mod effiċjenti, effettiv u korrett. B'mod partikolari għandha tiżgura li:</p>	<p>2. L-Awtoritajiet ta' Ġestjoni għandhom ikunu responsabbli għall-ġestjoni u għall-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK b'mod effiċjenti, effettiv u korrett. B'mod partikolari għandhom jiżguraw li:</p>

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
(i) jkun hemm sistema elettronika sigura xierqa li tirreġistra, iżżomm, tamministra u tirrapporta informazzjoni statistika dwar il-pjan u l-implimentazzjoni tiegħu meħtieġa għall-finijiet tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni u, b'mod partikolari, l-informazzjoni meħtieġa għall-monitoraġġ tal-progress b'rabta mal-oġġettivi u l-miri definiti;	(i) jkun hemm sistema elettronika sigura xierqa li tirreġistra, iżżomm, tamministra u tirrapporta informazzjoni statistika dwar il-pjan u l-implimentazzjoni tiegħu meħtieġa għall-finijiet tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni u, b'mod partikolari, l-informazzjoni meħtieġa għall-monitoraġġ tal-progress b'rabta mal-oġġettivi u l-miri definiti;
(j) il-benefiċjarji u korpi oħra involuti fl-implimentazzjoni tal-interventi:	(j) il-benefiċjarji u korpi oħra involuti fl-implimentazzjoni tal-interventi:
(i) jiġu mgħarrfa dwar l-obbligi tagħhom li jirriżultaw mill-ghajjnuna mogħtija, u jżommu sistema ta' kontabbiltà separata jew kodiċi ta' kontabbiltà xieraq għat-tranżazzjonijiet kollha marbuta ma' operazzjoni;	(i) jiġu mgħarrfa dwar l-obbligi tagħhom li jirriżultaw mill-ghajjnuna mogħtija, u jżommu sistema ta' kontabbiltà separata jew kodiċi ta' kontabbiltà xieraq għat-tranżazzjonijiet kollha marbuta ma' operazzjoni;
(ii) ikunu konxji mir-reqwiziti fir-rigward tal-provvista tad-data lill-Awtorità ta' Ġestjoni u r-reġistrazzjoni tal-outputs u r-riżultati;	(ii) ikunu konxji mir-reqwiziti fir-rigward tal-provvista tad-data lill-Awtorità ta' Ġestjoni u r-reġistrazzjoni tal-outputs u r-riżultati;
(k) il-benefiċjarji kkonċernati jiġu pprovduti, fejn xieraq permezz tal-użu ta' mezzi elettroniċi, bil-lista tar-reqwiziti statutorji ta' ġestjoni u l-istandards minimi ta' kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba stabbiliti skont it-Taqsima 2 tal-Kapitolu I tat-Titolu III li għandhom jiġu applikati fil-livell tal-azjenda agrikola, kif ukoll informazzjoni ċar u preċiża dwarhom;	(k) il-benefiċjarji kkonċernati jiġu pprovduti, fejn xieraq permezz tal-użu ta' mezzi elettroniċi, bil-lista tar-reqwiziti statutorji ta' ġestjoni u l-istandards minimi ta' kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba stabbiliti skont it-Taqsima 2 tal-Kapitolu I tat-Titolu III li għandhom jiġu applikati fil-livell tal-azjenda agrikola, kif ukoll informazzjoni ċar u preċiża dwarhom;
(l) l-evalwazzjoni ex ante msemmija fl-Artikolu 125 tikkonforma mas-sistema ta' evalwazzjoni u ta' monitoraġġ u li hija aċċettata u sottomessa lill-Kummissjoni;	(l) l-evalwazzjoni ex ante msemmija fl-Artikolu 125 tikkonforma mas-sistema ta' evalwazzjoni u ta' monitoraġġ u li hija aċċettata u sottomessa lill-Kummissjoni;
(m) il-pjan ta' evalwazzjoni msemmi fl-Artikolu 126 huwa fis-seħħ, li l-evalwazzjoni ex post msemmija f'dak l-Artikolu titwettaq fil-limiti ta' żmien stipulati f'dan ir-Regolament, filwaqt li jiġi żgurat li dawn l-evalwazzjonijiet jikkonformaw mas-sistema ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni u li huma sottomessi lill-Kumitat ta' Monitoraġġ msemmi fl-Artikolu 111 u lill-Kummissjoni;	(m) il-pjan ta' evalwazzjoni msemmi fl-Artikolu 126 huwa fis-seħħ, li l-evalwazzjoni ex post msemmija f'dak l-Artikolu titwettaq fil-limiti ta' żmien stipulati f'dan ir-Regolament, filwaqt li jiġi żgurat li dawn l-evalwazzjonijiet jikkonformaw mas-sistema ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni u li huma sottomessi lill-Kumitat ta' Monitoraġġ msemmi fl-Artikolu 111 u lill-Kummissjoni;
(n) il-Kumitat ta' Monitoraġġ jiġi provdut bl-informazzjoni u d-dokumenti meħtieġa biex tiġi mmonitorjata l-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK fid-dawl tal-oġġettivi u l-prijoritajiet speċifiċi tiegħu;	(n) il-Kumitat ta' Monitoraġġ jiġi provdut bl-informazzjoni u d-dokumenti meħtieġa biex tiġi mmonitorjata l-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK fid-dawl tal-oġġettivi u l-prijoritajiet speċifiċi tiegħu;
(o) ir-rapport dwar il-prestazzjoni annwali jiffassal, inkluż it-tabelli ta' monitoraġġ aggregati, u, wara l-konsultazzjoni mal-Kumitat ta' Monitoraġġ, jitressaq lill-Kummissjoni;	(o) ir-rapport dwar il-prestazzjoni annwali jiffassal, inkluż it-tabelli ta' monitoraġġ aggregati, u, wara l-konsultazzjoni mal-Kumitat ta' Monitoraġġ, jitressaq lill-Kummissjoni;
(p) jittieħdu azzjonijiet ta' segwitu rilevanti fuq l-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar ir-rapporti tal-prestazzjoni annwali;	(p) jittieħdu azzjonijiet ta' segwitu rilevanti fuq l-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar ir-rapporti tal-prestazzjoni annwali;

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>(q) l-aġenzija tal-pagamenti tirċievi l-informazzjoni kollha meħtieġa, b'mod partikolari dwar il-proċeduri operati u kwalunkwe kontroll imwettaq b'relazzjoni mal-interventi magħżula għall-finanzjament, qabel ma jkunu awtorizzati l-pagamenti;</p> <p>(r) il-benefiċjarji taħt l-interventi ffinanzjati mill-FAEŻR, għajr l-interventi relatati maż-żona u mal-animals, jirrikonoxxu l-appoġġ finanzjarju li rċievu, inkluż l-użu xieraq tal-emblema tal-Unjoni skont ir-regoli stipulati mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 5;</p> <p>(s) isir reklamar għall-Pjan Strateġiku tal-PAK, inkluż permezz tan-netwerk nazzjonali tal-PAK, billi jiġu infurmati l-benefiċjarji potenzjali, l-organizzazzjonijiet professjonali, is-sħab ekonomiċi u soċjali, il-korpi involuti fil-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi kkonċernati, inklużi l-organizzazzjonijiet ambjentali bil-possibiltajiet offruti mill-Pjan Strateġiku tal-PAK u r-regoli biex jinkiseb aċċess għall-finanzjament tal-Pjan Strateġiku tal-PAK kif ukoll billi jiġu infurmati lill-benefiċjarji u lill-pubbliku ġenerali dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-agrikoltura u għall-iżvilupp rurali permezz tal-Pjan Strateġiku tal-PAK.</p> <p>3. L-Istat Membru jew L-Awtorità ta' Ġestjoni jistgħu jaħtru korp intermedjarju wieħed jew aktar li jinkludi lill-awtoritajiet lokali, il-korpi għall-iżvilupp reġjonali jew l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, biex iwettqu l-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-interventi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK.</p> <p>4. Meta parti mill-kompiti tagħha jiġu delegati lil korp ieħor, l-Awtorità ta' Ġestjoni għandha żżomm responsabbiltà sħiħa għall-effiċjenza u l-korrettezza tal-ġestjoni u tal-implimentazzjoni ta' dawk il-kompiti. L-Awtorità ta' Ġestjoni għandha tiżgura li jkunu fis-seħħ dispożizzjonijiet xierqa li jippermettu lill-korp l-ieħor jikseb id-data u l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' dawk il-kompiti.</p> <p>5. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 138, li jissupplementaw dan ir-Regolament b'regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-rekwiżiti dwar l-informazzjoni, ir-reklamar u l-viżibbiltà msemmija fil-punti (j) u (k) tal-paragrafu 2.</p> <p>Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 139(2).</p>	<p>(q) l-aġenzija tal-pagamenti tirċievi l-informazzjoni kollha meħtieġa, b'mod partikolari dwar il-proċeduri operati u kwalunkwe kontroll imwettaq b'relazzjoni mal-interventi magħżula għall-finanzjament, qabel ma jkunu awtorizzati l-pagamenti;</p> <p>(r) il-benefiċjarji taħt l-interventi ffinanzjati mill-FAEŻR, għajr l-interventi relatati maż-żona u mal-animals, jirrikonoxxu l-appoġġ finanzjarju li rċievu, inkluż l-użu xieraq tal-emblema tal-Unjoni skont ir-regoli stipulati mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 5;</p> <p>(s) isir reklamar għall-Pjan Strateġiku tal-PAK, inkluż permezz tan-netwerk nazzjonali tal-PAK, billi jiġu infurmati l-benefiċjarji potenzjali, l-organizzazzjonijiet professjonali, is-sħab ekonomiċi u soċjali, il-korpi involuti fil-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi kkonċernati, inklużi l-organizzazzjonijiet ambjentali bil-possibiltajiet offruti mill-Pjan Strateġiku tal-PAK u r-regoli biex jinkiseb aċċess għall-finanzjament tal-Pjan Strateġiku tal-PAK kif ukoll billi jiġu infurmati lill-benefiċjarji u lill-pubbliku ġenerali dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-agrikoltura u għall-iżvilupp rurali permezz tal-Pjan Strateġiku tal-PAK.</p> <p>3. L-Istat Membru jew L-Awtoritajiet ta' Ġestjoni jistgħu jaħtru korp intermedjarju wieħed jew aktar li jinkludi lill-awtoritajiet lokali, il-korpi għall-iżvilupp reġjonali jew l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, biex iwettqu l-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-interventi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK.</p> <p>4. Meta parti mill-kompiti tagħha jiġu delegati lil korp ieħor, l-Awtorità ta' Ġestjoni għandha żżomm responsabbiltà sħiħa għall-effiċjenza u l-korrettezza tal-ġestjoni u tal-implimentazzjoni ta' dawk il-kompiti. L-Awtorità ta' Ġestjoni għandha tiżgura li jkunu fis-seħħ dispożizzjonijiet xierqa li jippermettu lill-korp l-ieħor jikseb id-data u l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' dawk il-kompiti.</p> <p>5. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 138, li jissupplementaw dan ir-Regolament b'regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-rekwiżiti dwar l-informazzjoni, ir-reklamar u l-viżibbiltà msemmija fil-punti (j) u (k) tal-paragrafu 2.</p> <p>Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 139(2).</p>

Raġuni

Ara l-emenda 24

Emenda 59

Artikolu 111

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
L-Istat Membru għandu jwaqqaf kumitat biex jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK ("il-Kumitat ta' Monitoraġġ") qabel is-sottomissjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK.	L-Istat Membru u l-awtoritajiet amministrattivi reġjonali għandhom iwaqqfu kumitat biex jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK ("il-Kumitat ta' Monitoraġġ") qabel is-sottomissjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK.

Raġuni

Ara l-emenda 24

Emenda 60

Artikolu 114(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	<p>Monitoraġġ tal-effikaċja tal-implimentazzjoni</p> <p>1. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu għanijiet ta' riżultati intermedji biennali fil-qafas tal-Pjan Strateġiku tal-PAK permezz ta' deroga mill-Artikolu 115 (2)(b) ta' dan ir-Regolament u jimmonitorjawhom bl-istess frekwenza fir-rapporti dwar l-effikaċja tal-implimentazzjoni fis-snin li fihom huma ppjanati biex jintlaħqu.</p>

Raġuni

L-istadji intermedji għall-indikaturi tar-riżultati għandhom ikunu mill-inqas biennali.

Emenda 61

Anness 0 ġdid: L-għanijiet tar-riżultati komuni għall-Pjanijiet Strateġiċi nazzjonali

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	1.1.1. Tibdil tal-klima: Tnaqqis ta' 30 % tal-gassijiet b'effett ta' serra li jinħolqu mill-agrikoltura fl-Istat Membru

Raġuni

L-isfidi klimatiċi jesigū li kemm l-għelejjel kif ukoll it-trobbija tal-annimali jnaqqsu b'mod sinifikanti l-emissjonijiet tagħhom sal-2027. Indikatur numeriku huwa s-suġġett tal-Anness.

Emenda 62

Anness 0 ġdid: L-għanijiet tar-riżultati komuni għall-Pjanijiet Strateġiċi nazzjonali

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	Ambjent, ikel: Irduppar meta mqabbel mal-2017 tal-erja użata għall-produzzjoni organika fl-Istat Membru, jew mill-inqas 30 % tal-erja agrikola użata tal-Istat Membru

Raġuni

Sabiex jiġu indirizzati l-isfidi ambjentali, tas-saħħa pubblika u tal-konsumatur, u jitnaqqas is-sehem tal-importazzjonijiet, jeħtieġ li jiżdiedu b'mod konsiderevoli l-uċuħ tar-raba' organiċi.

Emenda 63

Anness 0 ġdid: L-għanijiet tar-riżultati komuni għall-Pjanijiet Strateġiċi nazzjonali

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	Bijodiversità, saħħa: Tnaqqis ta' mill-inqas 30 %, meta mqabbel mal-2017, tal-użu ta' pestiċidi kimiċi fl-Istat Membru

Raġuni

Biex jilqgħu għall-isfidi ambjentali u tas-saħħa pubblika, sal-2027 għandu jkun hemm tnaqqis sinifikanti tal-użu tal-pestiċidi.

Emenda 64

Anness 0 ġdid: L-għanijiet tar-riżultati komuni għall-Pjanijiet Strateġiċi nazzjonali

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	Ilma: 100 % tal-ilma tal-wiċċ u tal-ilma ta' taħt l-art jirrispettaw id-Direttiva dwar in-nitrati, mingħajr eżenzjonijiet, fl-Istat Membru

Raġuni

Din hi kwistjoni ta' saħħa pubblika u ta' spejjeż ta' aċċess għall-ilma tax-xorb sikur għall-konsumaturi. Id-Direttiva dwar in-nitrati tmur lura għall-1991 u għadha ma ġietx rispettata kullimkien. Huwa meħtieġ li dan jinkiseb sal-2027.

Emenda 65

Anness 0 ġdid: L-għanijiet tar-riżultati komuni għall-Pjanijiet Strateġiċi nazzjonali

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	<i>Benessri tal-annimali, saħħa: Tmiem b'mod progressiv tat-trobbija fil-gaġeġ fl-Unjoni Ewropea kollha</i>

Raġuni

Sabiex jiġu indirizzati l-isfidi tal-benessri tal-annimali, kif ukoll tas-saħħa pubblika (l-antibijotiċi), huwa meħtieġ li sal-2027 nimxu għal metodi ta' produzzjoni mingħajr gaġeġ u aktar estensivi, li diġà jeżistu.

Emenda 66

Anness 1 – Indikaturi tar-riżultati R.1

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
It-titjib tal-prestazzjoni permezz tal-għarfien u tal-innovazzjoni: Is-sehem tal-bdiewa li jirċievu appoġġ għal pariri, taħriġ, skambju ta' għarfien, jew il-parteċipazzjoni fi gruppi operattivi biex itejbu l-prestazzjoni ekonomika, ambjentali, klimatika u <i>tal-effiċjenza</i> tar-riżorsi.	It-titjib tal-prestazzjoni permezz tal-għarfien u tal-innovazzjoni: Is-sehem tal-bdiewa li jirċievu appoġġ għal pariri, taħriġ, skambju ta' għarfien, jew il-parteċipazzjoni fi gruppi operattivi biex itejbu l-prestazzjoni ekonomika, ambjentali, klimatika u <i>l-użu effiċjenti u sostenibbli</i> tar-riżorsi.

Raġuni

L-użu sostenibbli tar-riżorsi huwa importanti biex titjeb il-produttività ekonomika u ambjentali fuq perjodu medju u twil ta' żmien.

Emenda 67

Anness 1 – Indikaturi tar-riżultati R.3

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<i>Id-diġitalizzazzjoni</i> tal-agrikoltura: Is-sehem ta' bdiewa li jibbenefikaw minn appoġġ <i>għal teknoloġija agrikola ta' preċiżjoni</i> permezz tal-PAK	<i>Il-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni</i> tal-agrikoltura: Is-sehem ta' bdiewa li jibbenefikaw minn appoġġ għal teknoloġija agrikola ta' preċiżjoni <i>u ta' tranżizzjoni ekoloġika jew klimatika</i> permezz tal-PAK.

Raġuni

Id-diġitalizzazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-azjendi agrikoli għandha ssir fil-kuntest ambjentali u tal-klima.

Emenda 68

Anness 1 – Objettivi speċifiċi tal-UE

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Tisħiħ tal-orjentazzjoni tas-suq u żieda fil-kompetittività inkluż permezz ta' aktar enfasi fuq ir-riċerka, it-teknoloġija u d-diġitalizzazzjoni	Tisħiħ tal-orjentazzjoni tas-suq u żieda fil-kompetittività ekonomika, soċjali, ambjentali u territorjali , inkluż permezz ta' aktar enfasi fuq ir-riċerka, it-teknoloġija u d-diġitalizzazzjoni, kif ukoll it-tixrid ta' metodi ta' produzzjoni sostenibbli.

Raġuni

Il-kompetittività mitluba mhijiex biss ekonomika.

Emenda 69

Anness 1 – Indikaturi tal-impatt I.6

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Żieda fil-produttività tal-azjendi agrikoli: Produttività totali tal-fatturi	Żieda fil-produttività tal-azjendi agrikoli, fis-sigurtà alimentari Ewropea, is-sikurezza tal-ikel, ir-reżiljenza tal-azjendi u l-koeżjoni territorjali : Produttività totali tal-fatturi bl-integrazzjoni tal-esternalitajiet.

Emenda 70

Anness 1 – Indikaturi tal-impatt R.9

Test proposit mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Modernizzazzjoni tal-azjendi agrikoli: Is-sehem tal-bdiewa li jirċievu appoġġ ta' investiment biex jirristrutturaw u jimmodernizzaw, inkluż biex tittejjeb l-effiċjenza tar-riżorsi	Modernizzazzjoni tal-azjendi agrikoli: Is-sehem tal-bdiewa li jirċievu appoġġ ta' investiment biex jirristrutturaw u jimmodernizzaw, inkluż biex tittejjeb l-effiċjenza tar-riżorsi

Raġuni

Il-modernizzazzjoni tal-azjendi agrikoli għandha ssir billi tittejjeb is-sostenibbiltà tas-sistemi ta' produzzjoni.

Emenda 71

Anness 1 – Indikaturi tal-impatt R.13a

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	R13a: jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra tal-uċuħ tar-raba: is-sehem ta' azjendi agrikoli jonqos mill-inqas 50 % fl-użu ta' fertilizzanti tan-nitroġenu sintetiċi.

Raġuni

Ir-rifjut tal-gass tan-N²O minn fertilizzanti tan-nitroġenu huwa sors importanti ħafna ta' emissjonijiet, kważi 50 % tal-gassijiet b'effett ta' serra agrikoli. Barra minn hekk, il-produzzjoni ta' fertilizzanti tan-nitroġenu sintetiċi tikkonsma kwantità kbira ta' enerġija.

Emenda 72

Anness 1 – Indikaturi tal-impatt R.14

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Il-ħżin tal-karbonju fil-ħamrija u l-bijomassa: Is-sehem tal-art agrikola b'impenji biex tnaqqas l-emissjonijiet, iżżomm u/jew ittejjeb il-ħżin tal-karbonju (bur permanenti, art agrikola fit-torbiera, fil-foresti, eċċ)	Il-ħżin tal-karbonju fil-ħamrija u l-bijomassa: Is-sehem tal-art agrikola b'impenji biex tnaqqas l-emissjonijiet, iżżomm u/jew ittejjeb il-ħżin tal-karbonju (bur permanenti, art agrikola fit-torbiera, fil-foresti, eċċ), ir-rata ta' tkabbir tal-erja kkultivata bil-legumi (puri jew imħallta)

Raġuni

Il-kultivazzjoni ta' uċuħ leguminużi tippermetti l-iffissar effiċjenti tal-karbonju fil-ħamrija, inkluż flimkien ma' ħaxix fil-mergħat.

Emenda 73

Anness 1 – Objettivi speċifiċi tal-UE

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Trawwim tal-iżvilupp sostenibbli u ġestjoni effiċjenti tar-riżorsi naturali bħall-ilma, il-ħamrija u l-arja	Trawwim tal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali bħall-ilma, il-ħamrija u l-arja

Raġuni

Evidenti.

Emenda 74

Anness 1 – Indikaturi tal-impatt I.16

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Tnaqqis tat-tnixxija tan-nutrijenti: In-nitrati fl-ilma ta' taħt l-art	Tnaqqis tat-tnixxija tan-nutrijenti: In-nitrati fl-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art
— Il-perċentwal tal-istazzjonijiet tal-ilma ta' taħt l-art b'konċentrazzjoni ta' nitroġenu oġhla minn 50 mg/l skont id-Direttiva dwar in-Nitrati	— Il-perċentwal tal-istazzjonijiet tal-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art b'konċentrazzjoni ta' nitroġenu oġhla minn 50 mg/l skont id-Direttiva dwar in-Nitrati
	— Il-perċentwal tal-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art skont id-Direttiva dwar in-Nitrati

Raġuni

L-ilma tal-wiċċ huwa wkoll inkluż fl-indikaturi sabiex tiġi rapportata tasew is-sitwazzjoni u l-evoluzzjoni tagħha. Huwa urġenti li d-Direttiva dwar in-nitrati tiġi rispettata kullimkien.

Emenda 75

Anness 1 – Indikaturi tal-impatt I.16a

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	<i>Tnaqqis tal-użu ta' fertilizzanti minerali u sintetiċi: bejgħ ta' fertilizzanti minerali u sintetiċi</i>

Raġuni

Għar-rivitalizzazzjoni tal-ħamrija, billi tiżdied ir-rata ta' materja organika, li taħżen il-karbonju, għandha tingħata prijorità lil prattiki agrikoli li jnaqqsu l-influssi ta' fertilizzanti minerali u sintetiċi, barra minn hekk bi prezz għoli ħafna enerġetiku u li tissarraf f'wisq emittenti ta' gassijiet b'effett ta' serra.

Emenda 76

Anness 1 – Indikaturi tar-riżultati R.18

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Titjib tal-ħamrija: Is-sehem tal-art agrikola b'impenji ta' ġestjoni b'benefiċċju <i>għall-ġestjoni</i> tal-ħamrija	Titjib tal-ħamrija: Is-sehem tal-art agrikola b'impenji ta' ġestjoni b'benefiċċju <i>għat-titjib</i> tal-ħamrija

Raġuni

Iktar ċarezza tat-test u tal-għan.

Emenda 77

Anness 1 – Indikaturi tar-riżultati R.21

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Ġestjoni sostenibbli tan-nutrijenti: Is-sehem ta' art agrikola b'impenji <i>biex ittejjeb il-ġestjoni</i> tan-nutrijenti	Ġestjoni sostenibbli tan-nutrijenti: Is-sehem ta' art agrikola b'impenji <i>għal ġestjoni sostenibbli</i> tan-nutrijenti

Raġuni

Evidenti.

Emenda 78

Anness 1 – Indikaturi tar-riżultati R.21a

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	R21a: Tnaqqis tal-użu ta' fertilizzanti minerali u sintetiċi: Is-sehem tal-art agrikola kkonċernata minn miżuri speċifiċi li jwasslu għal tnaqqis fl-użu ta' fertilizzanti minerali u sintetiċi.

Raġuni

Il-ġestjoni sostenibbli ta' nutrijenti għandha tintegra t-tnaqqis tal-użu ta' fertilizzanti minerali u sintetiċi.

Emenda 79

Anness 1 – Indikaturi tar-riżultati R.25

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
R.25 Appoġġ għall-ġestjoni sostenibbli tal-foresti: Is-sehem tal-art forestali b'impenji ta' ġestjoni għall-appoġġ tal-ħarsien u l-ġestjoni tal-foresti.	R.25 Appoġġ għall-ġestjoni sostenibbli tal-foresti: Is-sehem tal-art forestali b'impenji ta' ġestjoni għall-appoġġ tal-ħarsien u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti.

Raġuni

Wisq foresti huma ġestiti b'mod dejjem aktar intensiv, b'impatti negattivi fuq l-ambjent u l-bijodiversità.

Emenda 80

Anness 1 – Indikaturi tar-riżultati R.37

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Użu sostenibbli tal-pestiċidi: Sehem mill-art agrikola kkonċernata minn azzjonijiet speċifiċi appoġġati li jwasslu għall-użu sostenibbli tal-pestiċidi sabiex jitnaqqsu r-riskji u l-impatti tal-pestiċidi	Użu sostenibbli tal-pestiċidi: Sehem mill-art agrikola kkonċernata minn azzjonijiet speċifiċi appoġġati li jwasslu għall-użu sostenibbli tal-pestiċidi sabiex jitnaqqsu r-riskji u l-impatti tal-pestiċidi

Emenda 81

Anness 1 – Indikaturi tar-riżultati R37a

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	R37a: Żieda fl-għadd ta' azjendi agrikoli organiċi: għadd ta' azjendi agrikoli li jibbenefikaw mill-appoġġ tal-konverżjoni lejn agrikoltura organika

Raġuni

Sabiex jiġu indirizzati l-isfidi ambjentali, tas-saħħa pubblika u tal-konsumatur, u jitnaqqas is-sehem tal-importazzjonijiet, jeħtieġ li jiżdiedu b'mod konsiderevoli l-uċuħ tar-raba' organiċi.

Emenda 82

Anness 3 – Rekwiżiti u standards KAAT 1

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Il-manutenzjoni ta' bwar permanenti abbażi ta' proporzjon ta' bwar permanenti maż-żona agrikola	Il-manutenzjoni minn azjenda ta' bwar permanenti b'rata ta' konverżjoni massima minn 5 sa 10% għal kull azjenda, bl-eċċezzjoni ta' bwar "sensittivi", rikki fil-bijodiversità

Raġuni

Biex tintlaħaq il-mira, ir-regola għandha tapplika fil-livell tal-azjenda, bil-flessibilità proposta, u mhux fil-livell reġjonali, u b'hekk jiġi evitat taqlib ta' bwar għoljin wisq għal-livell sottoreġjonali.

Emenda 83

Anness 3 – Objettiv ewlieni tal-istandard KAAT 5

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Il-ġestjoni sostenibbli tan-nutrijenti	

Emenda 84

Anness 3 – Rekwiżiti u standards KAAT 7

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
L-ebda ħamrija għerja fil-biċċa l-kbira tal-perjodu(i) sensittiv(i)	L-ebda ħamrija għerja fil-perjodi sensittivi

Raġuni

Il-ħamrija tal-pjanti għandha titgħatta għall-aktar żmien twil possibbli fis-sena għall-protezzjoni tal-ħamrija.

Emenda 85

Anness 3 – Rekwiżiti u standards KAAT – ġdid

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	Konformità mill-operatur agrikolu mal-leġislazzjoni soċjali nazzjonali fir-rigward tad-drittijiet tal-ħaddiema agrikoli

Raġuni

Evidenti.

Emenda 86

Anness XII – Objettivi O.13 u R.4

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Trawwim tal-iżvilupp sostenibbli u ġestjoni effiċjenti tar-riżorsi naturali bħall-ilma, il-ħamrija u l-arja;	Trawwim ta' ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali bħall-ilma, il-ħamrija u l-arja;

Raġuni

Konformi mal-emenda 73.

COM(2018) 393 final

Emenda 87

Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Jenħtieġ li l-mudell tal-implimentazzjoni tal-PAK ibbażat fuq il-konformità jiġi aġġustat biex ikun żgurat li jkun hemm iktar enfasi fuq ir-riżultati u fuq il-prestazzjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-Unjoni tistabbilixxi l-għanijiet bażiċi tal-politika, it-tipi ta' intervent u r-rekwiżiti bażiċi tal-Unjoni, filwaqt li l-Istati Membri jerfgħu responsabbiltà akbar u jkunu iktar responsabbli biex jilhqqu dawk l-għanijiet. Minħabba f'hekk, hemm bżonn li tiġi żgurata iktar sussidjarjetà sabiex jitqiesu aħjar il-kundizzjonijiet u l-ħtiġijiet lokali. B'hekk jenħtieġ li, fil-kuntest tal-mudell il-ġdid tal-implimentazzjoni, l-Istati Membri jkunu responsabbli biex ifasslu l-interventi tagħhom tal-PAK skont ir-rekwiżiti bażiċi tal-Unjoni sabiex isaħħu kemm jista' jkun il-kontribut tagħhom lejn l-għanijiet tal-PAK tal-Unjoni u sabiex ifasslu u jstabbilixxu l-qafas ta' konformità u ta' kontroll li japplika għall-benefiċjarji.	Jenħtieġ li l-mudell tal-implimentazzjoni tal-PAK ibbażat fuq il-konformità jiġi aġġustat biex ikun żgurat li jkun hemm iktar enfasi fuq ir-riżultati u fuq il-prestazzjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-Unjoni tistabbilixxi l-għanijiet bażiċi tal-politika, it-tipi ta' intervent u r-rekwiżiti bażiċi tal-Unjoni, filwaqt li l-Istati Membri jerfgħu responsabbiltà akbar u jkunu iktar responsabbli biex jilhqqu dawk l-għanijiet. Minħabba f'hekk, hemm bżonn li tiġi żgurata iktar sussidjarjetà sabiex jitqiesu aħjar il-kundizzjonijiet u l-ħtiġijiet lokali. B'hekk jenħtieġ li, fil-kuntest tal-mudell il-ġdid tal-implimentazzjoni, l-Istati Membri u r-reġjuni jkunu responsabbli biex ifasslu l-interventi tagħhom tal-PAK skont ir-rekwiżiti bażiċi tal-Unjoni sabiex isaħħu kemm jista' jkun il-kontribut tagħhom lejn l-għanijiet tal-PAK tal-Unjoni u sabiex ifasslu u jstabbilixxu l-qafas ta' konformità u ta' kontroll li japplika għall-benefiċjarji.

Raġuni

Jenħtieġ li jinżamm u jissaħħaħ ir-rwol tar-reġjuni Ewropej fil-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-PAK sabiex jiġu adatti l-għażliet politiċi skont karatteristiċi territorjali u settorjali speċifiċi.

Emenda 88

Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>F'dak li għandu x'jaqsam mal-monitoraġġ pluriennali tal-prestazzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha wkoll is-setgħa tissospendi l-pagamenti. Għalhekk, f'każijiet ta' dewmien fil-progress lejn il-miri stabbiliti fil-Pjan Strateġiku nazzjonali tal-PAK, jew f'każijiet fejn ma jkunx sar biżżejjed progress biex dawn jintlaħqu, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa titlob, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, lill-Istat Membru kkonċernat jieħu l-azzjonijiet meħtieġa ta' rimedju skont pjan ta' azzjoni li jrid jiġi stabbilit b'konsultazzjoni magħha u li jkun fih indikaturi ċari dwar il-progress. Meta l-Istat Membru jonqos milli jibgħat il-pjan ta' azzjoni jew milli jimplimentah, jew meta jkun ċar li l-pjan ta' azzjoni ma jkunx biżżejjed biex titranġa s-sitwazzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa tissospendi, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, il-pagamenti interim jew il-pagamenti ta' kull xahar.</p>	<p>F'dak li għandu x'jaqsam mal-monitoraġġ pluriennali tal-prestazzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha wkoll is-setgħa tissospendi l-pagamenti. Għalhekk, f'każijiet ta' dewmien fil-progress lejn <i>l-objettivi komuni Ewropej kif ukoll</i> il-miri stabbiliti fil-Pjan Strateġiku nazzjonali tal-PAK, jew f'każijiet fejn ma jkunx sar biżżejjed progress biex dawn jintlaħqu, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa titlob, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, lill-Istat Membru kkonċernat jieħu l-azzjonijiet meħtieġa ta' rimedju skont pjan ta' azzjoni li jrid jiġi stabbilit b'konsultazzjoni magħha u li jkun fih indikaturi ċari dwar il-progress. Meta l-Istat Membru jonqos milli jibgħat il-pjan ta' azzjoni jew milli jimplimentah, jew meta jkun ċar li l-pjan ta' azzjoni ma jkunx biżżejjed biex titranġa s-sitwazzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa tissospendi, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, il-pagamenti interim jew il-pagamenti ta' kull xahar.</p>

Raġuni

Sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' ġirja lejn l-iktar livell baxx ta' tranżizzjoni ekoloġika u distorsjonijiet tal-kompetizzjoni, objettivi mmirati komuni mal-pjanijiet strateġiċi għandhom jiġu annessi mar-Regolament

Emenda 89

Premessa 55

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Il-kundizzjonalità hija element importanti tal-PAK, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-elementi ambjentali u klimatiċi tagħha, iżda wkoll b'rabta mas-saħħa pubblika u mal-kwistjonijiet marbutin mal-annimali. Dan ifisser li jenħtieġ li jitwettqu kontrolli u li jiġu applikati penali meta jkun hemm bżonn sabiex tkun żgurata l-effettività tas-sistema ta' kundizzjonalità. Sabiex ikun hemm kundizzjonijiet ekwi bejn il-benefiċjarji fi Stati Membri differenti, jenħtieġ li jiddaħħlu ċerti regoli ġenerali dwar il-kontrolli u l-penali marbutin mal-kundizzjonalità fil-livell tal-Unjoni.</p>	<p>Il-kundizzjonalità hija element importanti tal-PAK, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-elementi ambjentali u klimatiċi tagħha, iżda wkoll b'rabta mas-saħħa pubblika u mal-kwistjonijiet marbutin mal-annimali <i>u d-drittijiet soċjali tal-ħaddiema agrikoli</i>. Dan ifisser li jenħtieġ li jitwettqu kontrolli u li jiġu applikati penali meta jkun hemm bżonn sabiex tkun żgurata l-effettività tas-sistema ta' kundizzjonalità. Sabiex ikun hemm kundizzjonijiet ekwi bejn il-benefiċjarji fi Stati Membri differenti, jenħtieġ li jiddaħħlu ċerti regoli ġenerali dwar il-kontrolli u l-penali marbutin mal-kundizzjonalità fil-livell tal-Unjoni.</p>

Raġuni

Huwa importanti li l-azjendi jibbenefikaw minn fondi pubbliċi tal-PAK fir-rispett tad-drittijiet soċjali tal-impjegati tagħhom.

Emenda 90

Artikolu 15(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Dixxiplina finanzjarja</p> <p>1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi rata ta' aġġustament għall-interventi fil-forma ta' pagamenti diretti msemmijin fl-Artikolu 5(2)(c) ta' dan ir-Regolament u għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-miżuri speċifiċi msemmija fl-Artikolu 5(2)(f) ta' dan ir-Regolament u mogħ-tija skont il-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) Nru 228/2013 u l-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) Nru 229/2013 (minn hawn 'il quddiem imsejħa "ir-rata ta' aġġustament"), meta l-previżjonijiet għall-finanzjament tal-interventi u tal-miżuri ffinanzjati skont dak is-sottolimitu għal sena finanzjarja partikolari jkunu juru li jkunu se jinqabżu l-limiti massimi annwali applikabbli.</p> <p>Sat-30 ta' Ġunju tas-sena kalendarja li għaliha tkun se tapplika r-rata ta' aġġustament, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jstabbilixxu r-rata ta' aġġustament. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 101(2).</p>	<p>Dixxiplina finanzjarja</p> <p>1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi rata ta' aġġustament għall-interventi fil-forma ta' pagamenti diretti msemmijin fl-Artikolu 5(2)(c) ta' dan ir-Regolament u għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-miżuri speċifiċi msemmija fl-Artikolu 5(2)(f) ta' dan ir-Regolament (minn hawn 'il quddiem imsejħa "ir-rata ta' aġġustament"), meta l-previżjonijiet għall-finanzjament tal-interventi u tal-miżuri ffinanzjati skont dak is-sottolimitu għal sena finanzjarja partikolari jkunu juru li jkunu se jinqabżu l-limiti massimi annwali applikabbli.</p> <p>Sat-30 ta' Ġunju tas-sena kalendarja li għaliha tkun se tapplika r-rata ta' aġġustament, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jstabbilixxu r-rata ta' aġġustament. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 101(2).</p>

Raġuni

Għandhom jiġu esklużi l-pagamenti diretti taħt il-Programm POSEI peress li dawn diġà għandhom limitu massimu stabbilit fir-Regolament 228/2013 li jimpedixxi li, mill-perspettiva tal-programmazzjoni u tal-implimentazzjoni, jikkontribwixxu għal kwalunkwe nefqa żejda.

Emenda 91

Artikolu 32

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Diżimpenn awtomatiku għall-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK</p> <p>1. Il-Kummissjoni għandha tiddiżimpenja b'mod awtomatiku kull parti minn impenn baġitarju għall-interventi għall-iżvilupp rurali fil-kuntest ta' Pjan Strateġiku tal-PAK li ma tkunx intużat għall-prefinanzjament jew biex isiru l-pagamenti interim jew li dwarha ma tkun intbagħtitilha l-ebda dikjarazzjoni tan-nefqa li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 30(3) b'rabta man-nefqa magħmula sal-31 ta' Diċembru tat-tieni sena wara dik tal-impenn baġitarju.</p>	<p>Diżimpenn awtomatiku għall-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK</p> <p>1. Il-Kummissjoni għandha tiddiżimpenja b'mod awtomatiku kull parti minn impenn baġitarju għall-interventi għall-iżvilupp rurali fil-kuntest ta' Pjan Strateġiku tal-PAK li ma tkunx intużat għall-prefinanzjament jew biex isiru l-pagamenti interim jew li dwarha ma tkun intbagħtitilha l-ebda dikjarazzjoni tan-nefqa li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 30(3) b'rabta man-nefqa magħmula sal-31 ta' Diċembru tat-tielet sena wara dik tal-impenn baġitarju.</p>

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>2. Dik il-parti tal-impenji baġitarji li jkun għadha miftuħa fl-aħħar data ta' eliġibbiltà tan-nefqa kif imsemmi fl-Artikolu 80(3) tar-Regolament (UE) .../... [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK] jew li dwarha ma tkun saret l-ebda dikjarazzjoni tan-nefqa fi żmien sitt xhur minn dik id-data għandha tiġi diżimpenjata b'mod awtomatiku.</p> <p>3. F'każ li jkun hemm proċedimenti legali jew appell amministrattiv li jkollhom effett sospensiv, il-perjodu għad-diżimpenn awtomatiku msemmi fil-paragrafu 1 u fil-paragrafu 2 għandu jiġi interrott, għall-ammont marbut mal-ħidmiet ikkonċernati, għall-perjodu li matulu jdumu għaddejnin dawk il-proċedimenti jew dak l-appell amministrattiv, dejjem jekk il-Kummissjoni tirċievi notifika motivata mingħand l-Istat Membru dwar dan sal-31 ta' Jannar tas-sena N+3.</p> <p>4. L-affarijiet li ġejjin ma għandhomx jitqiesu fil-kalkolu tad-diżimpenn awtomatiku:</p> <p>(a) dik il-parti tal-impenji baġitarji li dwarha tkun saret dikjarazzjoni tan-nefqa iżda li r-rimborż tagħha jkun tnaqqas jew ikun ġie sospiż mill-Kummissjoni fil-31 ta' Diċembru tas-sena N+2;</p>	<p>2. Dik il-parti tal-impenji baġitarji li jkun għadha miftuħa fl-aħħar data ta' eliġibbiltà tan-nefqa kif imsemmi fl-Artikolu 80(3) tar-Regolament (UE) .../... [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK] jew li dwarha ma tkun saret l-ebda dikjarazzjoni tan-nefqa fi żmien sitt xhur minn dik id-data għandha tiġi diżimpenjata b'mod awtomatiku.</p> <p>3. F'każ li jkun hemm proċedimenti legali jew appell amministrattiv li jkollhom effett sospensiv, il-perjodu għad-diżimpenn awtomatiku msemmi fil-paragrafu 1 u fil-paragrafu 2 għandu jiġi interrott, għall-ammont marbut mal-ħidmiet ikkonċernati, għall-perjodu li matulu jdumu għaddejnin dawk il-proċedimenti jew dak l-appell amministrattiv, dejjem jekk il-Kummissjoni tirċievi notifika motivata mingħand l-Istat Membru dwar dan sal-31 ta' Jannar tas-sena N+4.</p> <p>4. L-affarijiet li ġejjin ma għandhomx jitqiesu fil-kalkolu tad-diżimpenn awtomatiku:</p> <p>(a) dik il-parti tal-impenji baġitarji li dwarha tkun saret dikjarazzjoni tan-nefqa iżda li r-rimborż tagħha jkun tnaqqas jew ikun ġie sospiż mill-Kummissjoni fil-31 ta' Diċembru tas-sena N+3;</p>

Raġuni

Il-kumplessità tal-programm u tal-livelli istituzzjonali involuti titlob li terġa tiddaħħal N+3

COM(2018) 394 final

Emenda 92

Premessa ġdida wara l-premessa 38

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	<p><i>Fid-dawl tad-dgħufija dejjem jikber tal-produtturi fil-katina tal-provvista tal-ikel, hemm bżonn ta' qafas regolatorju bejn il-PAK u l-politika ta' kompetizzjoni, f'konformità mal-Artikolu 42 tat-Trattat dwar il-preċedenza tal-obiettivi tal-PAK.</i></p>

Raġuni

Dan huwa konformi mal-Artikolu 42 tat-Trattat.

Emenda 93

Premessa ġdida wara l-premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	<i>Minħabba l-volatilità akbar fil-prezzijiet agrikoli, u fid-dawl tal-evalwazzjoni tal-istrumenti implimentati fir-riformi preċedenti tal-PAK, huwa meħtieġ li jiġu riveduti miżuri kontra t-tfixkil fis-suq.</i>

Raġuni

Kriżijiet settorjali jdgħajfu ħafna azjendi agrikoli u reġjuni tal-produzzjoni. Dawn jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-għadd ta' azjendi u d-demotivazzjoni taż-żgħażaġh biex jistabbilixxu ruħhom. Jeħtieġ li tiġi indirizzata.

Emenda 94

Premessa ġdida wara l-premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	<i>Minħabba li s-swieq agrikoli qed jikbru u l-iżbilanċi bejn il-produtturi, il-proċessuri u d-distributuri fid-distribuzzjoni ta' valur miżjud, jeħtieġ li tiġi identifikata u prevista l-evoluzzjoni tas-swieq. Sabiex dan jestendi għal diversi setturi, inħolqu osservatorji Ewropej għal kull settur. Huma janalizzaw il-volumi ta' produzzjoni, ta' importazzjoni, ta' esportazzjoni, il-prezzijiet, il-marġnijiet u l-ispejjeż tal-produzzjoni. Fil-każ ta' tfixkil fis-suq, dawn l-osservatorji jwissu lill-Kummissjoni Ewropea, li timplimenta miżuri ta' regolazzjoni tal-produzzjoni sabiex is-suq jerġa' jiġi bbilanċjat, filwaqt li jirrispettaw l-obbligi li jirriżultaw minn ftehimiet internazzjonali konklużi skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.</i>

Raġuni

L-informazzjoni meħtieġa trid tiġi fornita biex ikun hemm reazzjonijiet rapidi u effikaċi għal tfixkil fis-suq, u jitnaqqsu l-ispejjeż baġitarji, li huma ferm ħorox meta l-UE taġixxi a posteriori, kif uriet fis-settur tal-ħalib mill-2008.

Emenda 95

Artikolu 1(4)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 huwa emendat kif ġej: [...]	Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 huwa emendat kif ġej: [...]
(4) Il-Kapitolu II tat-Titlu I tal-Parti II huwa emendat kif ġej:	(4) Il-Kapitolu II tat-Titlu I tal-Parti II huwa emendat kif ġej:

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>(a) It-titlu huwa sostitwit b'dan li ġej: “KAPITOLU II Għajnuna għall-provvista ta' frott u ħaxix u ta' ħalib u prodotti tal-ħalib fl-istabbilimenti edukattivi”;</p> <p>(b) l-intestatura “Taqsimha 1” u t-titlu tagħha jitħassru;</p> <p>(c) L-Artikolu 23a huwa emendat kif ġej:</p> <p>(i) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej: “1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4, l-għajnuna taħt l-iskema għall-iskejjel allokata għad-distribuzzjoni tal-prodotti, il-miżuri edukattivi ta' akkumpanjament u l-ispejjeż relatati msemmija fl-Artikolu 23(1) ma għandhiex taqbeż il-EUR 220 804 135 miljun għal kull sena skolastika. F'dak il-limitu globali, l-għajnuna ma għandhiex taqbeż: (a) għall-frott u l-ħaxix għall-iskejjel: EUR 130 608 466 miljun għal kull sena skolastika. (b) għall-ħalib għall-iskejjel: EUR 90 195 669 miljun għal kull sena skolastika”.</p> <p>(ii) Fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 2, it-tieni sentenza titħassar;</p> <p>(iii) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej: “4 Mingħajr ma jinqabeż il-limitu globali ta' EUR 220 804 135 miljun stipulat fil-paragrafu 1, kwalunkwe Stat Membru jista' jittrasferixxi darba kull sena skolastika sa 20 % tal-allokkazzjoni indikattiva waħda jew l-oħra tiegħu.”;</p> <p>[...]</p>	<p>(a) It-titlu huwa sostitwit b'dan li ġej: “KAPITOLU II Għajnuna għall-provvista ta' frott u ħaxix u ta' ħalib u prodotti tal-ħalib fl-istabbilimenti edukattivi”;</p> <p>(b) l-intestatura “Taqsimha 1” u t-titlu tagħha jitħassru;</p> <p>(c) L-Artikolu 23a huwa emendat kif ġej:</p> <p>(i) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej: “1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4, l-għajnuna taħt l-iskema għall-iskejjel allokata għad-distribuzzjoni tal-prodotti, il-miżuri edukattivi ta' akkumpanjament u l-ispejjeż relatati msemmija fl-Artikolu 23(1) ma għandhiex taqbeż il-EUR 220 804 135 miljun għal kull sena skolastika. F'dak il-limitu globali, l-għajnuna ma għandhiex taqbeż: (a) għall-frott u l-ħaxix għall-iskejjel: EUR 130 608 466 miljun għal kull sena skolastika. (b) għall-ħalib għall-iskejjel: EUR 90 195 669 miljun għal kull sena skolastika”.</p> <p>(ii) Fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 2, it-tieni sentenza titħassar;</p> <p>(iii) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej: “4 Mingħajr ma jinqabeż il-limitu globali ta' EUR 220 804 135 miljun stipulat fil-paragrafu 1, kwalunkwe Stat Membru jista' jittrasferixxi darba kull sena skolastika sa 20 % tal-allokkazzjoni indikattiva waħda jew l-oħra tiegħu. Dan il-perċentwal jista' jilħaq il-25 % fi Stati Membri b'reġjuni ultraperiferiċi, b'konformità mal-Artikolu 349 tat-TFUE u f'każijiet oħrajn debitament iġġustifikati”;</p> <p>[...]</p>

Raġuni

Dan iħaddan il-prinċipju msemmi fil-Premessa 8 tar-Regolament 2016/791, li permezz tiegħu tiġi allokata aktar għajnuna lir-reġjuni anqas żviluppanti, lill-gżejjer minuri tal-Eġew u lir-reġjuni ultraperiferiċi fid-dawl tad-diversifikazzjoni agrikola limitata tagħhom u l-impossibbiltà frekwenti li jinstabu ċerti prodotti fir-reġjun ikkonċernat.

Emenda 96

Artikolu 119

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Indikazzjonijiet obbligatorji</p> <p>1. It-tikkettar u l-preżentazzjoni tal-prodotti msemmija fil-punti 1 sa 11, 13, 15, 16, 18 u 16 tal-Parti II tal-Anness VII kkummerċjalizzati fl-Unjoni jew għall-esportazzjoni għandu jkollhom l-indikazzjonijiet obbligatorji li ġejjin:</p> <p>(a) id-denominazzjoni għall-kategorija tal-prodott tad-dielja skont il-Partii II tal-Anness VII;</p> <p>(b) ta' nbejjed b'denominazzjoni tal-orìġini jew indikazzjoni ġeografika protetta;</p> <p>i. it-terminu "denominazzjoni tal-orìġini protetta" jew "indikazzjoni ġeografika protetta", u</p> <p>ii. isem id-denominazzjoni tal-orìġini jew l-indikazzjoni ġeografika protetta.</p> <p>(c) il-qawwa alkoħolika proprja skont il-volum;</p> <p>(d) indikazzjoni tal-provenjenza;</p> <p>(e) indikazzjoni ta' min jibbottilja jew, fil-każ ta' nbid frizzanti, inbid frizzanti bil-gass, inbid frizzanti ta' kwalità jew inbid frizzanti aromatiku ta' kwalità, l-isem tal-produttur jew tal-bejjiegħ;</p> <p>(f) indikazzjoni tal-importatur fil-każ ta' nbejjed importati; u</p> <p>(g) fil-każ ta' nbid frizzanti, inbid frizzanti bil-gass, inbid frizzanti ta' kwalità jew inbid frizzanti aromatiku ta' kwalità, indikazzjoni tal-kontenut ta' zokkor.</p>	<p>Indikazzjonijiet obbligatorji</p> <p>1. It-tikkettar u l-preżentazzjoni tal-prodotti msemmija fil-punti 1 sa 11, 13, 15, 16, 18 u 16 tal-Parti II tal-Anness VII kkummerċjalizzati fl-Unjoni jew għall-esportazzjoni għandu jkollhom l-indikazzjonijiet obbligatorji li ġejjin:</p> <p>(a) id-denominazzjoni għall-kategorija tal-prodott tad-dielja skont il-Partii II tal-Anness VII;</p> <p>(b) ta' nbejjed b'denominazzjoni tal-orìġini jew indikazzjoni ġeografika protetta;</p> <p>i. it-terminu "denominazzjoni tal-orìġini protetta" jew "indikazzjoni ġeografika protetta", u</p> <p>ii. isem id-denominazzjoni tal-orìġini jew l-indikazzjoni ġeografika protetta;</p> <p>(c) il-valur tal-enerġija għal kull 100 ml;</p> <p>(d) il-lista ta' ingredjenti, inklużi ingredjenti intermedji tal-inbid, din il-lista tista' tkun aċċessibbli minn flashcode;</p> <p>(e) il-qawwa alkoħolika proprja skont il-volum;</p> <p>(f) indikazzjoni tal-provenjenza;</p> <p>(g) indikazzjoni ta' min jibbottilja jew, fil-każ ta' nbid frizzanti, inbid frizzanti bil-gass, inbid frizzanti ta' kwalità jew inbid frizzanti aromatiku ta' kwalità, l-isem tal-produttur jew tal-bejjiegħ;</p> <p>(h) indikazzjoni tal-importatur fil-każ ta' nbejjed importati; u</p> <p>(i) fil-każ ta' nbid frizzanti, inbid frizzanti bil-gass, inbid frizzanti ta' kwalità jew inbid frizzanti aromatiku ta' kwalità, indikazzjoni tal-kontenut ta' zokkor.</p>

Raġuni

Il-konsumaturi għandhom id-dritt li jkollhom, bħal fil-każ ta' prodotti oħrajn tal-ikel, tikkettar aktar komprensiv, b'mod partikolari fir-rigward tal-aspett tan-nutrizzjoni u l-modi tal-inbid.

Emenda 97

Artikolu 152(1)(a)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>L-Organizzazzjoni tal-produttur</p> <p>B'deroga mill-Artikolu 101(1) TFUE, organizzazzjoni tal-produtturi rikonoxxuta taħt il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu tista' tippjana l-produzzjoni, tottimizza l-ispejjeż tal-produzzjoni, tqiegħed fis-suq u tinnegozja kuntratti għall-provvista ta' prodotti agrikoli, fisem il-membri tagħha għall-produzzjoni totali kollha tagħhom jew għal parti minnha.</p> <p>L-attivitajiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu jistgħu jitwettqu:</p> <p>(a) dment li waħda jew aktar mill-attivitajiet imsemmija fil-punt (b)(i) sa (vii) tal-paragrafu 1 ikunu eżerċitati ġenwinament, u b'hekk jikkontribwixxu għat-twettiq tal-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 39 TFUE;</p> <p>(b) dment li organizzazzjoni tal-produtturi tikkonċentra l-provvista u tqiegħed il-prodotti tal-membri tagħha fis-suq, jekk isir trasferiment jew le tas-sjieda ta' prodotti agrikoli mill-produtturi lill-organizzazzjoni tal-produtturi;</p>	<p>L-Organizzazzjoni tal-produttur</p> <p>Organizzazzjoni tal-produtturi rikonoxxuta taħt il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu tista' tippjana l-produzzjoni, tottimizza l-ispejjeż tal-produzzjoni, tqiegħed fis-suq u tinnegozja kuntratti għall-provvista ta' prodotti agrikoli, fisem il-membri tagħha għall-produzzjoni totali kollha tagħhom jew għal parti minnha.</p> <p>L-attivitajiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu jistgħu jitwettqu:</p> <p>(a) dment li waħda jew aktar mill-attivitajiet imsemmija fil-punt (b)(i) sa (vii) tal-paragrafu 1 ikunu eżerċitati ġenwinament, u b'hekk jikkontribwixxu għat-twettiq tal-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 39 TFUE;</p> <p>(b) dment li organizzazzjoni tal-produtturi tikkonċentra l-provvista u tqiegħed il-prodotti tal-membri tagħha fis-suq, jekk isir trasferiment jew le tas-sjieda ta' prodotti agrikoli mill-produtturi lill-organizzazzjoni tal-produtturi;</p>

Raġuni

Il-kompiti u l-oġġettivi tal-organizzazzjonijiet definiti fil-PAK ma jaqgħux taħt l-Artikolu 101 tat-TFUE (QtĠE, Każ endives). Għaldaqstant ma hemmx lok li dan it-test jiġdied fil-bidu ta' sentenza.

Emenda 98

Artikolu 209(1)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Eċċezzjonijiet għall-oġġettivi tal-PAK u tal-bdiewa u l-assoċjazzjonijiet tagħhom</p> <p>Artikolu 101(1) TFUE ma għandux japplika għall-ftehimiet, id-deċiżjonijiet u l-prattiki msemmija fl-Artikolu 206 ta' dan ir-Regolament meħtieġa għall-kisba tal-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 39 TFUE.</p>	<p>Eċċezzjonijiet għall-oġġettivi tal-PAK u tal-bdiewa u l-assoċjazzjonijiet tagħhom</p> <p>Artikolu 101(1) TFUE ma għandux japplika għall-ftehimiet, id-deċiżjonijiet u l-prattiki msemmija fl-Artikolu 206 ta' dan ir-Regolament meħtieġa għall-kisba tal-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 39 TFUE.</p>

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Artikolu 101(1) TFUE m'għandux japplika għal ftehimiet, deċiżjonijiet u prattiki miftiehma ta' bdiewa, assoċjazzjonijiet ta' bdiewa, jew assoċjazzjonijiet ta' tali assoċjazzjonijiet, jew ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonnoxxuti taħt l-Artikolu 152 jew l-Artikolu 161 ta' dan ir-Regolament, jew assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonnoxxuti taħt l-Artikolu 156 ta' dan ir-Regolament, li jikkonċernaw il-produzzjoni jew il-bejgħ ta' prodotti agrikoli jew l-użu ta' faċilitajiet konġunti għall-ħażna, it-trattament jew l-ipproċessar ta' prodotti agrikoli, sakemm ma jiġux ipperikolati l-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 39 TFUE.</p> <p><i>Dan il-paragrafu ma għandux japplika għal ftehimiet, deċiżjonijiet u prattiki miftiehma li jwasslu għal obbligu biex jintalab prezz identiku jew li permezz tiegħu tiġi eskluża l-kompetizzjoni.</i></p>	<p>Artikolu 101(1) TFUE m'għandux japplika għal ftehimiet, deċiżjonijiet u prattiki miftiehma ta' bdiewa, assoċjazzjonijiet ta' bdiewa, jew assoċjazzjonijiet ta' tali assoċjazzjonijiet, jew ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonnoxxuti taħt l-Artikolu 152 jew l-Artikolu 161 ta' dan ir-Regolament, jew assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonnoxxuti taħt l-Artikolu 156 ta' dan ir-Regolament, li jikkonċernaw il-produzzjoni jew il-bejgħ ta' prodotti agrikoli jew l-użu ta' faċilitajiet konġunti għall-ħażna, it-trattament jew l-ipproċessar ta' prodotti agrikoli, sakemm ma jiġux ipperikolati l-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 39 TFUE.</p>

Raġuni

Skont l-għan ta' distribuzzjoni aħjar tal-valur miżjud tul il-katina tal-ikel u li tissaħħaħ f'dan is-sens is-setgħa tal-produtturi u l-assoċjazzjonijiet tagħhom, huwa importanti li dan il-paragrafu jkun jista' japplika għan-negożjati ta' prezzijiet.

Emenda 99

Artikolu 219(1)

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Sabiex issir reazzjoni effiċjenti u effikaċi kontra t-theddid ta' tfixkil fis-swieq ikkawżat minn żieda jew tnaqqis sinifikanti fil-prezzijiet fi swieq interni u esterni jew avvenimenti u ċirkostanzi oħrajn li jfixklu jew jheddu li jfixklu s-suq b'mod sinifikanti, fejn dik is-sitwazzjoni jew l-effetti tagħha fuq is-suq x'aktarx ser tkompli jew issir agħar, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta ċerti atti f'konformità mal-Artikolu 227 biex jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex tiġi indirizzata dik is-sitwazzjoni tas-suq, filwaqt li jiġi rrispettat kwalunkwe obbligu li jirriżulta minn ftehimiet internazzjonali konklużi f'konformità mat-TFUE u sakemm kwalunkwe miżura oħra disponibbli taħt dan ir-Regolament tidher li tkun insuffiċjenti.</p>	<p>Sabiex issir reazzjoni effiċjenti u effikaċi kontra t-theddid ta' tfixkil fis-swieq ikkawżat minn żieda jew tnaqqis sinifikanti fil-prezzijiet fi swieq interni u esterni jew avvenimenti u ċirkostanzi oħrajn li jfixklu jew jheddu li jfixklu s-suq b'mod sinifikanti, fejn dik is-sitwazzjoni jew l-effetti tagħha fuq is-suq x'aktarx ser tkompli jew issir agħar, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta ċerti atti f'konformità mal-Artikolu 227 biex jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex tiġi indirizzata dik is-sitwazzjoni tas-suq, filwaqt li jiġi rrispettat kwalunkwe obbligu li jirriżulta minn ftehimiet internazzjonali konklużi f'konformità mat-TFUE u sakemm kwalunkwe miżura oħra disponibbli taħt dan ir-Regolament tidher li tkun insuffiċjenti.</p>

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Fejn fil-każijiet ta' theddid ta' tfixkil fis-swieq imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, dan ikun meħtieġ għal raġunijiet ta' urġenza li jesigū hekk, għandha tapplika l-proċedura msemmija fl-Artikolu 228 għal atti ddelegati adottati skont l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.</p> <p>Dawn ir-raġunijiet imperattivi ta' urġenza jistgħu jinkludu l-ħtieġa li tittieħed azzjoni immedjata biex jiġi indirizzat jew jiġi evitat tfixkil fis-suq, fejn it-theddid ta' tfixkil fis-suq tant iseħħ malajr jew b'mod mhux mistenni li azzjoni immedjata tkun meħtieġa biex is-sitwazzjoni tiġi indirizzata b'mod effiċjenti u effettiv, jew fejn azzjoni tipprevjeni tali theddid ta' tfixkil fis-suq milli jimmaterjalizza, ikompli jew milli jinbidel fi tfixkil aktar serju jew imtawwal, jew fejn id-dewmien ta' azzjoni immedjata jhedded li jikkawża jew jaggrava t-tfixkil jew iżid l-ambitu tal-miżuri li aktar tard ikunu meħtieġa biex it-theddid jew it-tfixkil jiġi indirizzat, jew ikun ta' ħsara għall-kondizzjonijiet tal-produzzjoni jew tas-suq.</p> <p>Biex jiġi indirizzat it-tfixkil tas-suq jew it-theddida tiegħu, dawn il-miżuri jistgħu, sa fejn u għaż-żmien meħtieġ, jestendu jew jimmodifikaw il-kamp ta' applikazzjoni, it-tul ta' żmien jew aspetti oħra ta' miżuri oħra previsti skont dan ir-Regolament, jew jipprovd u għal rifużjonijiet tal-esportazzjoni, jew jissospendu dazji ta' importazzjoni għalkollox jew parzjalment, inkluż għal ċerti kwantitajiet jew perijodi skont il-ħtieġa.</p>	<p>Fejn fil-każijiet ta' theddid ta' tfixkil fis-swieq imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, dan ikun meħtieġ għal raġunijiet ta' urġenza li jesigū hekk, għandha tapplika l-proċedura msemmija fl-Artikolu 228 għal atti ddelegati adottati skont l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.</p> <p>Dawn ir-raġunijiet imperattivi ta' urġenza jistgħu jinkludu l-ħtieġa li tittieħed azzjoni immedjata biex jiġi indirizzat jew jiġi evitat tfixkil fis-suq, fejn it-theddid ta' tfixkil fis-suq tant iseħħ malajr jew b'mod mhux mistenni li azzjoni immedjata tkun meħtieġa biex is-sitwazzjoni tiġi indirizzata b'mod effiċjenti u effettiv, jew fejn azzjoni tipprevjeni tali theddid ta' tfixkil fis-suq milli jimmaterjalizza, ikompli jew milli jinbidel fi tfixkil aktar serju jew imtawwal, jew fejn id-dewmien ta' azzjoni immedjata jhedded li jikkawża jew jaggrava t-tfixkil jew iżid l-ambitu tal-miżuri li aktar tard ikunu meħtieġa biex it-theddid jew it-tfixkil jiġi indirizzat, jew ikun ta' ħsara għall-kondizzjonijiet tal-produzzjoni jew tas-suq.</p> <p>Biex jiġi indirizzat it-tfixkil tas-suq jew it-theddida tiegħu, dawn il-miżuri jistgħu, sa fejn u għaż-żmien meħtieġ, jestendu jew jimmodifikaw il-kamp ta' applikazzjoni, it-tul ta' żmien jew aspetti oħra ta' miżuri oħra previsti skont dan ir-Regolament, jew jissospendu dazji ta' importazzjoni għalkollox jew parzjalment, inkluż għal ċerti kwantitajiet jew perijodi skont il-ħtieġa.</p>

Raġuni

L-għajnuna għall-esportazzjoni mhijiex aċċettabbli għal pajjiżi terzi u tiswa l-flus lill-kontribwenti, tiswa aktar mill-prevenzjoni tal-kriżijiet.

Emenda 100

Punt ġdid wara l-Artikolu 219(4)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	<p><i>Jekk il-prezz tas-suq jaqa' taħt ċertu livell, ikun flessibbli, indiċjat mal-ispejjeż ta' produzzjoni medja, u li jiġi stabbilit mill-Osservatorju tas-Suq Ewropew tas-settur ikkonċernat, il-Kummissjoni Ewropea għandha timplimenta, skont is-sitwazzjoni tas-suq u tas-settur ikkonċernat, għajnuna lill-produtturi tas-settur ikkonċernat, li, fuq perjodu definit, inaqqsu volontarjament il-konsenji tagħhom meta mqabbla mal-istess perjodu fis-sena ta' qabel.</i></p> <p><i>(i) L-għajnuna għandha tingħata fuq il-prinċipju ta' applikazzjoni mill-produtturi sottomessa fi ħdan l-Istat Membru fejn huma stabbiliti, permezz tal-metodu stabbilit mill-Istat Membru kkonċernat.</i></p> <p><i>(ii) Sabiex jiġi żgurat li din l-iskema tiġi implimentata b'mod effikaċi u adegwat, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, abbażi tad-data tal-Osservatorju tas-Suq Ewropew tas-settur ikkonċernat:</i></p> <ul style="list-style-type: none"> <i>— il-volum jew il-kwantità massima totali ta' konsenji li għandha titnaqqas fil-livell tal-Unjoni fil-qafas tal-iskema ta' tnaqqis;</i> <i>— it-tul tal-perjodu ta' tnaqqis u, jekk ikun hemm bżonn, l-estensjoni tiegħu,</i> <i>— l-ammont ta' għajnuna skont il-volum jew il-kwantità ta' tnaqqis u l-arranġamenti ta' finanzjament tagħha,</i> <i>— il-kriterji ta' eliġibbiltà għall-għajnuna lill-applikanti u għall-applikazzjonijiet tagħhom,</i> <i>— il-kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni ta' din l-iskema.</i>

Raġuni

L-UE tehtiegħ għodod regolatorji tal-volumi tal-produzzjoni, fil-każ ta' tfixkil tas-suq, li jkunu effettivi b'mod rapidu, li ma jiswewx ħafna għall-baġit Ewropew, u li jippermettu lill-produtturi li ma jbiegħux b'telf u jgħixu l-professjoni tagħhom, li hija garanzija ta' attrazzjoni għaż-żgħażaġh.

Emenda 101
Artikolu 226(1)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	<p>Qafas tal-prestazzjoni</p> <p>1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi qafas ta' prestazzjoni għar-rappurtar, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-pjan ta' ġestjoni ta' kriżijiet matul l-implimentazzjoni tiegħu.</p> <p>2. Il-qafas ta' prestazzjoni għandu jinkludi l-elementi li ġejjin:</p> <p>(a) l-indikaturi komuni kollha tal-kuntest, tal-kisbiet, tar-riżultati u tal-impatt, li għandhom iservu bħala l-bażi għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u rapport annwali ta' prestazzjoni;</p> <p>(b) il-miri u l-istadji importanti annwali stabbiliti b'rabta mal-objettiv speċifiku rilevanti bl-użu tal-indikaturi tar-riżultati;</p> <p>(c) il-ġbir, il-ħżin u t-trażmissjoni tad-data;</p> <p>(d) ir-rapporti annwali dwar il-prestazzjoni ta' pjan ta' ġestjoni tal-kriżi għal kull wieħed mis-setturi li kienu milquta matul is-sena;</p> <p>(e) miżuri ta' riżerva bil-għan li jkun hemm użu effiċjenti tal-FAEG kollu.</p> <p>3 Il-qafas ta' prestazzjoni għandu jimmira li:</p> <p>(a) jivvaluta l-impatt, l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud Ewropew tal-PAK;</p> <p>(b) rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-użu tas-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni f'termini ta' prevenzjoni u ġestjoni ta' kriżijiet;</p> <p>(c) ma tibqax tintuża l-loġika ta' konsum attwali tal-baġit tal-FAEG;</p> <p>(d) ikun hemm progress lejn loġika ta' tmexxija kontro-ċiklika ta' swieq agrikoli u dħul agrikolu fejn il-Kummissjoni tottimizza l-użu ta' fondi pubbliċi skont iċ-ċikli ekonomiċi, l-inċidenti klimatiċi u tensjoni ġeopolitika.</p>

Raġuni

Il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi l-istrategġja tagħha f'każ ta' kriżijiet sabiex tkun tista' titqies bħala responsabbli quddiem il-Parlament u l-Kunsill. Il-kjarifika tal-istrategġja tagħha hija prerekwiżit essenzjali biex l-Istati Membri jkunu jistgħu min-naħa tagħhom jistabbilixxu l-prijoritajiet tagħhom.

Emenda 102

Artikolu 226

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	<p>Pjan ta' Ġestjoni tal-Kriżijiet</p> <p>1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi pjan ta' ġestjoni tal-kriżijiet għall-implimentazzjoni tal-ghajmuna tal-Unjoni ffinanzjata mill-FAEG sabiex ikun possibbli t-twettiq tal-obiettivi tal-PAK stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-għan ta' stabilizzazzjoni tas-suq.</p> <p>2. Abbażi tar-rapport li jiddefinixxi tipi ta' kriżijiet imsemmija fl-Artikolu 225(c), u x-xogħol ta' evalwazzjoni mwettaq fl-ewwel pilastru tal-PAK b'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi strateġija ta' intervent għal kull tip ta' kriżi. Għandha ssir analiżi SWOT ta' kull wieħed mill-istrumenti tal-ġestjoni tas-suq definiti f'dan ir-Regolament sabiex jiġu identifikati sinerġiji possibbli bejn l-istrumenti.</p> <p>3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 227 sabiex jiġu stabbiliti miri kwantitattivi u stadji importanti sabiex b'hekk l-istrumenti f'dan ir-Regolament ikunu jistgħu jikkontribwixxu għall-kisba tal-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 39 tat-TFUE. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Kummissjoni abbozz ta' pjan ta' ġestjoni tal-kriżijiet sal-1 ta' Jannar 2020 lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Abbażi ta' dan, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom.</p> <p>4. Il-pjan ta' ġestjoni tal-kriżijiet għandu jkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2027, bi klawnsola għal revizzjoni ta' nofs it-terminu fit-30 ta' Ġunju 2024 meta l-konsistenza globali tiegħu mal-pjanijiet strateġiċi tal-Istati Membri għandha tiġi ottimizzata għal użu aktar effiċjenti ta' fondi pubbliċi u sabiex jiżdied iżjed valur lejn l-Unjoni.</p>

Raġuni

Il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi l-istrateġija tagħha f'każ ta' kriżijiet sabiex tkun tista' titqies bħala responsabbli quddiem il-Parlament u l-Kunsill. Il-kjarifika tal-istrateġija tagħha hija prerekwiżit essenzjali biex l-Istati Membri jkunu jistgħu min-naħa tagħhom jistabbilixxu l-prijoritajiet tagħhom.

Emenda 103

Artikolu 4

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Emenda għar-Regolament (UE) Nru 228/2013</p> <p>Fl-Artikolu 30, il-paragrafi 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:</p> <p>“2. Għal kull sena finanzjarja l-Unjoni għandha tiffinanzja l-miżuri previsti fil-Kapitolu III u IV, sa somma annwali massima ta’:</p>	<p>Emenda għar-Regolament (UE) Nru 228/2013</p> <p>Fl-Artikolu 30, il-paragrafi 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:</p> <p>“2. Għal kull sena finanzjarja l-Unjoni għandha tiffinanzja l-miżuri previsti fil-Kapitolu III u IV, sa somma annwali massima ta’:</p>

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
— fid-dipartimenti Franċiżi <i>extra-Ewropej</i> : EUR 267 580 000 ;	— fid-dipartimenti Franċiżi <i>extra-Ewropej</i> : EUR 278 410 000 ;
— Azores u Madeira: EUR 102 080 000 ;	— Azores u Madeira: EUR 106 210 000 ;
— il-Gżejjer Kanarji: EUR 257 970 000 .	— il-Gżejjer Kanarji: EUR 268 420 000 .
3. L-ammonti għal kull sena finanzjarja għall-finanzjament tal-miżuri previsti fil-Kapitolu III ma jistgħux ikunu akbar mill-ammonti li ġejjin:	3. L-ammonti għal kull sena finanzjarja għall-finanzjament tal-miżuri previsti fil-Kapitolu III ma jistgħux ikunu akbar mill-ammonti li ġejjin:
— fid-dipartimenti Franċiżi <i>extra-Ewropej</i> : EUR 25 900 000 ;	— fid-dipartimenti Franċiżi <i>extra-Ewropej</i> : EUR 26 900 000 ;
— Azores u Madeira: EUR 20 400 000 ;	— Azores u Madeira: EUR 21 200 000 ;
— il-Gżejjer Kanarji: EUR 69 900 000 .	— il-Gżejjer Kanarji: EUR 72 700 000 .
[...]	[...]

Raġuni

Mhuwix aċċettabbli li jitnaqqsu 3,9 % tal-fondi maħsuba għall-Programm POSEI, meta wieħed iqis l-evalwazzjonijiet pożittivi ta' dan il-programm u l-impenn tal-Kummissjoni Ewropea biex iżżomm il-livell ta' finanzjament. Jeħtieġ li, tal-anqas, tinżamm l-allokkazzjoni tal-perjodu ta' programmazzjoni attwali għar-reġjuni ultraperiferiċi.

II. RAKKOMANDEZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

1. jitlob lill-UE biex tagħmel il-PAK politika agrikola kompetittiva, moderna, ġusta, sostenibbli u ta' solidarjetà għall-benefiċċju tal-bdiewa, it-territorji, il-konsumaturi u ċ-ċittadini;
2. jenfasizza l-hteġa li l-PAK tkun iffinanzjata b'mod adegwat u għaldaqstant jopponi t-tnaqqis tal-fondi tal-UE għall-PAK ta' wara l-2020; jemmen li jekk huwa possibbli, jekk il-baġit tal-PAK jiġi mnaqqas, jintuża aħjar permezz ta' tqassim iktar ġust tal-pagamenti diretti;
3. jirrifjuta t-tnaqqis propost ta' 28 % għall-baġit tal-iżvilupp rurali, għall-kuntrarju tal-oġettiv tal-koeżjoni territorjali tal-UE;
4. jitlob l-introduzzjoni mill-ġdid tal-FAEŻR fil-Qafas Strateġiku Komuni;
5. itenni l-hteġa għal sinerġija aktar b'saħħitha bejn il-FEŻR, il-FSE, il-FAEŻR sabiex tiġi faċilitata l-innovazzjoni u jiġi stimulat il-ħolqien ta' ktajjen ta' produzzjoni innovattivi tal-agrikoltura;
6. jirrakkomanda l-adozzjoni ta' aġenda rurali u periurbana u ż-żieda tal-fondi globali tal-iżvilupp rurali sabiex jiġi żgurati li l-politiki kollha tal-UE jikkontribwixxu għall-għanjiet ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali; jenfasizza r-rwol tal-PAK bħala politika li tgħin iżżomm lin-nies fiż-żoni rurali;
7. jaħseb li trasferiment eċċessiv tal-kompetenzi lill-Istati Membri jwassal permezz tal-pjanijiet strateġiċi nazzjonali jwassal għal rinazzjonalizzazzjoni tal-PAK u għal distorsjonijiet tal-kompetizzjoni; Hemm bżonn ta' biżżejjed flessibbiltà biex jiġi żgurati approċċ ibbażat fuq il-post, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet partikolari u l-karatteristiċi speċifiċi taż-żoni agrikoli;
8. jitlob li l-oġettivi komuni Ewropej li jistgħu jitkejlu għall-pjanijiet strateġiċi nazzjonali jiġu integrati fir-Regolament;
9. jitlob li r-reġjuni jkollhom rwol prominenti fil-governanza tal-pjanijiet strateġiċi, b'mod partikolari għat-Tieni Pilastru;
10. ifakkar li r-regolazzjoni tas-swieq hija aktar effiċjenti u irħas milli jiġu skattati miżuri a posteriori;

11. jitlob li jiġu stabbiliti għodod mhux obligatorji ta' ġestjoni tal-kriżijiet ibbażati fuq il-ġestjoni tal-volumi tal-produzzjoni;
12. jitlob li jiġu stabbiliti programmi operattivi settorjali fil-livell Ewropew, aktar milli fil-livell tal-Istati Membri, sabiex jiġu evitati distorsjonijiet bejn l-Istati Membri u bejn is-setturi;
13. jitlob li jiġu stabbiliti kriterji Ewropej eżiġenti għad-definizzjoni ta' bdiewa attivi mill-Istati Membri;
14. jipproponi konverġenza sħiħa tal-pagamenti diretti bejn l-Istati Membri malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard mill-2027;
15. jipproponi li f'pajjiżi u reġjuni fejn għadha mhix implimentata, il-konverġenza interna tiżdied b'mod progressiv, billi jiġu favoriti reġjuni żvantaġġati, biex tkun kompleta fl-2026;
16. jappoġġja l-proposta li jiġu introdotti limiti massimi tal-pagamenti diretti u jipproponi li jitqies sa massimu ta' 50 % tal-ispejjeż effettivi biex jiġu rikonċiljati l-effikaċja tal-limiti masimi u l-kunsiderazzjoni tal-impjiegi;
17. jappoġġja t-twaqqif ta' pagament ridistributtiv obligatorju u jipproponi li jiżdied id-daqs, b'minimu ta' 30 % tal-fondi tal-Ewwel Pilastru.
18. minħabba d-diffikultà li jiġu attirati żgħażagħ lejn il-professjoni ta' bidwi, jipproponi li l-bonus għal bdiewa żgħażagħ ikun obligatorju għall-Istati Membri;
19. jipproponi li jinżamm il-limitu ta' 13 % (+ 2 % għall-uċuħ tar-raba' tal-proteini) tal-pakkett nazzjonali għal pagamenti akkoppiati mal-oġettivi biex jipprevjeni l-abbandun tal-attività agrikola fit-territorji rurali, titjeb l-awtosuffiċjenza alimentari tal-UE, jiġu mmirati biss prodotti u metodi ta' produzzjoni sostenibbli u tiġi eskluża l-produzzjoni tal-agrokarburanti u xi oħrajn mhux prijoritarji;
20. jipproponi li appoġġ speċifiku għal bdiewa żgħar huwa obligatorju għall-Istati Membri, u li tiġi adattata d-definizzjoni ta' bidwi żgħir, l-ammont tal-għajnuna u l-pakkett finanzjarju;
21. jilqa' b'sodisfazzjon l-estensjoni tal-kundizzjonalità għat-totalità tal-pagament bażiku u t-tkabbir tagħha, li tinkludi rotazzjoni annwali tal-uċuħ tar-raba';
22. jitlob li l-kundizzjonalità tiġi estiża għar-rispett tad-drittijiet tal-ħaddiema agrikoli u għar-regolament dwar il-benessri tal-annimali;
23. jipproponi li jerġa' jiġi stabbilit rekwiżit minimu ta' 7 % ta' żoni mhux produttivi ta' interess ekoloġiku għal kull azjenda;
24. japprova l-prinċipju ta' skema ekoloġika u jipproponi li jiġi ddedikat minimu ta' 30 % tal-pakkett nazzjonali tal-pagamenti;
25. jipproponi li kull pjan strateġiku nazzjonali jilħaq il-limitu minimu ta' 40 % tal-pakkett finanzjarju globali tal-PAK li jikkontribwixxi għall-miri ambjentali u klimatiċi;
26. jixtieq li tinżamm ir-rata ta' kofinanzjament attwali għat-Tieni Pilastru, b'rata li tilħaq 80 % għall-erba' miżuri li ġejjin: miżuri agroambjentali, il-biedja organika, Natura 2000 u miżuri ta' kooperazzjoni;
27. jopponi l-possibilità ta' trasferiment mit-Tieni għall-Ewwel Pilastru li jmur kontra l-interessi taż-żoni rurali, u japprova t-trasferiment bil-kontra;
28. jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi sistema ta' monitoraġġ li topera bis-sħiħ għall-ġbir regolari ta' data mkejla u aġġornata dwar ir-residwu tal-pestiċidi fuq l-ambjent (speċjalment fil-ħamrija u fl-ilma) possibbilment abbażi tal-esperjenza ta' suċċess mas-sistema għall-monitoraġġ tal-ħamrija LUCAS, jiġifieri l-istħarriġ qafas statistiku tal-użu tal-art taż-żona koperta.
29. iqis li l-assigurazzjoni tal-introjtija hija strument li jiswa l-flus, f'it li xejn adattat għall-azjendi żgħar u ta' daqs medju, li ma tistax tissostitwixxi regolazzjoni tas-swieq u l-appoġġ għat-tranżizzjoni lejn sistemi ta' produzzjoni iktar reżiljenti u awtonomi;
30. jipproponi li l-ġhoti ta' għotjiet għall-investimenti, li jikkunsmaw ammonti kbar mill-baġits tat-Tieni Pilastru, ikunu kondizzjonali fuq valutazzjoni tal-impatt ambjentali tagħhom u limitat għal 10 % tal-pakkett tat-Tieni Pilastru;

31. jipproponi libiex tiġi appoġġata ż-żamma tal-biedja f'żoni żvantaġġati, il-konċessjoni kumpensatorja għall-iżvantaġġi naturali permanenti (CANH) trid tkun obligatorja għall-Istati Membri fejn japplika;
32. japprova ż-żamma ta' limitu ta' 5 % għall-programmi Leader, li jippermetti l-iżvilupp ta' inizjattivi territorjali lokali;
33. jipproponi li l-Istati Membri jkunu obbligati jinkludu fil-pjanijiet tagħhom ta' żvilupp rurali miżuri għal katini tal-provvista qosra, il-forniment kollektiv tal-ikel organiku u lokali, kanali b'tikketta ta' kwalità, l-agrikoltura tal-muntanji, it-taħriġ fil-biedja organika, l-agroekoloġija u l-agroforestrija;
34. jipproponi li, fil-qafas tal-programm ta' riċerka Orizzont 2020 u wara, tingħata prijorità fil-qasam tal-agrikoltura lir-riċerka dwar il-metodi ta' produzzjoni agroekoloġiċi u tal-agroforestrija, billi tiġi promossa r-riċerka parteċipattiva bejn il-bdiewa u r-riċerkaturi;
35. jirrakkomanda wkoll il-promozzjoni tal-innovazzjoni soċjali u ekonomika permezz tal-promozzjoni ta' "rħula intelliġenti".

Brussell, il-5 ta' Diċembru 2018.

Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni
Karl-Heinz LAMBERTZ

Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar il-“Fond Ewropew ta’ Aġġustament għall-Globalizzazzjoni”

(2019/C 86/12)

Relatur:	is-Sur Ximo PUIG I FERRER (ES/PSE), President tal-Gvern Reġjonali ta’ Valencia
Dokument ta’ referenza:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew ta’ Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG)
	COM(2018) 380 final

I. RAKKOMANDEZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU L-EMENDI

Emenda 1

Titolu tar-Regolament

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda
Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew ta’ Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG).	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew ta’ Appoġġ għat-Tranżizzjonijiet .

Raġuni

L-Artikolu 2 tal-abbozz tar-Regolament jipprevedi b’mod ċar li l-ambitu tal-Fond jiġi estiż lil hinn mill-globalizzazzjoni. Il-bidla fl-isem għandha tiġi applikata mat-test kollu.

Emenda 2

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Fl-implimentazzjoni tal-Fondi jenħtieġ li jiġu rispettati l-prinċipji orizzontali kif stabbiliti fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (“TUE”) u fl-Artikolu 10 tat-TFUE, inklużi l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità kif stabbiliti fl-Artikolu 5 tat-TUE, filwaqt li titqies il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jimmiraw biex jeliminaw l-inugwaljanzi u jippromwovu l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u tintegra l-perspettiva tal-ġeneru, kif ukoll jikkumbattu d-diskriminazzjoni msejsa fuq is-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali. Jenħtieġ li l-objettivi tal-Fondi jiġu segwiti fil-qafas tal-iżvilupp sostenibbli u tal-promozzjoni mill-Unjoni tal-għan li l-kwalità tal-ambjent tiġi ppreżervata, imħarsa u mtejba kif stabbilit fl-Artikoli 11 u 191(1) tat-TFUE, filwaqt li jitqies il-prinċipju ta’ min iniġġes iħallas.	Fl-implimentazzjoni tal-Fondi jenħtieġ li jiġu rispettati l-prinċipji orizzontali kif stabbiliti fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (“TUE”) u fl-Artikoli 9 u 10 tat-TFUE, inklużi l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità kif stabbiliti fl-Artikolu 5 tat-TUE, filwaqt li titqies il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. F’konformità mal-Artikolu 8 tat-TFUE , jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jimmiraw li jeliminaw l-inugwaljanzi u jippromwovu l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u jintegraw il-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi, kif ukoll jiġġieldu d-diskriminazzjoni msejsa fuq is-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali. Jenħtieġ li l-objettivi tal-Fondi jiġu segwiti fil-qafas tal-iżvilupp sostenibbli u tal-promozzjoni mill-Unjoni tal-għan li l-kwalità tal-ambjent tiġi ppreżervata, imħarsa u mtejba kif stabbilit fl-Artikoli 11 u 191(1) tat-TFUE, filwaqt li jitqies il-prinċipju ta’ min iniġġes iħallas.

Raġuni

Jiddaħħlu referenzi legali essenzjali.

Emenda 3

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Fid-“Dokument ta’ riflessjoni dwar l-immaniġġar tal-globalizzazzjoni[20]”, il-Kummissjoni tidentifika l-globalizzazzjoni relatata mal-kummerċ flimkien mal-bidla teknoloġika bħala l-ixprunaturi ewlenin għaż-żieda fid-domanda għal ħilet speċjalizzati u għat-tnaqqis fin-numru ta’ impjiegi li jeħtieġu livell aktar baxx ta’ kwalifiki. <i>Minkejja l-vantaġġi kbar ġenerali ta’ kummerċ aktar miftuħ u aktar integrazzjoni tal-ekonomiji dinjija, dawn l-effetti negattivi jenħtieġ li jiġu indirizzati. Peress li l-benefiċċji attwali tal-globalizzazzjoni diġà mhumiex imqassma b’mod ugwali fost in-nies u r-reġjuni, li jikkawża impatt sinifikanti fuq dawk li huma affettwati ħażin, hemm il-periklu li l-avvanzi teknoloġiċi li qed jevolvu b’ritmu rapidu se jkomplu jħeġġu dawn l-effetti. Għalhekk, b’konformità mal-prinċipji ta’ solidarjetà u ta’ sostenibbiltà, se jkun jenħtieġ li jiġi żgurat li l-benefiċċji tal-globalizzazzjoni jiġu kondiviżi b’mod aktar ġust billi l-ftuħ ekonomiku u l-avvanz teknoloġiku jiġu rrikonċiljati mal-protezzjoni soċjali.</i></p> <p>[20] https://ec.europa.eu/commission/publications/reflection-paper-harnessing-globalisation_en.</p>	<p><i>Għalhekk, minkejja l-vantaġġi ta’ kummerċ aktar miftuħ u aktar integrazzjoni tal-ekonomiji dinjija, l-effetti negattivi, li jaffettwaw partikolarment ċerti oqasma kummerċjali, ċerti kumpaniji, ċerti gruppi ta’ ħaddiema aktar vulnerabbli u ċerti reġjuni, jenħtieġ li jiġu indirizzati. Peress li l-benefiċċji attwali tal-globalizzazzjoni diġà mhumiex imqassma b’mod ugwali fost in-nies u r-reġjuni, li jikkawża impatt sinifikanti fuq dawk li huma affettwati ħażin, hemm il-periklu li t-tranżizzjonijiet teknoloġiċi u ambjentali se jkomplu jħeġġu dawn l-effetti. Għalhekk, b’konformità mal-prinċipji ta’ solidarjetà u ta’ sostenibbiltà, se jkun jenħtieġ li jiġi żgurat li l-benefiċċji tal-globalizzazzjoni jiġu kondiviżi b’mod aktar ġust u li l-effetti negattivi simultani tal-globalizzazzjoni u tat-tranżizzjonijiet teknoloġiċi u ambjentali jiġu antiċipati b’mod aktar wiesa’.</i></p>

Raġuni

Evidenti.

Emenda 4

Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Kif intqal, sabiex tinżamm in-natura Ewropea <i>tal-FEG</i>, jenħtieġ li tiskatta applikazzjoni għal appoġġ meta avveniment ta' ristrutturar kbir jikkawża impatt sinifikanti fuq l-ekonomija lokali jew reġjonali. Tali impatt jenħtieġ li jiġi ddefinit b'numru minimu ta' spostamenti tal-impjiegi f'perjodu speċifiku ta' referenza. Filwaqt li jitqiesu s-sejbiet tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu, jenħtieġ li l-limitu jiġi stabbilit għal 250 spostament ta' impjeg fi żmien perjodu ta' referenza ta' <i>erba' xhur (jew 6 xhur f'każijiet settorjali)</i>. Filwaqt li jitqies il-fatt li l-mewġ ta' sensji f'setturi differenti, iżda fl-istess reġjun ikollhom impatt sinifikanti fuq is-suq tax-xogħol lokali, jenħtieġ li jkunu possibbli wkoll applikazzjonijiet reġjonali. Fi swieq tax-xogħol żgħar, bħal Stati Membri żgħar jew reġjuni remoti, inklużi r-reġjuni ultraperiferiċi kif imsemmija fl-Artikolu 349 tat-TFUE, jew f'ċirkostanzi eċċezzjonali, l-applikazzjonijiet jistgħu jiġu sottomessi fil-każ ta' numru inqas ta' spostamenti tal-impjiegi.</p>	<p>Kif intqal, sabiex tinżamm in-natura Ewropea <i>tal-ETSF</i>, jenħtieġ li tiskatta applikazzjoni għal appoġġ meta avveniment ta' ristrutturar kbir jikkawża impatt sinifikanti fuq l-ekonomija lokali jew reġjonali. Tali impatt jenħtieġ li jiġi ddefinit b'numru minimu ta' spostamenti tal-impjiegi f'perjodu speċifiku ta' referenza. Filwaqt li jitqiesu s-sejbiet tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu, jenħtieġ li l-limitu jiġi stabbilit għal 150 spostament ta' impjeg fi żmien perjodu ta' referenza ta' <i>disa' xhur</i>. Filwaqt li jitqies il-fatt li l-mewġ ta' sensji f'setturi differenti, iżda fl-istess reġjun ikollhom impatt sinifikanti fuq is-suq tax-xogħol lokali, jenħtieġ li jkunu possibbli wkoll applikazzjonijiet reġjonali. Fi swieq tax-xogħol żgħar, bħal Stati Membri żgħar jew reġjuni remoti, inklużi r-reġjuni ultraperiferiċi kif imsemmija fl-Artikolu 349 tat-TFUE, jew f'ċirkostanzi eċċezzjonali, <i>bħal fil-każ ta' reġjuni li diġà ġew affettwati b'mod sever minn rata għolja ta' qgħad</i>, l-applikazzjonijiet jistgħu jiġu sottomessi fil-każ ta' numru inqas ta' spostamenti tal-impjiegi.</p>

Raġuni

Konsistenza mal-emendi leġislattivi ssuġġeriti għall-Artikolu 5.

Emenda 5

Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Sabiex tintwera s-solidarjetà tal-Unjoni mal-ħaddiema spostati u mal-persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet, jenħtieġ li r-rata ta' kofinanzjament tal-ispiża tal-pakkett ta' servizzi personalizzati u l-implimentazzjoni tiegħu <i>tkun daqs dik tal-FSE+ fl-Istat Membru rispettiv ikkonċernat</i>.</p>	<p>Sabiex tintwera s-solidarjetà tal-Unjoni mal-ħaddiema spostati u mal-persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet, jenħtieġ li r-rata ta' kofinanzjament tal-ispiża tal-pakkett ta' servizzi personalizzati u l-implimentazzjoni tiegħu <i>ma tkunx inqas minn 60 %</i>. <i>Dan il-perċentwal minimu jista' jiżdied b'5 % aktar jekk ikunu ġew previsti miżuri u strumenti oġġettivi u operattivi għal antiċipazzjoni u ristrutturar</i>.</p>

Raġuni

Konsistenza mal-emendi leġislattivi ssuġġeriti għall-Artikolu 14(2).

Emenda 6

Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>(19) Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-FEG jenħtieġ li jiffokaw prinċipalment fuq miżuri attivi tas-suq tax-xogħol immirati lejn ir-riintegrazzjoni rapida tal-benefiċjarji f'impjeg sostenibbli, fis-settur tal-attività inizjali tagħhom jew barra minnu. Jenħtieġ li l-miżuri jirriflettu l-ħtiġijiet mistennija fis-suq tax-xogħol lokali jew reġjonali. Madankollu, kull meta jkun rilevanti, jenħtieġ li tkun appoġġata wkoll il-mobbiltà tal-ħaddiema spostati biex isibu impjeg ġdid xi mkien ieħor. Jenħtieġ li ssir enfasi partikolari fuq id-disseminazzjoni tal-ħiliet meħtieġa fl-era diġitali. L-inklużjoni ta' allowances ta' flus f'pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati jenħtieġ li tkun ristretta. Il-kumpaniji jistgħu jiġu mħeġġa biex jipparteċipaw fil-kofinanzjament nazzjonali tal-miżuri li huma appoġġati mill-FEG.</p>	<p>(19) Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-ETSF jenħtieġ li jiffokaw prinċipalment fuq miżuri attivi tas-suq tax-xogħol immirati lejn ir-riintegrazzjoni rapida tal-benefiċjarji f'impjeg sostenibbli, fis-settur tal-attività inizjali tagħhom jew barra minnu. Jenħtieġ li l-miżuri jirriflettu l-ħtiġijiet mistennija fis-suq tax-xogħol lokali jew reġjonali; għalhekk, il-parteċi-pazzjoni attiva tal-awtoritajiet lokali u/jew reġjonali hija essenzjali. L-irkupru tal-kapaċità territorjali jenħtieġ li jiġi indirizzat minn perspettiva ċentrata fuq il-karatteristiċi lokali, ibbażata fuq il-punti b'saħħithom u fuq ir-riżorsi endoġeni tat-territorji. Il-politiki ta' raggruppamenti, it-tixrid tal-għar-fien u l-innovazzjoni, kif ukoll il-ħolqien ta' intrapriżi li jipromovu l-impjegi, joħlqu ambjent li jwassal għal tkabbir ibbażat fuq l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd, irrISPettivament mill-post ta' residenza tagħhom. F'dan l-approċċ, jenħtieġ li ssir enfasi partikolari fuq id-disseminazzjoni tal-ħiliet meħtieġa fl-era diġitali.</p> <p>L-inklużjoni ta' allowances ta' flus f'pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati dejjem ser tkun sekondarja għall-miżuri attivi. Barra minn hekk, il-kumpaniji għandhom jiġu mħeġġa biex jipparteċipaw fil-kofinanzjament nazzjonali għall-miżuri tal-ETSF, sakemm dan ikun kompatibbli.</p> <p>Min-naħa l-oħra, l-appoġġ għall-mobbiltà tal-ħaddiema li jimplika ċaqliq lejn postijiet oħra jenħtieġ li jkun l-aħħar miżura minħabba l-effett ta' żbilanċ u t-telf ta' attrazzjoni reġjonali.</p>

Raġuni

Il-politiki tar-ristrutturar għandhom jipromovu ambjent favorevoli għall-impjeg u t-tkabbir, u għandhom jintroduċu miżuri li jippermettu lill-ħaddiema jirritornaw għall-ħajja tax-xogħol, inklużi għajnuniet eċċezzjonali ta' żmien limitat.

L-awtoritajiet reġjonali għandhom ikunu involuti b'mod attiv fil-proċess peress li huma familjari u jiġġestixxu s-sitwazzjoni fil-livell lokali.

Emenda 7

Punt ġdid wara l-premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	<p><i>Fid-“Dokument ta’ Riflessjoni dwar il-Ġestjoni tal-Globalizzazzjoni” tagħha, il-Kummissjoni tirrikonoxxi d-dimensjoni reġjonali b’saħħitha tal-impatt territorjali inugwali tal-globalizzazzjoni, billi l-impjegi ġodda maħluqa mill-kummerċ u l-bidla teknoloġika mhux neċessarjament jimmaterjalizzaw fl-istess postijiet bħall-impjegi li m’għadhomx jeżistu u, ħafna drabi, il-ħaddiema affettwati ma jkollhomx il-ħiliet meħtieġa biex jimlew dawn il-karigi ġodda.</i></p> <p><i>Għalhekk, il-ftehimiet tal-kummerċ tal-UE jenħtieġ li jkunu akkumpanjati minn valutazzjonijiet tal-impatt territorjali, bħala strument li jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jidentifikaw u jikkwantifikaw b’mod bikri l-impatt asimmetriku tal-ftehimiet kummerċjali, jippreparaw għal dak l-impatt, jantiċipaw il-bidliet, kif ukoll jindirizzaw ristrutturar possibbli, permezz ta’ tfassil ta’ strateġiji bbażati fuq it-taħlita t-tajba tal-politiki u l-użu effettiv tal-fondi tal-UE.</i></p>

Raġuni

Il-KtR jappoġġja l-politika tal-kummerċ tal-UE bil-kondizzjoni li jkun akkumpanjat minn valutazzjonijiet tal-impatt territorjali li jkejlu l-konsegwenzi possibbli u jservu bħala għodda għall-formulazzjoni ta’ politiki kummerċjali trasparenti bbażati fuq evidenza sostanzjata.

Emenda 8

Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>(20) Meta jkunu qed jistabbilixxu l-pakkett ikkoordinat tal-miżuri ta’ politika attiva tas-suq tax-xogħol, jenħtieġ li l-Istati Membri jiffavorixxu miżuri li jkunu se jikkontribwixxu b’mod sinifikanti għall-impjegabbiltà tal-benefiċjarji. Jenħtieġ li l-Istati Membri jħabirku għar-riintegrazzjoni f’impjeg sostenibbli tal-akbar numru possibbli ta’ benefiċjarji li jkunu qed jipparteċipaw f’dawn il-miżuri mill-aktar fis possibbli fil-perjodu ta’ sitt xhur qabel ma jkun dovut ir-rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja.</p>	<p>(20) Meta jkunu qed jistabbilixxu l-pakkett ikkoordinat tal-miżuri ta’ politika attiva tas-suq tax-xogħol, jenħtieġ li l-Istati Membri jiffavorixxu miżuri li jkunu se jikkontribwixxu b’mod sinifikanti għall-impjegabbiltà tal-benefiċjarji. Jenħtieġ li l-Istati Membri jħabirku għar-riintegrazzjoni f’impjeg sostenibbli fil-livell reġjonali u lokali tal-akbar numru possibbli ta’ benefiċjarji li jkunu qed jipparteċipaw f’dawn il-miżuri mill-aktar fis possibbli fil-perjodu ta’ sitt xhur qabel ma jkun dovut ir-rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja.</p>

Raġuni

Il-prijorità jenħtieġ li tkun il-ħolqien ta’ impjegji fiż-żoni konkreti fejn seħħew it-tkeċċijiet.

Emenda 9

Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
(23) Fl-interess tal-benefiċjarji u tal-korpi responsabbli għall-implimentazzjoni tal-miżuri, jenħtieġ li l-Istati Membri applikanti jżommu lill-atturi kollha li huma involuti fil-proċess tal-applikazzjoni mgħarrfa bil-progress tal-applikazzjoni.	(23) Fl-interess tal-benefiċjarji u tal-korpi responsabbli għall-implimentazzjoni tal-miżuri, jenħtieġ li l-Istati Membri applikanti jżommu lill-atturi kollha, b'mod partikolari l-awtoritajiet lokali u reġjonali , li huma involuti fil-proċess tal-applikazzjoni mgħarrfa bil-progress tal-applikazzjoni.

Raġuni

Biex jiġi enfazzat li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jenħtieġ li jipparteċipaw fil-progress tal-applikazzjoni.

Emenda 10

Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
(39) Meta jitqies il-fatt li t-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija tirrikjedi ċertu livell ta' kompetenza diġitali tal-forza tax-xogħol , it-tixrid tal-ħiliet meħtieġa fl-era diġitali jenħtieġ li jkun element orizzontali obbligatorju ta' kwalunkwe pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati offruti.	(39) Meta jitqies il-fatt li t-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija tirrikjedi ċertu livell ta' kompetenza diġitali taċ-ċittadini Ewropej, u b'mod speċjali tal-popolazzjoni attiva , it-tixrid tal-ħiliet meħtieġa fl-era diġitali jenħtieġ li jkun element orizzontali obbligatorju ta' kwalunkwe pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati offruti.

Raġuni

Ir-referenza "għall-forza tax-xogħol" ma tidhirx adegwata biex, f'dispożizzjoni regolatorja, tirreferi għal ċittadini jew persuni li jaħdmu. Hemm ħafna letteratura li tirrikonoxxi u tpoġġi f'kunċett id-dimensjoni soċjali u dik relatata mal-impjiegi tal-ħaddiema, li tmur lil hinn milli tqieshom bħala fattur materjali tal-produzzjoni.

Emenda 11

Punt ġdid wara l-premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	L-investment pubbliku fil-ħiliet u fil-kapital tal-bniedem għandu b'zonn jiġi allinjat aħjar mal-Istrateġiji Intelliġenti ta' Speċjalizzazzjoni u jiġi indirizzat minn approċċ iċċentrat fuq it-territorju li janalizza kif il-bidliet strutturali jistgħu jgħolqu problemi u sfidi speċifiċi fl-ekonomija reġjonali u/jew lokali. Min-naħa l-oħra, minħabba l-ħtieġa li dawn il-ħiliet jiġu adattati għall-ħtiġijiet tal-industrija reġjonali, l-istrateġiji għall-iżvilupp ekonomiku jenħtieġ li jkunu kkoordinati mal-politiki tal-edukazzjoni u tal-impjeg għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet lokali.

Raġuni

Sabiex tiġi enfasizzata l-ħtieġa li jiġi adattat l-investiment pubbliku fil-ħiliet għall-ispeċifitàjiet ta' reġjun partikolari u li jgħaqqad l-iżvilupp reġjonali mal-politiki edukattivi u tax-xogħol biex jiġi massimizzat l-impatt.

Emenda 12

Artikolu 2

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>L-FEG għandu jikkontribwixxi għal distribuzzjoni aħjar tal-benefiċċji tal-globalizzazzjoni u tal-avvanz teknoloġiku billi jgħin lill-ħaddiema spostati jadattaw għal bidla strutturali. Bħala tali, L-FEG għandu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-prinċipji ddefiniti skont il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u jsaħħaħ il-koeżjoni soċjali u ekonomika fost ir-reġjuni u l-Istati Membri.</p>	<p>L-ETSF għandu jappoġġa t-trasformazzjonijiet soċjoekonomiċi li huma r-riżultat tal-globalizzazzjoni u tat-tranżizzjoni teknoloġika u ambjentali, billi jgħin lill-ħaddiema li huma soġġetti għal din l-għajnuna jadattaw għal bidla strutturali. Bħala tali, L-ETSF għandu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-prinċipji ddefiniti skont il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u jsaħħaħ il-koeżjoni soċjali u ekonomika fost ir-reġjuni u l-Istati Membri.</p>

Raġuni

Dan il-kliem huwa aktar wiesa': ikopri lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja, lill-ħaddiema li jaħdmu għal rashom u, kif propost minn din l-Opinjoni, lill-“ħaddiema ta’ impriżi f’diffikultà mhedda bi tkeċċija”.

Emenda 13

Artikolu 3(1)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>1. L-objettiv ġenerali tal-programm huwa li juri solidarjetà mal-ħaddiema spostati u l-persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet waqt avvenimenti ta' ristrutturar kbar mhux mistennija, imsemmija fl-Artikolu 5, u joffrilhom appoġġ.</p>	<p>1. L-objettiv ġenerali tal-programm huwa li juri solidarjetà u responsabbiltà, u li joffri appoġġ lill-ħaddiema spostati u l-persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet waqt avvenimenti ta' ristrutturar kbar mhux mistennija, kif ukoll ħaddiema ta' impriżi f'diffikultà mhedda bit-tkeċċija kif determinat fl-Artikolu 5.</p>

Raġuni

Il-konsegwenzi tal-globalizzazzjoni tas-swieq jew tal-kriżi jistgħu jkunu effetti sekondarji tal-politiki tal-Kummissjoni. Apparti li huwa att ta' solidarjetà, il-Fond huwa wkoll att ta' responsabbiltà tal-UE fit-teħid ta' deċizzjonijiet tagħha.

Il-frażi “ħaddiema ta’ impriżi f’diffikultà mhedda bit-tkeċċija” hija konsistenti mal-proposta li qed issir f’din l-Opinjoni.

Emenda 14

Artikolu 3(2)

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>2. L-objettiv speċifiku tal-FEG huwa li joffri assistenza favvenimenti ta' ristrutturar kbar mhux mistennija, partikolarment dawk ikkawżati minn sfidi relatati mal-globalizzazzjoni, bħal bidliet fix-xejriet kummerċjali dinjija, tilwim kummerċjali, kriżijiet finanzjarji jew ekonomiċi, it-tranżizzjoni għal ekonomija b'livell baxx ta' karbonju, jew bħala konsegwenza tad-diġitalizzazzjoni jew tal-awtomatizzazzjoni. Għandu jkun hemm enfasi partikolari fuq miżuri li jgħinu lill-gruppi l-aktar żvantaġġati.</p>	<p>2. L-objettiv speċifiku tal-ETSF huwa li joffri assistenza favvenimenti ta' ristrutturar kbar mhux mistennija, partikolarment dawk ikkawżati minn sfidi relatati mal-globalizzazzjoni, bħal bidliet fix-xejriet kummerċjali dinjija, tilwim kummerċjali, id-deċiżjonijiet adottati fil-qafas tal-Istrumenti tad-Difiża Kummerċjali tal-UE, kriżijiet finanzjarji jew ekonomiċi, it-tranżizzjoni għal ekonomija b'livell baxx ta' karbonju, jew bħala konsegwenza tad-diġitalizzazzjoni jew tal-awtomatizzazzjoni. Għandu jkun hemm enfasi partikolari fuq miżuri li jgħinu lill-gruppi l-aktar żvantaġġati fit-termini definiti fl-Artikolu 4.</p>

Raġuni

Il-ħaddiema milqutin negattivament min-nuqqas ta' impożizzjoni tal-miżuri anti-dumping għandhom awtomatikament jibbenefikaw mid-drittijiet li jinsabu fir-regoli tal-ETSF u jibbenefikaw mill-miżuri tiegħu.

Ir-referenza ta' għeluq għall-Artikolu 4 tirreferi għall-inklużjoni ta' definizzjoni dwar x'għandu jkun ikkunsidrat bħala l-aktar gruppi żvantaġġati.

Emenda 15

Artikolu 4

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Definizzjonijiet</p> <p>Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament,</p> <p>(a) "ħaddiem imkeċċi" tfisser ħaddiem li l-impjeg tiegħu jintemm qabel iż-żmien minħabba l-għoti tas-sensja, jew li l-kuntratt tiegħu ma jiġgeddix, minħabba raġunijiet ekonomiċi;</p> <p>(b) "persuna li taħdem għal rasha" tfisser persuna li impjegat anqas minn għaxar ħaddiema;</p>	<p>Definizzjonijiet</p> <p>Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament,</p> <p>(a) "ħaddiem imkeċċi" tfisser ħaddiem li l-impjeg tiegħu jintemm qabel iż-żmien minħabba l-għoti tas-sensja, jew li l-kuntratt tiegħu ma jiġgeddix, minħabba raġunijiet ekonomiċi;</p> <p>(b) "persuna li taħdem għal rasha" tfisser persuna li impjegat anqas minn għaxar ħaddiema;</p>

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
(c) “benefiċjarju” tfisser persuna li tipparteċipa f’miżuri kofinanzjati tal- FEG .	(c) “ħaddiem vulnerabbli” tfisser kwalunkwe persuna meqjusa bħala benefiċjarja fejn tkun tapplika xi waħda mill-karatteristiċi jew ċirkostanzi li ġejjin: <ul style="list-style-type: none"> — li jkollha aktar minn 54 sena, — li jkollha inqas minn 30 sena, — li tkun mara, — li tkun persuna bi kwalunkwe tip ta’ diżabilità (motorja, konjittiva jew sensorjali); — li persuna waħda jew aktar jiddependu finanzjarjament fuq il-benefiċjarju, — li ma jkollhiex kwalifika ta’ edukazzjoni sekondarja jew professjonali oġhla (Klassifikazzjoni Standard Internazzjonali tal-Edukazzjoni 3), jew — li tappartjeni għal minoranza etnika fi Stat Membru;
(d) “irregolarità” tfisser kwalunkwe ksur tal-liġi applikabbli, li jirriżulta minn att jew ommissjoni minn operatur ekonomiku involut fl-implimentazzjoni tal- FEG , li għandu, jew li jista’ jkollu, l-effett li jippreġudika l-baġit tal-Unjoni billi jimposta nefqa mhux ġustifikata f’dan il-baġit.	(d) “benefiċjarju” tfisser persuna li tipparteċipa f’miżuri kofinanzjati tal- ETSF ;
	(e) “irregolarità” tfisser kwalunkwe ksur tal-liġi applikabbli, li jirriżulta minn att jew ommissjoni minn operatur ekonomiku involut fl-implimentazzjoni tal- ETSF li għandu, jew li jista’ jkollu, l-effett li jippreġudika l-baġit tal-Unjoni billi jimposta nefqa mhux ġustifikata f’dan il-baġit.

Raġuni

Huwa raġonevoli li f’termini regolatorji r-referenzi ġenerali li saru fil-proposta għal Regolament għall-“benefiċjarji żvantaġġati” jew għall-“gruppi l-aktar żvantaġġati” jsiru espliċiti, mingħajr definizzjoni ulterjuri. Qed jiġi propost ukoll li terġa’ tiġi kkunsidrata l-inklużjoni taż-żgħażaġh u li tiġi introdotta perspettiva bbażata fuq il-ġeneru u l-ugwaljanza.

Emenda 16

Artikolu 5(1) u 5(2)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Kriterji ta’ intervent	Kriterji ta’ intervent
1. L-Istati Membri jistgħu japplikaw għal kontribuzzjonijiet finanzjarji mill- FEG għal miżuri mmirati lejn il-ħaddiema spostati u l-persuni li jaħdmu għal rashom skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti f’dan l-Artikolu.	1. L-Istati Membri jistgħu japplikaw għal kontribuzzjonijiet finanzjarji mill- ETSF għal miżuri mmirati lejn il-ħaddiema spostati u l-persuni li jaħdmu għal rashom li waqfufu l-attivitatijiet tagħhom, ul-ħaddiema ta’ impriżi f’diffikultà mhedda bit-tkeċċija , skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti f’dan l-Artikolu.

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>2. Kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG għandha tiġi pprovduta favvenimenti ta' ristrutturar kbar li jirriżultaw f'dan li ġej:</p> <p>(a) il-waqfien ta' attività ta' aktar minn 250 ħaddiem spostat jew persuni li jaħdmu għal rashom, matul perjodu ta' referenza ta' erba' xhur, f'intrapriża fi Stat Membru, inkluż fejn dak il-waqfien japplika fil-fornituri jew fit-trasformaturi tagħha tal-prodotti tal-intrapriża;</p> <p>(b) il-waqfien ta' attività ta' aktar minn 250 ħaddiem spostat jew persuni li jaħdmu għal rashom, fuq perjodu ta' referenza ta' sitt xhur, partikolarment fl-SMEs, fejn kollha kemm huma joperaw fl-istess settur ekonomiku ddefinit fil-livell tad-diviżjoni NACE Reviżjoni 2 u li jkunu jinsabu f'reġjun wieħed jew f'żewġ reġjuni kontigwi ddefiniti fil-livell NUTS 2 jew f'aktar minn żewġ reġjuni kontigwi ddefiniti fil-livell NUTS 2 sakemm hemm aktar minn 250 ħaddiem jew persuni li jaħdmu għal rashom milqutin fi tnejn mir-reġjuni kombinati;</p> <p>(c) il-waqfien ta' attività ta' aktar minn 250 ħaddiem spostat jew persuni li jaħdmu għal rashom, fuq perjodu ta' referenza ta' erba' xhur, partikolarment fl-SMEs, li joperaw fl-istess setturi ekonomiċi jew f'setturi differenti ddefiniti fil-livell tad-diviżjoni NACE Reviżjoni 2 u li jkunu jinsabu fl-istess reġjun iddefinit fil-livell NUTS 2.</p> <p>3. Fi swieq tax-xogħol żgħar jew f'ċirkostanzi eċċez-zjonali, b'mod partikolari fir-rigward ta' applikazzjonijiet li jinvolvu l-SMEs, fejn tkun debitament motivata mill-Istat Membru applikant, applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja skont dan l-Artikolu tista' tiġi kkunsidrata ammissibbli anke jekk il-kriterji stabbiliti fil-punti (a), (b) jew (c) tal-paragrafu 1 ma jiġux issodisfati kompletament, meta s-sensji jkollhom impatt serju fuq l-impjiegi u fuq l-ekonomija lokali jew reġjonali. L-Istat Membru applikant għandu jispeċifika liema mill-kriterji ta' intervent stabbiliti fil-punti (a), (b) jew (c) tal-paragrafu 1 mhumiex issodisfati bis-sħiħ. L-ammont aggregat tal-kontribuzzjonijiet f'ċirkostanzi eċċez-zjonali ma jistax jaqbeż il-15 % tal-limitu massimu annwali tal-FEG.</p>	<p>2. Kontribuzzjoni finanzjarja mill-ETSF għandha tiġi pprovduta favvenimenti ta' ristrutturar kbar li jirriżultaw f'dan li ġej:</p> <p>(a) il-waqfien ta' attività ta' aktar minn 150 ħaddiem spostat jew persuni li jaħdmu għal rashom, matul perjodu ta' referenza ta' disa' xhur, f'intrapriża fi Stat Membru, inkluż fejn dak il-waqfien japplika fil-fornituri jew fit-trasformaturi tagħha tal-prodotti tal-intrapriża;</p> <p>(b) il-waqfien ta' attività ta' aktar minn 150 ħaddiem spostat jew persuni li jaħdmu għal rashom, fuq perjodu ta' referenza ta' disa' xhur, partikolarment fl-SMEs, fejn kollha kemm huma joperaw fl-istess settur ekonomiku ddefinit fil-livell tad-diviżjoni NACE Reviżjoni 2 u li jkunu jinsabu f'reġjun wieħed jew f'żewġ reġjuni kontigwi ddefiniti fil-livell NUTS 2 jew f'aktar minn żewġ reġjuni kontigwi ddefiniti fil-livell NUTS 2 sakemm hemm aktar minn 150 ħaddiem jew persuni li jaħdmu għal rashom milqutin fi tnejn mir-reġjuni kombinati;</p> <p>(c) il-waqfien ta' attività ta' aktar minn 150 ħaddiem spostat jew persuni li jaħdmu għal rashom, fuq perjodu ta' referenza ta' disa' xhur, partikolarment fl-SMEs, li joperaw fl-istess setturi ekonomiċi jew f'setturi differenti ddefiniti fil-livell tad-diviżjoni NACE Reviżjoni 2 u li jkunu jinsabu fl-istess reġjun iddefinit fil-livell NUTS 2.</p> <p>3. Fi swieq tax-xogħol żgħar jew f'ċirkostanzi eċċez-zjonali, b'mod partikolari fir-rigward ta' applikazzjonijiet li jinvolvu l-SMEs, fejn tkun debitament motivata mill-Istat Membru applikant, applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja skont dan l-Artikolu tista' tiġi kkunsidrata ammissibbli anke jekk il-kriterji stabbiliti fil-punti (a), (b) jew (c) tal-paragrafu 1 ma jiġux issodisfati kompletament, meta s-sensji jkollhom impatt serju fuq l-impjiegi u fuq l-ekonomija lokali jew reġjonali. L-Istat Membru applikant għandu jispeċifika liema mill-kriterji ta' intervent stabbiliti fil-punti (a), (b) jew (c) tal-paragrafu 1 mhumiex issodisfati bis-sħiħ. L-ammont aggregat tal-kontribuzzjonijiet f'ċirkostanzi eċċez-zjonali ma jistax jaqbeż il-15 % tal-limitu massimu annwali tal-ETSF.</p>

Raġuni

Qed jiġu introdotti l-uniformità u l-konsistenza mat-test tal-Artikolu 3.

Qed jizzied l-aċċess għall-għajnuna minn grupp iżgħar ta' ħaddiema li nġhataw is-sensja, f'konsistenza mad-daqs iżgħir tal-imprezi: is-sensji fuq skala kbira huma inqas frekwenti.

Mhuwiex ċar għaliex jeżistu perjodi differenti. Qed jiġi propost li l-perjodu jiġi unifikat u estiż għal 9 xhur.

Emenda 17

Artikolu 5(4)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
4. L-FEG ma jistax jiġi mmobilizzat meta l-ħaddiema jingħataw is-sensja bħala riżultat ta' tnaqqis fil-baġit li jittieħed minn Stat Membru, li jaffettwa lis-setturi li jiddependu mill-finanzjament pubbliku.	

Raġuni

L-ghajjnuna għandha tkun disponibbli għall-ħaddiema ssensjati kollha mingħajr distinzjoni skont is-setturi li jiddependu mill-finanzjament pubbliku. Barra minn hekk, jista' jkun partikolarment diffiċli għall-awtoritajiet rilevanti li jiddeterminaw liema setturi jiddependu mill-finanzjament pubbliku, u liema le.

Emenda 18

Punt ġdid fl-Artikolu 5

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	4 (jew 5). Fl-applikazzjonijiet għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-ETSF, l-Istati Membri jistgħu jinkludu bħala benefiċjarji ħaddiema ta' impriżi f'diffikultà mhedda bit-tkeċċija – skont id-definizzjoni stabbilita għal dawn l-impriżi fil-“linji gwida dwar l-ghajjnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà (2014/C 249/01)” –, flimkien mal-bqija tal-benefiċjarji tal-punti preċedenti, biex jipparteċipaw esklussivament f'taħriġ magħmul apposta u attivitajiet ta' taħriġ mill-ġdid, inkluż l-akkwist ta' kapaċitajiet fi teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, u kapaċitajiet oħra tal-era diġitali, sakemm dawn l-azzjonijiet mhumiex inklużi fost il-miżuri li jkunu r-responsabbiltà tal-impriża skont il-leġislazzjoni nazzjonali jew il-ftehimiet kollettivi fis-seħħ.

Raġuni

It-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija tirrikjedi ċertu livell ta' kompetenza diġitali għaċ-ċittadini Ewropej kollha u l-ħaddiema mhedda li jitkeċċew għandhom ikunu d-destinatarji prinċipali ta' dawn is-servizzi personalizzati sabiex jiksbu l-kapaċità diġitali.

Emenda 19

Sottoparagrafu finali ġdid fl-Artikolu 7

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	Il-ħaddiema ta' impriżi f'diffikultà mhedda bit-tkeċċija jistgħu wkoll jiġu ammessi bħala benefiċjarji, bir-restrizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(4) (jew 5(5)).

Raġuni

Kliem li jikkonforma u jikkomplementa t-tibdil li sar fl-emenda preċedenti.

Emenda 20*Artikolu 8*

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Miżuri eliġibbli</p> <p>1. Tista' tingħata kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG għal miżuri attivi tas-suq tax-xogħol li jagħmlu parti minn pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati, imfassla biex jiffaċilitaw ir-riintegrazzjoni tal-benefiċjarji speċifikati u, b'mod partikolari, dawk l-aktar żvantaġġati fost il-ħaddiema spostati, f'impjeg jew f'impjeg indipendenti.</p> <p>Id-disseminazzjoni tal-ħiliet meħtieġa fl-era industrijali diġitali hija element orizzontali obligatorju ta' kwalunkwe pakkett ta' servizzi personalizzati offruti. Il-livell ta' taħriġ għandu jiġi adattat għall-kwalifiki u l-ħtiġijiet tal-benefiċjarju rispettiv.</p> <p>Il-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati jista' partikolarment jinkludi:</p> <p>(a) taħriġ u taħriġ mill-ġdid imfasslin apposta, inkluż f'ħiliet ta' teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u f'ħiliet oħrajn meħtieġa fl-era diġitali, iċ-ċertifikazzjoni tal-esperjenza miksuba, assistenza għat-tfittix ta' impjeg, gwida okkupazzjonali, servizzi konsultattivi, mentoraġġ, assistenza għar-rikollokazzjoni, il-promozzjoni tal-intraprenditorija, assistenza għal impjeg indipendenti, għall-ftuħ ta' negozji u ta' teħid ta' kontroll mill-impjegati, u attivitajiet ta' kooperazzjoni;</p> <p>(b) miżuri speċjali b'limitu ta' żmien, bħal allowances għat-tfittix ta' impjeg, inċentivi għar-reklutaġġ tal-impjegaturi, allowances għall-mobbiltà, allowances għat-taħriġ jew għas-sussistenza, inklużi allowances għall-persuni li jindukraw.</p> <p>L-ispejjeż tal-miżuri msemmija fil-punt (b) ma għandhomx jaqsbu l-35 % tal-ispejjeż totali għall-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati elenkati f'dan il-paragrafu.</p>	<p>Miżuri eliġibbli</p> <p>1. Tista' tingħata kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG għal miżuri attivi tas-suq tax-xogħol li jagħmlu parti minn pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati, imfassla biex jiffaċilitaw ir-riintegrazzjoni tal-benefiċjarji speċifikati u, b'mod partikolari, dawk l-aktar żvantaġġati fost il-ħaddiema spostati, f'impjeg jew f'impjeg indipendenti.</p> <p>Id-disseminazzjoni tal-ħiliet meħtieġa fl-era industrijali diġitali hija element orizzontali obligatorju ta' kwalunkwe pakkett ta' servizzi personalizzati offruti. Il-livell ta' taħriġ għandu jiġi adattat għall-kwalifiki u l-ħtiġijiet tal-benefiċjarju rispettiv, għall-isfidi speċifiċi maħluqa fl-ekonomija reġjonali u/jew lokali u, b'mod partikolari, għall-ħiliet tal-ħaddiema f'riskju ta' tkeċċija.</p> <p>Il-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati jista' partikolarment jinkludi:</p> <p>(a) taħriġ u taħriġ mill-ġdid imfasslin apposta, inkluż f'ħiliet ta' teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u f'ħiliet oħrajn meħtieġa fl-era diġitali, iċ-ċertifikazzjoni tal-esperjenza miksuba, assistenza għat-tfittix ta' impjeg, gwida okkupazzjonali, servizzi konsultattivi, mentoraġġ, assistenza għar-rikollokazzjoni, il-promozzjoni tal-intraprenditorija, assistenza għal impjeg indipendenti, għall-ftuħ ta' negozji u ta' teħid ta' kontroll mill-impjegati, u attivitajiet ta' kooperazzjoni;</p> <p>(b) miżuri speċjali b'limitu ta' żmien, bħal allowances għat-tfittix ta' impjeg, inċentivi għar-reklutaġġ tal-impjegaturi, allowances għall-mobbiltà, allowances għat-taħriġ jew għas-sussistenza, inklużi allowances għall-persuni li jindukraw.</p> <p>L-ispejjeż tal-miżuri msemmija fil-punt (b) ma għandhomx jaqsbu l-35 % tal-ispejjeż totali għall-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati elenkati f'dan il-paragrafu, bl-eċċezzjoni li l-benefiċjarji jkunu kkunsidrati vulnerabbli, f'liema każ, dan il-perċentwali jista' jilħaq sa 50 %.</p>

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>L-investimenti għal impjieg indipendenti, il-bidu ta' negozju jew it-teħid ta' kontroll mill-impjegati ma għandhomx jaqbzū l-EUR 20 000 għal kull ħaddiem spostat.</p>	<p>L-investimenti għal impjieg indipendenti, il-bidu ta' negozju jew it-teħid ta' kontroll mill-impjegati ma għandhomx jaqbzū l-EUR 20 000 għal kull ħaddiem spostat.</p>
<p>It-tfassil tal-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati għandu jantiċipa l-perspettivi futuri tas-suq tax-xogħol u l-ħiliet meħtieġa. Il-pakkett ikkoordinat għandu jkun kompatibbli mal-bidla lejn ekonomija effiċjenti fir-riżorsi u sostenibbli, u għandu jiffoka wkoll fuq id-disseminazzjoni tal-ħiliet meħtieġa fl-era industrijali diġitali u jqis id-domanda fis-suq tax-xogħol lokali.</p>	<p><i>Dawn l-investimenti jenħtieġ li jkunu destinati għal proġetti li jissodisfaw kondizzjonijiet ta' vijabilità teknika, ekonomika u finanzjarja u, għal dawn l-iskopijiet, l-awtoritajiet ser jipprovdu l-miżuri ta' akkumpanjament u ta' konsulenza li jiggarrantixxu l-vijabilità tagħhom.</i></p>
<p>2. Dawn il-miżuri li ġejjin ma għandhomx ikunu eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG:</p>	<p>It-tfassil tal-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati għandu jantiċipa l-perspettivi futuri tas-suq tax-xogħol u l-ħiliet meħtieġa. Il-pakkett ikkoordinat għandu jkun kompatibbli mal-bidla lejn ekonomija effiċjenti fir-riżorsi u sostenibbli, u għandu jiffoka wkoll fuq id-disseminazzjoni tal-ħiliet meħtieġa fl-era industrijali diġitali u jqis id-domanda fis-suq tax-xogħol reġjonali u/jew lokali, billi jiggarrantixxi l-parteċipazzjoni attiva ta' awtoritajiet reġjonali u/jew lokali fit-tfassil tal-pakkett tas-servizzi.</p>
<p>(a) miżuri speċjali b'limitu ta' żmien imsemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1, li mhumiex kundizzjonali fuq il-parteċipazzjoni tal-benefiċjarji speċifikati f'attivitajiet ta' tfitxija tax-xogħol jew ta' taħriġ;</p>	<p>2. Dawn il-miżuri li ġejjin ma għandhomx ikunu eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-ETSF:</p>
<p>(b) miżuri li huma r-responsabbiltà ta' intrapriżi skont il-liġi nazzjonali jew ftehimiet kollettivi.</p>	<p>(a) miżuri speċjali b'limitu ta' żmien imsemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1, li mhumiex kundizzjonali fuq il-parteċipazzjoni tal-benefiċjarji speċifikati f'attivitajiet ta' tfitxija tax-xogħol jew ta' taħriġ;</p>
<p>Il-miżuri appoġġati mill-FEG ma għandhomx jissostitwixxu l-miżuri passivi ta' protezzjoni soċjali.</p>	<p>(b) miżuri li huma r-responsabbiltà ta' intrapriżi skont il-liġi nazzjonali jew ftehimiet kollettivi.</p>
<p>3. Il-pakkett ikkoordinat ta' servizzi għandu jtfassal b'konsultazzjoni mal-benefiċjarji speċifikati jew mar-rappreżentanti tagħhom, jew mas-sħab soċjali.</p>	<p>Il-miżuri appoġġati mill-ETSF ma għandhomx jissostitwixxu l-miżuri passivi ta' protezzjoni soċjali.</p>
<p>4. Fuq inizjattiva tal-Istat Membru applikant, tista' ssir kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG għall-attivitajiet ta' tħejjija, ġestjoni, informazzjoni u pubbliċità, kontroll u rapportar.</p>	<p>3. Il-pakkett ikkoordinat ta' servizzi għandu jtfassal b'konsultazzjoni mal-benefiċjarji speċifikati jew mar-rappreżentanti tagħhom, jew mas-sħab soċjali, u bil-parteċipazzjoni attiva tal-awtoritajiet reġjonali u lokali.</p>
<p>4. Fuq inizjattiva tal-Istat Membru applikant, tista' ssir kontribuzzjoni finanzjarja mill-ETSF għall-attivitajiet ta' tħejjija, ġestjoni, informazzjoni u pubbliċità, kontroll u rapportar, kif ukoll għal miżuri li jinkoraġġixxu l-kapaċità ta' dawn l-awtoritajiet reġjonali u/jew lokali li jiġu affettwati mir-ristrutturar importanti u mhux mistenni.</p>	<p>4. Fuq inizjattiva tal-Istat Membru applikant, tista' ssir kontribuzzjoni finanzjarja mill-ETSF għall-attivitajiet ta' tħejjija, ġestjoni, informazzjoni u pubbliċità, kontroll u rapportar, kif ukoll għal miżuri li jinkoraġġixxu l-kapaċità ta' dawn l-awtoritajiet reġjonali u/jew lokali li jiġu affettwati mir-ristrutturar importanti u mhux mistenni.</p>

Raġuni

Il-bidliet strutturali qed jikkawżaw problemi speċifiċi fit-territorji: dan jeħtieġ l-involviment tal-awtoritajiet reġjonali.

B'konformità mal-Artikolu 4, qed jiġi propost trattament aktar favorevoli tal-ħaddiema vulnerabbli.

Għandu jingħata wkoll parir dwar il-vijabilità tal-proġetti ta' impjieg indipendenti, bil-għan li jiġu evitati fallimenti futuri.

Emenda 21

Artikolu 9(5)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>5. Applikazzjoni għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:</p> <p>(a) valutazzjoni tan-numru ta' sensji skont l-Artikolu 6, inkluż il-metodu ta' kalkolu;</p> <p>(b) il-konferma li, fejn l-intrapriża li tat is-sensji kompliet għaddeja bl-attivitajiet tagħha wara li tkun tat is-sensji, hija tkun irrispettat l-obbligi ġuridiċi tagħha li jirregolaw is-sensjar;</p> <p>(c) deskrizzjoni qasira tal-avvenimenti li wasslu għall-ispotament tal-ħaddiema;</p> <p>(d) l-identifikazzjoni, fejn applikabbli, tal-intrapriżi li taw is-sensji, il-fornituri jew il-produtturi downstream, is-setturi, u l-kategoriji ta' benefiċjarji speċifikati mqasma skont is-sess, il-grupp ta' età u l-livell tal-edukazzjoni;</p> <p>(e) l-impatt mistenni tas-sensji fir-rigward tal-ekonomija u l-impjiegi lokali, reġjonali jew nazzjonali;</p> <p>(f) deskrizzjoni ddetaljata tal-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati u n-nefqa relatata, inkluż, b'mod partikolari, kwalunkwe miżura li tkun b'appoġġ għall-inizjattivi ta' impjiegi għall-benefiċjarji żvantaġġati, ta' età akbar u għażaġh;</p> <p>(g) spjegazzjoni dwar kemm tqiesu r-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fil-Qafas ta' Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u tar-ristrutturar, u kif il-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati jikkomplementa l-azzjonijiet ifffinanzjati minn fondi oħrajn nazzjonali jew tal-Unjoni, inkluż informazzjoni dwar miżuri li huma obbligatori għall-intrapriżi li taw is-sensji kkonċernati skont il-liġi nazzjonali jew b'konformità mal-ftehimiet kollettivi;</p>	<p>5. Applikazzjoni għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:</p> <p>(a) valutazzjoni tan-numru ta' sensji skont l-Artikolu 6, inkluż il-metodu ta' kalkolu;</p> <p>(b) il-konferma li, fejn l-intrapriża li tat is-sensji kompliet għaddeja bl-attivitajiet tagħha wara li tkun tat is-sensji, hija tkun irrispettat l-obbligi ġuridiċi tagħha li jirregolaw is-sensjar;</p> <p>(c) deskrizzjoni qasira tal-avvenimenti li wasslu għall-ispotament tal-ħaddiema;</p> <p>(d) l-identifikazzjoni, fejn applikabbli, tal-intrapriżi li taw is-sensji, il-fornituri jew il-produtturi downstream, is-setturi, u l-kategoriji ta' benefiċjarji speċifikati mqasma skont is-sess, il-grupp ta' età u l-livell tal-edukazzjoni;</p> <p>(e) l-impatt mistenni tas-sensji fir-rigward tal-ekonomija u l-impjiegi lokali, reġjonali jew nazzjonali;</p> <p>f) deskrizzjoni ddetaljata tal-pakkett ikkombinat ta' servizzi personalizzati u spejjeż relatati, inkluż, b'mod partikolari, il-miżuri kollha ta' appoġġ għal inizjattivi ta' impjeg għall-benefiċjarji vulnerabbli, fit-termini definiti fl-Artikolu 4(c), u f'dan il-każ, il-ħaddiema ta' impriżi f'diffikultà mhedda bit-tkeċċija li ser ikunu inklużi fl-azzjonijiet ta' taħriġ għall-akkwist ta' ħiliet diġitali, bir-restrizzjonijiet espressi fl-Artikolu 5.4 (jew 5.5); u spjegazzjoni dwar kif il-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati jikkomplementa azzjonijiet ifffinanzjati minn fondi oħra nazzjonali jew tal-Unjoni, inkluża l-informazzjoni dwar miżuri li huma obbligatori għall-impriżi li għamlu t-tkeċċijiet skont il-liġislazzjoni nazzjonali jew il-ftehimiet kollettivi;</p> <p>(g) spjegazzjoni dwar safejn ġew ikkunsidrati r-rakkomandazzjonijiet inklużi fil-Qafas ta' Kwalità tal-UE għall-Antiċipazzjoni tal-Bidla u r-Ristrutturar, inklużi dawk relatati mal-promozzjoni tar-rivitalizzazzjoni tar-reġjuni affettwati mir-ristrutturar u l-faċilitazzjoni tal-kooperazzjoni fost l-atturi rilevanti, u jekk ikun hemm miżuri u strumenti oġġettivi u operattivi ta' antiċipazzjoni u ristrutturar għall-finijiet tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 14.2;</p>

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
(h) il-baġit stmat għal kull wieħed mill-komponenti tal-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati b'appoġġ għall-benefiċjarji speċifikati u għal kwalunkwe attività ta' thejjiġa, ġestjoni, informazzjoni u pubbliċità, kontroll u rapportar;	(h) il-baġit stmat għal kull wieħed mill-komponenti tal-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati b'appoġġ għall-benefiċjarji speċifikati u għal kwalunkwe attività ta' thejjiġa, ġestjoni, informazzjoni u pubbliċità, kontroll u rapportar;
(i) għall-finijiet ta' evalwazzjoni, miri speċifiċi għall-każ indikattivi ddefiniti mill-Istat Membru fir-rigward tar-rata ta' impjieg mill-ġdid tal-benefiċjarji 6 xhur wara t-tmiem tal-perjodu ta' implimentazzjoni;	(i) għall-finijiet ta' evalwazzjoni, miri speċifiċi għall-każ indikattivi ddefiniti mill-Istat Membru, jigħu kkonsultati l-awtoritajiet reġjonali u lokali taż-żona affettwata , fir-rigward tar-rata ta' impjieg mill-ġdid tal-benefiċjarji 6 xhur wara t-tmiem tal-perjodu ta' implimentazzjoni;
(j) id-dati li fihom inbdew jew għad iridu jinbdew is-servizzi personalizzati għall-benefiċjarji speċifikati u l-attivitajiet biex jiġi implimentat l-FEG, kif stabbilit fl-Artikolu 8;	(j) id-dati li fihom inbdew jew għad iridu jinbdew is-servizzi personalizzati għall-benefiċjarji speċifikati u l-attivitajiet biex jiġi implimentat l-ETSF, kif stabbilit fl-Artikolu 8;
(k) il-proċeduri li ttieħdu biex jiġu kkonsultati l-benefiċjarji speċifikati jew ir-rappreżentanti tagħhom jew is-sħab soċjali kif ukoll l-awtoritajiet lokali u reġjonali jew organizzazzjonijiet rilevanti oħra kif applikabbli;	(k) il-proċeduri li ttieħdu biex jiġu kkonsultati l-benefiċjarji speċifikati jew ir-rappreżentanti tagħhom jew is-sħab soċjali kif ukoll l-awtoritajiet lokali u reġjonali jew organizzazzjonijiet rilevanti oħra kif applikabbli;
(l) stqarrija ta' konformità tal-appoġġ mitlub mill-FEG bir-regoli proċedurali u materjali tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat kif ukoll stqarrija li tiddekrivi r-raġuni għaliex il-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati ma jhux post il-miżuri li huma r-responsabbiltà ta' kumpaniji skont il-liġi nazzjonali jew ftehimiet kollettivi;	(l) stqarrija ta' konformità tal-appoġġ mitlub mill-ETSF bir-regoli proċedurali u materjali tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat kif ukoll stqarrija li tiddekrivi r-raġuni għaliex il-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati ma jhux post il-miżuri li huma r-responsabbiltà ta' kumpaniji skont il-liġi nazzjonali jew ftehimiet kollettivi;
(m) is-sorsi ta' prefinanzjament jew ta' kofinanzjament nazzjonali u kofinanzjament ieħor jekk applikabbli.	(m) is-sorsi ta' prefinanzjament jew ta' kofinanzjament nazzjonali u kofinanzjament ieħor jekk applikabbli;
	(n) fejn xieraq, rapport li jiġġustifika l-kapaċità amministrattiva insuffiċjenti għall-ġestjoni ta' din l-għajnuna u dwar il-ħtieġa li jkun hemm fondi addizzjonali għall-assistenza teknika u amministrattiva, b'rabta mad-dispożizzjonijiet tat-taqsima 5, tal-Artikolu 12.

Raġuni

L-awtoritajiet reġjonali għandhom ikunu involuti fid-definizzjoni tal-għanijiet, minħabba li għandhom l-għarfien tal-possibbiltajiet ta' impjieg tal-ekonomija kkonċernata.

Il-kwistjonijiet l-oħra huma inklużi fid-dawl tal-konsistenza mad-dispożizzjonijiet li saru qabel jew li huma indikati hawn taħt (il-Qafas tal-Kwalità, l-Assistenza Teknika komplementari).

Emenda 22

Artikolu 12(4)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
4. L-assistenza teknika tal-Kummissjoni għandha tinkludi l-għoti ta' informazzjoni u gwida għall-Istati Membri għall-użu, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal- FEG . Il-Kummissjoni għandha tipprovi wkoll informazzjoni flimkien ma' gwida ċara dwar l-użu tal- FEG lis-sħab soċjali Ewropej u nazzjonali. Il-miżuri ta' gwida jistgħu jinkludu wkoll il-ħolqien ta' task forces f'każijiet ta' taqlib ekonomiku sever fi Stat Membru.	4. L-għajjnuna teknika tal-Kummissjoni għandha tinkludi l-provvista ta' taqirif u gwida għall-Istati Membri għall-użu, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal- ETSF . Il-Kummissjoni għandha tipprovi wkoll informazzjoni flimkien ma' gwida ċara dwar l-użu tal- ETSF lis-sħab soċjali Ewropej u nazzjonali. Il-miżuri ta' gwida jistgħu jinkludu wkoll il-ħolqien ta' task forces f'każijiet ta' taqlib ekonomiku sever fi Stat Membru, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak reġjonali .

Raġuni

Għandna niżguraw li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jibqgħu infurmati.

Emenda 23

Punt ġdid fl-Artikolu 12

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	5. Il-Kummissjoni, apparti li tapprova l-kontribuzzjoni finanzjarja, tista' timmobilizza fondi għall-assistenza teknika u amministrattiva għall-Istati Membri li jitolbuh permezz ta' rapport li jiġġustifika n-nuqqasijiet fil-kapaċità amministrattiva bil-għan li jkun hemm ġestjoni mgħaġġla u effiċjenti fit-tħejjija, il-monitoraġġ, il-kontroll, il-verifika jew l-evalwazzjoni li huma responsabbli għalihom.

Raġuni

Sabiex tiffaċilita l-ħeffa tat-tweġiba u tikkumpensa għan-nuqqasijiet fil-kapaċità ta' ġestjoni tar-reġjuni, fuq talba ġġustifikata, il-Kummissjoni tista' tawtorizza l-mobilizzazzjoni ta' parti mill-fondi tal-Assistenza Teknika għall-attivitajiet ta' tħejjija, monitoraġġ, kontroll, verifika u evalwazzjoni li għalihom huma responsabbli r-reġjuni.

Emenda 24

Artikolu 14(2)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
2. Ir-rata ta' kofinanzjament tal- FEG għall-miżuri offruti għandha tkun allinjata mal-ogħla rata ta' kofinanzjament tal-FSE+ fl-Istat Membru rispettiv.	2. Ir-rata ta' kofinanzjament tal- ETSF għall-miżuri offruti għandha tkun allinjata mal-ogħla rata ta' kofinanzjament tal-FSE+ fl-Istat Membru rispettiv, li fl-ebda każ ma għandha tkun inqas minn 60 % . Din ir-rata minima tista' tiżdied b'5 % addizzjonali jekk ikunu ġew organizzati, bħala kondizzjoni ex ante, miżuri u strumenti oġġettivi u operattivi ta' antiċipazzjoni u ristrutturar fi kwalunkwe forma ta' strateġija u azzjoni, preferibbilment f'konformità mal-approċċ ibbażat fuq il-karatteristiċi lokali.

Raġuni

Biex jiġi evitat in-nuqqas ta' riżorsi reġjonali, peress li dawn huma l-miżuri li juru solidarjetà mal-ħaddiema affettwati, huwa propost minimu ta' 60 % għal kull każ.

Barra minn hekk aħna qed nipprovdu inċentivi billi nżidu l-kofinanzjament b'5 % għall-applikazzjonijiet minn Stati Membri li diġà għandhom fis-seħħ miżuri ta' antiċipazzjoni, waqt li jimplimentaw il-prattiki tajbin tal-Qafas ta' Kwalità.

Emenda 25

Artikolu 17(5)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
5. L-Istat Membru kkonċernat għandu jkollu l-flessibbiltà li jalloka mill-ġdid l-ammonti bejn il-partiti tal-baġit stabbiliti fid-deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja skont l-Artikolu 16(3). F'każ li riallokazzjoni taqbeż iż-żieda ta' 20 % għal partita waħda jew aktar mill-partiti speċifikati, l-Istat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni minn qabel.	5. L-Istat Membru kkonċernat, wara li jkun ikkonsulta lir-reġjun in kwistjoni , għandu jkollu l-flessibbiltà li jalloka mill-ġdid l-ammonti bejn il-partiti tal-baġit stabbiliti fid-deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja skont l-Artikolu 16(3). F'każ li riallokazzjoni taqbeż iż-żieda ta' 20 % għal partita waħda jew aktar mill-partiti speċifikati, l-Istat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni minn qabel.

Raġuni

Għandha tingħata attenzjoni biex jiġi żgurat li l-awtoritajiet reġjonali jibqgħu infurmati.

II. RAKKOMANDEZZJONIJET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI,

Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni*Konsiderazzjonijiet u kummenti preliminari*

- jenfasizza li l-Ewropa għandha tkun konxja mill-fatt li wieħed mis-sorsi ewlenin ta' impatt li rriżulta mill-isfidi strutturali ewlenin li ġejjin prinċipalment mill-ftuħ tal-ekonomiji, it-tibdil fil-klima, il-proċessi teknoloġiċi adattivi, l-intensifikazzjoni ta' flussi migratorji jew it-tixjiħ tal-popolazzjoni se jiffoka fuq ix-xogħol futur, il-kondizzjonijiet ta' prestazzjoni tiegħu u l-effetti tiegħu fil-livelli personali, familjari u reġjonali;
- juri t-tħassib tiegħu u jwissi dwar l-effetti li qed jiddeterjoraw tal-Mudell Soċjali Ewropew li ġejjin mill-ħruġ fid-dieher u l-proliferazzjoni ta' forum ġodda ta' relazzjonijiet tax-xogħol prekarji, alimentati minn ambjent ta' nuqqasijiet u l-ħtiġijiet ta' persuni f'sitwazzjonijiet estremi, mingħajr il-libertà li jiddeċiedu li jaċċettaw l-konsiderazzjoni offruta minn kumpaniji internazzjonali kbar li, min-naħa l-oħra, iżommu t-tassazzjoni tagħhom barra l-Istati Membri u jissostitwixxu l-intrapriżi lokali żgħar minħabba l-pożizzjoni preponderanti tagħhom fis-swieq;
- jiddikjara li t-territorju, bħala spazju ta' relazzjonijiet u integrazzjoni soċjali milqut mill-elementi ambjentali, soċjokulturali, ekonomiċi, organizzattivi u umani, jakkwista valur prominenti għall-iżvilupp u l-progress tal-komunitajiet lokali, li jistgħu jiġu affettwati serjament mill-effetti reali u materjali tal-globalizzazzjoni u proċessi oħra ta' trasformazzjoni u deterjorament, meta r-riżorsi endoġeni u l-kapital uman tagħhom jiġu mibdula;
- iqis li l-Ewropa kif spjegata hija kapaċi u għandha sensitività suffiċjenti, kif intqal f'diversi okkażjonijiet, biex tindirizza t-tensjonijiet bejn, minn naħa, il-manteniment tal-kompetittività tal-ekonomija globali u l-garanziji biex tiddefendi u tippromovi s-sistema tagħna tal-benesseri, b'mod ġenerali u, min-naħa l-oħra, l-impjieg, it-taħriġ u d-drittijiet tax-xogħol, b'mod partikolari sabiex tindirizza l-aspettattivi taċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea u tissodisfa l-ħtiġijiet tar-reġjuni.

Rilevanza tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni

5. jenfasizza u jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta legiſlattiva tal-Kummissjoni tat-30 ta' Mejju 2018 għar-ripubblikazzjoni ta' Regolament ġdid dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (minn hawn 'il quddiem "FEG") għar-rwol li kellu mill-implimentazzjoni tiegħu fl-2007: 61 l-il miljun euro, f'160 intervent ta' appoġġ għal 147,000 ħaddiem li ġejjin minn reġjuni u pajjiżi differenti, u b'hekk jagħti lill-UE wirja ta' solidarjetà u responsabbiltà mad-deċiżjonijiet meħuda fi ħdan il-qafas tas-suq uniku;

6. jikkonferma l-valur tiegħu bħala strument utli ⁽¹⁾, partikolarment l-effettività tiegħu, b'madwar 50 % ta' persuni integrati mill-ġdid, u s-sostenibbiltà temporanja tal-impjegabilità u t-titjib tal-kapaċitajiet tal-parteċipanti, kif ukoll il-viżibilità politika għolja tiegħu ⁽²⁾;

7. iwissi dwar in-nuqqas ta' sodisfazzjoni u t-tħassib dejjem jikber taċ-ċittadini Ewropej dwar ix-xejriet globali, dak li hu magħruf bħala "l-ġeografija tal-iskuntentizza", li jimmotivaw movimenti ta' iżolament; jipproklama r-rwol li jista' jkollha implimentazzjoni tajba tal-miżuri tal-FEG fost affarijiet oħra biex jittaffew il-konsegwenzi ta' ristrutturar maġġuri mhux mistennija li għalihom huma esposti ħafna reġjuni tal-Ewropa minħabba l-ispeċjalizzazzjoni ekonomika tagħhom, l-ispejjeż tax-xogħol jew il-livell edukazzjoni tal-popolazzjoni attiva tagħhom ⁽³⁾.

Komplementarjetà u koordinazzjoni effettiva bejn politiki u Fondi

8. jilqa' l-enfasi mqiegħda fuq ir-rwol tat-tixrid tal-ħiliet meħtieġa fl-era industrijali diġitali bħala element trasversali obbligatorju ta' kwalunkwe pakkett ta' servizzi personalizzati offruti, għalkemm huwa s-suġġerit allinjament aħjar ma' Strateġiji ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti u ma' approċċi ffokati fuq it-territorju minħabba l-problemi speċifiċi fl-ekonomija reġjonali;

9. jistieden lill-awtoritajiet reġjonali biex jipparteċipaw b'mod attiv fl-istrateġiji ta' żvilupp ekonomiku reġjonali, minħabba l-ħtieġa li jiġu aġġustati l-ħiliet u l-kapaċitajiet mal-ħtiġijiet tal-industrija reġjonali, permezz ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn is-settur edukattiv u ta' taħriġ u l-aġenti soċjali, tat-trejdjunjins u tal-intrapriżi reġjonali;

10. jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa għal aktar flessibilità u adattabilità bejn il-miżuri li jiġbru l-fondi biex tiġi appoġġjata firxa usa' ta' miżuri ta' żvilupp ekonomiku li jgħinu biex jitnaqqas id-distakk bejn il-miżuri fuq perjodu qasir u l-istrateġiji ta' taħriġ mill-ġdid aktar fit-tul ffinanzjati mill-politika ta' koeżjoni ⁽⁴⁾;

11. jappoġġja komplementarjetà reċiproka u approċċ aktar koordinat bejn l-FEG, bħala assorbitur ta' skossi li jappoġġja biss ċirkostanzi li jkunu nħolqu f'daqqa u mhux previsti, u l-FSE+, li jappoġġja risposta aktar sostenibbli għall-isfidi u li għandu jopera permezz ta' miżuri strutturali, evoluttivi, trasformativi u preparatorji, li jappoġġjaw il-politiki attivi ta' impjeg fuq perjodu ta' żmien twil, it-tagħlim u l-kwalifika, kif ukoll il-kontribut għall-prevenzjoni bikrija tal-qgħad ⁽⁵⁾;

12. jenfasizza li l-politika ta' investiment tal-UE, permezz tal-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni, qed issir strument ewlieni, meħtieġ u ta' appoġġ li jagħti valur miżjud lill-azzjoni nazzjonali u reġjonali biex jiġu indirizzati ħafna mill-isfidi ewlenin – globalizzazzjoni, trasformazzjoni ekonomika, transizzjoni għal ekonomija b'livell baxx ta' karbonju, sfidi ambjentali, sfidi demografiċi, migrazzjoni u nħawi ta' deprivazzjoni urbana – li dejjem qed jaffettwaw ħafna reġjuni madwar l-UE, inklużi dawk l-aktar żviluppatti ⁽⁶⁾;

⁽¹⁾ Rapport mill-Kummissjoni dwar l-ewalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (il-FEG), (COM (2018) 297 final), 16 ta' Mejju 2018.

⁽²⁾ Dan ġie kkonfermat mill-partijiet interessati involuti fil-ġestjoni tal-FEG matul il-proċess ta' konsultazzjoni.

⁽³⁾ Kif indikat fid-Dokument ta' riflessjoni dwar il-futur tal-finanzi tal-UE.

⁽⁴⁾ Rapport dwar l-ewalwazzjoni ta' nofs it-terminu msemmi

⁽⁵⁾ Rapport tal-Kummissjoni dwar l-ewalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-FEG fl-2015 u l-2016, ippublikat fil-31 ta' Ottubru 2017.

⁽⁶⁾ Ara l-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni.

Skop u missjoni tal-FEG

13. jaċċetta favorevolment il-proposta tal-Kummissjoni li fil-missjoni tal-Fond tinkludi tifsira aktar ġenerika dwar l-adattament għall-bidla strutturali, billi tikkunsidra sorsi oħra ta' aġġustament kkawżati minn politiki u deċiżjonijiet tal-UE li jaffettwaw is-swieq, u dan jagħmlu aktar teknikament adegwat u ġust;

14. jindika li, għalkemm il-missjoni tiddikjara li se tikkontribwixxi għall-applikazzjoni tal-prinċipji definiti skont il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u se ttejjeb il-koeżjoni soċjali u ekonomika bejn ir-reġjuni u l-Istati Membri, dawn il-prinċipji jenħtieġ li jkunu operattivi u jenħtieġ li jkomplu jilhq u r-riżultati fil-kuntest tal-mandat soċjali;

Baġit

15. isostni d-dubji tiegħu u jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni dwar it-trattament tal-FEG bħala "strument speċjali" barra l-limiti massimi tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) li jmiss għall-perjodu 2021-2027. Minkejja li l-Fond huwa fond ta' kontiġenza, l-inċertezza fl-approvazzjoni individwali ta' kull applikazzjoni hija ta' tħassib kbir, f'xenarju ġenerali ta' tnaqqis fir-riżorsi finanzjarji previsti għall-istess politiki ta' koeżjoni fil-QFP 2021-2027;

16. jenfasizza li, fir-rigward tal-espansjoni tal-ambitu ta' azzjoni tal-FEG, il-kriżijiet li ġejjin tal-ekonomiji Ewropej se jitolbu finanzjament aktar adatt u għalhekk hija proposta żieda fid-domanda għall-iffinanzjar tal-ammont totali disponibbli minn 200 sa 500 miljun euro fis-sena. Jenħtieġ li jiżdied kemm l-għadd ta' azzjonijiet, li jinkorporaw b'mod deċiżiv l-SMEs, kif ukoll l-ammont ta' għajjnuna finanzjarja għal kull impjegat;

Kriterji u miżuri aktar favorevoli, u referenza speċifika għal ħaddiema vulnerabbli

17. jilqa' b'sodisfazzjon it-tnaqqis tal-limitu ta' tkeċċija, irrispettivament minn jekk ikunux tal-istess impriża jew ta' ċerti setturi, minħabba li huwa aġġustat aħjar għar-realtà, u huwa fiduċjuż li dan it-tnaqqis se jikkontribwixxi għal użu u mobilizzazzjoni akbar ta' fondi; għalhekk, jipproponi li l-limitu jiġi ffixsat għal 150 impjeg;

18. juri dubji dwar id-diverġenza fl-istabbiliment ta' perjodi ta' referenza differenti għal sitwazzjonijiet differenti (erba' jew sitt xhur) u, jekk dan ma jirrispondix għal xi ġustifikazzjoni statistika, jissuġġerixxi li jiġi kkunsidrat perjodu wieħed itwal għaċ-ċirkostanzi kollha;

19. jipproponi l-inklużjoni u l-implimentazzjoni legali ta' kategorija ġdida li tista' tkun il-benefiċjarja esklussivament ta' azzjonijiet għall-kwalifikazzjoni u l-akkwist ta' kompetenzi ġodda li jittrasformaw l-era diġitali: "Ħaddiema ta' impriżi f'diffikultà mhedda bi tkeċċija" ⁽⁷⁾;

20. jinnota li, għalkemm ir-rata ta' kofinanzjament tal-FEG għall-miżura offruta tista' tkun oġhla, billi tiġi aġġustata għall-oġhla rata ta' kofinanzjament tal-FSE+ fl-Istat Membru rispettiv, jista' jkun hemm rata inqas mis-60 % attwali, li fi kwalunkwe każ hija rata minima għal dawn il-każijiet, minħabba n-nuqqas prevedibbli ta' riżorsi reġjonali u l-eċċezzjonalità u s-solidarjetà proprja għall-għajjnuna mmobilizzata minn dan il-Fond;

21. jilqa' b'sodisfazzjon iż-żieda għal 20 000 euro għal kull ħaddiem imkeċċi fl-ammont allokat għall-impjeg awtonomu, iżda jiddikjara li din il-miżura jenħtieġ tmur pari passu mal-pariri, il-mentoring u l-appoġġ meħtieġa biex il-proġetti jsiru vijabbli u jiġu evitati frustrazzjoni u skoraġġiment akbar fuq perjodu medju;

22. iwissi kontra l-idea li tiġi appoġġjata l-mobbiltà tal-ħaddiema mkeċċija sabiex tgħinhom isibu impjeg f'postijiet oħra, peress li l-emigrazzjoni tal-forza tax-xogħol aktar mobbli, il-ħaddiema l-aktar kwalifikati, tnaqqas il-kwalità tas-suq tax-xogħol reġjonali, u min-naħa tagħha, tnaqqas il-kompetittività tar-reġjun ⁽⁸⁾;

23. jindika li saru biss referenzi għall-kondizzjoni ta' "benefiċjarji żvantaġġati", iżda l-ebda miżura mhi inkluża li tindirizza l-partikolarità ta' dawn il-benefiċjarji; għal din ir-raġuni, huwa propost li jiġi rregolat u kkunsidrat fil-proposta t-terminu "ħaddiem vulnerabbli" għall-finijiet tal-għajjnuna tal-FEG. Dan se jiġi stabbilit bħala element ta' solidarjetà interpersonali li jkun iperċeput, barra minn hekk, bħala sinjal ċar tal-kunċett ta' ċittadinanza Ewropea;

⁽⁷⁾ Skont id-definizzjoni stabbilita għal dawn l-intrapriżi fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Il-linji gwida dwar l-għajjnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà" (2014/C 249/01).

⁽⁸⁾ Kif innotat mill-Eurofound (Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol) b'referenza għal rapport tal-OECD.

24. juri x-xewqa li, b'mod ġenerali, il-Kummissjoni, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-Istati Membri ma jibqgħux jużaw it-terminu "NEET" biex jirreferu għal zgħażaġh li huma "barra mill-edukazzjoni, impjeg jew taħriġ la jaħdmu u lanqas", minħabba li huwa terminu li huwa aktar derogatorju milli deskrittiv, jistigmatizza u jimpedixxi liż-zgħażaġh milli jiġu rikonnoxxuti għal dak li huma u għal dak li jagħmlu, u mhux għal dak li ma jagħmlux minħabba nuqqas ta' opportunitajiet ta' impjeg jew taħriġ.

Semplifikazzjoni u titjib tal-proċedura

25. jappoġġa l-isforz biex itejjeb u jissempjifika l-proċess tal-FEG u jevalwa t-tnaqqis tal-piż amministrattiv li jaqa' fuq l-Istat Membru meta jagħmel it-talba tiegħu, u dak li jaqa' fuq il-Kummissjoni meta tivverifika l-eliġibbiltà, billi mhux se jkun meħtieġ li titwettaq analiżi dettaljata taċ-ċirkostanzi u l-kawżi tat-tkeċċijiet; konsegwentement, l-implimentazzjoni tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji ser tkun aktar mgħaġġla peress li mhux ser ikun hemm iktar bżonn ta' proposti tal-Kummissjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FEG⁽⁹⁾.

Ir-rwol tal-awtoritajiet u l-imsieħba lokali u reġjonali: id-deċentralizzazzjoni u l-ġestjoni kondiviża

26. jikkunsidra utli l-introduzzjoni tad-dimensjoni reġjonali u lokali, iżda jenfasizza l-viżibbiltà baxxa u n-nuqqas ta' rikonnoxximent tal-potenzjal tal-awtoritajiet reġjonali fil-parteċipazzjoni u l-intervent tal-FEG, u jitlob li fil-ġestjoni tal-Fond tingħata aktar rilevanza lill-awtoritajiet reġjonali u lokali ta' daww l-Istati Membri li l-istruttura organizzattiva tagħhom tippermetti d-deċentralizzazzjoni;

27. jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex isaħħu l-kooperazzjoni mal-awtoritajiet lokali u reġjonali, kif ukoll mal-partijiet interessati l-oħra u, b'mod partikolari, mal-imsieħba soċjali, sabiex jipprovdu r-riżorsi legali, finanzjarji u organizzattivi li jippermettu l-parteċipazzjoni u l-kollaborazzjoni f'isimhom stess fl-iżvilupp ta' dawn l-oqsma.

Konsiderazzjonijiet dwar miżuri preventivi

28. jagħti parir li jiġu adottati mekkaniżmi li jtejbu l-kapaċità istituzzjonali tal-Istati Membri, mhux biss sabiex jirreaġixxu immedjatament u jniedu l-proċeduri tal-applikazzjoni mingħajr dewmien, iżda sabiex jiggarrantixxu implimentazzjoni effiċjenti u effettiva tal-miżuri; jissuġġerixxi rwol antiċipatorju u preventiv tal-FEG fil-futur;

29. jipproponi li jissaħħaħ ir-rwol attwali fir-rigward tal-evalwazzjoni tax-xejriet tal-globalizzazzjoni u r-ristrutturar tal-Osservatorju Ewropew tal-Bidla tal-Eurofound, u li s-servizzi ta' assistenza lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiġu estiżi fl-evalwazzjoni tal-impatt territorjali u l-implikazzjonijiet fir-reġjuni Ewropej, qabel kwalunkwe deċiżjoni jew ftehim kummerċjali li x'aktarx jiġġenera konsegwenzi sinifikanti f'dan il-livell;

30. jenfasizza l-ħtieġa li jiġi kkoordinat l-FEG u li jipprovdi aktar ambitu, prammatiżmu u saħħa għar-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fil-Qafas ta' Kwalità tal-UE għall-Antiċipazzjoni tal-Bidla u r-Ristrutturar, sabiex tiġi approfondita l-implimentazzjoni tal-prattiki u suġġerimenti tajbin għall-impjegati, l-impriżi, l-imsieħba soċjali u l-korpi reġjonali u nazzjonali;

31. jikkunsidra li daww l-Istati Membri u reġjuni li pprovdu, bħala kondizzjoni ex ante, miżuri oġġettivi u effettivi ta' antiċipazzjoni u ristrutturar fi kwalunkwe forma ta' strateġija u azzjoni, preferibbilment konformi mal-approċċ ibbażat fuq il-karatteristiċi lokali, l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti jew il-promozzjoni tal-innovazzjoni soċjali li jakkumpanjaw it-transizzjoni u l-bidla strutturali⁽¹⁰⁾.

Brussell, il-5 ta' Diċembru 2018.

Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni

Karl-Heinz LAMBERTZ

⁽⁹⁾ Stħarriġ tal-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-programmi tal-FEG sab li, fost id-dissważjoni possibbli, hemm il-kriterji stretti ta' eliġibbiltà, regolament kumpless u proċedura twila.

⁽¹⁰⁾ Ara *Strateġija Ewropea għall-industrija: ir-rwol u l-perspettiva tal-awtoritajiet lokali u reġjonali* (CdR 3214/2017, relatur: is-Sur Heinz Lehmann (DE/PPE), adottata fit-23 ta' Marzu 2018).

Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Il-Programm tas-Suq Uniku

(2019/C 86/13)

Relatur: Deirdre FORDE (IE/EPP), Kunsillier, Kunsill tal-Kontea ta' Cork

Dokument ta' referenza: Proposta għal Regolament Tal-Parlament Ewropew U Tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Programm għas-suq uniku, għall-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u għall-istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 99/2013, (UE) Nru 1287/2013, (UE) Nru 254/2014, (UE) Nru 258/2014, (UE) Nru 652/2014 u (UE) 2017/826

COM(2018) 441 final

Proposta għal Regolament Tal-Parlament Ewropew U Tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Programm għas-suq uniku, għall-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u għall-istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 99/2013, (UE) Nru 1287/2013, (UE) Nru 254/2014, (UE) Nru 258/2014, (UE) Nru 652/2014 u (UE) 2017/826

COM(2018) 441 final, Annessi 1 sa 4

I. RAKKOMANDAZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU EMENDI

Emenda 1

Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Għalhekk huwa xieraq li jiġi stabbilit Programm għas-suq intern, għall-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju, u għall-istatistika Ewropea (il-“Programm”). Jenħtieġ li l-Programm jiġi stabbilit għal tul ta' żmien ta' seba' snin mill-2021 sal-2027.</p>	<p>Għalhekk huwa xieraq li jiġi stabbilit il-Programm tas-Suq Uniku, għat-tisħiħ tas-suq intern u għat-titjib tal-funzjonament tiegħu, fl-oqsma tal-kompetittività tal-intrapriżi, speċjalment l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju, l-istandardizzazzjoni, il-protezzjoni tal-konsumatur u l-istatistika Ewropea (il-“Programm”). Jenħtieġ li l-Programm jiġi stabbilit għal tul ta' żmien ta' seba' snin mill-2021 sal-2027.</p>

Emenda 2

Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Suq intern modern jippromwovi l-kompetizzjoni u huwa ta' benefiċċju għall-konsumaturi, għan-negozji u għall-impjegati. L-użu aħjar tas-suq intern għas-servizzi li dejjem jevolvi huwa mistenni li jgħin lin-negozji Ewropej joħlqu l-impjegati u jespandu lil hinn mill-fruntieri tagħhom, joffru għażla usa' ta' servizzi bi prezzijiet aħjar, filwaqt li jżommu standards għoljin għall-konsumaturi u l-ħaddiema. Biex jiksbu dan, il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għat-tneħħija tal-ostakli, u jiżgura qafas regolatorju li jista' jakkomoda mudelli ta' negozju innovattivi ġodda.</p>	<p>Suq intern modern huwa bbażat fuq il-prinċipji tal-korrettezza u t-trasparenza, li jippromwovi l-kompetizzjoni u huwa ta' benefiċċju għall-konsumaturi, għan-negozji u għall-impjegati. L-użu aħjar tas-suq intern għas-servizzi li dejjem jevolvi huwa mistenni li jgħin lin-negozji Ewropej joħlqu l-impjegati u jespandu lil hinn mill-fruntieri tagħhom, joffru għażla usa' ta' servizzi bi prezzijiet aħjar, filwaqt li jżommu standards għoljin għall-konsumaturi u l-ħaddiema. Biex jiksbu dan, il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-monitoraġġ aħjar tal-iżviluppi tas-suq intern, inkluż l-impatt tat-teknoloġiji ġodda u mudelli ta' negozju innovattivi, l-identifikazzjoni u t-tneħħija tal-ostakli, u jiżgura qafas regolatorju li jista' jakkomoda mudelli ta' negozju innovattivi ġodda, inkluża l-intrapre-ditorija soċjali.</p>

Emenda 3

Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>L-akkwist pubbliku jintuża mill-awtoritajiet pubbliċi biex jiżguraw valur għall-flejjes pubbliċi minfuqa u biex jikkontribwixxu għal suq intern aktar innovattiv, sostenibbli, inklużiv u kompetittiv. Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill49, id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill50 u d-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill51 jipprovdu l-qafas legali għall-integrazzjoni u l-funzjonament effettiv tas-swieq tal-akkwist pubbliku li jirrappreżentaw 14 % tal-prodott domestiku gross tal-Unjoni, għall-benefiċċju tal-awtoritajiet pubbliċi, tan-negozji kif ukoll taċ-ċittadini, inkluż il-konsumaturi. Għalhekk, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa miżuri li jiżguraw adozzjoni usa' tal-akkwist pubbliku strateġiku, il-professjonalizzazzjoni ta' xerrejja pubbliċi, aċċess imtejjeb għas-swieq tal-akkwist għall-SMEs, aktar trasparenza, integrità u data mtejjba, it-titjib tat-trasformazzjoni diġitali tal-akkwist u l-promozzjoni ta' akkwist konġunt, permezz tat-tisħiħ tal-approċċ ta' sħubija mal-Istati Membri, it-titjib tal-ġbir tad-data u tal-analiżi tad-data, inkluż permezz tal-iżvilupp ta' għodod tal-IT iddedikati, l-appoġġ għall-iskambju ta' esperjenzi u prattiki tajbin, l-għoti ta' gwida, it-tiftix ta' ftehimiet kummerċjali ta' benefiċċju, it-tisħiħ tal-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet nazzjonali u t-tnejjja ta' proġetti pilota</p>	<p>L-akkwist pubbliku jintuża mill-awtoritajiet pubbliċi biex jiżguraw valur għall-flejjes pubbliċi minfuqa u biex jikkontribwixxu għal suq intern aktar innovattiv, sostenibbli, inklużiv u kompetittiv. Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill49, id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill50 u d-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill51 jipprovdu l-qafas legali għall-integrazzjoni u l-funzjonament effettiv tas-swieq tal-akkwist pubbliku li jirrappreżentaw 14 % tal-prodott domestiku gross tal-Unjoni, għall-benefiċċju tal-awtoritajiet pubbliċi, tan-negozji kif ukoll taċ-ċittadini, inkluż il-konsumaturi. Għalhekk, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa miżuri li jiżguraw adozzjoni usa' tal-akkwist pubbliku strateġiku, il-professjonalizzazzjoni ta' xerrejja pubbliċi, it-tisħiħ tal-kapaċità tal-SMEs għall-aċċess għas-swieq tal-akkwist permezz tal-integrazzjoni u tas-simplifikazzjoni tal-proċessi tal-akkwist, aktar trasparenza, integrità u data mtejjba, it-titjib tat-trasformazzjoni diġitali tal-akkwist u l-promozzjoni ta' akkwist konġunt, permezz tat-tisħiħ tal-approċċ ta' sħubija mal-Istati Membri, it-titjib tal-ġbir tad-data u tal-analiżi tad-data, inkluż permezz tal-iżvilupp ta' għodod tal-IT iddedikati, l-appoġġ għall-iskambju ta' esperjenzi u prattiki tajbin, l-għoti ta' gwida, l-implimentazzjoni ta' dispożizzjonijiet reċiproċi u relatati mal-akkwist pubbliku fil-ftehimiet kummerċjali, it-tisħiħ tal-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet nazzjonali u, fejn ikun rilevanti, fost dawk reġjonali u t-tnejjja ta' proġetti pilota.</p>

Raġuni

Ir-referenza għal “(twettiq) ta’ ftehimiet kummerċjali ta’ benefiċċju” hija fformulata b’mod ambigwu u ma tirreferix għall-kwistjoni indirizzata hawnhekk, jiġifieri l-akkwist pubbliku.

Emenda 4

Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Sabiex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Programm u biex jiġu ffaċilitati l-ħajjiet tan-negozji u taċ-ċittadini, iridu jiġu stabbiliti servizzi pubbliċi ta’ kwalità għolja ċċentrati fuq l-utent. Dan jimplika li l-amministrazzjonijiet pubbliċi se jkollhom jibdeu jaħdmu b’modi ġodda, iwaqqgħu s-sajlos bejn il-partijiet differenti tal-amministrazzjonijiet tagħhom, u jinvolvu ruħhom fil-ħolqien konġunt ta’ dawn is-servizzi pubbliċi maċ-ċittadini u man-negozji. Barra minn hekk, iż-żieda kontinwa u kostanti tal-attivitajiet transfruntiera fis-suq intern tirrikjedi l-provvediment ta’ informazzjoni aġġornata dwar id-drittijiet tan-negozji u taċ-ċittadini, iżda wkoll informazzjoni li tispjega l-formalitajiet amministrattivi. Isir ukoll essenzjali li jingħataw pariri legali u għajjnuna biex jissolvew problemi li jinqalgħu bejn il-fruntieri. Minbarra dan, huwa meħtieġ li ssir konnessjoni sempliċi u effiċjenti bejn l-amministrazzjonijiet nazzjonali kif ukoll li jiġi evalwat kif is-suq intern jaħdem fuq il-post. Għalhekk il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-għodod eżistenti ta’ governanza tas-suq intern, jiġifieri: il-Portal l-Ewropa Tiegħek li jenħtieġ li jkun is-sinla tal-Portal Diġitali Uniku li ġej, il-Pariri tal-Ewropa Tiegħek, SOLVIT, is-sistema ta’ Informazzjoni tas-Suq Intern u t-Tabella ta’ Valutazzjoni tas-Suq Uniku biex titjieb il-ħajja ta’ kuljum taċ-ċittadini u l-kapaċità tan-negozji li jinneogzjaw bejn il-fruntieri</p>	<p>Sabiex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Programm u biex jiġu ffaċilitati l-ħajjiet tan-negozji u taċ-ċittadini, iridu jiġu stabbiliti servizzi pubbliċi ta’ kwalità għolja ċċentrati fuq l-utent. Dan jimplika li l-amministrazzjonijiet pubbliċi se jkollhom jibdeu jaħdmu b’modi ġodda, iwaqqgħu s-sajlos bejn il-partijiet differenti tal-amministrazzjonijiet tagħhom, u jinvolvu ruħhom fil-ħolqien konġunt ta’ dawn is-servizzi pubbliċi maċ-ċittadini u man-negozji. Barra minn hekk, iż-żieda kontinwa u kostanti tal-attivitajiet transfruntiera fis-suq intern tirrikjedi l-provvediment ta’ informazzjoni aġġornata dwar id-drittijiet tan-negozji u taċ-ċittadini, iżda wkoll informazzjoni li tispjega l-formalitajiet amministrattivi. Isir ukoll essenzjali li jingħataw pariri legali u għajjnuna biex jissolvew problemi li jinqalgħu bejn il-fruntieri. Minbarra dan, huwa meħtieġ li ssir konnessjoni sempliċi u effiċjenti bejn l-amministrazzjonijiet nazzjonali kif ukoll li jiġi evalwat kif is-suq intern jaħdem fuq il-post. Għalhekk il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-għodod eżistenti ta’ governanza tas-suq intern, jiġifieri: il-Portal l-Ewropa Tiegħek li jenħtieġ li jkun is-sinla tal-Portal Diġitali Uniku li ġej, il-Pariri tal-Ewropa Tiegħek, SOLVIT, is-sistema ta’ Informazzjoni tas-Suq Intern u t-Tabella ta’ Valutazzjoni tas-Suq Uniku biex titjieb il-ħajja ta’ kuljum taċ-ċittadini u l-kapaċità tan-negozji li jinneogzjaw bejn il-fruntieri Sabiex jiġi żgurati li dawn l-għodod ta’ governanza jintużaw fil-potenzjal sħiħ tagħhom, għandhom isiru sforzi biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni, b’mod partikolari tal-Portal “L-Ewropa Tiegħek”, fost awtoritajiet lokali u reġjonali u organizzazzjonijiet oħrajn li jappoġġjaw liċ-ċittadini u n-negozji fuq il-post.</p>

Raġuni

Sforzi biex jissaħħu l-użu u l-effikaċja tal-għodod ta’ governanza tas-suq intern, bħall-portali online mmirati lejn iċ-ċittadini u n-negozji jridu jiġu akkumpanjati minn sforzi biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni tal-eżistenza u d-disponibilità tagħhom. Is-sensibilizzazzjoni fost l-awtoritajiet lokali u reġjonali u r-rappreżentanti eletti tagħhom għandha tkun fil-qalba ta’ dawn l-isforzi minħabba r-rwol tagħhom fl-indirizzar tagħhom u fl-appoġġ għan-negozji u ċ-ċittadini fuq bażi ta’ kuljum.

Emenda 5

Premessa 23

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>L-SMEs jikkondividu sfidi komuni li ma jaffettwawx ditti akbar bl-istess mod biex jiksbu finanzjament, biex isibu forza tax-xogħol bl-aqwa hiliel, biex itaffu l-piż amministrattiv, biex jadottaw il-kreattività u l-innovazzjoni, biex jaċċessaw is-swieq u biex irawmu attivitajiet ta' internazzjonalizzazzjoni. Jenħtieġ li l-Programm jindirizza t-tali fallimenti tas-suq b'mod proporzjonat, filwaqt li ma jfixkilx il-kompetizzjoni fis-suq intern bla bżonn.</p>	<p>L-SMEs jikkondividu sfidi komuni li ma jaffettwawx ditti akbar bl-istess mod biex jiksbu finanzjament, biex isibu forza tax-xogħol bl-aqwa hiliel, biex itaffu l-piż amministrattiv, biex jadottaw il-kreattività u l-innovazzjoni, biex jaċċessaw is-swieq u biex irawmu attivitajiet ta' internazzjonalizzazzjoni. <i>Dawn l-isfidi huma partikolarment sinifikanti għall-SMEs ibbażati f'żoni rurali jew reġjuni periferiċi u ultraperiferiċi.</i> Jenħtieġ li l-Programm jindirizza t-tali fallimenti tas-suq b'mod proporzjonat, <i>filwaqt li jagħti attenzjoni speċjali għall-azzjonijiet li huma direttament ta' benefiċċju għall-SMEs u n-netwerks tal-intrapriżi,</i> filwaqt li ma jfixkilx il-kompetizzjoni fis-suq intern bla bżonn.</p>

Raġuni

Filwaqt li l-SMEs kollha huma ffaċċjati bl-isfidi deskritti fil-premessa 23, l-SMEs ibbażati f'reġjuni rurali u/jew periferiċi jirrapportaw aktar sfidi fis-sejba ta' ħaddiema tas-sengħa u fl-aċċess għall-infrastruttura bħall-broadband u forom oħrajn ta' konnettività li huma meħtieġa biex tiġi adottata l-innovazzjoni u jitrawwu attivitajiet ta' internazzjonalizzazzjoni.

Emenda 6

Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>In-Netwerk taċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi qed jgħin lill-konsumaturi jiksbu l-benefiċċju tad-drittijiet tal-konsumatur tal-Unjoni meta jixtru oġġetti u servizzi bejn il-fruntieri fis-Suq Intern u fiż-ŻEE, kemm online kif ukoll meta jkunu qed jivvjaġġaw. In-netwerk li jikkonsisti fi 30 ċentru u li ilu ffinanzjat b'mod konġunt mill-programmi tal-Unjoni għall-konsumaturi għal aktar minn 10 snin wera l-valur miżjud tiegħu biex isaħħaħ il-fiduċja tal-konsumaturi u tan-negozjanti fis-Suq Intern. Huwa jindirizza t-talbiet ta' aktar minn 100 000 konsumatur fis-sena u jilħaq miljuni ta' ċittadini permezz tal-attivajiet ta' informazzjoni tiegħu fuq il-ġurnali u online. Huwa wieħed mill-aktar netwerks ta' assistenza liċ-ċittadini apprezzati tal-Unjoni u ħafna miċ-ċentri tiegħu jospitaw punti ta' kuntatt għal-liġi dwar is-suq intern bħad-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽⁵⁹⁾ u l-evalwazzjoni tiegħu tenfasizza l-importanza li jkompli jopera. In-netwerk għandu wkoll l-intenzjoni li jiżviluppa arranġamenti ta' reċiproċità ma' korpi simili f'pajjiżi terzi.</p> <p>⁽⁵⁹⁾ Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36).</p>	<p>Il-Programm għandu jappoġġja wkoll in-Netwerk taċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi li jgħin lill-konsumaturi jiksbu l-benefiċċju tad-drittijiet tal-konsumatur tal-Unjoni meta jixtru oġġetti u servizzi bejn il-fruntieri fis-Suq Intern u fiż-ŻEE, kemm online kif ukoll meta jkunu qed jivvjaġġaw. In-netwerk li jikkonsisti fi 30 ċentru u li ilu ffinanzjat b'mod konġunt mill-programmi tal-Unjoni għall-konsumaturi għal aktar minn 10 snin wera l-valur miżjud tiegħu biex isaħħaħ il-fiduċja tal-konsumaturi u tan-negozjanti fis-Suq Intern. Huwa jindirizza t-talbiet ta' aktar minn 100 000 konsumatur fis-sena u jilħaq miljuni ta' ċittadini permezz tal-attivajiet ta' informazzjoni tiegħu fuq il-ġurnali u online. Huwa wieħed mill-aktar netwerks ta' assistenza liċ-ċittadini apprezzati tal-Unjoni u ħafna miċ-ċentri tiegħu jospitaw punti ta' kuntatt għal-liġi dwar is-suq intern bħad-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽⁵⁹⁾ u l-evalwazzjoni tiegħu tenfasizza l-importanza li jkompli jopera. In-Netwerk taċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi jista' jkun ukoll sors importanti ta' informazzjoni dwar l-isfidi u l-problemi li l-konsumaturi jiltaqgħu magħhom fil-livell lokali, li huma rilevanti għat-tfassil tal-politika tal-Unjoni u għall-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi. Għallhekk, il-Programm għandu jippermetti l-bini u t-titjib ta' sinerġiji bejn ir-rappreżentanza tal-konsumaturi fil-livell lokali u tal-Unjoni sabiex jissaħħaħ il-ħarsien tal-konsumaturi. In-netwerk għandu wkoll l-intenzjoni li jiżviluppa arranġamenti ta' reċiproċità ma' korpi simili f'pajjiżi terzi.</p> <p>⁽⁵⁹⁾ Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36).</p>

Raġuni

Evidenti.

Emenda 7

Premessa 41

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Iċ-ċittadini huma partikolarment affettwati mill-funzjonament tas-swieq tas-servizzi finanzjarji. Dawn huma komponent ewlieni tas-suq intern u jirrikjedu qafas solidu għar-regolamentazzjoni u s-superviżjoni li jiżgura mhux biss stabbiltà finanzjarja u ekonomija sostenibbli, iżda jipprovdi wkoll livell għoli ta' ħarsien lill-konsumaturi u lil utenti aħħarin oħrajn tas-servizzi finanzjarji, inklużi l-investituri individwali, dawk li jfaddlu, id-detenturi tal-poloż ta' assigurazzjoni, il-membri u l-benefiċjarji ta' fondi ta' pensjoni, l-azzjonisti individwali, il-mutwatarji u l-SMEs. Huwa importanti li titjieb il-kapaċità tagħhom li jipparteċipaw fit-tfassil ta' politiki għas-settur finanzjarju.</p>	<p>Iċ-ċittadini huma partikolarment affettwati mill-funzjonament tas-swieq tas-servizzi finanzjarji. Dawn huma komponent ewlieni tas-suq intern u jirrikjedu qafas solidu għar-regolamentazzjoni u s-superviżjoni li jiżgura mhux biss stabbiltà finanzjarja u ekonomija sostenibbli, iżda jipprovdi wkoll livell għoli ta' ħarsien lill-konsumaturi u lil utenti aħħarin oħrajn tas-servizzi finanzjarji, inklużi l-investituri individwali, dawk li jfaddlu, id-detenturi tal-poloż ta' assigurazzjoni, il-membri u l-benefiċjarji ta' fondi ta' pensjoni, l-azzjonisti individwali, il-mutwatarji u l-SMEs. Huwa importanti li titjieb il-kapaċità tagħhom li jipparteċipaw fit-tfassil ta' politiki għas-settur finanzjarju u li jiġu apoġġjati attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni għad-drittijiet tal-konsumatur f'dan il-qasam, inkluża s-sensibilizzazzjoni ta' proċeduri ta' rimedju fejn xieraq.</p>

Raġuni

L-isforzi sabiex tissaħħaħ il-parteciċipazzjoni tal-konsumaturi u l-utenti finali fit-tfassil ta' politiki għas-settur finanzjarju għandhom jintlaqgħu tajjeb. Madankollu, minħabba l-potenzjal li kwalunkwe abbuż jew ġestjoni ħażina fis-settur finanzjarju jkollu impatt fuq il-ħajjiet taċ-ċittadini, il-kwiżjoni tas-sensibilizzazzjoni f'dan il-qasam ta' protezzjoni tal-konsumaturi għandha tingħata kunsiderazzjoni partikolari.

Emenda 8

Premessa 58

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>L-azzjonijiet implimentati taħt il-programmi preċedenti u l-linji baġitarji wrew li huma adegwati u jenħtieġ li jinżammu. L-azzjonijiet il-ġodda introdotti taħt dan il-Programm għandhom l-għan li jsaħħu b'mod partikolari s-suq intern li qed jiffunzjona tajjeb. L-azzjonijiet jenħtieġ li jkunu definiti biss f'termini ta' kategoriji globali u ġeneriċi sabiex jipprovdu aktar sempliċità u flessibilità fit-twettiq tal-Programm u b'hekk jilħaq l-oġġettivi tiegħu. Jenħtieġ li jiġu inklużi wkoll fil-Programm listi ta' attivitajiet indikattivi li jikkonċernaw l-oġġettivi speċifiċi fil-qasam tal-kompetittività, jew attivitajiet speċifiċi li ġejjin mir-rekwiżiti regolatorji, bħal fil-qasam tal-istandardizzazzjoni, ir-regolamentazzjoni tal-katina alimentari u l-Istatistika Ewropea.</p>	<p>L-azzjonijiet implimentati taħt il-programmi preċedenti u l-linji baġitarji wrew li huma adegwati u jenħtieġ li jinżammu. L-azzjonijiet il-ġodda introdotti taħt dan il-Programm għandhom l-għan li jsaħħu b'mod partikolari s-suq intern li qed jiffunzjona tajjeb. L-azzjonijiet jenħtieġ li jkunu definiti biss f'termini ta' kategoriji globali u ġeneriċi sabiex jipprovdu aktar sempliċità u flessibilità fit-twettiq tal-Programm u b'hekk jilħaq l-oġġettivi tiegħu. Jenħtieġ li jiġu inklużi wkoll fil-Programm listi ta' attivitajiet indikattivi li jikkonċernaw l-oġġettivi speċifiċi fil-qasam tal-kompetittività, jew attivitajiet speċifiċi li ġejjin mir-rekwiżiti regolatorji, bħal fil-qasam tas-sorveljanza tas-suq u tas-sigurtà tal-prodotti, tal-konsumaturi, tal-istandardizzazzjoni, ir-regolamentazzjoni tal-katina alimentari u l-Istatistika Ewropea.</p>

Raġuni

Evidenti.

Emenda 9

Artikolu 1(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Is-suġġett</p> <p>Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-programm għat-titjib tal-funzjonament tas-suq intern u l-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju u <i>l-intrapriżi soċjali, netwerks tal-intrapriżi, l-istandardizzazzjoni, il-protezzjoni tal-konsumatur, u</i> l-qafas għall-finanzjament tal-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea fit-tifsira tal-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 (il-“Programm”).</p> <p><i>Jistabbilixxi l-għanijiet tal-Programm, il-baġit għall-perjodu 2021 – 2027, il-forom ta' finanzjament tal-Unjoni u r-regoli għall-għoti ta' dan it-tip ta' finanzjament.</i></p>	<p>Is-suġġett</p> <p>Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-programm għat-titjib tal-funzjonament tas-suq intern u l-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju u l-qafas għall-finanzjament tal-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea fit-tifsira tal-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 (il-“Programm”).</p>

Raġuni

L-iżgurar tal-konsistenza dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-programm (ara b'mod partikolari l-emenda għall-premessa 7).

Emenda 10

Artikolu 3(1)(a)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>(a) li jtejjeb il-funzjonament tas-suq intern, u b'mod speċjali li jipproteġi u jagħti s-setgħa liċ-ċittadini, lill-konsumaturi u lin-negozji, b'mod partikolari lill-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (SMEs), permezz tal-infurzar tad-dritt tal-Unjoni, l-iffaċilitar tal-aċċess għas-suq, l-iffissar ta' standards, u bil-promozzjoni tas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti u tal-benessri tal-annimali; kif ukoll li jtejjeb il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-Kummissjoni u l-aġenziji deċentralizzati tal-Unjoni;</p>	<p>li <i>joħloq impjiegi sostenibbli, jindirizza l-fallimenti tas-suq u</i> li jtejjeb il-funzjonament tas-suq intern, u b'mod speċjali li <i>jsaħħaħ l-ekonomija lokali u jippromovi l-ekonomija ċirkulari,</i> li jipproteġi u jagħti s-setgħa liċ-ċittadini, lill-konsumaturi u lin-negozji, b'mod partikolari lill-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (SMEs), permezz tal-infurzar tad-dritt tal-Unjoni, l-iffaċilitar tal-aċċess għas-suq, l-iffissar ta' standards, u bil-promozzjoni tas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti u tal-benessri tal-annimali; kif ukoll li jtejjeb il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-Kummissjoni u l-aġenziji deċentralizzati tal-Unjoni;</p>

Raġuni

Mhux applikabbli

Emenda 11

Artikolu 3(2)(a)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
li jagħmel is-suq intern aktar effettiv, jiffaċilita l-prevenzjoni u t-tneħħija tal-ostakli, jappoġġa l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-infurzar tad-dritt tal-Unjoni fl-oqsma tas-suq intern għall-oġġetti u s-servizzi, l-akkwist pubbliku, is-sorveljanza tas-suq kif ukoll fl-oqsma tad-dritt soċjetarju u l-liġi kuntrattwali u <i>extra</i> -kuntrattwali, il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, il-moviment liberu tal-kapital, is-servizzi finanzjarji u l-kompetizzjoni, inkluż l-iżvilupp ta' għodod ta' governanza;	li jagħmel is-suq intern aktar effettiv, jippromovi l-iżvilupp ekonomiku lokali , jiffaċilita l-prevenzjoni u t-tneħħija tal-ostakli, jappoġġa l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-infurzar tad-dritt tal-Unjoni fl-oqsma tas-suq intern għall-oġġetti u s-servizzi, inkluż l-ekonomija soċjali , l-akkwist pubbliku, is-sorveljanza tas-suq kif ukoll fl-oqsma tad-dritt soċjetarju u l-liġi kuntrattwali u <i>extra</i> -kuntrattwali, il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, il-moviment liberu tal-kapital, is-servizzi finanzjarji u l-kompetizzjoni, inkluż l-iżvilupp ta' għodod ta' governanza;

Raġuni

Mhux applikabbli

Emenda 12

Artikolu 8(3)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
(e) li jappoġġaw il-kompetittività tal-intrapriżi u ta' setturi sħaħ tal-ekonomija, u li jappoġġaw tal-adozzjoni mill-SMEs tal-innovazzjoni u l-kollaborazzjoni fil-katina tal-valur permezz tal-konnessjoni strateġika tal-ekosistemi u r-raggruppamenti, inkluż l-inizjattiva tar-raggruppamenti konġunti;	(e) li jappoġġaw il-kompetittività tal-intrapriżi u ta' setturi sħaħ tal-ekonomija, u li jappoġġaw tal-adozzjoni mill-SMEs tal-innovazzjoni, u b'mod partikolari l-adozzjoni tagħhom ta' mudelli ġodda ta' negozju, inklużi daww assoċjati mal-ekonomija soċjali u kollaborattiva, kif ukoll l-adozzjoni tagħhom tal-kollaborazzjoni fil-katina tal-valur permezz tal-konnessjoni strateġika tal-ekosistemi u r-raggruppamenti, inkluż l-inizjattiva tar-raggruppamenti konġunti;

II. RAKKOMANDEZZJONIJIET TA' POLITIKA**IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI**

1. jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li jiġi stabbilit Programm ġdid tas-Suq Uniku biex jittejjeb il-funzjonament tas-suq intern għall-perjodu 2021-2027, immirat lejn it-tisħiħ tal-governanza tiegħu, l-appoġġ tal-kompetittività tal-SMEs, it-titjib tal-protezzjoni tal-konsumatur u l-infurzar tad-drittijiet tal-konsumatur, il-promozzjoni tas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti u l-benessri tal-annimali u l-iżgurar ta' qafas statistiku Ewropew xieraq;

2. jirrikonoxxi li s-suq intern huwa wieħed mis-suċċessi prinċipali tal-UE iżda li jrid ikompli jiġi adattat f'ambjent li qed jinbidel b'mod rapidu karatterizzat mid-diġitalizzazzjoni u l-globalizzazzjoni. Jinnota li għad hemm ostakoli sinifikanti għal suq intern li jiffunzjona tajjeb u qed joħorġu fid-dieher ostakoli ġodda.

3. jirrikonoxxi l-importanza vitali għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern li ċ-ċittadini u n-negozji jiġu provduti b'informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom, l-awtoritajiet pubbliċi jiġu provduti b'għarfien dwar kif japplikaw ir-regoli, u l-qrati jiġu provduti bl-għarfien espert u l-kompetenza biex jinfurzawhom; f'dan il-kuntest, huwa importanti li s-sistemi tal-edukazzjoni fil-pajjiżi differenti jinkorporaw għarfien bażiku dwar l-UE b'mod li jiġi garantit li, progressivament, iċ-ċittadini żgħażaġh kollha jkunu konxji tad-drittijiet tagħhom u jistgħu jagħmlu użu aħjar mill-vantaġġi offruti mis-suq intern;
4. jenfasizza l-isfida kontinwa li l-SMEs jiffaċċjaw fl-aċċess għall-finanzi, il-piż amministrattiv kontinwu tan-negozju, id-diffikultajiet li jiffaċċjaw fl-użu ta' opportunitajiet permezz tal-internazzjonalizzazzjoni u n-nuqqas ta' kapaċità tagħhom li jiksbu b'mod suffiċjenti l-benefiċċji tas-suq intern; dan iwassal għal frammentazzjoni kontinwa u anomaliji fis-suq f'ħafna setturi u reġjuni għad-detriment ta' kemm in-negozji kif ukoll il-konsumaturi; jilqa' l-enfasi tal-Kummissjoni fuq it-tisħiħ tal-appoġġ għas-settur tal-SMEs permezz ta' dan il-programm;
5. jirrikonoxxi li l-iżvilupp ta' għodod ta' informazzjoni u programmi ta' taħriġ huwa tal-akbar importanza għall-funzjonament tajjeb tas-suq uniku u jrid ikun ibbażat fuq l-analiżi tad-data, l-istudji u l-evalwazzjonijiet robusti li jittwettqu f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, inklużi l-awtoritajiet reġjonali u lokali;
6. jirrikonoxxi l-kamp ta' applikazzjoni wiesha' tal-programm u l-għan li jiġu ssimplifikati sforzi biex tiġi promossa koordinazzjoni aħjar fil-ġestjoni tas-suq uniku, iżda jinnotta li l-iżgurar tal-koordinazzjoni effettiva tiegħu se tkun eżiġenti mill-perspettiva tal-governanza;
7. jenfasizza l-hteġa li l-programm ikollu l-flessibilità li jirreaġixxi malajr u b'mod proattiv għal kwalunkwe tfixkil fil-funzjonament tas-suq intern jew tfixkil fil-kummerċ għal SMEs li jista', pereżempju, jirriżulta mill-impatti negattivi possibbli tal-Brexit.

Is-Suq Uniku

8. jirrikonoxxi li s-suq uniku huwa fil-qalba tal-integrazzjoni ekonomika u politika tal-UE, u jikkonsisti minn 500 miljun konsumatur u 21 miljun negozju u huwa appoġġjat minn korp sostanzjali ta' leġislazzjoni li jggarantixxi l-moviment liberu ta' persuni, oġġetti, kapital u servizzi fl-UE kollha u fiż-Żona Ekonomika Ewropea aktar wiesha⁽¹⁾;
9. ifakkar li s-suq intern tal-Unjoni għandu, skont l-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, "jaħdem għall-iżvilupp sostenibbli tal-Ewropa mibni fuq tkabbir ekonomiku bilanċjat u stabbiltà tal-prezzijiet, ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna, intiża li twassal għal livell massimu ta' mpjieġ u progress soċjali, u livell għoli ta' protezzjoni u ta' titijib tal-kwalità tal-ambjent. Għandu jippromovi l-iżvilupp xjentifiku u teknoloġiku";
10. jirrikonoxxi li l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea hija konformi mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità;
11. Il-kompetizzjoni fis-suq uniku għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' dawn l-għanijiet, i.e. billi toffri l-aktar prezz ekonomikament vantaġġjuż għall-konsumaturi u l-intrapriżi, b'mod partikolari permezz ta' spejjeż ta' tranżazzjoni aktar baxxi u suq akbar li jipprovdi ekonomiji ta' skala, tinkoraġġixxi l-innovazzjoni u tiżgura rispons aktar mgħaġġel għall-ħtiġijiet tal-konsumatur f'kundizzjonijiet ekwi u ġusti filwaqt li tevita kull forma ta' dumping. Madankollu, iqis li l-benefiċċji tas-suq uniku jeħtieġ li jiġu kkomunikati aħjar liċ-ċittadini, lin-negozji u lill-operaturi ekonomiċi l-oħra u jirrikonoxxi li l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom rwol importanti x'jaqdu fil-komunikazzjoni ta' dan il-messaġġ importanti;
12. jirrikonoxxi li s-suq uniku huwa proċess kontinwu u jibqa' inkomplet f'aspetti importanti u li suq uniku li jiffunzjona aħjar, u t-tneħħija tal-ostakoli għall-kummerċ li fadal, prinċipalment fl-oqsma tas-settur tas-servizzi u s-Suq Uniku Diġitali, tistimula t-tkabbir ekonomiku b'mod konsiderevoli;

⁽¹⁾ Opinjoni tal-KtR – Naġġornaw is-Suq Uniku: (ECON-VI/010)

Is-Suq Uniku fis-Servizzi

13. jirrikonoxxi l-isforzi tal-Kummissjoni biex tkompli ssaħħaħ il-libertà li jiġu pprovduti servizzi fl-Ewropa, b'mod partikolari fil-kuntest tal-pakkett tas-servizzi ⁽²⁾, billi jeħtieġ li jsir ħafna aktar xogħol kif muri fir-Reviżjoni bejn il-Pari tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi, li tikkonferma li għad hemm wisq ostakoli, inklużi restrizzjonijiet fuq id-dritt ta' stabbiliment ⁽³⁾. Iqis fl-istess ħin li aktar ċarezza regolatorja hija meħtieġa fil-livell tal-UE fir-rigward ta' servizzi relatati mal-ekonomija kollaborattiva;

14. iqis li huwa importanti li programmi ġodda jikkontribwixxu għat-titjib tal-funzjonament tas-suq intern fis-servizzi u jistaqsi kif l-għodod tas-suq intern jistgħu jintużaw b'mod aktar effettiv biex ikun żgurat suq tas-servizzi aktar integrat;

Is-Suq Uniku fl-Ogġetti

15. jirrikonoxxi li għad hemm problema serja fir-rigward tal-infurzar tar-regoli dwar il-prodotti tal-UE, b'wisq prodotti mhux konformi fis-suq. Jissuġġerixxi li hemm ħtieġa urġenti għall-immarkar u l-viżibbiltà ċara u l-evitar tad-duplikazzjoni fl-għadd kbir ta' strumenti li jeżistu jew li huma proposti, biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini u n-negozji jifhmu r-regoli applikabbli u d-drittijiet u l-obbligi tagħhom u anke l-mezzi li huma disponibbli għalihom meta jaħsbu li qed jinkisru r-regoli;

16. jinnota li hemm aktar minn 500 awtorità tas-sorveljanza tas-suq fl-Ewropa kollha, ħafna minnhom b'limitazzjoni tar-riżorsi, u b'deterrenza baxxa ta' ksur ta' regoli attwali. Jirrakkomanda li, flimkien maż-żieda fil-kooperazzjoni u fl-iżgurar ta' netwerks integrati aħjar, jeħtieġ li jiġi allokata aktar finanzjament dirett għal dawn l-oqsma. Jirrakkomanda b'mod qawwi li l-Awtoritajiet Nazzjonali tal-Kompetizzjoni jingħataw ir-riżorsi xierqa u jkunu indipendenti mill-gvern biex iwettqu l-ħidma tagħhom b'mod effettiv, u dan irid ikun appoġġjat b'mod effettiv mis-sistema tal-ġustizzja u l-qrati, filwaqt li jiġu rispettati l-kompetenzi varji ta' dawn l-awtoritajiet fl-Istati Membri. Din hija neċessità assoluta jekk trid tinkiseb l-implimentazzjoni effettiva tal-liġijiet tal-UE fuq il-post.

L-istandards

17. jilqa' l-impenn kontinwu tal-Kummissjoni biex it-28 standard nazzjonali jiġu sostitwiti bi standard Ewropew wieħed. Jilqa' wkoll iktar użu ta' sistemi u proċeduri tal-IT biex jitnaqqas il-piż amministrattiv u tiġi kondiżjona l-informazzjoni mal-partijiet ikkonċernati. Jirrakkomanda li jittieħdu passi adegwati biex jiġi żgurat li l-SMEs ikunu involuti kif suppost fl-iżvilupp tal-istandards biex tiġi żgurata trasparenza adegwata u tiġi evitata d-dominanza possibbli fil-proċess minn kumpaniji jew strutturi akbar;

L-Akkwist Pubbliku

18. jissottolinja li l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom responsabbiltajiet importanti għall-implimentazzjoni tal-politiki u l-leġislazzjoni tal-UE, inkluż fl-oqsma tat-trattament xieraq tal-konsumatur (fejn ikunu qrib taċ-ċittadin) u l-akkwist pubbliku;

19. jappoġġja l-oġettiv tat-titjib tal-kapaċità ta' awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali biex jimplementaw aħjar ir-regoli attwali, iżda jissuġġerixxi li l-kompleksità tal-liġi dwar l-akkwist tista' tkun ostakolu għall-parteċipazzjoni akbar tal-SMEs fil-proċess tal-akkwist pubbliku;

20. jenfasizza li huma importanti li l-Kummissjoni tikkoopera mal-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali jekk irid jintlaħaq l-oġettiv ta' suq tal-akkwisti li huwa kompetittiv, miftuħ u regolat sew. Dan huwa essenzjali jekk il-fondi pubbliċi jridu jintużaw aħjar;

L-Għodod ta' Governanza tas-Suq Uniku

21. jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni għal investiment kontinwu fl-Għodod ta' Governanza tas-Suq Intern eżistenti, bħall-portal "L-Ewropa Tiegħek" u n-netwerk SOLVIT; jemmen li tinħtieġ aktar ħidma biex jiġi promoss l-użu ta' dawn l-għodod fuq il-post, fost iċ-ċittadini, il-konsumaturi u l-awtoritajiet fl-livelli differenti, biex tittejjeb il-faċilità tat-tisjib online ta' dawn l-għodod u tissaħħaħ il-kapaċità tagħhom li jipprovdu informazzjoni aġġornata; jirrakkomanda aktar involviment minn awtoritajiet lokali u reġjonali fl-implimentazzjoni ta' dawn l-għodod ta' governanza bħala mezz kif jittejjeb il-funzjonament tagħhom; fl-istess ħin jinnota li t-titjib fl-għodod imsemmija ma għandux jagħti lok għal piżijiet finanzjarji u amministrattivi għall-awtoritajiet lokali u reġjonali;

⁽²⁾ Opinjoni tal-KtR – Il-pakkett tas-servizzi: ekonomija tas-servizzi li taħdem favur l-Ewropej (ECON-VI/022)

⁽³⁾ http://ec.europa.eu/growth/single-market/services/services-directive/implementation/evaluation_en

L-SMEs u l-Kompetittività

22. jirrikonoxxi li l-SMEs huma s-sinsla tal-ekonomija Ewropea, jirrappreżentaw 99 % tan-negozji kollha fl-UE u huma responsabbli għall-ħolqien ta' aktar minn 85 % tal-impjiegi ġodda f'dawn l-aħħar 5 snin, u li flimkien mal-intraprenditorja jirrappreżentaw is-soluzzjoni għat-tkabbir ekonomiku, l-innovazzjoni u l-ħolqien tal-impjiegi. Jappoġġja talbiet għal qafas stabbli tal-UE wara l-2020 u għall-involviment akbar tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-appoġġ tal-ambjent tan-negozju u l-iżvilupp ta' sħubijiet pubbliċi jew privati⁽⁴⁾;

23. jirrikonoxxi li l-iżgurar li d-diversi programmi tal-UE jikkomplementaw, iżda ma jikkompetux ma', miżuri ta' appoġġ tal-intrapriżi disponibbli fil-livell tal-Istat Membru huwa kwistjoni ewlenija. Għalhekk, jirrakkomanda b'mod qawwi li l-miżuri ta' appoġġ għall-SMEs skont il-Programm tas-Suq Uniku u dawk disponibbli minn korpi nazzjonali u reġjonali jitwettqu permezz ta' Approċċ ta' Punt Uniku ta' Servizz;

24. jinnota l-proposta li l-faċilità ta' garanzija ta' self, li attwalment topera b'hal parti mill-Programm COSME, għandha tiġi allokata taħt il-Fond InvestEU fil-perjodu ta' finanzjament li jmiss. F'dan il-kuntest, jirrakkomanda l-użu kontinwu ta' intermedjarji li għandhom relazzjoni fit-tul ma' SMEs iżda jinsab imħasseb li l-Istati Membri kollha jista' ma jkollhomx l-istrutturi fil-livell nazzjonali jew reġjonali biex jippermettu aċċess għall-fondi ta' garanzija taħt InvestEU. L-SMEs jistgħu jsibuha diffiċli li jaċċessaw il-fondi ta' garanzija ta' self fl-InvestEU jekk il-korpi intermedjarji ma jkollhomx preżenza sostanzjali fit-territorji kollha tal-Istati Membri jirrakkomanda li l-istituzzjonijiet Ewropej jaħdmu mal-Istati biex jiżguraw li l-SMEs jista' jkollhom aċċess uniform għal dan il-finanzjament fl-Istati Membri kollha;

25. jistieden lill-UE tiżgura li hemm element ta' bilanċ reġjonali integrat fil-fondi ta' garanzija taħt l-inizjattiva InvestEU billi dan ikun ta' interess speċjali għall-awtoritajiet lokali u reġjonali, b'mod partikolari dawk li jirrappreżentaw reġjuni żvantaġġati;

26. jitlob aktar kjarifika fir-rigward tal-baġit li huwa allokat għall-garanzija għall-SMEs taħt il-programm COSME u li jsir disponibbli għall-fond ta' garanzija marbut mal-programm InvestEU u kif se jappoġġja l-finanzjament tal-SMEs ta' riskju għoli, b'mod speċjali f'reġjuni aktar remoti u periferiċi;

27. jenfasizza bis-sħiħ il-bżonn li l-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar jissemma b'mod speċifiku, li jibqa' qafas kumplessiv għall-politika tal-UE dwar l-SMEs. Il-linji gwida strateġiċi tiegħu għandhom jitqiesu meta jiġu adottati l-programmi ta' ħidma annwali li jipprovdu appoġġ lill-SMEs. F'dan il-kuntest, iqis li huwa daqstant importanti li jkun hemm referenza għan-Netwerk tar-Rappreżentanti tal-SMEs, fid-dawl tar-rwol tiegħu fl-allinjament tal-politiki kollha fil-livell tal-UE li għandhom impatt fuq l-SMEs. Jenfasizza li l-prinċipju "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir", li jiżgura li l-interessi tal-SMEs jitqiesu fl-istadju bikri ħafna tat-tfassil ta' politiki, għandu japplika għall-Programm tas-Suq Uniku u l-programmi rilevanti kollha tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali l-għdid;

28. jitlob aktar dettall dwar ir-rwol u l-ambizzjoni futura tan-Netwerk Enterprise Europe (EEN), meta jitqiesu l-isfidi għall-SMEs kif stabbiliti mill-Kummissjoni, u kif inhu propost li jiġi adattat in-netwerk biex jilħaq dawn l-isfidi f'era ta' diġitalizzazzjoni u globalizzazzjoni sabiex ikun adattat aħjar għall-ħtiġijiet tan-negozji u aktar allinjat ma' appoġġ provdut mill-Istati Membri;

29. jilqa' l-kontinwazzjoni ta' dak li kien jissejjaħ Erasmus għal Imprendituri Żgħażaġħ (EYE), filwaqt li jinnota li t-titolu nbidel għal "skema ta' mentoring għal imprendituri ġodda" fid-dawl tal-kontribuzzjoni sinifikanti tiegħu għat-tisħiħ tal-ambjent kummerċjali u l-inkoraġġiment ta' mentalità intraprenditorjali. Jappoġġja bis-sħiħ il-possibbiltà li l-ambitu ġeografiku tal-programm jiġi estiż sabiex jipprovdi aktar opportunitajiet għal imprendituri żgħażaġh;

30. jappoġġja b'mod qawwi l-iżvilupp ta' networks ta' ekosistemi u raggruppamenti intraprenditorjali fl-Ewropa, kif iddikjarat preċedentement mill-KtR⁽⁵⁾; jilqa' għalhekk l-impenn tal-Kummissjoni li tkompli tavvanza l-Inizjattivi ta' Raggruppamenti Konġunti u tappoġġja l-iżvilupp ta' attivitajiet konġunti u strateġiji ta' sħubijia transnazzjonali, filwaqt li tipprovdi wkoll il-konnessjonijiet neċessarji maċ-ċentri ta' innovazzjoni diġitali tal-UE;

⁽⁴⁾ Opinjoni tal-KtR – Il-futur tal-programm COSME wara l-2020: il-perspettiva reġjonali u lokali (ECON-VI/027).

⁽⁵⁾ Opinjoni tal-KtR – Spinta lin-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu fl-Ewropa: perspettiva reġjonali u lokali (ECON-VI/021)

31. jindika li l-kwistjoni tal-iffaċilitar tal-aċċess għall-finanzi għall-firxa ta' SMEs l-aktar wiesgħa li joperaw f'territorji differenti hija ta' importanza kruċjali u li l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom rwol fit-tixrid ta' informazzjoni u komunikazzjoni mmirata lill-benefiċjarji dwar strumenti differenti u skemi ta' appoġġ disponibbli għall-SMEs, f'kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet intermedjarji.

32. jirrikonoxxi l-isfidi addizzjonali ffaċċjati mill-SMEs ibbażati f'reġjuni rurali u/jew periferiċi jew f'reġjuni li jridu jindirizzaw sfidi demografiċi, pereżempju, fl-aċċess għal xogħol tas-sengħa u għall-infrastruttura bħall-broadband u forom oħra ta' konnettività, li huma meħtieġa biex tiġi adottata l-innovazzjoni u jiġu mrawwma attivitajiet ta' internazzjonalizzazzjoni. Jitlob aktar ċarezza mill-Kummissjoni dwar kif dawn l-isfidi sinifikanti se jiġu indirizzati mill-programm;

33. ifakkar fl-impenn tal-Kummissjoni Ewropea mar-reġjuni ultraperiferiċi li jitqiesu l-ħtiġijiet speċjali tal-intrapriżi tagħhom fil-pjani futuri ta' appoġġ għall-SMEs biex itejbu l-kompetittività tagħhom fis-swieq internazzjonali, u biex jiġi appoġġjat il-proċess ta' integrazzjoni tagħhom fis-suq intern tal-UE;

Politika dwar il-Kompetizzjoni

34. jilqa' l-impenn kontinwu tal-Kummissjoni biex tiġi żgurata l-kompetizzjoni ġusta fis-suq intern billi tinvesti fl-għodod u fl-għarfien espert biex ir-regoli dwar il-kompetizzjoni fl-ekonomija diġitali jkunu jistgħu jiġu infurzati b'mod effettiv. Jenfasizza b'mod aktar ġenerali l-ħtieġa għal involviment kontinwu u effettiv bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni;

L-Istatistika

35. jirrikonoxxi l-importanza tad-disponibilità tal-istatistika ta' kwalità għolja biex jiġi sostnut it-teħid tad-deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza, u jixħet dubju fuq l-integrazzjoni tal-Programm Ewropew tal-Istatistika (ESP) fil-Programm tas-Suq Uniku minħabba l-importanza tal-viżibbiltà u l-indipendenza tal-programm statistiku. Jinnota li, fil-livell lokali u reġjonali, hemm nuqqas ta' statistika ta' granularità u tempestività suffiċjenti u jistieden lill-Eurostat, l-assoċjazzjoni ma' istituti statistiċi nazzjonali, biex jindirizza din il-kwistjoni;

36. jirrakkomanda li l-Programm Ewropew futur tal-Istatistika jżomm il-forma legali attwali tiegħu, jiġifieri li jiġi stabbilit permezz ta' regolament individwali u indipendenti;

37. jilqa' b'sodisfazzjon li l-indikaturi dwar ir-reġjuni, b'mod partikolari dwar ir-reġjuni ultraperiferiċi, ġew inklużi fl-azzjonijiet eliġibbli għall-finanzjament taħt il-Programm Ewropew tal-Istatistika; jitlob li minbarra l-forniment tal-informazzjoni diġà disponibbli, tinġabar data addizzjonali u jifasslu indikaturi ġodda u iżjed adatti u li huma iktar indikattivi taċ-ċirkustanzi tar-reġjuni ultraperiferiċi, sabiex ikunu wkoll eliġibbli għall-finanzjament taħt il-Programm;

Il-Konsumaturi, il-Protezzjoni tal-Konsumatur u l-Politika dwar l-Ikel

38. jilqa' l-impenn fil-programm il-ġdid li jiġu infurzati d-drittijiet tal-konsumatur u jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur, is-sigurtà tal-prodott u l-assistenza għall-konsumaturi meta jiffaċċjaw problemi. Jinnota li l-għodod stabbiliti fil-programm se jwissu lill-konsumaturi dwar prodotti perikolużi u se jipprovdu ċentri tal-konsumaturi online biex jgħinu liċ-ċittadini jsoġu l-problemi iżda jissuġġerixxi li rappreżentanza effettiva u msaħħa għall-konsumaturi permezz ta' finanzjament adegwat ta' korpi indipendenti ssaħħa il-kapaċità ta' dawn il-korpi biex jinvolvu ruħhom b'mod effettiv fi kwistjonijiet tas-suq uniku li jaffettwaw il-konsumaturi, inkluż l-aċċess għall-ġustizzja;

39. japprezza r-rikonoxximent li ċ-ċittadini huma partikolarment affettwati mill-funzjonament tas-swieq tas-servizzi finanzjarji u jenfasizza l-ħtieġa li l-Programm jappoġġja b'mod effettiv id-drittijiet tal-konsumatur u s-sensibilizzazzjoni f'dan il-qasam. Jinnota l-impenn li jkompli jiġi appoġġjat l-involvement imsaħħa tal-konsumaturi fit-tfassil ta' politiki tal-Unjoni fis-servizzi finanzjarji u miżuri biex jiġi promoss fehim aħjar tas-settur finanzjarju. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tibni fuq din il-ħidma f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi mill-UE kollha;

40. jenfasizza, barra minn hekk, il-ħtieġa li jiġi żgurat finanzjament adegwat għall-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi sabiex ikunu jistgħu jiddefendu b'mod effettiv l-interessi tal-konsumaturi u jaġixxu bħala entitajiet kwalifikati fi ħdan proċeduri ta' rimedju kollettiv. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, b'mod speċjali fi Stati Membri iżgħar, huma partikolarment ikkonċernati;

41. jilqa' l-introduzzjoni ta' "Food strand" (fergħa tal-ikel) speċifiku fil-Programm tas-Suq Uniku l-ġdid. Bħala l-akbar settur tal-manifattura fl-UE, l-industrija tal-ikel u x-xorb teħtieġ katina ta' provvista b'saħħitha, kompetittiva u sostenibbli, sostnuta minn qafas regolatorju stabbli u minn funzjonament imtejjeb ta' rikonossiment reċiproku foqasma mhux armonizzati;

42. itenni t-talba tiegħu għal miżuri ta' politika biex jiġi stimulat u sostnut l-iżvilupp tal-produzzjoni tal-ikel u sistemi tal-konsum li jappoġġjaw prattiki tal-produzzjoni sostenibbli, u għaldaqstant inaqqsu l-impatt fuq l-ambjent u jsaħħu s-sigurtà alimentari bi prodotti ta' kwalità bi prezzijiet raġjonevoli, kif espress fl-opinjoniġiet preċedenti tiegħu ⁽⁶⁾; jixtieq jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-akkwist pubbliku tal-ikel jista' jkun katalista għat-tmexxija tal-produzzjoni tal-ikel lejn triq aktar sostenibbli; jirrakkomanda għalhekk miżuri biex jiġi faċilitat it-taħriġ tal-uffiċjali tal-akkwist pubbliku tal-ikel u l-ħolqien ta' networks biex jiġu appoġġjati awtoritajiet kompetenti nazzjonali, reġjonali u lokali;

Approċċ ta' Programmazzjoni

43. jirrikonoxxi li l-approċċ ta' programmazzjoni l-ġdid propost mill-Kummissjoni għandu, fi prinċipju, iġib effiċjenzi u ffrankar tal-ispejjeż, jipprovdi grad ta' flessibbiltà fil-linji baġitarji b'reazzjoni għal ċirkostanzi li qed jinbidlu u jtejjeb it-twassil u t-twettiq; jinnota li din hija primarjament kwistjoni ta' koordinazzjoni amministrattiva interna u mhuwiex ċar li approċċ ta' programm uniku jiġġenera waħdu s-sinerġiji u l-iffrankar tal-ispejjeż neċessarji;

44. jinnota li l-linji baġitarji inklużi fil-programm jinvolvu numru ta' Direttorati Ġenerali u jsaqsi kif dan se jaħdem fil-prattika. Jinnota li l-oġġettiv tal-ilħuq tal-flessibbiltà tal-linji baġitarji jaf ikun diffiċli fil-prattika billi l-istrutturi għal dan għadhom ma ġewx definiti;

45. jenfasizza li hemm nuqqas ta' trasparenza fil-linji baġitarji billi fxi każijiet l-ispejjeż amministrattivi huma delineati b'mod ċar iżda f'każijiet oħra mhumiex. Jipproponi li tip ta' baġit ta' assistenza teknika għandu jiġi stabbilit b'mod aktar ċar sabiex l-ispejjeż ta' programmazzjoni jiġu sseparati minn dawk assoċjati mat-twettiq ta' miżuri attwali.

Brussell, il-5 ta' Diċembru 2018.

Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni
Karl-Heinz LAMBERTZ

⁽⁶⁾ Opinjoni tal-KtR – Lejn politika dwar ikel sostenibbli fl-UE (NAT-VI/014),

Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Il-programm Ewropa Diġitali (2021-2027)

(2019/C 86/14)

Relatur:	Is-Sur MARKKULA (FI/PPE), Membru tal-Kunsill tal-Belt ta' Espoo
Dokument ta' referenza:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm Ewropa Diġitali għall-perjodu 2021-2027
	COM(2018) 434 final
	Dokument ta' Ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni – Sommarju Eżekuttiv tal-Valutazzjoni tal-Impatt li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm Ewropa Diġitali
	SWD(2018) 306 final
	Commission Staff Working Document Impact Assessment Accompanying the document Proposal for a Regulation of the European Parliament and of the Council establishing the Digital Europe programme for the period 2021-2027 (Mhux disponibbli bil-Malti)
	SWD(2018) 305 final

I. RAKKOMANDEZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU EMENDI

Emenda 1

Artikolu 2 – punt (e)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
(e) "Hub ta' Innovazzjoni Diġitali" tfisser entità ġuridika maħtura jew magħżula fi proċedura miftuħa u kompetittiva sabiex twettaq il-kompiti taħt il-Programm, b'mod partikolari billi ttipprovi aċċess għall-għarfien espert teknoloġiku u għall-faċilitajiet ta' esperimentazzjoni, bħal tagħmir u għodod ta' softwer li jippermettu t-trasformazzjoni diġitali tal-industrija.	(e) "Hub ta' Innovazzjoni Diġitali" tfisser entità ġuridika jew konsorzju ta' entitajiet ġuridiċi maħtura jew magħżula fi proċedura miftuħa u kompetittiva sabiex twettaq il-kompiti taħt il-Programm, b'mod partikolari billi ttipprovi aċċess għall-għarfien espert teknoloġiku u għall-faċilitajiet ta' esperimentazzjoni, bħal tagħmir u għodod ta' softwer li jippermettu t-trasformazzjoni diġitali tal-industrija.

Raġuni

Meta jkun qiegħed jiġi stabbilit in-netwerk tal-Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali, huwa importanti li jkun hemm kopertura suffiċjenti għar-reġjuni kollha; il-mira hija li jkun hemm DIH f'kull reġjun. L-għoti tal-possibbiltà li konsorzju jmessi d-DIH isaħħaħ il-bażi tan-netwerk billi jiġu involuti diversi partijiet interessati, bħal universitajiet, ċentri tar-riċerka, ċentri ta' innovazzjoni, eċċ.

Il-proċedura ta' evalwazzjoni għandha tassigura li n-netwerk jibqa' b'bilanċjat tajjeb kemm reġjonalment kif ukoll fuq livell tematiku, waqt li jkun kapaċi jipprovi servizzi ta' kwalità għolja. Il-proċedura tal-għażla għall-entitajiet kandidati għandha titwettaq mill-perspettiva tan-netwerk sħiħ sabiex ikunu jistgħu jinħolqu sinerġiji effettivi bejn id-DIHs. Din hija raġuni tajba oħra sabiex tingħata l-opportunità lil konsorzju ta' entitajiet ġuridiċi sabiex imexxi DIH.

Ir-rekwiżit ta' entità ġuridika jimponi restrizzjonijiet bla bżonn, li hija r-raġuni għaliex jeħtieġ li tingħata aktar flessibilità għall-arranġamenti prattiċi. Sabiex jiġu enfasizzati l-istrutturi sempliċi, il-koordinazzjoni tista' tiġi assenjata wkoll lil entità ġuridika f'konsorzju jew netwerk ta' entitajiet ġuridiċi.

Emenda 2

Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Il-Programm għandu l-objettiv ġenerali li ġej: li jappoġġa t-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija u tas-soċjetà Ewropea u li jgħib l-benefiċċji tagħha liċ-ċittadini u lin-negozji Ewropej. Il-Programm se:</p> <p>(a) isaħħaħ il-kapaċitajiet tal-Ewropa f'oqsma ta' teknoloġija diġitali prinċipali permezz ta' iskjerament fuq skala kbira,</p> <p>(b) iwessa' t-tixrid u l-adozzjoni tagħhom f'oqsma ta' interess pubbliku u fis-settur privat.</p>	<p>Il-Programm għandu l-objettiv ġenerali li ġej: li jappoġġa t-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija u tas-soċjetà Ewropea fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropew u li jgħib l-benefiċċji tagħha liċ-ċittadini u lin-negozji Ewropej. Il-Programm se:</p> <p>(a) isaħħaħ il-kapaċitajiet tal-Ewropa f'oqsma ta' teknoloġija diġitali prinċipali permezz ta' iskjerament fuq skala kbira,</p> <p>(b) iwessa' t-tixrid u l-adozzjoni tagħhom f'oqsma ta' interess pubbliku u fis-settur privat,</p> <p>(c) iħaffef it-trasformazzjoni diġitali billi jżid il-kollaborazzjoni lokali u s-sħubiji Ewropej.</p>

Raġuni

Fuq il-bażi tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, id-DEP jeħtieġ li jkopri l-governanza f'diversi livelli. L-eżiti tad-DEP jistgħu jintlaħqu b'implimentazzjoni effettiva fil-livell tal-ibliet u r-reġjuni, b'kollaborazzjoni mill-qrib bejn l-universitajiet, stabbilimenti edukattivi u istituzzjonijiet tar-riċerka oħra kif ukoll mal-industriji lokali. Il-governanza f'diversi livelli hija importanti sabiex tingħalaq il-qasma fl-innovazzjoni Ewropea. Pereżempju, l-ekosistemi ta' computing ta' prestazzjoni għolja madwar l-UE kollha jistgħu jiżiedu bil-ġhajna tad-DEP sabiex ikopru s-segmenti kollha tal-katina tal-valur xjentifiku u industrijali.

Emenda 3

Artikolu 5 – punt (d) ġdid u (e) ġdid

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p><i>Intelliġenza Artifiċjali</i></p> <p>L-intervent finanzjarju mill-Unjoni skont l-Objettiv Speċifiku 2. L-intelliġenza artifiċjali għandha ssegwi l-objettivi operazzjonali li ġejjin:</p>	<p><i>L-Intelliġenza Artifiċjali</i></p> <p>L-intervent finanzjarju mill-Unjoni skont l-Objettiv Speċifiku 2. L-intelliġenza artifiċjali għandha ssegwi l-objettivi operazzjonali li ġejjin:</p> <p>(d) ittejjeb il-kwalità u l-ammont tad-data sabiex tapoġġja u tħaffef it-trasformazzjoni diġitali sabiex tinholq l-ekonomija tal-pjattaformi diġitali;</p> <p>(e) jiżied l-użu tat-teknoloġiji, jiġu żviluppatti mudelli kummerċjali innovattivi, jiżied l-għarfien tal-utenti u jitqassar iż-żmien mill-innovazzjoni għas-suq;</p>

Raġuni

It-trasformazzjoni għall-ekonomija ċirkolari hija riżultat tad-diġitalizzazzjoni. Jeħtieġ li noħolqu kundizzjonijiet favorevoli sabiex tiġi indirizzata din l-isfida u sfidi ewlenin oħra tas-soċjetà. Jeħtieġ li jiġi kkunsidrat ir-rwol li qiegħed jinbidel tal-bliet, taċ-ċittadini u tad-dinja tan-negozju.

F'dan l-iżvilupp, il-kwalità u l-ammont tad-data neċċessarji huma essenzjali. L-ewwel nett, jeħtieġ li nipprovdur l-metrika korretta sabiex titkejjel il-kwalità tad-data. It-tieni, jistgħu jiġu żviluppati algoritmi sabiex tiġi vvalutata l-kwalità tad-data, jiġu identifikati l-outliers tad-data li ma għandhomx jintużaw fl-analiżi u tiġi kkoreġuta l-informazzjoni bil-għan li jinkisbu risposti aktar robusti mill-algoritmi. It-tielet, il-kwalità tad-data tista' tittejjeb permezz ta' miżuri sabiex jittejjbu l-kompletezza, il-komparabbiltà u l-iskedi taż-żmien tal-flussi tad-data li għandhom jintużaw fis-servizzi diġitali bbażati fuq l-IA fil-livell ta' gvern nazzjonali u subnazzjonali.

Dawn il-miżuri mhumiex imsemmija espliċitament fid-DEP, għalkemm fit-test hemm referenza għall-integrità tad-data u għall-kunfidenzjalità tad-data u hemm referenzi għar-rwol ġenerali tal-libreriji tas-software u tal-algoritmi.

Jeħtieġ li l-kwalità u l-integrità tad-data jkunu kkomplementati wkoll minn miżuri sabiex tinżamm l-integrità tad-drittijiet tal-individwi għall-informazzjoni tagħhom u sabiex tiġi żgurata l-kwalità f'dak li jirrigwarda l-abbiltà li jżommu livell adegwat ta' sigurtà għall-informazzjoni u d-data personali.

Emenda 4

Artikolu 7

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>L-intervent finanzjarju mill-Unjoni skont l-Objettiv Speċifiku 4. Il-Ħiliet Diġitali Avanzati għandhom jappoġġaw l-iżvilupp ta' ħiliet diġitali avanzati f'oqsma appoġġati minn dan il-programm biex b'hekk jikkontribwixxu biex tikber il-ġabra ta' talenti fl-Ewropa, irawmu aktar professjonaliżmu, b'mod speċjali fir-rigward tal-computing ta' prestazzjoni għolja, l-analitika tal-big data, iċ-ċibersigurtà, it-teknoloġiji ta' reġistru distribwit, ir-robotika u l-intelliġenza artifiċjali. L-intervent finanzjarju għandu jsegwi l-objettivi operazzjonali li ġejjin:</p> <p>(a) jappoġġa t-tfassil u t-twassil ta' taħriġ fit-tul u korsijiet għal-istudenti, il-professjonisti tal-IT u l-forza tax-xogħol;</p> <p>(b) jappoġġa t-tfassil u t-twassil ta' taħriġ u korsijiet ta' terminu qasir għall-impreduturi, il-mexxejja tan-negozji ż-żgħar u l-forza tax-xogħol;</p> <p>(c) jappoġġa t-taħriġ fuq il-post tax-xogħol u apprendistati għall-istudenti, l-intrapreduturi żgħażaġh u l-gradwati.</p>	<p>L-intervent finanzjarju mill-Unjoni skont l-Objettiv Speċifiku 4. Il-Ħiliet Diġitali Avanzati għandhom jappoġġaw l-iżvilupp ta' ħiliet diġitali avanzati f'oqsma appoġġati minn dan il-programm u b'mod li huwa sensittiv għall-ġeneru, biex b'hekk jikkontribwixxu biex tikber il-ġabra ta' talenti fl-Ewropa, irawmu aktar professjonaliżmu, b'mod speċjali fir-rigward tal-computing ta' prestazzjoni għolja, l-analitika tal-big data, iċ-ċibersigurtà, it-teknoloġiji ta' reġistru distribwit, ir-robotika u l-intelliġenza artifiċjali. L-intervent finanzjarju għandu jsegwi l-objettivi operazzjonali li ġejjin:</p> <p>(a) jappoġġa t-tfassil u t-twassil ta' taħriġ fit-tul u korsijiet għal-istudenti, il-professjonisti tal-IT u l-forza tax-xogħol;</p> <p>(b) jappoġġa t-tfassil u t-twassil ta' taħriġ u korsijiet ta' terminu qasir għall-impreduturi, il-mexxejja tan-negozji ż-żgħar u l-forza tax-xogħol;</p> <p>(c) jappoġġa t-taħriġ fuq il-post tax-xogħol u apprendistati għall-istudenti, l-intrapreduturi żgħażaġh u l-gradwati.</p>

Raġuni

Huwa importanti li jiġi żgurat li s-sistema tal-formazzjoni tal-ħiliet diġitali ta' għada tqis ukoll il-perspettiva tal-ġeneru, biex tiġi żgurata soċjetà diġitali inklużiva ta' għada.

Emenda 5

Artikolu 8 – paragrafu 1 – punti (a), (g) u (j) ġodda

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p><i>L-iskjerament, l-aħjar użu tal-kapaċitajiet diġitali u l-Interoperabbiltà</i></p> <p>L-intervent finanzjarju mill-Unjoni skont l-Objettiv Speċifiku 5. L-iskjerament, l-aħjar użu tal-kapaċitajiet diġitali u l-Interoperabbiltà għandhom jiksbu l-objettivi operazzjonali li ġejjin:</p> <p>(a) jiżguraw li s-settur pubbliku u oqsma ta' interessi pubbliċi, bħalma huma s-saħħa u l-kura, l-edukazzjoni, il-ġudikatura, it-trasport, l-enerġija, l-ambjent, is-setturi kulturali u kreattivi, jistgħu jiskjeraw u jaċċessaw teknoloġiji diġitali avvanzati, b'mod partikolari l-computing ta' prestazzjoni għolja, l-intelliġenza artifiċjali u ċ-ċibersigurtà;</p> <p>(g) jiżguraw il-kapaċità kontinwa fil-livell tal-Unjoni li josservaw, janalizzaw u jadattaw ix-xejriet diġitali li qed jevolvu malajr, kif ukoll il-kondiviżjoni u l-integrazzjoni tal-aħjar prattiki;</p>	<p><i>L-iskjerament, l-aħjar użu tal-kapaċitajiet diġitali u l-Interoperabbiltà</i></p> <p>L-intervent finanzjarju mill-Unjoni skont l-Objettiv Speċifiku 5. L-iskjerament, l-aħjar użu tal-kapaċitajiet diġitali u l-Interoperabbiltà għandhom jiksbu l-objettivi operazzjonali li ġejjin:</p> <p>(a) jiżguraw li s-settur pubbliku u oqsma ta' interessi pubbliċi, bħalma huma s-saħħa u l-kura, l-edukazzjoni, il-ġudikatura, l-ippjanar urban, it-trasport, l-enerġija, ir-riżorsi naturali, il-forestrija, l-ikel, l-ambjent, is-setturi kulturali u kreattivi, jistgħu jiskjeraw u jaċċessaw teknoloġiji diġitali avvanzati, b'mod partikolari l-computing ta' prestazzjoni għolja, l-intelliġenza artifiċjali, is-sigurtà tal-informazzjoni u ċ-ċibersigurtà;</p> <p>(g) jiżguraw il-kapaċità kontinwa fil-livell reġjonali, nazzjonali u Ewropew li josservaw, janalizzaw u jadattaw ix-xejriet diġitali li qed jevolvu malajr, kif ukoll il-koħolqien ta' soluzzjonijiet diġitalizzati ġodda, il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u l-integrazzjoni tal-kultura ta' tagħlim komparattiv;</p> <p>(j) jintegraw l-attivitajiet ta' mobilizzazzjoni tal-programm Ewropa Diġitali fl-istrateġiji reġjonali tal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti, Ewropa Orizzont u in-izjattivi u sħubijiet Ewropej ewlenin oħra.</p>

Raġuni

L-ippjanar urban, il-forestrija u l-ikel jeħtieġ li jiġu inklużi fil-lista taħt il-punt (a), billi huma importanti għall-iżvilupp kollu tas-soċjetà. Is-soluzzjonijiet diġitali intelliġenti u sostenibbli fl-oqsma tal-immaniġġjar sostenibbli tal-iżvilupp urban, ir-riżorsi naturali, il-produzzjoni alimentari u l-forestrija għandhom rwol strateġiku sabiex jiġu indirizzati diversi sfidi ambjentali relatati mat-tibdil fil-klima.

Kif sostna l-KtR fil-prijoritajiet tiegħu għat-terminu attwali 2015-2020, fl-implimentazzjoni tas-Suq Uniku Diġitali li jiffunzjona b'mod sħiħ huma meħtieġa approċċ minn isfel għal fuq, mentalità imprenditorjali u investimenti mmirati.

Emenda 6

Artikolu 13 – paragrafu 3 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<i>Sinerġiji ma' programmi oħra tal-Unjoni</i>	<p><i>Sinerġiji ma' programmi oħra tal-Unjoni</i></p> <p>3. Il-Programm se jappoġġja l-kollaborazzjoni u s-sħubijiet reġjonali u Ewropej sabiex jespandi s-soluzzjonijiet diġitali innovattivi u jassigura s-sinerġiji mal-istrateġiji reġjonali.</p>

Raġuni

Il-KtR jirrimarka li l-valutazzjoni tal-impatt tagħmel diversi referenzi għal politiki u programmi tal-UE bħall-FEŻR, il-FSE+, il-FNE, eċċ. li huma essenzjali sabiex jintlaħqu l-għanijiet u l-obiettivi tad-DEP. L-użu sinerġiku tal-istrumenti tal-UE u mekkaniżmi u finanzjament lokali/reġjonali huwa enfasizzat b'mod qawwi fil-politika tal-UE. Madankollu, ma hemmx proċeduri u mekkaniżmi ċari f'dan id-DEP sabiex jindirizzaw il-mod kif għandha tiġi rranġata l-interazzjoni bejn dawn l-istrumenti fil-livelli kollha tal-gvern. Ma hemm l-ebda referenza għad-dispożizzjonijiet dwar sħubija jew MLG. Għalhekk, f'dan l-artikolu jeħtieġ li jiġi inkluż ir-rwol importanti tar-reġjuni. Fil-politika tagħha, il-Kummissjoni tal-UE tissottolinja r-rwol kruċjali tal-istrateġiji reġjonali ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti bħala strument naturali sabiex jiżiedu l-kollaborazzjoni u s-sħubiji Ewropej fil-livell reġjonali. Dan jeħtieġ li jiġi appoġġat mid-DEP.

Emenda 7

Artikolu 16 – paragrafi 1, 2, 3 u 4

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p><i>Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali</i></p> <p>1. Matul l-ewwel sena tal-implimentazzjoni tal-Programm, għandu jiġi stabbilit netwerk inizjali tal-Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali.</p> <p>2. Għall-fini tal-istabbiliment tan-netwerk imsemmi fil-paragrafu 1, kull Stat Membru għandu jinnomina entitajiet kandidati permezz ta' proċess miftuħ u kompetittiv, abbażi tal-kriterji li ġejjin:</p> <p>(a) kompetenzi xierqa relatati mal-funzjonijiet tal-Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali;</p> <p>(b) il-kapaċità ta' ġestjoni xierqa, il-persunal u l-infrastruttura;</p>	<p><i>Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali Ewropej</i></p> <p>1. Matul l-ewwel sena tal-implimentazzjoni tal-Programm, għandu jiġi stabbilit netwerk inizjali ta' Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali Ewropej. Il-Hubs f'dan in-netwerk għandhom rwol reġjonali b'saħħtu sabiex iżidu l-kollaborazzjoni Ewropea.</p> <p>2. Għall-fini tal-istabbiliment tan-netwerk imsemmi fil-paragrafu 1, kull Stat Membru għandu jinnomina entitajiet kandidati permezz ta' proċess miftuħ u kompetittiv, abbażi tal-kriterji li ġejjin:</p> <p>(a) kompetenzi xierqa relatati mal-funzjonijiet tal-Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali, inklużi l-kapaċità u l-kompetenzi fir-rigward tar-riċerka u l-iżvilupp, l-infrastruttura, il-protezzjoni tad-data, is-sigurtà u l-innovazzjoni;</p> <p>(b) il-kapaċità ta' ġestjoni xierqa, il-persunal u l-infrastruttura;</p>

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>(c) il-mezzi operattivi u legali biex jiġu applikati r-regoli ta' ġestjoni amministrattiva, kuntrattwali u finanzjarji stabiliti fuq livell ta' Unjoni;</p> <p>(d) garanziji finanzjarji xierqa, preferibbilment maħruġa minn awtorità pubblika, korrispondenti għal-livell ta' fondi tal-Unjoni li hija se tkun imsejħa li tamministra.</p>	<p>(c) il-mezzi operattivi u legali biex jiġu applikati r-regoli ta' ġestjoni amministrattiva, kuntrattwali u finanzjarji stabiliti fuq livell ta' Unjoni;</p> <p>(d) garanziji finanzjarji xierqa, preferibbilment maħruġa minn awtorità pubblika, korrispondenti għal-livell ta' fondi tal-Unjoni li hija se tkun imsejħa li tamministra;</p>
<p>3. Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni dwar l-għażla tal-entitajiet li jiffurmaw in-netwerk inizjali. Dawn l-entitajiet għandhom jintgħażlu mill-Kummissjoni minn fost l-entitajiet kandidati innominati mill-Istati Membri abbażi tal-kriterji msemmija fil-paragrafu 2 u l-kriterji addizzjonali li ġejjin:</p> <p>(a) il-baġit disponibbli għall-finanzjament tan-netwerk inizjali;</p> <p>(b) il-ħtieġa li n-netwerk inizjali jiżgura kopertura tal-ħtiġijiet tal-industrija u l-oqsma ta' interess pubbliku u kopertura ġeografika bbilanċjata u komprensiva.</p>	<p>(e) L-allinjament mal-istrateġiji reġjonali.</p> <p>3. Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni dwar l-għażla tal-entitajiet li jiffurmaw in-netwerk inizjali. Dawn l-entitajiet għandhom jintgħażlu mill-Kummissjoni minn fost l-entitajiet kandidati innominati mill-Istati Membri abbażi tal-kriterji msemmija fil-paragrafu 2 u l-kriterji addizzjonali li ġejjin:</p> <p>(a) il-baġit disponibbli għall-finanzjament tan-netwerk inizjali;</p> <p>(b) il-ħtieġa li n-netwerk inizjali jiżgura kopertura tal-ħtiġijiet tal-industrija u l-oqsma ta' interess pubbliku u kopertura ġeografika bbilanċjata u komprensiva fl-UE u l-Istati Membri kollha.</p>
<p>4. Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali addizzjonali għandhom jintgħażlu fuq il-bażi ta' proċess miftuħ u kompetittiv, b'mod li jiżgura l-aktar kopertura ġeografika wiesgħa madwar l-Ewropa. L-għadd ta' entitajiet tan-netwerk għandu jkun proporzjonat għall-popolazzjoni ta' Stat Membri partikolari u għandu jkun hemm mill-inqas Hub ta' Innovazzjoni Diġitali waħda għal kull Stat Membru. Biex jiġu indirizzati l-limitazzjonijiet speċifiċi affaċċjati mir-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE, jistgħu jiġu nominati entitajiet speċifiċi biex ikopru l-ħtiġijiet tagħhom.</p>	<p>4. Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali addizzjonali għandhom jintgħażlu fuq il-bażi ta' proċess miftuħ u kompetittiv, b'mod li jiżgura l-aktar kopertura ġeografika wiesgħa madwar ir-reġjuni fl-Ewropa. L-għadd ta' entitajiet tan-netwerk għandu jkun proporzjonat għall-popolazzjoni ta' Stat Membri partikolari u għandu jkun hemm mill-inqas Hub ta' Innovazzjoni Diġitali waħda għal kull Stat Membru. Biex jiġu indirizzati l-limitazzjonijiet speċifiċi affaċċjati mir-reġjuni b'popolazzjoni baxxa u ultraperiferiċi tal-UE, jistgħu jiġu nominati entitajiet speċifiċi biex ikopru l-ħtiġijiet tagħhom.</p>

Raġuni

F'termini ta' tħaffif tat-trasformazzjoni diġitali, id-DIHs mhux biss jiżviluppaw iżda wkoll iwasslu u jgħinu sabiex jiġu skjerati teknoloġiji innovattivi fl-amministrazzjoni pubblika u l-industriji privati, kif ukoll jappoġġaw ir-rwol li qiegħed jinbidel tal-ibliet u r-reġjuni. Minbarra li jipprovdu aċċess għal dawn is-soluzzjonijiet, id-DIHs jistgħu jgħinu sabiex tinbena kapaċità adegwata għall-gruppi differenti ta' atturi sabiex jimplementaw soluzzjonijiet teknoloġiċi innovattivi fil-pjattaformi diġitali tagħhom u jappoġġaw it-tfassil ta' infrastruttura speċifika tas-servizzi diġitali billi jużaw is-servizzi ta' analiżi tad-data. Għal dawn ir-raġunijiet, jeħtieġ li tiġi enfasizzata n-natura Ewropea b'saħħitha tad-DIHs u dawn il-Hubs għandhom jissejħu Hubs Diġitali Ewropej.

Il-kapaċità u l-kompetenzi fil-validazzjoni tat-teknoloġiji u l-użu tal-aħħar għarfien tar-R&Ż huma kriterji essenzjali sabiex jintgħażlu l-aħjar entitajiet kandidati.

Il-valutazzjoni tal-impatt tiddikjara b'mod ċar li d-DIHs għandu jkollhom dimensjoni reġjonali b'saħħitha (b'mod partikolari għall-SMEs). Madankollu, dan mhuwiex riflless fil-proposta leġiżlattiva. Is-suċċess tad-DIHs għandu jkun mibni fuq kollaborazzjoni reġjonali effettiva, ibbażata fuq strateġiji reġjonali bħall-RIS3.

Meta jkun qiegħed jiġi stabbilit in-netwerk tad-DIHs, huwa importanti li jkun hemm kopertura suffiċjenti għar-reġjuni kollha; il-mira hija li jkun hemm DIH f'kull reġjun.

Il-proċedura ta' evalwazzjoni għandha tassicura li n-netwerk jibqa' b'bilanċjat tajjeb kemm reġjonalment kif ukoll fuq livell tematiku, waqt li jkun kapaċi jipprovdi servizzi ta' kwalità għolja. Il-proċedura tal-għażla għall-entitajiet kandidati għandha titwettagħ mill-perspettiva tan-netwerk sħiħ sabiex ikunu jistgħu jinħolqu sinerġiji effettivi bejn id-DIHs.

Emenda 8

Artikolu 20 – paragrafu 1 – punti (d) u (e) ġdid

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<i>Il-kriterji tal-ġhoti</i>	<i>Il-kriterji tal-ġhoti</i>
Il-kriterji tal-ġhoti għandhom ikunu ddefiniti fil-programmi ta' ħidma u fis-sejthiet għall-proposti, filwaqt li jitqiesu bħala minimu l-elementi li ġejjin:	Il-kriterji tal-ġhoti għandhom ikunu ddefiniti fil-programmi ta' ħidma u fis-sejthiet għall-proposti, filwaqt li jitqiesu bħala minimu l-elementi li ġejjin:
(a) il-maturità tal-azzjoni fl-iżvilupp tal-proġett;	(a) il-maturità tal-azzjoni fl-iżvilupp tal-proġett;
(b) kemm hu tajjeb il-pjan ta' implimentazzjoni propost;	(b) kemm hu tajjeb il-pjan ta' implimentazzjoni propost;
(c) l-effett stimolanti tal-appoġġ tal-Unjoni fuq l-investiment pubbliku u privat, meta applikabbli;	(c) l-effett stimolanti tal-appoġġ tal-Unjoni fuq l-investiment pubbliku u privat, meta applikabbli;
(d) il-ħtieġa li jingħeleb xkiel finanzjarju bħan-nuqqas ta' finanzi fis-suq;	(d) l-użu sinerġiku ta' strumenti differenti ta' finanzjament u l-ħtieġa li jingħeleb xkiel finanzjarju bħan-nuqqas ta' finanzi fis-suq;
(e) fejn applikabbli, l-impatt ekonomiku, soċjali, fuq il-klima u dak ambjentali, u l-aċċessibbiltà;	(e) fejn applikabbli, l-integrazzjoni tal-proġett mal-istrategġiji reġjonali;
(f) fejn applikabbli, dimensjoni trans-Ewropea;	(f) fejn applikabbli, l-impatt ekonomiku, soċjali, fuq il-klima u dak ambjentali, u l-aċċessibbiltà;
(g) fejn applikabbli, distribuzzjoni ġeografika bilanċjata fl-Unjoni kollha, inkluż fir-reġjuni ultraperiferiċi.	(g) fejn applikabbli, dimensjoni trans-Ewropea;
(h) meta jkun applikabbli, il-preżenza ta' pjan ta' sostenibbiltà fit-tul.	(h) fejn applikabbli, distribuzzjoni ġeografika bilanċjata fl-Unjoni kollha, inkluż fir-reġjuni ultraperiferiċi.
	(i) meta jkun applikabbli, il-preżenza ta' pjan ta' sostenibbiltà fit-tul.

Raġuni

Il-KtR jissottolinja li 70 % tal-leġislazzjoni tal-UE tiġi implimentata fil-livell lokali u reġjonali u jenfasizza s-sinerġiji bejn programmi, strumenti finanzjarji u strategġiji reġjonali differenti tal-UE. L-Istrategġiji Reġjonali ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti kienu strumenti utli u importanti għat-trasformazzjoni ekonomika u għall-kondivizzjoni tal-aħjar prattiki permezz ta' shubijj Ewropej.

II. RAKKOMANDEZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

1. jilqa' l-proposta leġislattiva tal-Kummissjoni Ewropea għall-programm Ewropa Diġitali (DEP) ġdid. Din hija l-ewwel darba li l-Kummissjoni pproponiet pakkett li jintegra d-diġitalizzazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni fil-programmi ewlenin kollha tal-UE u fl-iżvilupp soċjali wiesa' Ewropew. Ir-rwol ċentrali tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-implimentazzjoni tad-DEP għandu jiġi kkunsidrat fil-miżuri kollha sabiex jitħaffef l-iżvilupp tas-Suq Uniku Diġitali (DSM);
2. jindika r-rwol kruċjali tan-nies, in-negozji u l-ħiliet sabiex jiġu mmassimizzati l-benefiċċji li għandhom jinkisbu mid-DSM. Fir-rigward tal-implimentazzjoni tad-DEP, il-KtR jenfasizza li t-tlestija tad-DSM tal-UE teħtieġ ukoll ambjent legali ċar u stabbli u kundizzjonijiet favorevoli sabiex jstimulaw l-innovazzjoni, jindirizzaw il-frammentazzjoni tas-suq u jippermettu lill-atturi kollha li jisfruttaw id-dinamika ġdida tas-suq;
3. jenfasizza r-rwol kruċjali tad-DEP, billi jsir programm solidu ta' investiment u żvilupp sabiex jikkapitalizza l-opportunitajiet meħtieġa u maħluqa sabiex jinkiseb DSM li jiffunzjona b'mod sħiħ. Il-mistoqsija ewlenija hija kif jista' d-DEP isir tant attraenti li l-bliet u r-reġjuni – flimkien mal-industriji, l-universitajiet u ċ-ċittadini tagħhom – iħaffu t-trasformazzjoni diġitali u ekonomika madwar l-Ewropa kollha billi jżidu b'mod konsiderevoli l-investiment pubbliku u privat fil-kapital uman u fiżiku;
4. jissottolinja l-importanza li jitneħħew l-ostakoli regolatorji, titnaqqas il-burokrazzja u tiġi modernizzata r-regolamentazzjoni tal-UE, li huma fatturi ewlenin sabiex tiġi assicurata industrija Ewropea kompetittiva ħafna, flimkien mal-ħtieġa li tittejjeb id-disponibbiltà tas-setturi pubbliċi u privati li jwettqu l-innovazzjonijiet diġitali;
5. jilqa' l-investimenti tad-DEP f'infrastruttura diġitali avvanzata ta' kapaċità għolja bħan-netwerks 5G, li huma neċessarji sabiex is-servizzi u t-teknoloġiji diġitali jkunu jistgħu jiġu skjerati kullimkien fl-Ewropa. Il-broadband għandu rwol strumentali fl-iżvilupp ta' servizzi diġitali innovattivi u kompetittivi, u għal din ir-raġuni l-KtR jitlob standardizzazzjoni malajr tal-5G sabiex tiġi assicurata l-interoperabbiltà tan-netwerks tat-telekomunikazzjoni;
6. jenfasizza r-rwol kruċjali tal-ibliet u r-reġjuni fil-provvista ta' servizzi diġitali għaċ-ċittadini, kif ukoll fil-ħolqien u l-immaniġġjar tal-infrastruttura diġitali bħall-ġenerazzjoni tad-data. Is-servizzi diġitali joffru opportunitajiet għall-innovazzjoni soċjali, l-impreditorija u l-ħolqien tal-impjiegi u tan-negozju;
7. jitlob li d-DEP jirrifletti u jassigura d-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjonijiet u tas-servizzi pubbliċi sabiex l-ibliet ikunu jistgħu jindirizzaw l-isfidi tas-soċjetà. Dan jirrikjedi interoperabbiltà u aċċess għal data, teknoloġija u għarfien espert madwar l-UE kollha;
8. jenfasizza l-importanza tal-kwalità u tal-ammont tad-data, li hija essenzjali sabiex jintlaħqu l-miri tad-DEP. Opinjonijiet preċedenti tal-KtR enfasizzaw ir-rwol tal-ibliet u r-reġjuni fl-armonizzazzjoni, il-ġbir, il-kwalità, l-aċċess u l-użu tad-data, kif ukoll sabiex jassiguraw infrastruttura diġitali sigura u interoperabbli għall-flussi transfruntiera tad-data fl-ekonomija diġitali;
9. jenfasizza l-importanza tal-intelliġenza artifiċjali (IA) bħala teknoloġija promettenti li għandha tiġi applikata għat-kabbir sostenibbli u għall-isfidi tas-soċjetà. L-IA għalhekk trid tissaħħaħ, billi tiġi ggarantita l-kwalità tad-data u tiġi assicurata l-privatezza personali, waqt li xorta jkunu permessi l-estrazzjoni ta' data anonima, it-tagħlim ibbażat fuq il-magni u l-bażi għar-rikonoxximent tal-mudelli;
10. jirrikonoxxi li l-libreriji tal-IA bid-data jipprovdu input ewleni għat-tfassil ta' servizzi pubbliċi intelliġenti. Madankollu, id-data ta' kwalità fqira tista' taffettwa l-impatt u l-effettività mistennija tas-servizzi, u b'hekk tnaqqas il-benefiċċju potenzjali tal-IA. Id-data ta' kwalità għolja hija essenzjali sabiex l-amministrazzjonijiet pubbliċi jkunu jistgħu jfasslu, jimplementaw u jimmonitorjaw l-impatt tal-politiki li jadottaw, fuq il-bażi ta' evidenza empirika u billi jużaw il-kapaċitajiet ta' analiżi tad-data. Dan isaħħaħ it-trasparenza u l-akkontabilità tal-azzjoni pubblika u jgħin sabiex tiżdied l-effettività tal-politika. Id-data se jkollha influwenza enormi fil-ħolqien ta' kultura tal-għarfien, fejn l-evidenza ssir il-bażi ta' amministrazzjoni u ta' proċess ta' tfassil tal-politika aktar intelliġenti u ċċentrat fuq iċ-ċittadini;

11. jitlob integrazzjoni xierqa fid-DEP ta' diversi miżuri li għaddejjin bħalissa ta' ekonomija xprunata mid-data u ta' soċjetà xprunata mid-data. Dawn ġew ittrattati taħt is-Suq Uniku Diġitali fid-diversi pakketti dwar id-data: dwar Il-Bini ta' Ekonomija Ewropea tad-Data (COM(2017/9), il-Qafas għall-fluss liberu ta' data mhux personali fl-Unjoni Ewropea (2017/0228) u din is-sena, bit-tielet Pakkett dwar id-Data. Dan tal-aħħar jinkludi Komunikazzjoni "Għal spazju tad-dejta komuni Ewropew" li tindirizza l-kwistjoni tal-aċċess għad-data tas-settur privat għal finijiet ta' interess pubbliku (b'lista ta' prinċipji ewlenin dwar il-qsim tad-data bejn in-negozji u l-gvern jew "B2G") u tinkludi dokument ta' gwida dwar il-kondiviżjoni tad-data tas-settur privat. B'mod parallel, il-Kummissjoni adottat proposta għal riformulazzjoni tad-Direttiva dwar l-użu mill-ġdid ta' informazzjoni tas-settur pubbliku (id-Direttiva dwar il-PSI);

12. jissottolinja r-riżultati tad-djalogu mal-partijiet ikkonċernati tal-Kummissjoni dwar il-Komunikazzjoni dwar il-Bini ta' Ekonomija Ewropea tad-Data, li sab appoġġ qawwi b'mod partikolari għal miżuri mhux regolatorji sabiex jiġi massimizzat u organizzat l-aċċess għal u l-użu mill-ġdid tad-data f'kontesti B2B. Pereżempju dwar it-trasformazzjoni diġitali tal-kura tas-saħħa, konsultazzjoni pubblika investigat il-ħtieġa ta' miżuri ta' politika li jippromovu l-innovazzjoni diġitali sabiex tittejjeb il-kwalità tal-kura tas-saħħa madwar l-Ewropa (jenħtieġ l-attenzjoni partikolari ta' dan il-Kumitat);

13. jitlob l-użu ta' Impriżi Konġunti, KKI tal-EIT u inizzjattivi oħra tal-UE, kif ukoll Sħubiji Ewropej bejn ir-reġjuni, bħala mekkaniżmi għall-implimentazzjoni tad-DEP. Is-soluzzjonijiet diġitali intelliġenti u sostenibbli għandhom rwol ewleni sabiex jintlaħqu l-miri fil-livell lokali u reġjonali dwar l-iżvilupp sostenibbli u sabiex jiġu indirizzati l-isfidi ewlenin tas-soċjetà bħalma huwa t-tibdil fil-klima. Is-soluzzjonijiet jirrikjedu computing HPC, soluzzjonijiet ibbażati fuq l-IA u ċibersigurtà ta' kwalità għolja. L-ibliet u r-reġjuni għandhom jiġu inkoraġġiti jsiru pijunieri fil-parteċipazzjoni fid-DEP, speċjalment bħala post ta' ttestjar spazjali għall-applikazzjonijiet ġodda. Pereżempju, id-diġitalizzazzjoni għandha importanza dejjem akbar fl-ippjanar urban, speċjalment permezz tal-immudellar tal-informazzjoni reġjonali;

14. jinnota li l-benefiċċji sħaħ mill-investment fit-teknoloġiji u l-pjattaformi diġitali jeħtieġ li jiżiedu għal-livell Ewropew. L-investment fi professjonisti ta' talent huwa prerekwiżit neċessarju, anki jekk mhuwiex suffiċjenti waħdu. Iċ-ċittadini jeħtieġ li jiġu mħarrġa u mgħammra bil-ħiliet diġitali xierqa. Huma meħtieġa miżuri speċjali għat-taħriġ mill-ġdid tal-professjonisti sabiex japplikaw il-kompetenzi speċifiċi tagħhom għal kompiti ġodda diġitalizzati. Fis-sistemi edukattivi Ewropej, l-għoti ta' ħiliet diġitali avvanzati lill-istudenti zghażaġh huwa investment obligatorju sabiex tiġi salvagwardjata l-kwalità tal-forza tax-xogħol futura għall-Ewropa. Hija evidenti l-importanza dejjem tikber tal-edukazzjoni relatata max-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija, l-arti u l-matematika (STEAM). L-implimentazzjoni tad-DEP jeħtieġ li titħaddem f'sinerġija mal-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali;

15. jenfasizza l-importanza tat-trasformazzjoni f'ekonomija tal-pjattaformi diġitali billi jkun assigurat li l-provvista tas-servizzi pubbliċi u privati jkun iffukat fuq l-utent, diġitali u interoperabbli mid-disinn, u konformi mal-prinċipju ta' darba biss fir-rigward tal-gvernijiet nazzjonali, reġjonali u lokali;

16. jirrikonoxxi li l-pjattaformi diġitali tal-gvern mhumiex imsemmija b'mod espliċitu fit-test legali tad-DEP. Madankollu, il-kunċett ta' dawn il-pjattaformi huwa marbut mal-Objettiv 5 tal-programm relatat mal-interoperabbiltà u l-implimentazzjoni tat-teknoloġiji diġitali mill-gvern u s-settur privat. Dan huwa spjegat ukoll aktar fl-Anness 2 fir-rigward tal-attivitajiet marbuta mal-interoperabbiltà tas-servizzi tal-amministrazzjoni pubblika, l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' darba biss u l-infrastruttura tas-servizzi diġitali;

17. jitlob il-bini ta' pjattaformi diġitali billi jinħolqu soluzzjonijiet ġeneriċi li jistgħu jergħu jintużaw fl-awtentikazzjoni diġitali, il-fiduċja u s-servizzi siguri. Dawn huma kkombinati ma' soluzzjonijiet avvanzati li jistgħu jergħu jintużaw, ibbażati fuq metodi xprunati mid-data u mħaddma mill-intelliġenza artifiċjali. Dan jgħin sabiex jassigura li s-servizzi pubbliċi jkunu interkonnessi bejn l-oqsma ta' politika u l-livelli tal-gvern. Dan jgħin ukoll lis-servizzi tal-gvern ikunu aktar intelliġenti, adattati għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-utenti u disponibbli fuq pjattaformi tal-web u mobbli;

18. jirrakkomanda li l-użu transfruntier tat-teknoloġiji diġitali jkun ikkombinat mat-tneħħija tal-ostakoli legali u ostakoli oħra għal din il-kooperazzjoni, hawnhekk il-KtR jirreferi għall-Artikolu 8 dwar "L-iskjerament, l-aħjar użu tal-kapaċitajiet diġitali u l-Interoperabbiltà";

19. jenfasizza l-importanza li jiġi stabbilit in-network tad-DIHs b'kopertura suffiċjenti għar-reġjuni kollha. Filwaqt li l-valutazzjoni tal-impatt tiddikjara b'mod ċar li d-DIHs għandu jkollhom dimensjoni reġjonali b'saħħitha (b'mod partikolari għall-SMEs), dan mhuwiex rifless fil-proposta legiſlattiva. L-għażla tad-DIHs għandha tkun proċess miftuħ u affidabbli, li jinkludi mhux biss DIH wieħed, iżda network ta' DIHs f'kull Stat Membru, jekk ikun rilevanti. Id-DIHs għandhom jintgħażlu fuq livell nazzjonali u b'mod ibbilanċjat fuq livell reġjonali u tematiku. In-network tad-DIHs għandu jkollu rabtiet mill-qrib ma' networks oħra bħall-EIT Digital u n-Network Enterprise Europe;
20. jissottolinja l-importanza tal-intelliġenza artifiċjali, u r-rabtiet mar-Realità estiża (XR), VR, AR, it-teknoloġiji 3D u r-robotika, li se jiffurmaw bażi ġdida għan-negozju globali, l-ekonomija tal-pjattaformi u l-pjattaformi tat-tagħlim. Dan jgħin sabiex jingħata aċċess ugwali għal kontenut edukattiv u kulturali differenti u sabiex jinħolqu pjattaformi innovattivi għat-trasferiment tal-għarfien għat-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema. Barra minn hekk, huwa jappoġġa l-iżvilupp sostenibbli, billi jnaqqas b'mod sinifikanti l-ħtieġa ta' oġġetti fiżiċi, l-ivvjaġġar u l-emissjonijiet tal-karbonju;
21. jenfasizza l-importanza u r-rwol tas-sigurtà fil-qasam diġitali u jissottolinja r-rwol tal-ibliet u r-reġjuni sabiex tiġi indirizzata ċ-ċiberkriminalità u tiġi protetta s-sigurtà tad-data.
22. jilqa' b'sodisfazzjon id-dispożizzjonijiet dwar il-pajjiżi terzi marbuta mal-programm, l-iżjed fir-rigward tal-inklużjoni tad-diġitalizzazzjoni fl-attivitajiet biex jintlaħqu l-miri tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU (SDGs). Dan ifisser li jiġi enfasizzat il-valur miżjud permezz ta' mentalità ta' kooperazzjoni u ftuħ fl-innovazzjoni u l-implimentazzjoni. Ir-rivoluzzjoni tal-ICT tagħmel possibbli li l-UE taqdi rwol dinji b'saħħtu biex tkun fuq quddiem nett f'dak li jirrigwarda t-tkabbir sostenibbli u l-użu tal-għarfien tat-teknoloġija għall-ġid komuni;
23. jirrikonoxxi li l-proposta tal-Kummissjoni hija konformi mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.

Brussell, 5 ta' Diċembru 2018

Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni
Karl-Heinz LAMBERTZ

Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u l-istrateġija l-ġdida tal-UE dwar iż-żgħażaġh

(2019/C 86/15)

Relatur:	Matteo Luigi BIANCHI (IT/KRE), Sindku tal-Muniċipalità ta' Morazzone (Varese)
Dokument ta' referenza:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u li jħassar [ir-Regolament dwar il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà] u r-Regolament (UE) Nru 375/2014
	COM(2018) 440 final
	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – L-Impenn, il-Konnessjoni u l-Għoti tas-Setgħa liż-żgħażaġh: Strateġija tal-UE dwar iż-żgħażaġh
	COM(2018) 269 final

I. RAKKOMANDEZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU EMENDI

Emenda 1

Preambolu (1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
L-Unjoni Ewropea hi mibnija fuq is-solidarjetà, fost iċ-ċittadini tagħha u fost l-Istati Membri tagħha. Dan il-valur komuni jiggwida l-azzjonijiet tagħha u jipprovdi l-unità neċessarja biex jiġu indirizzati sfidi attwali u fil-ġejjieni għas-soċjetà, li ż-żgħażaġh Ewropej huma lesti li jgħinu jindirizzaw billi jesprimu s-solidarjetà tagħhom fil-prattika.	L-Unjoni Ewropea hi mibnija fuq is-solidarjetà fost iċ-ċittadini tagħha u fost l-Istati Membri tagħha, kif ukoll fost il-komunitajiet lokali u reġjonali fl-Istati Membri stess. Dan il-valur komuni jiggwida l-azzjonijiet tagħha u jipprovdi l-unità neċessarja biex jiġu indirizzati sfidi attwali u fil-ġejjieni għas-soċjetà, li ż-żgħażaġh Ewropej huma lesti li jgħinu jindirizzaw billi jesprimu s-solidarjetà tagħhom fil-prattika u jiżviluppaw impenn solidali fit-tul, li jakkumpanjahom għall-bqija ta' ħajjithom.

Raġuni

Iż-żieda fit-test tenfasizza r-rwol tad-dimensjoni lokali u reġjonali fl-impenn ċiviku taż-żgħażaġh u tirrikonoxxi li huma l-ewwel punt ta' kuntatt fundamentali fil-qasam tas-solidarjetà.

Emenda 2

Preambolu (5)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Iż-żgħażaġh jenħtieġ li jiġu pprovduti b'opportunitajiet li jkunu faċilment aċċessibbli biex jinvolvu ruħhom f'attivitajiet ta' solidarjetà, li jistgħu jippermettulhom jesprimu l-impenn tagħhom għall-benefiċċju tal-komunitajiet filwaqt li jiksbu esperjenza, ħiliet u kompetenzi siewja għall-iżvilupp personali, edukattiv, soċjali, ċiviku u professjonali tagħhom, u b'hekk itejbu l-impjegabbiltà tagħhom. Dawk l-attivitajiet jenħtieġ li jappoġġaw ukoll il-mobilità tal-voluntiera, tat-trainees u tal-ħaddiema żgħażaġh.</p>	<p>Iż-żgħażaġh jenħtieġ li jiġu pprovduti b'opportunitajiet li jkunu faċilment aċċessibbli biex jinvolvu ruħhom f'attivitajiet ta' solidarjetà, li jistgħu jippermettulhom jesprimu l-impenn tagħhom għall-benefiċċju tal-komunitajiet, anke dawk reġjonali u lokali f'sitwazzjonijiet normali kif ukoll ta' emerġenza, filwaqt li jiksbu esperjenza, ħiliet u kompetenzi siewja għall-iżvilupp personali, edukattiv, soċjali, ċiviku u professjonali tagħhom, u b'hekk itejbu l-impjegabbiltà tagħhom. Dawk l-attivitajiet jenħtieġ li jappoġġaw ukoll il-mobilità tal-voluntiera, tat-trainees u tal-ħaddiema żgħażaġh.</p>

Raġuni

Din iż-żieda tiċċara s-sinifikat tad-dimensjoni reġjonali u lokali għall-impenn taż-żgħażaġh Ewropej, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza fejn tkun meħtieġa għajnuna umanitarja.

Emenda 3

Preambolu (6)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>L-attivitajiet ta' solidarjetà offruti liż-żgħażaġh jenħtieġ li jkunu ta' kwalità għolja, fis-sens li dawn għandhom iwieġbu għall-ħtiġijiet mhux issodisfati tas-soċjetà, jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-komunitajiet, joffru liż-żgħażaġh l-opportunità li jiksbu għarfien u kompetenzi siewja, ikunu finanzjarjament aċċessibbli għaż-żgħażaġh, u jiġu implimentati f'kundizzjonijiet sikuri u tajbin.</p>	<p>L-attivitajiet ta' solidarjetà offruti liż-żgħażaġh jenħtieġ li jkunu ta' kwalità għolja, fis-sens li dawn għandhom iwieġbu għall-ħtiġijiet mhux issodisfati tas-soċjetà, inklużi l-ħtiġijiet lokali u reġjonali, joffru liż-żgħażaġh l-opportunità li jiksbu għarfien u kompetenzi siewja, ikunu finanzjarjament aċċessibbli għaż-żgħażaġh, u jiġu implimentati f'kundizzjonijiet sikuri u tajbin.</p>

Raġuni

Tennija tal-importanza li jiġu indirizzati l-ħtiġijiet soċjali u li l-attivitajiet tal-volontarjat jiġi trasformati f'mezzi ta' tisħiħ tal-komunitajiet lokali jew reġjonali.

Emenda 4

Preambolu (7)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jipprovdi punt ta' dħul uniku għall-attivitajiet ta' solidarjetà fi ħdan l-Unjoni u lil hinn. Il-konsistenza u l-komplimentarjetà jenħtieġ li jiġu żgurati flimkien ma' politiki u ma' programmi rilevanti oħra tal-Unjoni. Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà huwa mibni fuq il-vantaġġi u fuq is-sinerġiji tal-programmi predeċessuri u dawk eżistenti, b'mod partikolari s-Servizz Volontarju Ewropew[1] u l-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE [2]. Dan jikkomplimenta wkoll l-isforzi magħmula mill-Istati Membri biex jappoġġaw liż-żgħażaġh u biex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol skont il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ billi jipprovduhom opportunitajiet addizzjonali biex jidħlu fis-suq tax-xogħol fl-għamla ta' traineeships jew ta' impjegji f'oqsma relatati mas-solidarjetà fi ħdan l-Istat Membru rispettiv tagħhom jew bejn il-fruntieri. Hija żgurata wkoll il-komplimentarjetà ma' networks eżistenti fil-livell tal-Unjoni li huma pertinenti għall-attivitajiet skont il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, bħan-Netwerk Ewropew tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjeggi, l-EURES u n-netwerk Eurodesk. Barra minn hekk, il-komplimentarjetà bejn skemi relatati eżistenti, b'mod partikolari skemi ta' solidarjetà nazzjonali u skemi ta' mobilità għaż-żgħażaġh, u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, jenħtieġ li tiġi żgurata permezz ta' elaborazzjoni fuq il-prattiki tajba fejn xieraq.</p> <p>[1] Ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Diċembru 2013, li jstabbilixxi "Erasmus+": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, taħriġ, żgħażaġh u sport u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 1719/2006/KE, Nru 1720/2006/KE u Nru 1298/2008/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 50).</p> <p>[2] Ir-Regolament (UE) Nru 375/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 3 ta' April 2014 li jstabbilixxi l-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja ("l-Inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE") (ĠU L 122, 24.4.2014, p. 1).</p>	<p>Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jipprovdi punt ta' dħul uniku għall-attivitajiet ta' solidarjetà fi ħdan l-Unjoni u lil hinn. Il-konsistenza u l-komplimentarjetà jenħtieġ li jiġu żgurati flimkien ma' politiki u ma' programmi rilevanti oħra tal-Unjoni, billi jiġi żviluppata approċċ orizzontali u tiġi inkoraġġgħta kemm jista' jkun possibbli l-kooperazzjoni transettorjali. Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà huwa mibni fuq il-vantaġġi u fuq is-sinerġiji tal-programmi predeċessuri u dawk eżistenti, b'mod partikolari s-Servizz Volontarju Ewropew[1] u l-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE[2]. Dan jikkomplimenta wkoll l-isforzi magħmula mill-Istati Membri biex jappoġġaw liż-żgħażaġh u biex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol skont il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ billi jipprovduhom opportunitajiet addizzjonali biex jidħlu fis-suq tax-xogħol fl-għamla ta' traineeships, ta' apprendistat jew ta' impjegji f'oqsma relatati mas-solidarjetà fi ħdan l-Istat Membru rispettiv tagħhom jew bejn il-fruntieri. Hija żgurata wkoll il-komplimentarjetà ma' networks eżistenti fil-livell tal-Unjoni li huma pertinenti għall-attivitajiet skont il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, bħan-Netwerk Ewropew tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjeggi, l-EURES u n-netwerk Eurodesk, kif ukoll networks soċjali bħaċ-Ċentru Ewropew għall-Volontarjat u l-Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ. Barra minn hekk, il-komplimentarjetà bejn skemi relatati eżistenti, b'mod partikolari skemi ta' solidarjetà nazzjonali u skemi ta' mobilità għaż-żgħażaġh, u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, jenħtieġ li tiġi żgurata permezz ta' elaborazzjoni fuq il-prattiki tajba fejn xieraq. Jeħtieġ jiġi żviluppata sinerġiji u djalogu kostanti u dirett ma' kull awtorità lokali u reġjonali involuta, kif ukoll mal-korpi kollha, anke fil-livell interreġjonali, li diġà bbenefikaw minn interventi ta' solidarjetà u li jistgħu joffru, permezz tal-esperjenza tagħhom, suġġerimenti u ideat ġodda dwar solidarjetà.</p> <p>[1] Ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Diċembru 2013, li jstabbilixxi "Erasmus+": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, taħriġ, żgħażaġh u sport u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 1719/2006/KE, Nru 1720/2006/KE u Nru 1298/2008/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 50).</p> <p>[2] Ir-Regolament (UE) Nru 375/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 3 ta' April 2014 li jstabbilixxi l-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja ("l-Inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE") (ĠU L 122, 24.4.2014, p. 1).</p>

Raġuni

Il-Kummissjoni għandha tappoġġja approċċ kemm jista' jkun transettorjali u tiżgura involviment dirett akbar tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-kooperazzjoni mal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, kif ukoll djalogu kostanti mal-partijiet interessati diġà attivi fil-qasam u diġà benefiċjarji ta' diversi interventi ta' solidarjetà.

Emenda 5

Preambolu (10)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Dawn l-attivitajiet jenħtieġ li jkunu għall-benefiċċju tal-komunitajiet filwaqt li jrawmu wkoll l-iżvilupp personali, edukattiv, soċjali, ċiviku u professjonali tal-individwu, li jista' jieħu l-għamla ta' volontarjat, traineeships u impjieg, proġetti jew attivitajiet ta' networking, żviluppati b'rabta ma' oqsma differenti, bħall-edukazzjoni u t-taħriġ, l-impjieg, l-ugwaljanza bejn is-sessi, l-intraprenditorija – b'mod partikolari l-intraprenditorija soċjali –, iċ-ċittadinanza u l-parteċipazzjoni demokratika, il-protezzjoni tal-ambjent u tan-natura, l-azzjoni klimatika, il-prevenzjoni ta' diżastri, it-tħejjija għalihom u l-irkupru minnhom, l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, il-forniment ta' oġġetti tal-ikel u mhux tal-ikel, is-saħħa u l-benessri, il-kreattività u l-kultura, L-edukazzjoni fiżika u l-isport, l-assistenza soċjali u s-servizzi soċjali, l-akkoljenza u l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, il-kooperazzjoni u l-koeżjoni territorjali, u l-kooperazzjoni bejn il-fruntieri. Dawn l-attivitajiet ta' solidarjetà jenħtieġ li jinkludu dimensjoni soda ta' tagħlim u ta' taħriġ permezz ta' attivitajiet rilevanti li jistgħu jiġu offruti lill-parteċipanti qabel, matul u wara l-attività ta' solidarjetà.</p>	<p>Dawn l-attivitajiet jenħtieġ li jkunu għall-benefiċċju tal-komunitajiet lokali u l-attivitajiet aktar ġenerali ta' tisħiħ tal-komunità filwaqt li jrawmu wkoll l-iżvilupp personali, edukattiv, soċjali, ċiviku u professjonali tal-individwu, li jista' jieħu l-għamla ta' volontarjat, ta' apprendistat, traineeships u impjieg, proġetti jew attivitajiet ta' networking, żviluppati b'rabta ma' oqsma differenti, bħall-edukazzjoni u t-taħriġ, l-impjieg, l-ugwaljanza bejn is-sessi, l-intraprenditorija – b'mod partikolari l-intraprenditorija soċjali –, iċ-ċittadinanza u l-parteċipazzjoni demokratika, il-protezzjoni tal-ambjent u tan-natura, l-azzjoni klimatika, il-prevenzjoni ta' diżastri, it-tħejjija għalihom u l-irkupru minnhom, l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, il-forniment ta' oġġetti tal-ikel u mhux tal-ikel, is-saħħa u l-benessri, il-kreattività u l-kultura, l-assistenza soċjali u s-servizzi soċjali, l-akkoljenza u l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, il-kooperazzjoni u l-koeżjoni territorjali, il-valorizzazzjoni u l-irkupru tal-wirt kulturali u artistiku lokali u reġjonali – kemm ta' natura materjali u mhux materjali – u l-kooperazzjoni bejn il-fruntieri. Dawn l-attivitajiet ta' solidarjetà jenħtieġ li jinkludu dimensjoni soda ta' tagħlim u ta' taħriġ permezz ta' attivitajiet rilevanti li jistgħu jiġu offruti lill-parteċipanti qabel, matul u wara l-attività ta' solidarjetà.</p>

Raġuni

Il-Kumitat tar-Reġjuni jenfasizza l-ħtieġa li tiġi faċilitata l-parteċipazzjoni tal-komunitajiet lokali u reġjonali u ta' kwalunkwe parti interessata permezz ta' programmi u inizjattivi għall-valorizzazzjoni u l-irkupru tal-wirt kulturali u artistiku lokali.

Emenda 6

Preambolu (11)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>L-attivitajiet ta' volontarjat (kemm fi ħdan l-Unjoni, kif ukoll lil hinn minnha) jikkostitwixxu esperjenza rikka f'kuntest ta' tagħlim mhux formali u informali li ssaħħa l-iżvilupp personali, soċjoedukattiv u professjonali taż-żgħażaġh, kif ukoll iċ-ċittadinanza attiva u l-impjegabbiltà tagħhom. L-attivitajiet ta' volontarjat jenħtieġ li ma jkollhomx effett avvers fuq impjieg bi ħlas potenzjali jew eżistenti, u lanqas ma jenħtieġ li jitqiesu bħala sostitut għal dan. Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jikooperaw fir-rigward tal-politiki ta' volontarjat fil-qasam taż-żgħażaġh permezz ta' metodu miftuħ ta' kooperazzjoni.</p>	<p>L-attivitajiet ta' volontarjat (kemm fi ħdan l-Unjoni, kif ukoll lil hinn minnha) jikkostitwixxu esperjenza rikka f'kuntest ta' tagħlim mhux formali u informali li ssaħħa l-iżvilupp personali, soċjoedukattiv u professjonali taż-żgħażaġh, kif ukoll iċ-ċittadinanza attiva u l-impjegabbiltà tagħhom. L-attivitajiet ta' volontarjat jenħtieġ li ma jkollhomx effett avvers fuq impjieg bi ħlas potenzjali jew eżistenti, u lanqas ma jenħtieġ li jitqiesu bħala sostitut għal dan. Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jikkoooperaw fir-rigward tal-politiki ta' volontarjat fil-qasam taż-żgħażaġh permezz ta' metodu miftuħ ta' kooperazzjoni u permezz tal-identifikazzjoni ta' strumenti komuni sabiex jiġi evitat l-impjieg mhux iddikjarat jew l-użu mhux xieraq tal-volontarjat għall-fini biex żgħażaġh involuti f'attivitajiet ta' solidarjetà ma jitħallsux.</p>

Raġuni

Il-Kumitat tar-Regġuni jtenni l-bżonn li jiġu identifikati forum ta' koordinazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri u strumenti li kapaċi li jiddefinixxu b'mod ċar id-distinzjoni bejn il-volontarjat u attivitajiet relatati mas-solidarjetà, imħallsa minn jew appoġġjati fl-ambitu tal-programm.

Emenda 7

Preambolu (12)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>It-traineeships u l-impjegi f'oqsma relatati mas-solidarjetà jistgħu joffru opportunitajiet addizzjonali għaż-żgħażaġh biex dawn jidħlu fis-suq tax-xogħol filwaqt li jagħtu l-kontribut tagħhom biex jiġu indirizzati l-isfidi ewlenin tas-soċjetà. Dan jista' jgħin biex jitrawmu l-impjegabbiltà u l-produttività taż-żgħażaġh filwaqt li titħaffef it-tranżizzjoni tagħhom mill-edukazzjoni għall-impjegi, li hi xi ħaġa importanti biex jissaħħu l-possibbiltajiet tagħhom fis-suq tax-xogħol. L-attivitajiet ta' traineeships offruti taħt il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jsegwu l-prinċipji tal-kwalità spjegati fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Qafas tal-Kwalità għat-Traineeships[1]. It-traineeships u l-impjegi offruti jikkostitwixxu pont li permezz tiegħu, iż-żgħażaġh jidħlu fis-suq tax-xogħol u jkunu akkumpanjati minn appoġġ adegwat wara l-attività. L-attivitajiet ta' traineeship u impjegi huma ffaċilitati mill-atturi rilevanti tas-suq tax-xogħol, b'mod partikolari mis-servizzi pubbliċi u privati tal-impjegi, mis-sħab soċjali u mill-Kmamar tal-Kummerċ, u huma rimunerati mill-organizzazzjoni parteċipanti. Bħala organizzazzjonijiet parteċipanti, dawn jenħtieġ li japplikaw għal finanzjament permezz tal-istruttura ta' implimentazzjoni kompetenti tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà fid-dawl tal-intermedjazzjoni bejn il-parteċipanti żgħażaġh u l-impjegaturi li joffru l-attivitajiet ta' traineeship u ta' impjegi fis-setturi tas-solidarjetà.</p> <p>[1] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2018 dwar Qafas Ewropew għal Apprendistati ta' Kwalità u Effettivi (ĠU C 153, 2.5.2018, p. 1).</p>	<p>It-traineeships u l-apprendistati u l-impjegi f'oqsma relatati mas-solidarjetà jistgħu joffru opportunitajiet addizzjonali għaż-żgħażaġh biex dawn jidħlu fis-suq tax-xogħol, filwaqt li joffru opportunitajiet sabiex jiġi żviluppat spirtu solidali fit-tul anke fil-ħajja privata. Dan jista' jgħin biex jitrawmu l-impjegabbiltà u l-produttività taż-żgħażaġh filwaqt li titħaffef it-tranżizzjoni tagħhom mill-edukazzjoni għall-impjegi, li hi xi ħaġa importanti biex jissaħħu l-possibbiltajiet tagħhom fis-suq tax-xogħol. L-attivitajiet ta' apprendistat u/jew ta' traineeships offruti taħt il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jsegwu l-prinċipji tal-kwalità spjegati fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Qafas tal-Kwalità għat-Traineeships[1] u jkunu akkumpanjati minn appoġġ adegwat wara l-attività. L-attivitajiet ta' traineeship, ta' apprendistat u impjegi huma ffaċilitati mill-atturi rilevanti tas-suq tax-xogħol, b'mod partikolari mis-servizzi pubbliċi u privati tal-impjegi, mis-sħab soċjali, l-istituzzjonijiet lokali u reġjonali interessati u l-iktar sensitivi għall-ħtiġijiet reali tat-territorju u mill-Kmamar tal-Kummerċ, u huma rimunerati mill-organizzazzjoni parteċipanti. Bħala organizzazzjonijiet parteċipanti, dawn jenħtieġ li japplikaw għal finanzjament permezz tal-istruttura ta' implimentazzjoni kompetenti tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà fid-dawl tal-intermedjazzjoni bejn il-parteċipanti żgħażaġh u l-impjegaturi li joffru l-attivitajiet ta' traineeship, ta' apprendistat u ta' impjegi fis-setturi tas-solidarjetà.</p> <p>[1] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2018 dwar Qafas Ewropew għal Apprendistati ta' Kwalità u Effettivi (ĠU C 153, 2.5.2018, p. 1).</p>

Raġuni

Il-Kumitat tar-Regġuni jagħraf il-valur ta' tali traineeships bħala għodda biex jiġi ffaċilitat id-dħul taż-żgħażaġh fid-dinja tax-xogħol, filwaqt li jtenni l-ħtieġa ta' approċċ b'saħħtu u regolari għall-korpi lokali pubbliċi u privati lokali u reġjonali li jistgħu jifhmu l-bżonnijiet soċjali reali tat-territorju.

Emenda 8

Preambolu (13)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>L-ispirtu ta' inizjattiva taż-żgħażaġh hu assi importanti għas-soċjetà u għas-suq tax-xogħol. Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jikkontribwixxi għat-trawwim ta' dan l-aspett billi joffri l-opportunità liż-żgħażaġh li jfasslu u jimplimentaw il-proġetti tagħhom stess immirati biex jindirizzaw sfidi speċifiċi għall-benefiċċju tal-komunitajiet lokali. Dawn il-proġetti huma opportunità biex jiġu ppruvati ideat u biex iż-żgħażaġh jiġu appoġġati li jkunu huma stess dawk li jixprunaw l-attivitajiet ta' solidarjetà. Dawn iservu wkoll bħala punt tat-tluq għall-involviment ulterjuri f'attivitajiet ta' solidarjetà u huma l-ewwel pass biex il-parteċipanti tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jitħeġġu sabiex jinvolvu rwieħhom f'impjeg indipendenti jew fit-twaqqif ta' assoċjazzjonijiet, ta' organizzazzjonijiet nongovernattivi jew ta' korpi oħra attivi fis-setturi tas-solidarjetà, ta' mingħajr skop ta' qligħ u taż-żgħażaġh.</p>	<p>L-ispirtu ta' inizjattiva taż-żgħażaġh hu assi importanti għas-soċjetà u għas-suq tax-xogħol. Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jikkontribwixxi għat-trawwim ta' dan l-aspett billi joffri l-opportunità liż-żgħażaġh li jfasslu u jimplimentaw il-proġetti tagħhom stess immirati biex jindirizzaw sfidi speċifiċi għall-benefiċċju tal-komunitajiet lokali. Dawn il-proġetti huma opportunità biex jiġu ppruvati ideat u biex iż-żgħażaġh jiġu appoġġati li jkunu huma stess dawk li jixprunaw l-attivitajiet ta' solidarjetà għall-benefiċċju tal-komunitajiet lokali u jrawmu l-involviment ċiviku, fil-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali u l-migrazzjoni minn żoni rurali għal dawk urbani. Dawn iservu wkoll bħala punt tat-tluq għall-involviment ulterjuri f'attivitajiet ta' solidarjetà u huma l-ewwel pass biex il-parteċipanti tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jitħeġġu sabiex jinvolvu rwieħhom f'impjeg indipendenti jew fit-twaqqif ta' assoċjazzjonijiet, ta' organizzazzjonijiet nongovernattivi jew ta' korpi oħra attivi fis-setturi tas-solidarjetà, ta' mingħajr skop ta' qligħ u taż-żgħażaġh.</p>

Raġuni

Il-Kumitat tar-Reġjuni jenfasizza l-importanza ta' strateġija solidali li tinkoraġġixxi liż-żgħażaġh biex jippruvaw esperjenzi intraprenditorjali anke awtonomi, għall-benefiċċju tal-komunitajiet lokali u għal soċjetajiet iktar inklużivi.

Emenda 9

Preambolu (14)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Jenħtieġ li ż-żgħażaġh u l-organizzazzjonijiet li jiehdus sehem fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jħossu li jappartjenu f'komunità ta' individwi u ta' entitajiet bl-impenn li jsaħħu s-solidarjetà madwar l-Ewropa. Fl-istess ħin, l-organizzazzjonijiet parteċipanti jeħtieġu l-appoġġ biex isaħħu l-kapaċitajiet tagħhom biex joffru attivitajiet ta' kwalità tajba lil numru dejjem jikber ta' parteċipanti. Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jappoġġa l-attivitajiet ta' netwerking bl-għan li jsaħħu l-involviment taż-żgħażaġh u tal-organizzazzjonijiet parteċipanti f'din il-komunità, li jrawwem spirtu tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, kif ukoll li jħeġġeġ l-iskambju ta' Prattiki u ta' esperjenza siewja. Dawn l-attivitajiet jikkontribwixxu wkoll għas-sensibilizzazzjoni dwar il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà fost l-atturi pubbliċi u privati, kif ukoll għall-ġbir ta' feedback mingħand il-parteċipanti u l-organizzazzjonijiet parteċipanti dwar l-implimentazzjoni tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.</p>	<p>Jenħtieġ li ż-żgħażaġh u l-organizzazzjonijiet li jiehdus sehem fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jħossu li jappartjenu f'komunità ta' individwi u ta' entitajiet bl-impenn li jsaħħu s-solidarjetà madwar l-Ewropa. Fl-istess ħin, l-organizzazzjonijiet parteċipanti jeħtieġu l-appoġġ biex isaħħu l-kapaċitajiet tagħhom biex joffru attivitajiet ta' kwalità tajba lil numru dejjem jikber ta' parteċipanti. Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jappoġġa l-attivitajiet ta' netwerking bl-għan li jsaħħu l-involviment taż-żgħażaġh u tal-organizzazzjonijiet parteċipanti, li jrawwem spirtu tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, kif ukoll li jħeġġeġ l-iskambju ta' Prattiki u ta' esperjenza siewja. Dawn l-attivitajiet jikkontribwixxu wkoll għas-sensibilizzazzjoni dwar il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà fost l-atturi pubbliċi u privati, kif ukoll għall-ġbir ta' feedback mingħand il-parteċipanti u l-organizzazzjonijiet parteċipanti dwar l-implimentazzjoni tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, u dwar il-kapaċità tiegħu li jindirizza l-ħtiġijiet u l-aspettattivi tal-komunitajiet lokali.</p>

Raġuni

Il-kollaborazzjoni attiva bejn il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u l-partijiet interessati kollha hija ta' importanza fundamentali, u mhijex biss kapaċi twieġeb għal kull talba ta' informazzjoni li jressqu dawn tal-aħħar, iżda tibgħat ukoll aġġornamenti u komunikazzjonijiet li jistgħu jiżguraw approċċ aktar integrat u evalwazzjonijiet kwalitattivi tal-proġetti.

Emenda 10

Preambolu (15)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari għall-iżgurar tal-kwalità tal-attivitajiet u opportunitajiet oħra offruti taħt il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, b'mod partikolari billi jiġu offruti taħriġ, appoġġ lingwistiku, assigurazzjoni, appoġġ amministrattiv u appoġġ wara l-attività lill-parteċipanti, kif ukoll il-validazzjoni tal-għarfien, tal-ħiliet u tal-kompetenzi miksuba permezz tal-esperjenza tagħhom fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Is-sikurezza u s-sigurtà tal-voluntiera jibqgħu ta' importanza kruċjali u l-voluntiera ma għandhomx jintbagħtu f'operazzjonijiet li jitwettqu f'żoni ta' kunflitti armati internazzjonali u mhux internazzjonali.</p>	<p>Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari għall-iżgurar tal-kwalità tal-attivitajiet u opportunitajiet oħra offruti taħt il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, b'mod partikolari billi jiġu offruti taħriġ, appoġġ lingwistiku, assigurazzjoni, appoġġ amministrattiv u appoġġ wara l-attività lill-parteċipanti, kif ukoll il-validazzjoni tal-għarfien, tal-ħiliet u tal-kompetenzi miksuba permezz tal-esperjenza tagħhom fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà permezz ta' kriterji speċifiċi ta' ċertifikazzjoni. L-attivitajiet ta' volontarjat jeħtieġ jinvolvu organizzazzjonijiet bi skop ta' qligħ u dawk mhux bi skop ta' qligħ, fondazzjonijiet, entitajiet mingħajr skop ta' qligħ oħrajn, assoċjazzjonijiet u impriżi soċjali, bl-iżvilupp ta' regoli speċifiċi għal "kollokamenti okkupazzjonali". Dawn jippermettu li jingħata appoġġ għal proġetti solidali li jistgħu jibbenefikaw minn eżenzjonijiet/inċentivi fiskali fuq inizzjattivi indipendenti tal-Istati Membri. Is-sikurezza u s-sigurtà tal-voluntiera jibqgħu wkoll ta' importanza kruċjali u l-voluntiera ma għandhomx jintbagħtu f'operazzjonijiet li jitwettqu f'żoni ta' kunflitti armati internazzjonali u mhux internazzjonali.</p>

Raġuni

Il-Kumitat tar-Reġjuni jtenni l-ħtieġa għall-appoġġ għall-volontarjat, it-traineeships, l-apprendistati u l-attivitajiet ta' impjeg imħallsa mal-promoturi kollha ta' proġetti fl-ambitu tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, inkluż l-analiżi tal-possibbiltà għall-Istati Membri biex jieħdu inizzjattivi ta' eżenzjoni/inċentiv fiskali.

Emenda 11

Preambolu (18)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Kwalunkwe entità li tixtieq tiegħu sehem fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jenħtieġ li tirċievi tikketta tal-kwalità, diment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet xierqa. Il-proċess li jwassal għall-attribuzzjoni ta' tikketta tal-kwalità jenħtieġ li jitwettaq fuq bażi kontinwa mill-korpi ta' implimentazzjoni tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. It-tikketta tal-kwalità attribwita jenħtieġ li terġa' tiġi vvalutata b'mod perjodiku u tista' tiġi revokata jekk, fil-kuntest tal-verifiki li jridu jsiru, il-kundizzjonijiet li wasslu għall-attribuzzjoni tagħha jinstab li ma jibqgħux issodisfati.</p>	<p>Kwalunkwe entità li tixtieq tiegħu sehem fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jenħtieġ li tirċievi tikketta tal-kwalità, diment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet xierqa. <i>Dawn għandhom jinkludu valutazzjoni tal-livell ta' attenzjoni li l-entità tagħti lill-ħtiġijiet lokali u reġjonali, il-preżenza ta' approċċ integrat u kooperazzjoni attiva u siewja ma' kull awtorità lokali u reġjonali u/jew assoċjazzjonijiet jew entitajiet oħrajn li joperaw fis-settur tas-solidarjetà.</i> Il-proċess li jwassal għall-attribuzzjoni ta' tikketta tal-kwalità jenħtieġ li jitwettaq fuq bażi kontinwa mill-korpi ta' implimentazzjoni tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, <i>f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-aġenziji nazzjonali u b'kont meħud tal-ambiti fejn qed tiżviluppa s-solidarjetà fl-Istati Membri.</i> It-tikketta tal-kwalità attribwita jenħtieġ li terġa' tiġi vvalutata b'mod perjodiku u tista' tiġi revokata jekk, fil-kuntest tal-verifiki li jridu jsiru, il-kundizzjonijiet li wasslu għall-attribuzzjoni tagħha jinstab li ma jibqgħux issodisfati.</p>

Raġuni

Il-Kumitat tar-Reġjuni jenfasizza l-importanza tal-parteċipazzjoni massima tal-aġenziji nazzjonali, tal-organizzazzjonijiet li diġà jeżistu jew tal-istituzzjonijiet lokali u reġjonali attivi fil-qasam tas-solidarjetà bħal, pereżempju, bosta assoċjazzjonijiet sportivi li jipromovu inizzjattivi volontarji innovattivi, filwaqt li jappoġġjaw approċċ integrat u kollaborazzjoni fil-livelli kollha ta' gvern ma' msieħba li jixtiequ jieħdu sehem fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

Emenda 12

Preambolu (22)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Iċ-Ċentri tar-Riżorsi tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jenħtieġ li jassistu lill-korpi ta' implimentazzjoni, lill-organizzazzjonijiet parteċipanti u liż-żgħażaġh li jieħdu sehem fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, biex tiżdied il-kwalità tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, kif ukoll biex tissaħħaħ l-identifikazzjoni u l-validazzjoni tal-kompetenzi miksuba permezz ta' dawn l-attivitajiet, <i>inkluż</i> permezz tal-produzzjoni ta' ċertifikati <i>Youthpass</i>.</p>	<p>Iċ-Ċentri tar-Riżorsi tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jenħtieġ li jassistu lill-korpi ta' implimentazzjoni, lill-organizzazzjonijiet parteċipanti u liż-żgħażaġh li jieħdu sehem fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, biex tiżdied il-kwalità tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, kif ukoll biex tissaħħaħ l-identifikazzjoni u l-validazzjoni tal-kompetenzi miksuba permezz ta' dawn l-attivitajiet, permezz tal-produzzjoni ta' ċertifikati <i>esklużivi tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà għall-attivitajiet li jkun tlestew u bl-użu ta' strumenti bħal Youthpass u Europass, jiġifieri miżuri fil-qasam tal-apprendistat professjonali sabiex jiġu identifikati u definiti tali għarfien u kapaċitajiet miksuba.</i></p>

Raġuni

Il-Kumitat tar-Reġjuni jirrikonoxxi l-importanza li jiġi faċilitat aktar it-tiftix ta' impjieg għal voluntiera żgħażaġh, billi jiġu offruti, wara li jtemmu l-attivitajiet, ċertifikat esklużiv tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, li jiddeskrivi l-ħiliet miksuba, u jinkludi evalwazzjoni sħiħa b'parametri speċifiċi, u l-possibbiltà li jintuża professjonalment fil-livell nazzjonali u transnazzjonali.

Emenda 13

Preambolu (27)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jimmira lejn iż-żgħażaġh ta' età bejn it-18 u t-30 sena, u jenħtieġ li l-parteċipazzjoni fl-attivitajiet offruti mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà tirrikjedi reġistrazzjoni minn qabel fil-Portal tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.	Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jimmira lejn iż-żgħażaġh ta' età bejn it-18 u t-30 sena, mingħajr filtri rigward, pereżempju, kuntest soċjali, ekonomiku jew edukattiv , u jenħtieġ li l-parteċipazzjoni fl-attivitajiet offruti mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà tirrikjedi reġistrazzjoni minn qabel fil-Portal tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Għandu jkun possibbli wkoll, permezz tal-portal tiegħu, li jiġi segwit kors ta' taħriġ multilingwi bi tħejjija għall-attività ta' solidarjetà magħżula, flimkien mal-objettiv addizzjonali li jintgħażel il-qasam li jista' jisfrutta l-aħjar l-ambizzjonijiet ta' solidarjetà ta' kull persuna u jtejjeb l-attrawenza tagħha f'termini ta' prospetti ta' impjieg fil-futur.

Raġuni

Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni jissuġġerixxi l-ħolqien ta' portal multilingwi fejn ikunu jistgħu jitniżżlu informazzjoni u materjal ta' taħriġ speċifiċi għall-kategoriji differenti ta' esperjenza fis-solidarjetà proposti, skont l-għażla taż-żgħażaġh ikkonċernati sabiex tiżdied l-attrawenza professjonali tagħhom meta jkunu qed ifittxu impjieg fil-futur.

Emenda 14

Preambolu (28)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali biex jiġi żgurat li l-attivitajiet appoġġati mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jkunu aċċessibbli għaż-żgħażaġh kollha, b'mod partikolari dawk l-aktar żvantaġġati. Jenħtieġ li jittieħdu miżuri speċjali biex jiġu promossi l-inklużjoni soċjali, il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh żvantaġġati, kif ukoll biex jiġu meqjusa r-restrizzjonijiet imposti mid-distanza remota ta' għadd ta' żoni rurali u tar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u tal-Pajjiżi u tat-Territorji <i>extra</i> -Ewropej. B'mod simili, il-pajjiżi parteċipanti jeħtieġ li jieħdu impenn li jadottaw il-miżuri xierqa kollha biex ineħħu l-ostakli legali u amministrattivi għall-funzjonament xieraq tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Jenħtieġ li jsolvu, fejn possibbli, u mingħajr preġudizzju għall-acquis ta' Schengen u għad-dritt tal-Unjoni dwar id-dħul u r-residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, ta' kwistjonijiet amministrattivi li joħolqu diffikultajiet fil-kisba ta' viżi u ta' permessi ta' residenza, kif ukoll il-ħruġ tal-Karta tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa tal-Unjoni Ewropea fil-każ ta' attivitajiet transfruntiera fi ħdan l-Unjoni Ewropea.	Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali biex jiġi żgurat li l-attivitajiet appoġġati mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jkunu aċċessibbli għaż-żgħażaġh kollha, b'mod partikolari dawk l-aktar żvantaġġati. Jenħtieġ li jittieħdu miżuri speċjali biex jiġu promossi l-inklużjoni soċjali, il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh żvantaġġati, inklużi dawk b'diżabilità , kif ukoll biex jiġu meqjusa r-restrizzjonijiet imposti mid-distanza remota ta' għadd ta' żoni rurali u tar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u tal-Pajjiżi u tat-Territorji <i>extra</i> -Ewropej. B'mod simili, il-pajjiżi parteċipanti jeħtieġ li jieħdu impenn li jadottaw il-miżuri xierqa kollha biex ineħħu l-ostakli legali u amministrattivi għall-funzjonament xieraq tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Jenħtieġ li jsolvu, fejn possibbli, u mingħajr preġudizzju għall-acquis ta' Schengen u għad-dritt tal-Unjoni dwar id-dħul u r-residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, ta' kwistjonijiet amministrattivi li joħolqu diffikultajiet fil-kisba ta' viżi u ta' permessi ta' residenza, kif ukoll il-ħruġ tal-Karta tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa tal-Unjoni Ewropea fil-każ ta' attivitajiet transfruntiera fi ħdan l-Unjoni Ewropea.

Raġuni

Din iż-żieda hija maħsuba biex tenfasizza l-inklużjoni taż-żgħażaġh b'diżabilità fl-attivitajiet tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, notevolment f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, li ġiet ratifikata mill-UE.

Emenda 15

Kapitolu III, l-Artikolu 7

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Il-volontarjat kif imsemmi fl-Artikolu 4.1, punt (a) għandu jinkludi komponent ta' taġlim u ta' taħriġ, ma għandux jissostitwixxi t-traineeships jew l-impjiegi, ma għandux jitqies l-istess daqs impjieg, u għandu jkun ibbażat fuq fehim ta' volontarjat <i>bil-miktub</i>.</p>	<p>Il-volontarjat kif imsemmi fl-Artikolu 4.1, punt (a) għandu jinkludi komponent ta' taġlim u ta' taħriġ, ma għandux jissostitwixxi t-traineeships jew l-impjiegi, ma għandux jitqies l-istess daqs impjieg, u għandu jkun ibbażat fuq fehim <i>bil-miktub</i> ta' volontarjat, <i>apprendistat jew formola oħra li tiddeskrivi bir-reqqa l-attività programmata</i>.</p>

Raġuni

Fit-test tal-Kummissjoni għandhom jiġu rikonoxxuti attivitajiet ta' volontarjat għal kull tip ta' parti interessata, irrISPettivament minn jekk hux privati jew pubbliċi, bi skop ta' qligħ jew mingħajr, b'mod li jirrifletti għal kollox l-ispirtu tal-volontarjat li jakkumpanja tali attivitajiet ta' volontarjat. Huwa essenzjali li jiġu fformulati għodod ta' monitoraġġ li jipprevjenu l-impjieg prekarju, l-impjieg doppju u l-użu tal-volontarjat sabiex jiġi evitat il-ħlas ta' dawk li qed jipparteċipaw l-impjieg, filwaqt li jiġu sfruttati l-kontributi l-aktar innovattivi u oriġinali u jiġu ppremjati l-partijiet interessati l-aktar dinamiċi u proattivi.

Emenda 16

Kapitolu VI – Artikolu 16 – Paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	<p><i>Fost il-kriterji tal-valutazzjoni jenħtieġ tiġi kkunsidrata wkoll kwalunkwe forma integrattiva ta' kooperazzjoni tal-entità kkonċernata ma' korpi li diġà joperaw fil-kuntest tal-promozzjoni ta' politiki dwar iż-żgħażaġh, inkluż il-politika tal-isport li huwa bla dubju ta' importanza u interess dejjem akbar. Fid-dawl ta' dan, se tkun ta' siwi partikolari l-kooperazzjoni mal-Koordinatur tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ u forom ta' parteċipazzjoni eventwali fi ħdan il-Pjattaforma tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ kif propost mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea (2018) 269 final.</i></p>

Raġuni

Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għall-ħolqien ta' Koordinatur tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ u ta' Pjattaforma tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ, u jittama li tiġi żviluppata sistema ta' appoġġ kontinwu flimkien ma' laqgħat ta' studju skedati bejn il-Koordinatur u l-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, sabiex il-livell lokali u reġionali jkun involut b'mod effettiv madwar l-UE.

Emenda 17

Kapitolu I – Artikolu 17

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p><i>Aċċess għall-finanzjament mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà</i></p> <p>Kwalunkwe entità pubblika jew privata stabbilita fpajjiż parteċipanti kif ukoll organizzazzjonijiet internazzjonali jistgħu japplikaw għal finanzjament taħt il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Fil-każ tal-attivitajiet imsemmija fl-Artikoli 7, 8 u 11, l-organizzazzjoni parteċipanti għandha tikseb tikketta tal-kwalità bħala prekondizzjoni biex tirċievi finanzjament taħt il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Fil-każ tal-proġetti ta' solidarjetà msemmija fl-Artikolu 9, persuni fiżiċi jistgħu wkoll japplikaw għal finanzjament fisem gruppi informali ta' parteċipanti tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.</p>	<p><i>Aċċess għall-finanzjament mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà</i></p> <p>Kwalunkwe entità pubblika jew privata stabbilita fpajjiż parteċipanti kif ukoll organizzazzjonijiet internazzjonali jistgħu japplikaw għal finanzjament taħt il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Fil-każ tal-attivitajiet imsemmija fl-Artikoli 7, 8 u 11, l-organizzazzjoni parteċipanti għandha tikseb tikketta tal-kwalità bħala prekondizzjoni biex tirċievi finanzjament taħt il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Fil-każ tal-proġetti ta' solidarjetà msemmija fl-Artikolu 9, persuni fiżiċi jistgħu wkoll japplikaw għal finanzjament fisem gruppi informali ta' parteċipanti tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. <i>Għandha tingħata prijorità għal proġetti li jipprevedu valur miżjud għoli b'rabta mad-dimensjoni lokali u reġionali.</i></p>

Raġuni

L-inklużjoni għandha l-għan li tivvalorizza l-proġetti b'impatt qawwi fuq ir-realtajiet reġionali u lokali.

Emenda 18

Kapitolu XI, Artikolu 28(2)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	<p><i>Il-Kummissjoni għandha tappoġġja kemm jista' jkun lill-awtoritajiet nazzjonali u 'l-aġenziji nazzjonali fit-tixrid ta' informazzjoni dwar kull inizjattiva ammissibbli taħt il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, u b'hekk jiġi żgurat li l-korpi lokali u reġionali jkunu informati tajjeb u li jkun hemm forom adatti ta' appoġġ tekniku dirett jew indirett matul l-istadju ta' reġistrazzjoni u meta sussegwentament jintalbu l-fondi.</i></p>

Raġuni

Huwa essenzjali li jiġu stimolati aktar l-involviment tal-korpi lokali u reġjonali, filwaqt li jiġu żgurati parteċipazzjoni aktar attiva u netwerk aġġornat kontinwament li jservi wkoll bħala punt ta' referenza għal informazzjoni teknika u ta' taħriġ.

II. RAKKOMANDEZZJONIJIET TA' POLITIKA**IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI****Kummenti ġenerali – L-istrateġija tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ**

1. itenni l-ħtieġa għal politika taż-żgħażaġh integrata fil-politiki kollha tal-UE permezz ta' approċċ orizzontali u li thegħeġ il-kooperazzjoni transettorjali, interreġjonali u transkonfinali;
2. jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea li tistabilixxi Koordinatur tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ u tiżviluppa Pjattaforma tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ, filwaqt li ssahħha ir-rwol informattiv tagħha u tagħmilha pjattaforma għal djalogu kontinwu u effettiv mal-partijiet interessati kollha;
3. jitlob l-ipprogrammar ta' laqgħat regolari mal-Koordinatur tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ u r-rikonoxximent ta' kooperazzjoni formali mal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni bħala kelliem għall-bżonnijiet soċjali kollha lokali u reġjonali b'rabta mal-politika dwar iż-żgħażaġh;
4. jilqa' b'sodisfazzjon l-Aġenda tax-Xogħol għaż-Żgħażaġħ il-ġdida, b'enfasi fuq il-valur soċjali sinifikanti tagħha għaż-żgħażaġh minn kull sfond, inkluż dawk barra mill-edukazzjoni, impjeg jew taħriġ (NEET) kif ukoll dawk li ġejjin minn minoritajiet indiġeni nazzjonali u lingwistiċi, u filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa li iż-żgħażaġh jiġu involuti aktar, inklużi dawk l-aktar vulnerabbli, permezz tad-Djalogu tal-UE għaż-Żgħażaġħ imġedded;
5. jirrakkomanda l-inklużjoni massima ta' żgħażaġh minn kull sfond, sabiex jiġu żgurati l-opportunitajiet indaqs, l-integrazzjoni soċjali u l-għajnuna fit-tfittxija ta' impjeg, u sabiex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni attiva tagħhom fis-setturi l-iktir dinamiċi, pereżempju l-isport;
6. jilqa' b'sodisfazzjoni l-applikazzjoni ta' traċċar sistematiku tal-infiq tal-UE fil-kuntest tal-programmi differenti ta' finanzjament taż-żgħażaġh, u jitlob għal żieda fl-allokazzjonijiet finanzjarji fit-tul għall-politiki dwar iż-żgħażaġh fil-futur. Dan l-aspett huwa ta' importanza partikolari anke għal dawk l-Istati Membri tal-UE jew ir-reġjuni l-aktar milquta minn eżodu ta' mħuħ.

Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà

7. huwa favur it-tisħiħ tal-volontarjat lokali permezz tal-mezzi differenti ta' finanzjament u ta' komunikazzjoni, filwaqt li jinnota li ħafna żgħażaġh jieħdu sehem fi proġetti tal-komunità lokali għandhom jiġu valorizzati f'termini ta' impenn ċiviku, ta' inklużjoni soċjali u ta' indirizzar tal-migrazzjoni minn żoni rurali għal żoni urbani ⁽¹⁾;
8. jitlob, filwaqt li jirrikonoxxi l-komplementarjetà tagħhom, demarkazzjoni ċara bejn il-volontarjat u x-xogħol bi ħlas tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà sabiex jiġu evitati forom ta' xogħol prekarju jew mhux imħallas;
9. itenni l-importanza tar-rikonoxximent tal-ħiliet miksuba permezz tal-volontarjat permezz tal-ħruġ ta' ċertifikati speċifiċi tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, anke bl-użu ta' għodod simili bħall-Youthpass u l-Europass, fi kliem ieħor id-definizzjoni ta' kriterji adottati għall-apprendistati;
10. jitlob monitoraġġ effettiv tal-organizzazzjonijiet parteċipanti, sabiex il-prinċipji u l-istandards imfissra fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Qafas Ewropew għal Apprendistati ta' Kwalità u Effettivi jkunu rispettati bis-sħiħ ⁽²⁾;
11. jitlob li jiġu identifikati kriterji speċifiċi għall-valutazzjoni tal-proġetti li jinvolvu pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni, li fihom aspetti kritiċi mill-passat setgħu hallexw impatt negattiv fuq il-perċezzjoni tal-impenn solidali u l-volontarjat, u b'hekk jaffettwaw b'mod negattiv is-sensittività taż-żgħażaġh lejn tali valuri.

⁽¹⁾ Eżempju ta' dan hija l-esperjenza riċenti Taljana fir-reġjun tal-Lombardija, li fil-qasam taż-żgħażaġh irnexxielu jippromovi inizjattivi li jappoġġjaw l-isport b'valur kbir ta' solidarjetà (ara Lega Civica).

⁽²⁾ <http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-6779-2018-INIT/mt/pdf>

Rakkomandazzjonijiet speċifiċi

12. jikkondividi l-oġġettiv tal-Kummissjoni li jiżdied l-impatt tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ fil-livell lokali;
13. jaqbel dwar l-importanza ta' Koordinatur tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ u r-rwol strateġiku tiegħu permezz tat-tnedija ta' laqgħat regolari mal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni u kanali edukattivi/informattivi aktar robusti mal-aġenziji nazzjonali involuti;
14. jirrikonoxxi l-importanza tas-settur privat għal "kollokamenti okkupazzjonali" filwaqt li, madankollu, iħeġġeġ sabiex dawn l-attivitajiet ta' solidarjetà jkun dejjem bi ħlas;
15. iqis li, sabiex tiġi żgurata l-ogħla kwalità fl-implimentazzjoni tal-proġetti, huwa ta' importanza fundamentali li jiġu aċċellerati kemm jista' jkun l-istadi ta' valutazzjoni tagħhom, u b'hekk ikun possibbli li l-organizzazzjonijiet parteċipanti jkunsbu aċċess aktar mgħaġġel għal fondi u jkollhom proċeduri sempliċi, semplifikati u flessibbli ta' reġistrazzjoni għal proġetti, b'kunsiderazzjoni partikolari ta' dawk b'aċċess limitat għall-Internet u/jew li għandhom diffikultajiet lingwistiċi;
16. jenfasizza li, fl-iżgurar ta' promulgazzjoni massima tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà fil-livell lokali u reġjonali, huma essenzjali interazzjoni kostanti mal-partijiet interessati nazzjonali u publiċizzar prattiku u konkret tal-opportunitajiet ta' solidarjetà offruti;
17. iqis li, fl-ambitu tat-tikketta ta' kwalità, jiġu sfruttati l-attivitajiet volontarji (bħal pereżempju dawk li jsiru f'kooperazzjoni u sinerġija ma' klabbs sportivi) aktar oriġinali u effettivi, li jistgħu jinkoraġġixxu liż-żgħażaġh biex iżommu tul il-ħajja l-impnġi ta' natura solidali, u jittama wkoll li l-organizzazzjonijiet parteċipanti jkunu jistgħu jibbenefikaw mit-tnaqqis tat-taxxa fuq inizjattivi indipendenti meħuda mill-Istati Membri;
18. jenfasizza li l-proposta tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà għandha tiġi implimentata b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. L-involvement tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-fażi ta' implimentazzjoni ta' din il-proposta huwa estremament importanti. Jappella lill-Kummissjoni sabiex tqis il-ħtiġijiet u l-aspettattivi tal-komunitajiet lokali peress li huma eqreb lejn il-persuni kkonċernati; jissottolinja li l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali kif ukoll l-kwistjonijiet marbutin maż-żgħażaġh huma fil-kompetenza tal-Istati Membri u li, b'konformità mal-Artikolu 6 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), l-UE jeħtieġ tappoġġja, tikkoordina u tikkomplementa l-miżuri nazzjonali minħabba li t-tisħiħ tal-impjieg huwa kwistjoni ta' interess komuni. jinnota li s-suċċess tal-miżuri rilevanti tal-UE, li għandhom ikunu konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà u mal-prinċipju tal-proporzjonalità, jiddependi fuq il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet lokali u reġjonali;
19. jinnota b'dispaċir in-nuqqas ta' definizzjoni komuni u uniformi fil-livell Ewropew ta' "intrapriżi tal-ekonomija soċjali", għad li l-proposta għal Regolament titlob minnhom garanziji ta' disseminazzjoni, pubbliċità u tixrid tal-opportunitajiet u tar-riżultati tal-azzjonijiet appoġġjati mill-programm (Preambolu, premessa 38) u appoġġ tal-attivitajiet tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà;
20. jissuġġerixxi li fl-evalwazzjonijiet ta' attivitajiet ta' solidarjetà jiġu integrati parametri komuni fil-qasam tal-volontarjat li jkunu rikonoxxuti miċ-Ċentru Ewropew għall-Volontarjat.

Brussell, is-6 ta' Diċembru 2018.

Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni

Karl-Heinz LAMBERTZ

Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Il-Viċinat u d-Dinja

(2019/C 86/16)

Relatur ġenerali:	Hans JANSSEN (NL/PPE), Sindku ta' Oisterwijk
Dokumenti ta' referenza	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali
	COM(2018) 460 final
	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-Assoċjazzjoni ta' pajjiżi u territorji <i>extra</i> -Ewropej mal-Unjoni Ewropea inklużi r-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea fuq naħa, u Greenland u r-Renju tad-Danimarka fuq in-naħa l-oħra ("id-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Barranija").
	COM(2018) 461 final
	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III)
	COM (2018) 465 final

I. RAKKOMANDEZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU EMENDI

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali

Emenda 1

(COM(2018) 460 final) Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Filwaqt li d-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, fosthom l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-għoti tas-setgħa lin-nisa jenħtieġ li jiġu riflessi matul l-implimentazzjoni kollha ta' dan ir-Regolament, l-assistenza tal-Unjoni permezz tal-programmi tematiċi għad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jenħtieġ li jkollha rwol speċifiku komplementari u addizzjonali minħabba n-natura dinjija tagħha, u l-indipendenza tal-azzjoni tagħha mill-kunsens tal-gvernijiet u tal-awtoritajiet pubbliċi tal-pajjiżi terzi kkonċernati.	Filwaqt li d-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, fosthom l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-għoti tas-setgħa lin-nisa jenħtieġ li jiġu riflessi matul l-implimentazzjoni kollha ta' dan ir-Regolament, l-assistenza tal-Unjoni permezz tal-programmi tematiċi għad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali u reġjonali jenħtieġ li jkollha rwol speċifiku komplementari u addizzjonali minħabba n-natura dinjija tagħha, u l-indipendenza tal-azzjoni tagħha mill-kunsens tal-gvernijiet u tal-awtoritajiet pubbliċi tal-pajjiżi terzi kkonċernati.

Raġuni

Dan l-abbozz ta' opinjoni huwa favur li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jingħataw programm speċifiku separat b'baġit allokati għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp, kif ukoll li jitqiesu bħala benefiċjarji matul il-programmazzjoni, kif kien il-każ taħt il-perjodu tal-QFP attwali, taħt l-Istrument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI). Filwaqt li l-linja tal-baġit tal-awtorità lokali taħt id-DCI ma ntefgetx kollha, u ġie konkluż wisq faċilment li dan ġara minħabba kapaċità insuffiċjenti tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali. Raġunijiet oħra, bħal rekwiżiti ta' kofinanzjament stretti u proċeduri ta' applikazzjoni kumplessi setgħu kienu aktar importanti. Fi kwalunkwe każ, l-istituzzjonijiet tal-UE għandhom jagħtu lok għal titjib, minflok jagħżlu l-abolizzjoni diretta.

Barra minn hekk, huwa kruċjali li jitkoplew/jiġu stabbiliti mekkaniżmi ta' koordinazzjoni b'saħħithom bejn is-soċjetà ċivili, l-awtoritajiet lokali u l-istituzzjonijiet tal-UE, sabiex tiġi żgurata l-kisba ta' politika għall-iżvilupp tal-UE kif ukoll l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. Għaldaqstant, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali u reġjonali tabilħaqq għandhom jissemmew f'sentenza waħda f'dan l-artikolu.

Emenda 2

(COM(2018) 460 final) Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jenħtieġ li jinkludu firxa wiesgħa ta' atturi bi rwoli u mandati differenti li jinkludi l-istrutturi kollha mhux Statali, mhux għall-profitt, mhux partiġġjani u mhux vjolenti, li bihom persuni jorganizzaw ruħhom sabiex isegwu għanijiet u ideali komuni, sew politiċi, kulturali, soċjali jew ekonomiċi. Huma joperaw mil-livell lokali sal-livell nazzjonali, reġjonali u internazzjonali, u jinkludu organizzazzjonijiet urbani u rurali, formali u informali.</p>	<p>L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jenħtieġ li jinkludu firxa wiesgħa ta' atturi bi rwoli u mandati differenti li jinkludi l-istrutturi kollha mhux Statali, mhux għall-profitt, mhux partiġġjani u mhux vjolenti, li bihom persuni jorganizzaw ruħhom sabiex isegwu għanijiet u ideali komuni, sew politiċi, kulturali, soċjali jew ekonomiċi. Huma joperaw mil-livell lokali sal-livell nazzjonali, reġjonali u internazzjonali, u jinkludu organizzazzjonijiet urbani u rurali, formali u informali.</p> <p><i>F'konformità mal-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp, l-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali għandhom rwol ewlieni fl-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u fil-koordinazzjoni tal-atturi lokali. Kif rikonoxxut mill-Aġenda 2030, is-17-il għan kollha għandhom komponenti lokali u huma relatati mal-kompetenzi tal-awtoritajiet lokali, fosthom dwar il-ġeneru u t-tibdil fil-klima.</i></p>

Raġuni

Il-proposta tal-KE ma ssemmix ir-rwol li jaqdu l-awtoritajiet lokali fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), minkejja l-fatt li l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli ssemmi b'mod espliċitu li s-17-il SDG kollha għandhom komponenti lokali u huma relatati mal-ħidma ta' kuljum tal-awtoritajiet lokali u reġjonali. Il-Kunsens Ewropew Ġdid għall-Iżvilupp tal-2017 itenni l-ħtieġa għal-**lokalizzazzjoni tal-SDGs**. Dan jikkontradixxi n-nuqqas ta' finanzjament ddedikat għall-awtoritajiet lokali fis-sett ta' strumenti esterni ġdid, biss raġuni oħra biex terġa' tiddaħħal bil-quddiem il-linja tal-baġit tal-awtoritajiet lokali.

Emenda 3

(COM(2018) 460 final) Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Huwa essenzjali li tiżdied il-kooperazzjoni dwar il-migrazzjoni ma' pajjiżi sħab, ħalli jitgawdex il-benefiċċji ta' migrazzjoni ġestita tajjeb u regolari u tiġi indirizzata effettivament il-migrazzjoni irregolari. Tali kooperazzjoni jenħtieġ li tikkontribwixxi biex jiġi żgurat l-aċċess għall-protezzjoni internazzjonali, l-indirizzar tal-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari, it-titjib tal-ġestjoni tal-fruntieri u li jsiru sforzi fil-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari, it-traffikar tal-bnedmin u l-faċilitazzjoni tad-dħul klandestin ta' migranti, u ssir ħidma fuq ir-ritorn, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni meta rilevanti, fuq il-bażi tal-akkontabbiltà reċiproka u r-rispett sħiħ tal-obbligi umanitarji u tad-drittijiet tal-bniedem. Għalhekk, il-kooperazzjoni effettiva tal-pajjiżi terzi mal-Unjoni f'dan il-qasam jenħtieġ li ssir element integrali mill-prinċipji ġenerali ta' dan ir-Regolament. Aktar koerenza bejn il-migrazzjoni u l-politiki tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp hija importanti biex jiġi żgurat li l-assistenza għall-iżvilupp tappoġġa lill-pajjiżi sħab jimmaniġġaw il-migrazzjoni b'mod aktar effettiv. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi għal approċċ koordinat, olistiku u strutturat għall-migrazzjoni, billi jimmassimizza s-sinerġiji u japplika l-ingranaġġ meħtieġ.</p>	<p>Huwa essenzjali li tiżdied il-kooperazzjoni dwar il-migrazzjoni ma' pajjiżi sħab, f'kooperazzjoni fil-qrib mal-awtoritajiet lokali u reġjonali tagħhom, ħalli jitgawdex il-benefiċċji ta' migrazzjoni ġestita tajjeb u regolari u tiġi indirizzata effettivament il-migrazzjoni irregolari. Tali kooperazzjoni jenħtieġ li tikkontribwixxi biex jiġi żgurat l-aċċess għall-protezzjoni internazzjonali, l-indirizzar tal-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari, speċjalment fir-rigward ta' persuni vulnerabbli, bħall-minorenni mhux akkumpanjati, it-titjib tal-ġestjoni tal-fruntieri u li jsiru sforzi fil-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari, it-traffikar tal-bnedmin u l-faċilitazzjoni tad-dħul klandestin ta' migranti, u ssir ħidma fuq ir-ritorn, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni meta rilevanti, fuq il-bażi tal-akkontabbiltà reċiproka u r-rispett sħiħ tal-obbligi umanitarji u tad-drittijiet tal-bniedem, anke fid-dawl tal-adozzjoni possibbli tal-Patt Globali tan-NU dwar il-Migrazzjoni. Għalhekk, il-kooperazzjoni effettiva tal-pajjiżi terzi mal-Unjoni f'dan il-qasam jenħtieġ li ssir element integrali mill-prinċipji ġenerali ta' dan ir-Regolament. Aktar koerenza bejn il-migrazzjoni u l-politiki tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp hija importanti biex jiġi żgurat li l-assistenza għall-iżvilupp tappoġġa lill-pajjiżi sħab jimmaniġġaw il-migrazzjoni b'mod aktar effettiv. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi għal approċċ koordinat, olistiku u strutturat għall-migrazzjoni, imsejjes fuq il-ħtiġijiet u r-realtajiet lokali, billi jimmassimizza s-sinerġiji u japplika l-ingranaġġ meħtieġ.</p>

Raġuni

Il-politiki tal-migrazzjoni u l-iżvilupp huma marbuta mill-qrib. Il-kooperazzjoni internazzjonali, nazzjonali, reġjonali u lokali hija kruċjali biex politika Ewropea komuni dwar il-migrazzjoni ssir realtà. Approċċ ta' governanza f'diversi livelli huwa prerekwiżit sabiex jinkisbu riżultati ottimali. Huwa kruċjali li l-UE, l-awtoritajiet nazzjonali u lokali u l-awtoritajiet reġjonali jaħdmu f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-pajjiżi ta' tranżitu u mas-soċjetà ċivili, mal-assoċjazzjonijiet tal-migranti u mal-komunitajiet lokali fil-pajjiżi ospitanti.

Emenda 4

(COM(2018) 460 final – Dispożizzjonijiet Ġenerali) Artikolu 3(2)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Skont il-paragrafu 1, l-għanijiet speċifiċi ta' dan ir-Regolament huma dawn li ġejjin:</p> <p>(a) li jappoġġa u jippromwovi d-djalogu u l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u reġjuni fil-Viċinat, fl-Afrika sub-Saħarjana, fl-Asja u fil-Paċifiku, u fil-Kontinent Amerikan u fil-Karibew;</p> <p>(b) fil-livell dinji, li jikkonsolida u jappoġġa d-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem, l-appoġġ għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, aktar stabbiltà u paċi u li jindirizza sfidi dinjija oħra, inkluż il-migrazzjoni u l-mobbiltà;</p>	<p>Skont il-paragrafu 1, l-għanijiet speċifiċi ta' dan ir-Regolament huma dawn li ġejjin:</p> <p>(a) li jappoġġa u jippromwovi d-djalogu u l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u reġjuni fil-Viċinat, inkluż fil-livell tal-entitajiet sottonazzjonali, fl-Afrika sub-Saħarjana, fl-Asja u fil-Paċifiku, u fil-Kontinent Amerikan u fil-Karibew;</p> <p>(b) fil-livell dinji, li jikkonsolida u jappoġġa d-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem, L-ugwaljanza bejn is-sessi, l-appoġġ għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali u reġjonali, aktar stabbiltà u paċi u li jindirizza sfidi dinjija oħra, inkluż il-migrazzjoni u l-mobbiltà;</p>

Raġuni

L-assistenza u l-kooperazzjoni fil-livell sottonazzjonali (lokali u reġjonali) ma' entitajiet mill-Viċinat (speċjalment il-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant), iffokati u mfassla skont il-ħtiġijiet u ċ-ċirkostanzi lokali, jistgħu f'haqna każijiet jiksbu riżultati aħjar u aktar inklużivi, li jinħassu iktar miċ-ċittadini, milli programmi mal-awtoritajiet ċentrali tal-pajjiżi msieħba.

Emenda 5

(COM(2018) 460 final – Dispożizzjonijiet Ġenerali) Artikolu 4(3)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Il-programmi tematiċi għandhom jinkludu azzjonijiet marbuta mal-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fuq livell dinji, fl-oqsma li ġejjin:</p> <p>(a) Drittijiet tal-Bniedem u Demokrazija;</p> <p>(b) Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili;</p> <p>(c) Stabbiltà u Paċi;</p> <p>(d) Sfidi Dinjija.</p>	<p>Il-programmi tematiċi għandhom jinkludu azzjonijiet marbuta mal-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fuq livell dinji, fl-oqsma li ġejjin:</p> <p>(a) Drittijiet tal-Bniedem u Demokrazija;</p> <p>(b) Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili;</p> <p>(c) Awtoritajiet Lokali u Reġjonali</p> <p>(d) Stabbiltà u Paċi;</p> <p>(e) Sfidi Dinjija.</p>

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Il-programmi tematiċi jistgħu jkopru l-pajjiżi terzi kollha kif ukoll il-pajjiżi u t-territorji <i>extra</i>-Ewropej kollha kif definit fid-Deċiżjoni tal-Kunsill .../... (UE).</p> <p>Sabiex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 3, il-programmi tematiċi għandhom ikunu bbażati fuq l-oqsma ta' intervent elenkati fl-Anness III.</p>	<p><i>Il-programmi tematiċi kollha għandhom ikunu sostanzjati minn baġits allokat.</i></p> <p>Il-programmi tematiċi jistgħu jkopru l-pajjiżi terzi kollha kif ukoll il-pajjiżi u t-territorji <i>extra</i>-Ewropej kollha kif definit fid-Deċiżjoni tal-Kunsill .../... (UE).</p> <p>Sabiex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 3, il-programmi tematiċi għandhom ikunu bbażati fuq l-oqsma ta' intervent elenkati fl-Anness III.</p>

Raġuni

Kif imsemmi taħt l-emenda 1, dan l-abbozz ta' opinjoni jissuġġerixxi bis-saħħa li l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jingħataw programm speċifiku u separat b'baġit allokat għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp, kif ukoll li jitqiesu bħala benefiċjarji matul il-programmazzjoni.

Emenda 6

(COM(2018) 460 final – Dispożizzjonijiet Ġenerali) Artikolu 4(5)

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>L-azzjonijiet skont dan ir-Regolament għandhom jiġu implimentati primarjament permezz ta' programmi ġeografiċi.</p>	<p>L-azzjonijiet skont dan ir-Regolament għandhom jiġu implimentati primarjament permezz ta' programmi ġeografiċi. <i>Fejn ikun xieraq, il-programmi ġeografiċi għandu jkollhom ukoll l-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali fil-pajjiżi tal-Viċinat bħala benefiċjarji diretti.</i></p>

Raġuni

L-assistenza u l-kooperazzjoni tal-UE mal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali mill-pajjiżi tas-Sħubija m'għandhomx ibatu b'mod organizzattiv jew finanzjarju bħala riżultat ta' flessibilità akbar fl-allokkazzjoni ta' riżorsi finanzjarji u oħrajn bejn id-diversi programmi ġeografiċi u tematiċi. Huwa rakkomandat li l-programmi ġeografiċi jimmiraw diġà lejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali bħala benefiċjarji diretti bil-quddiem.

Emenda 7

(COM(2018) 460 final – Dispożizzjonijiet Ġenerali) Artikolu 6(2)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Il-pakkett finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun magħmul minn:</p> <p>(a) EUR 68 000 miljun għall-programmi ġeografiċi:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Il-viċinat mill-inqas EUR 22 000 miljun, — l-Afrika sub-Saħarjana mill-anqas EUR 32 000 miljun, — l-Asja u l-Paċifiku EUR 10 000 miljun, — il-kontinent Amerikan u l-Karibew EUR 4 000 miljun, <p>(b) EUR 7 000 miljun għall-programmi tematiċi:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Drittijiet tal-Bniedem u Demokrazija EUR 1 500 miljun, — Organizzazzjonijiet tas-Soċjeta` Ċivili EUR 1 500 miljun, — Stabbiltà u Paċi EUR 1 000 miljun, — Sfidi Dinjija EUR 3 000 miljun, <p>(c) EUR 4 000 miljun għal azzjonijiet ta' rispons rapidu.</p>	<p>Il-pakkett finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun magħmul minn:</p> <p>(a) EUR 68 000 miljun għall-programmi ġeografiċi:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Il-viċinat mill-inqas EUR 22 000 miljun, — l-Afrika sub-Saħarjana mill-anqas EUR 32 000 miljun, — l-Asja u l-Paċifiku EUR 10 000 miljun, — il-kontinent Amerikan u l-Karibew EUR 4 000 miljun, <p>(b) EUR 7 500 miljun għall-programmi tematiċi:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Drittijiet tal-Bniedem u Demokrazija EUR 1 500 miljun, — Organizzazzjonijiet tas-Soċjeta` Ċivili EUR 1 500 miljun, — L-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali EUR 500 miljun — Stabbiltà u Paċi EUR 1 000 miljun, — Sfidi Dinjija EUR 3 000 miljun, <p>(c) EUR 4 000 miljun għal azzjonijiet ta' rispons rapidu.</p>

Raġuni

F'konformità mal-emendi msemmijin hawn fuq, huwa ferm rakkomandat li komponent proporzjonat tal-baġit disponibbli għall-programmi ġeografiċi huwa allokat direttament għal programmi bl-/għall-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali, kif inhu l-każ taħt id-DCI fil-QFP 2014-2020. L-ammont propost (EUR 500 miljun) huwa bbażat fuq id-distribuzzjoni attwali tal-linja tal-baġit OSĊ-AL (66,16 % għall-OSĊ, 22,05 % għall-Awtoritajiet Lokali, 10,4 % għall-Edukazzjoni dwar l-Iżvilupp u għat-Tqajjim ta' Kuxjenza u 1,39 % għal miżuri ta' appoġġ (perjodu 2018-2020)) u ċertament għandhom jiġu kkalkulati bir-reqqa, filwaqt li titqies ir-rata ta' assorbiment tal-baġit attwali tal-AL, kif ukoll jitqiesu ħafna fatturi oħra.

Emenda 8

(COM(2018) 460 final – Dispożizzjonijiet Ġenerali) Artikolu 8(1)

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
L-Unjoni għandha tfittex li tippromwovi, tiżviluppa u tik-konsolida l-prinċipji tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali li fuqhom hija mibnija, permezz ta' djalogu u kooperazzjoni ma' pajjiżi u reġjuni sħab.	L-Unjoni għandha tfittex li tippromwovi, tiżviluppa u tik-konsolida l-prinċipji tad-demokrazija fil-livelli kollha tal-gvern , l-istat tad-dritt, L-ugwaljanza bejn is-sessi u r-rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali li fuqhom hija mibnija, permezz ta' djalogu u kooperazzjoni ma' pajjiżi u reġjuni sħab.

Raġuni

Id-demokrazija fil-livell sottonazzjonali għandha tiġi inkluża fil-prinċipji gwida, peress li l-livell lokali u reġjonali huwa fejn iċ-ċittadini jistgħu jesperjenzaw id-demokrazija bl-aktar mod dirett. L-ugwaljanza bejn is-sessi għandha tiżdied mal-prinċipji ewlenin.

Emenda 9

(COM(2018) 460 final) Artikolu 11(2)

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Il-programmazzjoni tal-programmi ġeografiċi għandha tipprovdi qafas speċifiku, imfassal apposta għall-kooperazzjoni, ibbażat fuq:	Il-programmazzjoni tal-programmi ġeografiċi għandha tipprovdi qafas speċifiku, imfassal apposta għall-kooperazzjoni, ibbażat fuq:
(a) il-ħtiġijiet tas-sħab, stabbiliti fuq il-bażi ta' kriterji speċifiċi li jqisu l-popolazzjoni, il-faqar, l-inugwaljanza, l-iżvilupp tal-bniedem, il-vulnerabbiltà ekonomika u ambjentali, u r-reżiljenza tal-istat u tas-soċjetà;	(a) il-ħtiġijiet tas-sħab, stabbiliti fuq il-bażi ta' kriterji speċifiċi li jqisu l-popolazzjoni, il-faqar, l-inugwaljanza, l-iżvilupp tal-bniedem, il-vulnerabbiltà ekonomika u ambjentali, u r-reżiljenza tal-istat u tas-soċjetà;
(b) il-kapaċitajiet tas-sħab li jiġġeneraw u jaċċessaw riżorsi finanzjarji u l-kapaċitajiet tagħhom ta' assorbiment;	(b) il-kapaċitajiet tas-sħab li jiġġeneraw u jaċċessaw riżorsi finanzjarji u l-kapaċitajiet tagħhom ta' assorbiment;
(c) l-impenji u l-prestazzjoni tas-sħab, stabbiliti fuq kriterji bħar-riforma politika u l-iżvilupp ekonomiku u soċjali;	(c) l-impenji u l-prestazzjoni tas-sħab, stabbiliti fuq kriterji bħar-riforma politika u l-iżvilupp ekonomiku u soċjali u r-rieda tagħhom li jinvolvu ruħhom mal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali tagħhom fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-immonitorjar tal-programmi;
(d) l-impatt potenzjali tal-finanzjament tal-Unjoni fil-pajjiżi u r-reġjuni sħab;	(d) l-impatt potenzjali tal-finanzjament tal-Unjoni fil-pajjiżi u r-reġjuni sħab; inkluż fil-forma ta' proġetti fuq skala żgħira, aċċessibbli wkoll għal entitajiet lokali u reġjonali;
(e) il-kapaċità u l-impenn tas-sħab li jippromwovu interessi u valuri kondiviżi, u li jappoġġaw għanijiet komuni u alleanzi multilaterali, kif ukoll li l-prijoritajiet tal-Unjoni jitmexxew 'il quddiem.	(e) il-kapaċità u l-impenn tas-sħab li jippromwovu interessi u valuri kondiviżi, u li jappoġġaw għanijiet komuni u alleanzi multilaterali, kif ukoll li l-prijoritajiet tal-Unjoni jitmexxew 'il quddiem.

Raġuni

L-Artikolu 11 propost diġà jsemmi li "... l-azzjonijiet għandhom ikunu bbażati, sal-punt possibbli, fuq djalogu bejn l-Unjoni, l-Istati Membri u l-pajjiżi sħab ikkonċernati, inklużi awtoritajiet nazzjonali u lokali...", li huwa punt ta' tluq tajjeb, iżda jidher li huwa importanti li jingħad li l-prinċipji ta' programmar iħeġġu wkoll bil-qawwa l-impenn mal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali (u partijiet interessati oħra) fl-abbozzar, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-programmi (anke fid-dawl tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità). Referenza espliċita hija partikolarment importanti għal ħidma f'pajjiżi fejn l-involviment tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali huwa limitat jew mhux stabbilit.

Barra minn hekk, huwa ta' importanza kbira li l-fondi ta' programmazzjoni huma aċċessibbli għal kull tip u daqs ta' Awtorità Lokali u Reġjonali, inklużi dawk f'żoni rurali, kif ukoll bliet intermedjarji, peress li kollha kemm huma joperaw fl-istess territorji u jeħtieġ li jaħdmu flimkien biex jintlaħqu l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli (lokali) (kif spjegat fl-Approċċ Territorjali tal-UE għall-Iżvilupp Lokali).

F'konformità ma' dan, l-NDICI l-għdida għandha wkoll tħeġġeġ u tiffinanzja proġetti fuq skala żgħira (eż. il-bini fuq sħubijiet li diġà jeżistu bejn il-bliet jew sħubijiet oħrajn sottonazzjonali jew bejn diversi partijiet ikkonċernati), minbarra megaproġetti, u tiffaċilita aktar tisħiħ tal-kapaċità tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali, sabiex it-tipi kollha ta' Awtorità Lokali u Reġjonali jkunu jistgħu jaħdmu lejn l-iżvilupp sostenibbli.

Emenda 10

(COM(2018) 460 final – Titolu II, kapitolu III) Art. 22(7)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u s-sħab tagħha tista' tieħu l-forma, fost affarijiet oħra, ta':	Il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u s-sħab tagħha tista' tieħu l-forma, fost affarijiet oħra, ta':
[...]	[...]
(b) miżuri ta' kooperazzjoni amministrattivi bħal ġemellaġġ bejn istituzzjonijiet pubbliċi, awtoritajiet lokali, korpi pubbliċi nazzjonali jew entitajiet tad-dritt privat responsabbli għal kompiti ta' servizz pubbliku ta' Stat Membru u dawk ta' pajjiż jew reġjun sieħeb, kif ukoll miżuri ta' kooperazzjoni li jinvolvu esperti tas-settur pubbliku mibgħuta mill-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali u lokali tagħhom;	(b) miżuri ta' kooperazzjoni amministrattivi bħal ġemellaġġ bejn istituzzjonijiet pubbliċi, awtoritajiet lokali, korpi pubbliċi nazzjonali jew entitajiet tad-dritt privat responsabbli għal kompiti ta' servizz pubbliku ta' Stat Membru u dawk ta' pajjiż jew reġjun sieħeb, kif ukoll miżuri ta' kooperazzjoni li jinvolvu esperti tas-settur pubbliku mibgħuta mill-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali u lokali tagħhom, <i>b'mod partikolari permezz tal-mekkaniżmu TAIEX u l-programm SIGMA;</i>

Raġuni

Ir-referenza espliċita għall-użu ta' TAIEX u SIGMA għandha tgħin biex ikun iġġustifikat l-użu ta' għodod ta' assistenza teknika effettivi ħafna fil-livelli amministrattivi kollha.

Anness II – Oqsma ta' kooperazzjoni għall-programmi ġeografiċi

Emenda 11

(COM(2018) 460 final, Anness II) A.1 (a)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Tisħiħ tad-demokrazija u tal-proċessi demokratiċi, tal-governanza u tas-sorveljanza, inklużi proċessi elettorali trasparenti u kredibbli;	Tisħiħ tad-demokrazija u tal-proċessi demokratiċi, tal-governanza u tas-sorveljanza fil-livell nazzjonali u sott-nazzjonali , inklużi proċessi elettorali trasparenti u kredibbli fil-livelli kollha ;

Raġuni

Il-kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp, kif maqbul mill-UE u l-Istati Membri tagħha fl-2017, jistieden lill-awtoritajiet reġjonali u lokali sabiex jeżerċitaw skrutinju u jipparteċipaw b'mod attiv fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet (punt 83).

Bħala l-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni aħna pparteċipajna f'missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali, fil-livell lokali u reġjonali, li jikkontribwixxu għat-tisħiħ u l-kwalità tal-proċessi demokratiċi.

Emenda 12

(COM(2018) 460 final, Anness II) A.2 (l)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Għoti ta' appoġġ lill-awtoritajiet lokali biex itejbu, fil-livell tal-bliet , il-forniment ta' servizzi bażiċi u ta' aċċess ekwu għas-sigurtà alimentari, kif ukoll għal abitazzjoni u għal kwalità tal-ħajja aċċessibbli, deċenti u affordabbli, b'mod partikolari għal dawk li jgħixu f'residenzi informali u f'bassifondi.	Għoti ta' appoġġ lill-awtoritajiet lokali u reġjonali biex itejbu, fil-livell tagħhom , il-forniment ta' servizzi bażiċi u ta' aċċess ekwu għas-sigurtà alimentari, kif ukoll għal abitazzjoni u għal kwalità tal-ħajja aċċessibbli, deċenti u affordabbli, b'mod partikolari għal dawk li jgħixu f'residenzi informali u f'bassifondi.

Raġuni

Dan l-artikolu jissuġġerixxi appoġġ lill-awtoritajiet lokali biex itejbu l-għoti ta' servizzi bażiċi fil-livell tal-belt. Huwa importanti li jiġi kkjarifikat li l-għan tal-NDICI huwa li jaħdem mas-"sistema tal-ibliet" kollha. Il-bliet huma komponent wieħed biss f'sistema lokali tal-gvern nazzjonali: l-imperattivi ta' żvilupp fil-pajjiżi terzi jeħtieġ li jkunu nazzjonali u xprunati lokalment f'livelli differenti ta' gvern, komunitajiet u soċjetà ċivili. Dan huwa konformi wkoll mal-Approċċ Territorjali tal-KE għall-Iżvilupp Lokali, li jissottolinja li l-awtoritajiet lokali u reġjonali spiss jaqdu rwol ta' koordinazzjoni fit-territorju tagħhom, billi jikkonsultaw u jikkooperaw mas-settur privat, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, kif ukoll mal-universitajiet, l-istituti tal-għarfien u livelli oħra ta' gvern.

Anness III – Oqsma ta' intervent għall-programmi tematiċi

Emenda 13

(COM(2018) 460 final, Anness III) Żid punt 3 ġdid

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	<p>3. OQSMA TA' INTERVENT GĦALL-AWTORITAJIET LOKALI U REĠJONALI</p> <p><i>Tisħiħ tar-rwol tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali bħala atturi tal-iżvilupp, permezz ta':</i></p> <p>(a) <i>L-għoti ta' setgħa lill-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali, notevolment permezz ta' sħubijiet internazzjonali bejn l-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali ta' pajjiżi Ewropej u pajjiżi sħab sabiex tiġi implimentata l-Aġenda 2030 permezz ta' pakkett finanzjarju ddedikat sabiex jissaħħu l-kapaċitajiet tal-governanza tagħhom u l-kapaċitajiet tagħhom biex jieħdu sehem fi djalogu politiku mal-awtoritajiet nazzjonali, u jiġu appoġġati l-proċessi ta' deċentralizzazzjoni;</i></p> <p>(b) <i>It-trawwim tal-kooperazzjoni deċentralizzata għall-iżvilupp, fil-forom kollha tagħha;</i></p> <p>(c) <i>Żieda fil-kapaċità tan-netwerks, tal-pjattaformi u tal-alleanzi tal-awtoritajiet lokali u reġjonali Ewropej u tan-Nofsinhar, biex jiġi żgurat djalogu ta' politika sostantiv u kontinwu fil-qasam tal-iżvilupp u biex tiġi promossa governanza demokratika, b'mod notevoli permezz tal-Approċċ Territorjali għall-Iżvilupp Lokali;</i></p> <p>(d) <i>Żieda fl-interazzjonijiet maċ-ċittadini Ewropej dwar kwistjonijiet relatati mal-iżvilupp (sensibilizzazzjoni, kondiviżjoni tal-għarfien, involviment), b'mod notevoli b'relazżjoni mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u inkluż fl-Istati Membri, fil-pajjiżi kandidati u fil-kandidati potenzjali.</i></p>

Raġuni

Għad iridu jiġu kkjarifikati l-modalitajiet għall-involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-programmi Ewropej lil hinn mill-fażi tal-ipprogrammar, kif ukoll il-mod ta' kif dawn se jiġu kkonsultati fir-rigward tal-prijoritajiet tal-programmi ġeografiċi. Biż-żieda ta' qasam ta' intervent speċifikament għall-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali, ma jkun hemm l-ebda dubju dwar jekk jew le dan il-grupp fil-mira/il-benefiċjarju/dawn is-sħab jirċievu biżżejjed attenzjoni fl-operazzjonalizzazzjoni tal-politiki.

Il-valur miżjud tal-kooperazzjoni deċentralizzata (jiġifieri sħubijiet internazzjonali bejn l-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali) ma jissemmiex b'mod espliċitu fil-proposti differenti dwar "Il-Viċinat u d-Dinja". Il-kooperazzjoni deċentralizzata ġiet rikonoxxuta mill-istituzzjonijiet Ewropej u l-Istati Membri bħala għodda għall-iżvilupp fil-Kunsens il-ġdid dwar l-Iżvilupp tal-2017. Hija tabilħaqq għodda effiċjenti sabiex tiżdied il-kapaċità tal-awtoritajiet lokali u reġjonali mill-pajjiżi sħab tal-UE biex jiżviluppaw pjani u jwasslu servizzi u biex itejbu l-kwalità tar-riformi ta' deċentralizzazzjoni. Din it-tip ta' kooperazzjoni internazzjonali ilha teżisti għal deċennji sħaħ u tinvolvi bosta awtoritajiet lokali u reġjonali Ewropej. Il-kooperazzjoni deċentralizzata m'għandhiex tintfiehmed bħala sħubiji b'kamp ta' applikazzjoni tematiku limitat (pereżempju l-provvista tal-ilma, il-ġestjoni tal-iskart u l-ippjanar urban) peress li hemm potenzjal li l-kooperazzjoni deċentralizzata ssaħħaħ il-qafas ta' governanza usa'. Il-pilastru tal-programmi ġeografiċi għandu wkoll jipprovi spazju għal tali attivitajiet.

Emenda 14

(COM(2018) 460 final, Anness III) 4. Oqsma ta' intervent għall-isfidi globali

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>D. SHUBIJJET</p> <p>1. Tisħiħ tar-rwol tal-Awtoritajiet Lokali bħala atturi tal-iżvilupp, permezz ta':</p> <p>(a) Żieda fil-kapaċità tan-netwerks, tal-pjattaformi u tal-alleanzi tal-awtoritajiet lokali Ewropej u tan-Nofsinhar, biex jiġi żgurat djalogu ta' politika sostantiv u kontinwat fil-qasam tal-iżvilupp u biex tiġi promossa governanza demokratika, b'mod notevoli permezz tal-Approċċ Territorjali għall-Iżvilupp Lokali;</p> <p>(b) Żieda fl-interazzjonijiet maċ-ċittadini Ewropej dwar kwistjonijiet relatati mal-iżvilupp (sensibilizzazzjoni, kondivizzjoni tal-għarfien, involviment), b'mod notevoli b'relazżjoni mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u inkluż fl-Unjoni, fil-pajjiżi kandidati u fil-pajjiżi kandidati potenzjali.</p>	

Raġuni

Billi jiżdied fl-emenda 13 qasam speċifiku ta' intervent għall-awtoritajiet lokali u reġjonali, l-awtoritajiet lokali u reġjonali konsegwentement jitneħħew mill-qasam ta' intervent għal sfidi globali.

Proposta IPA III

Emenda 15

(COM(2018) 465 final) Artikolu 6

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	<p>5. Il-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, għandha tiegħu wkoll il-passi meħtieġa biex tiżgura li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jkunu involuti fl-identifikazzjoni tal-oġġettivi speċifiċi segwiti minn assistenza taħt dan ir-Regolament.</p>

Raġuni

Billi l-IPA III ser ikollha għan speċifiku li ssaħħaħ l-effikaċja tal-amministrazzjoni pubblika u tappoġġja riformi strutturali u l-governanza tajba fil-livelli kollha, l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom ikunu involuti fl-ippjanar strateġiku. Barra minn hekk, il-Kummissjoni hija mħeġġa tistabbilixxi proċeduri operattivi ad hoc li jippermettu l-użu tal-istrumenti tat-TAIEX u t-Twinning għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali tal-Istati Membri u tal-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali.

Emenda 16

(COM(2018) 465 final) Artikolu 9(1)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Sa 3 % tal-pakkett finanzjarju għandu jiġi allokat b'mod indikattiv għall-programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera bejn il-benefiċjarji elenkati fl-Anness I u l-Istati Membri, f'konformità mal-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tagħhom.	Sa 3 % tal-pakkett finanzjarju għandu jiġi allokat b'mod indikattiv għall-programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera bejn il-benefiċjarji elenkati fl-Anness I u l-Istati Membri, f'konformità mal-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tagħhom u jinkludi appoġġ għall-bini tal-kapaċità fil-livell lokali u reġjonali.

Raġuni

Il-bini tal-kapaċità fil-livell lokali u reġjonali għandu jkun waħda mill-prijoritajiet li jiġu riflessi fl-allokazzjoni finanzjarja.

Emenda 17

(COM(2018) 465 final) Anness II

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	(f) Il-promozzjoni tal-governanza lokali u reġjonali u t-tiżiħ tal-kapaċità tal-ippjanar u amministrattiva tal-awtoritajiet lokali u reġjonali.

Raġuni

Din il-prijorità tematika m'għandhiex tidher biss taħt l-assistenza għal kooperazzjoni transkonfinali.

II. RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA**IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI****Introduzzjoni**

- Jinnota b'interess il-proposti tal-Kummissjoni għall-QFP 2021-2027, inklużi l-proposti taħt l-intestatura "Il-Viċinat u d-Dinja", b'mod partikolari dawk dwar l-NDICI il-ġdid u l-estensjoni tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) fl-IPA III;
- Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-baġit propost għall-azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea se jżied (sa EUR 123 biljun, meta mqabbel ma' EUR 94,5 biljun fil-perjodu 2014-2020), li huwa daqs madwar 10 % tat-total tal-QFP (kif propost); jaħseb li dan huwa direttament meħtieġ fid-dawl tal-isfidi globali; u jenfazizza l-bżonn li din iż-żieda proposta titqies bħala minimu fin-negozjati attwali tal-QFP;
- Japprezza l-ambizzjoni tal-Kummissjoni li l-azzjoni esterna tal-UE ssir aktar konsistenti, koerenti u flessibbli, fid-dawl tal-isfidi globali bħat-tibdil fil-klima u l-urbanizzazzjoni massiva u t-taqbib soċjali u ekonomiku, li kollha jeħtieġu soluzzjonijiet jew approċċi multidimensjonali u kumplessi;
- Jilqa' b'sodisfazzjon iż-żieda prevista tal-effettività billi jingħaqdu diversi strumenti ta' azzjoni esterna fil-NDICI propost biex jinkisbu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u tinbena r-reżiljenza, f'konformità mal-Opinjoni CoR 2017/03666, iżda jinnota li kollox jiddependi fuq l-operazzjonalizzazzjoni tal-proposti attwali – għandu, f'kull ħin, ikun evitat li d-distakk bejn il-politika u l-implimentazzjoni jitwessa' (jiġifieri li l-modalitajiet mhumiex modifikati biex ikunu wkoll aktar flessibbli);

5. Jinnota li l-awtoritajiet lokali u reġjonali huma inklużi fil-pilastru dwar l-isfidi globali tal-NDICI propost u jinsabu wkoll fil-parti "reġjonali" tal-pilastru ġeografiku; u jixtieq jirċievi assigurazzjoni mill-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE li l-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali ser tabilħaqq ikollhom aċċess faċli għal dawn il-programmi u l-baġits;

6. Jaqbel li l-għoti ta' spinta lill-investimenti għall-ħolqien tal-impjegi u t-tisħiħ tar-rwol tas-settur privat huwa essenzjali għall-iżvilupp, u għalhekk jilqa' b'sodisfazzjon il-Komunikazzjoni dwar Alleanza ġdida Afrika-Ewropa għall-Investment u għall-Impjegi Sostenibbli: nieħdu s-sħubija tagħna għall-investment u għall-impjegi fil-livell li jmiss li għandha l-għan li tappoġġja l-ħolqien ta' 10 miljun impjeg fl-Afrika;

7. Jinsisti li l-involviment ta' finanzjament speċifiku u l-allokazzjoni tiegħu għal-livelli lokali u reġjonali tal-gvern ta' pajjiżi terzi se jgħin biex jipromovi l-iżvilupp fil-livell lokali, u b'hekk jgħin lill-UE tilħaq l-għanijiet tagħha;

8. Jilqa' b'sodisfazzjon it-titwil tal-Istrument ta' Qabel l-Adeżjoni (jew IPA III), bħala strument rilevanti u bi skop, u japprezza li l-IPA III għandu jkollha bħala għanijiet speċifiċi t-tisħiħ tal-effikaċja tal-amministrazzjoni pubblika u jappoġġja r-riformi strutturali u l-governanza tajba fil-livelli kollha, u li jappoġġja l-kooperazzjoni territorjali u transkonfinali;

Tħassib u opportunitajiet

9. Iqis li l-integrazzjoni ta' diversi strumenti ta' azzjoni esterna f'NDICI wieħed tipprovdi kemm sfidi kif ukoll opportunitajiet, u jissottolinja li l-NDICI għandu jkompli jservi l-oġettivi ta' żvilupp fit-tul li qabel kienu qegħdin jinkisbu permezz tal-FEŻ.

10. Jesprimi tħassib li peress li l-azzjoni esterna qed tiġi allokata dejjem iżjed skont il-ġeografija, l-aċċess għall-finanzjament għall-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali jista' jsir aktar diffiċli u inqas evidenti, skont l-istrateġiji speċifiċi tal-pajjiżi, li għalissa mhumiex magħrufa; jesprimi tħassib li hemm dipendenza akbar fuq strateġiji u programmar immexxja mill-pajjiżi, abbażi ta' prijoritajiet ewlenin u investimenti strateġiċi fl-infrastruttura, li se jwassal għal konċentrazzjoni akbar fuq il-benefiċjarji fil-livell nazzjonali, u potenzjalment anqas attenzjoni fuq it-teħid ta' deċiżjonijiet u l-parteċipazzjoni ta' diversi partijiet interessati, fil-fażijiet kollha tal-programmazzjoni;

11. Jenfasizza l-importanza tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali li jkunu involuti fl-iżvilupp ta' strateġiji u ta' programmar u fl-implimentazzjoni tal-iprogrammar, u tal-oqfsa ta' monitoraġġ u evalwazzjoni li qed jiġu żviluppanti fil-livell lokali. Dan jiżgura li l-għajnuna tkun immirata lejn il-ħtiġijiet ta' kandidati, inkluż fil-livell lokali u reġjonali. L-allokazzjoni ta' finanzjament abbażi tal-prestazzjoni għandha tqis il-progress lejn ir-riformi tad-deċentralizzazzjoni u d-demokrazija lokali/governanza tajba fil-livelli kollha;

12. Huwa diżappuntat li jara li qed jiġi propost li l-linja tal-baġit allokata għall-Awtoritajiet Lokali disponibbli taħt id-DCI titwaqqaf fil-perjodu tal-QFP li jmiss, u jitlob għal aktar dawl fuq dan ir-raġunament qabel ma nabbandunaw dan il-baġit allokati minkejja l-ħafna esperjenzi tajba fir-rigward ta' għotjiet/programmi tal-Awtoritajiet Lokali; jitlob li dan il-baġit allokati jerġa' jiġi kif kien;

13. Jenfasizza li filwaqt li l-linja tal-baġit tal-Awtoritajiet Lokali taħt id-DCI attwali ma ntefqux kollha, u ġie konkluż wisq faċilment li dan ġara minħabba kapaċità insuffiċjenti tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali. Raġunijiet oħra, bħal rekwiżiti stretti ta' kofinanzjament u proċeduri ta' applikazzjoni kumplessi, jistgħu, fil-fatt, ikunu aktar importanti; jappella lill-istituzzjonijiet tal-UE jipprovdu lok għal titjib tal-aċċessibilità ta' din il-linja tal-baġit, minflok jagħżlu l-abolizzjoni diretta;

14. Huwa miftuħ biex jikkondividi l-esperjenzi (varji) tajbin u ħżiena tal-membri tal-Kumitat tar-Reġjuni mal-linja tal-baġit attwali għall-Awtoritajiet Lokali b'mod konformi mal-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE, fix-xhur li ġejjin;

15. Huwa lest jiffaċilita d-djalogu u l-kooperazzjoni mal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali f'pajjiżi tat-tkabbir u tal-vcinat permezz tal-pjattaformi u korpi eżistenti (ARLEM, CORLEAP, il-Kumitati Konsultattivi Konġunti u l-Gruppi ta' Ħidma, u sħubijiet strateġiċi tal-Kummissjoni Ewropea ma' assoċjazzjonijiet ta' awtoritajiet lokali u reġjonali, inkluż CEMR-PLATFORMA), u b'hekk jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-oġġettivi ddikjarati fir-regolamenti dwar l-NDICI u l-IPA. Jissottolinja li azzjonijiet u programmi "peer-to-peer" bejn l-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali Ewropej u mhux tal-UE, bħalma hija l-inizjattiva ta' Nikosija għal municġipalitajiet Libjani għall-bini tal-kapaċità, juru sa liema punt il-kooperazzjoni mill-awtoritajiet lokali u reġjonali tista' tippromovi l-istabbiltà u l-prosperità fil-vcinat tagħna.

16. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE, ikun xi jkun l-eżitu, biex il-fondi jinżammu aċċessibbli għal kull tip u daqs ta' Awtorità Lokali u Reġjonali, inklużi daww f'żoni rurali, kif ukoll il-bliet intermedjarji, bħala ċentri għal tkabbir u innovazzjoni sostenibbli u inklużiv, u b'hekk jitħaddan l-Approċċ Territorjali tal-UE għall-Iżvilupp Lokali;

17. Ihegġegħ li l-NDICI għdid jistimola u jiffinanzja wkoll proġetti fuq skala żgħira (eż. il-bini fuq sħubijiet bejn bejn il-bliet jew sħubijiet oħrajn sottonazzjonali jew bejn diversi partijiet ikkonċernati) u jiġi f'faċilitat aktar it-tiżiħ tal-kapaċità tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali sabiex ikunu aktar kapaċi jaġixxu fir-rwol ta' koordinazzjoni tagħhom għall-iżvilupp territorjali u fit-tiżiħ tar-rabtiet urbani-rurali;

18. Ihegġegħ lil-leġislatura tal-UE biex jadattaw l-istrumenti proposti (jiġifieri l-NDICI u l-IPA III) sabiex jiżdied aktar l-appoġġ strateġiku lill-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali u d-demokrazija fil-livell sottonazzjonali. Appoġġ imsaħħaħ għad-demokrazija lokali jżid il-viżibbiltà tal-azzjoni tal-UE billi l-proċess ta' riforma jingieħ fuq l-għatba stess taċ-ċittadini, u jinkorpora iktar is-sjeda tal-proċess ta' riforma f'pajjiżi sħab;

19. Jinnota li raġuni oħra biex biex l-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali jiġu appoġġati u jingħataw is-setgħa b'mod konsistenti hija li 65 % tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli ma jistgħux jintlaħqu mingħajr il-parteċipazzjoni attiva tal-awtoritajiet lokali u reġjonali;

20. Jenfasizza li l-kooperazzjoni deċentralizzata għall-iżvilupp (fil-forom kollha tagħha) hija għodda importanti f'dan ir-rigward, kif rikonoxxut mill-istituzzjonijiet Ewropej u l-Istati Membri fil-Kunsens tal-UE dwar l-Iżvilupp; u jitlob biex dan ir-rwol u għodda jitqiesu b'mod aktar qawwi fl-NDICI;

21. Ihegġegħ li l-għanijiet ta' politika speċifiċi għall-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Viċinat jiġu segwiti u jinkisbu, minkejja l-għaqda tal-istrumenti li qabel kienu separati. B'mod partikolari, l-assistenza u l-kooperazzjoni tal-UE mal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali mill-pajjiżi tas-Sħubija m'għandhomx ibatu b'mod organizzattiv jew finanzjarju bħala riżultat ta' flessibilità akbar fl-allokkazzjoni ta' riżorsi finanzjarji u oħrajn bejn id-diversi programmi ġeografiċi u tematiċi;

22. Huwa diżappuntat li l-attivitajiet TAIEX, Ġemellaġġ u Sigma ntużaw primarjament għall-benefiċċju tal-amministrazzjonijiet ċentrali tal-pajjiżi benefiċjarji, filwaqt li kull kapitolu tal-acquis għandu rabta (in)diretta mal-(mal-kompetenzi tal-)Awtoritajiet Lokali u Reġjonali, li huma f'pożizzjoni tajba haħna, minħabba r-relazzjoni diretta tagħhom mal-pubbliku, li jikkomunikaw b'mod effettiv il-vantaġġi ta' sħubija fl-UE u l-benefiċċji u s-salvagwardji li l-UE tipprowdi għall-popolazzjoni kollha tagħha, b'mod partikolari l-benefiċjarji ta' IPA III. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-referenza espliċita fir-Regolament NDICI għall-użu tal-Ġemellaġġ kemm fil-livell ċentrali kif ukoll dak lokali u reġjonali, iżda jistenna li jintużaw ukoll għodod oħra bħat-TAIEX u s-SIGMA fl-istess livelli;

Suġġerimenti u rakkomandazzjonijiet

23. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tiżgura fil-każijiet kollha li l-partijiet interessati rilevanti, inklużi l-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali, jiġu debitament ikkonsultati u jkollhom aċċess f'waqtu għal informazzjoni rilevanti li tippermetti li jkollhom rwol sinifikanti matul it-tfassil, l-implimentazzjoni u l-proċess ta' monitoraġġ assoċjat tal-programmi;

24. Jissuġġerixxi bis-saħħa li l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jingħataw programm speċifiku u separat b'baġit allokat għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp, kif ukoll li jitqiesu bħala benefiċjarji matul il-programmazzjoni;

25. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jiżguraw li l-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali huma mgħammra biżżejjed biex ikunu jistgħu jiġu lokalizzati l-SDGs, u li tissemma' espliċitament din l-Aġenda fir-regolamenti li jstabbilixxu l-istrumenti. Barra minn hekk, ikun ta' għajnuna jekk l-importanza ta' din l-aġenda tiġi riflessa wkoll fl-ispeċifikazzjonijiet baġitarji li jmiss.
26. Jappella lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi proċeduri operattivi ad hoc li jippermettu l-użu tal-istrumenti tat-TAIEX u t-Twinning għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali tal-Istati Membri u tal-pajjiżi sħab.
27. Jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea biex titwettaq evalwazzjoni tal-appoġġ tal-UE lill-awtoritajiet lokali f'reġjuni tat-tkabbir u tal-viċinat matul il-perjodu 2010-2018 u jirrakkomanda li l-esperjenza minn programmi/proġetti reġjonali li jappoġġjaw l-awtoritajiet lokali, bħalma huma l-Faċilità tal-Amministrazzjoni Lokali, Sindki għat-Tkabbir Ekonomiku u l-Patt tas-Sindki tal-Lvant, għandhom jintużaw biex jiżviluppaw appoġġ simili għall-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali f'reġjuni oħra.
28. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li "il-promozzjoni ta' governanza lokali u reġjonali u t-tisħiħ tal-kapaċità tal-ippjanar u amministrattiva tal-awtoritajiet lokali u reġjonali" hija inkluża bħala prijorità tematika għall-assistenza għall-kooperazzjoni transkonfinali (Anness III) u jitlob li l-istess prijorità tematika hija inkluża fl-Anness II tar-regolament dwar l-IPA III;

Brussell, is-6 ta' Diċembru 2018.

Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni
Karl-Heinz LAMBERTZ

Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Il-Programm InvestEU

(2019/C 86/17)

Relatur: Konstantinos AGORASTOS (EL/PPE), Gvernatur tar-Reġjun ta' Tessalja**Referenzi:** Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm InvestEU

COM(2018)439 final

I. RAKKOMANDAZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU EMENDI

Emenda 1

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>B'1,8 % tal-PDG tal-UE, jiġifieri perċentwal inqas mit- 2,2 % tal-2009, l-attivitajiet ta' investiment fl-infrastruttura fl-Unjoni fl-2016 kienu madwar 20 % inqas mir-rati tal-investiment ta' qabel il-kriżi finanzjarja globali. Għalhekk, filwaqt li jista' jiġi osservat irkupru fil-proporzjonijiet ta' bejn l-investiment u l-PDG fl-Unjoni, dan għadu taħt dak li jista' jkun mistenni f'perjodu ta' rkupru qawwi u mhuwiex biżżejjed biex jikkompensa għal snin ta' nuqqas ta' investiment. Aktar importanti minn hekk, il-livelli u t-tbassir attwali tal-investiment ma jkoprox il-ħtiġijiet ta' investiment strutturali tal-Unjoni quddiem il-bidla teknoloġika u l-kompetittività globali, inklużi l-innovazzjoni, il-ħiliet, l-infrastruttura, l-intrapriżi żgħar u medji (l-“SMEs”) u l-ħtieġa li jiġu indirizzati sfidi soċjetali ewlenin bħas-sostenibbiltà jew it-tixjiħ demografiku. Għaldaqstant, huwa meħtieġ li jitkompla l-appoġġ biex jiġu indirizzati l-fallimenti tas-suq u s-sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali biex titnaqqas id-diskrepanza fl-investiment f'setturi mmirati sabiex jinkisbu l-għanijiet tal-politika tal-Unjoni.</p>	<p>B'1,8 % tal-PDG tal-UE, jiġifieri perċentwal inqas mit- 2,2 % tal-2009, l-attivitajiet ta' investiment fl-infrastruttura fl-Unjoni fl-2016 kienu madwar 20 % inqas mir-rati tal-investiment ta' qabel il-kriżi finanzjarja globali. F'termini assoluti, l-investiment totali jibqa' taħt il-livelli ta' qabel il-kriżi fi 11- il Stat Membru, u kien aktar minn 25 % inqas fl-2015 milli fl-2007 f'iktar minn 40 reġjun madwar l-UE. Għalhekk, filwaqt li jista' jiġi osservat irkupru fil-proporzjonijiet ta' bejn l-investiment u l-PDG fl-Unjoni, dan mhuwiex imqassam b'mod ugwali, partikolarment fiż-żoni periferiċi u/jew tal-fruntiera bejn l-Istati Membri pajjiżi mhux membri tal-Unjoni, u għadu taħt dak li jista' jkun mistenni f'perjodu ta' rkupru qawwi u mhuwiex biżżejjed biex jikkompensa għal snin ta' nuqqas ta' investiment. Aktar importanti minn hekk, il-livelli u t-tbassir attwali tal-investiment ma jkoprox il-ħtiġijiet ta' investiment strutturali tal-Unjoni quddiem il-bidla teknoloġika u l-kompetittività globali, inklużi l-innovazzjoni, il-ħiliet, l-infrastruttura, l-intrapriżi żgħar u medji (l-“SMEs”) u l-ħtieġa li jiġu indirizzati sfidi soċjetali ewlenin bħas-sostenibbiltà jew it-tixjiħ demografiku. Għaldaqstant, jenħtieġ li jitkompla l-appoġġ biex jiġu indirizzati l-fallimenti tas-suq u s-sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali biex titnaqqas id-diskrepanza fl-investiment f'setturi mmirati, u qabel kollox fir-reġjuni li jaqgħu lura, sabiex jinkisbu l-għanijiet tal-politika tal-Unjoni. F'dawn ir-reġjuni li għadhom lura, l-enfasi għandha tkun fuq investiment li jiżviluppa l-potenzjal endoġenu tagħhom, timmira lejn vantaġġi kompetittivi divrenzjali u li hija mmirata lejn il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom.</p>

Raġuni

L-inkonsistenza tax-xejriet fl-investment madwar l-Istati Membri u r-reġjuni għandha tiġi enfasizzata, kif ukoll il-ħtieġa biex titneħħa id-diskrepanza fl-investment, speċjalment f'reġjuni li jsofru minn nuqqas ta' investment sinifikanti u persistenti.

Emenda 2

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Fil-livell tal-Unjoni, is-Semestru Ewropew tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika huwa l-qafas li jidentifika l-prijoritajiet nazzjonali ta' riforma u li jissorvelja l-implimentazzjoni tagħhom. L-Istati Membri jiżviluppaw l-istrateġiji tal-investimenti pluriennali nazzjonali tagħhom stess ħalli jappoġġaw dawn il-prijoritajiet ta' riforma. L-istrateġiji jenħtieġ li jiġu ppreżentati flimkien mal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma annwali bħala mod kif jiġu deskritti u kkoordinati proġetti prijoritarji ta' investment li għandhom jiġu appoġġati minn fondi nazzjonali u/jew tal-Unjoni, jew mit-tnejn. Jenħtieġ li jservu wkoll biex il-fondi tal-Unjoni jintużaw b'mod koerenti u biex jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-appoġġ finanzjarju li għandu jingħata, b'mod speċjali mill-Fondi Strutturali u ta' Investment Ewropej, il-Funzjoni Ewropea ta' Stabbilizzazzjoni tal-Investment u l-Fond InvestEU, fejn ikun rilevanti.</p>	<p>Fil-livell tal-Unjoni, is-Semestru Ewropew tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika, li jeħtieġ li jiġi riformat qabel il-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss biex jiġi allinjat mal-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, huwa l-qafas biex jiġu identifikati l-prijoritajiet nazzjonali ta' riforma u tiġi monitorjata l-implimentazzjoni tagħhom. L-Istati Membri jiżviluppaw l-istrateġiji ta' investment nazzjonali pluriennali tagħhom b'appoġġ għal dawn il-prijoritajiet ta' riforma. Jenħtieġ li l-istrateġiji jiġu ppreżentati flimkien mal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma bħala mod kif jiġu enfasizzati u kkoordinati proġetti ta' investimenti ta' prijorità li għandhom jiġu appoġġati minn finanzjament nazzjonali jew tal-Unjoni, jew mit-tnejn. Jenħtieġ li jservu wkoll biex il-finanzjament tal-Unjoni jintuża b'mod koerenti u biex jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-appoġġ finanzjarju li għandu jiġi riċevut, speċjalment mill-Fondi Strutturali u ta' Investment Ewropej, mill-Funzjoni ta' Stabbilizzazzjoni tal-Investment Ewropea u mill-fond InvestUE, fejn rilevanti.</p>

Emenda 3

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Il-Fond InvestEU jenħtieġ li jikkontribwixxi biex tittejjeb il-kompetittività tal-Unjoni, inkluża fil-qasam tal-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni, is-sostenibbiltà tat-tkabbir ekonomiku tal-Unjoni, ir-reżiljenza u l-inklużività soċjali u l-integrazzjoni tas-swieq kapitali tal-Unjoni, inklużi soluzzjonijiet li jindirizzaw il-frammentazzjoni tagħhom u d-diversifikazzjoni tas-sorsi ta' finanzjament għall-intrapriżi tal-Unjoni. Għal dan il-għan, dan jenħtieġ li jappoġġa proġetti teknikament u ekonomikament vijabbli billi jipprovdi qafas għall-użu ta' strumenti ta' dejn, ta' kondiviżjoni tar-riskju u ta' ekwità msejsa fuq garanzija mill-baġit tal-Unjoni u minn kontribuzzjonijiet minn sħab inkarigati mill-implimentazzjoni. Dan jenħtieġ li jkun immexxi mid-domanda filwaqt li l-appoġġ permezz tal-Fond InvestEU fl-istess waqt jenħtieġ li jiffoka fuq il-kontribut favur l-ilħiq tal-għanijiet tal-politika tal-Unjoni.</p>	<p>Il-Fond InvestEU jenħtieġ li jikkontribwixxi biex tittejjeb il-kompetittività tal-Unjoni, inkluża fil-qasam tal-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni, is-sostenibbiltà tat-tkabbir ekonomiku tal-Unjoni, ir-reżiljenza soċjali, <i>l-adattabilità għall-bidla u territorjali tal-Unjoni</i>, u l-integrazzjoni tas-swieq kapitali tal-Unjoni, inklużi soluzzjonijiet li jindirizzaw il-frammentazzjoni tagħhom u d-diversifikazzjoni tas-sorsi ta' finanzjament għall-intrapriżi tal-Unjoni, <i>b'enfasi speċjali fuq l-SMEs</i>. Għal dan il-għan, dan jenħtieġ li jappoġġa proġetti teknikament u ekonomikament vijabbli <i>u jissodisfa valutazzjoni tal-impatt għas-sostenibbiltà</i> billi jipprovdi qafas għall-użu ta' strumenti ta' dejn, ta' kondiviżjoni tar-riskju u ta' ekwità msejsa fuq garanzija mill-baġit tal-Unjoni u minn kontribuzzjonijiet <i>finanzjarji</i> minn sħab inkarigati mill-implimentazzjoni. Dan jenħtieġ li jkun immexxi mid-domanda filwaqt li l-appoġġ permezz tal-Fond InvestEU fl-istess waqt jenħtieġ li jiffoka fuq il-kontribut favur l-ilħiq tal-għanijiet tal-politika tal-Unjoni b'mod ikkoordinat <i>mal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej</i>.</p>

Raġuni

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 173 (Industrija) u t-tielet paragrafu tal-Artikolu 175 (Koeżjoni Ekonomika, Soċjali u Territorjali) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Dan tal-aħħar għandhu jiġi rifless ukoll fl-għanijiet ġenerali tal-Programm InvestEU, b'mod partikolari minħabba d-differenzi nazzjonali u reġjonali li jeżistu fir-rigward tal-investment. Sabiex jinkiseb il-finanzjament meħtieġ għall-intrapriżi, b'mod partikolari l-SMEs, huwa meħtieġ li jiġu żgurati d-disponibbiltà u l-koordinazzjoni tal-għodod u strumenti differenti, inklużi l-InvestEU u l-Fondi Strutturali, minħabba l-inugwaljanzi nazzjonali u reġjonali eżistenti.

Emenda 4

Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Filwaqt li jirrifletti l-importanza tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima b'konformità mal-impenji tal-Unjoni rigward l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi u tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Programm InvestEU se jikkontribwixxi għall-integrazzjoni ta' azzjonijiet klimatiċi ewlenin u għall-kisba ta' mira ġenerali fejn 25 % tal-infiq tal-baġit tal-UE jappoġġa għanijiet relatati mal-klima. Azzjonijiet fil-qafas tal-Programm InvestEU huma mistennija jikkontribwixxu 30 % tal-pakkett finanzjarju ġenerali tal-Programm InvestEU għall-għanijiet tal-klima. L-azzjonijiet rilevanti se jiġu identifikati matul it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-Programm InvestEU, u se jiġu vvalutati mill-ġdid fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet u tal-proċessi ta' rieżami rilevanti.</p>	<p>Filwaqt li jirrifletti l-importanza tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima b'konformità mal-impenji tal-Unjoni rigward l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi u tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Programm InvestEU se jikkontribwixxi għall-integrazzjoni ta' azzjonijiet klimatiċi ewlenin u għall-kisba ta' mira ġenerali fejn 30 % tal-infiq tal-baġit tal-UE jappoġġa għanijiet relatati mal-klima. Azzjonijiet fil-qafas tal-Programm InvestEU huma mistennija jikkontribwixxu 35 % tal-pakkett finanzjarju ġenerali tal-Programm InvestEU għall-għanijiet tal-klima. L-azzjonijiet rilevanti se jiġu identifikati matul it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-Programm InvestEU, u se jiġu vvalutati mill-ġdid fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet u tal-proċessi ta' rieżami rilevanti.</p>

Raġuni

L-isforzi biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU u l-obbligi skont il-Ftehim ta' Pariġi jridu jiġu kkunsidrati.

Emenda 5

Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Skont ir-Rapport dwar ir-Riskji Globali tal-2018 maħruġ mill-Forum Ekonomiku Dinji, nofs l-aktar għaxar riskji kritiċi li jheddu l-ekonomija globali huma relatati mal-ambjent. Dawn ir-riskji jinkludu t-tniġġis tal-arja, tal-ħamrija u tal-ilma, l-avvenimenti klimatiċi estremi, it-telf tal-bijodiversità u l-fallimenti fil-mitigazzjoni u fl-adattament għat-tibdil fil-klima. Il-prinċipji ambjentali huma integrati bis-sħiħ fit-Trattati u f'ħafna mill-politiki tal-Unjoni. Għalhekk, l-integrazzjoni tal-għanijiet ambjentali jenħtieġ li tiġi promossa f'operazzjonijiet relatati mal-Fond InvestEU. Il-protezzjoni ambjentali u l-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskji relatati jenħtieġ li jkunu integrati fit-tħejji u fl-implimentazzjoni tal-investimenti. L-UE jenħtieġ ukoll li tintraċċa n-nefqa tagħha relatata mal-bijodiversità u t-tniġġis tal-arja relatati mal-kontroll tan-nefqa sabiex tissodisfa l-obbligi tar-rappurtar skont il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika u d-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1]. Investiment allokat għal għanijiet tas-sostenibbiltà ambjentali jenħtieġ għalhekk jiġi segwit permezz ta' metodoloġiji komuni koerenti ma' dik żviluppata fil-qafas ta' programmi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-klima, il-bijodiversità u t-tniġġis tal-arja sabiex tkun possibbli l-valutazzjoni tal-impatt individwali u kkombinat tal-investimenti fuq komponenti ewlenin tal-kapital naturali, inklużi l-arja, l-ilma, l-art u l-bijodiversità.</p>	<p>Skont ir-Rapport dwar ir-Riskji Globali tal-2018 maħruġ mill-Forum Ekonomiku Dinji, nofs l-aktar għaxar riskji kritiċi li jheddu l-ekonomija globali huma relatati mal-ambjent. Dawn ir-riskji jinkludu t-tniġġis tal-arja, tal-ħamrija u tal-ilma, l-avvenimenti klimatiċi estremi, it-telf tal-bijodiversità u l-fallimenti fil-mitigazzjoni u fl-adattament għat-tibdil fil-klima. Il-prinċipji ambjentali huma integrati bis-sħiħ fit-Trattati u f'ħafna mill-politiki tal-Unjoni. Għalhekk, l-integrazzjoni tal-għanijiet ambjentali u dawk marbutin mar-reżiljenza għad-diżastri jenħtieġ li tiġi promossa f'operazzjonijiet relatati mal-Fond InvestEU. Il-protezzjoni ambjentali u l-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskji relatati jenħtieġ li jkunu integrati fit-tħejji u fl-implimentazzjoni tal-investimenti. L-UE jenħtieġ ukoll li tintraċċa n-nefqa tagħha relatata mal-bijodiversità u t-tniġġis tal-arja relatati mal-kontroll tan-nefqa sabiex tissodisfa l-obbligi tar-rappurtar skont il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika u d-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1]. Investiment allokat għal għanijiet tas-sostenibbiltà ambjentali jenħtieġ għalhekk jiġi segwit permezz ta' metodoloġiji komuni koerenti ma' dik żviluppata fil-qafas ta' programmi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-klima, il-bijodiversità u t-tniġġis tal-arja sabiex tkun possibbli l-valutazzjoni tal-impatt individwali u kkombinat tal-investimenti fuq komponenti ewlenin tal-kapital naturali, inklużi l-arja, l-ilma, l-art u l-bijodiversità.</p>

Raġuni

F'għie il-konsistenza mal-Opinjoni tal-KtR dwar ir-Reviżjoni tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili.

Emenda 6

Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Kif stabbilit fid-dokument ta' riflessjoni dwar id-dimensjoni soċjali tal-Ewropa [1] u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali [2], il-bini ta' Unjoni iktar inklużiva u aktar ġusta huwa prijorità ewlenija għall-Unjoni biex tindirizza l-inugwaljanza u trawwem politiki ta' inklużjoni soċjali fl-Ewropa. L-inugwaljanza tal-opportunitajiet taffettwa b'mod partikolari l-aċċess għall-edukazzjoni, it-taħriġ u s-saħħa. L-investment fl-ekonomija soċjali, tal-ħiliet u tal-kapital uman relatat kif ukoll fl-integrazzjoni ta' popolazzjonijiet vulnerabbli fis-soċjetà jista' jtejjeb l-opportunitajiet ekonomiċi, speċjalment jekk ikkoordinat fil-livell tal-Unjoni Il-Fond InvestEU jenħtieġ li jintuża biex jappoġġa l-investment fl-edukazzjoni u t-taħriġ, jgħin fiż-żieda fl-impjieg, b'mod partikolari fost dawk bla sengħa u bla xogħol fit-tul, u fit-titjib tas-sitwazzjoni fir-rigward tas-solidarjetà interġenerazzjonali, tas-settur tas-saħħa, tan-nies minħajr dar, tal-inklużività diġitali, tal-iżvilupp komunitarju, tar-rwol u l-post taż-żgħażaġħ fis-soċjetà kif ukoll dak ta' persuni vulnerabbli, inklużi ċittadini ta' pajjiżi terzi. Il-Programm InvestEU jenħtieġ li jikkontribwixxi wkoll għall-appoġġ tal-kultura u l-kreattività Ewropea. Biex jiġu kkompensati t-trasformazzjonijiet profondi tas-soċjetajiet fl-Unjoni u s-suq tax-xogħol matul id-deċennju li ġej, huwa meħtieġ li jsir investment fil-kapital uman, il-mikrofinanzjament, il-finanzjament tal-intrapriżi soċjali u mudelli tan-negozju ġodda tal-ekonomija soċjali, inkluż l-investment tal-impatt soċjali u l-ikkuntrattar tal-eżiti soċjali. Il-Programm InvestEU jenħtieġ li jsaħħaħ l-ekosistema tal-ekonomija soċjali tas-suq naxxenti, u jżid il-provvista tal-finanzi u l-aċċess għall-finanzi għal mikrointrapriżi u intrapriżi soċjali, biex tiġi ssodisfata d-domanda ta' dawk li l-aktar għandhom bżonnha. Ir-rapport tal-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli dwar l-Investment fl-Infrastruttura Soċjali fl-Ewropa [3] identifika diskrepanzi fl-investment fl-infrastruttura soċjali u fis-servizzi, inkluż f'dawk relatati mal-edukazzjoni, mat-taħriġ, mas-saħħa u mal-akkomodazzjoni, li jeħtieġu appoġġ, inkluż fil-livell tal-Unjoni. Għaldaqstant, l-isfruttar tal-poter kollettiv tal-kapital pubbliku, kummerċjali u filantropiku, kif ukoll l-appoġġ mill-fondazzjonijiet jenħtieġ li jiġi utilizzat biex jappoġġa l-iżvilupp tal-katina tal-valur tas-suq soċjali u Unjoni aktar reżiljenti.</p>	<p>Kif stabbilit fl-Artikolu 9 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-dokument ta' riflessjoni dwar id-dimensjoni soċjali tal-Ewropa [1] u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali [2], il-bini ta' Unjoni iktar inklużiva u aktar ġusta huwa prijorità ewlenija għall-Unjoni biex tindirizza l-inugwaljanza u trawwem politiki ta' inklużjoni soċjali fl-Ewropa. L-inugwaljanza tal-opportunitajiet taffettwa b'mod partikolari l-aċċess għall-edukazzjoni, it-taħriġ, il-ħiliet, it-tfittxija għall-ewwel impjieg u s-saħħa. Investment f'ħiliet relatati mal-kapital uman, soċjali u l-ekonomija, kif ukoll l-integrazzjoni ta' popolazzjonijiet vulnerabbli fis-soċjetà, jistgħu jtejjbu l-opportunitajiet ekonomiċi, speċjalment jekk ikunu koordinati fil-livell tal-Unjoni u immirati lejn is-setturi li jħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet minħabba n-nuqqas ta' ħaddiema u l-adattament għal teknoloġiji ġodda. Il-Fond InvestEU għandu jintuża biex jappoġġa l-investment fl-edukazzjoni u t-taħriġ, biex jiżiedu l-impjieg, b'mod partikolari fost ħaddiema mingħajr kwalifiki, gradwati reċenti u dawk li ilhom qiegħda, jiġi żviluppat il-ħolqien ta' "niċċ ta' impjieg" ġodda li jippermettu opportunitajiet ġodda meta jiġi aċċessat l-ewwel darba s-suq tax-xogħol u tittejjeb is-sitwazzjoni fir-rigward tas-solidarjetà interġenerazzjonali, is-settur tas-saħħa, akkomodazzjoni, nies bla dar, l-inklużività diġitali, żvilupp tal-komunità, ir-rwol u l-post taż-żgħażaġħ fis-soċjetà u fi s-suq tax-xogħol kif ukoll persuni vulnerabbli, inklużi ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi. Il-Programm InvestEU jenħtieġ li jikkontribwixxi wkoll għall-appoġġ tal-kultura u l-kreattività Ewropea. Biex jiġu kkompensati t-trasformazzjonijiet profondi tas-soċjetajiet fl-Unjoni u s-suq tax-xogħol matul id-deċennju li ġej, huwa meħtieġ li jsir investment fil-kapital uman, il-mikrofinanzjament, il-finanzjament tal-intrapriżi soċjali u mudelli tan-negozju ġodda tal-ekonomija soċjali, inkluż l-investment tal-impatt soċjali u l-ikkuntrattar tal-eżiti soċjali. Il-Programm InvestEU jenħtieġ li jsaħħaħ l-ekosistema tal-ekonomija soċjali tas-suq naxxenti, u jżid il-provvista tal-finanzi u l-aċċess għall-finanzi għal mikrointrapriżi u intrapriżi soċjali, u jsaħħaħ ir-rabtiet bejn l-intrapriżi u ċ-ċentri tat-taħriġ biex tiġi ssodisfata d-domanda ta' dawk li l-aktar għandhom bżonnha. Ir-rapport tal-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli dwar l-Investment fl-Infrastruttura Soċjali fl-Ewropa [3] identifika diskrepanzi fl-investment fl-infrastruttura soċjali u fis-servizzi, inkluż f'dawk relatati mal-edukazzjoni, mat-taħriġ, mal-ħiliet mas-saħħa u mal-akkomodazzjoni, li jeħtieġu appoġġ, inkluż fil-livell tal-Unjoni. Għaldaqstant, l-isfruttar tal-poter kollettiv tal-kapital pubbliku, kummerċjali u filantropiku, kif ukoll l-appoġġ mill-fondazzjonijiet jenħtieġ li jiġi utilizzat biex jappoġġa l-iżvilupp tal-katina tal-valur tas-suq soċjali u Unjoni aktar reżiljenti.</p>

Raġuni

Ir-referenza għal akkomodazzjoni hija introdotta fuq il-bażi tal-Prinċipju 19 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

Emenda 7

Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Kull sezzjoni ta' politika jenħtieġ li tkun magħmula minn żewġ kompartimenti, jiġifieri kompartiment tal-UE u kompartiment tal-Istati Membri. Il-kompartiment tal-UE jenħtieġ li jindirizza fallimenti tas-suq jew sitwazzjonijiet ta' investment subottimali madwar l-Unjoni kollha b'mod proporzjonat; l-azzjonijiet appoġġati jenħtieġ li jkollhom valur miżjud Ewropew ċar. Il-kompartiment tal-Istati Membri jenħtieġ li jagħti lill-Istati Membri l-possibilità li jikkontribwixxu sehem mir-riżorsi tagħhom tal-Fondi b'ġestjoni kondiviża għall-proviżjonament tal-garanzija tal-UE sabiex il-garanzija tal-UE tintuża għal finanzjamenti jew għal operazzjonijiet ta' investment li jindirizzaw fallimenti speċifiċi tas-suq jew sitwazzjonijiet ta' investment subottimali fit-territorju tagħhom stess, inkluż f'żoni vulnerabbli u remoti bħall-aktar reġjuni mbiegħda tal-Unjoni sabiex jitwettqu l-għanijiet tal-Fond b'ġestjoni kondiviża. Azzjonijiet appoġġati mill-Fond InvestEU permezz tal-kompartiment tal-UE jew dak tal-Istat Membru jenħtieġ li ma jiddupplikawx u ma jeskludux il-finanzjament privat u ma jfixklux il-kompetizzjoni fis-suq intern.</p>	<p>Is-sezzjonijiet ta' politika tal-UE jenħtieġ li jindirizzaw fallimenti tas-suq jew sitwazzjonijiet ta' investment subottimali madwar l-Unjoni kollha b'mod proporzjonat; l-azzjonijiet appoġġati jenħtieġ li jkollhom valur miżjud Ewropew ċar. Azzjonijiet appoġġati mill-Fond InvestEU jenħtieġ li ma jiddupplikawx u ma jeskludux il-finanzjament privat u ma jfixklux il-kompetizzjoni fis-suq intern.</p>

Raġuni

Il-valur miżjud tal-kompartimenti mhuwiex ċar, speċjalment peress li kull proġett kofinanzjat InvestEU jrid ikollu valur miżjud Ewropew. Minbarra l-kumplessità amministrattiva tad-diviżjoni f'kompartimenti, il-KtR għandu jopponi kull inċentiv lill-Istati Membri biex jirtiraw il-fondi tagħhom minn proġetti tal-politika ta' koeżjoni. Fi kwalunkwe każ, il-KtR għandu jadotta l-pożizzjoni tiegħu skont l-Opinjoni tiegħu fuq l-Artikolu 10 tas-CPR u l-mekkaniżmu investEU korrispondenti.

Emenda 8

Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	<p><i>Il-kompartiment tal-Istat Membru jenħtieġ li jkun infassal speċifikament sabiex jippermetti l-użu ta' fondi b'ġestjoni kondiviża għall-proviżjonament ta' garanzija maħruġa mill-Unjoni. Din il-kombinazzjoni timmira li timmobilizza l-klassifikazzjoni għolja tal-kreditu tal-Unjoni biex tippromwovi investimenti nazzjonali u reġjonali filwaqt li tiżgura ġestjoni konsistenti tar-riskju tar-responsabbiltajiet kontinġenti billi timplimenta l-garanzija mogħtija mill-Kummissjoni b'ġestjoni indiretta. L-Unjoni jenħtieġ li tiggarantixxi l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment previsti mill-ftehim(iet) ta' garanzija konklużi bejn il-Kummissjoni u l-partijiet inkarigati mill-implimentazzjoni fil-kompartiment tal-Istat Membru. Il-Fondi b'ġestjoni kondiviża jenħtieġ li jipprovdu l-proviżjonament tal-garanzija, abbażi ta' rata ta' proviżjonament determinata mill-Kummissjoni fiddawl tan-natura tal-operazzjonijiet u tat-telf mistenni riżultanti, u l-Istat Membru jgħorr it-telf li jkun ogħla mit-telf mistenni billi joħroġ garanzija dahar ma' dahar favur l-Unjoni. Dawn l-arranġamenti jenħtieġ li jiġu konklużi fi ftehim ta' kontribuzzjoni waħdieni ma' kull Stat Membru li jagħżel din l-għażla b'mod volontarju. Il-ftehim ta' kontribuzzjoni jenħtieġ li jinkludi ftehim ta' garanzija speċifiku wieħed (jew aktar) li jkun se jiġi implimentat fl-Istat Membru kkonċernat. L-iffissar tar-rata ta' proviżjonament fuq bażi ta' każ b'każ jeħtieġ deroga mill-[Artikolu 211(1)] tar-Regolament (UE, Euratom) Nru XXXX [1] (ir-“Regolament Finanzjarju”). Dan id-disinn jipprovdi wkoll sett uniku ta' regoli għal garanziji baġitarji appoġġati minn fondi ġestiti b'mod ċentrali jew minn fondi b'ġestjoni kondiviża, u dan għandu jiffaċilita l-kombinazzjoni tagħhom.</i></p>

Raġuni

Identika għar-raġuni tal-emenda tal-premessa 19.

Emenda 9

Żid Premessa ġdida wara Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	<p><i>Il-Fond InvestEU għandu jingħata struttura xierqa ta' governanza li l-funzjoni tagħha għandha tkun konformi mal-iskop uniku tagħha li tiżgura l-użu xieraq tal-garanzija tal-UE. Dik l-istruttura ta' governanza għandha tkun magħmula minn Bord Konsultattiv, Bord ta' Tmexxija u Kumitat tal-Investment. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta l-kompatibbiltà mal-liġi u l-politiki tal-Unjoni tal-operazzjonijiet ta' investiment u ta' finanzjament preżentati mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni filwaqt li d-deċiżjonijiet dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment jenħtieġ li, fl-aħħar mill-aħħar, jittieħdu minn sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni.</i></p>

Emenda 10

Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Fl-għażla tas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni għall-iskjerament tal-Fond InvestEU, il-Kummissjoni jenħtieġ li tqis il-kapaċità tal-kontroparti li tissodisfa l-għanijiet tal-Fond InvestEU u tikkontribwixxi r-riżorsi proprji tagħha, sabiex tiżgura kopertura u diversifikazzjoni ġeografika, tħeġġeġ investituri privati u tipprovdi diversifikazzjoni suffiċjenti tar-riskji kif ukoll soluzzjonijiet ġodda li jindirizzaw il-fallimenti tas-suq u s-sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali. Minħabba r-rwol tiegħu skont it-Trattati, il-kapaċità tiegħu li jopera fl-Istati Membri kollha u l-esperjenza eżistenti taħt l-istrumenti finanzjarji attwali u l-FEIS, il-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) jenħtieġ li jibqa' sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni privileġġjat taħt il-kompartiment tal-UE tal-Fond InvestEU (...)</p>	<p>Fl-għażla tas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni għall-iskjerament tal-Fond InvestEU, il-Kummissjoni jenħtieġ li tqis il-kapaċità tal-kontroparti li tissodisfa l-għanijiet tal-Fond InvestEU u tikkontribwixxi r-riżorsi proprji tagħha, sabiex tiżgura kopertura u diversifikazzjoni ġeografika, kemm bejn u fi ħdan l-Istati Membri, tħeġġeġ investituri privati u tipprovdi diversifikazzjoni suffiċjenti tar-riskji kif ukoll soluzzjonijiet ġodda li jindirizzaw il-fallimenti tas-suq u s-sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali. Minħabba r-rwol tiegħu skont it-Trattati, il-kapaċità tiegħu li jopera fl-Istati Membri kollha u l-esperjenza eżistenti taħt l-istrumenti finanzjarji attwali u l-FEIS, il-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) jenħtieġ li jibqa' sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni privileġġjat taħt il-programm tal-Fond InvestEU. (...)</p>

Raġuni

Jeżistu wkoll differenzi reġjonali kbar fi ħdan l-Istati Membri fir-rigward tal-investment u, għalhekk, id-diversifikazzjoni ġeografika m'għandhiex titqies fil-livell nazzjonali biss.

Emenda 11

Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Sabiex jiġi żgurat li l-interventi taħt il-kompartiment tal-UE tal-Fond InvestEU jiffokaw fuq fallimenti tas-suq u sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali fil-livell tal-Unjoni iżda fl-istess waqt jissodisfaw l-għanijiet tal-aqwa firxa ġeografika possibbli, il-garanzija tal-UE jenħtieġ li tiġi allokata lil sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, li waħedhom jew flimkien ma' sħab inkarigati mill-implimentazzjoni oħra jistgħu jkopru mill-inqas tliet Stati Membri. Madankollu, huwa mistenni li madwar 75 % tal-garanzija tal-UE taħt il-kompartiment tal-UE se jiġi allokat lis-sieħeb/sħab inkarigati mill-implimentazzjoni li jistgħu joffru prodotti finanzjarji taħt il-Fond InvestEU fl-Istati Membri kollha.</p>	<p>Sabiex jiġi żgurat li l-interventi taħt il-Fond InvestEU jiffokaw fuq fallimenti tas-suq u sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali fil-livell tal-Unjoni iżda fl-istess waqt jissodisfaw l-għanijiet tal-aqwa firxa ġeografika possibbli, il-garanzija tal-UE jenħtieġ li tiġi allokata lil sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, li waħedhom jew flimkien ma' sħab inkarigati mill-implimentazzjoni oħra jistgħu jkopru mill-inqas żewġ Stati Membri. Madankollu, huwa mistenni li madwar 50 % tal-garanzija tal-UE se tiġi allokata lis-sieħeb/sħab inkarigati mill-implimentazzjoni li jistgħu joffru prodotti finanzjarji taħt il-Fond InvestEU fl-Istati Membri kollha.</p>

Raġuni

L-aċċess għandu jiġi ffaċilitat għall-akbar numru possibbli ta' sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, speċjalment mill-Istati Membri li m'għandhomx banek promozzjonali nazzjonali robusti jew li ilhom stabbiliti flivell ċentrali, reġjonali jew lokali.

Emenda 12

Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Il-garanzija tal-UE taħt il-kompartiment tal-Istat Membru jenħtieġ li tiġi allokata lil kwalunkwe sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni eliġibbli skont [l-Artikolu 62(1)(c)] tar-[Regolament Finanzjarju], inklużi banek jew istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali jew reġjonali, il-BEI, il-Fond Ewropew tal-Investment u banek ta' żvilupp multilaterali oħrajn Meta tagħżel sħab inkarigati mill-implimentazzjoni taħt il-kompartiment tal-Istat Membru, il-Kummissjoni jenħtieġ li tqis il-proposti magħmula minn kull Stat Membru. F'konformità mal- [Artikolu 154] tar- [Regolament Finanzjarju], il-Kummissjoni għandha ttwettaq valutazzjoni tar-regoli u l-proċeduri ta' sħab ta' implimentazzjoni biex jiġi aċċertat li dawn jipprovdu livell ta' protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni ekwivalenti għal dak mogħti mill-Kummissjoni.</p>	<p>Il-garanzija tal-UE jenħtieġ li tiġi allokata lil kwalunkwe sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni eliġibbli skont [l-Artikolu 62(1)(c)] tar-[Regolament Finanzjarju], inklużi banek jew istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali jew reġjonali, il-BEI, il-Fond Ewropew tal-Investment u banek ta' żvilupp multilaterali oħrajn. F'konformità mal- [Artikolu 154] tar- [Regolament Finanzjarju], il-Kummissjoni għandha ttwettaq valutazzjoni tar-regoli u l-proċeduri ta' sħab ta' implimentazzjoni biex jiġi aċċertat li dawn jipprovdu livell ta' protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni ekwivalenti għal dak mogħti mill-Kummissjoni.</p>

Raġuni

Identika għar-raġuni tal-emenda tal-premessa 19.

Emenda 13

Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Sabiex tiġi żgurata firxa ġeografika wiesgħa tas-servizzi ta' konsulenza madwar l-Unjoni u biex jiġi sfruttat b'suċċess l-għarfien lokali dwar il-Fond InvestEU, jenħtieġ li tiġi żgurata preżenza lokali tal-Konsulenza tal-InvestEU, fejn tkun meħtieġa, filwaqt li jitqiesu l-iskemi ta' appoġġ eżistenti, bl-għan li tiġi pprovduta assistenza tanġibbli, proattiva u mfassla apposta fil-post.</p>	<p>Sabiex tiġi żgurata firxa ġeografika wiesgħa tas-servizzi ta' konsulenza madwar l-Unjoni u biex jiġi sfruttat b'suċċess l-għarfien lokali dwar il-Fond InvestEU, jenħtieġ li tiġi żgurata preżenza lokali tal-Konsulenza tal-InvestEU, fejn tkun meħtieġa u b'mod partikolari fl-Istati Membri jew reġjuni li jsofru minn diskrepanza sinifikanti u persistenti fl-investment, filwaqt li jitqiesu l-iskemi ta' appoġġ eżistenti, bl-għan li tiġi pprovduta assistenza tanġibbli, proattiva u mfassla apposta fil-post.</p>

Raġuni

L-Istati Membri u r-reġjuni li qed isofru aktar minn nuqqas ta' investment għandhom ukoll jingħataw prijorità fl-istabbiliment ta' preżenza lokali taċ-Ċentru ta' Konsulenza.

Emenda 14

Artikolu 2(5)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>“Fondi b’ġestjoni kondiviża” tfisser il-fondi li jipprevedu l-possibbiltà li jiġi allokati ammont minnhom għall-provvediment ta’ garanzija baġitarja fil-kompartiment tal-Istat Membru tal-Fond InvestEU, jiġifieri l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew+ (FSE+), il-Fond ta’ Koeżjoni, il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS) u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR);</p>	<p>“Fondi b’ġestjoni kondiviża”: l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew+ (FSE+), il-Fond ta’ Koeżjoni, il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS) u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR);</p>

Raġuni

L-abbiltà li talloka ammont għall-provvediment ta’ garanzija tal-baġit mhuwiex element ta’ fondi taħt ġestjoni kondiviża.

Emenda 15

Artikolu 2(13)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>“banek jew istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali” tfisser l-entitajiet legali impenjati f’attivitajiet finanzjarji fuq bażi professjonali, li għalihom Stat Membru, jew entità ta’ Stat Membru flivell ċentrali, reġjonali jew lokali, jingħataw mandat biex itwettqu attivitajiet ta’ żvilupp jew ta’ promozzjoni;</p>	<p>“banek jew istituzzjonijiet promozzjonali lokali, reġjonali jew nazzjonali” tfisser l-entitajiet legali impenjati f’attivitajiet finanzjarji fuq bażi professjonali, li għalihom Stat Membru, jew entità ta’ Stat Membru flivell ċentrali, reġjonali jew lokali, jingħataw mandat biex itwettqu attivitajiet ta’ żvilupp jew ta’ promozzjoni;</p>

Raġuni

Għandha ssir referenza speċifika għall-banek promozzjonali lokali u reġjonali.

Emenda 16

Artikolu 3(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>L-għan ġenerali tal-Programm InvestEU huwa li jappoġġa l-għanijiet ta’ politika tal-Unjoni permezz ta’ operazzjonijiet ta’ finanzjament u ta’ investiment li jikkontribwixxu:</p> <p>(a) għall-kompetittività tal-Unjoni, inkluża l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni;</p> <p>(b) għas-sostenibbiltà tal-ekonomija tal-Unjoni u għat-tkab-bir tagħha;</p>	<p>L-għan ġenerali tal-Programm InvestEU huwa li jappoġġa l-għanijiet ta’ politika tal-Unjoni permezz ta’ operazzjonijiet ta’ finanzjament u ta’ investiment li jikkontribwixxu:</p> <p>(a) għall-kompetittività tal-Unjoni, inkluża l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni;</p> <p>(b) għas-sostenibbiltà tal-ekonomija tal-Unjoni u għat-tkab-bir tagħha;</p>

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>(c) għar-reżiljenza soċjali u għall-inklużività tal-Unjoni;</p> <p>(d) għall-integrazzjoni tas-swieq kapitali tal-Unjoni u għat-tisħiħ tas-Suq Uniku, inklużi soluzzjonijiet li jindirizzaw il-frammentazzjoni tas-swieq kapitali tal-Unjoni, għad-diversifikazzjoni ta' sorsi ta' finanzjament għal intrapriżi tal-Unjoni u għall-promozzjoni ta' finanzi sostenibbli.</p>	<p>(c) għar-reżiljenza soċjali u għall-inklużività tal-Unjoni;</p> <p>(d) għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni;</p> <p>(e) għall-integrazzjoni tas-swieq kapitali tal-Unjoni u għat-tisħiħ tas-Suq Uniku, inklużi soluzzjonijiet li jindirizzaw il-frammentazzjoni tas-swieq kapitali tal-Unjoni, għad-diversifikazzjoni ta' sorsi ta' finanzjament għal intrapriżi tal-Unjoni u għall-promozzjoni ta' finanzi sostenibbli.</p>

Raġuni

Ara r-rakkomandazzjoni għal Emenda għal Premessa 5.

Emenda 17

Artikolu 4(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Il-garanzija tal-UE għall-finijiet tal-kompartiment tal-UE msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 8(1) għandha tkun EUR 38 000 000 000 (prezzijiet attwali). Din għandha tkun provduta bir-rata ta' 40 %.</p> <p>Ammont addizzjonali tal-garanzija tal-UE jista' jiġi pprovdut għall-finijiet tal-kompartiment tal-Istat Membru msemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 8(1), suġġett għall-allokazzjoni mill-Istati Membri, skont [l-Artikolu 10(1)] tar-Regolament [[CPR] number] u l-Artikolu [75(1)] tar-Regolament [[CAP plan] number] tal-ammonti korrispondenti.</p> <p>Il-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 5 għandhom iżidu wkoll il-garanzija tal-UE msemmija fl-ewwel subparagrafu, billi jipprovdu proviżjonament fi flus kontanti b'mod sħiħ skont [l-Artikolu 218(2)] tar-Regolament Finanzjarju.</p>	<p>Il-garanzija tal-UE għandha tkun EUR 38 000 000 000 (prezzijiet attwali). Din għandha tkun provduta bir-rata ta' 40 %.</p> <p>Ammont addizzjonali tal-garanzija tal-UE jista' jiġi pprovdut suġġett għall-allokazzjoni mill-Istati Membri, skont [l-Artikolu 10(1)] tar-Regolament [[CPR] number] u l-Artikolu [75(1)] tar-Regolament [[CAP plan] number] tal-ammonti korrispondenti.</p> <p>Il-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 5 għandhom iżidu wkoll il-garanzija tal-UE msemmija fl-ewwel subparagrafu, billi jipprovdu proviżjonament fi flus kontanti b'mod sħiħ skont [l-Artikolu 218(2)] tar-Regolament Finanzjarju.</p>

Raġuni

Ara r-rakkomandazzjoni għal Emenda għal Premessa 19.

Emenda 18

Artikolu 5

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Il-kompartiment tal-UE tal-Fond InvestEU msemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 8(1) u kull waħda mis-sezzjonijiet ta' politika msemmija fl-Artikolu 7(1) jistgħu jirċievu kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi terzi li ġejjin sabiex jipparteċipaw f'ċerti prodotti finanzjarji skont [l-Artikolu 218(2)] tar-[Regolament Finanzjarju]:</p> <p>[...]</p>	<p>Kull waħda mis-sezzjonijiet ta' politika msemmija fl-Artikolu 7(1) jistgħu jirċievu kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi terzi li ġejjin sabiex jipparteċipaw f'ċerti prodotti finanzjarji skont [l-Artikolu 218(2)] tar-[Regolament Finanzjarju]:</p> <p>[...]</p>

Raġuni

Identika għar-raġuni tal-emenda tal-premessa 19.

Emenda 19

Artikolu 7(1)(a)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Is-sezzjoni ta' politika tal-infrastruttura sostenibbli: tinkludi investiment fl-oqsma tat-trasport, tal-enerġija, tal-konnettività diġitali, tal-provvista u tal-ipproċessar tal-materja prima, tal-spazju, tal-oċeani u tal-ilma, tal-skart, tan-natura u ta' infrastruttura ambjentali oħra, tat-tagħmir, tal-assi mobbli u tal-iskjerar ta' teknoloġiji innovattivi li jikkontribwixxu għall-għanijiet tas-sostenibbiltà ambjentali u/jew soċjali tal-Unjoni jew li jissodisfaw l-istandards ta' sostenibbiltà ambjentali jew soċjali tal-Unjoni;</p>	<p>Is-sezzjoni ta' politika tal-infrastruttura sostenibbli: tinkludi investiment fl-oqsma tat-trasport, tal-enerġija, tal-akkomodazzjoni, tal-konnettività diġitali, tal-provvista u tal-ipproċessar tal-materja prima, tal-spazju, tal-oċeani u tal-ilma, tal-skart, tan-natura u ta' infrastruttura ambjentali oħra, tat-tagħmir, tal-assi mobbli u tal-iskjerar ta' teknoloġiji innovattivi li jikkontribwixxu għall-għanijiet tas-sostenibbiltà ambjentali u/jew soċjali tal-Unjoni jew li jissodisfaw l-istandards ta' sostenibbiltà ambjentali jew soċjali tal-Unjoni;</p>

Raġuni

L-inklużjoni ta' referenza għal akkomodazzjoni, essenzjali għall-implimentazzjoni tal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 11.

Emenda 20

Artikolu 7(1)(d)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>is-sezzjoni ta' politika tal-investment soċjali u tal-ħiliet: tinkludi l-mikrofinanzjament, il-finanzjament tal-intrapriżi soċjali u l-ekonomija soċjali; il-ħiliet, l-edukazzjoni, it-taħriġ u servizzi relatati; l-infrastruttura soċjali (inklużi l-akkomodazzjoni soċjali u tal-istudenti); l-innovazzjoni soċjali; il-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul; l-inklużjoni u l-aċċessibbiltà; l-attivitajiet kulturali b'għan soċjali; l-integrazzjoni tal-persuni vulnerabbli, inklużi ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi.</p>	<p>is-sezzjoni ta' politika tal-investment soċjali u tal-ħiliet: tinkludi l-mikrofinanzjament, il-finanzjament tal-intrapriżi soċjali u l-ekonomija soċjali; il-ħiliet, <i>l-isport u infrastrutturi relatati fuq skala żgħira fil-lokal l-eqreb għaċ-ċittadini</i>, l-edukazzjoni, it-taħriġ u servizzi relatati; l-infrastruttura soċjali (inklużi l-akkomodazzjoni soċjali u tal-istudenti); l-innovazzjoni soċjali; il-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul; l-inklużjoni u l-aċċessibbiltà; l-attivitajiet kulturali b'għan soċjali; l-integrazzjoni tal-persuni vulnerabbli, inklużi ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi.</p>

Raġuni

L-infrastruttura fil-qasam tal-isport lokali, li tista' tagħti spinta lit-tkabbir ekonomiku tar-reġjuni tal-UE, issaħħaħ l-inklużjoni soċjali u l-integrazzjoni tal-gruppi żvantaġġati, u tista' tiżgura futur aħjar għal ġenerazzjonijiet iżjed żagħżuġha, mhijiex investita biżżejjed.

Emenda 21

Artikolu 7(4)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni għandhom jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa biex jippermettu t-traċċar ta' investment li jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Unjoni dwar il-klima u l-ambjent, abbażi ta' gwida li għandha tiġi pprovduta mill-Kummissjoni.</p>	<p>Is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni għandhom jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa biex jippermettu t-traċċar ta' investment li jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Unjoni, <i>fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, b'mod partikolari</i> dwar il-klima u l-ambjent, <i>u l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet</i>, abbażi ta' gwida li għandha tiġi pprovduta mill-Kummissjoni.</p>

Emenda 22

Artikolu 8

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Kull sezzjoni ta' politika msemmija fl-Artikolu 7(1) għandha <i>tikkonsisti f'żewġ kompartimenti li jindirizzaw</i> fallimenti tas-suq speċifiċi jew sitwazzjonijiet ta' investment subottimali kif ġej:</p> <p><i>(a) il-kompartiment tal-UE għandu jindirizza kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:</i></p>	<p>Kull sezzjoni ta' politika msemmija fl-Artikolu 7(1) għandha <i>tindirizza</i> fallimenti tas-suq speċifiċi jew sitwazzjonijiet ta' investment subottimali kif ġej:</p>

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>(i) fallimenti tas-suq jew sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali relatati mal-prijoritajiet tal-politika tal-Unjoni u indirizzati fil-livell tal-Unjoni;</p> <p>(ii) fallimenti tas-suq jew sitwazzjonijiet subottimali ta' investiment mal-Unjoni kollha;</p> <p>(iii) fallimenti tas-suq ġodda jew kumplessi jew sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali bil-għan li jiġu żviluppati soluzzjonijiet finanzjarji u strutturi tas-suq ġodda;</p> <p>(b) il-kompartiment tal-Istat Membru għandu jindirizza fallimenti tas-suq speċifiċi jew sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali fi Stat Membru wieħed jew aktar sabiex iwettaq l-għanijiet tal-Fondi kontribwenti b'ġestjoni kondiviża.</p> <p>2. Il-kompartimenti msemmija fil-paragrafu jistgħu jintużaw b'mod komplimentari biex isostnu operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment, inkluż billi jgħaqqdu l-appoġġ miż-żewġ kompartimenti.</p>	<p>(i) fallimenti tas-suq jew sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali relatati mal-prijoritajiet tal-politika tal-Unjoni u indirizzati fil-livell tal-Unjoni;</p> <p>(ii) fallimenti tas-suq jew sitwazzjonijiet subottimali ta' investiment mal-Unjoni kollha;</p> <p>(iii) fallimenti tas-suq ġodda jew kumplessi jew sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali bil-għan li jiġu żviluppati soluzzjonijiet finanzjarji u strutturi tas-suq ġodda;</p>

Raġuni

Ara r-rakkomandazzjoni għal Emenda għal Premessa 19.

Emenda 23

Artikolu 11(1) ġdid (d)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	<i>huma konsistenti mal-impenji tal-Unjoni Ewropea fl-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli;</i>

Raġuni

Mhux applikabbli

Emenda 24

Artikolu 12(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Il-Kummissjoni għandha tagħżel f'konformità mal-Artikolu 154 tar-Regolament Finanzjarju s-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni jew grupp minnhom, kif imsemmi fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu, minn fost il-kontropartijiet eliġibbli.	Il-Kummissjoni għandha tagħżel f'konformità mal-Artikolu 154 tar-Regolament Finanzjarju s-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni jew grupp minnhom, kif imsemmi fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu, minn fost il-kontropartijiet eliġibbli.

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Għall-kompartiment tal-UE, il-kontropartijiet eliġibbli għandhom ikunu esprimew l-interess tagħhom u għandhom ikunu kapaċi jkopru operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment f'mill-inqas tliet Stati Membri. Is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni jistgħu wkoll ikopru flimkien l-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment f'mill-inqas tliet Stati Membri billi jiffurmaw grupp.</p> <p>Għall-kompartiment tal-Istat Membru, l-Istat Membru kkonċernat jista' jipproponi kontroparti jew kontropartijiet eliġibbli bħala sħab inkarigati mill-implimentazzjoni minn fost dawk li jkunu wrew l-interess tagħhom skont l-Artikolu 9(3)(c).</p> <p>Fejn l-Istat Membru kkonċernat ma jipproponix sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tipproċedi skont it-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu fost dawk is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni li jkunu kapaċi jkopru operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment fiż-żoni ġeografiki kkonċernati.</p>	<p>Il-kontropartijiet eliġibbli huma dawk li jkunu esprimew l-interess tagħhom u għandhom ikunu kapaċi jkopru operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment f'mill-inqas żewġ Stati Membri. Is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni jistgħu wkoll ikopru flimkien l-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment f'mill-inqas żewġ Stati Membri billi jiffurmaw grupp.</p> <p>L-Istat Membru kkonċernat jista' jipproponi kontroparti jew kontropartijiet eliġibbli bħala sħab inkarigati mill-implimentazzjoni minn fost dawk li jkunu wrew l-interess tagħhom skont l-Artikolu 9(3)(c).</p> <p>Fejn l-Istat Membru kkonċernat ma jipproponix sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tipproċedi skont it-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu fost dawk is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni li jkunu kapaċi jkopru operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment fiż-żoni ġeografiki kkonċernati.</p>

Raġuni

Identika għar-raġuni tal-emenda tal-premessa 19.

Emenda 25

Artikolu 12(2)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Meta tagħżel is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-portafoll ta' prodotti finanzjarji taħt il-Fond InvestEU:</p> <p>(a) jimmassimizza l-kopertura tal-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 3;</p> <p>(b) jimmassimizza l-impatt tal-garanzija tal-UE permezz tar-riżorsi proprji impenjati mis-sieħeb ta' implimentazzjoni;</p> <p>(c) jimmassimizza, fejn xieraq, l-investment privat;</p> <p>(d) jikseb diversifikazzjoni ġeografika;</p> <p>(e) jipprovdi diversifikazzjoni tar-riskji b'mod suffiċjenti;</p> <p>(f) jippromwovi soluzzjonijiet finanzjarji u tar-riskji innovattivi biex jindirizza fallimenti tas-suq u sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali.</p>	<p>Meta tagħżel is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-portafoll ta' prodotti finanzjarji taħt il-Fond InvestEU:</p> <p>(a) jimmassimizza l-kopertura tal-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 3;</p> <p>(b) jimmassimizza l-impatt tal-garanzija tal-UE permezz tar-riżorsi proprji impenjati mis-sieħeb ta' implimentazzjoni;</p> <p>(c) jimmassimizza, fejn xieraq, l-investment privat;</p> <p>(d) jikseb kopertura diversifikazzjoni ġeografika wiesgħa u diversifikazzjoni kemm bejn u fi ħdan l-Istati Membri;</p> <p>(e) jipprovdi diversifikazzjoni tar-riskji b'mod suffiċjenti;</p> <p>(f) jippromwovi soluzzjonijiet finanzjarji u tar-riskji innovattivi biex jindirizza fallimenti tas-suq u sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali.</p>

Raġuni

Ara r-rakkomandazzjoni għal emenda għal Premessa 29.

Emenda 26

Artikolu 17

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn bord konsultattiv li għandu jkollu żewġ konfigurazzjonijiet, jiġifieri rappreżentanti ta' sħab inkarigati mill-implimentazzjoni u rappreżentanti tal-Istati Membri.</p> <p>2. Kull sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni u kull Stat Membru jista' jinnomina rappreżentant wieħed għall-konfigurazzjoni kkonċernata.</p> <p>[...]</p>	<p>Il-Kummissjoni u l-Bord ta' Tmexxija għandhom ikunu megħjuna minn bord konsultattiv.</p> <p>Il-bord konsultattiv għandu jinkludi:</p> <p>(a) rappreżentant wieħed minn kull sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni;</p> <p>(b) rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru;</p> <p>(c) rappreżentant wieħed mill-BEI;</p> <p>(d) rappreżentant wieħed mill-Kummissjoni;</p> <p>(e) espert wieħed għal kull sezzjoni tal-politika, maħtur mill-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni u mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.</p> <p>[...]</p>

Emenda 27

Artikolu ġdid wara l-Artikolu 17

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	<p style="text-align: center;">Bord ta' Tmexxija</p> <p>1. Il-Fond InvestEU għandu jkun irregolat minn Bord ta' Tmexxija, li, għall-fini tal-użu tal-garanzija tal-UE, għandu jiddetermina, f'konformità mal-għanijiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 3:</p> <p>(a) l-orjentazzjoni strateġika tal-Fond InvestEU;</p> <p>(b) il-politiki u l-proċeduri operattivi meħtieġa għall-funzjonament tal-Fond InvestEU;</p> <p>(c) ir-regoli applikabbli għall-operazzjonijiet bi pjattaformi ta' investment.</p> <p>2. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jinkludi membri maħtura mill-Kummissjoni, mill-Bank Ewropew tal-Investment u mill-Bord Konsultattiv minn fost ir-rappreżentanti tas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni:</p>

Emenda 28

Artikolu ġdid wara l-Artikolu 17

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	<p style="text-align: center;">Metodoloġija tal-Valutazzjoni tar-Riskju</p> <p>1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 26 biex jissupplimentaw dan ir-Regolament billi tistabbilixxi metodoloġija tal-valutazzjoni tar-riskju. Tali metodoloġija tal-valutazzjoni tar-riskju għandha tinkludi:</p> <p>(a) klassifikazzjoni tal-valutazzjoni tar-riskju, biex jiġi żgurat trattament konsistenti u standard tal-operazzjonijiet kollha indipendenti mill-istituzzjoni intermedjarja;</p> <p>(b) metodoloġija biex jiġi vvalutat il-valur f'riskju u l-probabbiltà ta' inadempjenza bbażata fuq metodi statistiċi ċari, inklużi kriterji ambjentali, soċjali u ta' governanza (ESG);</p> <p>(c) metodu biex tiġi vvalutata l-espożizzjoni fl-inadempjenza u t-telf fil-każ ta' inadempjenza, billi jitqiesu l-valur tal-finanzjament, ir-riskju tal-proġett, it-termini tal-flus lura, il-kollateral, u indikaturi rilevanti oħra.</p>

Emenda 29

Artikolu 18

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p style="text-align: center;"><i>It-tim tal-proġett</i></p> <p>1. Tim tal-proġett magħmul minn esperti, imqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni mingħajr spejjeż għall-baġit tal-Unjoni, għandu jiġi stabbilit.</p> <p>2. Kull sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni għandu jassenja esperti lit-tim tal-proġett. L-għadd tal-esperti għandu jiġi stabbilit fil-ftehim ta' garanzija.</p> <p>(...)</p>	<p style="text-align: center;"><i>It-tim tal-proġett</i></p> <p>1. Tim tal-proġett magħmul minn esperti, imqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni mingħajr spejjeż għall-baġit tal-Unjoni, għandu jiġi stabbilit. Fejn l-<i>isħab inkarigati</i> mill-implimentazzjoni jiffurmaw grupp skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 12(1), l-esperti għandhom ikunu disponibbli għall-Kummissjoni Ewropea permezz ta' <i>sħab inkarigati</i> mill-implimentazzjoni kollha.</p> <p>2. Kull sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni jew grupp ta' <i>sħab inkarigati</i> mill-implimentazzjoni ffurmati skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 12(1) għandhom jassenjaw esperti lit-tim tal-proġett. L-għadd tal-esperti għandu jiġi stabbilit fil-ftehim ta' garanzija.</p> <p>(...)</p>

Raġuni

L-issekondar ta' persunal lill-Kummissjoni jista' jkun ta' piż għal banek u istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali jew reġjonali iżgħar, li għandhom jibbenefikaw minn livell ta' flessibilità, pereżempju billi jinġabru r-riżorsi fi ħdan grupp.

Emenda 30

Artikolu 20(2)(c)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
jappoġġa l-azzjonijiet u jqawwi l-għarfien lokali biex jiffaċilita l-użu tal-appoġġ tal-Fond InvestEU madwar l-Unjoni u jikkontribwixxi b'mod attiv fejn possibbli għall-għan tad-diversifikazzjoni settorjali u ġeografika tal-Fond InvestEU billi jappoġġa s-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni biex joriġinaw u jiżviluppaw operazzjonijiet potenzjali ta' finanzjament u ta' investment;	jappoġġa l-azzjonijiet u jqawwi l-għarfien lokali u reġjonali biex jiffaċilita l-użu tal-appoġġ tal-Fond InvestEU madwar l-Unjoni u jikkontribwixxi b'mod attiv fejn possibbli għall-għan tad-diversifikazzjoni settorjali u ġeografika tal-Fond InvestEU billi jappoġġa s-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni biex joriġinaw u jiżviluppaw operazzjonijiet potenzjali ta' finanzjament u ta' investment;

Emenda 31

Artikolu 20(4)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Jistgħu jitħallsu tariffi għas-servizzi msemmija fil-paragrafu 2 biex ikopru parti mill-ispejjeż fuq il-provvista ta' dawk is-servizzi.	Jistgħu jitħallsu tariffi għas-servizzi msemmija fil-paragrafu 2 biex ikopru parti mill-ispejjeż fuq il-provvista ta' dawk is-servizzi. Servizzi pprovduti miċ-Ċentru ta' Konsulenza tal-InvestEU lill-promoturi tal-proġetti pubbliċi għandhom ikunu mingħajr ħlas.

Raġuni

L-eżenzjoni mit-tariffa għal promoturi pubbliċi tinsab fis-seħħ maċ-Ċentru ta' Konsulenza għall-Investimenti Ewropew eżistenti (ir-Regolament (UE) 2015/1017, l-Artikolu 14(4)) u għandha tinżamm.

Emenda 32

Artikolu 20(6)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Iċ-Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU għandu jkollu preżenza lokali, fejn meħtieġ. Din għandha tiġi stabbilita b'mod partikolari fi Stati Membri jew f'reġjuni li jħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet fl-iżvilupp ta' proġetti taħt il-Fond InvestEU. Iċ-Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU għandu jgħin fit-trasferiment ta' għarfien fil-livell reġjonali u lokali bil-għan li jissaħħu l-kapaċità u l-għarfien espert reġjonali u lokali għall-appoġġ imsemmija fil-paragrafu 1.	Iċ-Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU għandu jkollu preżenza lokali, fejn meħtieġ. Din għandha tiġi stabbilita b'mod partikolari fi Stati Membri jew f'reġjuni li jħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet fl-iżvilupp ta' proġetti taħt il-Fond InvestEU, jew li jsofru minn diskrepanza sinifikanti u persistenti fl-investment. Iċ-Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU għandu jgħin fit-trasferiment ta' għarfien fil-livell reġjonali u lokali bil-għan li jissaħħu l-kapaċità u l-għarfien espert reġjonali u lokali għall-appoġġ imsemmija fil-paragrafu 1. In-natura ta' din il-preżenza lokali għandha tiġi definita f'konsultazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali jew lokali kkonċernati.

Raġuni

Ara r-rakkomandazzjoni għal emenda għal Premessa 36.

Emenda 33

Artikolu 21(2)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Il-Portal tal-InvestEU għandu jipprovdi kanal għal promoturi ta' proġetti biex iressqu l-proġetti tagħhom li għalihom huma jkunu qegħdin ifittxu finanzjament viżibbli u b'hekk jipprovdi informazzjoni dwarhom lill-investituri. L-inklużjoni ta' proġetti fil-Portal tal-InvestEU għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-deċiżjonijiet dwar il-proġetti finali magħżula għas-sostenn skont dan ir-Regolament, skont kwalunkwe strument ieħor tal-Unjoni, jew għall-finanzjament pubbliku.	Il-Portal tal-InvestEU għandu jipprovdi kanal għal promoturi ta' proġetti biex iressqu l-proġetti tagħhom li għalihom huma jkunu qegħdin ifittxu finanzjament viżibbli u b'hekk jipprovdi informazzjoni dwarhom lill-investituri. L-inklużjoni jew nuqqas ta' inklużjoni ta' proġetti fil-Portal tal-InvestEU għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-deċiżjonijiet dwar il-proġetti finali magħżula għas-sostenn skont dan ir-Regolament, skont kwalunkwe strument ieħor tal-Unjoni, jew għall-finanzjament pubbliku.

Raġuni

Għandu jiġi ċċarat ukoll li filwaqt li l-inklużjoni fuq il-Portal mhijiex garanzija ta' appoġġ permezz tal-InvestEU jew strumenti oħra, lanqas ma hija prerekwiżit għal dan l-appoġġ.

Emenda 34

Artikolu 21(6)

Punt ġdid 6

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	<i>Is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni għandhom b'mod attiv jikkontribwixxu għall-promozzjoni u l-pubbliċità tal-Portal InvestEU immirati lejn il-promoturi tal-proġetti kif ukoll lejn l-investituri.</i>

Raġuni

Peress li tali portal jiddependi fuq l-ilħuq ta' massa kritika ta' utenti, aktar kuntatt u sensibilizzazzjoni ikunu ta' benefiċċju. Is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, bis-saħħa tal-kuntatti tagħhom ma' investituri u promoturi, jinsabu f'pożizzjoni tajba biex jikkontribwixxu għal dawn l-attivitàjiet.

Emenda 35

l-Anness II, il-punt (2))

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
infrastruttura ferrovjarja, proġetti ferrovjarji oħra u portijiet marittimi;	infrastruttura ferrovjarja, proġetti ferrovjarji oħra, passaġġi fuq l-ilma interni u portijiet marittimi.

Raġuni

Mhux applikabbli

Emenda 36

Anness II, Żid punt ġdid wara l-punt 2(e)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	<i>l-iżvilupp ta' mobilità elettrika għal batteriji tal-ġenerazzjoni li jmiss;</i>

Emenda 37

Anness II, punt 7

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Is-sostenn finanzjarju lil entitajiet li ma jimpjegawx iktar minn 3 000 impjegat, b'enfasi partikolari fuq l-SMEs u kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja żgħira, partikolarment permezz ta': (...)	Is-sostenn finanzjarju lil entitajiet li ma jimpjegawx iktar minn 3 000 impjegat, b'enfasi partikolari fuq l-SMEs, kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja żgħira u intrapriżi tal-ekonomija soċjali , partikolarment permezz ta': (...)

Emenda 38

Anness III, punt 4(4)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Trasport: Investiment mobilizzat f'TEN-T li minnhom: Network Ewlieni tat-TEN-T	Trasport: Investiment mobilizzat f'TEN-T li minnhom: Network Ewlieni tat-TEN, network tat-TEN-T komprensiv, konnessjonijiet transfruntiera neqsin

Raġuni

InvestEU għandu jgħin l-iżvilupp tat-TEN-T kollu kemm hu, **kif ukoll biex jinbnew il-konnessjonijiet transfruntieri neqsins, b'mod partikolari fin-netwerk ferrovjarju.**

II. RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA**IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI**

1. jilqa' l-ambizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea biex tkompli tappoġġja l-investiment fl-Ewropa, bil-bini fuq l-esperjenza miksuba permezz tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) u l-Pjan ta' Investiment b'mod aktar ġenerali, permezz tal-proposta tagħha li tistabbilixxi l-Programm investEU;

2. jinnota li barra li jsegwi s-suq u d-domanda, l-InvestEU se jkun immirat biex ifassal il-politika; jenfasizza l-bżonn għal appoġġ adegwat li għandu jiġi pprovdut għal attivitajiet ta' finanzjament u investiment fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni; u b'mod partikolari jindika l-importanza tal-istabbiliment ta' tiegħa ta' politika ta' "investiment soċjali u ħiliet" bħala għodda biex tiftaħ il-bibien għal investiment li huwa meħtieġ b'urġenza fi proġetti innovattivi ta' infrastruttura soċjali, intrapriżi ta' ekonomija soċjali u servizzi soċjali fil-livell lokali u reġjonali; jenfasizza l-bżonn li jsir investiment fi proġetti soċjali ta' kwalità għolja, li huma iżgħar, innovattivi u riskjużi iżjed mil-lat finanzjarju, iżda xorta waħda ekonomikament vijabbli u b'redditu soċjali akbar, peress li dan jista' jkun il-valur miżjud tal-garanzija tal-UE;

3. jisħaq li filwaqt li sar ċertu titjib fil-kondizzjonijiet għall-investiment f'xi Stati Membri u reġjuni, il-livell tal-formazzjoni grossa tal-kapital fiss bħala sehem tal-PDG għall-UE kollha s'issa għadu ma rkuprax għal-livell tagħha ta' qabel il-kriżi, b'investiment ġenerali li jibqa' madwar 10 % inqas milli kien qabel il-kriżi, b'xi disparitajiet kbar fost l-Istati Membri ⁽¹⁾;
4. jissottolinja li s-sitwazzjoni ta' investiment tvarja aktar fil-livell reġjonali, u tibqa' partikolarment ta' tħassib f'għadd ta' reġjuni Ewropej; ikkalkolat f'termini assoluti, l-investiment kien aktar minn 25 % inqas fl-2015 milli fl-2007 f'aktar minn 40 reġjun Ewropej li jinsabu fl-Italja, il-Portugall, ir-Renju Unit, ir-Romanija, in-Netherlands, l-Irlanda, il-Latvja, is-Slovenja, il-Kroazja u Ċipru, filwaqt li huwa 60 % aktar baxx fil-biċċa l-kbira tar-reġjuni Griegi ⁽²⁾;
5. jinnota bi tħassib li l-investiment pubbliku wkoll qed jibqa' baxx b'mod persistenti fl-UE, b'mod partikolari l-investiment li jsir mill-awtoritajiet lokali u reġjonali, li fl-2017 baqa' aktar minn 30 % inqas mill-livell tiegħu tal-2009 bħala sehem tal-PDG ⁽³⁾;
6. Huwa mħasseb ukoll minħabba ċ-ċentralizzazzjoni li dejjem qed tikber tal-investiment: is-sehem tal-investiment pubbliku li sar mill-awtoritajiet lokali u reġjonali – filwaqt li għadu 'l fuq minn 50 % fl-UE bħala medja – naqas b'mod konsiderevoli meta mqabbel mal-livell ta' 60 % li kien jidher fid-disgħinijiet ⁽⁴⁾;
7. jesprimi tħassib serju dwar din is-sitwazzjoni, peress li l-investiment – kemm privat u pubbliku – huwa prerekwiżit tal-kompetittività attwali kif ukoll għat-tkabbir futur u għall-ħolqien tal-impjiegi, u għalhekk għall-benessri tal-Ewropej fil-bliet u r-reġjuni kollha;
8. jinsab imħasseb li, fejn il-gvernijiet lokali u reġjonali jiddependu l-aktar mill-allokkazzjoni baġitarja tal-gvernijiet ċentrali, it-tnaqqis marbut mal-awsterità ma treġġax lura għalkollox filwaqt li ġew imposti obbligi ġodda fuq l-awtoritajiet lokali u reġjonali li, f'ħafna każijiet, naqqsu wkoll il-finanzjament disponibbli għall-investiment;
9. itenni t-talba tiegħu sabiex l-investimenti li jsiru mill-awtoritajiet lokali u reġjonali u ffinanzjati mill-Programm InvestEU u mill-BEI jibqgħu esklużi mill-kalkolu tad-dejn u tad-defiċit baġitarji tal-Istati Membri.
10. jitlob li l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni tkun inkluża fost l-għanijiet tal-Programm InvestEU, b'mod partikolari peress li l-bażi legali tal-proposta tinkorpora t-tielet paragrafu tal-Artikolu 175 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li jiffoka fuq il-koeżjoni; jemmen li huwa tal-akbar importanza li l-InvestEU jkun ġeografikament bilanċjat u li jkun immirat bħala kwistjoni ta' prijorità lejn reġjuni li jsufri minn nuqqas sinifikanti u persistenti ta' investiment; u f'żoni partikolarment vulnerabbli u remoti bħar-reġjuni l-aktar imbiegħda;
11. iqis li l-proposta għal Regolament li jstabbilixxi l-Programm investEU hija f'konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità;

Strumenti finanzjarji u l-Fond InvestEU

12. jerġa' jirrikonoxxi li l-istrumenti finanzjarji jistgħu jkunu għodod importanti għall-iżvilupp territorjali ⁽⁵⁾, peress li finanzjament rimborsabbli jista' jiżgura li l-fondi pubbliċi jkollhom effett ta' lieva akbar u b'hekk ikollu impatt akbar fuq każijiet speċifiċi fejn il-finanzjament privat jista' jikkomplementa sorsi pubbliċi bis-saħħa ta' redditu u fluss tal-flus adatti; jissottolinja li dan huma partikolarment rilevanti fi żmien ta' restrizzjonijiet persistenti fil-baġits pubbliċi fil-livelli kollha ta' governanza;
13. jinnota, madankollu, li n-numru ta' strumenti finanzjarji tal-UE kiber ħafna f'dawn l-aħħar snin, b'regoli differenti ta' eliġibbiltà u rappurtar, b'mod li joħloq kumplessità u konfużjoni filwaqt li ma jibbenefikax bis-sħiħ minn sinerġiji u ekonomiji ta' skala, u b'hekk dan iwassal għal sitwazzjoni li ma twassalx biex strumenti finanzjarji jiġu użati b'mod effiċjenti u effettivi;

⁽¹⁾ L-Eurostat, is-sett tad-data tec00011.

⁽²⁾ Kalkoli proprji abbażi tal-formazzjoni grossa tal-kapital fiss tal-Eurostat fil-livell NUTS 2: sett ta' data nama _ 10r_ 2gfcf.

⁽³⁾ L-Eurostat, is-sett tad-data tec00022.

⁽⁴⁾ Kummissjoni Ewropea, Is-Seba' Rapport ta' Koeżjoni (p. 168)

⁽⁵⁾ Opinjoni tal-KtR: Strumenti finanzjarji b'appoġġ għall-iżvilupp territorjali: <http://webapi.cor.europa.eu/documentsanonymous/cor-2015-01772-00-00-ac-tra-mt.docx>.

14. jirrakkomanda li jiġi vvalutat l-impatt ekonomiku tal-FEIS s'issa f'kull wieħed mill-Istati Membri u mir-Reġjuni, inklużi ħarsiet ġenerali tal-użu tal-fondi u l-benefiċċji li jirriżultaw minnhom. Din il-valutazzjoni se tkun partikolarment importanti minħabba li, bħala għodda finanzjarja ġdida, InvestEU jista' jkun immirat direttament lejn prijoritajiet ta' investiment reali u jista' jevita ċerti nuqqasijiet misjuba f'modi eżistenti għall-użu tal-baġit tal-UE;
15. jenfasizza li l-InvestEU għandu jkun orjentat lejn ir-riżultati, speċjalment il-ħolqien tal-impjegi u l-indirizzar tad-disparitajiet reġjonali, kif ukoll lejn il-finanzjament ta' proġetti ekonomikament vijabbli, u jsostni li dan jista' jintlaħaq b'mod aktar effettiv permezz ta' koordinazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet lokali u reġjonali;
16. jemmen li l-prinċipju tal-addizzjonalità għandu jiġi segwit b'mod ċar, speċjalment fil-każ ta' proġetti b'riskju għoli li huma implimentati f'reġjuni anqas żviluppatti u reġjuni fi tranżizzjoni;
17. jirrikonoxxi li l-proposta tal-InvestEU tal-Kummissjoni għandha l-potenzjal li tissemplifika l-użu ta' strumenti finanzjarji għal intermedjarji u riċevituri finali kif ukoll it-taħlita ta' dawn l-istrumenti ma' tipi oħra ta' appoġġ tal-Unjoni, li huma talbiet li ilhom isiru tal-KfR;
18. itenni, madankollu, il-pożizzjoni tiegħu li l-InvestEU ma għandux jissostitwixxi u lanqas jikkompeti ma' mekkaniżmi eżistenti ta' koeżjoni soċjali tal-UE;
19. għandu tħassib dwar il-piż amministrattiv, il-burokrazija u d-dewmien li probabbilment jirriżultaw jekk tliet stadji addizzjonali kellhom jinżiedu maċ-ċiklu tal-approvazzjoni ta' proġett ta' investiment, u għaldaqstant jemmen li huwa meħtieġ li jiġi żgurati li s-sistema ta' governanza proposta tipproduċi deċiżjonijiet malajr, għalkemm ovvjament mingħajr ma l-veloċità taffettwa l-kwalità ta' daww id-deċiżjonijiet;
20. jirrakkomanda li tiġi kkunsidrata l-proposta li jiġu introdotti proċeduri rapidi għal proġetti fuq skala żgħira sa ċertu baġit, peress li f'ċerti reġjuni proġetti fuq skala iżgħar jistgħu jkunu ekwivalenti għal investimenti strateġiċi peress li dawn jista' jkollhom effetti ta' ingranaġġ sinifikanti;
21. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tiżgura li l-Kumitat tar-Reġjuni jipparteċipa bħala osservatur fis-sistema amministrattiva għall-InvestEU, b'mod partikolari l-Bord Konsultattiv;
22. jilqa' d-dipendenza tal-programm fuq garanzija baġitarja li, flimkien mar-riskju baxx li ġej minn portafoll kbir ta' proġetti diversifikati ta' kwalità tajba madwar l-Ewropa, tippermetti li sehem iżgħar tal-baġit tal-UE ikun iffriżat għal impatt proporzjonalment akbar; huwa tal-fehma li, madankollu, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi għan aktar ambizzjuż għal-livell totali ta' investiment li jista' jiġi mobilizzat;
23. jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni li l-garanzija tal-InvestEU tiġi implimentata permezz ta' numru ta' msieħba minflok permezz tal-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI), kif kien il-każ mal-FEIS; madankollu, sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-akbar numru possibbli ta' msieħba inkarigati mill-implimentazzjoni, jissuġġerixxi li huwa suffiċjenti jekk Stat Membru wieħed jew reġjun wieħed ikunu involuti.
24. jemmen li l-involvement ta' diversi msieħba inkarigati mill-implimentazzjoni għandu jippermetti l-kopertura ġeografika usa' u tematika tal-Fond InvestEU meta mqabbla mal-FEIS, kemm bejn l-Istati Membri u fi hdnhom, bejn ir-reġjuni, peress li dawn l-imsieħba inkarigati mill-implimentazzjoni għandhom iwasslu għal aktar diversità ta' esperjenza kif ukoll varjetà ta' kompetenza lokali u settorjali;
25. jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni għal pajjiżi li huma neqsin mill-istrutturi fil-livell nazzjonali u reġjonali li jistgħu jtuhom aċċess għal garanzija tal-InvestEU; fid-dawl ta' dan, jirrakkomanda l-inkoraġġiment u l-appoġġ għall-ħolqien ta' tali strutturi;
26. jenfasizza li, filwaqt li jidher xieraq li l-imsieħba inkarigati mill-implimentazzjoni jissekondaw persunal lill-Kummissjoni sabiex jiffurmaw it-tim tal-proġett tal-InvestEU, meta jitqiesu l-għarfien espert tagħhom u l-kapaċità addizzjonali sostanzjali li l-imsieħba inkarigati mill-implimentazzjoni se jibbenefikaw grazzi għal-garanzija tal-UE, l-issekondar ta' esperti xierqa fost il-persunal jista' jkun diffiċli għal banek promozzjonali nazzjonali jew reġjonali iżgħar; jitlob għalhekk li istituzzjonijiet iżgħar bħal dawn jingħataw livell ta' flessibilità, pereżempju billi jiġu akkomunati r-riżorsi tagħhom meta jiffurmaw gruppi b'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tal-abbozz ta' Regolament.

27. jiddefendi l-prinċipju li l-awtoritajiet ta' ġestjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE) ikunu jistgħu jħallsu sa 5 % ta' dawk il-fondi tal-programm InvestEU fuq bażi volontarja u skont il-prinċipji ta' kodiċi ta' kondotta għal sħubija u governanza f'diversi livelli li għandu jiġi stabbilit fl-Artikolu 6 tar-Regolament ta' Qafas li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni għall-SIE. Din il-kontribuzzjoni għandha l-potenzjal li tindirizza l-fallimenti tas-suq speċifiċi għall-pajjiżi jew speċifiċi għar-reġjuni u sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali b'mod li għodda ċentralizzata tal-UE ma jistax;

28. jilqa' bi pjaċir ir-rieda tal-Kummissjoni li tiffaċilita l-ikkombinar ta' strumenti finanzjarji ma' għotjiet minn programmi tal-UE oħra permezz tal-applikazzjoni tar-regoli tal-InvestEU għall-proġett kollu peress li din hija semplifikazzjoni importanti; jilqa' bi pjaċir l-integrazzjoni proposta ta' regoli tal-għajjnuna mill-Istat għal fondi tal-Istati Membri li hija kanalizzata permezz tal-Fond InvestEU jew appoġġjata mill-InvestEU;

29. iħeġġeġ li aktar minn 35 % tar-riżorsi mill-pakkett finanzjarju tal-InvestEU jsir disponibbli biex jinkisbu l-għanijiet relatati mal-klima;

30. jirrakkomanda li l-investimenti infrastrutturali mwettqa permezz tal-InvestEU ikunu reżiljenti għad-diżastri, kif ukoll għal kundizzjonijiet tal-klima, matul il-ħajja sħiħa tagħhom;

31. iqis li huwa meħtieġ li tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel u f'waqta mill-perjodu ta' programmazzjoni attwali għal dak li jmiss;

Iċ-Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU

32. jilqa' l-kontinwazzjoni taċ-Ċentru tal-Konsulenza tal-Investment Ewropew tal-Pjan ta' Investiment (EIAH) fil-proposta attwali permezz taċ-Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU; jenfasizza li s-servizzi ta' konsulenza u appoġġ jibqgħu essenzjali sabiex jiġu indirizzati b'suċċess is-sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali madwar l-UE, u b'mod partikolari f'reġjuni jew setturi fejn proġetti kumplessi jew soluzzjonijiet ta' finanzjament innovattivi huma inqas komuni;

33. jappella lill-koleġislaturi jżommu l-eżenzjoni għal korpi ta' implimentazzjoni pubbliċi minn tariffi imposti għal servizzi taċ-Ċentru ta' Konsulenza tal-InvestEU, kif huwa l-każ għall-EIAH eżistenti skont l-Artikolu 14(4) tar-Regolament tal-EIAH⁽⁶⁾, u li hija kruċjali biex tgħin it-trawwim ta' investiment pubbliku ta' kwalità, b'mod partikolari fost entitajiet pubbliċi iżgħar u dawk b'inqas esperjenza ta' strumenti finanzjarji u proġetti kumplessi;

34. jilqa' l-enfasi taċ-Ċentru tal-Konsulenza fuq il-provvediment ta' appoġġ għall-istabbiliment ta' pjattaformi ta' investiment, b'mod partikolari għal investiment transkonfinali; jenfasizza li aktar sensibilizzazzjoni hija wkoll meħtieġa sabiex jiġu sfruttati bis-sħiħ il-possibilitajiet offruti mill-pjattaformi ta' investiment, b'mod partikolari għall-awtoritajiet lokali u reġjonali;

35. jesprimi appoġġ qawwi tal-Ċentru tal-Konsulenza biex ikollu preżenza lokali, li għandha tiġi definita f'konsultazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali jew lokali kkonċernati, u għandha, bi prijorità, tiġi żviluppata fi Stati Membri jew reġjuni li jħabtu wiċċhom ma' diffikultajiet fl-iżvilupp ta' proġetti taħt il-Fond InvestEU, jew li jsufri minn distakk sinifikanti u persistenti fl-investment;

36. jilqa' b'sodisfazzjon l-enfasi taċ-Ċentru tal-Konsulenza dwar it-trasferiment tal-għarfien u tal-kapaċitajiet fil-livell reġjonali u lokali, li l-KtR kien ġibed minn qabel attenzjoni lejha, u li huma elementi kruċjali fit-tnaqqis tad-diskrepanza fl-investment fir-reġjuni kollha tal-UE; Għal dan il-għan, l-għan ewlieni taċ-Ċentru għandu jkun li jgħin lill-imsieħba lokali ta' implimentazzjoni jsaħħu l-kapaċitajiet tagħhom ta' għajjnuna teknika;

37. jenfasizza li l-għodod ta' bini ta' kapaċità finanzjati mill-UE eżistenti mhumiex qed jirnexxielhom jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u mhumiex sfruttati biżżejjed; huma għandhom jiġu promossi u kkoordinati b'mod aħjar u ċ-Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU għandu jaqdi rwol ewlieni f'dawn l-isforzi;

38. jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-possibilitajiet offruti miċ-Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU jiġu kkomunikati b'mod suffiċjenti lill-promoturi tal-proġetti madwar l-UE, fejn meħtieġ permezz ta' avvenimenti roadshow jew lokali, li l-KtR jkun lest jappoġġja kif xieraq;

⁽⁶⁾ Ir-Regolament (UE) 2015/1017.

Il-Portal tal-InvestEU

39. jilqa' l-kontinwazzjoni tal-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment (PEPI) tal-Pjan ta' Investiment fil-proposta attwali permezz tal-Portal tal-InvestEU; jindika li l-KtR huwa msieħeb tal-PEPI u kellu rwol attiv fl-appoġġ u l-promozzjoni tiegħu, b'mod partikolari għall-awtoritajiet lokali u reġjonali Ewropej; se jkompli jappoġġja l-iżvilupp tal-Portal tal-InvestEU fejn hu xieraq;

40. jenfasizza, madankollu, li s-suċċess ta' portal dan bħal huwa ferm dipendenti fuq li tintlaħaq massa kritika ta' utenti, u li aktar sensibilizzazzjoni se tkun neċessarja; jistieden għalhekk lill-imsieħba inkarigati mill-implimentazzjoni tal-InvestEU futuri jikkontribwixxu b'mod attiv għall-promozzjoni u l-pubbliċità tal-Portal, peress li jinsabu f'pożizzjoni tajba permezz tal-kuntatti kontinwi tagħhom ma investituri u promoturi ta' proġetti;

41. jaqbel mal-fehma li l-inklużjoni ta' proġett dwar il-Portal tal-InvestEU mgħandiex titqies bħala garanzija ta' appoġġ kemm permezz tal-InvestEU jew permezz ta' xi strument ieħor fil-livell tal-UE jew mod ieħor; jirrakkomanda li jista' jkompli jiġi ċċarat li l-inklużjoni tal-Portal lanqas mgħandha titqies bħala prerekwiżit għal appoġġ ta' kwalunke tip peress li l-preżentazzjoni ta' promotur lill-Portal għandha tibqa' kompletament volontarja.

Brussell, is-6 ta' Diċembru 2018.

Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni

Karl-Heinz LAMBERTZ

Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Il-Programm ta' Appoġġ għal Riforimi u l-Funzjoni Ewropea ta' Stabbilizzazzjoni tal-Investimenti

(2019/C 86/18)

Relatur:	Is-Sinjura ZRIHEN (BE/PSE), Membru tal-Parlament ta' Walloon
Dokumenti ta' referenza:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Programm ta' Appoġġ għal Riforimi
	COM(2018) 391 final
	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Funzjoni Ewropea ta' Stabbilizzazzjoni tal-Investimenti
	COM(2018) 387 final

I. RAKKOMANDEZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU L-EMENDI GĦALL-PROGRAMM TA' APPOĠĠ GĦAL RIFORMI

Emenda 1

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Ir-riformi strutturali jistgħu jikkontribwixxu biex jintlaħaq grad għoli ta' reżiljenza tal-ekonomiji domestiċi u ta' konverġenza sostenibbli bejn l-Istati Membri, li huwa kruċjali għal parteċipazzjoni ta' suċċess u bla xkiel fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja. Dan il-grad għoli ta' konverġenza sostenibbli huwa partikolarment importanti għall-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro fil-proċess ta' tħejjija tagħhom biex jissieħbu fiż-żona tal-euro.	Ir-riformi strutturali ta' rilevanza għall-UE identifikati fis-Semestru Ewropew jistgħu jikkontribwixxu biex tizzied il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u biex jintlaħaq grad għoli ta' reżiljenza tal-ekonomiji domestiċi u ta' konverġenza sostenibbli bejn l-Istati Membri, li huwa kruċjali għal parteċipazzjoni ta' suċċess u bla xkiel fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja. Dan il-grad għoli ta' konverġenza sostenibbli huwa partikolarment importanti għall-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro fil-proċess ta' tħejjija tagħhom biex jissieħbu fiż-żona tal-euro.

Emenda 2

Premessa 6

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Il-grad ta' implimentazzjoni tar-riformi strutturali fl-Istati Membri għadu mhux biżżejjed madwar l-Unjoni. L-esperjenza fl-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni tal-politika ekonomika taħt is-Semestru Ewropew turi li, b'mod ġenerali, l-implimentazzjoni tar-riformi strutturali kienet kajmana u irregolari u li l-isforzi nazzjonali ta' riforma jenħtieġ li jiġu rinforzati u inċentivati.</p>	<p>Il-grad ta' implimentazzjoni tar-riformi strutturali ta' rilevanza għall-UE fl-Istati Membri għadu mhux biżżejjed madwar l-Unjoni. L-esperjenza fl-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni tal-politika ekonomika taħt is-Semestru Ewropew turi li, b'mod ġenerali, l-implimentazzjoni tar-riformi strutturali kienet kajmana u irregolari u li l-isforzi nazzjonali ta' riforma jenħtieġ li jiġu rinforzati u inċentivati, speċjalment billi jiżied l-involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali li huma responsabbli mill-implimentazzjoni tal-parti l-kbira tal-ħtiġijiet ta' riformi identifikati.</p>

Emenda 3

Premessa 15

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Sabiex jiġi żgurat li r-riformi appoġġjati mill-Programm jindirizzaw l-oqsma ekonomiċi u tas-soċjetà ewlenin kollha, kemm l-appoġġ finanzjarju kif ukoll l-appoġġ tekniku taħt il-Programm jenħtieġ li jiġu pprovduti mill-Kummissjoni, fuq talba minn Stat Membru, f'firxa wiesgħa ta' oqsma politiċi, li jinkludu oqsma relatati mal-ġestjoni tal-finanzi u tal-assi pubbliċi, ir-riforma istituzzjonali u amministrattiva, l-ambjent tan-negozju, is-settur finanzjarju, is-swieq tal-prodotti, tas-servizzi u tax-xogħol, l-educazzjoni u t-taħriġ, l-iżvilupp sostenibbli, is-saħħa pubblika u il-benessri soċjali.</p>	<p>Sabiex jiġi żgurat li r-riformi appoġġjati mill-Programm jindirizzaw l-oqsma ta' politika rilevanti, kemm l-appoġġ finanzjarju kif ukoll l-appoġġ tekniku taħt il-Programm jenħtieġ li jiġu pprovduti mill-Kummissjoni, fuq talba minn Stat Membru, f'firxa wiesgħa ta' oqsma relatati ma' għanijiet ta' politika tal-UE, li jinkludu oqsma relatati mal-ġestjoni tal-finanzi u tal-assi pubbliċi, ir-riforma istituzzjonali u amministrattiva, l-ambjent tan-negozju, is-settur finanzjarju, is-swieq tal-prodotti, tas-servizzi u tax-xogħol, l-educazzjoni u t-taħriġ, l-iżvilupp sostenibbli, is-saħħa pubblika u l-benessri soċjali.</p>

Emenda 4

Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Sabiex jilqgħu għal ħtiġijiet addizzjonali taħt il-Programm, l-Istati Membri jentieġ li jkollhom il-possibbiltà jittrasferixxu għall-baġit tal-Programm riżorsi programmati f'ġestjoni kondiviża taħt il-fondi tal-Unjoni, skont il-proċedura tagħhom. Ir-riżorsi trasferiti jenħtieġ li jiġu implimentati skont ir-regoli ta' dan il-Programm u jenħtieġ li jintużaw għall-benefiċċju tal-Istat Membru konċernat.</p>	<p>Stat Membru jew il-Kummissjoni jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà f'każ li l-mezzi allokat skont l-Artikolu 26 ta' din il-proposta ma jkunux impenjati biex jintalab trasferiment ta' dawn tal-aħħar lill-fondi SIE għall-benefiċċju tal-Istat Membru konċernat.</p>

Raġuni

L-emenda tiżgura konsistenza mal-proposta għall-emendar ta' Artikolu 21 tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (CPR) inkluż fl-abbozz ta' opinjoni rilevanti (COTER-VI-038). It-trasferiment ikun koerenti wkoll minħabba l-fatt li kemm il-Programm ta' Appoġġ għal Riforri kif ukoll is-CPR huma bbażati fuq Artikolu 175 tat-TFUE.

Emenda 5

Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Fir-rigward tal-għodda għat-twettiq ta' riformi, huwa meħtieġ li jiġu identifikati t-tipi ta' riformi li jenħtieġ li jkunu eliġibbli għall-appoġġ finanzjarju. Biex jiżguraw il-kontribut tagħhom għall-għanijiet tal-Programm, ir-riformi eliġibbli jenħtieġ li jkunu dawk li jindirizzaw l-isfidi identifikati fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika, inkluż dawk proposti biex jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż.</p>	<p>Fir-rigward tal-għodda għat-twettiq ta' riformi, huwa meħtieġ li jiġu identifikati t-tipi ta' riformi li jenħtieġ li jkunu eliġibbli għall-appoġġ finanzjarju. Biex jiżguraw il-kontribut tagħhom għall-għanijiet tal-Programm, ir-riformi eliġibbli jenħtieġ li jkunu dawk li jindirizzaw l-isfidi identifikati fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika, inkluż dawk proposti biex jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż u wara li jiġu kkunsidrati l-perspettivi reġjonali rispettivi.</p>

Raġuni

Il-Kummissjoni Ewropea qed toħloq rabta ċara bejn il-programmi tal-infiq u s-Semestru Ewropew li tista' taqdi l-għan tagħha biss jekk jissaħħu l-perspettivi reġjonali u jiġu inkorporati fiha.

Emenda 6

Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Sabiex jiġi żgurat incensiv sinifikanti għall-Istati Membri biex iwettqu riformi strutturali, huwa xieraq li tiġi stabbilita kontribuzzjoni finanzjarja massima disponibbli għalihom taħt l-istrument għal kull stadju ta' allokkazzjoni u għal kull sejħa. Din il-kontribuzzjoni massima jenħtieġ li tkun ikkalkulata fuq il-bażi tal-popolazzjoni tal-Istati Membri. Sabiex jiġi żgurat li l-incensivi finanzjarji jinfirxu matul il-perjodu sħiħ ta' applikazzjoni tal-Programm, l-allokkazzjoni ta' fondi lill-Istati Membri jenħtieġ li ssir fi stadji. Fl-ewwel stadju li jdum għoxrin xahar, jenħtieġ li nofs il-pakkett finanzjarju kumplessiv (EUR 11 000 000 000) tal-għodda għat-twettiq ta' riformi jsir disponibbli għall-Istati Membri, li matulu huma jistgħu jirċievu sal-allokkazzjoni massima tagħhom billi jissottomettu proposti għall-impenji ta' riforma.</p>	<p>Sabiex jiġi żgurat incensiv sinifikanti għall-Istati Membri biex iwettqu riformi strutturali ta' rilevanza għall-UE, huwa xieraq li tiġi stabbilita kontribuzzjoni finanzjarja massima disponibbli għalihom taħt l-istrument għal kull stadju ta' allokkazzjoni u għal kull sejħa. Din il-kontribuzzjoni massima jenħtieġ li tkun ikkalkulata fuq il-bażi tal-indikaturi li għandhom jiġu adottati għall-politika ta' koeżjoni fl-2021-2027 (il-PDG per capita, il-qgħad fost iż-żgħażaġh, livell baxx tal-edukazzjoni, it-tibdil fil-klima, u l-akkoljenza u l-integrazzjoni tal-migranti). Sabiex jiġi żgurat li l-incensivi finanzjarji jinfirxu matul il-perjodu sħiħ ta' applikazzjoni tal-Programm, l-allokkazzjoni ta' fondi lill-Istati Membri jenħtieġ li ssir fi stadji. Fl-ewwel stadju li jdum għoxrin xahar, jenħtieġ li nofs il-pakkett finanzjarju kumplessiv (EUR 11 000 000 000) tal-għodda għat-twettiq ta' riformi jsir disponibbli għall-Istati Membri, li matulu huma jistgħu jirċievu sal-allokkazzjoni massima tagħhom billi jissottomettu proposti għall-impenji ta' riforma.</p>

Emenda 7

Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Sabiex tkun żgurata s-sjeda u l-enfasi fuq ir-riformi rilevanti, l-Istati Membri jenħtieġ li jidentifikaw l-impenji ta' riforma bħala reazzjoni għall-isfidi identifikati fil-kuntest tas-Semestru Ewropew (inklużi l-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż) u jipproponu sett dettaljat ta' miżuri għall-implimentazzjoni tagħhom, li jenħtieġ li jkun fih l-istadji importanti u miri xierqa u skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni fuq perjodu massimu ta' tliet snin. Jenħtieġ li titfittex u tinkiseb kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri matul il-proċess kollu.</p>	<p>Sabiex tkun żgurata s-sjeda u l-enfasi fuq ir-riformi rilevanti, l-Istati Membri, bl-involvement tal-livelli kollha tal-gvern, jenħtieġ li jidentifikaw l-impenji ta' riforma bħala reazzjoni għall-isfidi identifikati fil-kuntest tas-Semestru Ewropew (inklużi l-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż u wara li jkun għew ikkunsidrati l-perspettivi reġjonali rispettivi) jipproponu sett dettaljat ta' miżuri għall-implimentazzjoni tagħhom, li jenħtieġ li jkun fih l-istadji importanti u miri xierqa u skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni fuq perjodu massimu ta' tliet snin. L-Istati Membri għandhom jindikaw ukoll kif l-azzjonijiet ta' politika eżistenti u rilevanti tal-UE għew ikkoordinati biex jappoġġjaw ir-riformi proposti. Jenħtieġ li titfittex u tinkiseb kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri matul il-proċess kollu.</p>

Emenda 8

Premessa ġdida wara Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	<p><i>L-Istati Membri għandhom jiddikjaraw kif involvew lill-awtoritajiet lokali u reġjonali tagħhom fl-ivvalutar tal-ħtiġijiet tar-riformi u fit-tfassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-impenji tar-riformi. Dan l-involviment se jseħħ b'mod strutturat u permanenti fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, sabiex l-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jieħdu sehem, bħala msieħba sħaħ u sa mill-bidu, fid-djalogu mal-Kummissjoni Ewropea li jwassal għall-pubblikazzjoni tar-Rapporti tal-Pajjiżi u r-Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-Pajjiż. L-Istati Membri se jiddeċiedu kif se jorganizzaw dan l-involviment skont il-qafas kostituzzjonali tagħhom u skont id-diviżjoni attwali tas-setgħat fil-livelli tal-gvern.</i></p>

Emenda 9

Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Għall-fini ta' ġestjoni finanzjarja soda, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi għall-impenji tal-baġit, għall-pagamenti, għas-sospensjoni, għall-kanċellazzjoni u għall-irkupru ta' fondi. Il-pagamenti jenħtieġ li jkunu bbażati fuq valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-implimentazzjoni tal-impenji ta' riforma mill-Istat Membru. Is-sospensjoni u l-kanċellazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja jenħtieġ li jkunu possibbli meta l-impenji ta' riforma ma jkunux ġew implimentati b'mod sodisfaċenti mill-Istat Membru. Sabiex jiġi żgurat impatt sostenibbli tar-riformi wara li jiġu implimentati, jenħtieġ li jiġi stabbilit perjodu raġonevoli li jiddefinixxi d-durabbiltà tar-riformi wara l-pagament tal-kontribuzzjoni finanzjarja. Perjodu ta' ħames snin jenħtieġ li jitqies bħala minimu raġonevoli biex jiġi applikat. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti proċeduri kontradittorji xierqa biex jiżguraw li d-deċiżjoni mill-Kummissjoni fir-rigward tas-sospensjoni, il-kanċellazzjoni u l-irkupru tal-ammonti mħallsa tirrispetta d-dritt tal-Istati Membri li jipprovdu osservazzjonijiet.</p>	<p>Għall-fini ta' ġestjoni finanzjarja soda, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi għall-impenji tal-baġit, għall-pagamenti, għas-sospensjoni, għall-kanċellazzjoni u għall-irkupru ta' fondi. Il-pagamenti jenħtieġ li jsiru permezz ta' pagamenti akkont annwali, ibbażati fuq valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-implimentazzjoni tal-progress fl-impenji ta' riforma mill-Istat Membru. Is-sospensjoni u l-kanċellazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja jenħtieġ li jkunu possibbli meta l-impenji ta' riforma ma jkunux ġew implimentati b'mod sodisfaċenti mill-Istat Membru. Sabiex jiġi żgurat impatt sostenibbli tar-riformi wara li jiġu implimentati, jenħtieġ li jiġi stabbilit perjodu raġonevoli li jiddefinixxi d-durabbiltà tar-riformi wara l-pagament tal-kontribuzzjoni finanzjarja. Perjodu ta' ħames snin jenħtieġ li jitqies bħala minimu raġonevoli biex jiġi applikat. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti proċeduri kontradittorji xierqa biex jiżguraw li d-deċiżjoni mill-Kummissjoni fir-rigward tas-sospensjoni, il-kanċellazzjoni u l-irkupru tal-ammonti mħallsa tirrispetta d-dritt tal-Istati Membri li jipprovdu osservazzjonijiet.</p>

Emenda 10

Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Fir-rigward tal-istrument ta' appoġġ tekniku, l-Istati Membri ħadu dejjem aktar appoġġ tekniku taħt l-SRSP, lil hinn mill-aspettattivi inizjali. Kważi l-Istati Membri kollha talbu appoġġ taħt l-SRSP u t-talbiet huma distribwiti fl-oqsma ta' politika kollha koperti minn dan il-programm. Għal din ir-raġuni, il-karatteristiċi ewlenin tal-SRSP jenħtieġ li jinżammu, inklużi l-azzjonijiet eliġibbli għall-finanzjament taħt l-appoġġ tekniku.</p>	<p>Fir-rigward tal-istrument ta' appoġġ tekniku, l-Istati Membri ħadu dejjem aktar appoġġ tekniku taħt l-SRSP, lil hinn mill-aspettattivi inizjali. Kważi l-Istati Membri kollha talbu appoġġ taħt l-SRSP u t-talbiet huma distribwiti fl-oqsma ta' politika kollha koperti minn dan il-programm. Għal din ir-raġuni, il-karatteristiċi ewlenin tal-SRSP jenħtieġ li jinżammu, inklużi l-azzjonijiet eliġibbli għall-finanzjament taħt l-appoġġ tekniku. Il-Kummissjoni Ewropea u l-gvernijiet nazzjonali għandhom iħeġġu l-użu tal-istrumenti ta' appoġġ tekniku mill-awtoritajiet lokali u reġjonali billi jiftħu kompletament dawn l-istrumenti għallivelli kollha ta' gvern u jipromovu l-użu tagħhom b'mod attiv.</p>

Emenda 11

Artikolu 4

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Għanijiet ġenerali</p> <p>Il-programm għandu jappoġġa l-għanijiet ġenerali li ġejjin, fl-Istati Membri kollha:</p> <p>(a) jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati l-isfidi nazzjonali ta' riforma ta' natura strutturali bl-għan li titjeb il-prestazzjoni tal-ekonomiji nazzjonali u jiġu promossi strutturi ekonomiċi u soċjali reżiljenti fl-Istati Membri, u b'hekk jikkontribwixxi għall-koeżjoni, għall-kompetittività, għall-produttività, għat-tkabbir u għall-impjiegi; u</p> <p>(b) jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva tal-Istati Membri fir-rigward tal-isfidi ffaċċjati mill-istituzzjonijiet, mill-governanza, mill-amministrazzjoni pubblika, u mis-setturi ekonomiċi u soċjali.</p>	<p>Għanijiet ġenerali</p> <p>Il-programm għandu jappoġġa l-għanijiet ġenerali li ġejjin, fl-Istati Membri kollha:</p> <p>(a) jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati l-isfidi nazzjonali ta' riforma ta' natura strutturali identifikati għar-rilevanza tagħhom għall-UE fis-Semestru Ewropew u bil-għan li jiġu promossi strutturi ekonomiċi u soċjali reżiljenti fl-Istati Membri, u b'hekk jikkontribwixxi għall-koeżjoni, għall-kompetittività, għall-produttività, għat-tkabbir u għall-impjiegi fil-livell Ewropew; u</p> <p>(b) jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva tal-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali u reġjonali rispettivi tagħhom fir-rigward tal-isfidi ffaċċjati mill-istituzzjonijiet, mill-governanza, mill-amministrazzjoni pubblika, u mis-setturi ekonomiċi u soċjali.</p>

Emenda 12

Artikolu 6

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p><i>Kamp ta' applikazzjoni</i></p> <p>L-għanijiet ġenerali u speċifiċi stabbiliti fl-Artikoli 4 u 5 għandhom jirreferu għall-oqsma ta' politika relatati mal-koeżjoni, mal-kompetittività, mal-produttività, mar-riċerka u l-innovazzjoni, mat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv, mal-impjegi u mal-investment, b'mod partikolari għal wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:</p>	<p><i>Kamp ta' applikazzjoni</i></p> <p>L-għanijiet ġenerali u speċifiċi stabbiliti fl-Artikoli 4 u 5 għandhom jirreferu għall-oqsma ta' politika li huma rilevanti għall-implimentazzjoni tal-għanijiet tat-Trattat tal-UE, għandhom rabta mal-kompetenzi tal-UE u jirrelataw mal-koeżjoni, mal-kompetittività, mal-produttività, mar-riċerka u l-innovazzjoni, mat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv, mal-impjegi u mal-investment, b'mod partikolari għal wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:</p>

Emenda 13

Artikolu 7

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Baġit</p> <p>1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu 2021 sal-2027 għandu jkun ta' EUR 25 000 000 000, f'termini ta' prezzijiet attwali.</p> <p>2. Id-distribuzzjoni indikattiva tal-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 għandha tkun:</p> <p>sa EUR 22 000 000 000 għall-għodda għat-twettiq ta' riformi;</p> <p>sa EUR 840 000 000 għall-istrument ta' appoġġ tekniku;</p> <p>sa EUR 2 160 000 000 għall-faċilità ta' konverġenza, li minnhom:</p> <p>(i) sa EUR 2 000 000 000 għall-komponent ta' appoġġ finanzjarju; u</p> <p>(ii) sa EUR 160 000 000 għall-komponent ta' appoġġ tekniku.</p>	<p>Baġit</p> <p>1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu 2021 sal-2027 għandu jkun ta' EUR 25 000 000 000, f'termini ta' prezzijiet attwali.</p> <p>2. Id-distribuzzjoni indikattiva tal-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 għandha tkun:</p> <p>sa EUR 22 000 000 000 għall-għodda għat-twettiq ta' riformi;</p> <p>sa EUR 840 000 000 għall-istrument ta' appoġġ tekniku;</p> <p>sa EUR 2 160 000 000 għall-faċilità ta' konverġenza, li minnhom:</p> <p>(i) sa EUR 2 000 000 000 għall-komponent ta' appoġġ finanzjarju; u</p> <p>(ii) sa EUR 160 000 000 għall-komponent ta' appoġġ tekniku.</p>

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Jekk sal-31 ta' Diċembru tal-2023, skont il-faċilità ta' konverġenza Stat Membru mhux fiż-żona tal-euro ma jkunx ħa passi dimostrarbbl biex jadotta l-munita unika f'perjodu ta' żmien speċifikat, l-ammont massimu disponibbli għal dak l-Istat Membru taħt il-komponent ta' appoġġ finanzjarju tal-faċilità ta' konverġenza skont l-Artikolu 26 għandu jiġi rillokata għall-għodda għat-twettiq ta' riformi msemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu. Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni dwar dan wara li tkun tat lill-Istat Membru konċernat il-possibbiltà li jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu fi żmien xahrejn mill-komunikazzjoni tal-konklużjonijiet tagħha.</p> <p>3 L-allokkazzjoni finanzjarja tal-Programm tista' tkopri wkoll spejjeż li huma ta' attivitajiet ta' thejjiya, monitoraġġ, kontroll, awditu u evalwazzjoni li huma meħtieġa għall-ġestjoni tal-Programm u r-realizzazzjoni tal-għanijiet tiegħu, b'mod partikolari studji, laqgħat ta' esperti u azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inkluża l-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, kemm il darba jkunu marbuta mal-għanijiet ta' dan ir-Regolament, l-ispejjeż marbuta man-netwerks tal-IT li jiffokaw fuq l-ipproċessar u l-iskambju ta' informazzjoni, inkluż l-għodod korporattivi tat-teknoloġija tal-informazzjoni, u l-ispejjeż l-oħra kollha tal-assistenza teknika u amministrattiva mġarrba mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-Programm. L-ispejjeż jistgħu jkopru wkoll, taħt kull wieħed mit-tliet strumenti msemmija fl-Artikolu 3, il-kostijiet ta' attivitajiet oħra ta' appoġġ bħall-kontroll tal-kwalità u l-monitoraġġ ta' proġetti ta' appoġġ tekniku fuq il-post u l-kostijiet tal-konsulenza bejn il-pari u l-esperti għall-valutazzjoni u l-implimentazzjoni ta' riformi strutturali.</p> <p>4. Riżorsi allokat lill-Istati Membri taħt ġestjoni kondiżjoni jistgħu, fuq it-talba tagħhom, jiġu ttrasferiti għall-Programm. Il-Kummissjoni għandha timplimenta dawn ir-riżorsi direttament skont il-punt (a) tal-Artikolu 62(1) tar-Regolament Finanzjarju jew indirettament skont il-punt (c) ta' dak l-Artikolu. Fejn possibbli dawn ir-riżorsi għandhom jintużaw għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat.</p>	<p>Jekk sal-31 ta' Diċembru tal-2023, skont il-faċilità ta' konverġenza Stat Membru mhux fiż-żona tal-euro ma jkunx ħa passi dimostrarbbl biex jadotta l-munita unika f'perjodu ta' żmien speċifikat, l-ammont massimu disponibbli għal dak l-Istat Membru taħt il-komponent ta' appoġġ finanzjarju tal-faċilità ta' konverġenza skont l-Artikolu 26 għandu jiġi rillokata għall-għodda għat-twettiq ta' riformi msemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu. Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni dwar dan wara li tkun tat lill-Istat Membru konċernat il-possibbiltà li jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu fi żmien xahrejn mill-komunikazzjoni tal-konklużjonijiet tagħha.</p> <p>3 <i>F'każ li ma jkunux impenjati mezzi allokat skont l-Artikolu 26 ta' din il-proposta, ir-riżorsi allokat lil Stat Membru jistgħu fuq talba tiegħu jew fuq proposta mill-Kummissjoni, jiġu ttrasferiti lill-Fondi FSI għall-benefiċċju tal-Istat Membru konċernat.</i></p> <p>4. Il-pakkett finanzjarju għall-Programm jista' jkopri wkoll spejjeż li huma ta' attivitajiet ta' thejjiya, monitoraġġ, kontroll, awditu u evalwazzjoni li huma meħtieġa għall-ġestjoni tal-Programm u r-realizzazzjoni tal-għanijiet tiegħu, b'mod partikolari studji, laqgħat ta' esperti u azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inkluża l-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, kemm il darba jkunu marbuta mal-għanijiet ta' dan ir-Regolament, l-ispejjeż marbuta man-netwerks tal-IT li jiffokaw fuq l-ipproċessar u l-iskambju ta' informazzjoni, inkluż l-għodod korporattivi tat-teknoloġija tal-informazzjoni, u l-ispejjeż l-oħra kollha tal-assistenza teknika u amministrattiva mġarrba mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-Programm. L-ispejjeż jistgħu jkopru wkoll, taħt kull wieħed mit-tliet strumenti msemmija fl-Artikolu 3, il-kostijiet ta' attivitajiet oħra ta' appoġġ bħall-kontroll tal-kwalità u l-monitoraġġ ta' proġetti ta' appoġġ tekniku fuq il-post u l-kostijiet tal-konsulenza bejn il-pari u l-esperti għall-valutazzjoni u l-implimentazzjoni ta' riformi strutturali.</p>

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	<p>5. Riżorsi allokatu lill-Istati Membri taħt ġestjoni kondiżvja jistgħu, fuq it-talba tagħhom, jiġu ttrasferiti għall-Programm. Il-Kummissjoni għandha timplimenta dawn ir-riżorsi direttament skont il-punt (a) tal-Artikolu 62(1) tar-Regolament Finanzjarju jew indirettament skont il-punt (c) ta' dak l-Artikolu. Fejn possibbli dawn ir-riżorsi għandhom jintużaw għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat.</p>

Raġuni

L-emenda tiżgura konsistenza mal-proposta għall-emendar ta' Artikolu 21 tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (CPR) inkluż fl-abbozz ta' opinjoni rilevanti (COTER-VI-038). It-trasferiment ikun koerenti wkoll minħabba l-fatt li kemm il-Programm ta' Appoġġ għal Riforri kif ukoll is-CPR huma bbażati fuq Artikolu 175 tat-TFUE.

Emenda 14

Artikolu 9

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>L-Anness 1 jistabbilixxi l-kontribuzzjoni finanzjarja massima disponibbli għal kull Stat Membru mill-pakkett kumplessiv tal-għodda għat-twertiq ta' riformi msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 7(2). Din il-kontribuzzjoni finanzjarja massima tiġi kkalkulata għal kull Stat Membru bl-użu tal-kriterji u l-metodoloġija stabbiliti f'dak l-Anness, abbażi tal-popolazzjoni ta' kull Stat Membru. Din il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għandha tiġi allokata lil kull Stat Membru, parzjalment jew b'mod sħiħ, f'kull stadju u sejħa tal-proċess ta' allokkazzjoni stabbilit fl-Artikolu 10.</p>	<p>L-Anness 1 jistabbilixxi l-kontribuzzjoni finanzjarja massima disponibbli għal kull Stat Membru mill-pakkett kumplessiv tal-għodda għat-twertiq ta' riformi msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 7(2). Din il-kontribuzzjoni finanzjarja massima tiġi kkalkulata għal kull Stat Membru bl-użu tal-kriterji u l-metodoloġija stabbiliti f'dak l-Anness, abbażi tal-indikaturi li għandhom jiġu adottati għall-politika ta' koeżjoni fl-2021-2027 (il-PDG per capita, il-qgħad fost iż-żgħażaġh, livell baxx tal-edukazzjoni, it-tibdil fil-klima, u l-akkoljenza u l-integrazzjoni tal-migranti). Din il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għandha tiġi allokata lil kull Stat Membru, parzjalment jew b'mod sħiħ, f'kull stadju u sejħa tal-proċess ta' allokkazzjoni stabbilit fl-Artikolu 10.</p>

Emenda 15

Artikolu 11(3), punt (e)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>l-arranġamenti interni għall-implimentazzjoni effettiva tal-impenji ta' riforma mill-Istati Membri kkonċernati, inkluż l-istadji importanti u l-miri proposti, u l-indikaturi relatati; u</p>	<p>l-arranġamenti interni għall-implimentazzjoni effettiva tal-impenji ta' riforma mill-Istati Membri kkonċernati, inkluż l-istadji importanti u l-miri proposti, u l-indikaturi relatati; il-mod li bih l-awtoritajiet lokali u reġjonali kienu involuti fl-identifikazzjoni tal-impenji ta' riforma fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, kif ukoll fl-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tagħhom; u</p>

Emenda 16

Artikolu 11(3), żid punt ġdid wara l-punt (e)

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	<i>Bħala parti mill-arranġamenti interni għall-implimentazzjoni tal-impenji ta' riforma, miżuri speċifiċi li jiżguraw il-koerenza u l-koordinazzjoni bejn il-programm, il-Fondi SIE u programmi oħrajn iffinanzjati mill-UE daqstant ieħor rilevanti; dawn għandhom jinkludu pjan direzzjonali speċifiku tal-bini ta' kapaċità għall-awtoritajiet lokali u reġjonali;</i>

Emenda 17

Artikolu 11(9)

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Il-Kumitat tal-Politika Ekonomika, stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/604/KE dwar il-kompożizzjoni u l-istatuti tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika ⁽¹⁾ , jista' jagħti l-opinjoni tiegħu dwar il-proposti għal impenji ta' riforma sottomessi mill-Istati Membri.	Il-Kumitat tal-Politika Ekonomika, stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/604/KE dwar il-kompożizzjoni u l-istatuti tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika ¹ , għandu jagħti l-opinjoni tiegħu dwar il-proposti għal impenji ta' riforma sottomessi mill-Istati Membri.

Emenda 18

Artikolu 12(3)

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Id-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tistabbilixxi l-kontribuzzjoni finanzjarja li għandha titħallas f'pagament wieħed ladarba l-Istat Membru jkun implimenta b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri kollha identifikati fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' kull impenn ta' riforma.	Id-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tistabbilixxi l-kontribuzzjoni finanzjarja li għandha titħallas f'pagamenti annwali ladarba l-Istat Membru jkun implimenta b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri kollha identifikati għal kull sena fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' kull impenn ta' riforma.
Id-deċiżjoni għandha tistabbilixxi l-perjodu għall-implimentazzjoni tal-impenji ta' riforma, li ma għandux ikun aktar tard minn tliet snin wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni. Id-deċiżjoni għandha tistabbilixxi wkoll: l-arranġamenti dettaljati u skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-impenji ta' riforma u r-rappurtar dwarhom mill-Istat Membru konċernat fi ħdan il-proċess tas-Semestru Ewropew; l-indikaturi rilevanti fir-rigward tal-issodisfar tal-istadji importanti u tal-miri; u l-modalità biex jingħata aċċess lill-Kummissjoni għad-dejta sottostanti rilevanti.	Id-deċiżjoni għandha tistabbilixxi l-perjodu għall-implimentazzjoni tal-impenji ta' riforma, li ma għandux ikun aktar tard minn tliet snin wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni. Id-deċiżjoni għandha tistabbilixxi wkoll: l-arranġamenti dettaljati u skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-impenji ta' riforma u r-rappurtar dwarhom mill-Istat Membru konċernat fi ħdan il-proċess tas-Semestru Ewropew; l-indikaturi rilevanti fir-rigward tal-issodisfar tal-istadji importanti u tal-miri; u l-modalità biex jingħata aċċess lill-Kummissjoni għad-dejta sottostanti rilevanti.

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Settembru 2000 dwar il-kompożizzjoni u l-istatuti tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika (2000/604/KE) (ĠU L 257, 11.10.2000, p. 28).

Emenda 19

Artikolu 14

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p><i>Rappurtar mill-Istat Membru fis-Semestru Ewropew</i></p> <p>Mingħajr preġudizzju għat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 12 (3), l-Istat Membru konċernat għandu jirrapporta regolarment fil-proċess tas-Semestru Ewropew dwar il-progress li jkun għamel biex jikseb l-impenji ta' riforma. Għal dak il-għan, l-Istati Membri huma mistiedna jużaw il-kontenut tal-programmi ta' riforma nazzjonali bħala għodda għar-rappurtar dwar il-progress lejn it-tlestija tar-riforma. L-arranġamenti dettaljati u l-iskeda għar-rappurtar, inkluż il-modalità biex jingħata aċċess lill-Kummissjoni għad-dejta sottostanti rilevanti, għandhom jiġu stabbiliti fid-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 12(1).</p>	<p><i>Rappurtar mill-Istat Membru fis-Semestru Ewropew</i></p> <p>Mingħajr preġudizzju għat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 12 (3), l-Istat Membru konċernat għandu jirrapporta regolarment fil-proċess tas-Semestru Ewropew dwar il-progress li jkun għamel biex jikseb l-impenji ta' riforma. Għal dak il-għan, l-Istati Membri huma mistiedna jużaw il-kontenut tal-programmi ta' riforma nazzjonali bħala għodda għar-rappurtar dwar il-progress lejn it-tlestija tar-riforma, inkluż dwar il-miżuri meħuda għall-iżgurar tal-koordinazzjoni bejn il-programm, il-Fondi SIE u programmi oħrajn iffinanzjati mill-UE daqstant ieħor rilevanti. L-arranġamenti dettaljati u l-iskeda għar-rappurtar, inkluż il-modalità biex jingħata aċċess lill-Kummissjoni għad-dejta sottostanti rilevanti, għandhom jiġu stabbiliti fid-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 12(1). Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-linji gwida tagħha dwar il-kontenut tal-programmi ta' riforma nazzjonali skont dan.</p>

Emenda 20

Artikolu 19(2), żid punt ġdid wara l-punt (e)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	<p>attivitajiet ta' bini tal-kapaċità mwettqa mill-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-kuntest tal-programmi nazzjonali ta' riforma. L-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom ikunu kapaċi jressqu t-talbiet tagħhom taħt tieqa speċifika tal-Programm u jkunu benefiċjarji diretti tal-appoġġ tekniku pprovdut.</p>

Emenda 21

Artikolu 26

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>L-Anness X jistabbilixxi kontribuzzjoni finanzjarja massima disponibbli għal kull Stat Membru mill-pakkett finanzjarju kumplessiv imsemmi fil-punt (c)(i) tal-Artikolu 7(2). Din il-kontribuzzjoni finanzjarja massima tiġi kkalkulata għal kull Stat Membru eliġibbli skont il-kriterji u l-metodoloġija stabbiliti f'dak l-Anness, abbażi tal-popolazzjoni ta' kull Stat Membru, u tapplika għal kull stadju ta' allokazzjoni u s-sejħiet stipulati fl-Artikolu 10.</p>	<p>L-Anness X jistabbilixxi kontribuzzjoni finanzjarja massima disponibbli għal kull Stat Membru mill-pakkett finanzjarju kumplessiv imsemmi fil-punt (c)(i) tal-Artikolu 7(2). Din il-kontribuzzjoni finanzjarja massima tiġi kkalkulata għal kull Stat Membru bl-użu tal-kriterji u l-metodoloġija stabbiliti f'dak l-Anness, abbażi tal-indikaturi li għandhom jiġu adottati għall-politika ta' koeżjoni fl-2021-2027 (il-PDG per capita, il-qgħad fost iż-żgħażaġh, livell baxx tal-edukazzjoni, it-tibdil fil-klima, u l-akkoljenza u l-integrazzjoni tal-migranti), u tapplika għal kull stadju ta' allokazzjoni u s-sejħiet stipulati fl-Artikolu 10.</p>

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Mingħajr preġudizzju għat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7 (2), din il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għandha tiġi allokata lil kull Stat Membru, parzjalment jew b'mod sħiħ, f'kull stadju tal-proċess ta' allokkazzjoni skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 10 u għandha tirrappreżenta kontribuzzjoni addizzjonali lil hinn mill-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 9, li għandha tingħata talli l-Istat Membru konċernat ikun wettaq riformi addizzjonali.</p>	<p>Mingħajr preġudizzju għat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7 (2), din il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għandha tiġi allokata lil kull Stat Membru, parzjalment jew b'mod sħiħ, f'kull stadju tal-proċess ta' allokkazzjoni skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 10 u għandha tirrappreżenta kontribuzzjoni addizzjonali lil hinn mill-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 9, li għandha tingħata talli l-Istat Membru konċernat ikun wettaq riformi addizzjonali.</p>

II. RAKKOMANDAZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU L-EMENDI GĦALL-FUNZJONI EWROPEA TA' STABILIZZAZZJONI TAL-INVESTIMENTI

Emenda 22

Premessa (8)

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>B'mod partikolari, sabiex l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro jiġu appoġġjati biex iwieġbu aħjar għaċ-ċirkostanzi ekonomiċi li jinbidlu malajr u biex tiġi stabilizzata l-ekonomija tagħhom billi jinżamm l-investiment pubbliku fil-każ ta' skossi asimmetriċi kbar, jenħtieġ li tiġi stabbilita Funzjoni Ewropea ta' Stabbilizzazzjoni tal-Investment (FESI).</p>	<p>B'mod partikolari, sabiex l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro jiġu appoġġjati biex iwieġbu aħjar għaċ-ċirkostanzi ekonomiċi li jinbidlu malajr u biex tiġi stabilizzata l-ekonomija tagħhom billi jinżamm l-investiment pubbliku fil-każ ta' skossi asimmetriċi kbar, jenħtieġ li tiġi stabbilita Funzjoni Ewropea ta' Stabbilizzazzjoni tal-Investment (FESI). <i>Il-FESI għandha tikkontribwixxi għall-istabbilizzazzjoni tal-investment pubbliku fil-livelli kollha ta' gvern, peress li l-awtoritajiet lokali u reġjonali huma responsabbli għal 66 % tal-investimenti u l-investimenti tagħhom għadhom ma laħqux il-livell ta' qabel il-kriżi. Billi tippermetti li l-entitajiet lokali u reġjonali jsostnu l-livell tagħhom ta' investimenti, ikun qed jiġi evitat id-deterjorament ulterjuri ta' skossi asimmetriċi.</i></p>

Raġuni

L-importanza tal-livell lokali u reġjonali fir-rigward tal-investimenti għandha tiġi enfasizzata.

Emenda 23

Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Il-kriterji tal-eliġibbiltà stretti bbażati fuq il-konformità ma' deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet skont il-qafas ta' sorveljanza fiskali u ekonomika tal-Unjoni fi żmien sentejn qabel it-talba għall-appoġġ tal-FESI jenħtieġ li jiġu ssodisfati mill-Istat Membru li jitlob l-appoġġ tal-FESI sabiex ma jonqosx l-inċentiv għal dak l-Istat Membru biex isegwi politiki baġitarji prudenti.</p>	<p>Il-kriterji tal-eliġibbiltà stretti bbażati fuq il-konformità ma' deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet skont il-qafas ta' sorveljanza fiskali u ekonomika tal-Unjoni, inkluża l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar "L-aħjar użu tal-flessibbiltà fir-regoli eżistenti tal-Patt tal-Istabbiltà u Tkabbir"[1a], fi żmien sentejn qabel it-talba għall-appoġġ tal-FESI u konformità ma' kodiċi ta' konverġenza li jinkludi kriterji li jippermettu sjieda aħjar, jenħtieġ li jiġu ssodisfati mill-Istat Membru li jitlob l-appoġġ tal-FESI sabiex ma jonqosx l-inċentiv għal dak l-Istat Membru biex isegwi politiki baġitarji prudenti u sostenibbli.</p> <p>[1a] COM(2015) 12 final, 13.1.2015.</p>

Raġuni

Evidenti.

Emenda 24

Premessa (21)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>L-Istati Membri jenħtieġ li jinvestu l-appoġġ li jirċievu mill-FESI f'investiment pubbliku eliġibbli u anki jżommu l-livell tal-investment pubbliku iġenerali meta mqabbel mal-livell medju tal-investment pubbliku matul l-aħħar ħames snin sabiex jiġi żgurat li l-objettiv segwit minn dan ir-Regolament jintlaħaq. F'dan ir-rigward, huwa mistenni li l-Istati Membri jenħtieġ li jagħtu prijorità biex jinżamm investment eliġibbli fi programmi appoġġjati mill-Unjoni skont il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali.</p>	<p>L-Istati Membri jenħtieġ li jinvestu l-appoġġ li jirċievu mill-FESI f'investiment pubbliku eliġibbli u anki jżommu l-livell tal-investment pubbliku iġenerali meta mqabbel mal-livell medju tal-investment pubbliku matul l-aħħar ħames snin sabiex jiġi żgurat li l-objettiv segwit minn dan ir-Regolament jintlaħaq. F'dan ir-rigward, huwa mistenni li l-Istati Membri jenħtieġ li jagħtu prijorità biex jinżamm investment eliġibbli fi programmi appoġġjati mill-Unjoni skont il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali.</p> <p>Madankollu, jekk, minħabba s-severità tal-kriżi, ikun impossibbli għall-Istat Membru li jżomm il-livell ta' investment pubbliku li jkun ħa l-impenn għalih meta rċieva l-appoġġ, il-Kummissjoni Ewropea għandha tidde-termina livell aktar baxx ta' investimenti pubbliċi li l-Istati Membri għandhom jiżguraw.</p>

Raġuni

Jista' jiġri li l-kriżi tant tkun gravi li l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jżommu l-livell tal-investimenti pubbliċi li jkunu ħadu l-impenn għalihom meta rċew l-appoġġ. F'dan il-każ, il-Kummissjoni Ewropea għandha tkun kapaċi tidde-termina livell aktar baxx ta' investimenti pubbliċi li għandhom iwettqu l-Istati Membri.

Emenda 25

Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Il-FESI jenħtieġ li jitqies bħala l-ewwel pass fl-iżvilupp matul iż-żmien ta' mekkaniżmu ta' assigurazzjoni sħiħ li jkopri l-istabbilizzazzjoni makroekonomika. Bħalissa, il-FESI huwa ibbażat fuq self u fuq l-ġhoti ta' sussidji tar-rata tal-imġax. B'mod parallel, mhuwiex eskluż li l-MES jew is-suċċessur legali tiegħu jkun involut fil-futur billi jipprovi assistenza finanzjarja lill-Istati Membri li l-munita tagħhom tkun l-euro meta jiffaċċjaw kundizzjonijiet ekonomiċi avversi bħala appoġġ għall-investment pubbliku. Barra minn hekk, mekkaniżmu volontarju ta' assigurazzjoni bil-kapaċità ta' self ibbażat fuq kontribuzzjonijiet volontarji mill-Istati Membri jista' jiġi stabbilit fil-futur biex jipprovi strument b'saħħtu għall-finijiet tal-istabbilizzazzjoni makroekonomika kontra l-iskossi asimmetriċi.</p>	<p>Il-FESI jenħtieġ li jitqies bħala l-ewwel pass fl-iżvilupp matul iż-żmien ta' mekkaniżmu ta' assigurazzjoni sħiħ li jkopri l-istabbilizzazzjoni makroekonomika. Inizjalment, il-FESI se jkun ibbażat fuq self u fuq l-ġhoti ta' sussidji tar-rata tal-imġax. B'mod parallel, il-MES jew is-suċċessur legali tiegħu jista' jkun involut billi jipprovi assistenza finanzjarja lill-Istati Membri li l-munita tagħhom tkun l-euro meta jiffaċċjaw kundizzjonijiet ekonomiċi avversi bħala appoġġ għall-investment pubbliku. Barra minn hekk, mekkaniżmu ta' assigurazzjoni bil-kapaċità ta' self ibbażat fuq kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri irid jiġi stabbilit biex jipprovi strument b'saħħtu għall-finijiet tal-istabbilizzazzjoni makroekonomika kontra l-iskossi asimmetriċi.</p>

Raġuni

Biex tkun ikkjarifikata l-formulazzjoni tal-Premessa 33, li tibni fuq proposti komparabbli għal emendi fl-abbozz ta' rapport minn Reimer Böge (PPE/DE) u Pervenche Berès (S&D/FR) ippreżentat lill-kumitat ECON tal-Parlament Ewropew.

Emenda 26

Artikolu 3.1

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>deċizzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi li ma ttehdet l-ebda azzjoni effettiva biex tikkoreġi d-defiċit eċċessiv tiegħu skont l-Artikolu 126(8) jew l-Artikolu 126(11) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fis-sentejn ta' qabel it-talba għal appoġġ mill-FESI;</p>	<p>deċizzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi li ma ttehdet l-ebda azzjoni effettiva biex tikkoreġi d-defiċit eċċessiv tiegħu skont l-Artikolu 126(8) jew l-Artikolu 126(11) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fis-sentejn ta' qabel it-talba għal appoġġ mill-FESI, filwaqt li titqies il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar "L-aħjar użu tal-flessibilità fir-regoli eżistenti tal-Patt tal-Istabbiltà u Tkabbir"[1];</p> <p>[1] COM(2015) 12 final, 13.1.2015.</p>

Raġuni

Evidenti.

Emenda 27

Artikolu 5(2)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Fis-sena ta' wara l-iżborż tas-self mill-FESI, il-Kummissjoni għandha teżamina jekk l-Istat Membru kkonċernat irrispettax il-kriterji msemmija fil-paragrafu 1. B'mod partikolari,, il-Kummissjoni jenħtieġ li tivverifika sa liema punt l-Istat Membru kkonċernat żamm l-investment pubbliku eliġibbli fil-programmi appoġġjati mill-Unjoni taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali.</p> <p>Jekk il-Kummissjoni, wara li tkun semgħet lill-Istat Membru kkonċernat, tikkonkludi li ma kienx hemm konformità mal-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, għandha tadotta deċiżjoni:</p> <p>(a) li titlob il-ħlas lura bikri ta' parti mis-self mill-FESI jew tas-self kollu, kif xieraq; u</p> <p>(b) li tiddeċiedi li mal-ħlas lura tas-self mill-FESI l-Istat Membru kkonċernat ma għandux ikun intitolat li jirċievi s-sussidju tar-rata tal-imgħax.</p> <p>Il-Kummissjoni għandha tadotta d-deċiżjoni tagħha min-għajr dewmien żejjed u għandha tagħmilha pubblika.</p>	<p>Fis-sena ta' wara l-iżborż tas-self mill-FESI, il-Kummissjoni għandha teżamina jekk l-Istat Membru kkonċernat irrispettax il-kriterji msemmija fil-paragrafu 1. B'mod partikolari,, il-Kummissjoni jenħtieġ li tivverifika sa liema punt l-Istat Membru kkonċernat żamm l-investment pubbliku eliġibbli fil-programmi appoġġjati mill-Unjoni taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali.</p> <p>Jekk il-Kummissjoni, wara li tkun semgħet lill-Istat Membru kkonċernat, tikkonkludi li ma kienx hemm konformità mal-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, għandha tadotta deċiżjoni:</p> <p>(a) li titlob il-ħlas lura bikri ta' parti mis-self mill-FESI jew tas-self kollu, kif xieraq; u</p> <p>(b) li tiddeċiedi li mal-ħlas lura tas-self mill-FESI l-Istat Membru kkonċernat ma għandux ikun intitolat li jirċievi s-sussidju tar-rata tal-imgħax.</p> <p>Madankollu, il-Kummissjoni tista' wkoll tikkonkludi li, minħabba l-impatt tal-kriżi, kien impossibbli għall-Istat Membru kkonċernat li jżomm il-livell ta' investment stabbilit fil-paragrafu 1.</p> <p>Il-Kummissjoni għandha tadotta d-deċiżjoni tagħha min-għajr dewmien żejjed u għandha tagħmilha pubblika.</p>

Raġuni

Jista' jiġri li l-kriżi tant tkun gravi li l-Istat Membru ma jkunx jista' jżomm il-livell tal-investimenti pubbliċi li jkunu hađu l-impenn għalihom meta rċevew l-appoġġ. F'dan il-każ, il-Kummissjoni Ewropea għandha tkun kapaċi tidetermina livell aktar baxx ta' investimenti pubbliċi li għandu jwettaq l-Istat Membru.

Emenda 28

Artikolu 22.5

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p><i>l-adeqwatezza tal-iżvilupp ta' mekkaniżmu volontarju ta' assigurazzjoni li jaqdi l-għan tal-istabbilizzazzjoni makroekonomika.</i></p>	<p><i>l-għażliet għall-iżvilupp ta' mekkaniżmu ta' assigurazzjoni komplut biex jaħseb għall-istabbilizzazzjoni makroekonomika.</i></p>

Raġuni

Evidenti.

III. RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

Dwar il-Programm ta' Appoġġ għal Riforri

1. jenfasizza li r-riforri strutturali ta' rilevanza għall-UE u ta' valur miżjud għall-UE huma kruċjali għall-iżgurar tal-konverġenza, reżiljenza u koeżjoni territorjali, soċjali u ekonomika fi ħdan l-Unjoni u l-UEM; jinnota li l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż dwar ir-riforri strutturali ta' rilevanza għall-UE mhix sodifsacenti b'mod ġenerali, li jirriżulta min-nuqqas ta' sjieda u kapaċità amministrattiva insuffiċjenti fil-livelli kollha ta' gvern;
2. jiddispaċiħ li l-Kummissjoni Ewropea għadha ma pprovdietx definizzjoni ta' "riforri strutturali" fi ħdan il-kuntest tal-governanza ekonomika tal-UE u appoġġ possibbli permezz ta' programmi tal-UE, bħall-Programm ta' Appoġġ għal Riforri. Itenni, f'dan l-isfond, li skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà, il-kamp ta' applikazzjoni tar-riforri strutturali eliġibbli għall-appoġġ tal-UE għandu jiġi limitat għal oqsma ta' politika li huma rilevanti għall-implimentazzjoni tal-oġġettivi tat-Trattat tal-UE u li huma relatati direttament mal-kompetenzi tal-UE. Il-KtR jirrifjuta kwalunkwe proposta għal finanzjament tal-UE għall-appoġġ ta' riforri strutturali mhux speċifikati fl-Istati Membri li ma saritilhom l-ebda valutazzjoni tal-valur miżjud Ewropew trasparenti minn qabel u li mhumiex relatati direttament mal-kompetenzi tal-UE bbażati fuq it-Trattat. F'dan il-kuntest, il-KtR jfakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-1 ta' Frar 2018 li tirrifjuta l-proposta tal-Kummissjoni għal regolament li jemenda r-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (UE) Nru 1303/2013 tas-6 ta' Diċembru 2017⁽²⁾;
3. jilqa' l-idea li jingħata appoġġ lil Stati Membri li huma disposti jimpenjaw ruħhom f'impenji għal riforri estensivi, identifikati fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, permezz ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji u assistenza teknika; jisħaq li s-Semestru Ewropew għandu jintegra, kemm jista' jkun malajr, l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u jkun konsistenti mal-għanijiet ta' investiment fuq perjodu twil tal-politika ta' koeżjoni tal-UE għall-2021-2027;
4. jilqa' l-idea ta' faċilità ta' konverġenza għall-Istati Membri li jagħmlu passi dimostrabbli lejn l-adeżjoni mal-euro, u jipprovdw wkoll kontribuzzjonijiet finanzjarji u assistenza teknika;
5. jemmen li l-allokazzjoni tal-pakkett globali tal-Programm ibbażat fuq il-popolazzjoni jkun f'kunflitt mal-oġġettiv tat-Trattat għall-koeżjoni, li jipprovdw l-bażi legali tal-programm (Artikolu 175 TFUE); jenfasizza li l-koeffiċjent tal-kontribuzzjoni xieraq għandu jkun l-indikaturi adottati għall-politika ta' koeżjoni fl-2021-2027 (il-PDG per capita, il-qgħad fost iż-żgħażaġh, livell baxx tal-edukazzjoni, it-tibdil fil-klima, u l-akkoljenza u l-integrazzjoni tal-migranti); jenfasizza li dan l-approċċ jindirizza b'mod konsistenti l-fatt li xi Stati Membri, li jagħmlu passi dimostrabbli lejn l-adeżjoni mal-euro, jista' jkollhom anqas bżonn ta' riforri minn xi membri attwali taż-żona tal-euro;
6. jinsab imħasseb li somma sħiħa mħallsa lil Stat Membru wara l-implimentazzjoni ta' pakkett ta' riforri sostanzjali tista' ma twassalx għad-deċiżjoni li titwettaq tali riforma; jinsab imħasseb li hłas b'pagament wieħed, li jsir biss wara l-implimentazzjoni tar-riforri, jkompli jdgħajef l-inċentiv;
7. jappoġġja bil-qawwa l-idea li rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż għandhom jippromovu l-investimenti mhux anqas minn riforri regolatorji; jenfasizza li rakkomandazzjonijiet b'rabta mal-investiment għandhom ikunu allinjati mal-perspettiva ta' investiment fuq perjodu twil meħud mill-FSIE; jinnota li studju riċenti mid-DG EMPL juri li, bejn l-2012 u l-2015, il-firxa ta' interventi tal-Fondi Strutturali, u l-Programmi Operazzjonali effettivament indirizzaw 42 % ta' dawn il-ħtiġijiet; jenfasizza li l-Programm għandu jikkoordina l-programmi ta' nfiq tal-UE rilevanti; jirakkomanda li jkun hemm il-possibbiltà li jiċċaqalqu fondi mill-programm għall-fondi SIE;
8. jinnota li l-Programm jista' jagħmel lis-Semestru Ewropew saħansitra aktar importanti, għaliex ikun qed jappoġġja biss ir-riforri strutturali identifikati fil-kuntest tas-Semestru; jenfasizza li għaldaqstant huwa kruċjali li jittejjeb is-Semestru Ewropew f'termini ta' effettività u sjieda tal-impenji tar-riforri, abbażi tal-prinċipji tas-sjieda u t-trasparenza miżjuda għall-awtoritajiet lokali u reġjonali; jenfasizza li l-korpi indipendenti bħalma huma l-Bordijiet Fiskali Nazzjonali u l-Bordijiet tal-Produttività Nazzjonali għandhom jgħinu l-livelli kollha tal-gvern u l-partijiet interessati rilevanti sabiex jivvalutaw il-ħtiġijiet għal riforma u jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-Programm;
9. jinnota li 36 % tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż maħruġa fl-2018, jindirizzaw direttament ir-rwol tal-bliet u r-reġjuni, li tirrifletti d-diviżjoni attwali tas-setgħat bejn il-livelli tal-gvern, u li, meta wieħed iqis ukoll ir-rakkomandazzjonijiet li jindirizzaw biss indirettament ir-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u dawk li l-impatt tagħhom iwarja madwar it-territorji, jirriżulta li 83 % tar-rakkomandazzjonijiet kollha huma relatati mat-territorji;

⁽²⁾ COM(2017) 826 final.

10. għaldaqstant, jenfasizza li, għall-iżgurar tas-sjieda, u l-implimentazzjoni effettiva tar-riformi strutturali; l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom ikunu involuti fis-Semestru Ewropew mill-fażijiet inizjali tiegħu, bħala msieħba fit-tfassil u l-implimentazzjoni, u li dan għandu jsir kriterju għall-ivvalutar tal-kredibbiltà tal-arranġamenti tal-implimentazzjoni tal-pakkett ta' riforma; jinsisti fuq il-proposta ta' Kodiċi ta' Kondotta għall-involvement tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fis-Semestru; jilqa' l-adozzjoni mill-Parlament Ewropew, f'Lulju 2018, ta' emenda tar-Regolament dwar il-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali li tenfasizza l-ħtieġa għall-involvement tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fit-tnejn u fl-implimentazzjoni tar-riformi strutturali;

11. jinnota li r-riżultati preliminari ta' studju li għadu għaddej, ikkummissjonat mill-KtR, juru li l-bini ta' kapaċità għall-bliet u r-reġjuni ma ġiex indirizzat b'mod sodisfaċenti taħt il-QFP attwali; jinnota l-isfida tal-kapaċità amministrattiva tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, li hija indirizzata, direttament jew indirettament, bi 68 % tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż għall-2018; josserva li, f'dan ir-rigward, programm Erasmus għar-rappreżentanti lokali jkun jista' jiffaċilita t-trasferiment tal-għarfien espert u l-aħjar Prattika;

12. jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' provi adegwati li juru sa liema punt l-awtoritajiet lokali u reġjonali użaw tal-SRSP; jenfasizza li l-aċċess tal-awtoritajiet lokali u reġjonali għall-istrument ta' appoġġ tekniku taħt il-programm għandu jiġi nkoraġġit b'mod proattiv fil-livelli kollha tal-gvern; itenni t-talba tiegħu għal sett ta' linji gwida uniku u trasparenti, li jikkoordina l-miżuri kollha ffinanzjati mill-UE li jipprovdu assistenza teknika u l-appoġġ għall-bini tal-kapaċità taħt il-QFP il-ġdid;

13. jinkoraġġixxi approċċi territorjali integrati, imfassla fi proċess minn isfel għal fuq, biex jippromovi ekosistemi favorevoli għall-implimentazzjoni ta' riformi strutturali rilevanti għall-UE;

14. jiddispjaċih li l-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet li talloka fondi għall-Programm ġestit ċentralment ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali filwaqt li tnaqqas programmi b'ġestjoni kondiviża u valur miżjud Ewropew bħal dawk taħt il-politika ta' koeżjoni tal-UE;

Dwar il-Funzjoni Ewropea ta' Stabbilizzazzjoni tal-Investimenti

15. jinnota li l-fatturi strutturali jesponu lill-Istati Membri għal skossi asimmetriċi kbar, li jipprovokaw tnaqqis qawwi fl-investment pubbliku, l-ewwel nett fil-livell lokali u reġjonali, u jiġġeneraw effetti ta' riperkussjonijiet negattivi għal pajjiżi oħra;

16. jaqbel mal-Kummissjoni li l-investment pubbliku jeħtieġ li jkun protett mill-iskossi asimmetriċi; ifakkar li l-awtoritajiet lokali u reġjonali huma responsabbli għal iktar minn 66 % tal-investment pubbliku fl-UE; ifakkar li l-investment fil-livell reġjonali għadu ma laħaqx il-livelli ta' qabel il-kriżi; jenfasizza li l-protezzjoni mill-iskossi asimmetriċi għandha tiġi żgurata għall-investimenti mil-livelli kollha ta' gvern;

17. jilqa' l-proposta għal Funzjoni Ewropea ta' Stabbilizzazzjoni tal-Investimenti (FEIS) li għandha l-għan li tagħmel il-politiki fiskali nazzjonali aktar reżiljenti għall-iskossi asimmetriċi filwaqt li tinkiseb sostenibbiltà fit-tul; jemmen li tista' tkun l-ewwel pass sabiex l-UEM tiġi mgħammra b'mekkaniżmu temporanju ta' assorbiment tal-iskossi;

18. jinnota li l-proposta tippermetti għal aġġornament futur fir-rigward tal-iskema u jtenni l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni Ewropea sabiex, maż-żmien, tiżviluppa mekkaniżmu tal-assigurazzjoni sħiħ biex jindirizza l-istabilizzazzjoni ekonomika, bħal fond prekawzjonarju (rainy day fund);

19. jaqbel mal-fehma tal-Kummissjoni li, sabiex jiġu evitati trasferimenti permanenti u l-periklu morali, huma biss l-Istati Membri f'konformità mal-qafas ta' governanza globali tal-UE, u li jagħmlu progress fil-proċess ta' konverġenza, li għandhom ikunu jistgħu jirreferu għall-FESI;

20. jinnota li l-FESI jibda b'self u komponent ta' għotja relattivament żgħir; jemmen li kapaċità fiskali għandha tkun kbira biżżejjed biex tkun effettiva; jinsab imħasseb dwar jekk l-ammont massimu ta' self ta' EUR 30 biljun huwiex biżżejjed f'każ ta' kriżi serja li taffettwa diversi Stati Membri;

21. jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li l-FESI tikkumplimenta l-istrumenti eżistenti bħall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE) u li dan ma jikkoinċidix mal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES), minkejja li huwa kemxejn simili fl-ambitu; josserva, madankollu, li l-istabilizzazzjoni makroekonomika attwalment mhijiex rikonoxxuta bħala għan espliċitu tal-baġit tal-UE u għalhekk tpoġġi limitazzjonijiet fuq kemm tista' tikseb l-FESI;
22. jinnota li t-terminu "skossi asimmetriċi" jista' jinkludi wkoll kriżi ta' likwidità; jemmen li t-tweġiba xierqa għal kriżi ta' likwidità hija l-programm ta' Transazzjonijiet Monetari Definitivi (OMT) tal-Bank Ċentrali Ewropew, bil-kundizzjoni tal-parteċipazzjoni tal-Istat Membru fil-programm tal-MES, u mhux fil-FESI.

Brussell, il-5 ta' Diċembru 2018.

Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni

Karl-Heinz LAMBERTZ

**Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni — Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
dwar ir-rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma**

(2019/C 86/19)

Relatur:	Oldřich VLASÁK (CZ/KRE), Kunsillier ta' Hradec Králové
Dokument ta' referenza:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma
	COM(2018) 337 final

I. RAKKOMANDEZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU L-EMENDI

Emenda 1

Artikolu 4(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
1. L-operaturi tal-impjanti tar-reklamazzjoni għandhom jiżguraw li l-ilma reklamat iddestinat għal użu speċifiku fit-Taqsima 1 tal-Anness I, fl-iżbokk tal-impjant tar-reklamazzjoni (punt ta' konformità) għandu jkun konformi ma' dan li ġej:	1. L-operaturi tal-impjanti tar-reklamazzjoni għandhom jiżguraw li l-ilma reklamat ddestinat għal użu speċifiku fit-Taqsima 1 tal-Anness I, fejn jingħaqad mas-sistema tal-utent aħħari (punt ta' konformità) għandu jkun konformi ma' dan li ġej:

Raġuni

Dan huwa l-aħħar punt fejn l-operaturi tal-impjanti tar-reklamazzjoni jistgħu jinżammu responsabbli tal-prodott tagħhom. Minn issa 'l quddiem li tinżamm il-kwalità tal-ilma reklamat, eż. matul l-akkumulazzjoni u l-ħażna, hija r-responsabbiltà tal-utent aħħari.

Emenda 2

Artikolu 6

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<i>Artikolu 6</i>	<i>Artikolu 6</i>
Applikazzjoni għal permess tal-forniment ta' ilma reklamat	Applikazzjoni għal permess tal-forniment ta' ilma reklamat
1. Kwalunkwe provvista tal-ilma reklamat iddestinata għal użu speċifiku fit-Taqsima 1 tal-Anness I, għandha tkun soġġetta għal permess.	1. Kwalunkwe provvista tal-ilma reklamat iddestinata għal użu speċifiku fit-Taqsima 1 tal-Anness I, għandha tkun soġġetta għal permess.
2. Operatur jista' jippreżenta applikazzjoni għall-permess imsemmi fil-paragrafu 1, jew għal modifika ta' permess eżistenti, lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn jopera l-impjant tar-reklamazzjoni jew fejn hu pplanat li jopera.	2. Operatur jista' jippreżenta applikazzjoni għall-permess imsemmi fil-paragrafu 1, jew għal modifika ta' permess eżistenti, lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn jopera l-impjant tar-reklamazzjoni jew fejn hu pplanat li jopera.

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>3. L-applikazzjoni għandha tinkludi dan li ġej:</p> <p>(a) Pjan tal-Ġestjoni tar-Riskju għall-Użu mill-Ġdid tal-Ilma mfassal skont l-Artikolu 5(2);</p> <p>(b) deskrizzjoni ta' kif l-operatur tal-impjant tar-reklamazzjoni se jikkonforma mar-reqwiziti minimi għall-kwalità tal-ilma u għall-monitoraġġ stabbiliti fit-Taqsima 2 tal-Anness I;</p> <p>(c) deskrizzjoni ta' kif l-operatur tal-impjant tar-reklamazzjoni se jikkonforma mar-reqwiziti addizzjonali proposti fil-Pjan tal-Ġestjoni tar-Riskju għall-Użu mill-Ġdid tal-Ilma.</p>	<p>3. L-applikazzjoni għandha tinkludi dan li ġej:</p> <p>(a) Pjan tal-Ġestjoni tar-Riskju għall-Użu mill-Ġdid tal-Ilma mfassal skont l-Artikolu 5(2);</p> <p>(b) deskrizzjoni ta' kif l-operatur tal-impjant tar-reklamazzjoni se jikkonforma mar-reqwiziti minimi għall-kwalità tal-ilma u għall-monitoraġġ stabbiliti fit-Taqsima 2 tal-Anness I;</p> <p>(c) deskrizzjoni ta' kif l-operatur tal-impjant tar-reklamazzjoni se jikkonforma mar-reqwiziti addizzjonali proposti fil-Pjan tal-Ġestjoni tar-Riskju għall-Użu mill-Ġdid tal-Ilma.</p> <p>4. L-Istat Membru għandu jesiġi permess jew notifika mingħand l-utent aħħari meta l-ilma reklamati jintuża kif speċifikat fit-Taqsima 1 tal-Anness I.</p> <p>5. Skont il-liġi nazzjonali, l-utent aħħari għandu jew jippreżenta applikazzjoni għall-permess imsemmi fil-paragrafu 1, jew għal modifika ta' permess eżistenti, jew jgħarraf lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn jopera l-impjant tar-reklamazzjoni jew fejn hu ppjanat li jopera.</p>

Raġuni

Kif tindika b'mod ċar l-essenza tar-Regolament, l-UE ma tikkunsidrax l-ilma reklamati bħala l-istess prodott (sikur) bħall-ilma għax-xorb, u għalhekk l-utent aħħari għandu jkun konxju ta' dan u jieħu responsabbiltà għall-użu tiegħu. Għalhekk, l-Istat Membru għandu jesiġi mingħand l-utent aħħari permess jew notifika meta jintuża l-ilma reklamati. Biex ikun hemm kumpens għal dan id-detriment lill-utenti finali, f'perjodi ta' nixfa, meta regolamenti oħra se jillimitaw l-astrazzjoni tal-ilma tal-wiċċ jew tal-qiegħ, dan il-prodott għallinqas se jippermettilhom li jżommu l-produzzjoni tal-għejejjel (u f'ħafna każijiet il-produzzjoni tal-bhejjem konkomitanti).

Fl-istess ħin, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu jafu għal liema għan qed jintuża l-ilma reklamati, iżda permess mhuwiex meħtieġ.

Emenda 3

Artikolu 7

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p><i>Artikolu 7</i></p> <p>Għotja tal-permess</p> <p>1. Għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-applikazzjoni, jekk xieraq, l-awtorità kompetenti għandha tikkonsulta u taqsam l-informazzjoni rilevanti ma' dawn li ġejjin:</p> <p>(a) awtoritajiet rilevanti oħra tal-istess Stat Membru, b'mod partikolari l-awtorità tal-ilma, jekk din hija differenti mill-awtorità kompetenti;</p>	<p><i>Artikolu 7</i></p> <p>Għotja tal-permess</p> <p>1. Għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-applikazzjoni, jekk xieraq, l-awtorità kompetenti għandha tikkonsulta u taqsam l-informazzjoni rilevanti ma' dawn li ġejjin:</p> <p>(a) awtoritajiet rilevanti oħra tal-istess Stat Membru, b'mod partikolari l-awtorità tal-ilma, jekk din hija differenti mill-awtorità kompetenti;</p>

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>(b) il-punti ta' kuntatt fl-Istati Membri li huma potenzjalment milquta, maħtura skont l-Artikolu 9(1).</p> <p>2. Fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi l-applikazzjoni kompluta, kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 6(3), l-awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi jekk tagħtix il-permess. Meta l-awtorità kompetenti jkollha bżonn iktar żmien minħabba l-kumplessità tal-applikazzjoni, għandha tinforma b'dan lill-applikant, filwaqt li tindika d-data mistennija tal-għoti tal-permess u ttiprovdi r-raġunijiet għall-estensjoni.</p> <p>3. Meta l-awtorità kompetenti tiddeċiedi li tagħti permess, għandha tiddetermina l-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni, li fejn applikabbli, għandhom jinkludu dan li ġej:</p> <p>(a) il-kundizzjonijiet marbuta mar-rekwiżiti minimi għall-kwalità tal-ilma u għall-monitoraġġ stipulati fit-Taqsima 2 tal-Anness I;</p> <p>(b) il-kundizzjonijiet marbuta mar-rekwiżiti addizzjonali proposti fil-Pjan ta' Ġestjoni tar-Riskju għall-Użu mill-Ġdid tal-Ilma;</p> <p>(c) kwalunkwe kundizzjoni oħra meħtieġa għall-mitigazzjoni ulterjuri ta' kwalunkwe riskju inaċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali, kif ukoll għall-ambjent.</p> <p>4. Il-permess għandu jiġu rieżaminat regolarment u mill-inqas kull ħames snin, u modifikat jekk ikun meħtieġ.</p>	<p>(b) il-punti ta' kuntatt fl-Istati Membri li huma potenzjalment milquta, maħtura skont l-Artikolu 9(1).</p> <p>2. Fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi l-applikazzjoni kompluta, kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 6(3), l-awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi jekk tagħtix il-permess. Meta l-awtorità kompetenti jkollha bżonn iktar żmien minħabba l-kumplessità tal-applikazzjoni, għandha tinforma b'dan lill-applikant, filwaqt li tindika d-data mistennija tal-għoti tal-permess u ttiprovdi r-raġunijiet għall-estensjoni.</p> <p>3. Meta l-awtorità kompetenti tiddeċiedi li tagħti permess, għandha tiddetermina l-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni, li fejn applikabbli, għandhom jinkludu dan li ġej:</p> <p>(a) il-kundizzjonijiet marbuta mar-rekwiżiti minimi għall-kwalità tal-ilma u għall-monitoraġġ stipulati fit-Taqsima 2 tal-Anness I;</p> <p>(b) il-kundizzjonijiet marbuta mar-rekwiżiti addizzjonali proposti fil-Pjan ta' Ġestjoni tar-Riskju għall-Użu mill-Ġdid tal-Ilma;</p> <p>(c) kwalunkwe kundizzjoni oħra meħtieġa għall-mitigazzjoni ulterjuri ta' kwalunkwe riskju inaċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali, kif ukoll għall-ambjent.</p> <p>4. Il-permess għandu jiġu rieżaminat regolarment u mill-inqas kull ħames snin, u modifikat jekk ikun meħtieġ.</p> <p>5. L-utent aħħari finali ser ikun obligat mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn l-utent ippreżenta n-notifika jew il-permess li juża l-ilma reklammat biss skont it-Tabella 1 tat-Taqsima 2 tal-Anness I tar-Regolament.</p>

Raġuni

Kif jirriżulta mill-essenza ta' dan ir-regolament, l-UE ma tqisx ilma rriċiklat bħala l-istess prodott (bla periklu) bħall-ilma tax-xorb u għalhekk l-utent finali għandu jkun konxju minn dan u għandu jieħu responsabbiltà wkoll għall-użu tiegħu. Għalhekk, l-Istat Membru għandu jesiġi mingħand l-utent aħħari permess jew notifika meta jintuża l-ilma reklammat. Biex ikun hemm kumpens għal dan id-detriment lill-utenti finali, f'perjodi ta' nixfa, meta regolamenti oħra se jillimitaw l-astrazzjoni tal-ilma tal-wiċċ jew tal-qiegħ, dan il-prodott għallinqas se jippermettilhom li jżommu l-produttjoni tal-għejejjel (u f'ħafna każijiet l-produttjoni tal-bhejjem konkomitanti).

Emenda 4

Artikolu 8(1)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p data-bbox="368 405 587 477" style="text-align: center;"><i>Artikolu 8</i> <i>Kontroll tal-konformità</i></p> <p data-bbox="177 562 794 674">1. Fl-istadju ta' konformità, l-awtorità kompetenti għandha tivverifika l-konformità tal-ilma reklamati mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-permess. Il-kontroll tal-konformità għandu jitwettaq permezz tal-mezzi li ġejjin:</p> <p data-bbox="177 757 411 788">(a) verifiki fuq il-post;</p> <p data-bbox="177 1149 794 1211">(b) l-użu tad-data ta' monitoraġġ miksuba skont dan ir-Regolament u d-Direttivi 91/271/KEE u 2000/60/KE;</p> <p data-bbox="177 1317 533 1348">(c) kwalunkwe mezz ieħor xieraq.</p> <p data-bbox="177 1431 794 1543">2. Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità, l-awtorità kompetenti għandha titlob lill-operatur tal-impjant tar-reklamazzjoni biex jiġu l-miżuri neċessarji sabiex jiġi konformi mingħajr dewmien.</p> <p data-bbox="177 1626 794 1794">3. Meta n-nuqqas ta' konformità toħloq riskju sinifikanti għall-ambjent jew għas-saħħa tal-bniedem, l-operatur tal-impjant tar-reklamazzjoni għandu jwaqqaf minnufih kwalunkwe provvista ulterjuri tal-ilma reklamati sakemm l-awtorità kompetenti tiddetermina li reġgħet ġiet stabbilita l-konformità.</p> <p data-bbox="177 1877 794 2074">4. Jekk jiġri inċident li jaffettwa l-konformità mal-kundizzjonijiet tal-permess, l-operatur tal-impjant ta' reklamazzjoni għandu jinforma minnufih lill-awtorità kompetenti u lill-utenti aħħarin li jistgħu jkunu potenzjalment milquta, u jikkomunika l-informazzjoni meħtieġa lill-awtorità kompetenti għall-valutazzjoni tal-impatti ta' dan l-inċident.</p>	<p data-bbox="1002 405 1220 477" style="text-align: center;"><i>Artikolu 8</i> <i>Kontroll tal-konformità</i></p> <p data-bbox="810 562 1428 674">1. Fl-istadju ta' konformità, l-awtorità kompetenti għandha tivverifika l-konformità tal-ilma reklamati mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-permess. Il-kontroll tal-konformità għandu jitwettaq permezz tal-mezzi li ġejjin:</p> <p data-bbox="810 757 1428 1066">(a) verifiki tal-konformità fil-post tal-fornitur jew tal-utent finali, kif previst mill-permess rilevanti. Dawn il-verifiki għandhom jitwettqu f'konformità mal-istandards u n-normi rilevanti tal-istat f'termini ta' teħid ta' kampjuni u analiżi. Għandha ssir ukoll referenza għall-istandards ISO tal-kwalità tal-ilma reklamati għat-tisqija, fi klassijiet differenti skont il-kategoriji tal-uċuh tar-raba' saqwi. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi l-frekwenza tal-verifiki abbażi ta' analiżi tar-riskju, b'riskju ogħla jimplika aktar verifiki frekwenti;</p> <p data-bbox="810 1149 1428 1234">(b) kwalunkwe mezz ieħor xieraq sabiex jiġi żgurat li l-kwalità tal-ilma skartat reklamati tkun garantita mhux biss mill-fornitur iżda wkoll mill-utent aħħari.</p> <p data-bbox="810 1431 1428 1543">2. Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità, l-awtorità kompetenti għandha titlob lill-operatur tal-impjant tar-reklamazzjoni biex jiġu l-miżuri neċessarji sabiex jiġi konformi mingħajr dewmien.</p> <p data-bbox="810 1626 1428 1794">3. Meta n-nuqqas ta' konformità toħloq riskju sinifikanti għall-ambjent jew għas-saħħa tal-bniedem, l-operatur tal-impjant tar-reklamazzjoni għandu jwaqqaf minnufih kwalunkwe provvista ulterjuri tal-ilma reklamati sakemm l-awtorità kompetenti tiddetermina li reġgħet ġiet stabbilita l-konformità.</p> <p data-bbox="810 1877 1428 2074">4. Jekk jiġri inċident li jaffettwa l-konformità mal-kundizzjonijiet tal-permess, l-operatur tal-impjant ta' reklamazzjoni għandu jinforma minnufih lill-awtorità kompetenti u lill-utenti aħħarin li jistgħu jkunu potenzjalment milquta, u jikkomunika l-informazzjoni meħtieġa lill-awtorità kompetenti għall-valutazzjoni tal-impatti ta' dan l-inċident.</p>

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	5. L-utent aħħari għandu jiżgura li jitwettqu verifiki regolari tal-prodotti tiegħu mill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti responsabbli tal-produzzjoni agrikola u tal-ikel.

Raġuni

Dan l-artikolu huwa kruċjali għas-suċċess tar-Regolament kollu kemm hu, iżda l-formulazzjoni tal-paragrafu 1 hija vaga ħafna u mhux fattibbli fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-Regolament.

Dwar (a):

Ma hemm ebda gwida ċara hawn fuq dak li speċifikament se jiġi mmonitorjat u fejn. Hawnhekk tal-inqas għandu jkun hemm referenza għal teħid ta' kampjuni u analiżi tal-istandards rilevanti, kif ukoll l-istandard ISO tal-kwalità tal-ilma riċiklat għat-tisqija fi klassijiet speċifiċi skont il-pjanti li qegħdin jissaqqu. Il-frekwenza ta' verifiki għandha tkun ibbażata fuq ir-riskji involuti. Sabiex jiġi mħeġġeġ l-użu mill-ġdid tal-ilma, irid jinstab ftehim amministrattiv semplifikat għal impjanti żgħar b'riskji baxxi.

Dwar (b):

Ma naraw l-ebda rabta hawnhekk mad-direttivi msemmija tal-UE (91/271/KEE u 2000/60/KE). Id-data miksuba taħt dawn id-direttivi hija data dwar il-kwalità tal-ilma mormi trattat, li m'għandha x'taqsam xejn fir-rigward tal-kwalità tal-ilma mormi riġenerat, peress li dan tal-aħħar se (b'eċċezzjonijiet rari) jgħaddi minn irfinar ulterjuri fl-impjant tar-reklamazzjoni.

Dwar (5)

L-Artikolu 8 kollu kemm hu huwa nieqes b'mod ġenerali minn dispożizzjonijiet dwar il-monitoraġġ tas-sikurezza tal-prodotti agrikoli tiegħu stess jew ta' żoni misqija b'ilma reklammat. Dan l-obbligu għandu jkun impost fuq l-utent finali, u l-awtorità ta' spezzjoni jew is-servizz sanitarju kompetenti (ikel) għandhom jistaqsu għal verifiki li jridu jitwettqu.

Emenda 5

Artikolu 10 – Immodifika

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Informazzjoni għall-pubbliku	Informazzjoni għall-pubbliku
<p>1. Mingħajr preġudizzju għad-Direttivi 2003/4/KE u 2007/2/KE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni xierqa u aġġornata dwar l-użu mill-ġdid tal-ilma tkun disponibbli online għall-pubbliku. Dik l-informazzjoni għandha tinkludi dan li ġej:</p> <p>(a) il-kwantità u l-kwalità tal-ilma reklammat fornut f'konformità ma' dan ir-Regolament;</p> <p>(b) il-persentaġġ tal-ilma reklammat fl-Istat Membru fornut skont dan ir-Regolament, meta mqabbel mal-ammont totali tal-ilma urban mormi trattat;</p>	<p>1. Mingħajr preġudizzju għad-Direttivi 2003/4/KE u 2007/2/KE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni xierqa u aġġornata dwar l-użu mill-ġdid tal-ilma tkun disponibbli online għall-pubbliku. Dik l-informazzjoni għandha tinkludi dan li ġej:</p> <p>(a) il-kwantità u l-kwalità tal-ilma reklammat fornut f'konformità ma' dan ir-Regolament;</p> <p>(b) il-persentaġġ tal-ilma reklammat fl-Istat Membru fornut skont dan ir-Regolament, meta mqabbel mal-ammont totali tal-ilma urban mormi trattat;</p>

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
(c) il-permess mogħti jew emendat skont dan ir-Regolament, inklużi l-kundizzjonijiet stabbiliti mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-Artikolu 7(3);	(c) il-permess mogħti jew emendat skont dan ir-Regolament, inklużi l-kundizzjonijiet stabbiliti mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-Artikolu 7(3);
(d) l-eżitu tal-kontroll tal-konformità mwettaq skont l-Artikolu 8(1);	(d) l-eżitu tal-kontroll tal-konformità mwettaq skont l-Artikolu 8(1);
(e) il-punti ta' kuntatt maħtura skont l-Artikolu 9(1).	(e) il-punti ta' kuntatt maħtura skont l-Artikolu 9(1).
2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun aġġornata mill-inqas darba fis-sena.	2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun aġġornata mill-inqas darba fis-sena.
3. Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-għamla u l-preżentazzjoni tal-informazzjoni li jeħtieġ tiġi pprovduta skont il-paragrafu 1. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15.	3. Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-għamla u l-preżentazzjoni tal-informazzjoni li jeħtieġ tiġi pprovduta skont il-paragrafu 1. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15.

Raġuni

Aħna nipproponu li "tista" tinbidel għal "għandha" sabiex jiġi ċċarat mingħajr ekwivoku n-natura tal-obbligi li jirriżultaw minn dan ir-Regolament.

Emenda 6

Artikolu 12(3)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
3. Dak li jikkostitwixxi interess suffiċjenti u indeboliment ta' dritt għandu jiġi stabbiliti mill-Istati Membri, b'mod konsistenti mal-għan li jingħata aċċess għall-ġustizzja mifrux lill-pubbliku kkonċernat.	3. Dak li jikkostitwixxi interess suffiċjenti u indeboliment ta' dritt għandu jiġi stabbiliti mill-Istati Membri, b'mod konsistenti mal-għan li jingħata aċċess għall-ġustizzja mifrux lill-pubbliku kkonċernat.
Għal dan l-għan, l-interess ta' kull organizzazzjoni mhux governattiva li tippromwovi l-ħarsien ambjentali u li tissodisfa r-rekwiżiti skont il-liġi nazzjonali għandu jitqies biżżejjed għall-finijiet tal-paragrafu 1(a).	Għal dan l-għan, l-interess ta' kull organizzazzjoni mhux governattiva li tispeċjalizza fil-promozzjoni tal-ħarsien ambjentali u li tissodisfa r-rekwiżiti skont il-liġi nazzjonali għandu jitqies biżżejjed għall-finijiet tal-paragrafu 1(a).

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Dawn l-organizzazzjonijiet għandhom jitqiesu wkoll li għandhom drittijiet li huma kapaċi li jiġu indeboliti għall-finijiet tal-paragrafu 1(b).	Dawn l-organizzazzjonijiet għandhom jitqiesu wkoll li għandhom drittijiet li huma kapaċi li jiġu indeboliti għall-finijiet tal-paragrafu 1(b).

Raġuni

Il-Kumitat tar-Regġuni jaħseb li r-Regolament dwar ir-reqwiziti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma m'għandux jindirizza b'mod espliċitu l-kwistjoni tal-NGOs. Min-naħa l-oħra, il-Kumitat tar-Regġuni ma jixtieqx jillimita d-drittijiet ta' NGOs attivi fil-qasam tal-ambjent. L-emenda proposta tiddikjara liema NGOs jistgħu jibbenefikaw minn dan id-dritt.

Emenda 7

Artikolu 17

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<i>Dħul fis-seħħ u applikazzjoni</i>	<i>Dħul fis-seħħ u applikazzjoni</i>
Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.	Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
Għandu japplika minn ... [<i>sena</i> wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].	Għandu japplika minn ... [<i>tlit snin</i> wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].
Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.	Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Raġuni

Perjodu ta' *sena* ma jkunx biżżejjed biex jippermetti t-titjib li għandu jsir fit-trattament tal-ilma, it-tagħmir, l-operat, verifiki, valutazzjoni tar-riskju u l-allinjament regolatorju.

Emenda 8

ANNEX I

Taqsim 1

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
ANNEX I UŻI U REKWIŻITI MINIMI Taqsim 1. Użi tal-ilma reklamat kif imsemmi fl-Artikolu 2	ANNEX I UŻI U REKWIŻITI MINIMI Taqsim 1. Użi tal-ilma reklamat kif imsemmi fl-Artikolu 2
(a) Tisqija agrikola Tisqija agrikola tfisser it-tisqija tat-tipi ta' għelejjel li ġejjin:	(a) Tisqija agrikola Tisqija agrikola tfisser it-tisqija tat-tipi ta' għelejjel li ġejjin:

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<ul style="list-style-type: none"> — għelejjel tal-ikel ikkonsmati nejjin, jiġifieri għelejjel maħsuba għall-konsum mill-bniedem biex jittieklu nejjin jew mhux ipproċessati; — għelejjel tal-ikel ipproċessati, jiġifieri maħsuba għall-konsum mill-bniedem li ma jridux jittieklu nejjin iżda jittieklu wara proċess ta' trattament (jiġifieri, imsajrin, proċessati industrijalment); — għelejjel mhux tal-ikel, jiġifieri għelejjel mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem (jiġifieri għelejjel tal-bur, tal-foraġġ, tal-fibra, ornamentali, taż-żerriegħa, tal-enerġija u tat-terf). 	<ul style="list-style-type: none"> — għelejjel tal-ikel ikkonsmati nejjin, jiġifieri għelejjel maħsuba għall-konsum mill-bniedem biex jittieklu nejjin jew mhux ipproċessati; — għelejjel tal-ikel ipproċessati, jiġifieri maħsuba għall-konsum mill-bniedem li ma jridux jittieklu nejjin iżda jittieklu wara proċess ta' trattament (jiġifieri, imsajrin, proċessati industrijalment); — għelejjel mhux tal-ikel, jiġifieri għelejjel mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem (jiġifieri għelejjel tal-bur, tal-foraġġ, tal-fibra, ornamentali, taż-żerriegħa, tal-enerġija u tat-terf). <p>(b) Tisqija ta' żoni ekoloġiċi urbani, parks u ġonna għal użu pubbliku (pereżempju għal skopijiet ta' rikreazzjoni u sport)</p>

Raġuni

Aħna nipproponu li jiżdied l-ambitu – filwaqt li xorta jkun ristrett għat-tisqija – sabiex tintuża kemm it-tisqija agrikola kif ukoll it-tisqija ta' spazji ekoloġiċi, parks u ġonna f'żoni urbani. Dan għaliex l-istess approċċi u rekwiżiti minimi għall-kwalità ta' ilma reklamat jistgħu jiġu applikati fil-każ tat-tisqija agrikola. L-użu tal-ilma rriċiklat għal dawn l-iskopijiet fil-ġestjoni tal-ilma urban ikun ukoll ta' għajjnuna konsiderevoli biex tissolva l-problema ta' ħafna ċentri ta' bliet aktar sħan matul perjodi xotti.

Emenda 9

ANNEX I

Taqsim 2

Tabella 1

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Tabella 1 Klassijiet tal-kwalità tal-ilma reklamat u l-użu agrikolu u l-metodu ta' tisqija permissi</p>	<p>Tabella 1 Klassijiet tal-kwalità tal-ilma reklamat u l-użu agrikolu, it-tisqija tal-ispażji ekoloġiċi urbani, il-parks u l-ġonna għall-użu pubbliku u l-metodu ta' tisqija permissi</p>

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea			Emenda tal-KtR		
Klassi tal-kwalità minima tal-ilma reklamati	Kategorija tal-għalla	Metodu ta' tisqija	Klassi tal-kwalità minima tal-ilma reklamati	Kategorija tal-għalla	Metodu ta' tisqija
A	L-ghejjel tal-ikel kollha, inkluż l-ghejjel bl-għeruq ikkunsmati nejjin u l-ghejjel tal-ikel fejn il-parti li tittiekel tinsab f'kuntatt dirett mal-ilma reklamati	Metodi kollha ta' tisqija	A	L-ghejjel tal-ikel kollha, inkluż l-ghejjel bl-għeruq ikkunsmati nejjin u l-ghejjel tal-ikel fejn il-parti li tittiekel tinsab f'kuntatt dirett mal-ilma reklamati; it-tisqija tal-isparzi ekoloġiċi urbani, il-parks u l-ġonna għall-użu pubbliku	Metodi kollha ta' tisqija
B	L-ghejjel tal-ikel ikkunsmati nejjin fejn il-parti li tittiekel hija prodotta fuq l-art u mhijiex f'kuntatt dirett mal-ilma reklamati, l-ghejjel tal-ikel ipproċessati u l-ghejjel mhux tal-ikel inklużi l-ghejjel biex jingħalfu annimali li jipproduċu l-ħalib jew il-laħam	Metodi kollha ta' tisqija	B	L-ghejjel tal-ikel ikkunsmati nejjin fejn il-parti li tittiekel hija prodotta fuq l-art u mhijiex f'kuntatt dirett mal-ilma reklamati, l-ghejjel tal-ikel ipproċessati u l-ghejjel mhux tal-ikel inklużi l-ghejjel biex jingħalfu annimali li jipproduċu l-ħalib jew il-laħam	Metodi kollha ta' tisqija
C	L-ghejjel tal-ikel ikkunsmati nejjin fejn il-parti li tittiekel hija prodotta fuq l-art u mhijiex f'kuntatt dirett mal-ilma reklamati, l-ghejjel tal-ikel ipproċessati u l-ghejjel mhux tal-ikel inklużi l-ghejjel biex jingħalfu annimali li jipproduċu l-ħalib jew il-laħam	Tisqija bil-qatra (*) biss	C	L-ghejjel tal-ikel ikkunsmati nejjin fejn il-parti li tittiekel hija prodotta fuq l-art u mhijiex f'kuntatt dirett mal-ilma reklamati, l-ghejjel tal-ikel ipproċessati u l-ghejjel mhux tal-ikel inklużi l-ghejjel biex jingħalfu annimali li jipproduċu l-ħalib jew il-laħam	Tisqija bil-qatra (*) biss
D	L-ghejjel industrijali, enerġetiċi u li jinżergħu	Metodi kollha ta' tisqija	D	L-ghejjel industrijali, enerġetiċi u li jinżergħu	Metodi kollha ta' tisqija
(*) It-tisqija bil-qatra hija sistema ta' mikrotisqija li kapaċi twassal qtar tal-ilma jew flussi żgħar ħafna lill-pjanti u tinvolvi t-taqtir tal-ilma fil-ħamrija jew direttament taħt is-superfiċe ta' tagħha b'rati baxxi ħafna (2-20 litru/siegħa) minn sistema ta' pajpijiet tal-plastik b'dijametru żgħir imwahnin bi żbokkijiet imsejħa emittenti jew qattara.			(*) It-tisqija bil-qatra hija sistema ta' mikrotisqija li kapaċi twassal qtar tal-ilma jew flussi żgħar ħafna lill-pjanti u tinvolvi t-taqtir tal-ilma fil-ħamrija jew direttament taħt is-superfiċe ta' tagħha b'rati baxxi ħafna (2-20 litru/siegħa) minn sistema ta' pajpijiet tal-plastik b'dijametru żgħir imwahnin bi żbokkijiet imsejħa emittenti jew qattara.		

Raġuni

L-Opinjoni testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-Proposta għal Regolament, kif stipulat fl-Artikolu 2, u kif definit fl-Anness 1, it-Taqsima 1, biż-żieda ta' punt (b) dwar it-tisqija tal-isparzi ekoloġiċi urbani, il-parks u l-ġonna.

Emenda 10

ANNEX I

Taqsim 2

Tabella 4

Monitoraġġ tal-validazzjoni tal-ilma reklammat għat-tisqija agrikola

Test proposit mill-Kummissjoni			Emenda tal-KtR		
Klassi tal-kwalità tal-ilma reklammat	Mikroorganiżmi indikaturi (*)	Miri ta' prestazzjoni għall-katina ta' trattament (tnaqqis ta' \log_{10})	Klassi tal-kwalità tal-ilma reklammat	Mikroorganiżmi indikaturi (*)	Miri ta' prestazzjoni għall-katina ta' trattament (tnaqqis ta' \log_{10})
A	<i>E. coli</i>	$\geq 5,0$	A	<i>E. coli</i>	$\geq 5,0$
	Kolifaġi totali/kolifaġi F-speċifiċi/kolifaġi somatiċi/kolifaġi (**)	$\geq 6,0$		Kolifaġi totali/kolifaġi F-speċifiċi/kolifaġi somatiċi/kolifaġi (**)	$\geq 6,0$
	Spori ta' <i>Clostridium perfringens</i> /batterji li jnaqqsu s-sulfat u li jiffurmaw spori (***)	$\geq 5,0$		Spori ta' <i>Clostridium perfringens</i> /batterji li jnaqqsu s-sulfat u li jiffurmaw spori (***)	$\geq 5,0$
<p>(*) Għall-finijiet tal-monitoraġġ tal-validazzjoni, jistgħu jintużaw ukoll il-patoġeni ta' referenza <i>Campylobacter</i>, Rotavirus u <i>Cryptosporidium</i> minflok il-mikroorganiżmi indikaturi proposti. Għalhekk, jenħtieġ li japplikaw il-miri ta' prestazzjoni bi tnaqqis ta' \log_{10} li ġejjin: <i>Campylobacter</i> ($\geq 5,0$), Rotavirus ($\geq 6,0$) u <i>Cryptosporidium</i> ($\geq 5,0$).</p> <p>(**) It-total ta' kolifaġi intaġħzel bħala l-iktar indikatur virali xieraq. Madankollu, jekk l-analiżi tat-total ta' kolifaġi mhijiex fattibbli, irid jiġi analizzat mill-inqas wieħed minnhom (kolifaġi F-speċifiċi jew somatiċi).</p> <p>(***) L-ispori ta' <i>Clostridium perfringens</i> intaġħzlu bħala l-iktar indikatur tal-protzoa xieraq. Madankollu, il-batterji li jnaqqsu s-sulfat u li jiffurmaw spori huma alternattiva jekk il-konċentrazzjoni tal-ispori ta' <i>Clostridium perfringens</i> ma tippermettix li jiġi vvalidat it-tnaqqis ta' \log_{10} mitlub. Il-metodi ta' analiżi għall-monitoraġġ għandhom jiġu vvalidati u dokumentati mill-operatur skont l-EN ISO/IEC-17025 jew standards nazzjonali jew internazzjonali oħra li jiżguraw kwalità ekwivalenti.</p>			<p>(*) Għall-finijiet tal-monitoraġġ tal-validazzjoni, jistgħu jintużaw ukoll il-patoġeni ta' referenza <i>Campylobacter</i>, Rotavirus u <i>Cryptosporidium</i> minflok il-mikroorganiżmi indikaturi proposti. Għalhekk, jenħtieġ li japplikaw il-miri ta' prestazzjoni bi tnaqqis ta' \log_{10} li ġejjin: <i>Campylobacter</i> ($\geq 5,0$), Rotavirus ($\geq 6,0$) u <i>Cryptosporidium</i> ($\geq 5,0$).</p> <p>(**) It-total ta' kolifaġi intaġħzel bħala l-iktar indikatur virali xieraq. Madankollu, jekk l-analiżi tat-total ta' kolifaġi mhijiex fattibbli, irid jiġi analizzat mill-inqas wieħed minnhom (kolifaġi F-speċifiċi jew somatiċi).</p> <p>(***) L-ispori ta' <i>Clostridium perfringens</i> intaġħzlu bħala l-iktar indikatur tal-protzoa xieraq. Madankollu, il-batterji li jnaqqsu s-sulfat u li jiffurmaw spori huma alternattiva jekk il-konċentrazzjoni tal-ispori ta' <i>Clostridium perfringens</i> ma tippermettix li jiġi vvalidat it-tnaqqis ta' \log_{10} mitlub. Il-metodi ta' analiżi għall-monitoraġġ għandhom jiġu vvalidati u dokumentati mill-operatur skont l-EN ISO/IEC-17025 jew standards nazzjonali jew internazzjonali oħra li jiżguraw kwalità ekwivalenti.</p> <p>Jekk il-valur ta' tnaqqis ta' \log_{10} ma jistax jintlaħaq għal konċentrazzjoni baxxa ta' organiżmi indikaturi filma mormi ttrattat li jidħol f'impjant ta' riċiklaġġ, l-oġettiv ta' validazzjoni jista' jitqies li ntlaħaq fin-nuqqas ta' preżenza tal-organiżmu indikatur filma reklammat.</p>		

Raġuni

Fil-prattika, dawn ir-rekwiżiti se jkunu impossibbli li jinkisbu jekk il-fluss ta' ħruġ minn impjant ta' trattament li qed jidħol fl-impjant tar-reklamazzjoni huwa għal xi raġuni (pereżempju l-proporzjon ta' ilma industrijali mormi fi fluss fl-impjant tat-trattament tal-ilma urban mormi) aktar baxx meta mqabbel mad-dranaġġ standard.

II. RAKKOMANDEZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

Ħarsa ġenerali lejn il-qagħda attwali

1. jinnota li l-użu mill-ġdid tal-ilma jista' jiġi appoġġjat permezz ta' strumenti ta' politika differenti. Fosthom hemm standards vinkolanti jew linji gwida li jiddefinixxu r-rekwiżiti minimi għall-ilma reklamataqabel ma jkun jista' jintuża pereżempju għat-tisqija fl-agrikoltura. Attwalment, strumenti bħal dawn jeżistu biss f'sitt Stati Membri;
2. iqis li l-ostaklu ewlieni għal użu limitat tar-reklamazzjoni tal-ilma jidher fit-tħassib dwar is-sikurezza tal-ikel fl-użu ta' prodotti agrikoli mkabbra f'ħamrija msaqqija b'ilma mormi trattat urban;
3. jesprimi tħassib li l-użu mill-ġdid tal-ilma fl-UE għadu limitat u ftit li xejn hemm informazzjoni kwantitattiva dwar il-proporzjon ta' ilma reklamata u l-użu tiegħu fi Stati Membri differenti. Dan huwa parzjalment minħabba differenzi ta' fehim dwar x'jikkostitwixxi "użu mill-ġdid tal-ilma" jew approċċi differenti fl-identifikazzjoni u l-forniment ta' data;

Ħtieġa għal regolazzjoni legali

4. jinnota li l-ħtieġa għal dan ir-Regolament kienet ikkawżata minn żieda tad-defiċit tal-ilma fl-Istati Membri tal-UE, b'mod partikolari għall-użu fis-settur agrikolu u l-isforzi għall-iffrankar tal-ilma. Barra minn hekk huwa stabbilit kemm ilma jista' potenzjalment jiġi ffrankat fl-UE. Ir-Regolament huwa wkoll ikkawżat mill-bżonn li jinħolqu kundizzjonijiet ekwi għall-produtturi fl-Istati Membri kollha. Fl-aħħar mill-aħħar dan ir-Regolament jissodisfa r-rekwiżiti tal-UE dwar l-isforzi li tiġi introdotta l-ekonomija ċirkolari fis-settur tal-ilma;
5. iqis li għall-Istati Membri dan it-tip ta' appoġġ ta' ġestjoni tal-ilma mormi għandu jkun ta' għajjnuna peress li din il-forma ta' appoġġ tmantni attivitajiet agrikoli f'perjodi ta' nixfa wkoll. F'perjodi ta' nixfa, fejn regolamenti oħra se jillimitaw il-ġbir tal-ilma tal-wieċ jew tal-qiegħ, l-azjendi agrikoli permezz ta' dan il-prodott ġdid jistgħu jżommu il-produzzjoni tal-għejejjel tagħhom (u f'ħafna każijiet l-produzzjoni tal-bhejjem konkomitanti).
6. jaqbel li r-raġunijiet tal-Kummissjoni Ewropea biex tissottometti proposta għal regolament huma ġġustifikati, iżda peress li r-Regolament sħiħ huwa fil-fatt ibbażat fuq l-obbligi tal-operaturi tal-impjant ta' reklamazzjoni tal-ilma mormi, hemm nuqqas ta' kwalunkwe analiżi (speċjalment ekonomika) tal-inċentivi sabiex l-operatur ta' impjant tat-trattament tad-drenaġġ isir l-operatur tal-impjant tar-reklamazzjoni tal-ilma;
7. jirrimarka li, fuq il-bażi tal-esperjenza Prattika ta' pajjiżi li fihom it-tisqija bl-ilma reklamata diġà bdiet, l-ispejjeż tal-investiment meħtieġ għall-kisba tal-kwalità tal-ilma reklamata ta' klassi A se jkunu ogħla minn kif indikat fit-test tat-taqsima "Valutazzjoni tal-Impatt" tal-proposta tar-Regolament;
8. jinnota li dan ir-Regolament fl-aħħar mill-aħħar se jwassal għal żieda fl-ispejjeż tat-trattament tal-ilma mormi, peress li s-settur agrikolu mhuwiex se jkun obligat jixtri l-ilma trattat matul is-sena. Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-ispejjeż addizzjonali ma jkunux eċċessivament mgħoddija liċ-ċittadini, lill-muniċipalitajiet u lill-operaturi;
9. iqis li huwa importanti li jiġi żgurat li dan ir-Regolament huwa konsistenti ma' legislażzjoni rilevanti oħra, mhux l-inqas ta' Kontroll u regolamenti oħra li jirregolaw il-produzzjoni tal-ikel;

Estensjoni tal-ambitu tar-Regolament

10. jinnota li d-dispożizzjonijiet bażiċi tal-UE li jirregolaw il-ġestjoni tal-ilma mormi huma d-Direttiva 91/271/KEE u d-Direttiva 2000/60/KE, iżda li r-rabta bejn id-Direttivi msemmija tal-UE u l-proposta għal regolament hija, madankollu, laxka ħafna. Iż-żewġ direttivi ma jagħmlux aktar minn dikjarazzjonijiet dwar l-użu mill-ġdid tal-ilma mormi, u dawn fil-biċċa l-kbira b'enfasi fuq il-protezzjoni ambjentali:

11. huwa tal-fehma li l-legislażzjoni tal-UE ġenerali m'għandhiex tillimita l-kunċett tal-użu mill-ġdid tal-ilma mormi għall-agrikoltura biss; huwa konxju, madankollu, li l-estensjoni tiegħu għal oqsma bħalma huma l-industrija jew l-enerġija jfisser li tinbidel kompletament l-istruttura tat-test;

12. għaldaqstant, jipproponi li jiżdied l-ambitu tar-Regolament biex jinkludi mhux biss l-użu tal-ilma għall-tisqija agrikola, iżda wkoll għat-tisqija ta' spazji ekoloġiċi fiż-żoni urbani, parks, ġonna u art għal użu pubbliku (eżempju għar-rikreazzjoni, l-isport). Dan għaliex l-istess approċċi u rekwiżiti minimi għall-kwalità ta' ilma rriċiklat jistgħu jiġu applikati fil-każ tat-tisqija agrikola. L-użu tal-ilma reklammat għal tali finijiet fil-ġestjoni tal-ilma urban jgħin b'mod sinifikanti biex tiġi indirizzata l-problema attwali li ċentri tal-bliet isiru iktar sħan f'perjodi xotti.

Ir-responsabbiltà tal-utent aħħari

13. huwa tal-fehma li d-difett ewlieni ta' din l-istruttura huwa l-fatt li l-utent aħħari huwa trattat biss bħala l-konsumatur, li juża l-ilma mormi reklammat b'mod passiv biss, iżda hu mhux responsabbli għal xejn, lanqas għal bidliet possibbli tal-kwalità tal-ilma wara li jieħdu l-ġestjoni tiegħu mill-operatur tal-impjant tar-reklamazzjoni (pereżempju l-metodu ta' applikazzjoni tiegħu fil-ħamrija);

14. jitlob l-introduzzjoni ta' standards xierqa għat-teħid ta' kampjuni u l-analiżi filwaqt li jitqiesu l-istandards tal-ISO għall-kwalità ta' ilma reklammat għat-tisqija fi klassijiet speċifiċi skont it-tip ta' wiċċ tar-raba'. Kif jirriżulta mill-essenza ta' dan ir-regolament, l-UE ma tqisx ilma rriċiklat bħala l-istess prodott (bla periklu) bħall-ilma tax-xorb u għalhekk l-utent finali għandu jkun konxju minn dan u għandu jieħu responsabbiltà wkoll għall-użu tiegħu. L-awtoritajiet kompetenti ta' spezzjoni agrikola (ikel) jew servizzi sanitarji għandhom jitolbu għal verifiki. L-għażla tal-irqajja agrikoli għal kontroll għandha ssir b'tali mod sabiex dawn l-irqajja jirrappreżentaw ż-żona kollha tal-ilma tas-saqi mill-faċilitajiet tar-riċiklaġġ;

Żbokk tal-impjant tar-reklamazzjoni

15. jistieden lill-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi definizzjoni ta' "żbokk tal-impjant". Id-definizzjoni ta' tali "żbokk" fil-proposta attwali hija nieqsa, li twassal għal interpretazzjonijiet ambigwi. It-terminu "żbokk" jista' jinftehem bħala fluss ta' ħruġ mill-impjant tar-reklamazzjoni tal-ilma mormi jew tank tal-ħżin fejn il-provvista meħtieġa li se tkopri l-fluttwazzjonijiet tal-konsum meħtieġ għall-utent aħħari se takkumula, jew għal tagħmir tat-tisqija li jwassal il-prodott tal-impjant ta' reklamazzjoni għal konsum finali;

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà

16. huwa tal-fehma li l-Proposta għal Regolament hija konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà (Artikolu 5 tat-TUE). Għalkemm mill-perspettiva tas-sussidjarjetà huwa korrett li wieħed jgħid li l-użu speċifiku ta' ilma mormi reklammat se jiġi ddeterminat mill-awtorità lokali tal-ilma rilevanti f'kull Stat Membru, strument legali fil-livell tal-UE għadu meħtieġ minħabba n-natura tas-suq uniku tal-UE għal prodotti agrikoli.

Brussell, is-6 ta' Diċembru 2018.

Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni
Karl-Heinz LAMBERTZ

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar “Il-programm spazjali tal-Unjoni Ewropea u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali”

(2019/C 86/20)

Relatur: Andres JAADLA (ET/ALDE), Membru tal-Kunsill tal-Belt ta' Rakvere (Rakvere Linnavolikogu liige)

Dokument ta' referenza: Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 912/2010, (UE) Nru 1285/2013 u (UE) Nru 377/2014 u d-Deċiżjoni 541/2014/UE

COM(2018) 447 finali

RAKKOMANDEZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

1. jirrikonoxxi l-importanza tal-ispazju bħala teknoloġija abilitanti li tappoġġja ħafna politiki tal-UE foqhma bħala soluzzjonijiet ta' belt intelliġenti, agrikoltura, ambjent, klima, it-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri u r-reazzjoni, migrazzjoni, sigurtà, ġestjoni tat-territorju u oħrajn; u jenfasizza l-possibiltajiet ipprovduti mill-aċċess għal *data* ta' kwalità għolja u aġġornata għall-ħtiġijiet eżistenti u futuri, li ttejjeb il-kompetittività Ewropea, tipprovdri benefiċċji soċjoekonomiċi wesgħin u ttejjeb is-sigurtà Ewropea;
2. jappoġġja l-viżjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Ispazju, u l-implimentazzjoni tagħha permezz tal-istabbiliment tal-Programm Spazjali tal-UE. Programm Spazjali unifikat u integrat se jagħti lok biex jiżdiedu sinerġiji bejn il-komponenti tiegħu, l-effiċjenza u l-effettività;
3. jiskopri li t-tlaqqiġ tal-attivitajiet spazjali tal-UE f'Regolament wieħed jipprovdri qafas koerenti u aktar viżibilità f'dan il-qasam strateġiku;
4. jara din ir-riforma tal-Politika Spazjali tal-UE bħala opportunità biex “tiftaħ il-klabb” tassew u tippermetti firxa wiesgħa ta' oqsma li jibbenefikaw minn attivitajiet spazjali, għal attivitajiet eżistenti u ġodda;
5. jinnota li l-użu tas-sinerġiji bejn l-enerġija u l-kwistjonijiet spazjali huwa importanti għal implimentazzjoni xierqa tal-politika tal-enerġija tal-UE. L-awtoritajiet lokali u regionali qed isiru dejjem aktar attivi fis-settur tal-enerġija, u għalhekk l-oqsma bħall-allinjament tal-infrastruttura tal-enerġija bl-applikazzjoni tat-teknoloġiji satellitari għandhom jiġu promossi;
6. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tkompli tiċċara u telabora dwar il-kunċett u l-ħolqien ta' ċentri spazjali u sħubiji ta' innovazzjoni, b'mod aktar speċifiku dwar ir-responsabbiltajiet finanzjarji u maniġerjali ta' atturi differenti, u jenfasizza li inizjattivi bħala dawn jistgħu jkunu partikolarment rilevanti għal reġjuni, inklużi reġjuni li jinvolvu aktar minn Stat Membru wieħed;
7. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea sabiex iżżid proposti aktar ċari dwar kif jista' jiżdied l-użu tad-*data* u tat-teknoloġiji għall-osservazzjoni tad-Dinja mill-awtoritajiet nazzjonali, regionali u lokali, intrapriżi zġhar u ta' daqs medju, xjentisti, riċerkaturi u netwerks iddedikati għad-distribuzzjoni tad-*data* ta' Copernicus sabiex dawn il-korpi jkollhom il-kapaċità u l-opportunità li jittrasformaw id-*data* finformazzjoni li tkun utli għaċ-ċittadini;
8. jirrikonoxxi li l-promozzjoni, fil-katina kollha tal-provvista, tal-parteċipazzjoni l-aktar wiesgħa u miftuħa possibbli ta' negozji ġodda, operaturi ġodda, intrapriżi zġhar u ta' daqs medju, operaturi ekonomiċi oħra u awtoritajiet lokali u regionali, inkluż ir-rewkwiżit għal sottokuntrattar mill-offerenti, tissemma fil-proposta iżda jixtieq aktar ċarezza dwar kif il-Programm Spazjali jipproponi li jappoġġja l-investment inizjali għal daww l-awtoritajiet lokali u regionali, biex jintroduċi l-użu ta' *data* bis-satellita biex jiżgura li dawn jissodisfaw ir-responsabbiltajiet tagħhom meta jiffaċċjaw problemi tekniċi, finanzjarji jew ostakli relatati mal-kompetenza;

9. jinnota li r-Regolament għandu jispjega aħjar kif l-UE beħsiebha tittratta l-atturi kummerċjali fl-ispazju sabiex tappoġġja l-industrija Ewropea f'settur li huwa speċifiku f'ħafna aspetti, minħabba n-natura konċentrata tiegħu, il-karatteristika ta' użu doppju, l-ostakli għoljin għad-dħul minħabba investimenti inizjali għolja u fatturi relatati, u jsib li d-dispożizzjonijiet dwar kif jiġi żgurat aċċess indipendenti għall-ispazju għandhom jissaħħu;

10. jisħaq li l-enfasi fil-proposta dwar proċeduri ta' ġestjoni għal kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali, l-Istati Membri u l-Aġenzija Spazjali Ewropea għandha tiżgura li ma jkunx hemm duplikazzjoni ta' xogħol, u lanqas duplikazzjoni ta' strutturi permezz tal-espansjoni tal-aġenzija l-għdida. It-trasferiment ta' kompiti oħrajn lill-aġenzija l-għdida ma għandux isir mill-Kummissjoni waħedha, iżda għandu jsir biss f'konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u l-Kunsill;

11. jilqa' ż-żieda fil-fondi għall-Programm Spazjali, biex tiġi żgurata l-kontinwazzjoni u l-iżvilupp ulterjuri tal-Programmi Spazjali emblematiċi Ewropej ta' Copernicus, Galileo u EGNOS, filwaqt li jiżdedu żewġ inizjattivi ġodda, jiġifieri SST u GOVSATCOM;

12. jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' finanzjament allokat speċifikament għal riċerka spazjali f'Orizzont Ewropa, billi dan jista' jipprovdi aktar inċentivi u sigurtà għall-industrija Ewropea biex tiżviluppa aktar f'dan is-settur u tiżgura l-aħjar sinerġiji possibbli bejn l-industrija u r-riċerka;

Kummenti ġenerali u Analiżi

13. Fis-26 ta' Ottubru 2016, il-Kummissjoni Ewropea adottat l-"Istrateġija Spazjali għall-Ewropa". L-għan tal-Istrateġija Spazjali kien li tiġi stabbilita viżjoni strateġika globali għall-attivitajiet tal-Unjoni fl-ispazju, filwaqt li tiġi żgurata koordinazzjoni xierqa u l-komplimentarjetà bl-attivitajiet segwiti mill-Istati Membri u l-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA). L-abbozz ta' Regolament javvanza l-għanijiet tal-Istrateġija Spazjali b'miżuri speċifiċi li jsaħħu l-programmi eżistenti, joħlqu oħrajn ġodda u jallokaw EUR 16-il biljun għall-politika spazjali.

14. Il-Kumitat tar-Regġuni jappoġġja l-għan tal-Istrateġija Spazjali tal-UE u jirrikonoxxi l-importanza tagħha għar-regġuni. L-abbozz ta' Regolament irawwem dawn l-għanijiet iżda, f'ċerti każijiet, mhuwiex biżżejjed jew mhuwiex ċar biżżejjed dwar kif jinkisbu r-riżultati. Iċ-ċittadini, in-negozji u l-komunitajiet tar-riċerka Ewropej qed isiru dejjem aktar attivi fis-settur spazjali. F'dan l-isfond, l-adozzjoni u l-promozzjoni tal-użi tad-*data* u s-servizzi bbażati fuq l-ispazju huma essenzjali biex jiżguraw li l-benefiċċji jilħqu lis-soċjetà, il-livelli sottonazzjonali ta' governanza u n-negozji. Minħabba l-impatt strateġiku tagħha għall-politika spazjali tal-Ewropa, il-kompetenza tal-adozzjoni u l-promozzjoni tal-użu ta' *data* u servizzi bbażati fuq l-ispazju għandha għalhekk jibqgħu punt importanti ta' attenzjoni għall-Kummissjoni Ewropea li regolament tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-isforzi tagħha f'dan ir-rigward.

15. L-użu ta' teknoloġiji spazjali biex jiġu appoġġjati s-servizzi fuq id-dinja qed isir dejjem aktar importanti. Aktar atturi privati huma attivi fl-ispazju. L-użu tal-ispazju *extra-atmosferiku* sar karatteristika tal-ħajja ta' kuljum b'mod li ma kienx immaġinabbli meta l-epoka spazjali bdiet 60 sena ilu, bl-informazzjoni u s-servizzi bbażati fuq l-ispazju jaffettwaw ħafna oqsma tal-ħajja ta' kuljum. It-teknoloġiji spazjali huma indispensabbli għall-ekonomija diġitali, huma ingredjent vitali biex is-servizzi pubbliċi jsiru aktar effiċjenti u jipprovdu wkoll opportunitajiet ġodda għar-riċerka. L-UE kienet utent importanti ta' teknoloġiji spazjali għal għexieren ta' snin u żviluppat għodda essenzjali tal-ispazju bħal Galileo u Copernicus. L-UE tista' tikseb dak li huwa essenzjalment impossibbli għal Stat Membru waħdu: il-kooperazzjoni hija importanti jekk l-Ewropa trid li jkollha rwol sinifikanti fl-ispazju.

16. L-importanza ta' koordinazzjoni aktar mill-qrib bejn il-programmi spazjali u dawk tax-xjenza fl-UE għandhom jiġu enfasizzati, flimkien mar-rwol tar-regġuni u l-awtoritajiet lokali fil-promozzjoni ta' integrazzjoni aħjar tal-attivitajiet spazjali u ta' xjenza mal-intraprenditorja. L-iżvilupp ta' teknoloġija diġitali u dik ibbażata fl-ispazju għandu jkun appoġġat aktar bis-siħ mill-UE u baġits ta' riċerka u tal-ispazju kkoordinati aktar mill-qrib, peress li dawn it-teknoloġiji huma muturi ewlenin rikonoxxuti għal innovazzjoni f'diversi oqsma rilevanti għall-iżvilupp sostenibbli (bħad-diġitalizzazzjoni, l-intelliġenza artifiċjali, l-enerġija, l-ambjent, il-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri u t-tibdil fil-klima). L-aċċess għal proġetti xjentifiċi b'intensità għolja ta' teknoloġija u għarfien huwa vitali għal futur tas-settur spazjali fl-UE. Bl-għan li tissaħħaħ il-kapaċità tal-industrija spazjali Ewropea, huwa importanti li titkompla, b'mod parallel, il-parteċipazzjoni tan-negozji u universitajiet jew istituti ta' riċerka Ewropej fil-programmi tal-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) fit-tħejjija ta' teknoloġiji mill-aktar avvanzati għal missjonijiet u sistemi spazjali. Il-benefiċċji għal żvilupp kummerċjali għandhom jitravmu permezz tal-użu tal-istrument għall-SMEs tal-UE għaż-żieda ta' opportunitajiet kummerċjali u ta' intraprenditorja fil-prodotti u s-servizzi bbażati fl-ispazju fil-Programmi Qafas futuri.

17. Il-proposta tikkonsolida attivitajiet spazjali eżistenti u toħloq oħrajn ġodda bħall-Għarfien tas-Sitwazzjoni Spazjali (SSA), li tippermetti li jittieħdu miżuri kontra r-riskji fl-ispazju, bħal residwu spazjali, inċidenti fl-orbita, fenomeni meteoroloġiċi spazjali u oħrajn. Hemm ukoll pjani biex tinħoloq netwerk ta' Komunikazzjoni Governattiva bis-Satellita (GOVSATCOM), li tippermetti komunikazzjoni f'postijiet jew sitwazzjonijiet fejn ma tkunx disponibbli l-komunikazzjoni normali.

Il-politika industrijali u l-akkwist

18. It-teknoloġiji spazjali huma għaljin u b'għarfien intensiv, li jfisser li hemm ostakli konsiderevoli għad-dħul għall-intrapriżi. Fl-istess ħin, għad hemm nuqqas ta' fehim tal-importanza tal-ispazju bħala teknoloġija abilitanti. L-intrapriżi ta' kull daqs fir-reġjuni kollha jistgħu jużaw l-ispazju f'diversi modi, iżda b'mod partikolari kumpaniji iżgħar, reġjuni aktar remoti jew Stati Membri iżgħar jistgħu jeħtieġu aktar informazzjoni jew appoġġ sabiex jiżviluppaw ideat dwar kif għandu jiġi sfruttat il-potenzjal tat-teknoloġiji tal-ispazju.

19. Ir-referenza għal ċentri spazjali, sħubijiet ta' innovazzjoni u appoġġ ieħor għall-innovazzjoni hija pożittiva, u l-proposta ssemmi b'mod espliċitu l-livell reġjonali. Madankollu m'hemm l-ebda dettall dwar kif dan għandu jinkiseb.

20. Minkejja d-dispożizzjonijiet fil-proposta, in-natura kompetittiva tal-akkwist tal-UE u l-ħiliet u r-riżorsi meħtieġa għal parteċipazzjoni jistgħu jwasslu għal kundizzjonijiet li huma vantaġġu għal kumpaniji akbar. Dan l-iżbilanċ jista' maż-żmien iwassal għal distorsjonijiet fis-suq li jistgħu jkunu ta' żvantaġġ għal negozji ġodda, parteċipanti ġodda, u intrapriżi iżgħar u ta' daqs medju, kif ukoll għall-awtoritajiet lokali u reġjonali meta jiġu biex ikollhom aċċess għall-opportunitajiet ekonomiċi li jistgħu jirriżultaw mill-programm spazjali.

21. Id-ditti ż-żgħar jistgħu jkunu aktar flessibbli u reattivi, billi jkunu eqreb lejn l-utenti, u b'hekk jipprovdu rabtiet importanti tal-katina tal-valur u jkollhom rwol partikolari fl-ispazju. L-intrapriżi fir-reġjuni kollha jistgħu jużaw l-ispazju b'diversi modi fuq diversi skali. Ditti iżgħar, reġjuni mbiegħda u Stati Membri iżgħar jistgħu jikkontribwixxu bl-istess mod għall-ipproċessar tal-ammont enormi ta' *data* ġġenerata, u jsibu modi ġodda u innovattivi biex jużawha. L-awtoritajiet reġjonali għandhom jużaw strumenti finanzjarji disponibbli u miżuri promozzjonali biex jgħinu ħalli jiżded l-interess fl-użu tat-teknoloġiji spazjali għall-ħtiġijiet tas-suq, pereżempju permezz ta' sistemi li jipprovdu appoġġ lil inkubaturi teknoloġiċi għal negozji ġodda f'dan il-qasam.

22. Il-prinċipji ta' akkwist fl-abbozz ta' Regolament isemmu intrapriżi iżgħar u ta' daqs medju u għażla ġeografika wiesgħa, kif ukoll l-użu ta' fornituri multipli u l-ħtieġa li jiġu involuti l-Istati Membri kollha u li tiġi evitata l-konċentrazzjoni. Il-proposti dwar l-appoġġ għall-kompetittività mhumiex speċifiċi fit-test tar-Regolament.

23. Hemm il-ħtieġa li titqajjem kuxjenza dwar l-effetti possibbli tas-suq fuq l-industrija Ewropea u r-reġjuni. Il-proċedura tal-akkwist pubbliku tal-UE għandha enfasi differenti għall-proċeduri tal-ESA dwar id-distribuzzjoni ġeografika jew ir-ritorn ġust (*juste retour*). L-effett ta' ċaqliq tas-sistema tal-akkwist fuq ir-reġjuni jeħtieġ li jitqies, billi l-akkwist tal-ESA huwa ta' importanza kbira għal ħafna reġjuni.

24. Hemm nuqqas ta' kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fid-dominju tal-ispazju, minħabba li pajjiżi oħra għandhom setturi ta' difiża kbar li jiżguraw investimenti u li jistgħu jisponsorjaw użi ċivili, billi l-biċċa l-kbira tal-attivitajiet fl-ispazju huma ta' użu doppju. L-Ewropa jeħtieġ li tiżgura kooperazzjoni mill-qrib u tiżgura li jittieħdu l-miżuri kollha possibbli biex jiġi rrimedjat in-nuqqas ta' kundizzjonijiet ugwali u jiġu appoġġjati l-kumpaniji Ewropej.

25. L-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom ikunu involuti fraggruppamenti relatati mal-ispazju f'varjetà ta' setturi li għalihom l-ispazju jista' jipprovdi *data* importanti (bħal enerġija, trasport, monitoraġġ ambjentali, agrikoltura u soluzzjonijiet ta' belt intelliġenti). Raggruppamenti reġjonali, li jinkorporaw aktar minn Stat Membru wieħed, jistgħu jkunu għodda utli ta' politika industrijali għall-politika spazjali, billi jżidu l-kompetittività tal-UE u jappoġġjaw l-iżvilupp reġjonali.

26. Ir-Regolament għandu jispjega aħjar kif l-UE beħsiebha tittratta l-fornituri kummerċjali, b'mod partikolari fil-kuntest ta' *data* relatata mas-sigurtà. B'mod ġenerali, għandu jispeċifika aħjar il-prijoritajiet u l-mezzi għat-trattament tal-entitajiet privati u jirrikonoxxi l-possibbiltajiet għal akkwist konġunt mal-entitajiet privati.

Sensibilizzazzjoni u politika spazjali inklużiva

27. L-użu tal-ispazju joffri ħafna benefiċċji potenzjali għal attivitajiet ta' riċerka u żvilupp u, jekk ikun promoss u ppreżentat sew, inkluż fil-livelli kollha tal-edukazzjoni, jista' jħeġġeġ u jispira lil ġenerazzjonijiet ġodda ta' riċerkaturi u intraprendituri fl-Ewropa. Dan huwa essenzjali jekk l-Ewropa trid tibqa' fuq quddiem nett tal-attivitajiet spazjali f'ambjent dejjem aktar globalizzat. L-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jappoġġjaw miżuri edukattivi (formali u informali) sabiex jissensibilizzaw lill-ġenerazzjoni żagħżuġha fir-rigward tal-benefiċċji tal-użu ta' teknoloġiji spazjali fl-ekonomija ċivili u l-ħajja ta' kuljum, inkluż fil-ġestjoni tas-sigurtà lokali u reġjonali.

28. L-UE tinsab f'pożizzjoni tajba biex tappoġġja attivitajiet ta' riċerka, skambji u simili. Il-proposta ma tagħtix ħafna attenzjoni lil din il-parti tal-politika spazjali. Ir-riċerka u l-iżvilupp jistgħu jissemmev aktar u f'termini speċifiċi. Kif inhi bħalissa, jidher li s-sinerġija bejn l-industrija u r-riċerka mhijiex enfasizzata biżżejjed.

29. Għandhom jinstabu sinerġiji fil-qasam tas-sigurtà ċibernetika, peress li s-sigurtà ċibernetika hija kwistjoni għall-aspetti kollha tal-attivitajiet spazjali (segment terrestri, satellita, uplink/downlink u *data*).

Galileo u Copernicus

30. Galileo, is-sistema globali ta' navigazzjoni bis-satellita tal-UE (GNSS), tipprovdi *data* ta' pożizzjoni bla ħlas li tagħti awtonomija strateġika lill-Ewropa. Is-Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni b'Kopertura Ġeostazzjonarja (EGNOS) tipprovdi sistema Ewropea reġjonali. L-awtonomija Ewropea hija essenzjali fl-ambjent ġeopolitiku kkomplicata u imprevedibbli ta' dawn iż-żminijiet. L-importanza ta' *data* satellitari qed tiżdied b'mod kostanti. It-teknoloġiji tal-futur, bħalma huma l-karozzi awtonomi, huma biss eżempju wieħed. Galileo jipprovdi l-possibbiltà li jiġu żviluppati servizzi u prodotti ġodda, inkluż minn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u fl-Istati Membri kollha. Tali possibbiltajiet u modi kif wieħed japprofitta minnhom jeħtieġ li jiġu ppreżentati b'mod aċċessibbli, biex jinkoraġġixxu l-użu mifruż.

31. L-użu ta' *data* minn Copernicus mhuwiex mifruż daqs kemm jista' jkun, anki jekk id-*data* hija disponibbli għal użu. Għandhom jittieħdu miżuri biex jipromovu l-użu ta' *data* għal komunità usa'. Ir-Regolament isemmi l-katina ta' *data* li ssostni tali użu usa'. B'għadd kbir ħafna ta' utenti u volum kbir ta' *data*, l-aċċess rapidu u mingħajr periklu huwa essenzjali. Dan huwa ta' importanza kbira għar-reġjuni, peress li l-intrapriżi kullimkien, inklużi dawk żgħar u ta' daqs medju, jistgħu jiżviluppaw servizzi ġodda bbażati fuq id-*data* disponibbli.

32. Huwa inkoraġġanti li qed jiġu proposti miżuri mmirati biex jipprovdu Servizzi ta' Aċċess għad-*Data* u l-Infurmazzjoni (DIAS). Appoġġ aktar immirat mill-UE u sorsi nazzjonali għall-iżvilupp tas-settur downstream għal servizzi u applikazzjonijiet ibbażati fuq is-satellita jkun importanti. Fil-proposta għet rikonossuta l-ħtieġa li jiġi promoss u ffaċilitat l-użu tad-*data* u tat-teknoloġiji tal-osservazzjoni tad-dinja mill-awtoritajiet lokali, mill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, mix-xjenzjati u mir-riċerkaturi, min-netwerks iddedikati għad-distribuzzjoni tad-*data* ta' Copernicus, u minn korpi nazzjonali u reġjonali, iżda għadu mhux ċar kif dan se jinkiseb.

SST

33. Il-proposta għal Sistema ta' Sorveljanza u Insewiment fl-Ispazju (SST) hija żieda importanti u utli, minħabba iż-żieda fl-intensità tal-użu tal-ispazju.

34. Fid-dispożizzjonijiet dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-SST, l-involvement wiesa' tal-partijiet ikkonċernati fil-partijiet kollha tal-UE għandu jkun ċar, inkluż l-użu ta' soluzzjonijiet eżistenti, li jistgħu jinkludu soluzzjonijiet kummerċjali, sabiex jipprovdu servizzi malajr u b'mod effiċjenti lil utenti tal-SST.

GOVSATCOM

35. GOVSATCOM se taqdi direttament il-ħtiġijiet tal-Istati Membri li ma kellhomx il-kapaċità li jiżviluppaw is-sistemi spazjali tagħhom stess, u b'hekk joħlqu valur miżjud dirett għall-azzjoni tal-UE.

36. Għal xi reġjuni, pereżempju, ir-reġjuni tal-fruntiera, GOVSATCOM tista' tkun partikolarment rilevanti. Dan inizjalment isir primarjament permezz tal-Istati Membri iżda forsi aktar tard (wara l-evalwazzjoni tal-2024) direttament għar-reġjuni li jistgħu jkunu kapaċi jikkontribwixxu għax-xogħol tal-Aġenzija.

Aċċess għall-ispazju

37. L-aċċess għall-ispazju huwa importanti għal attivitajiet bħall-GNSS, il-Copernicus u l-Galileo. L-Ewropa għandu jkollha aċċess awtonomu u indipendenti għall-ispazju, biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà. Huwa għali u kkumplikat biex tibda t-tneidja ta' attivitajiet b'ostakli sinifikanti għad-dħul, li jfisser li għandhom jiġu kkunsidrati modi ta' appoġġ għal faċilitajiet infrastrutturali moderni, effiċjenti u flessibbli.

38. Dawn il-mezzi jistgħu jinkludu, pereżempju, l-istabbiliment ta' politika ta' akkwist adattata għal tnedijiet istituzzjonali Ewropej, kif ukoll politika koerenti dwar il-vijabbiltà ta' infrastruttura kritika. Il-possibbiltà ta' aggregazzjoni ta' tnedijiet, l-iżvilupp ta' teknoloġiji ta' varar alternattivi, u appoġġ għall-infrastruttura terrestri għandhom jissemmew b'mod ċar fir-Regolament.

Kwistjonijiet organizzattivi

39. Il-proposta organizzattiva ewlenija hija li jiżdied ir-rwol tal-GSA sabiex minflok isservi bħala korp għal programm speċifiku (Galileo) din issir l-aġenzija spazjali għall-UE, li se tinbena maġenb l-ESA b'riskju għoli ta' duplikazzjoni ta' xogħol u l-ħolqien ta' strutturi doppji. Dan għandu jiġi evitat billi, qabel ma jsir kwalunkwe trasferiment ta' kompti lill-GSA, issir valutazzjoni obbligatorja u bir-reqqa dwar jekk l-ESA għandhiex diġà xi kompetenzi minn dawn. Ir-rilevanza tal-politiki tal-UE għandha, barra l-valur miżjud vis-à-vis l-attivitajiet tal-Istati Membri, tippreżenta wkoll valur miżjud fir-rigward tal-attivitajiet tal-ESA.

40. Il-parti kbira tal-abbozz ta' Regolament hija dwar kwistjonijiet organizzattivi tal-Aġenzija proposta, prinċipalment meħuda mir-Regolament dwar il-GSA. L-iffukar fuq dawn il-kwistjonijiet joħloq periklu li titqiegħed enfasi kbira wisq fuq il-bini ta' strutturi amministrattivi u fl-aħħar ma jkunx hemm biżżejjed riżorsi umani u finanzjarji disponibbli għall-kwistjonijiet ewlenin bħal politika industrijali spazjali aktar ambizzjuża tal-UE.

41. Illum, il-pajjiżi ż-żgħar b'mod partikolari diġà jiffaċċjaw problemi biex isibu r-riżorsi umani biex jieħdu sehem f'ħafna attivitajiet differenti. Diffikultajiet bħal dawn jistgħu jiżdiedu u jwasslu għal differenzi akbar bejn l-Istati Membri fil-kapaċità tagħhom li jieħdu sehem b'mod attiv. L-aħjar użu tar-riżorsi għandu jiġi kkunsidrat b'attenzjoni, peress li l-oqfsa għal kooperazzjoni bejn l-ESA u l-UE diġà jeżistu.

42. Il-kooperazzjoni produttiva eżistenti bejn organizzazzjonijiet Ewropej differenti relatati mal-ispazju, inklużi l-EUMETSAT jew il-ECMWF, pereżempju, għandha titkompla u tissaħħaħ. L-għarfien u l-istrutturi eżistenti għandhom jintużaw għall-potenzjal sħiħ tagħhom.

Baġit

43. L-allokazzjoni baġitarja għandha tintlaqa' tajjeb. Il-Programm Spazjali jappoġġja bosta politiki tal-UE, li jfisser li l-ispiża mhijiex biss spiża għal attivitajiet speċifiċi, iżda hija mezz biex jiġi pprovdut komponent essenzjali għal politiki oħra tal-UE. F'dan ir-rigward għandu jiġi enfasizzat li r-riżorsi finanzjarji previsti għall-adozzjoni u l-promozzjoni tal-użu għandhom jirriflettu l-involvement dejjem jikber taċ-ċittadini u l-kumpaniji. Għalhekk m'għandhomx ikunu anqas mill-ammont fil-perjodu attwali, pereżempju għal Copernicus mhux inqas minn 5 % tat-total tal-baġit ta' Copernicus. Il-baġit għall-adozzjoni tad-*data* u s-servizzi għal EGNOS/Galileo m'għandhomx jinkludu l-ispejjeż għall-istabbiliment ta' strutturi amministrattivi ġodda iżda jiffoka esklużivament fuq il-promozzjoni u l-iżvilupp tas-suq. L-attivitajiet li diġà twettqu jistgħu, jekk ma jkunux iffinanzjati b'mod adegwat, ifallu jew isiru irrilevanti, u dan jista' jipperikola l-investimenti li saru.

44. Huwa ta' dispaċir li l-programm Orizzont ma jinkludix finanzjament spazjali ddedikat.

45. Jinnota li l-introduzzjoni ta' teknoloġiji spazjali tirrikjedi investimenti inizjali kbar u jirrakkomanda li l-awtoritajiet pubbliċi jeżaminaw il-possibbiltà li joħolqu strumenti ta' finanzjament ġodda, orjentati lejn is-suq u attraenti għal kumpaniji żgħar u ta' daqs medju li jiżviluppaw teknoloġiji spazjali.

Kwistjonijiet addizzjonali

46. Fi kwistjonijiet kontenzjużi reċenti dwar l-ispazju, bħal dik tal-użu tar-riżorsi tal-ispazju (inkluż it-tħaffir tal-ispazju), ittrattati fil-leġislazzjoni tal-Istati Membri bħal-Lussemburgu, l-UE tista' tikkontribwixxi biex jintlaħaq kunsens internazzjonali akbar, dwar kif tali leġislazzjoni nazzjonali hija relatata mal-liġi internazzjonali kif espressa f'ħafna konvenzjonijiet.

47. Fir-rigward li l-UE tingħaqad mal-konvenzjonijiet spazjali, din il-possibbiltà hija msemmija fil-proposta iżda għandha tiġi evalwata fuq bażi ta' każ b'każ.

Brussell, is-6 ta' Diċembru 2018.

*Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni*

Karl-Heinz LAMBERTZ

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT